ISSN 1977-0987

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

# C 99 E

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 55

3 ta' April 2012

| Avviż Nru | Werrej | Paġna |
|---|---|---|

I *Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet*

RIŻOLUZZJONIJIET

**Il-Parlament Ewropew**

SESSJONI 2010–2011

Dati tas-seduti: 23–25 ta' Novembru 2010

Il-Minuti ta' din is-sessjoni ġew ippubblikati fil-ĠU C 34 E, 3.2.2011.

TESTI ADOTTATI

**It-Tlieta 23 ta' Novembru 2010**


2012/C 99 E/01 — Rapport annwali tal-BĊE għall-2009

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Novembru 2010 dwar ir-rapport annwali tal-BĊE għall-2009 (2010/2078(INI)) . . . . . 1

2012/C 99 E/02 — Il-Koperazzjoni ċivili-militari u l-iżvilupp ta' kapaċitajiet ċivili-militari

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Novembru 2010 dwar il-koperazzjoni ċivili-militari u l-iżvilupp ta' kapaċitajiet ċivili-militari (2010/2071(INI)) . . . . . 7

2012/C 99 E/03 — Il-ħidma tal-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE fl-2009

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Novembru 2010 dwar il-ħidma tal-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE fl-2009 (2010/2236(INI)) . . . . . 15

2012/C 99 E/04 — Aspetti tad-Dritt Ċivili, Kummerċjali, tal-Familja u Internazzjonali Privat tal-Pjan ta' azzjoni li jimplimenta l-Programm ta' Stokkolma

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Novembru 2010 dwar aspetti tad-dritt ċivili, tad-dritt kummerċjali, tad-dritt tal-familja u tad-dritt internazzjonali privat tal-Pjan ta' Azzjoni li jimplimenta l-Programm ta' Stokkolma (2010/2080(INI)) . . . . . 19


**L-Erbgħa 24 ta' Novembru 2010**


2012/C 99 E/05 — Ftehim Kummerċjali dwar il-Ġlieda Kontra l-Falsifikazzjoni (ACTA)

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Novembru 2010 dwar il-Ftehim Kummerċjali Kontra l-Falsifikazzjoni (ACTA) . . . . . 27


MT

(Ikompli fil-paġna li jmiss)

**Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2010**


2012/C 99 E/06 Baġit 2011

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Novembru 2010 dwar in-negozjati li għaddejin bħalissa dwar il-baġit 2011 .......... 30

2012/C 99 E/07 Id-drittijiet tal-bniedem u l-istandards soċjali u ambjentali fil-Ftehimiet ta' Kummerċ Internazzjonali

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Novembru 2010 dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-istandards soċjali u ambjentali fil-Ftehimiet ta' Kummerċ Internazzjonali (2009/2219(INI)) .......... 31

2012/C 99 E/08 Rapport ta' Attività tal-Ombudsman Ewropew għall-2009

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Novembru 2010 dwar r-rapport annwali li jikkonċerna l-attivitajiet tal-Ombudsman Ewropew fis-sena 2009 (2010/2059(INI)) .......... 39

2012/C 99 E/09 Ir-rapport speċjali mill-Ombudsman Ewropew lill-Parlament Ewropew wara l-abbozz ta' rakkomandazzjoni lill-Kummissjoni Ewropea fl-Ilment 676/2008RT (Skont l-Artikolu 205(2), l-ewwel parti)

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Novembru 2010 dwar ir-rapport speċjali tal-Ombudsman Ewropew wara l-abbozz ta' rakkomandazzjoni lill-Kummissjoni Ewropea fl-Ilment 676/2008RT (2010/2086(INI)) .......... 43

2012/C 99 E/10 Is-26 Rapport Annwali dwar il-Monitoraġġ tal-Applikazzjoni tad-Dritt tal-Unjoni Ewropea (2008)

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Novembru 2010 dwar is-26 Rapport Annwali dwar il-Monitoraġġ tal-Applikazzjoni tad-Dritt tal-Unjoni Ewropea (2008) (2010/2076(INI)) .......... 46

2012/C 99 E/11 Ix-xandir għas-servizz tal-pubbliku fl-era diġitali: il-futur tas-sistema doppja

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Novembru 2010 dwar ix-xandir għas-servizz tal-pubbliku fl-era diġitali: il-futur tas-sistema doppja (2010/2028(INI)) .......... 50

2012/C 99 E/12 L-10 anniversarju tar-Riżoluzzjoni 1325 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar in-nisa, l-paċi u s-sigurtà

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Novembru 2010 dwar l-10 Anniversarju tar-Riżoluzzjoni 1325 (2000) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà .......... 56

2012/C 99 E/13 Is-sitwazzjoni fis-settur tal-apikultura

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Novembru 2010 dwar is-sitwazzjoni fis-settur tal-apikultura .......... 60

2012/C 99 E/14 Lejn Strateġija ġdida dwar l-Enerġija għall-Ewropa 2011-2020

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Novembru 2010 lejn Strateġija ġdida dwar l-Enerġija għall-Ewropa 2011-2020 (2010/2108(INI)) .......... 64

2012/C 99 E/15 Tħejjijiet għall-konferenza dwar il-klima f'Cancun (29 ta' Novembru - 10 ta' Diċembru 2010)

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Novembru 2010 dwar il-konferenza dwar it-tibdil fil-klima li saret f'Cancun (COP16) .......... 77

2012/C 99 E/16 Is-sitwazzjoni fis-Saħara tal-Punent

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Novembru 2010 dwar is-sitwazzjoni fis-Saħara tal-Punent .......... 87

2012/C 99 E/17 Ukraina

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Novembru 2010 dwar l-Ukraina .......... 89


MT

*(Ikompli fuq paġna 211)*

**It-Tlieta 23 ta' Novembru 2010**

I

*(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)*

# RIŻOLUZZJONIJIET

# IL-PARLAMENT EWROPEW

## Rapport annwali tal-BĊE għall-2009

P7_TA(2010)0418

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Novembru 2010 dwar ir-rapport annwali tal-BĊE għall-2009 (2010/2078(INI))**

(2012/C 99 E/01)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) għall-2009,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 284 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 15 tal-Protokoll dwar l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew anness mat-Trattat,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-2 ta' April 1998 dwar ir-responsabilità demokratika fit-tielet fażi tal-UEM ([1]),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tas-7 ta' Ottubru 2009 dwar id-Dikjarazzjoni Annwali dwar iż-Żona tal-Euro 2009 (COM(2009)0527) u d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni maħruġ ma' dan ir-rapport (SEC(2009)1313/2),

— wara li kkunsidra r-Rapport tal-Grupp ta' Livell Għoli ppresedut minn Jacques de Larosière tal-25 ta' Frar 2009,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tat-23 ta' Settembru 2009 għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar superviżjoni makroprudenzjali Komunitarja tas-sistema finanzjarja u li jistabbilixxi Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (COM(2009)0499),

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tat-23 ta' Settembru 2009 għal deċiżjoni tal-Kunsill li tinkariga lill-Bank Ċentrali Ewropew b'kompiti speċifiċi rigward il-funzjonament tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (COM(2009)0500),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Marzu 2010 dwar ir-Rapport Annwali tal-Bank Ċentrali Ewropew għall-2008 ([2]),

([1]) ĠU C 138, 4.5.1998, p. 177.
([2]) Testi adottati, P7_TA(2010)0090.

**It-Tlieta 23 ta' Novembru 2010**

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Novembru 2008 dwar l-EMU@10: L-ewwel għaxar snin tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-isfidi għall-ġejjieni ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A7-0314/2010),

A. billi l-PGD reali ġenerali fiż-żona tal-euro naqas b'4.1 % fl-2009 wara li t-taqlib finanzjarju qaleb għall-agħar wara l-kollass tal-Lehman Brothers; billi meta tiġi analizzata din iċ-ċifra aggregata hemm disparitajiet kbar bejn l-Istati Membri taż-żona tal-euro,

B. billi l-medja tal-inflazzjoni annwali kienet 0.3 % u l-aspettattivi ta' inflazzjoni fuq terminu ta' żmien medju u itwal baqgħu konformi mal-għan tal-BĊE biex ir-rati ta' inflazzjoni jibqgħu inqas minn 2 % iżda qrib din iċ-ċifra,

C. billi l-medja tal-proporzjon tad-defiċit ġenerali tal-gvernijiet fiż-żona tal-euro żdied għal madwar 6.3 % u l-proporzjon tad-dejn pubbliku u l-PGD żdied minn 69.4 % tal-PGD fl-2008 għal 78.7 % fl-2009 fiż-żona tal-euro,

D. billi r-rata tal-kambju għall-euro mqabbla mal-USD waqgħet minn USD 1.39 fit-2 ta' Jannar 2009 għal USD 1.26 f'nofs Marzu 2009, reġgħet irkuprat għall-punt ta' USD 1.51 fil-bidu ta' Diċembru 2009 u tilfet fil-valur fl-2010 sabiex waslet għal minimu ta' USD 1.19 fit-2 ta' Ġunju 2010,

E. billi r-rata tal-kambju għar-renminbi meta mqabbla mal-euro ġiet allinjata ħażin mill-awtoritajiet Ċiniżi matul l-2009, b'euro qawwi artifiċjali kontra l-munita Ċiniża,

F. billi l-BĊE aġġusta r-rati tal-interessi u niżżilhom għal 1 % u kompla bil-miżuri sostanzjali u bla preċedent mhux standard bħala appoġġ għall-kreditu; billi d-daqs tal-karta tal-bilanċ tal-BĊE żdied b'mod sinifikanti tul l-2009,

G. billi dehru sinjali ta' stabbilizzazzjoni ekonomika fiż-żona tal-euro waqt it-tieni nofs tal-2009 u r-rati ta' tkabbir kull tliet xhur, minkejja li kienu dgħajfa kienu pożittivi, għalkemm dawn iċ-ċifri aggregati jenfasizzaw il-fatt li din it-tendenza ma kenitx riflessa fl-Istati Membri kollha tagħha, li wħud minnhom baqgħu f'riċessjoni matul l-istess perjodu,

H. billi l-BĊE stenna rata ta' tkabbir ta' bejn 0.1 % u 1.5 % tal-PGD reali fiż-żona tal-euro għall-2010 qabel ma seħħet il-kriżi tad-dejn sovran f'diversi pajjiżi fi ħdan iż-żona tal-euro,

### *Daħla*

1. Jilqa' l-fatt li t-Trattat ta' Lisbona daħal fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 2009 u jagħti status ta' istituzzjoni tal-UE lill-BĊE, li jżid ir-responsabbiltà tal-Parlament bħala l-istituzzjoni ewlenija li permezz tagħha l-BĊE huwa responsabbli lejn iċ-ċittadin Ewropew;

2. Jilqa' l-bidu mill-ġdid tad-Djalogu Monetarju mal-Parlament Ewropew il-ġdid wara l-elezzjonijiet ta' Ġunju 2009;

3. Huwa favur l-adozzjoni tal-euro mill-Estonja fl-1 ta' Jannar 2011;

4. Jirrimarka li, fil-każ tat-tendenzi attwali tal-prezzijiet, il-miżuri tal-politika monetarja huma biss fattur wieħed fost oħrajn, u li fis-snin riċenti t-tendenzi spekulattivi fis-swieq individwali u t-tkabbir u n-nuqqasijiet antiċipati tar-riżorsi naturali kellhom rwol partikolari fiż-żieda tal-prezzijiet;

([1]) ĠU C 16E, 22.1.2010, p. 8.

5. Jirrimarka li dawn l-iżbilanċi jikkaġunaw diffikultajiet konsiderevoli għal politika monetarja sostenibbli fi ħdan iż-żona tal-euro; għalhekk, jistieden lill-gvernijiet jikkoordinaw il-politiki ekonomiċi tagħhom;

***Stabilità ekonomika u finanzjarja***

6. Huwa preokkupat ferm li l-iżbilanċi makroekonomiċi sustanzjali bejn l-ekonomiji taż-żona tal-euro għadhom jeżistu;

7. Iqis li l-kriżi finanzjarja f'xi pajjiżi fiż-żona tal-euro hija kwistjoni serja għaż-żona tal-euro fit-totalità tagħha u tirrifletti nuqqas ta' funzjoni taż-żona tal-euro; dan juri l-ħtieġa għal riforma u għal koordinazzjoni aktar b'saħħitha tal-politiki ekonomiċi fiż-żona tal-euro;

8. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Bank Ċentrali biex iħejju proposti b'konformità mal-proposta mill-Kumitat ta' Basel dwar il-Basel III li tistipula regoli vinkolanti għall-introduzzjoni ta' mekkaniżmu ta' lqugħ antiċikliku; jistieden lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Bank Ċentrali biex jaħdmu lejn l-implimentazzjoni konsistenti u rapida tal-proposti meta l-proposti tal-Kumitat ta' Basel jiġu ratifikati fil-livell tal-G20;

9. Jinnota l-fatt li l-prinċipji tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir fil-passat mhux dejjem ġew irrispettati bis-sħiħ; ifakkar li, jekk l-objettiv li jerġa' jinkiseb bilanċ fil-finanzi pubbliċi u li titnaqqas il-possibilità ta' dejn huwa neċessità għall-istati li huma mdejnin iżżejjed, dan waħdu mhux se jsolvi l-problema tal-iżbilanċi ekonomiċi bejn il-pajjiżi taż-żona tal-euro u, b'mod iktar wiesa', tal-UE; jitlob għalhekk li l-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir jiġi applikat mingħajr restrizzjonijiet u b'mod aktar koerenti; iqis li l-Patt għandu jiġi komplementat bl-iżvilupp ta' sistema ta' twissija bikrija biex jiġu identifikati inkonsistenzi li jista' jkun hemm, eż. fil-forma ta' "semestru Ewropew", biex mhux biss tittejjeb is-sorveljanza u jissaħħaħ il-koordinament tal-politika ekonomika biex jiġi żgurat il-konsolidament fiskali iżda anke – lil hinn mid-dimensjoni baġitarja – biex jiġu indirizzati żbilanċi makroekonomiċi oħra u jiġu msaħħa l-proċeduri ta' infurzar;

10. Jemmen li għandha tittieħed azzjoni issa sabiex jibda tnaqqis gradwali tad-defiċits fiskali u terġa' tiddaħħal il-fiduċja fil-finanzi pubbliċi Ewropej;

11. Jinnota li biex tkun b'saħħitha, l-unjoni monetarja teħtieġ koordinazzjoni b'saħħitha u mtejba tal-politiki ekonomiċi; jiddispjaċih li fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja l-enfasi kien pjuttost dejjem fuq in-naħa "monetarja";

12. Iqis li l-Istati Membri li mhumiex qed isegwu r-regoli taż-żona tal-euro fir-rigward tal-finanzi pubbliċi u l-aċċess għal statistika kredibbli għandhom ikunu suġġetti għal spettru mkabbar u inkrementali ta' miżuri biex tkun żgurata konformità aktar stretta;

13. Jemmen li n-nuqqas ta' mekkaniżmu ta' ġestjoni tal-kriżijiet definit minn qabel u l-imġiba ta' xi gvernijiet individwali għamluha diffiċli biex tinstab soluzzjoni malajr għall-kriżi tad-dejn sovran f'xi Stati Membri taż-żona tal-euro u se jdgħajfu l-abbiltà tal-UEM li tirreaġixxi bil-ħeffa f'sitwazzjonijiet simili li jistgħu jseħħu fil-ġejjieni; għalhekk jitlob li jitwaqqaf qafas permanenti ta' ġestjoni tal-kriżijiet;

14. Iħeġġeġ li għandu jitfassal appoġġ finanzjarju lill-pajjiżi tal-UE fi kriżi tad-dejn sabiex jitħeġġeġ il-ħlas lura tad-dejn, il-bilanċ baġitarju u r-riforma ekonomika, u jenfasizza l-periklu li d-dejn jinbidel f'kontribuzzjonijiet finanzjarji, filwaqt li jiġu mħeġġa s-self u l-ħolqien ta' dejn;

15. Għalhekk, jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposti biex jissaħħah il-Patt ta' Stabblità u Tkabbir billi jinkludu miri speċifiċi biex titnaqqas id-differenza fil-kompetittività bejn l-ekonomiji Ewropej, sabiex jiġi stimulat it-tkabbir li joħloq l-impjiegi;

16. Jaqsam it-tħassib tiegħu dwar spekulazzjoni possibbli kontra l-euro;

17. Hu tal-fehma li t-tkabbir tal-krediti u l-iżviluppi tal-prezzijiet tal-assi fl-UE u fl-Istati Membri huma indikaturi kruċjali għal immoniterjar effettiv tal-istabilità finanzjarja fi ħdan l-UEM u, f'sens iktar wiesa', l-UE;

18. Hu mħasseb dwar piżijiet kontinwi fuq is-swieq tal-bonds sovrani taż-żona tal-euro li huma riflessi f'tixrid wiesa'; jemmen li l-ħarbiet lejn is-sikurezza provokati mill-mewġ ta' paniku esperjenzat tul il-kriżi finanzjarja kurrenti kellhom effetti massivi ta' distorsjoni u ħolqu esternalitajiet negattivi bi prezz għoli;

19. Jitlob l-implimentazzjoni f'waqtha tar-Regolament dwar l-Aġenziji li Jiggradaw il-Kreditu ((KE) Nru 1060/2009) u jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni dwar l-emenda tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 dwar l-Aġenziji li Jiggradaw il-Kreditu tat-2 ta' Ġunju 2010, iżda fl-istess ħin jistieden lill-Kummissjoni biex tkompli għaddejja bi proposti għas-sorveljanza iktar rigoruża tal-operat ta' dawn l-aġenziji, għat-titjib tar-responsabilità tal-Aġenziji li Jiggradaw il-Kreditu u għall-valutazzjoni tal-possibilità li tinħoloq Aġenzija Ewropea li Tiggrada l-Kreditu; jenfasizza l-fatt li l-gradazzjoni tad-dejn sovran taż-żona tal-euro fil-fatt kienet problematika matul il-kriżi;

***Governanza u teħid ta' deċiżjonijiet***

20. Jenfasizza l-indipendenza tal-BĊE;

21. Jirrakkomanda li l-BĊE itejjeb it-trasparenza ta' ħidmietu biex iżid il-leġittimità u l-prevedibilità tiegħu; tinħtieġ ukoll it-trasparenza fir-rigward tal-mudelli interni użati biex ikun ikkwantifikat il-kollateral mhux likwidu u l-valutazzjonijiet assenjati għal titoli speċifiċi offruti bħala kollateral;

22. Iqis li, minħabba l-istatus legali l-ġdid tal-BĊE skont it-Trattat ta' Lisbona, il-kandidati għall-Bord Eżekuttiv proposti mill-Kunsill għandhom ikunu soġġetti għal smigħ speċjali mill-kumitat parlamentari rilevanti u wara għal votazzjoni mill-Parlament Ewropew; jinnota li, barra minn hekk, ir-rwol tal-BĊE kien kruċjali mill-kriżi 'l hawm u jqis għalhekk li rwol bħal dak għandu jinvolvi trasparenza u responsabbilizzazzjoni msaħħa;

23. Jilqa' l-għoti ta' personalità legali lill-Grupp tal-Euro mit-Trattat ta' Lisbona u l-parteċipazzjoni tal-BĊE fil-laqgħat tiegħu;

24. Jinnota d-determinazzjoni tal-Parlament Ewropew biex ikompli d-Djalogu Monetarju bħala element importanti għall-iskrutinju demokratiku tal-BĊE;

25. Jilqa' l-proposta għall-istabbiliment ta' Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS), li se jnaqqas in-nuqqas attwali fis-superviżjoni makroprudenzjali; jistieden lill-BĊE biex jistabbilixxi mudelli u definizzjonijiet ċari biex jiżguraw l-ħidma effettiva u r-responsabbilizzazzjoni tal-BERS; iżid li kwalunkwe kompitu ġdid mogħti lill-BĊE fir-rigward tal-BERS mhu se jikkompromettI bl-ebda mod l-indipendenza tal-BĊE;

26. Jinnota li l-kunċett li permezz tiegħu l-BERS jagħti biss twissijiet u rakkomandazzjonijiet bl-ebda infurzar attwali huwa sodisfaċenti f'termini ta' implimentazzjoni effettiva u responsabbiltà; jiddispjaċih li l-BERS ma jistax jiddikjara l-emerġenza waħdu;

27. Jilqa' l-proposta li jsiru seduti ta' smigħ tal-President tal-BERS quddiem il-Parlament Ewropew, f'qafas differenti minn dak għad-Djalogi Monetarji;

***Ħruġ mill-kriżi***

28. Jemmen li l-bidu mill-ġdid ta' attività ekonomika fit-tieni nofs tal-2009 rriżulta mill-miżuri straordinarji li ttieħdu mill-gvernijiet u l-banek ċentrali madwar id-dinja mit-tmiem l-2008 fil-forma ta' garanziji għall-obbligazzjonijiet tal-banek, l-injezzjonijiet tal-kapital u l-iskemi ta' appoġġ għall-assi;

29. Jinnota li l-kriżi finanzjarja fiż-żona tal-euro hija kriżi ta' solvenza li fil-bidu wriet ruħha bħala kriżi ta' likwidità; iqis li sitwazzjoni bħal din ma tistax tissolva fiż-żmien twil sempliċement billi nitfgħu iktar dejn u likwidità f'ekonomiji mdejnin ħafna flimkien ma' pjanijiet aċċellerati għall-konsolidazzjoni fiskali;

30. Jemmen, bl-istess mod, li l-kriżi kixfet tendenza fil-politiki ekonomiċi tas-snin riċenti li kkontribwiet għal-livell għoli attwali ta' dejn pubbliku u privat li jridu jgħaddu ħafna snin biex jinqata'; iqis li xi partijiet mill-Ewropa se jsibuha aktar diffiċli minn oħrajn li jaffrontaw il-konsegwenzi u l-iżviluppi tal-kriżi u jiksbu tkabbir ekonomiku sostenibbli, innovazzjonijiet ġodda u l-ħolqien ta' impjiegi ġodda; jenfasizza l-ħtieġa għal riformi fl-Ewropa kollha;

31. Ifakkar li, qabel ma faqqgħet il-kriżi finanzjarja, il-proporzjon tad-dejn pubbliku meta mqabbel mal-PGD taż-żona tal-euro u tal-UE b'mod ġenerali, kif ukoll il-proporzjon tal-maġġoranza tal-Istati Membri, naqsu bejn l-1999 u l-2007 u li, b'kuntrast, il-livelli ta' dejn fl-unitajiet domestiċi, fil-kumpanniji u li l-ingranaġġ tas-settur finanzjarju esperjenza żieda sinifikanti fl-istess perjodu;

32. Ifakkar li ż-żieda enormi fid-dejn pubbliku mill-2008 'l quddiem f'diversi Stati Membri kienet ikkawżata mill-fatt li dawn il-pajjiżi kellhom jiffaċċaw eċċessi kkawżati preċedentement minn tkabbir mhux sostenibbli tad-dejn privat u minn bżieżaq finanzjarji enormi; jemmen, għalhekk, li l-kriżi kurrenti għamlitha ċara li l-pożizzjoni fiskali mhix sostenibbli jekk il-finanzjament tas-settur privat mhux sostenibbli;

33. Jinnota li l-kriżi, flimkien ma' pakketti sussegwenti ta' salvataġġ u stimulus ekonomiku, wasslet għal miżuri ta' awsterità li spiss kellhom jittieħdu qabel iżda li li f'istess ħin jillimtaw ħafna l-kapaċità tal-gvernijiet li jaġixxu;

34. Iwissi li dawn il-pakketti ta' awsterità ma għandhomx iwasslu għal miżuri li jistgħu jdgħajfu ferm l-irkupru ekonomiku, li jirrikjedi mudell ġdid ta' governanaza ekonomika bi strumenti u skeda ta' żmien li se jipprovdu bilanċ bejn il-proċess ta' konsolidazzjoni fiskali u s-salvagwardja tal-bżonnijiet f'termini ta' investiment fl-impjiegi u l-iżvilupp sostenibbli;

35. Jenfasizza li n-nuqqas ta' kreditu li jilħaq l-ekonomija reali, speċifikament għall-SMEs, irriżulta minn domanda iktar baxxa minħabba attività mnaqqsa fl-ekonomija reali kif ukoll min-nuqqas tar-rieda tal-banek li jagħtu l-kreditu;

36. Jissottolinja li diversi banek tal-Istati Membri kienu jiddependu b'mod eċċessiv fuq il-likwidità provduta mill-BĊE;

37. Jinnota li l-miżuri mhux standard li l-BĊE introduċa f'Ottubru 2008 biex jappoġġa l-kreditu kellhom suċċess fl-evitar ta' riċessjoni iktar profonda u problemi finanzjarji addizzjonali; itenni li t-tneħħija minn dawn il-miżuri għandha ssir f'waqtha u b'mod ikkoordinat sew mal-gvernijiet nazzjonali u l-attivitajiet tagħhom, speċjalment fid-dawl tar-rikors kollettiv u simultanju għal miżuri ta' awsterità f'ħafna Stati Membri;

38. Hu mħasseb, madankollu, dwar l-impatt potenzjali asimetriku tal-istrateġija ta' ħruġ tal-BĊE, peress li hemm differenzi sostanzjali bejn l-Istati Membri taż-żona tal-euro dwar iċ-ċiklu tan-negozju;

39. Jilqa' mossa mill-Bank Ċentrali Ewropew b'mod ġenerali biex jaċċetta bonds tal-gvern minn pajjiżi fiż-żona tal-euro bħala garanzija fil-kuntest ta' ftehimiet ta' akkwist mill-ġdid, u b'hekk ikun qed isegwi prattika ttestjata mill-Bank of England u mill-Federal Reserve Bank;

40. Jenfasizza li ħruġ gradwali mid-defiċits pubbliċi u s-sostenibilità għal perjodu twil ta' żmien tal-finanzi pubbliċi huma ta' importanza kruċjali għaż-żona tal-euro kollha kemm hi;

41. Jinnota l-għadd ta' proposti fl-UE biex jiġu ffinalizzati l-arranġamenti prudenzjali, biex tiġi ġestita l-kriżi u jiġi rregolat is-settur bankarju parallel;

**It-Tlieta 23 ta' Novembru 2010**

42. Jaqsam it-tħassib dwar l-aspetti proċikliċi tar-regoli kurrenti ta' tassazzjoni u kontabilità regolatorji u prudenzjali li jamplifikaw l-fluttwazzjonijiet li huma inerenti fil-funzjonament tal-ekonomija tas-suq;

43. Jenfasizza l-ħtieġa għal żieda deċiżiva tar-riżervi ta' kapital tal-banek kif ukoll li tittejjeb il-kwalità tal-kapital, u jilqa' l-proposti tal-Kumitat ta' Basel għal definizzjoni anqas wiesgħa tal-kapital ewlieni u għall-introduzzjoni ta' proporzjonijiet ogħla ta' kapital; jiġbed l-attenzjoni wkoll għar-rabta bejn l-ekonomija finanzjarja u dik reali u l-impatti li jista' jkollha r-regolazzjoni ta' waħda fuq l-oħra;

44. Iqis li s-sistema finanzjarja globali jeħtieġ li ssir inqas fraġli u li nitgħallmu mill-kriżi fuq livell globali biex jitnaqqas ir-riskju sistemiku, jiġu ttrattati l-bżieżaq finanzjarji u tittejjeb il-kwalità tal-ġestjoni tar-riskji u t-trasparenza tas-swieq finanzjarji, filwaqt li jiġi affermat mill-ġdid li r-rwol bażiku tagħhom hu li jiffinazjaw l-ekonomija reali;

***Id-dimensjoni esterna***

45. Jinnota li l-euro ngħata status bħala munita internazzjonali tul l-2009, iżda kien soġġett għal ħafna pressjoni fl-2010;

46. Jinnota li, matul perjodu ta' livell għoli ta' volatilità tar-rati tal-kambju, l-euro żied is-saħħa tiegħu, partikolarment meta mqabbel mad-dollaru Amerikan u r-renminbi, u jesprimi tħassib li dan jista' jkollu effett negattiv fuq il-kompetittività taż-żona tal-euro;

47. Jagħraf li s-saħħa tal-euro rriżultat parzjalment mill-attività ekonomika dgħajfa fl-Istati Uniti, fejn id-deficit kurrenti tal-kontijiet naqas ħafna għal taħt it-3 % tal-PGD fl-2009 u d-deficit baġitarju federali żdied għal madwar 10 % tal-PGD fis-sena fiskali 2009, filwaqt li t-tnaqqis tal-euro kien, fost affarijiet oħra, marbut ukoll man-nuqqas ta' fiduċja fis-swieq globali f'xi Stati Membri tal-UE b'dejn kbir ħafna; jaqsam it-tħassib dwar l-espansjoni tal-volum tal-flus fl-Istati Uniti u, xi ftit inqas, fl-UE;

48. Huwa preokkupat dwar l-impatt tal-volatilità tar-rati tal-kambju u tal-operazzjonijiet ta' "carry trade" kemm fuq l-istabilità finanzjarja globali kif ukoll fuq l-ekonomija reali;

49. Jenfasizza li, minkejja l-kriżi ekonomika u finanzjarja globali attwali, iż-żona tal-euro għandha titkabbar aktar, iżda jiġbed l-attenzjoni li l-kriterji ta' Maastricht huma meqjusa bħala prekundizzjoni għal sħubija fiż-żona tal-euro; jilqa' l-adozzjoni rapida tal-euro mill-Istati Membri kollha li jissodisfaw dawn il-kriterji;

50. Jemmen li l-adozzjoni tal-euro mill-Estonja turi l-istatus tal-euro, minkejja li hemm kriżi tad-dejn pubbliku; jemmen li dan l-istatus se jinkoraġġixxi lill-Istati Membri biex ifittxu jissieħbu fiż-żona tal-euro;

*

* *

51. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Grupp tal-Euro u lill-Bank Ċentrali Ewropew.

**It-Tlieta 23 ta' Novembru 2010**

## Il-Koperazzjoni ċivili-militari u l-iżvilupp ta' kapaċitajiet ċivili-militari

P7_TA(2010)0419

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Novembru 2010 dwar il-koperazzjoni ċivili-militari u l-iżvilupp ta' kapaċitajiet ċivili-militari (2010/2071(INI))**

(2012/C 99 E/02)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra t-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Europea,

— wara li kkunsidra l-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà bit-titolu "Ewropa Sigura f'Dinja Aħjar", adottata mill-Kunsill Ewropew fit-12 ta' Diċembru 2003, u r-rapport dwar l-implimentazzjoni tagħha bit-titolu 'Nipprovdu s-Sigurtà f'Dinja li qed Tinbidel', approvat mill-Kunsill Ewropew tal-11-12 ta' Diċembru 2008,

— wara li kkunsidra l-Istrateġija ta' Sigurtà Interna għall-Unjoni Ewropea, approvata mill-Kunsill Ewropew fil-25-26 ta' Marzu 2010,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-PSDK adottati fis-26 ta' April 2010,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-PESD u d-dikjarazzjoni bit-titolu "Għaxar Snin ta' PESD – Sfidi u Opportunitajiet", adottata mill-Kunsill fis-17 ta' Novembru 2009,

— wara li kkunsidra d-dikjrazzjoni dwar it-titjib tal-Politika Ewropea tas-Sigurtà u d-Difiża, adottata mill-Kunsill Ewropew fit-12 ta' Diċembru 2008, u d-dikjarazzjoni dwar it-tisħiħ tal-kapaċitajiet, adottata mill-Kunsill fil-11 ta' Diċembru 2008,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Presidenza adottati mill-Kunsill Ewropew f'Santa Maria de Feira fl-20 ta' Ġunju 2000 u f'Goteborg fis-16 ta' Ġunju 2001, il-Programm tal-UE għall-Prevenzjoni tal-Kunflitti Vjolenti adottat ukoll f'Goteborg fis-16 ta' Ġunju 2001, l-Objettiv Primarju Ċivili 2008, approvat mill-Kunsill Ewropew fis-17 ta' Diċembru 2004, u l-Objettiv Primarju Ċivili 2010, approvat mill-Kunsill fid-19 ta' Novembru 2007,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Presidenza adottati mill-Kunsill Ewropew f'Ħelsinki fil-11 ta' Diċembru 1999 (Objettiv Primarju 2003) u l-Objettiv Primarju 2010, approvat mill-Kunsill fis-17 ta' Mejju 2004,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar it-tisħiħ tas-sigurtà kimika, bijoloġika, radjoloġika u nukleari (CBRN) fl-Unjoni Ewropea u bl-approvazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE CBRN,

— wara li kkunsidra d-dokument tal-Kunsill "L-implimentazzjoni tal-UNSCR 1325 kif irrinforzata mill-UNSCR 1820 fil-kuntest tal-PESD" tat-3 ta' Diċembru 2008, u d-dokument tal-Kunsill dwar "L-integrazzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-PESD" tal-14 ta' Settembru 2006,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Frar 2010 dwar it-terremot reċenti f'Ħaiti, li titlob għat-twaqqif ta' Forza għall-Protezzjoni Ċivili tal-UE ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Marzu 2010 dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija ta' Sigurtà Ewropea fil-kuntest tal-ESDP ([2]),

([1]) Testi adottati, P7_TA(2010)0015.
([2]) Testi adottati, P7_TA(2010)0061.

**It-Tlieta 23 ta' Novembru 2010**

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Lulju 2010 li tistabilixxi l-organizzazzjoni u l-funzjonament tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna ([1]),

— wara li kkonsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A7-0308/2010),

*Kunsiderazzjonijiet ġenerali*

1. Ifakkar li l-UE impenjat ruħha li tiddefinixxi u ssegwi politiki komuni u azzjonijiet biex iżżomm il-paċi, tevita l-kunflitti, tikkonsolida r-rijabiltazzjoni wara l-kunflitti u ssaħħaħ is-sigurtà internazzjonali bi qbil mal-prinċipji tal-Karta tan-NU, kif ukoll biex tikkonsolida u tappoġġa d-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u l-prinċipji tal-liġi internazzjonali, u biex tgħin lill-popolazzjonijiet li jkunu qed jiffaċjaw diżastri naturali jew ikkawżati mill-bniedem;

2. Jirrimarka li s-sigurtà interna u dik esterna qed ikunu dejjem iktar marbuta ma' xulxin u li, bl-iżvilupp tal-kapaċitijiet tagħha ta' ġestjoni tal-kriżijiet, prevenzjoni tal-kunflitti u politiki tal-konsolidazzjoni tal-paċi b'konformità mal-objettivi msemmija hawn fuq, l-UE tgħin ukoll biex tissalvagwardja s-sigurtà taċ-ċittadini tagħha stess;

3. Jenfasizza li l-UE, prinċipalment permezz tal-ġestjoni tal-kriżi ċivili tagħha, toffri kontribut distint għas-sigurtà globali, li jirrifletti l-valuri u l-prinċipji bażiċi tagħha;

4. Jenfasizza li reazzjonijiet effettivi għall-kriżijiet tal-lum u t-theddidiet għas-sigurtà, inklużi diżastri naturali, ta' sikwit għandhom ikunu jistgħu jiddependu kemm fuq il-kapaċitajiet ċivili u kemm fuq dawk militari u jeħtieġu kooperazzjoni mill-qrib bejn dawn; ifakkar li l-iżvilupp tal-approċċ komprensiv tal-UE u tal-kapaċitajiet kombinati ċivili u militari ta' ġestjoni ta' kriżijiet kienu karatteristiċi li jiddistingwu l-PSDK u jirrappreżentaw il-valur miżjud fundamentali tagħha; ifakkar fl-istess ħin li l-PSDK mhix l-uniku strument disponibbli u li l-missjonijiet tal-PSKD għandhom jintużaw bħala parti minn strateġija usa' tal-UE;

5. Ifakkar fil-ħtieġa ta' White Paper tal-UE dwar is-sigurtà u d-difiża, ibbażata fuq reviżjonijiet sistematiċi u rigorużi tas-sigurtà u tad-difiża magħmulin mill-Istati skont il-kriterji u skeda komuni, li tiddefinixxi l-objettivi ta' sigurtà u difiża u l-interessi u l-ħtiġijiet tal-Unjoni b'mod aktar ċar b'rabta mal-mezzi u r-riżorsi disponibbli; jenfasizza li l-White Paper għandha wkoll tiddefinixxi l-oqsma fejn, u f'liema kundizzjonijiet, iktar koperazzjoni ċivili-militari tkun mixtieqa sabiex tgħin fir-realizzazzjoni ta' dawk l-objettivi; Huwa tal-fehma li l-White Paper tal-UE għandha tidentifika b'mod espliċitu opportunitajiet għall-qsim ta' riżorsi fil-livell tal-UE, kif ukoll speċjalizzazzjoni nazzjonali u armonizzazzjoni tal-kapaċità sabiex jintlaħqu ekonomiji kbar skont l-iskala;

*It-titjib tal-koordinazzjoni ċivili-militari*

6. Jenfasizza li l-istabbiliment tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) għandu jikkontribwixxi ulterjorment għall-iżvilupp ta' approċċ Ewropew verament komprensiv għall-ġestjoni ta' kriżijiet ċivili u militari, il-prevenzjoni tal-kunflitti u l-konsolidazzjoni tal-paċi u jipprovdi lill-UE bi strutturi, livelli ta' staff u riżorsi finanzjarji adegwati biex terfa' r-responsabilitajiet globali tagħha bi qbil mal-Karta tan-NU;

7. Jappoġġja bis-sħiħ it-trasferiment tal-istrutturi PSDK, inklużi d-Direttorat għall-Ġestjoni ta' Kriżijiet u l-Ippjanar, il-Kapaċità Ċivili tal-Ippjanar u t-Tmexxija, l-Istaff Militari tal-UE u ċ-Ċentru ta' Sitwazzjonijiet, għas-SEAE, taħt l-awtorità u r-responsabilità diretti tal-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà; ifakkar fl-impenn li ttieħed mill-Viċi President/Rappreżentant Għoli li tiżgura li dawn jaħdmu f'koperazzjoni mill-qrib u f'sinerġija mal-unitajiet rilevanti tal-Kummissjoni ttrasferiti lis-SEAE li jittrattaw l-ippjannar u l-ipprogrammar tar-rispons għall-kriżijiet, tal-prevenzjoni tal-kunflitti u tal-konsolidazzjoni tal-paċi; iħeġġeġ lill-Viċi President/Rappreżentant Għoli biex jiżgura li dawn l-unitajiet jaħdmu fuq livell indaqs mal-istrutturi tal-PSDK; jenfasizza li mhu aċċettabbli l-ebda kontroll formali jew informali mill-istrutturi tal-PSDK fuq l-ippjanar jew l-ipprogrammar tal-miżuri ffinanzjati mill-Istrument għall-Istabbiltà u jinsisti li l-istrutturi ttrasferiti tal-Kummissjoni m'għandhomx jitneħħew;

([1]) ĠU L 201, 3.8.2010, p. 30.

**It-Tlieta 23 ta' Novembru 2010**

8. Għall-finijiet tal-iżvilupp tal-approċċ komprensiv tal-UE, jinkoraġġixxi wkoll koordinazzjoni mill-qrib bejn is-SEAE u l-unitajiet kollha rilevanti li se jibqgħu fil-Kummissjoni, b'mod partikolari dawk li jittrattaw l-iżvilupp, l-għajnuna umanitarja, il-protezzjoni ċivili u saħħa pubblika; jenfasizza l-ħtieġa għal konnessjonijiet diretti bejn is-SEAE u l-aġenziji tal-PSKD, jiġifieri l-Aġenzija tad-Difiża Ewropea, Istitut tal-UE għall-Istudji fuq is-Sigurtà, Il-Kulleġġ Ewropew ta' Sigurtà u ta' Difiża u ċ-Ċentru Satellitari tal-UE;

9. Jiġbed l-attenzjoni għar-rwol taċ-Ċentru ta' Monitoraġġ u Informazzjoni (MIC) tal-Kummissjoni fil-faċilitazzjoni tal-koordinazzjoni għajnuna f'diżastri taħt il-Mekkaniżmu għall-Protezzjoni Ċivili u jenfasizza l-ħtieġa għal kooperazzjoni mill-qrib bejn iċ-ċentru u s-SEAE li għandha tiġi żgurata mill-Viċi President/Rappreżentant Għoli fil-kapaċità tagħha bħala ViċiPresident tal-Kummissjoni; jitlob koordinazzjoni mtejba u bgħit iktar rapidu tal-assi militari fil-kuntest tal-għajnuna f'każ ta' diżastri, b'mod partikolari l-kapaċitajiet tat-trasport tal-arja, ibbażata fuq l-esperjenza ta' Ħaiti u filwaqt li tiġi rrispettata n-natura primarjament ċivili tal-operazzjonijiet tal-għajnuna f'każ ta' diżastri; itenni t-talba tiegħu għal iktar titjib tal-Mekkaniżmu għall-Protezzjoni Ċivili biex tkun stabbilita ġabra volontarju tal-assi tal-Istati Membri fuq stand-by għall-użu immedjat fl-operazzjonijiet ta' reazzjoni għad-diżastri; jissuġġerixxi li dawn l-assi jiġu kkoordinati u skjerati f'isem Forza ta' Protezzjoni Ċivili tal-UE biex tiżdied il-viżibilità tal-azzjoni tal-UE; ifakkar fl-istess ħin fir-responsabilità individwali tal-Istati Membri għall-protezzjoni ċivili u l-miżuri ta' kontroll tad-diżastri;

10. Jargumenta wkoll favur koordinazzjoni mtejba bejn l-aġenziji umanitarji tal-Istati Membri u d-DĠ ECHO għall-operazzjonijiet ta' għajnuna wara diżastri naturali jew ikkawżati mill-bniedem;

11. Jitlob lill-Kunsill biex jadotta fil-pront id-deċiżjonijiet neċessarji biex tidħol fis-seħħ il-klawżola ta' assistenza reċiproka kif imniżżla fl-Artikolu 42(7) TUE kif ukoll il-klawżola tas-solidarjetà kif imniżżla fl-Artikolu 222 tat-TFUE, li għandhom jirriflettu l-approċċ komprensiv tal-UE u jibnu fuq ir-riżorsi ċivili-militari;

12. Ifakkar fl-iżvilupp b'suċċess tas-Sħubija għall-Konsolidazzjoni tal-Paċi bejn il-Kummissjoni u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, u li l-koperazzjoni tajba bejn organizzazzjonijiet mhux governattivi, tas-soċjetà ċivili u s-SEAE futur hija ta' importanza kruċjali; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa aktar il-qafas għall-koperazzjoni mal-NGOs u tippromwovi l-użu ta' atturi mhux statali fl-attivitajiet tal-Unjoni ta' prevenzjoni tal-kunflitti u ta' ġestjoni tal-kunflitti anke billi tinkludihom fl-attivitajiet ta' taħriġ tal-UE;

*Livell strateġiku*

13. Fuq il-livell politiku-strateġiku, jilqa' l-integrazzjoni tal-elementi ċivili u militari ġewwa d-Direttorat għall-Ġestjoni ta' Kriżijiet u l-Ippjanar (CMPD) bħala pass fid-direzzjoni t-tajba; jenfasizza, madankollu, l-ħtieġa li jintlaħaq bilanċ tajjeb bejn il-kapaċitajiet ta' ppjanar strateġiku ċivili u militari, mhux biss f'termini ta' numri, imma wkoll fir-rigward ta' ġerarkija, sabiex ikunu sfruttati bis-sħiħ is-sinerġiji disponibbli; Jenfasizza fl-istess ħin il-ħtieġa li jkunu rrispettati d-differenzi bejn ir-rwoli ċivili u militari u l-objettivi distinti tagħhom u li jkun żgurat li taħlita xierqa ta' riżorsi umani tkun allokata għal kull operazzjoni fuq bażi ta' każ b'każ;

14. B'mod partikulari, iħeġġeġ lill-Viċi President/Rappreżentant Għoli biex tindirizza n-nuqqas ta' staff inkwantu esperti dwar l-iżvilupp tal-kapaċità ċivili u l-ippjanar tal-missjonijiet ċivili u biex tiżgura li s-CMPD jkollu numru suffiċjenti ta' esperti mill-oqsma kollha ta' kapaċità ċivili prijoritarji, jiġifieri l-amministrazzjoni tal-pulizija, tal-ġustizzja u ċivili, protezzjoni ċivili u monitoraġġ, kif ukoll fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem;

15. Jenfasizza l-bżonn, f'fażijiet ta' rutina, tal-iżvilupp ta' kuxjenza komuni tas-sitwazzjoni li tkun maqsuma mal-partijiet interessati kollha tal-UE (is-SEAE, imma wkoll l-unitajiet relevanti kollha mill-Kummissjoni: DĠ DEV, DĠ ECHO, DĠ SANCO, bl-appoġġ ta' kull wieħed mill-kapaċitajiet tal-valutazzjoni tal-kriżi tagħhom), li għandha tiġi riflessa fil-karti strateġiċi reġjonali jew nazzjonali kollha tal-UE; jenfasizza li d-delegazzjonijiet imsawra mill-ġdid tal-UE għandhom rwol ewlieni f'dan il-proċess;

16. Jitlob li l-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet tal-UE u/jew ir-Rappreżentanti Speċjali tal-UE jkollhom rwol akbar - meta jkunu f'żona ta' kriżi - fl-isforzi ta' koordinazzjoni ċivili-militari, anke bil-għan li tiġi żgurata sorveljanza politika aktar stretta fil-kamp;

**It-Tlieta 23 ta' Novembru 2010**

*Livell operattiv*

17. Fuq il-livell ta' ppjanar operattiv, jitlob għal tisħiħ sinifikanti tal-kapaċitajiet ċivili ta' ppjanar sabiex jiġu fl-istess livell tal-ambizzjonijiet tal-missjonijiet ċivili tal-PSDK, permezz tal-konsolidazzjoni tal-Kapaċità Ċivili tal-Ippjanar u t-Tmexxija (CPCC) fir-rigward tal-kwantità ta' staff kif ukoll permezz ta' tqassim aħjar tal-kompiti bejn il-livelli strateġiċi u operattivi; jenfasizza li t-tqassim tal-kompiti jeħtieġ li jkun ibbażat fuq strateġija bbilanċjata u komprensiva dwar l-istaff; huwa tal-fehma li fid-dawl tar-responsabilitajiet tal-Kmandant Ċivili tal-Operazzjonijiet, din il-funzjoni għandha titqiegħed f'livell xieraq (jiġifieri ogħla) fil-ġerarkija tas-SEAE;

18. Itenni t-talba tiegħu għat-twaqqif ta' kwartier ġenerali operattiv permanenti tal-UE, responsabbli mill-ippjanar u t-tmexxija operattiva tal-operazzjonijiet militari tal-UE, biex jieħu post is-sistema attwali tal-użu ta' wieħed mis-seba' kwartieri ġenerali disponibbli fuq bażi ad hoc; jenfasizza li mossa bħal din tiggarantixxi katina koerenti ta' kmand u żżid bil-kbir il-kapaċità tal-UE għal reazzjonijiet rapidi u konsistenti għall-kriżijiet (b'mod partikolari billi ttejjeb il-memorja istituzzjonali tal-UE) u wkoll tnaqqas l-ispejjeż;

19. Huwa tal-fehma li l-kwartieri ġenerali operattivi għandhom ikunu qrib is-CPCC sabiex ikunu sfruttati sal-massimu l-benefiċċji tal-koordinazzjoni ċivili-militari, inkluż il-pooling ta' ċerti funzjonijiet, sabiex ikunu promossi aħjar l-aqwa prattiki fost dawk li jippjanaw f'isem l-UE; jissuġġerixxi wkoll li l-kwartieri operattivi u s-CPCC jistgħu jkunu integrati fi 'Kwartier Ġenerali Komuni tal-Ġestjoni ta' Kriżijiet' li jkun responsabbli mill-ippjanar u t-tmexxija operattivi tal-missjonijiet ċivili, tal-operazzjonijiet militari u tal-missjonijiet tar-riforma tas-settur tas-sigurtà kollha tal-UE;

20. Jenfasizza, madankollu, li għandhom jitqiesu kif dovut id-differenzi bejn l-ippjanar ċivili u dak militari u li għandhom jinżammu katini separati ta' kmand, bil-Kmandant Ċivili tal-Operazzjonijiet u l-Kmandant Militari tal-Operazzjonijiet iżommu l-kompetenzi tagħhom u jgawdu l-istess status ġerarkiku ġewwa s-AE;

***Il-bini tal-kapaċitajiet ċivili u militari tal-UE***

21. Jinnota l-għadd ta' impenji li ħadu l-Istati Membri rigward l-iżvilupp ta' kapaċitajiet ta' ġestjoni ta' kriżijiet kemm tal-militar u kemm ċivili, mill-Kunsilli Ewropej ta' Ħelsinki u Santa Maria de Feira sad-dikjarazzjoni ta' Diċembru 2008 dwar it-tisħiħ tal-kapaċitajiet; iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-Viċi President/Rappreżentant Għoli biex jiżguraw li dawn l-impenji jkunu implimentati kif suppost sabiex jitnaqqas id-distakk kbir li hemm bejn il-kapaċitajiet operazzjonali eżistenti u l-għanijiet politiċi iddikjarati;

22. Fil-kuntest tas-segwitu tal-Objettivi Primarji 2010, jitlob lill-Istati Membri biex jikkonċentraw fuq it-twettiq b'mod konkret tal-kapaċitajiet u biex jiffukaw fuq l-oqsma bil-potenzjal ta' sinerġiji ċivili-militari, speċjalment dawk diġà identifikati, sabiex jinkiseb progress ġenwin malajr kemm jista' jkun; jenfasizza l-ħtieġa li l-iżvilupp tal-kapaċità jkun iggwidat mill-ħtiġijiet speċifiċi tal-missjonijiet tal-PSKD; jilqa' l-Proċess għall-Iżvilupp tal-Kapaċità Komprensiva għal kapaċitajiet militari fl-Aġenzija Ewropea għad-Difiża; jinkoraġixxi iktar diskussjoni għandhom ikunu konessi ż-żewġ proċessi ta' żvilupp tal-kapaċità taħt l-objettivi ewlenin ċivili u militari;

23. Jilqa' l-isforzi tal-Presidenzi b'rotazzjoni tal-Kunsill passati u attwali biex jibdew proċess immirat għall-kjarifika tan-natura u l-ambitu tal-Kooperazzjoni Strutturata Permanenti (KSP) kif imniżżel fl-Artikolu 42(6) TUE; jitlob lill-Kunsill biex jgħid, bla dewmien u b'mod ċar, x'inhi l-konċezzjoni tiegħu tal-KSP, b'kunsiderazzjoni għan-natura ċivili-militari tal-approċċ komprensiv tal-UE, u biex iressaq miżuri konkreti dwar kif għandu jingħata bidu għall-KSP fid-dawl tal-kriżi finanzjarja attwali u t-tnaqqis fil-baġits tad-difiża nazzjonali fost l-Istati Membri tal-UE;

*Persunal għall-missjonijiet*

24. Fid-dawl tal-impenji politiċi li ttieħdu, jistieden lill-Istati Membri biex jindirizzaw b'mod urġenti n-nuqqas kroniku fil-persunal ċivili fil-missjonijiet tal-PSDK, speċjalment fl-EULEX Kosovo u fl-EUPOL Afganistan, b'mod partikolari billi jżidu l-ħidma biex jistabbilixxu strateġiji nazzjonali biex ikun aktar faċli li jintbagħat persunal tal-missjonijiet ċivili; iħeġġeġ biex, bħala parti minn dawn l-istrateġiji, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, bħall-ministeri tal-intern u l-ġustizzja, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-ministri tad-difiża, jiżviluppaw approċċ iktar strutturat għall-kompitu tal-istipulazzjoni ta' kundizzjonijiet xierqa għall-parteċipazzjoni tal-persunal ċivili f'missjonijiet tal-PSDK, speċjalment inkwantu prospettivi ta' karriera u ħlas;

25. F'dan il-kuntest, jitlob lill-Istati Membri biex jiżguraw, b'mod partikulari, li l-parteċipazzjoni fil-missjonijiet tal-PSDK titqies bħala vantaġġ importanti għall-iżvilupp tal-karriera fis-sistema tal-pulizija u ta' ġustizzja tagħhom u li s-servizzi li jissekondaw ċivili għal dawn il-missjonijiet ikunu kkumpensati kif xieraq għat-telf temporanju ta' persunal; huwa tal-fehma li l-Kunsill għandu jiżgura li r-rati per diem tal-persunal tal-missjonijiet tal-PSDK ikunu mfassla speċifikament għaċ-ċirkustanzi tal-missjoni inkwistjoni;

26. Ifakkar fil-bżonn ta' konformità mar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti Nru 1325, li teħtieġ staff u approċċ ta' taħriġ ibbilanċjat fir-rigward tas-sessi għall-missjonijiet kollha u fokus fuq is-sessi fl-azzjonijiet kollha li jittieħdu; jenfasizza li numru adegwat ta' nisa f'missjonijiet ċivili jew militari huwa kundizzjoni kruċjali għas-suċċess ta' dawk il-missjonijiet, sew jekk tkun iż-żamma tal-paċi jew inkella operazzjonijiet tal-għajnuna f'każ ta' diżastri, kif ukoll f'medjazzjoni diplomatika bħala mezz li bih jiġi żgurat li l-bżonnijiet, id-drittijiet u l-interessi tan-nisa jiġu indirizzati kif suppost u biex jiġi żgurat l-involviment tan-nisa fl-azzjonijiet u l-objettivi tal-missjoni; ifakkar li l-Istati Membri tal-UE għandhom bżonn jiżviluppaw Pjanijiet ta' Azzjoni nazzjonali biex tiġi żgurata l-konformità mar-Riżoluzzjoni Nru 1325;

*Taħriġ*

27. Jenfasizza l-bżonn li jkun provdut taħriġ ta' qabel il-missjonijiet, li jista' jinkludi parteċipazzjoni mill-persunal ċivili fl-eżerċizzji militari, inklużi provi ta' kontinġenza, kif ukoll il-parteċipazzjoni ta' persunal militari f'taħriġ u/jew eżerċizzji ċivili; jirrakkomanda bil-qawwa lill-Istati Membri biex iżommu rosters ta' ċivili b'kompetenzi rilevanti li jkunu jistgħu jintbagħtu, b'mod partikulari dawk mħarrġa għall-missjonijiet mwettqa flimkien mal-qawwiet militari; jilqa' l-prattika ta' ċerti Stati Membri li jkollhom aġenzija ċentrali apposta responsabbli mir-reklutaġġ u t-taħriġ tal-persunal ċivili kollu li jista' jintbagħat għall-missjonijiet;

28. Jappoġġja l-iżvilupp mill-Kunsill tal-ambjent tas-software Goalkeeper biex jiffaċilita r-reklutaġġ u t-taħriġ tal-persunal għall-missjonijiet ċivili;

29. Ifakkar fil-Grupp Ewropew dwar it-Taħriġ iffinanzjat mill-Kummissjoni u jisħaq li waħda mit-tagħlimiet li ttieħdu hija li l-investiment fit-taħriġ jeħtieġ li jkun marbut mal-bgħit fil-fatt ta'missjonijiet; jilqa' l-enfasi tal-Kummissjoni biex tiżgura li l-proġett li jmiss tat-taħriġ taċ-ċivili ffinanzjat mill-Istrument għall-Istabilità jkollu fil-mira esperti diġà identifikati biex fil-futur jintbagħtu fuq missjonijiet;

30. Jenfasizza, skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-2008 tal-Kunsill, ir-rwol imsaħħaħ li għandu jkollu l-Kulleġġ Ewropew ta' Sigurtà u ta' Difiża (KESD) fil-qasam tal-bini tal-kapaċitajiet u tat-taħriġ għall-ġestjoni effikaċi tal-kriżijiet fid-dawl tat-twaqqif tas-SEAE; iħeġġeġ lill-Kunsill biex itejjeb il-faċilitajiet ta' taħriġ u persunal tal-KESD, anke billi jipprovdilu kwartier ġenerali permanenti, sabiex jiggarantixxi taħriġ sostenibbli u effettiv fil-livelli strateġiċi, operattivi u tattiċi għall-persunal ċivili u militari tal-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE; jitlob li jinħolqu boroż ta' studju għal gradwati żgħażagħ li jridu jispeċjalizzaw fl-oqsma meħtieġa;

31. Jitlob azzjoni preparatorja sabiex ikun żviluppat u mqiegħed għad-dispożizzjoni taħriġ dwar il-medjazzjoni u d-djalogu fid-dawl tal-istabbiliment tas-SEAE, f'konformità mal-Kunċett Ewropew dwar it-Tisħiħ tal-Kapaċitajiet ta' Medjazzjoni u ta' Djalogu tal-UE' adottat mill-Kunsill fl-2009;

*Finanzjament rapidu*

32. Iħeġġeġ iktar sforzi biex jitħaffef l-għoti tal-finanzjament tal-missjonijiet ċivili u biex ikunu ssimplifikati l-proċeduri tat-teħid tad-deċiżjonijiet u l-arranġamenti ta' implimentazzjoni; jenfassiza l-ħtieġa li d-dipartimenti rilevanti tal-Kummissjoni jaħdmu mill-qrib u bl-istess kundizzjonijiet mal-istrutturi tal-ġestjoni tal-kriżijiet fis-SEAE sabiex jippermettu bidu rapidu għall-finanzjament ta' missjonijiet ċivili; jitlob, għall-finijiet tat-trasparenza u r-responsabbiltà, li tkun stabbilita linja baġitarja waħda għal kull missjoni tal-PSDK;

33. Jistieden lill-Kunsill jieħu d-deċiżjonijiet xierqa malajr biex jiġi stabbilit il-fond inizjali kif imfisser fl-Artikolu 41 TUE, wara li jikkonsulta lill-Parlament Ewropew; jistieden lill-Viċi President/Rappreżentant Għoli tinforma lill-Parlament regolarment dwar is-sitwazzjoni attwali ladarba l-fond ikun stabbilit;

**It-Tlieta 23 ta' Novembru 2010**

*Strumenti għall-ġestjoni ta' kriżijiet*

34. Jilqa' l-iżvilupp tal-kunċett ta' Unitajiet Integrati tal-Pulizija (IPUs), jiġifieri forzi b'saħħithom, flessibbli, interoperabbli li jistgħu jintbagħtu malajr u li kapaċi jwettqu ħidmiet eżekuttivi ta' infurzar tal-liġi, li, f'ċerti ċirkustanzi, jistgħu jintbagħtu wkoll bħala parti minn operazzjoni militari u taħt il-kmand militari; jinnota l-applikazzjoni b'suċċess ta' dan il-kunċett fil-Bosnja-Ħerzegovina bħala parti mill-EUFOR Althea u fil-Kosovo fil-qafas tal-EULEX; jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa ta' unitajiet bħal dawn, li huma partikolarment adatti biex jintervjenu f'sitwazzjonijiet mhux stabbilizzati u b'mod partikolari tul it-tranżizzjoni mill-kmand militari għal dak ċivili; jirrakkomanda lill-Istati Membri biex jinvestu fl-iżvilupp ta' kapaċitajiet bħal dawn;

35. F'dak il-kuntest, jappoġġja bis-sħiħ l-użu tal-Forza tal-Ġendarmerija Ewropea (EGF), li tista' titqiegħed taħt il-kmand militari jew ċivili u tipprovdi kapaċità li missjonijiet ta' spedizzjoni tal-pulizija jintbagħtu b'ħeffa, bħala għodda ferm adatta għal firxa ta' operazzjonijiet ta' ġestjoni ta' kriżi effikaċi, inklużi missjonijiet ta' stabilizzazzjoni ta' wara d-diżastri; jistieden lill-Istati Membri kollha li għandhom qawwiet tal-pulizija bi status militari biex jingħaqdu mal-inizjattiva;

36. Jilqa' l-progress li sar fl-iżvilupp tal-grupp ta' esperti għat-Timijiet Ċivili ta' Rispons (CRTs) biex jipprovdu kapaċità ta' evalwazzjoni rapida iżda jisħaq fuq il-fatt li jeħtieġ li dawn il-listi jridu jikbru aktar; jenfasizza l-importanza ta' kapaċitajiet ta' evalwazzjoni bikrija u ta' aċċertazzjoni tal-fatti biex tingħata garanzija li l-UE twieġeb għall-kriżijiet bl-użu tal-aktar mezzi xierqa disponibbli;

37. Jisħaq fuq il-bżonn għall-UE li, fi żmien ta' kriżi, tkun kapaċi tibgħat timijiet multidixxiplinarji fl-ewwel ftit sigħat tal-kriżi, li jkunu magħmulin minn esperti ċivili, militari u ċivili-militari mis-SEAE u l-Kummissjoni;

38. Jistieden lill-Viċi President/Rappreżentant Għoli, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jippreżentaw fehim komuni tal-missjonijiet ġodda tal-PSDK kif imfisser fl-Artikolu 43 TUE u kif se jkunu ġestiti fil-kuntest tal-koperazzjoni ċivili-militari stabbilita; iħeġġiġhom, f'dan il-kuntest, biex iħaffu t-twaqqif ta' grupp ta' esperti fir-riforma tas-settur tas-sigurtà biex itejbu l-kapaċità tal-UE f'dan il-qasam;

39. Jistieden lill-Istati Membri biex jagħmlu użu ottimali mill-għodod eżistenti u biex idaħħlu fis-seħħ mekkaniżmi ta' evalwazzjoni tal-impatt qabel jifformulaw għanijiet ambizzjużi ġodda;

40. Huwa konvint li l-gruppi tattiċi tal-UE jirrappreżentaw għodda xierqa għall-operazzjonijiet ta' ġestjoni ta' kriżi; itenni s-sejħa tiegħu lill-Kunsill biex dan iżid kemm kapaċi jużahom u l-flessibilità tagħhom; jitlob ukoll għat-titjib f'kemm dawn jistgħu jintużaw għall-operazzjonijiet ċivili-militari ta' għajnuna umanitarja, f'konformità sħiħa mal-linji gwida riveduti ta' Oslo għall-użu ta' riżorsi ta' difiża militari u ċivili għall-għajnuna f'każ ta' diżastri;

41. Iħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex jilħqu ftehim dwar l-espansjoni tal-kunċett ta' spejjeż komuni assoċjati mal-użu tal-gruppi tattiċi (l-ispejjeż għandhom ikunu ffinanzjati permezz tal-mekkaniżmu Athena), jew dwar il-finanzjament komuni tat-totalità tal-ispejjeż ta' operazzjonijiet ta' ġestjoni ta' kriżijiet imwettqa minnhom; huwa tal-fehma li tali ftehim huwa neċessarju sabiex l-użu tagħhom isir politikament u ekonomikament aċċettabbli u jkun żgurat li l-Istati Membri fuq stand-by ma jġorrux piż sproporzjonat, f'kuntest baġitarju diffiċli; ifakkar, f'dan ir-rigward, li f'Novembru 2009, il-Kunsill stieden lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill (SĠK) jelabora ideat dwar il-finanzjamet ta' operazzjonijiet militari biex jiġu diskussi f'livell għoli fl-2010, iżda s'issa ma sar l-ebda progress;

42. Jistieden lill-Istati Membri biex iqisu l-gruppi tattiċi bħala sħubijiet għal perjodu ta' żmien twil u biex ma jxoljuhomx wara li l-perjodu ta' stand-by tagħhom ikun intemm, sabiex ir-riżorsi investiti fil-ħolqien tagħhom ma jinħlewx; jitlob li dawn jiġu mħarrġa biex joperaw flimkien mal-bgħit taċ-ċivili; jissuġġerixxi anki li dawn jistgħu jinkludu fihom unitajiet ċivili jew ta' esperti, b'mod partikolari UIP;

***L-għoti tal-mezzi għall-ġestjoni komprensiva tal-kriżijiet***

43. Jistieden lill-Istati Membri biex jistudjaw aktar l-iżvilupp ta' kapaċitajiet ta' użu doppju għall-missjonijiet ċivili u l-operazzjonijiet militari tal-PSDK, partikolarment il-kapaċitajiet ta' trasport, u biex jiżguraw l-interoperabbiltà fit-taħriġ u l-prattika, waqt li jużaw aħjar l-approċċi u l-kapaċitajiet eżistenti u l-interkonnessjoni tal-proċessi ta' żvilupp ta' kapaċitajiet ċivili u militari fejn ikun xieraq;

*Ir-riċerka u t-teknoloġija*

44. Jenfasizza li l-persunal militari u ċivili tal-UE se jkunu qed joperaw dejjem aktar flimkien u li huma fil-biċċa l-kbira esposti għall-istess theddidiet, bħal splussivi improvizzati, u fil-bżonn ta' kapaċitajiet komparabbli fl-oqsma bħat-trasport strateġiku u tattiku, appoġġ loġistiku, sistemi ta' komunikazzjoni u ta' ġbir u evalwazzjoni ta' informazzjoni, għajnuna medika, sigurtà u protezzjoni tal-forza, użu ta' kapaċitajiet spazjali, u vetturi mingħajr ekwipaġġ;

45. Jenfasizza, għalhekk, il-ħtieġa li jiġi koordinat u stimulat l -investiment fit-teknoloġiji u l-kapaċitajiet ta' użu doppju, sabiex jitnaqqas malajr id-distakk fil-kapaċitajiet, waqt li jinħolqu sinerġiji u jingħata appoġġ għall-istandardizzazzjoni; ifakkar fir-rwol essenzjali li f'dan ir-rigward għandu jkollha l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża, fil-proċess tal-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet fil-qasam tal-kapaċitajiet u wkoll fis-sinjalazzjoni tal-modi li bihom dawn il-kapaċitajiet għandhom jinqasmu, jinġabru flimkien jew jintlaħqu fost il-membri tal-Unjoni, sabiex ikunu pprovduti mezzi li jistgħu jintbagħtu għall-kondotta b'suċċess u sikura tal-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet tal-PSDK;

46. F'dak il-kuntest, jappoġġja t-twaqqif tal-Qafas Ewropew ta' Koperazzjoni fir-Riċerka dwar is-Sigurtà u d-Difiża biex tingħata garanzija ta' komplementarjetà u sinerġija bejn l-investiment fir-R&T għad-difiża u l-investiment fir-riċerka għat-tijib tas-sigurtà ċivili min-naħa tal-Kummissjoni skont il-Programm ta' Qafas dwar ir-Riċerka, pereżempju f'oqsma bħall-għarfien tas-sitwazzjoni fil-post, l-inġenji tal-ajru bla ekwipaġġ, is-sorveljanza marittima, il-ġlieda kontra apparat esploživ improvizzat, is-sejbien ta' sustanzi kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi, nukleari u splussivi (CBRNE) u l-protezzjoni kontrihom, il-komunikazzjoni, ġbir ta' informazzjoni (intelligence), l-evalwazzjoni u t-trasferiment ta' data, u s-sigurtà ċibernetika;

47. Jinnota, madankollu, li din il-koperazzjoni m'għandhiex taqbeż dak li huwa meħtieġ fid-dawl tal-koperazzjoni ċivili-militari fl-oqsma taż-żamma tal-paċi, tal-prevenzjoni tal-kunflitti, tat-tisħiħ tas-sigurtà internazzjonali, tal-ġestjoni ta' kriżijiet u tal-għajnuna umanitarja;

48. Jilqa' d-dibattitu miftuħ tal-ministri tad-difiża tal-UE waqt il-laqgħa informali tagħhom f'Gent fit-23 u l-24 ta' Settembru 2010 rigward ir-riċerka dwar id-difiża Ewropea u l-valutazzjoni tagħhom tar-rwol tal-EDA kif imfisser fl-Artikolu 42(3) TUE;

*Il-forniment rapidu ta' tagħmir*

49. Jinkoraġġixxi aktar sforzi biex ikun żgurat li t-tagħmir kollu meħtieġ għall-attivitajiet ta' rispons rapidu għall-kriżijiet, kemm jekk ċivili kemm jekk militari, ikun faċilment disponibbli; jilqa' x-xogħol li qed isir fuq sistema ta' ġestjoni tal-inventarju għall-missjonijiet ċivili tal-PSDK; jistieden lill-Viċi President/Rappreżentant Għoli biex twettaq analiżi komprensiva tal-benefiċċju mill-ispejjeż biex ikunu ddeterminati l-aħjar soluzzjonijiet għal kull tip ta' tagħmir meħtieġ; huwa tal-fehma li, skont it-tip ta' tagħmir, trid tinstab l-aħjar kombinazzjoni ta' ħżin fil-livell tal-UE, ta' kuntratti ta' qafas, u ħażniet virtwali ta' tagħmir fil-pussess tal-Istati Membri;

50. Jilqa', f'dan il-kuntest, it-twaqqif ta' maħżen temporanju ta' tagħmir ċivili fil-Bosnja-Ħerzegovina u jappella għal progress rapidu fit-twaqqif ta' maħżen permanenti sabiex l-UE tkun iktar ippreparata għall-ġestjoni ta' kriżijiet ċivili;

*Koperazzjoni multinazzjonali*

51. Jinkoraġġixxi aktar progress fil-qasam tal-ġbir u l-qsim ta' riżorsi bħala mod kost effettiv biex jiżdiedu l-ħiliet, ħtieġa dejjem aktar rilevanti fi żmien ta' awsterità tal-baġit; jilqa', b'mod partikulari, l-attivitajiet biex ikunu indirizzati l-lakuni fil-kapaċitajiet ta' trasport strateġiku bl-ajru, jiġifieri l-ħolqien, min-numru ta' Stati Membri, tal-Kmand Ewropew tat-Trasport bl-Ajru (EATC), kif ukoll l-inizjattiva għall-Flotta Ewropea ta' Trasport bl-Ajru; iħeġġeġ lill-Viċi President/Rappreżentant Għoli u lill-Istati Membri biex isegwu r-rakkomandazzjonijiet tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża u biex iħaffu x-xogħol biex jidentifikaw oqsma oħra li fihom għandhom japplikaw il-prinċipji ta' ġbir u qsim, inkluż il-qasam tat-taħriġ u l-appoġġ għall-missjonijiet; jilqa' f'dan ir-rigward il-proposti għat-twaqqif ta' sezzjoni multinazzjonali tal-elikotteri fuq il-mudell tal-EATC biex tintuża kemm għall-ħidmiet ċivili kif ukoll għal dawk militari;

**It-Tlieta 23 ta' Novembru 2010**

***Sħubijiet***

*UE-NU*

52. Ifakkar li l-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti għandu r-responsabilità primarja għaż-żamma tal-paċi u l-istabilità internazzjonali; jenfasizza, għalhekk, il-ħtieġa għall-koperazzjoni mill-qrib bejn l-UE u n-NU fil-qasam tal-ġestjoni ċivili u militari tal-kriżijiet, u b'mod partikolari fl-operazzjonijiet ta' għajnuna umanitarja fejn l-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Koordinament tal-Affarijiet Umanitarji (OCHA) ikollu r-rwol ewlieni; jistieden biex tali koperazzjoni tissaħħaħ b'mod partkulari fil-postijiet fejn organizzazzjoni għandha tieħu f'idejha r-responsabilità minn idejn l-oħra, speċjalment fid-dawl tal-esperjenza mħallta fil-Kosovo;

53. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jassiguraw li jagħmlu kontribuzzjonijiet adegwati għal missjonijiet tan-NU u li jikkontribwixxu b'mod ikkoordinat; jitlob lill-Viċi President/Rappreżentant Għoli u lill-Kunsill sabiex ikomplu jesploraw modi li bihom l-UE kollha kemm hi tista' tikkontribwixxi aħjar għall-isforzi mmexxija min-NU, pereżempju bit-tnedija ta' operazzjonijiet tal-UE ta' rispons rapidu li jservu 'ta' pont' jew 'over the horizon' jew billi jagħtu komponent tal-UE f'missjoni ikbar tan-NU;

54. Jitlob li jsir monitoraġġ aħjar tal-għajnuna tal-UE implimentata mill-organizzazzjonijiet tal-ONU skont ir-Rapport Speċjali Nru 15/2009 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri;

*UE-NATO*

55. Jirrimarka li, peress li 21 mit-28 membru tan-NATO huma Stati Membri tal-UE, koperazzjoni mill-qrib bejn l-UE u n-NATO hija ta' importanza vitali sabiex tkun evitata d-duplikazzjoni fl-użu tal-kapaċitajiet militari meta ż-żewġ organizzazzjonijiet joperaw fl-istess żona, u dan bla ħsara għall-prinċipju ta' awtonomija fit-teħid tad-deċiżjonijiet u bir-rispett dovut għall-istatus ta' newtralità ta' wħud mill-Istati Membri tal-UE; itenni l-ħtieġa urġenti għas-soluzzjoni tal-problemi politiċi sottostanti li qed ixekklu l-koperazzjoni UE-NATO u jitlob l-implimentazzjoni sħiħa u iktar effettiva tal-arranġamenti 'Berlin Plus' sabiex iż-żewġ organizzazzjonijiet ikunu jistgħu jintervjenu b'mod effettiv fi kriżijiet attwali u futuri;

56. Jenfasizza l-ħtieġa li jingħata l-istess livell ta' trasparenza u involviment lill-membri tan-NATO li mhumiex membri tal-UE u lill-membri tal-UE li mhumiex membri tan-NATO meta jitwettqu attivitajiet konġunti, kif enfasizzat fit-tielet kapitolu tar-Rapport 2020 tan-NATO ("Ir-Rapport Albright");

57. Jistieden lill-Istati Membri li huma membri tan-NATO biex jiżguraw li l-Kunċett Strateġiku ġdid tan-NATO ma jwassalx għal duplikazzjoni mhux meħtieġa ta' sforzi fil-qasam tal-kapaċitajiet ċivili, li tista' toħloq iktar tensjoni fuq riżorsi diġà skarsi; huwa konvint li hu aħjar li n-NATO tkun tista' sserraħ fuq il-kapaċitajiet ċivili ta' organizzazzjonijiet internazzjonali oħra bħall-UE u n-NU;

58. Itenni l-appoġġ tiegħu għall-koperazzjoni UE-NATO iktar stretta fl-iżvilupp tal-kapaċitajiet u għall-konformità massima possibbli mal-istandards tan-NATO; iħeġġeġ iktar progress fl-isforzi komuni biex ikun indirizzat in-nuqqas ta' ħelikopters tat-trasport; jilqa' l-inizjattivi għall-koordinazzjoni tal-attivitajiet tal-UE u n-NATO biex jilqgħu kontra d-diżastri CBRN u l-mezzi splussivi improvizzati u biex jipprovdu għajnuna medika bħala kwistjonijiet relevanti kemm għall-missjonijiet ċivili u kemm għal dawk militari;

*UE - OSKE - Unjoni Afrikana*

59. Jenfasizza l-ħtieġa ta' koperazzjoni eqreb bejn l-UE u l-OSKE u bejn l-UE u l-UA fl-oqsma operattivi partikolari tagħhom, filwaqt li jittejbu s-sistemi ta' twissija bikrija u li jkun żgurat l-iskambju tal-aħjar prattiki u għarfien espert fil-ġestjoni tal-kriżijiet;

*

* *

60. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Viċi President/Rappreżentant Għoli, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-parlamenti tal-Istati Membri u lill-Assemblea Parlamentari tan-NATO, kif ukoll lis-Segretarji Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti u tan-NATO.

**It-Tlieta 23 ta' Novembru 2010**

## Il-ħidma tal-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE fl-2009

P7_TA(2010)0425

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Novembru 2010 dwar il-ħidma tal-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE fl-2009 (2010/2236(INI))**

(2012/C 99 E/03)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP), min-naħa l-waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmat f'Kotonù fit-23 ta' Ġunju 2000 (il-Ftehim ta' Sħubija tal-Kotonù) ([1]),

— wara li kkunsidra r-Regoli ta' Proċedura tal-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE, adottati fit-3 ta' April 2003 ([2]), hekk kif ġew immodifikati l-aħħar f'Port Moresby ((Papua-New Guinea) fit-28 ta' Novembru 2008,

— wara li kkunsidra l-Kunsens Ewropew dwar l-iżvilupp, iffirmat fl-20 ta' Diċembru 2005 ([3]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp ([4]),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Kigali (Rwanda) li ġiet adottata mill-JPA fit-22 ta' Novembru 2007 għall-Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika Favur l-Iżvilupp (EPA) ([5]),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Luwanda dwar it-Tieni Reviżjoni tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-EU (il-Ftehim ta' Sħubija ta' Kotonù) adottata mill-JPA fit-3 ta' Diċembru 2009 f'Luwanda (Angola) ([6]),

— wara li kkunsidra l-Georgetown Communiqué adottata fis-26 ta' Frar 2009 f'Georgetown (Guyana) matul il-laqgħa reġjonali tal-Karibew tal-JPA ([7]),

— wara li kkunsidra l-Ouagadougou Communiqué adottata fit-30 ta' Ottubru 2009 f'Ouagadougou (Burkina Faso) matul il-laqgħa reġjonali tal-Punent tal-Afrika tal-JPA ([8]),

— wara li kkunsidra l-Kunses Ewropew dwar l-Għajnuna Umanitarja ffirmat fit-18 ta' Diċembru 2007 ([9]),

— wara li kkunsidra r-risoluzzjonijiet adottati mill-JPA fl-2009:

— dwar sfidi għall-akkomodazzjoni demokratika tad-diversitajiet etniċi, kulturali u reliġjużi fil-pajjiżi tal-AKP u l-UE ([10]),

— dwar il-ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika u l-impatti tagħhom fuq l-Istati AKP ([11]),

([1]) ĠU L 317, 15.12.2000, p. 3.
([2]) ĠU C 231, 26.9.2003, p. 68.
([3]) ĠU C 46, 24.2.2006, p. 1.
([4]) ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41 (emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 960/2009 tal-14.10.2009, ĠU L 270, 15.10.2009, p. 8).
([5]) ĠU C 58, 1.3.2008, p. 44.
([6]) ĠU C 68, 18.3.2010, p. 43.
([7]) AP/100.509.
([8]) AP/100.607.
([9]) Dikjarazzjoni Konġunta mill-Kunsill u r-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea, bl-isem: "Il-Kunses Ewropew dwar l-Għajnuna Umanitarja" (ĠU C 25, 30.1.2008, p. 1).
([10]) ĠU C 221, 14.9.2009, p. 19.
([11]) ĠU C 221, 14.9.2009, p. 24.

**It-Tlieta 23 ta' Novembru 2010**

— dwar il-konsegwenzi soċjali u ambjentali tat-tibdil fil-klima fil-pajjiżi tal-AKP ([1]),

— dwar l-irwol tal-Ftehim ta' Sħubija ta' Kotonù sabiex tinstab soluzzjoni għall-kriżi alimentari u finanzjarja fil-pajjiżi tal-AKP ([2]),

— dwar l-istabbiliment u l-promozzjoni tal-paċi, is-sigurtà, l-istabilità u l-governanza fis-Somalja ([3]),

— dwar il-Governanza globali u r-riforma tal-istituzzjonijiet internazzjonali ([4]),

— dwar l-impatt tal-kriżi finanzjarja fuq l-Istati AKP ([5]),

— dwar l-integrazzjoni u l-parteċipazzjoni soċjali u kulturali taż-żgħażagħ ([6]),

— dwar it-tibdil fil-klima ([7]),

— dwar is-sitwazzjoni fil-Madagascar ([8]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp (A7-0315/2010),

A. billi l-membri tal-JPA esprimew it-tħassib tagħhom dwar l-aħħar żviluppi tan-negozjati tal-EPA matul l-aħħar sessjonijiet ta' dibattiti regolari tagħhom f'April 2009 fi Praga (ir-Repubblika Ċeka) u f'Diċembru 2009 f'Luwanda (Angola),

B. billi r-Regolament (KE) Nru 1905/2006 msemmi hawn fuq, li jipprovdi programmi tematiċi applikabbli wkoll għall-pajjiżi tal-AKP, kif ukoll programm ta' miżuri ta' akkumpanjament għall-pajjiżi li huma firmatarji tal-protokoll dwar iz-zokkor, ġie adottat,

C. billi l-Kummissarju għall-iżvilupp u l-għajnuna umanitarja ħa impenn, fis-sessjoni tal-JPA li saret f'Ġunju 2007 f'Wiesbaden (il-Ġermanja), sabiex jissottometti d-Dokumenti Strateġiċi Nazzjonali u Reġjonali għall-Pajjiżi tal-AKP (2008-2013) għall-iskrutinju demokratiku tal-Parlamenti, filwaqt li jilqa' l-fatt li l-implimentazzjoni ġiet imwettqa,

D. billi r-reviżjoni tal-Ftehim ta' Sħubija tal-Kotonù fl-2010 tipprovdi opportunità ta' valur għat-tisħiħ fl-irwol tal-JPA u d-dimensjoni reġjonali kif ukoll fl-iżvilupp tal-iskrutinju parlamentari fir-reġjuni tal-AKP,

E. billi ż-żewġ laqgħat reġjonali tal-JPA fl-2009 f'Guyana and Burkina Faso fl-2009 kellhom suċċess konsiderevoli u wasslu għall-adozzjoni tal-communiqués ta' Georgetown and Ouagadougou msemmija hawn fuq,

F. billi s-sitwazzjoni fin-Niġerja, il-Guinea u l-Madagascar iddeterjorat fl-2009, li waslet għat-tneħħija tad-demokrazija parlamentari fit-tliet pajjiżi kif ukoll id-degradar tal-istatus tar-rappreżentanti tagħhom bħala osservaturi fit-18-il sessjoni tal-JPA f'Luwanda,

([1]) ĠU C 221, 14.9.2009, p. 31.
([2]) ĠU C 221, 14.9.2009, p. 38.
([3]) ĠU C 221, 14.9.2009, p. 43.
([4]) ĠU C 68, 18.3.2010, p. 20.
([5]) ĠU C 68, 18.3.2010, p. 24.
([6]) ĠU C 68, 18.3.2010, p. 29.
([7]) ĠU C 68, 18.3.2010, p. 36.
([8]) ĠU C 68, 18.3.2010, p. 40.

G. filwaqt li l-kunflitt kontinwu fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (DRC) irriżulta fi vjolazzjonijiet gravi u rrepetuta tad-drittijiet tal-bniedem; billi hemm ħtieġa ta' għajnuna umanitarja effettiva u impenn akbar mill-komunità internazzjonali,

H. billi kkunsidra x-xogħol magħmul mill-Parlament Pan-Afrikan (PAP) u t-twaqqif ta' relazzjonijiet formali bejn il-Parlament Ewropew u l-PAP, kif ukoll li tiġi stabbilita delegazzjoni interparlamentari tal-Parlament Ewropew għal relazzjonijiet mal-PAP,

1. Jilqa' l-fatt li fl-2009 l-JPA kompliet toffri qafas għal djalogu miftuħ, demokratiku u fil-fond dwar in-negozjati tal-EPA bejn l-UE u l-pajjiżi tal-AKP, u jitlob djalogu politiku mtejjeb;

2. Jilqa' t-tweġiba pożittiva tal-Kummissarju l-ġdid għall-Kummerċ għat-talba minn bosta pajjiżi u reġjuni tal-AKP sabiex jerġgħu jiġu studjati l-kwistjonijiet kontroversjali mressqa matul in-negozjati tal-EPAs, b'konformità mal-istqarrijiet magħmula mill-President tal-Kummissjoni; jenfasizza l-ħtieġa ta' monitoraġġ parlamentari mill-qrib tan-negozjati u l-implimentazzjoni tal-EPAs;

3. Jenfasizza, b'mod partikolari, l-irwol kruċjali tal-parlamenti nazzjonali tal-pajjiżi tal-AKP, kif ukoll l-awtoritajiet lokali u l-korpi mhux statali, fil-monitoraġġ u l-ġestjoni tad-Dokumenti ta' Strateġija tal-Pajjiż u r-Reġjun u fl-implimentazzjoni tal-EDF u jistieden lill-Kummissjoni sabiex tiggarantixxi l-involviment tagħhom; jenfasizza wkoll il-ħtieġa ta' skrutinju parlamentari mill-qrib matul in-negozjati tal-EPAs;

4. Jistieden lill-parlamenti tal-pajjiżi tal-AKP sabiex jeżiġu li l-gvernijiet tagħhom kif ukoll il-Kummissjoni jinvolvuhom fil-proċess ta' preparazzjoni u ta' implimentazzjoni tad-Dokumenti Strateġiċi Nazzjonali u Reġjonali li jirrigwardaw il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi tagħhom (2008-2003), u jiżguraw il-parteċipazzjoni shiha tagħhom fin-negozzjati tal-EPA;

5. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex tipprovdi l-informazzjoni kollha li hemm disponibbli lill-parlamenti tal-pajjiżi tal-AKP u sabiex tgħinhom f'dan ix-xogħol ta' skrutinju demokratiku, b'mod partikulari permezz ta' appoġġ għall-bini tal-kapaċitajiet tagħhom;

6. Jiġbed l-attenzjoni dwar it-tħassib tal-JPA u r-riperkussjonijiet tal-kriżi finanzjarja attwali u l-adozzjoni ta' riżoluzzjoni f'Luwanda dwar l-impatt tal-kriżi finanzjarja fuq il-pajjiżi tal-AKP; iħeġġeġ lill-JPA sabiex tkompli taħdem f'dan il-qasam u biex tiskopri sorsi addizzjonali u innovattivi għall-iffinanzjar tal-iżvilupp, bħalma hija t-taxxa internazzjonali fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji; barra minn hekk jistieden lill-JPA sabiex tindirizza l-kwistjoni dwar l-eradikazzjoni tar-rifuġji fiskali;

7. Jilqa' l-impenn tal-Kummissarju preċedenti għall-iżvilupp u l-għajnuna umanitarja fis-sessjoni tal-JPA f'Kigali msemmija hawn fuq, li saret sabiex id-Dokumenti Strateġiċi Nazzjonali u Reġjonali għall-Pajjiżi tal-AKP (2008-2013) ikunu soġġetti għall-iskrutinju demokratiku mill-Parlamenti, ukoll, jilqa' l-ħidma li saret diġà minn ċerti parlamenti tal-AKP għall-eżami ta' tali dokumenti, kif ukoll l-iskrutinju tal-JPA fuq l-RSPs qabel l-eżami ta' nofs it-terminu, u jitlob sabiex dan l-input jiġi kkunsidrat kif xieraq;

8. Ifakkar f'dan ir-rigward, fil-ħtieġa li l-parlamenti jiġu involuti aktar mill-qrib fil-proċess demokratiku u fl-istrateġiji nazzjonali għall-iżvilupp; jenfasizza l-irwol fundamentali li għandhom fl-implimentazzjoni, is-segwitu u monitoraġġ tal-politiki għall-iżvilupp;

9. Itenni l-pożizzjoni tiegħu li l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (EDF) għandu jkun inkorporat mal-baġit tal-Unjoni bl-għan tiżdied il-konsistenza, it-trasparenza u l-effikaċja tal-politika ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp, u li jiżgura l-iskrutinju demokratiku tiegħu; jenfasizza li l-integrazzjoni tal-EDF mal-baġit tal-Unjoni wkoll tagħmel parti minn risposta relevanti għad-diffikultajiet fl-eżekuzzjoni u fir-ratifika tal-EDFs suċċessivi;

10. Jitlob lill-parlamenti sabiex jeżerċitaw skrutinju parlamentari strett rigward dak li jolqot il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp; jenfasizza l-pożizzjoni ewlenija tal-JPA f'dan id-dibattitu u jistieden lill-JPA, kif ukoll lill-parlamenti tal-AKP, biex jipparteċipaw attivament, partikularment fir-rigward tar-ratifikazzjoni tal-Ftehim ta' Shubija rivedut ta' Kotonù;

**It-Tlieta 23 ta' Novembru 2010**

11. Jinnota b'sodisfazzjon in-natura dejjem aktar parlamentari – u għalhekk, aktar politika – tal-JPA, kif ukoll l-intensifikazzjoni tal-impenn tal-Membri tagħha u tal-kwalità tad-dibattiti tagħha, fatturi li jikkontribwixxu b'mod deċiżiv għas-sħubija bejn l-AKP u l-UE;

12. Jikkunsidra li d-dikjarazzjoni ddepositata, fit-2 ta' Diċembru 2009 f'Luwanda, mill-kopresidenti tal-JPA msemmija hawn fuq dwar is-sitwazzjoni fin-Niġerja u r-riżoluzzjoni dwar is-sitwazzjoni f'Madagascar sabiex ikunu sinifikattivi ta' dan id-djalogu msaħħaħ;

13. Jistieden lill-JPA sabiex ikompju jimmonitoraw is-sitwazzjoni fis-Sudan, il-Madagascar, in-Niġerja u l-Guinea Conakry;

14. Jistieden lill-JPA sabiex tkompli tindirizza s-sitwazzjoni fis-Somalja, li qiegħda tipperikola l-ħajja tal-poplu Somalu u li hi ta' theddida għas-sigurtà fir-reġjun u jistieden lill-UE sabiex iżżomm l-impenji tagħha rigward il-promozzjoni tal-istat tad-dritt, filwaqt li tiġi rrestawrata l-istabbiltà fir-reġjun u tiġi miġġielda l-piraterija;

15. Jistieden lill-JPA sabiex tkompli tikkontribwixxi fl-isforz ta' sensibilizzzazzjoni tal-komunità internazzjonali dwar il-konflitti li qed jolqtu l-lvant tal-Repubblika Demokratika tal-Kongo, sabiex tiġi promossa soluzzjoni politika negozjata għall-kriżi u sabiex tappoġġja kull azzjoni li tista' titressaq bħala parti mis-soluzzjoni negozjata;

16. Jistieden lill-JPA sabiex tkompli u twessa' d-djalogu mal-PAP u mal-parlamenti ta' organizzazzjonijiet reġjonali, minħabba l-importanza li għandha l-integrazzjoni tar-reġjun għall-paċi u għall-iżvilupp tal-pajjiżi tal-AKP;

17. Jiddeplora li l-JPA ma ġietx ikkonsultata biżżejjed waqt il-preparazzjoni tal-istrateġija konġunta bejn l-UE u l-Afrika u jittama li l-JPA tkun involuta attivament fl-implimentazzjoni ta' din l-istrateġija;

18. Jilqa' l-fatt li aktar laqgħat reġjunali, previsti mill-Ftehim ta' Sħubija ta' Kotonù u r-Regoli ta' Proċedura tal-JPA, saru fl-2009; iqis li dawn il-laqgħat jippermettu li jkun hemm diskussjonijiet reali dwar il-kwistjonijiet reġjonali, inklużi l-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni tal-konflitti, il-koeżjoni reġjonali, id-drittijiet tal-bniedem, il-kwistjonijiet ambjentali u n-negozjati tal-EPA; ifaħħar lill-organizzaturi taż-żewġ laqgħat f'Guyana u Burkina Faso li tassew kellhom suċċess;

19. Jitlob lill-JPA sabiex tiżgura monitoraġġ b'saħħtu tan-negozjati matul il-laqgħat reġjonali tagħha;

20. Jiddispjaċih li l-Kunsill injora t-talbiet repetuta li saru mill-Parlament Ewropew partikularment matul il-JPA f'Luwanda, sabiex jinkludi klawżola aktar b'saħħitha dwar in-non-diskriminazzjoni fir-reviżjoni tal-Ftehim ta' Kotonù;

21. Itenni l-prinċipju tal-universalità tad-drittijiet tal-bniedem u n-non-diskriminazzjoni bħala l-bażi li fuqha tiġi mtejba l-governanza leġittima demokratika u d-djalogu politiku matul il-JPA;

22. Iheġġeġ lill-JPA sabiex isaħħaħ l-irwol tal-Kumitat għall-Affarijiet Politiċi tagħha biex l-Assemblea ssir tabilħaqq forum ġenwin għad-dibattitu fi ħdan is-sħubija bejn l-AKP u l-UE dwar ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, id-demokratizzazzjoni tas-soċjetà, u l-prevenzjoni u s-soluzzjoni ta' kunflitti;

23. Jilqa', barra minn dan, il-Kumitat tal-JPA dwar ir-rapport tal-Affarijiet Politiċi dwar il-governanza globali, adottat f'Luwanda, li talab għal riformi ewlenin fl-istituzzjonijiet finanzjarji dinjija;

24. Jinnota l-intenzjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp Ekonomiku, Finanzjarju u l-Kummerċ tal-JPA sabiex ikompli jaħdem fuq l-EPAs u fuq modi li bihom noħorġu mill-kriżi;

25. Jenfasizza r-rwol tal-Kumitat għall-Affarijiet Soċjali u l-Ambjent tal-JPA fir-rigward tar-rapport tiegħu dwar ix-xogħol magħmul mit-tfal u l-intenzjoni tiegħu li jagħmel analiżi u jorganizza dibattiti dwar is-sitwazzjoni soċjali u ambjentali tal-pajjiżi tal-AKP;

26. Jilqa', barra minn dan, ir-rapporti u r-riżoluzzjonijiet dwar it-tibdil fil-klima adottati fl-2009 li taw vuċi lill-JPA matul is-Samit ta' Kopenħagen;

27. Jilqa' l-involviment dejjem jikber ta' atturi mhux statali fis-sessjonijiet tal-JPA, kif muri fid-diskussjonijiet li rriżultaw fl-adozzjoni msemmija hawn fuq tad-Dikjarazzjoni ta' Port Moresby dwar il-kriżi internazzjonali attwali, kif ukoll mir-rapport dwar l-EPA tal-imsieħba ekonomiċi u soċjali ppreżentat fis-sessjoni tal-JPA f'Ljubljana.

28. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, lill-Kunsill tal-AKP, lill-Bureau tal-JPA, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tar-Repubblika Ċeka u l-Angola.

## Aspetti tad-Dritt Ċivili, Kummerċjali, tal-Familja u Internazzjonali Privat tal-Pjan ta' azzjoni li jimplimenta l-Programm ta' Stokkolma

P7_TA(2010)0426

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Novembru 2010 dwar aspetti tad-dritt ċivili, tad-dritt kummerċjali, tad-dritt tal-familja u tad-dritt internazzjonali privat tal-Pjan ta' Azzjoni li jimplimenta l-Programm ta' Stokkolma (2010/2080(INI))**

(2012/C 99 E/04)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikoli 67 u 81 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tal-10 ta' Ġunju 2009 bl-isem 'Żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja għas-servizz taċ-ċittadini' (COM(2009)0262), li tispjega l-prijoritajiet tagħha fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (AFSJ) għall-2010-2014, flimkien mal-valutazzjoni tagħha tal-Programm tal-Aja u Pjan ta' Azzjoni (COM(2009)0263) u t-tabella ta' implimentazzjoni assoċjata (SEC(2009)0765), kif ukoll il-kontribuzzjonijiet magħmula mill-parlamenti nazzjonali, mis-soċjetà ċivili u mill-aġenziji u l-entitajiet tal-UE,

— wara li kkunsidra d-dokument tal-Presidenza tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2009 bl-isem "Il-Programm ta' Stokkolma – Ewropa miftuħa u sikura għas-servizz taċ-ċittadin" (17024/09),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-Programm ta' Stokkolma ([1]),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tal-20 ta' April 2010 dwar Pjan ta' Azzjoni li Jimplimenta l-Programm ta' Stokkolma (COM(2010)0171),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Ġunju 2010 dwar it-Taħriġ Ġudizzjarju – il-Pjan ta' Azzjoni ta' Stokkolma ([2]),

([1]) ĠU C 285 E, 21.10.2010, p. 12.
([2]) Testi adottati, P7_TA(2010)0242.

**It-Tlieta 23 ta' Novembru 2010**

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali u tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (A7-0252/2010),

A. billi l-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja huwa kompetenza kondiviża bejn l-Unjoni u l-Istati Membri,

B. billi l-Artikolu 67 TFUE jenfasizza r-rispett tas-sistemi u t-tradizzjonijiet legali differenti u l-aċċess għall-ġustizzja, li għandu jiġi ffaċilitat, b'mod partikulari permezz tal-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku; billi dan jirrikjedi fiduċja reċiproka u mbagħad il-fiduċja reċiproka tirrikjedi fehim imsaħħaħ tal-metodi u t-tradizzjonijiet legali differenti,

C. billi, minn meta l-Unjoni l-ewwel kisbet kompetenza fir-rigward tal-ġustizzja u l-intern u l-ħolqien sussegwenti tal-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, sar progress kbir fil-qasam tal-ġustizzja ċivili, bil-bini u t-tkabbir tal-konvenzjonijiet varji dwar id-dritt internazzjonali privat konklużi b'mod intergovernattiv; billi l-Kummissjoni issa qed tipproponi pjan ambizzjuż ħafna, li jirreaġixxi għal għadd sostanzjali ta' talbiet li l-Parlament għamel matul il-perjodu reċenti,

D. billi fid-dawl ta' dan il-pjan ambizzjuż u l-kisbiet kbar li diġà saru mill-UE f'dan il-qasam, wasal iż-żmien li noqogħdu pass lura u nirriflettu dwar x'qegħdin nagħmlu fil-qasam tal-liġi ċivili bl-għan primarju li jiġi adottat approċċ iktar strateġiku u inqas frammentat ibbażat fuq il-ħtiġijiet reali taċ-ċittadini u n-negozji fl-eżerċizzju tad-drittijiet u l-libertajiet tagħhom fis-suq intern, u filwaqt li jitqiesu d-diffikultajiet li ssir leġiżlazzjoni f'qasam ta' kompetenza kondiviża fejn l-armonizzazzjoni hija possibilità mhux frekwenti u fejn jeħtieġ li jiġi evitat l-irduppjar u hemm ħtieġa konsegwenti li jiġu rrispettati u akkomodati approċċi legali u tradizzjonijiet kostituzzjonali radikalment differenti, kif ukoll bil-għan li jiġi konċettwalizzat l-approċċ tal-Unjoni fir-rigward ta' dan il-qasam sabiex ikun hemm fehim aħjar ta' dak li qed nipprovaw inwettqu u dwar x'inhu l-aħjar mod kif jiġu indirizzati l-problemi li għandhom jiġu affaċċati, bħala parti minn pjan ġenerali; billi huwa essenzjali li l-ewwel nett tingħata attenzjoni biex tiġi żgurata l-funzjonalità tal-miżuri diġà fis-seħħ u jiġi kkonsolidat il-progress li diġà sar,

E. billi, jekk inħarsu lura lejn x'inkiseb fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, l-ewwel nett hemm l-armonizzazzjoni tar-regoli tad-dritt internazzjonali privat, li kompliet tavvanza 'l quddiem; billi d-dritt internazzjonali privat huwa l-mezz per eċċellenza għar-rikonoxximent reċiproku u r-rispett tas-sistemi legali ta' xulxin u billi l-eżistenza tal-klawsoli tal-politika pubblika hija l-protezzjoni finali tar-rekwiżiti kostituzzjonali nazzjonali,

F. billi, u mbagħad, hemm l-armonizzazzjoni jew l-approssimazzjoni li hija utli għal ċerti oqsma fejn l-istandardizzazzjoni hija mixtieqa, jekk mhux essenzjali – eż. fil-qasam tal-ħarsien tal-konsumatur, iżda fejn ir-rikors għaliha huwa limitat fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja,

G. billi l-abbozzar tad-Dritt Kuntrattwali Ewropew se jkun waħda mill-inizjattivi l-aktar importanti għall-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja fis-snin li ġejjin u jista' jirriżulta fl-hekk imsejħa t-28 sistema fakulatattiva tad-dritt ċivili bħala alternattiva għall-mod tradizzjonali biex tiġi armonizzata leġiżlazzjoni f'oqsma speċifiċi,

H. billi, fl-aħħar nett, hemm l-istrumenti awtonomi u azzjoni fil-qasam tal-liġi proċedurali; il-miżuri f'dawn l-oqsma huma importanti ħafna f'bosta modi sabiex jiġi indirizzat it-tilwim transkonfinali, minħabba li indipendentement minn sa liema punt il-liġi tkun armonizzata, iċ-ċittadini u n-negozji għandhom tendenza li jaffaċċaw ostakli fil-forma ta' liġi proċedurali nazzjonali,

**It-Tlieta 23 ta' Novembru 2010**

I. billi l-koeżistenza ta' sistemi legali differenti fl-Unjoni għandha titqies bħala saħħa li kienet ta' ispirazzjoni għal sistemi legali madwar id-dinja kollha; madankollu, id-diverġenzi bejn is-sistemi legali differenti m'għandhomx jikkostitwixxu ostaklu għall-iżvilupp ulterjuri tad-dritt Ewropew; billi d-diverġenza espliċita u kunċettwali bejn is-sistemi legali differenti mhijiex problematika fiha nnifisha; billi, minkejja dan, huwa neċessarju li jiġu indirizzati l-konsegwenzi legali negattivi għaċ-ċittadini li jirriżultaw minn din id-diverġenza; billi l-kunċett tal-emulazzjoni regolatorja, jew approċċ "minn isfel għal fuq" fir-rigward tal-konverġenza, għandu jiġi applikat billi titħeġġeġ il-komunikazzjoni ekonomika u intellettwali bejn is-sistemi legali differenti; billi l-kapaċità li wieħed jifhem u jimmaniġġa d-differenzi bejn is-sistemi legali tagħna tista' tiġi biss minn kultura ġudizzjarja Ewropea li teħtieġ li titrawwem permezz tal-iskambju tal-għarfien u l-komunikazzjoni, l-istudju tal-liġi komparattiva u permezz ta' ċaqlieqa radikali fil-mod kif tiġi mgħallma l-liġi fl-universitajiet u fil-mod kif l-imħallfin jipparteċipaw fit-taħriġ u l-iżvilupp professjonali tagħhom, kif spjegat fir-riżoluzzjoni tal-Parlament tas-17 ta' Ġunju 2010, inklużi l-isforzi addizzjonali biex jingħelbu l-ostakli lingwistiċi; billi, minkejja li dan se jieħu ż-żmien, jeħtieġ li nirriflettu fuqu u nippjanaw għalih minn issa,

J. billi, sadanittant, għandhom jiġu mħeġġa u promossi iktar djalogu u kuntatt personali fil-livell Ewropew sabiex it-tibdil fit-tagħlim u l-programmi jkun jista' jiġi ddeterminat skont il-bżonnijiet tal-prattikanti tal-liġi, il-klijenti tagħhom u s-suq fit-totalità tiegħu; billi l-komunikazzjoni li jmiss tal-Kummissjoni dwar Pjan ta' Azzjoni dwar taħriġ Ewropew għall-professjonijiet legali kollha għandha tqis it-tradizzjonijiet u l-metodi ta' tagħlim differenti u anke l-bżonnijiet differenti tal-prattikanti tal-liġi li joperaw f'żoni ġeografiċi jew ta' prattika differenti, filwaqt li trawwem l-iskambju tal-aħjar prattiki,

K. billi huwa importanti ħafna li l-prattikanti tal-liġi ma jintesewx waqt il-bini ta' kultura ġudizzjarja Ewropea; billi minkejja li huwa awtoevidenti li l-Istati Membri u l-korpi professjonali nazzjonali jżommu r-responsabilità tagħhom li jistabbilixxu l-aktar taħriġ xieraq biex jiġu indirizzati l-bżonnijiet tal-avukati u l-klijenti tagħhom f'kull Stat Membru skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà u li l-korpi professjonali nazzjonali qegħdin fl-aqwa pożizzjoni biex jidentifikaw dawk il-bżonnijiet minħabba li jinsabu aktar qrib tal-prattikanti tal-liġi u s-suq li joperaw fih, dawk il-korpi għandhom rwol vitali fil-livell Ewropew; billi huwa essenzjali li jiġu involuti l-istrutturi eżistenzi u jkompli jsir xogħol fuqhom, b'mod partikulari l-universitajiet u l-organizzazzjonijiet professjonali; billi hemm bżonn ta' reviżjoni fuq skala kbira tat-taħriġ ġudizzjarju u t-taħriġ tal-prattikanti u s-sillabi tal-universitajiet; billi huwa essenzjali li tinbeda riflessjoni serja dwar kif l-Unjoni tista' tgħin b'mod effettiv f'dan ir-rigward u tħeġġeġ lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti biex jaċċettaw is-sjieda ta' dan il-proġett,

L. billi dan huwa l-essenza proprja tal-Ewropa u l-isfida tal-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, u m'għandux jitqies bħala kontradittorju għall-iżvilupp u t-tagħlim ta' kultura legali Ewropea reali,

M. billi d-determinazzjoni fil-Preambolu għat-Trattat ta' Lisbona li "jistabbilixxu s-sisien ta' għaqda dejjem akbar fost il-popli Ewropej" tirrikjedi t-tnaqqis tad-distanza reali u dik ipperċepita bejn l-Unjoni Ewropea, il-liġi tagħha u ċ-ċittadini tagħha,

N. billi l-liġi tal-Unjoni għandha tkun għas-servizz taċ-ċittadini speċjalment fil-qasam tal-liġi tal-familja u l-istat ċivili,

O. billi l-Kummissjoni għandha tiżgura li l-Pjan ta' Azzjoni ta' Stokkolma jirrifletti verament il-bżonn ta' aktar Ewropa għaċ-ċittadini u n-negozji individwali, b'mod partikolari l-impriżi ż-żgħar u ta' daqs medju (fir-rigward tal-mobilità, id-drittijiet ta' impjieg, il-bżonnijiet tan-negozji u l-opportunitajiet ugwali) filwaqt li jippromwovi ċ-ċertezza legali u l-aċċess għal ġustizzja rapida u effiċjenti,

P. billi f'dan il-kuntest għandha tingħata dejjem iżjed attenzjoni fir-rigward tas-simplifikar tal-magna tal-ġustizzja u s-sistema ġudizzjarja u għandhom jiġu żgurati proċeduri iktar ċari u iktar aċċessibbli filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu l-bżonn li jiġi ffrankat l-infiq, b'mod partikulari fil-klima ekonomika preżenti,

Q. billi l-enfasi mitfugħa fuq l-awtonimija tal-partijiet f'inizjattivi reċenti tal-UE dwar il-kwistjoni sensittiva tad-dritt tal-familja b'implikazzjonijiet transnazzjonali għandha r-riskju li, sakemm ma jiġux applikati ristrezzjonijiet ċari, tiftaħ il-bieb għall-prattika inaċċettabbli tal-għażla tal-forum l-aktar vantaġġuż,

1. Jifraħ lill-Kummissjoni fir-rigward tal-Pjan ta' Azzjoni propost tagħha;

**It-Tlieta 23 ta' Novembru 2010**

2. Iqis madankollu li wasal iż-żmien biex issir riflessjoni fuq l-iżvilupp futur tal-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja u jistieden lill-Kummissjoni biex tniedi dibattitu b'firxa wiesgħa li jkun jinvolvi lill-partijiet interessati kollha, inklużi b'mod partikulari l-imħallfin u l-prattikanti tal-liġi;

3. Jistieden lill-Kummissjoni biex, bħala kwistjoni ta' urġenza, u permezz ta' valutazzjoni tal-impatt ex post, tieħu kont tal-miżuri li diġà ġew adottati fil-qasam tad-dritt ċivili u tal-familja bil-għan li tiġi vvalutata l-effettività tagħhom u jiġi aċċertat sa liema punt dawn kellhom suċċess fil-kisba tal-għanijiet tagħhom u fl-issodisfar tal-bżonnijiet taċ-ċittadini, in-negozji u l-prattikanti tal-liġi; iqis li fl-istess ħin għandu jitwettaq stħarriġ li jkopri b'mod partikolari l-Ministeri tal-Ġustizzja nazzjonali, il-professjonijiet legali, il-komunità tan-negozju u l-organizzazzjonijiet tal-konsumatur, sabiex jiġi aċċertat f'liema oqsma tal-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet ċivili huma neċessarji u mixtieqa miżuri ġodda;

4. Jistieden lill-Kummissjon biex taġixxi fuq ir-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Ġunju 2010 dwar it-taħriġ ġudizzjarju, filwaqt li tikkonsulta mal-Parlament;

5. Jenfasizza għal darba oħra l-bżonn li jintuża kull mezz possibbli biex titrawwem kultura ġudizzjarja Ewropea, b'mod partikulari permezz tat-taħriġ u l-edukazzjoni legali;

6. Jirrakkomanda li l-programmi ta' skambju 'stil Erasmus' proposti fil-Pjan ta' Azzjoni għandhom ikunu sempliċement waħda minn serje ta' inizjattivi li jrawmu l-komunikazzjoni vertikali u orizzontali bejn il-qrati nazzjonali u dawk Ewropej; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-Parlament għandu jikkummissjona studju fejn se jittieħed kont tal-programmi ta' taħriġ nazzjonali u l-iskejjel għall-ġudikatura bl-għan ukoll li jiġu identifikati l-aħjar prattiki f'dan is-settur;

7. Jinnota li n-netwerks u l-istituzzjonijiet nazzjonali ta' taħriġ eżistenti, li huma l-ewwel pass tal-implimentazzjoni tal-liġi tal-Unjoni fl-Istati Membri u li għandhom kuntatt dirett mal-ġudikatura u l-qrati nazzjonali u fehim profond tal-ħtiġijiet u l-kulturi legali nazzjonali, għandhom ikunu vetturi għall-iżvilupp ta' kultura ġudizzjarja Ewropea komuni;

8. Iqis li l-ewwel pass jista' jsir billi jinħoloq forum regolari fejn l-imħallfin ta' kull livell ta' anzjanità f'oqsma tal-liġi fejn ta' sikwit jinqalgħu kwistjonijiet transkonfinali, bħal każijiet tal-liġi marittima, dik kummerċjali, dik tal-familja u f'każijiet ta' korriment personali, jkunu jistgħu jagħmlu diskussjonijiet dwar qasam jew oqsma ta' diffikultajiet jew kontroversji legali reċenti, sabiex tiġi mħeġġa d-diskussjoni, jinbnew il-kuntatti, jinħolqu kanali ta' komunikazzjoni u kollaborazzjoni u jinbnew fiduċja u fehim reċiproċi; jemmen li dan jista' jiġi assistit permezz tal-parteċipazzjoni attiva tal-universitajiet u l-parteċipazzjoni tal-prattikanti tal-liġi;

9. Iqis li l-Kummissjoni għandha tappoġġa l-komunikazzjoni u d-djalogu effettiv li għaddejjin bħalissa bejn korpi professjonali legali Ewropej fil-Kunsill tal-Avukaturi u s-Soċjetajiet Legali tal-Ewropa; jemmen li dan jista' jintuża bħala bażi li minnha jiġu stabbiliti iktar inizjattivi ta' taħriġ transkonfinali ta' korpi professjonali fi sħubija ma' partijiet interessati Ewropej oħrajn, bħalma hi l-Akkademja tal-Liġi Ewropea (ERA);

10. Japprezza l-finanzjament ġeneruż tal-Kummissjoni għall-proġetti ta' taħriġ legali transnazzjonali fil-qasam tal-ġustizzja ċivili, iżda jiddeplora l-fatt li huwa diffiċli ħafna biex wieħed ikollu aċċess u juża b'mod effikaċi dan il-finanzjament, l-iktar minħabba n-nuqqas ta' flessibilità tas-sistema attwali; jinnota barra minn hekk il-problemi fl-irkupru tal-ispejjeż imġarrba matul il-programmi ta' taħriġ kofinanzjati u l-fatt li l-organizzazzjoni ta' tali programmi tfisser li l-organizzazzjoni professjonali kkonċernata jkollha torbot ammonti kbar ta' fondi għal perjodu twil minħabba r-rekwiżiti imposti mill-Kummissjoni; jitlob għalhekk approċċ iktar flessibbli u innovattiv min-naħa tal-Kummissjoni sabiex l-organizzazzjonijiet mingħajr likwidità b'saħħitha jkunu jistgħu japplikaw biex joperaw skemi ta' taħriġ;

11. Josserva li t-trattament tal-liġi tal-Unjoni bħala suġġett diskret fl-edukazzjoni u t-taħriġ ġudizzjarji u legali għandha effett ta' marġinalizzazzjoni; għalhekk jirrakkomanda li, barra minn hekk, is-sillabi tat-taħriġ u l-edukazzjoni legali għandhom jinkorporaw il-liġi tal-Unjoni f'kull qasam ċentrali bħala ħaġa ta' rutina; iqis li l-istudju tal-liġi komparattiva għandu jsir element ewlieni tas-sillabi universitarji;

**It-Tlieta 23 ta' Novembru 2010**

12. Filwaqt li jżomm f'moħħu li l-edukazzjoni u t-taħriġ huma primarjament kompetenza tal-Istati Membri, jistieden lill-Kummissjoni biex tniedi djalogu ma' dawk kollha responsabbli għall-edukazzjoni legali bil-għan li jinkisbu dawn l-għanijiet; jirrakkomanda li fuq perjodu itwal ta' żmien l-avukati għandhom ikunu meħtieġa jkunu kompetenti għall-inqas f'lingwa waħda oħra tal-Unjoni; iqis li dan l-għan jista' jitrawwem immedjatament permezz ta' inkuraġġiment u finanzjament ikbar għall-istudenti biex jieħdu sehem fi skemi tat-tip ERASMUS bħala parti mill-istudji legali tagħhom;

13. Filwaqt li jżomm f'moħħu l-għan ambizzjuż tal-programm ta' Stokkolma li joffri skemi ta' taħriġ Ewropej għal nofs l-imħallfin, il-prosekuturi, l-istaff ġudizzjarju u professjonisti oħrajn involuti fil-kooperazzjoni ġudizzjarja qabel l-2014, u t-talba tiegħu li għal dan il-għan għandhom jintużaw l-istituzzjonijiet ta' taħriġ eżistenti, jinnota li n-Netwerk tal-Presidenti tal-Qrati Ġudizzjarji Supremi, in-Netwerk Ewropew tal-Kunsilli għall-Ġudikatura, l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli tal-Istat u l-Ġurisdizzjonijiet Amministrattivi Supremi u n-Netwerk tal-Eurojustice tal-Prosekuturi Ġenerali Ewropej, l-uffiċjali tal-qorti u l-prattikanti legali għandhom ħafna x'joffru billi jikkordinaw u jippromwovu taħriġ professjonali għall-ġudikatura u fehim reċiproku tas-sistemi legali ta' Stati Membri oħrajn u jagħmluha aktar faċli biex jissolvew tilwimiet u problemi transkonfinali, u għalhekk iqis li l-attivitajiet tagħhom għandhom ikunu ffaċilitati u jirċievu biżżejjed fondi; iqis ukoll li dan għandu jwassal għal pjan kompletament iffinanzjat għat-taħriġ ġudizzjarju Ewropew imfassal b'konnessjoni man-netwerks ġudizzjarji msemmija hawn fuq filwaqt li tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-programmi u l-istrutturi u li jilħaq il-qofol tiegħu bil-ħolqien ta' Akkademja Ġudizzjarja Ewropea magħmula min-Netwerk Ewropew għat-Taħriġ Ġudizzjarju u l-Akkademja tal-Liġi Ewropea;

14. Iqis li, speċjalment fl-istadju tat-tfassil tal-leġiżlazzjoni tal-UE, b'mod partikulari, fil-qasam tad-dritt ċivili u tal-familja, għandu jinħoloq spazju sabiex l-imħallfin nazzjonali u tal-Unjoni jsemmgħu leħinhom dwar l-aspetti purament tekniċi tal-miżuri proposti sabiex jiġi żgurat li l-leġiżlazzjoni futura tkun tista' tiġi implimentata u applikata bl-anqas diffikultà mill-imħallfin nazzjonali; huwa tal-fehma li dan jaf ikun ta' għajnuna wkoll biex jinħolqu iktar kuntatti bejn l-imħallfin, u b'hekk jinfetħu kanali ta' komunikazzjoni ġodda; jilqa' b'mod pożittiv il-kontribuzzjoni tal-ġudikaturi nazzjonali matul il-proċeduri leġiżlattivi;

15. Iqis li l-Kummissjoni għandha tagħti prijorità lill-indirizzar tad-diffikultajiet li jinqalgħu minħabba d-diverġenzi fil-liġi proċedurali nazzjonali (eż. fil-perjodi ta' preskrizzjoni jew il-mod kif il-qrati jitrattaw il-liġi barranija); jissuġġerixxi, fid-dawl tal-importanza ewlenija ta' dan l-aspett, li d-data għar-rapport tal-Kummissjoni dwar il-funzjonament tas-sistema attwali tal-UE fir-rigward tal-liġi proċedurali ċivili bejn il-fruntieri għandha titressaq aktar viċin, mill-2013 għall-aħħar tal-2011; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tirreaġixxi għar-riżoluzzjoni tiegħu tal-1 ta' Frar 2007 ([1]) billi tippreżenta proposta għal perjodu ta' preskrizzjoni komuni fir-rigward ta' tilwim transkonfinali li jinvolvi korriment personali u inċidenti fatali bħala kwistjoni ta' urġenza;

16. Jilqa' l-Green Paper tal-1 ta' Lulju 2010 dwar l-għażliet politiċi għall-progress lejn Liġi Kuntrattwali Ewropea għall-konsumaturi u n-negozji u jappoġġja l-inizjattiva ambizzjuża tal-Kummissjoni favur strument tad-dritt kuntrattwali Ewropew, li jkun jista' jiġi applikat b'mod volontarju mill-partijiet kontraenti (COM(2010)0348);

17. Jenfasizza l-importanza tal-ġustizzja transkonfinali fir-riżoluzzjoni tal-każijiet ta' frodi u ta' prattiki kummerċjali qarrieqa li joriġinaw fi Stat Membru u jkollhom fil-mira individwi, NGOs u SMEs fi Stati Membri oħrajn;

18. Jiġbed l-attenzjoni għar-riżoluzzjoni tal-Parlament tal-10 ta' Marzu 2009 dwar il-kooperazzjoni bejn il-qrati tal-Istati Membri fil-ġbir ta' evidenza f'materji ċivili jew kummerċjali ([2]) u jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tieħu azzjoni biex ittejjeb il-kooperazzjoni bejn il-qrati tal-Istati Membri għall-finijiet ta' kumpilazzjoni ta' xhieda u biex titjieb l-effiċjenza tar-Regolament (KE) Nru 1206/2001, b'mod partikulari billi jiġi żgurat li l-qrati u l-prattikanti tal-liġi jkunu infurmati aħjar dwaru u jħeġġu l-użu estensiv tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-vidjokonferenzi; iqis li għandu jkun hemm sistema sikura biex wieħed jibgħat u jirċievi l-emails u li dawn il-kwistjonijiet għandhom jiġu indirizzati taħt l-istrateġija Ewropea dwar il-Ġustizzja Elettronika;

([1]) ĠU C 250 E, 25.10.2007, p. 99.
([2]) ĠU C 87 E, 1.4.2010, p. 21.

**It-Tlieta 23 ta' Novembru 2010**

19. Jilqa' l-fatt li l-Pjan ta' Azzjoni jipproponi inizjattiva leġiżlattiva għal regolament dwar it-titjib tal-effikaċa tal-infurzar tas-sentenzi li jirrigwardaw it-trasparenza tal-assi tad-debituri u regolament simili li jikkonċerna s-sekwestru tal-kontijiet bankarji; jenfasizza madankollu n-natura komplementarja taż-żewġ proposti li għandhom jiġu ppreżentati kemm jista' jkun malajr;

20. Iqis li tali inizjattivi huma ta' importanza dejjem ikbar fil-kuntest tat-tnaqqis ekonomiku;

21. Jistieden lill-Kummissjon tmexxi b'dawk l-inizjattivi kemm jista' jkun malajr, filwaqt li tiffoka fuq il-possibilità ta' rimedju Ewropew awtonomu għall-iżvelar u/jew l-iffriżar ta' assi f'każijiet transkonfinali;

22. Jenfasizza li dan il-qasam għandu konsegwenzi finanzjarji u reputazzjonali importanti; ladarba s-sitwazzjoni hija fil-fatt din????, jinkuraġġixxi rikors preventiv għal mekkaniżmi alternattivi għas-soluzzjoni ta' tilwim;

23. Jemmen li l-konsolidazzjoni tal-arranġamenti legali bil-mezzi stipulati f'dan ir-rapport għandha ċerta-ment twassal għall-iżvilupp u t-tisħiħ tar-relazzjonijiet ekonomiċi u professjonali, u b'hekk tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' suq uniku reali;

24. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżguraw l-applikazzjoni iktar uniformi tal-leġiż-lazzjoni tal-UE (fl-aspetti proċedurali tagħha), filwaqt li jiffokaw fuq regoli standardizzati u proċeduri amministrattivi li għandhom japplikaw f'oqsma ta' kompetenza tal-Unjoni bħalma huma t-tassazzjoni, id-dwana, il-protezzjoni tal-konsumaturi u n-negozji, suġġetti għal-limiti tat-Trattati tal-UE, bl-għan li jinkiseb il-funzjonament tajjeb tas-suq uniku u l-libertà tal-kompetizzjoni;

25. Jinnota li l-Programm ta' Stokkolma għandu l-għan li joħloq spazju Ewropew ta' libertà, sigurtà u ġustizzja li jiggarantixxi d-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini, inkluża l-libertà tal-intrapriża sabiex tiġi żviluppata l-attività imprenditorjali fid-diversi setturi tal-ekonomija;

26. Jappoġġja bil-qawwa lill-Kummissjoni fl-objettiv tagħha li tgħaddi leġiżlazzjoni li tnaqqas l-ispejjeż tat-tranżazzjonijiet għall-impriżi, l-aktar għal dawk żgħar u medji;

27. Iħeġġeġ l-inizjattivi konġunti mill-Kummissjoni u l-Istati Membri li jappoġġjaw lill-SMEs li joperaw bejn il-fruntieri fl-UE billi titnaqqas il-burokrazija sabiex jinkiseb tnaqqis tanġibbli fil-piżijiet amministrattivi, finanzjarji u regolatorji; jilqa' r-reviżjoni li jmiss tad-Direttiva ta' Ħlasijiet Tard;

28. Jenfasizza li l-funzjonament korrett tas-suq uniku jappoġġja l-Ispazju Ewropew ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja u jikkontribwixxi fit-tisħiħ tal-mudell Ewropew tal-ekonomija tas-suq soċjali; jirrikonoxxi wkoll li t-twaqqif ta' Spazju Ewropew ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja isaħħaħ is-suq uniku u b'mod partikolari l-ħarsien tal-konsumatur;

29. Jisħaq li l-Artikolu 12 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jafferma mill-ġdid, bħala dispożizzjoni ta' applikazzjoni ġenerali, li l-protezzjoni tal-konsumatur għandha tiġi kkunsidrata fid-definizz-joni u l-applikazzjoni ta' politiki u attivitajiet oħra tal-Unjoni; jenfasizza l-importanza tal-proposta għad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur il-ġdida, kif ukoll tal-modernizzazzjoni li ġejja tad-direttiva dwar il-pakkett tal-ivvjaġġar, id-Direttiva dwar il-Prattiki Kummerċjali Żleali u d-direttiva dwar ir-reklamar li jqarraq u komparattiv;

30. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiżgura t-tneħħija ta' kull xkiel għall-iżvilupp tal-kummerċ elettroniku li ġie identifikat riċentement fl-"Aġenda Diġitali" tal-2010 kemm permezz ta' mezzi leġiżlattivi kif ukoll mhux leġiżlattivi; iħeġġeġ li tinstab soluzzjoni malajr għall-problemi għall-kummerċ transkonfinali għax-xiri mill-konsumaturi minn fuq l-internet, l-aktar f'dak li għandu x'jaqsam mal-pagamenti u mal-kunsinni tran-skonfinali; jisħaq dwar il-ħtieġa li tiżdied il-fiduċja tal-konsumaturi u tan-negozju fil-kummerċ elettroniku transkonfinali, fost oħrajn billi tissaħħaħ il-ġlieda kontra l-kriminalità fuq l-internet u l-falsifikazzjoni; jitlob li tiġi żviluppata karta tal-UE għad-drittijiet tal-konsumaturi fil-qasam tas-servizzi onlajn u tal-kummerċ elettroniku;

**It-Tlieta 23 ta' Novembru 2010**

31. Ifakkar fit-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex jiġi żgurat li l-Parlament Ewropew ikun għal kollox u immedjatament infurmat dwar l-avvanzi tan-negozjati tal-ACTA, f'kull stadju tan-negozjati, sabiex jiġu rrispettati l-ittra u l-ispirtu tat-Trattat ta' Lisbona kif ukoll fit-talba tiegħu għal aktar assigurazzjoni li l-ACTA ma timmodofikax l-acquis tal-UE dwar l-infurzar tad-DPI u d-drittijiet fundamentali; jitlob lill-Kummissjoni taħdem mill-qrib ma' pajjiżi terzi li mhumiex parti min-negozjati tal-ACTA, b'mod partikolari l-pajjiżi emerġenti;

32. Jiġbed l-attenzjoni għal problemi marbuta mal-inċertezza legali ta' skambji kummerċjali minn u lejn pajjiżi li mhumiex fl-UE, u mal-kwistjoni ta' liema ġurisdizzjoni tkun kompetenti għas-soluzzjoni ta' kwistjoni partikolari; jinnota li filwaqt li jeżistu l-prinċipji tad-dritt internazzjonali privat, l-implimentazzjoni tagħhom tqajjem numru ta' problemi li jaffettwaw primarjament lill-konsumaturi u n-negozji ż-żgħar, li ta' spiss ma jkunux jafu d-drittijiet tagħhom stess; minkejja dan, jisħaq fuq l-isfidi legali l-ġodda li joħorġu mill-globalizzazzjoni u l-iżvilupp ta' tranżazzjonijiet bl-Internet jisħaq fuq il-bżonn ta' approċċ koerenti li jrid jiġi adottat f'livell internazzjonali biex il-konsumaturi u n-negozji ż-żgħar ma jiġux ikkastigati minħabba din is-sitwazzjoni;

33. Jiġbed l-attenzjoni tal-Kummissjoni fir-rigward tal-qasam tal-liġi tal-kumpaniji kif affettwata bid-dritt internazzjonali privat, għar-riżoluzzjonijiet tal-Parlament tal-10 ta' Marzu 2009 b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar it-trasferiment transkonfinali tal-uffiċċju reġistrat ta' kumpaniji (2008/2196(INI), tal-4 ta' Lulju 2006 dwar żviluppi u prospetti reċenti fir-rigward tal-liġi tal-kumpaniji, u tal-25 ta' Ottubru 2007 dwar il-Kumpanija Privata Ewropea u l-Erbatax-il Direttiva dwar il-Liġi tal-Kumpaniji dwar it-trasferiment tas-sede tal-kumpanija, kif ukoll għas-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward tal-każijiet *Daily Mail* u *General Trust, Centros, Überseering, Inspire Art, SEVIC Systems*, u *Cartesio*;

34. Jinnota li d-dictum fil-każ *Cartesio* li jgħid li, fin-nuqqas ta' definizzjoni uniformi tal-liġi tal-Unjoni tal-kumpaniji li jistgħu jgawdu mid-dritt ta' stabbiliment abbażi ta' fattur ta' konnessjoni wieħed li jiddetermina l-liġi nazzjonali applikabbli għal kumpanija, il-kwistjoni dwar jekk l-Artikolu 49 TFUE japplikax għal kumpaniji li jipprovaw jistrieħu fuq il-libertà fundamentali mħaddna f'dak l-artikolu hija kwistjoni preliminari li, kif inhi l-liġi tal-Unjoni bħalissa, tista' tiġi solvuta biss permezz tal-liġi nazzjonali applikabbli; barra minn hekk jinnota li l-iżviluppi fil-qasam tal-liġi tal-kumpaniji previsti fit-Trattat, kif miksuba permezz ta' leġiżlazzjoni u ftehim, għadhom ma indirizzawx id-differenzi bejn il-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri differenti u għaldaqstant għadhom ma ħelsux minn dawn id-differenzi; jinnota li dan huwa evidenza ta' lakuna fil-liġi tal-Unjoni; itenni t-talba tiegħu biex din is-sitwazzjoni tiġi solvuta;

35. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tagħmel l-almu tagħha fil-Konferenza tal-Aja sabiex terġa' tqajjem il-proġett għal konvenzjoni dwar sentenzi internazzjonali; iqis li l-Kummissjoni tista' tibda permezz ta' konsultazzjonijiet b'firxa wiesgħa, filwaqt li tinvolvi u tinforma lill-Parlament, dwar jekk ir-regoli tar-Regolament (KE) Nru 44/2001 ([1]) għandhomx jingħataw effett riflessiv bħala inċentiv għal pajjiżi oħrajn, b'mod partikulari l-Istati Uniti biex jerġgħu jibdew in-negozjati; huwa tal-fehma li jkun prematur u żbaljat li jiġi kkunsidrat li r-regoli ta' dak ir-regolament jingħataw effett riflessiv qabel ma jkun jidher ċar b'mod suffiċjenti li t-tentattivi biex jitnedew mill-ġdid in-negozjati fl-Aja jkunu fallew u l-konsultazzjonijiet u l-istudji mwettqa jkunu juru li din il-mossa jkollha vantaġġi u benefiċċji pożittivi għaċ-ċittadini, in-negozji u l-prattikanti tal-liġi fl-UE;

36. Jistieden lill-Kummissarju għall-Ġustizzja biex jiżgura li fil-futur il-Parlament ikun involut iktar mill-qrib fir-rigward tal-attivitajiet tal-Kummissjoni u tal-Kunsill fil-Konferenza tal-Aja permezz ta' osservatur tal-Parlament u permezz ta' dikjarazzjonijiet regolari lill-kumitat parlamentari kompetenti; f'dan il-kuntest ifakkar lill-Kummissjoni bl-impenji istituzzjonali espressi mill-Kummissarju Frattini quddiem il-Parlament f'Settembru 2006, li l-Kummissjoni se tikkoopera bis-sħiħ mal-Parlament fil-ħidma tagħha mal-Konferenza tal-Aja;

37. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni biex tassumi bis-sħiħ ir-rwol tagħha fil-ħidma tal-Konferenza tal-Aja; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tieħu passi sabiex tiżgura li l-UE tirratifika l-Konvenzjoni tal-Aja tad-19 ta' Ottubru 1996 dwar il-Protezzjoni tat-Tfal;

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU L 12, 16.01.2001, p. 1).

**It-Tlieta 23 ta' Novembru 2010**

38. Jiddeċiedi fermament li jwaqqaf forum interparlamentari dwar il-ħidma tal-Konferenza tal-Aja; iqis li, b'eżempju biss, il-promozzjoni mill-Konferenza tal-Aja tal-awtonomija tal-partijiet f'relazzjonijiet kuntrattwali madwar id-dinja tant għandha implikazzjonijiet serji mil-lat ta' evażjoni tar-regoli obbligatorji li jeħtieġ li tiġi diskussa u ssir riflessjoni dwarha f'fora demokratiċi madwar id-dinja;

39. Jinnota li l-Kummissjoni waqqfet grupp ta' ħidma dwar l-arbitraġġ; iwissi lill-Kummissjoni kontra kwalunkwe inizjattivi leġiżlattiva f'dan il-qasam mingħajr konsultazzjonijiet miftuħa u bl-involviment sħiħ tal-Parlament Ewropew; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li rappreżentant tal-kumitat parlamentari kompetenti jkun mistieden jipparteċipa f'dawn il-gruppi ta' ħidma kollha u jqis li, filwaqt li ma jittieħed xejn middritt ta' inizjattiva tal-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew għandu jkollu d-dritt li jinnomina membru jew membri ta' tali gruppi ta' ħidma sabiex jiġi żgurat li dawn ikunu verament rappreżentattivi;

40. Jisħaq dwar il-ħtieġa li jkun żgurat rikonoxximent reċiproku tad-dokumenti uffiċjali maħruġa millamministrazzjonijiet nazzjonali; jilqa' l-isforzi tal-Kummissjoni biex tagħti liċ-ċittadini s-setgħa li jeżerċitaw id-drittijiet ta' moviment ħieles tagħhom u jappoġġa bil-qawwa l-pjanijiet li jippermettu r-rikonoxximent reċiproku tal-effetti tad-dokumenti ta' status ċivili; jitlob sforzi ulterjuri biex jitnaqqsu l-ostakli għaċ-ċittadini li jeżerċitaw id-drittijiet ta' moviment ħieles tagħhom, b'mod partikulari fir-rigward tal-aċċess għall-benefiċċji soċjali li huma intitolati għalihom u d-dritt tagħhom li jivvotaw fl-elezzjonijiet muniċipali;

41. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri.

**L-Erbgħa 24 ta' Novembru 2010**

## Ftehim Kummerċjali dwar il-Ġlieda Kontra l-Falsifikazzjoni (ACTA)

P7_TA(2010)0432

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Novembru 2010 dwar il-Ftehim Kummerċjali Kontra l-Falsifikazzjoni (ACTA)**

(2012/C 99 E/05)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikoli 207 u 218 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

— wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Marzu 2010 dwar it-trasparenza u s-sitwazzjoni attwali tan-negozjati ACTA [dwar il-Ftehim Kummerċjali Kontra l-Falsifikazzjoni],

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar ir-rieżami tal-ftehim ta' qafas dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra d-dibattitu fil-plenarja tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar il-Ftehim Kummerċjali Kontra l-Falsifikazzjoni,

— wara li kkunsidra l-Abbozz tat-2 ta' Ottubru 2010 tal-Ftehim Kummerċjali Kontra l-Falsifikazzjoni,

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Ombudsman Ewropew dwar l-ilment 90/2009/(JD)OV dwar l-aċċess għal dokumenti tal-ACTA,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1383/2003,

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali dwar Illeġiżlar Aħjar bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni (2003/C 321/01),

— wara li kkunsidra l-Ftehim tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) dwar Aspetti tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali relatati mal-Kummerċ (TRIPS),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 115(5) u 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-ġlieda kontra l-falsifikazzjoni tirrappreżenta element ewlieni fl-istrateġija politika tal-UE bl-għan li jiġu żgurati l-ġustizzja, kundizzjonijiet ekwi għall-produtturi tagħna, iż-żamma tal-impjieg għaċ-ċittadini u r-rispett tal-istat tad-dritt,

B. billi, biex tkun iktar effikaċi, il-ġlieda kontra l-falsifikazzjoni – li tikkostitwixxi fenomenu dinji – teħtieġ kooperazzjoni internazzjonali iktar b'saħħitha fost il-protagonisti dinjija ewlenin,

C. billi, minkejja l-bosta tentattivi biex jintlaħaq approċċ multilaterali, li għadu l-għan ewlieni tal-istrateġija tal-UE, dan ma seħħx minħabba reżistenza u oppożizzjoni minn protagonisti dinjija ewlenin oħra, u billi jidher għalhekk li l-ftehim plurilaterali huwa l-aħjar mezz biex jiġi indirizzat it-tħassib speċifiku fil-livell internazzjonali,

**L-Erbgħa 24 ta' Novembru 2010**

D. billi, kif iddikjarat il-Kummissjoni ripetutament, l-ACTA jikkonċerna biss il-miżuri ta' infurzar u ma jinkludix dispożizzjonijiet li jimmodifikaw il-liġi sostantiva dwar id-drittijiet għall-proprjetà intellettwali (IPR) tal-UE u lanqas il-partijiet ACTA l-oħrajn, iżda minflok jistabbilixxi, għall-ewwel darba, qafas internazzjonali komprensiv biex jgħin b'mod effikaċi lill-partijiet fl-isforzi tagħhom fil-ġlieda kontra l-ksur tal-IPR, u għalhekk ma jinvolvi l-ebda tibdil fl-*acquis communautaire*,

E. billi, f'bosta oqsma, inkluż fid-dispożizzjonijiet għas-settur diġitali u l-ambitu tal-miżuri obbligatorji b'rabta mal-fruntieri, l-ACTA jmur lil hinn mill-ambitu ta' TRIPS u għalhekk joffri protezzjoni aħjar lid-detenturi tad-drittijiet,

F. billi, wara rappreżentanzi qawwija mill-Parlament, il-livell tat-trasparenza tan-negozjati ACTA ġie mtejjeb b'mod fundamentali u, sa mir-rawnd ta' negozjati fi New Zealand, il-Parlament ġie infurmat bis-sħiħ dwar l-istat tan-negozjati; u billi ġie mgħarraf dwar it-test innegozjat ġimgħa wara l-konklużjoni tal-aħħar rawnd fil-Ġappun,

G. billi t-test innegozjat jirrifletti t-tħassib ewlieni espress mill-Parlament tul dawn l-aħħar xhur, inkluż dwar kwestjonijiet bħar-rispett tad-drittijiet fundamentali, tal-privatezza u tal-protezzjoni tad-data, ir-rispett għar-rwol importanti tal-Internet mingħajr ħlas, l-importanza tas-alvagwardja tar-rwol tal-provdituri tas-servizzi, u l-bżonn li jiġi salvagwardjat l-aċċess għal mediċini – riferiment għad-Dikjarazzjoni Doha dwar il-Ftehim TRIPS u s-Saħħa Pubblika, adottata fl-14 ta' Novembru 2001, wara li ġiet imdaħħla fil-preambolu tal-ftehim,

H. billi l-Kummissjoni affermat aktar min darba l-importanza li jiġi infurzat il-ħarsien tal-indikazzjonijiet ġeografiċi (GI); billi l-partijiet firmatarji tal-ftehim qablu li l-ACTA jipprevedi l-infurzar tal-GI,

I. billi l-Kummissjoni, bħala l-gwardjana tat-Trattati, għandha l-obbligu li tħares l-*acquis communautaire* meta tkun qed tinnegozja ftehimiet internazzjonali li jaffettwaw il-leġiżlazzjoni fl-UE, u billi l-Kummissjoni intrabtet li tipprovdi informazzjoni immedjata u sħiħa lill-Parlament f'kull stadju tan-negozjati dwar il-ftehimiet internazzjonali,

J. billi hu kruċjali li jkun żgurat li l-iżvilupp ta' miżuri ta' infurzar tal-IPR iseħħ b'mod li ma jimpedixxix l-innovazzjoni jew il-kompetizzjoni, ma jdgħajjifx il-limitazzjonijiet tal-IPR u l-protezzjoni tad-data personali, ma jirrestrinġix il-fluss ħieles tal-informazzjoni u ma jtaqqalx bla bżonn il-kummerċ leġittimu,

K. billi kwalunkwe ftehim li jintlaħaq mill-UE dwar l-ACTA għandu jkun konformi bis-sħiħ mal-*acquis communautaire*, b'mod partikolari fir-rigward tal-obbligi legali imposti fuq l-UE fir-rigward tal-privatezza u tal-protezzjoni tad-data, kif stabbilit b'mod speċjali bid-Direttiva 95/46/KE, id-Direttiva 2002/58/KE u l-każistika tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea,

L. billi, bħala riżultat tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona f'Diċembru 2009, il-Parlament se jkollu jagħti l-approvazzjoni tiegħu għat-test tal-ACTA qabel id-dħul fis-seħħ tiegħu fl-UE,

1. Jilqa' l-ħruġ tal-abbozz tat-2 ta' Ottubru 2010 tal-Ftehim Kummerċjali Kontra l-Falsifikazzjoni wara r-rawnd ta' negozjati f'Tokjo u jistenna li l-Kummissjoni tgħaddi lill-Parlament u tagħmel pubbliku t-test ACTA finalizzat wara l-laqgħa ta' negozjati tekniċi f'Sydney mit-30 ta' Novembru sat-3 ta' Diċembru 2010;

2. Itenni li l-ġlieda kontra l-falsifikazzjoni hija prijorità tal-istrateġija politika interna u internazzjonali tiegħu u li l-kooperazzjoni internazzjonali hija kwestjoni essenzjali fil-kisba ta' dan l-għan;

3. Jinsab konxju bis-sħiħ dwar il-fatt li l-ftehim li ġie nnegozjat mhux se jsolvi l-problema kumplessa u multidimensjonali tal-falsifikazzjoni; iqis madankollu li huwa pass fid-direzzjoni t-tajba;

**L-Erbgħa 24 ta' Novembru 2010**

4. Jilqa' d-dikjarazzjonijiet ripetuti tal-Kummissjoni li l-infurzar tad-dispożizzjonijiet ACTA, partikolarment ta' dawk dwar il-proċeduri tal-infurzar tad-drittijiet tal-awtur fl-ambjent diġitali, se jkun konformi bis-sħiħ mal-*acquis communautaire* u li b'dan il-ftehim mhux se jiġu introdotti la t-tiftix personali u lanqas 'l hekk imsejħa "proċedura tat-tliet daqqiet"; jirrimarka li l-ebda firmatarju tal-ACTA, u partikolarment l-UE, ma jista' jingħata mill-ftehim il-mandat li jintroduċi t-"tliet daqqiet" jew skema simili;

5. Jilqa' l-fatt li l-abbozz deliberattiv tat-test tat-2 ta' Ottubru 2010 jikkonferma, fil-preambolu, l-għan tal-ACTA li jipprovdi mezzi effettivi u adegwati għall-infurzar tal-IPR, li jikkomplimentaw il-ftehim TRIPS u filwaqt li jqis id-differenzi fis-sistemi u prattiki legali rispettivi tal-partijiet firmatarji tal-ACTA; u jinsisti dwar il-fatt li l-prinċipji mniżżla fid-Dikjarazzjoni Doha dwar il-Ftehim TRIPS u s-Saħħa Pubblika, adottata fl-14 ta' Novembru 2001 mid-WTO fir-Raba' Konferenza Ministerjali tagħha, li saret f'Doha, fil-Qatar, jikkostitwixxu s-sisien tal-abbozz deliberattiv tat-test tal-ACTA tat-2 ta' Ottubru 2010 u li għalhekk kull infurzar tal-ACTA għandu jkun konformi ma' dawn il-prinċipji;

6. Jenfasizza li l-ACTA mhux se jbiddel l-acquis tal-UE f'termini ta' infurzar tal-IPR, peress li l-liġi tal-UE hija diġà konsiderevolment iktar avvanzata mill-istandards internazzjonali attwali, u li għalhekk jirrappreżenta opportunità biex jiġu skambjati l-aħjar prattiki u linji gwida f'dan il-qasam;

7. Iqis l-ACTA bħala għodda biex l-istandards eżistenti jsiru iktar effikaċi, u b'hekk ta' iktar benefiċċju għall-esportazzjoni tal-UE u l-ħarsien tad-detenturi tad-drittijiet tal-awtur meta joperaw fis-suq dinji, fejn bħalissa qed isir ksur sistematiku u mifrux tad-drittijiet tal-awtur, tat-trademarks, tal-privattivi, tad-diżinji u tal-GI;

8. Jenfasizza l-importanza tal-ħarsien tal-GI għall-kumpaniji Ewropej u għall-impjieg fl-UE; jirrikonoxxi l-isforzi magħmula mill-Kummissjoni biex jiġi inkluż il-ħarsien tal-GI fl-ambitu tal-ACTA;

9. Jiddispjaċih li, fl-Artikolu 1.X tiegħu, il-Ftehim ma jiddefinixxix "indikazzjonijiet ġeografiċi foloz", billi din l-ommissjoni tista' toħloq taħwid jew, talinqas, tikkomplika l-kompiti tal-awtoritajiet amministrattivi u ġudizzjarji fl-interpretazzzjoni u fl-infurzar tal-ACTA;

10. Jilqa' l-inklużjoni tal-kelma "tista'" fl-Artikolu 2.14.3 ("Kull parti tista' tipprovdi proċeduri u pieni kriminali …");

11. Jilqa' l-fatt li l-partijiet firmatarji qablu, fuq insistenza min-naħa tal-UE, li l-kriminalizzazzjoni tal-"camcording" għandha sempliċement tkun għażla (Artikoli 2.14.3 u 2.15);

12. Jilqa' l-fatt li s-sħubija fl-ACTA mhijiex esklussiva u li pajjiżi emerġenti u li qed jiżviluppaw jistgħu jingħaqdu, biex b'hekk tiġi promossa l-protezzjoni mifruxa tal-IPR u tissaħħaħ il-ġlieda kontra l-falsifikazzjoni madwar id-dinja; iqis li fil-futur, l-ACTA għandu l-potenzjal li jilħaq livell multilaterali;

13. Jenfasizza li kwalunkwe deċiżjoni meħuda mill-Kummissjoni bħala parti mill-Kumitat ACTA għandha tkun fl-ambitu tal-*acquis* u ma tistax, b'mod unilaterali, tbiddel il-kontenut tal-ACTA; iqis għalhekk li kwalunkwe tibdil propost għall-ACTA għandu jiġi adottat mill-Parlament u mill-Kunsill bi qbil mal-Artikoli 207 u 218 tat-TFUE;

14. Jistieden lill-Kummissjoni biex tikkonferma li l-implimentazzjoni tal-ACTA mhu se jkollha l-ebda impatt fuq id-drittijiet fundamentali u l-protezzjoni tad-data, fuq l-isforzi li qed isiru fl-UE biex jiġu armonizzati l-miżuri ta' infurzar tal-IPR, u fuq il-kummerċ elettroniku;

15. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-istati li huma partijiet fin-negozjati tal-ACTA.

**Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2010**

# Baġit 2011

P7_TA(2010)0433

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Novembru 2010 dwar in-negozjati li għaddejin bħalissa dwar il-baġit 2011**

(2012/C 99 E/06)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikoli 310 sa 325 tat-Trattat dwar il-Funzjonament ta' l-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-abbozz ġenerali tal-baġit għall-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2011, li l-Kummissjoni ppreżentat fis-27 ta' April 2010 (COM(2010)0300), u għall-Ittri li Jemenda Nru 1, 2 u 3 preżentati mill-Kummissjoni fil-15 ta' Settembru 2010, 11 ta' Ottubru 2010 u 20 ta' Ottubru 2010 rispettivament,

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni dwar l-abbozz tal-baġit tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2011 adottata mill-Kunsill fit-12 ta' Awwissu 2010 (12699/2010 - C7-0202/2010),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni teigħu tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ġenerali tal-baġit għall-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2011 - it-taqsimiet kollha ([1]),

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni għal regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju multiannwali għas-snin 2007-2013 (COM(2010)0072) u d-dokument tal-Kummissjoni dwar Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar il-kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji (COM(2010)0073), it-tnejn ippreżentati fit-3 ta' Marzu 2010,

— wara li kkunsidra l-Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 3 għall-baġit ġenerali għall-2010 (COM(2010)0149) tat-8 ta' April 2010 u Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 10 għall-baġit ġenerali għall-2010 (COM(2010)0598) ta' 20 Ottobru 2010,

— wara li kkunsidra l-Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Mobilizzazzjoni tal-Istrument tal-Flessibilità, ippreżentata mill-Kummissjoni fit-8 ta' April 2010 (COM(2010)0150),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 3/2010 li l-Kunsill stabbilixxa fit-13 ta' Settembru 2010 (13472/2010 – C7-0263/2010), u għar-riżoluzzjoni tal-Parlament tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 3/2010 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, Taqsima III – Kummissjoni ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-22 ta' Settembru 2010 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju multiannwali għas-snin 2007-2013 ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-29 ta' Marzu 2007 dwar il-futur tar-riżorsi tal-Unjoni Ewropea stess ([4]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 78 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-pożizzjoni tal-Kunsill l-abbozz tal-baġit illimitat l-approprijazzjonijiet tal-pagamenti għal ammont li jirrappreżenta żieda ta' 2.91 % fuq il-baġit tal-2010,

([1]) Testi adottati, P7_TA(2010)0372.
([2]) Testi adottati, P7_TA(2010)0371.
([3]) Testi adottati, P7_TA(2010)0328.
([4]) ĠU C 27 E, 31.1.2008, p. 214.

B. billi l-Parlament qabel ma' "strateġija ta' seba' punti" mmirata għall-eżekuzzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat ta' Lisbona, appoġġata b'emendi baġitarji, filwaqt li juri d-disponibilità li jikkonferma l-livell tal-pagamenti fil-kuntest ta' ftehim globali,

C. filwaqt li fil-15 ta' Novembru 2010, il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni Parlament-Kunsill ma qabilx dwar test konġunt għall-baġit 2011,

1. Jesprimi d-disponibilita tiegħu li jiffaċilita ftehim dwar il-baġit 2011 u l-elementi relattivi fi skadenza stretta ħafna, basta l-kondizzjonijiet elenkati aktar 'l isfel jiġu sodisfatti mill-Kummissjoni u mill-Kunsill:

a) ftehim dwar mekkaniżmi ta' flessibiltà ġenwini li jkun jaqbel mal-prinċipji eżistenti għar-rieżamijiet, kif jingħad fit-IIA tas-17 ta' Mejju 2006, li għandu jkun deċiż mill-PArlament u minn maġġoranza kwalifikata tal-Kunsill, li jkun jippermetti l-finanzjament futur proprju tal-politiki, għall-2011 u s-snin sussegwenti, li joħorġu mill-kompetenzi l-ġodda konferiti fuq l-UE mit-Trattat ta' Lisbona u mill-proġett Ewropa 2020;

b) impenn mill-Kummissjoni li tippreżenta sal-1 ta' Lulju 2011 proposti sostanzjati, imsejsin fuq l-Artikolu 311 tat-TFUE, dwar ir-riżorsi proprji ġodda għall-UE, u impenn mill-Kunsill li jiddiskuti dawn il-proposti mal-Parlament fil-proċess ta' negozjazzjoni għall-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss (MFF), fi qbil mad-Dikjarazzjoni Nru 3 dwar ir-Reviżjoni tal-Qafas Finanzjarju ta' IIA tas-17 ta' Mejju 2006;

c) ftehim bejn it-tlitt istituzzjonijiet dwar metodu għall-ħdim flimkien li jkun jinkludi l-parteċipazzjoni mill-Parlament fil-proċess ta' negozjazzjoni tal-MFF li jmiss u l-parteċipazzjon tal-Ewrodeputati fil-laqgħat relevanti, u d-deliberazzjoni regolari li jsiru fil-livell tal-Presidenti tal-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni, skont it-termini tal-Artikoli 324 u 312(5) tat-TFUE;

2. Jilqa' l-impenji tal-Kummissjoni dwar il-Valur Miżjud Ewropew u l-konsegwenzi' tat-Trattat ta' Lisbona għall-baġit tal-UE,, u dwar skadenza preċiża għar-riżorsi proprji;

3. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

## Id-drittijiet tal-bniedem u l-istandards soċjali u ambjentali fil-Ftehimiet ta' Kummerċ Internazzjonali

P7_TA(2010)0434

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Novembru 2010 dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-istandards soċjali u ambjentali fil-Ftehimiet ta' Kummerċ Internazzjonali (2009/2219(INI))**

(2012/C 99 E/07)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikoli 2, 3, 6 u 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 153, 191, 207 u 218 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 12, 21, 28, 29, 31 u 32 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Istqarrija Universali dwar il-Jeddijiet tal-Bniedem (1948) u strumenti oħra tan-Nazzjonijiet Uniti fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, b’mod partikulari l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (1966) u dak dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali (1966), il-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni tal-Forom Kollha ta’ Diskriminazzjoni Razzjali (1965), il-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta’ Kull Forma ta’ Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (1979) u l-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal (1989), id-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni (2007) u d-dokument finali tas-Samit tal-Millenju tan-Nazzjonijiet Uniti tal-20 sat-22 ta’ Settembru 2010 fi New York,

— wara li kkunsidra l-Ftehim ta’ Marrakexx li stabbilixxa l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, u d-Dikjarazzjoni adottata waqt ir-raba’ konferenza ministerjali li saret f’Novembru 2001 f’Doha, b’mod partikulari l-Paragrafu 31,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta’ Settembru 1996 dwar il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-inklużjoni tar-rispett għall-prinċipji demokratiċi u d-drittijiet tal-bniedem fi ftehimiet bejn il-Komunità u pajjiżi terzi (COM(1995)0216) ([1]) u r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta’ Frar 2006 dwar il-klawsola dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fil-ftehimiet tal-Unjoni Ewropea ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta’ Ottubru 2001 dwar it-trasparenza u d-demokrazija fil-kummerċ internazzjonali ([3]) li appellat lill-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ biex tirrispetta l-istandards soċjali fundamentali tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO), u lill-UE biex taċċetta d-deċiżjonijiet tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, inklużi sanzjonijiet b’konnessjoni ma’ ksur serju tal-istandards soċjali fundamentali,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta’ April 2002 dwar il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar is-sehem tal-Unjoni Ewropea fil-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokratizzazzjoni fil-pajjiżi terzi (COM(2001)0252) ([4]),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar id-Dimensjoni Socjali tal-Globalizzazzjoni - il-kontribut ta’ politika tal-UE biex igawdi kulħadd (COM(2004)0383),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta’ Novembru 2005 dwar id-dimensjoni soċjali tal-globalizzazzjoni ([5]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta’ Lulju 2005 dwar l-isfruttament tat-tfal fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw, b’enfasi speċjali fuq ix-xogħol tat-tfal ([6]),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-14 ta’ Ġunju 2010 dwar it-tħaddim tat-tfal ([7]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta’ Lulju 2006 dwar il-kummerċ ġust u l-iżvilupp ([8]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-22 ta’ Mejju 2007 dwar l-Ewropa globalizzata: Aspetti Esterni tal-kompetittività ([9]) b’risposta għall-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill dwar “l-Ewropa Globali: Kompetizzjoni Dinjija - Kontribut lill-Istrateġija tal-UE għat-Tkabbir Ekonomiku u l-Impjiegi” (COM(2006)0567),

([1]) GU C 320, 28.10.1996, p. 261
([2]) GU C 290 E, 29.11.2006, p. 107.
([3]) GU C 112 E, 9.5.2002, p. 326.
([4]) ĠU C 131 E, 5.6.2003, p. 147.
([5]) GU C 280 E, 18.11.2006, p. 65.
([6]) GU C 157 E, 6.7.2006, p. 84.
([7]) Konkluzjonijiet tal-Kunsill tal-14 ta’ Ġunju 2010 dwar it-thaddim tat-tfal, 10937/1/10.
([8]) GU C 303 E, 13.12.2006, p. 865.
([9]) GU C 102 E, 24.4.2008, p. 128.

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni bit-titolu "Promozzjoni tax-xogħol deċenti għal kulħadd - Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni fl-implimentazzjoni tal-aġenda tax-xogħol deċenti għal kulħadd" (COM(2006)0249),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Ministerjali tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali tan-NU dwar Impjieg għal Kulħadd u Xogħol Deċenti tal-2006, li tirrikonoxxi l-impjieg sħiħ u produttiv,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Mejju 2007 dwar il-promozzjoni ta' xogħol deċenti għal kulħadd [1], li titlob il-promozzjoni ta' xogħol deċenti permezz tal-inklużjoni ta' standards soċjali fit-ftehimiet kummerċjali tal-UE, b'mod partikolari l-ftehimiet bilaterali,

— wara li kkunsidra l-Aġenda tax-Xogħol Deċenti u l- Patt Globali għall-Impjiegi tal-ILO, addottati b'kunsens dinji fid-19 ta' Ġunju 2009 waqt il-Konferenza Internazzjonali dwar ix-Xogħol, u d-Dikjarazzjoni tal-ILO tal-2008 dwar il-Ġustizzja Soċjali għal Globalizzazzjoni Ġusta,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni ta' Brussell tal-1968, kif konsolidata mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali [2],

— wara li kkunsidra s-sistema ġeneralizzata ta' preferenzi (GSP), fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2006, li tagħti aċċess bla dazju jew bit-tnaqqis tat-tariffi għal numru ikbar ta' prodotti u tinkludi wkoll inċentiv ġdid għall-pajjiżi vulnerabbli ffaċjati minn bżonnijiet speċifiċi ta' kummerċ, finanzi jew żvilupp,

— wara li kkunsidra l-ftehimiet kollha bejn l-Unjoni Ewropea u Stati li mhumiex membri,

— wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP), min-naħa l-waħda, u l-Unjoni Ewropea, minn naħa l-oħra, iffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000, u r-reviżjonijiet tiegħu fl-2005 u l-2010,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu dwar il-ftehimiet dwar sħubija ekonomika mar-reġjuni u l-pajjiżi AKP, u b'mod partikulari dawk tas-26 ta' Settembru 2002 [3], tat-23 ta' Mejju 2007 [4] u tat-12 ta' Diċembru 2007 [5],

— wara li kkunsidra l-konvenzjonijiet internazzjonali dwar l-ambjent bħall-Protokoll ta' Montreal dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu (1987), il-Konvenzjoni ta' Basel dwar il-kontroll tal-moviment barra l-konfini ta' skart perikoluż (1989), il-Protokoll ta' Cartegena dwar il-bijosigurtà (2000) u l-Protokoll ta' Kjoto (1997),

— wara li kkunsidra l-Kapitolu 13 tal-ftehim ta' kummerċ ħieles iffirmat f'Ottubru 2009 bejn l-Unjoni Ewropea u l-Korea t'Isfel,

— wara li kkunsidra l-konklużjoni tan-negozjati bejn l-UE, il-Kolombja u l-Perù meta kien iffirmat il-Ftehim Kummerċjali bejn Bosta Partijiet,

— wara li kkunsidra s-smigħ dwar "L-applikazzjoni ta' standards soċjali u ambjentali fin-negozjati kummerċjali" li l-Parlament organizza fl-14 ta' Jannar 2010,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura,

---

(1) GU C 102 E, 24.4.2008, p. 321
(2) GU L 12, 16.1.2001, p. 1
(3) GU C 273 E, 14.11.2003, p. 305.
(4) GU C 102 E, 24.4.2008, p. 301.
(5) GU C 323 E, 18.12.2008, p. 361.

**Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2010**

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, tal-Kumitat għall-Iżvilupp, tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali u tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A7-0312/2010),

A. billi r-rabta bejn il-kummerċ, id-drittijiet tal-bniedem u l-istandards soċjali u ambjentali saret parti kbira mir-relazzjonijiet ekonomiċi u ta' kummerċ u hija integrali għan-negozjati dwar il-kummerċ ħieles,

B. billi t-tgħawwiġ tal-kompetizzjoni u r-riskji ambjentali u soċjali qed isiru dejjem *aktar* frekwenti, bi ħsara b'mod partikolari għall-intrapriżi u l-ħaddiema li jinsabu fl-Unjoni Ewropea li huma sottomessi għall-osservanza ta' standards soċjali, ambjentali u fiskali ogħla,

C. billi l-UE, fir-rapporti tagħha mal-pajjiżi terzi, għandha tadotta strateġija kummerċjali bbażata fuq ir-reċiproċità imma din għandha tkun differenzjata skont il-livell ta' żvilupp tas-sieħba kummerċjali tagħha, kemm fir-rigward tat-talbiet tagħha fil-qasam soċjali u ambjentali kif ukoll fir-rigward tal-liberalizzazzjoni tal-kummerċ, biex jinħolqu l-kundizzjonijiet għall-kompetizzjoni internazzjonali ekwa u ġusta,

D. billi l-fora bilaterali saru l-pjattaforma ewlenija fejn ikunu segwiti dawn l-għanijiet politiċi, tant hu hekk li l-prospettivi għall-istabbiliment ta' regoli multilaterali li jiggvernaw ir-relazzjonijiet bejn il-kummerċ, ix-xogħol jew l-ambjent ġewwa l-qafas tad-WTO ma tantx jippromettu;

E. billi, madankollu, huwa essenzjali li nippruvaw insibu bilanċ ġdid bejn il-liġi kummerċjali u d-drittijiet fundamentali u li nżidu d-djalogu bejn l-organizzazzjonijiet internazzjonali ewlenin, partikolarment bejn l-ILO u d-WTO, bl-għan ta' koerenza akbar fil-politiki internazzjonali u tmexxija dinjija aħjar,

F. billi hemm bosta raġunijiet għall-inklużjoni ta' dispożizzjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-istandards soċjali u ambjentali fi ftehimiet kummerċjali internazzjonali, mix-xewqa li nistabbilixxu kummerċ ġust u ekwu u kundizzjonijiet indaqs għall-approċċ aktar preskrittiv tad-difiża tal-valuri universali mħaddna mill-UE u l-insegwiment konsistenti tal-politiki Ewropej,

G. billi jfakkar li d-Dikjarazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt għall-Iżvilupp tal-1986 tikkonferma li d-"dritt għall-iżvilupp huwa dritt inaljenabbli tal-bniedem li bis-saħħa tiegħu kull persuna umana u l-popli kollha għandhom dritt jipparteċipaw fi, jikkontribwixxu għal u jgawdu mill-iżvilupp ekonomiku, soċjali u kulturali"; iqis, għaldaqstant, li l-UE għandha obbligu li ma ddgħajjifx dan id-dritt u li anzi tikkontribwixxi biex tintegrah fi ftehimiet internazzjonali u ssegwih bħala linja gwida tal-politiki Ewropej,

H. billi t-Trattat ta' Lisbona jafferma mill-ġdid li l-azzjoni esterna tal-Unjoni Ewropea, li minnha l-kummerċ huwa parti integrali, għandha tkun iggwidata mill-istess prinċipji bħal dawk li ispiraw il-ħolqien tagħha; billi l-mudell soċjali Ewropew, li jgħaqqad it-tkabbir ekonomiku sostenibbli ma' kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-għajxien aħjar, jista jservi wkoll bħala mudell għal sieħba oħra; billi l-ftehimiet kummerċjali wkoll iridu jkunu kompatibbli ma' obbligi oħra u ftehimiet internazzjonali li l-partijiet ikunu daħlu fihom, f'konformità mal-liġijiet nazzjonali tagħhom,

I. billi titqies l-importanza li jinżamm il-livell tal-istandards soċjali u ambjentali fis-seħħ fl-Unjoni Ewropea, u l-osservanza tagħhom mill-intrapriżi barranin li joperaw fis-suq uniku Ewropew,

J. billi l-inklużjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tal-istandards soċjali u ambjentali fil-ftehimiet kummerċjali tista' żżid il-valur ta' ftehimiet bħal dawn, li jippermettu aktar interazzjoni mas-soċjetà ċivili u appoġġ akbar għall-istabilità politika u soċjali, u b'hekk jistabbilixxu klima li hija aktar favorevoli għall-kummerċ,

K. billi s-settur tal-kummerċ u l-osservanza tal-istandards dwar id-drittijiet tal-bniedem, kif ukoll il-kwistjonijiet soċjali u ambjentali huma aspetti importanti fl-assigurazzjoni tal-paċi u tal-prosperità fid-dinja, iżda ma jistgħux jitqiesu bħala s-soluzzjoni tal-problemi kollha li jista' jkun hemm bejn l-istati differenti tad-dinja; billi, madankollu, li l-imblokk f'sitwazzjonijiet politiċi jista' jingħeleb bit-tisħiħ tar-relazzjonijiet kummerċjali, u b'hekk tiġi żgurata d-definizzjoni tal-interessi komuni, b'mod speċjali fil-qasam tal-protezzjoni ambjentali, bħala mezz biex jingħelbu l-konflitti,

L. billi pajjiżi oħra stabilixxew eżempji pożittivi għall-inklużjoni ta' standards soċjali fi ftehimiet kummerċjali,

M. billi s-sistema ġeneralizzata ta' preferenzi hija kkundizzjonata fir-rigward tal-prinċipji tal-konvenzjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-istandards fundamentali tax-xogħol mill-pajjiżi benefiċjarji, u tinkludi sistema speċjali ta' preferenzi tariffarji supplimentari billi s-sistema ġeneralizzata ta' preferenzi għandha l-għan li tippromwovu l-osservanza tal-istandards internazzjonali tax-xogħol permezz ta' preferenzi tariffarji supplimentari, u billi n-nuqqas ta' konformità ma' dawn il-kundizzjonijiet jista' jwassal biex arranġament kummerċjali jkun sospiż sabiex ikunu promossi r-ratifika u l-implimentazzjoni effettiva tal-konvenzjonijiet internazzonali prinċipali dwar id-drittijiet tal-bniedem u tax-xogħol, il-protezzjoni tal-ambjent u l-governanza tajba; billi n-nuqqas ta' konformità mal-kundizzjonijiet jista' jwassal biex arranġament kummerċjali jkun sospiż,

1. Jitlob, konsegwentement, li fi ħdan l-istrateġija kummerċjali futura tal-Unjoni Ewropea, il-kummerċ ma jkunx previst bħala għan fih innifsu, imma bħala għodda li tagħmilha possibbli li jiġu promossi l-valuri u l-interessi kummerċjali Ewropej u wkoll bħala stri,emt għall-kummerċ ġust, sabiex jiġu ġeneralizzati l-inklużjoni u l-implimentazzjoni effettivi tal-istandards soċjali u ambjentali mas-sieħba kummerċjali kollha tal-UE; iqis li l-Unjoni Ewropea għandha tkun gwidata minn approċċ pożittiv, imma wkoll ġuridikament vinkolanti, fin-negozjati tagħha; jenfasizza li l-inklużjoni ta' dispożizzjonijiet dwar l-iżvilupp sostenibbli, b'mod partikolari fil-ftehimiet bilaterali, huwa ta' benefiċċju għall-partijiet kollha;

2. Ifakkar li l-politika kummerċjali hija strument għas-servizz tal-objettivi globali tal-Unjoni Ewropea u li, skont l-Artikolu 207 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-politika kummerċjali tal-Unjoni Ewropea titmexxa "fil-kuntest tal-prinċipji u l-objettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni", u li skont l-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, hija għandha tikkontribwixxi b'mod partikolari "għall-iżvilupp sostenibbli tal-pajneta, għas-solidarjetà u għar-rispett bejn il-popli, għall-kummerċ ħieles u ġust, għall-eliminazzjoni tal-faqar u għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari dawk tat-tfal, kif ukoll għar-rispett sħiħ u għall-iżvilupp tal-liġi internazzjonali, b'mod partikolari għar-rispett tal-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti";

### *Id-drittijiet tal-bniedem u l-istandards soċjali u ambjentali fir-relazzjonijiet kummerċjali multilaterali*

3. Iħeġġeġ iktar kooperazzjoni fil-livell multinazzjonali bejn id-WTO u l-istituzzjonijiet ewlenin tan-Nazzjonijiet Uniti fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem; iqis li rabtiet iktar mill-qrib bejn l-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem u mal-proċeduri speċjali jkunu partikolarment utli biex jipprovdu qafas kummerċjali multilaterali li jsaħħaħ ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem; iqis, bl-istess mod, li l-għarfien espert tal-Kummissjoni Għolja jista' jitqies mill-bordijiet tad-WTO u mill-korp tal-appell meta jkunu osservati każijiet serji ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem;

4. Iqis li r-rieżami perjodiku mill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem għandu jkun strument utli għall-monitoraġġ tal-konformità mad-dispożizzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem fil-ftehimiet kummerċjali internazzjonali;

5. Jenfasizza li t-tkabbir tal-kooperazzjoni mal-ILO, il-korp responsabbli għall-istabbiliment u n-negozjar ta' standards internazzjonali tax-xogħol u mis-sorveljanza tal-applikazzjoni tagħhom fil-liġi u fil-prattika, u l-parteċipazzjoni sħiħa tal-ILO fix-xogħol tad-WTO, huma essenzjali;

a) Għal dan il-għan jitlob li l-ILO tingħata status uffiċjali ta' osservatur fid-WTO u d-dritt li titkellem waqt il-konferenza ministerjali tad-WTO;

b) Jipproponi li jitwaqqaf kumitat dwar il-kummerċ u x-xogħol deċenti fid-WTO, simili għall-Kumitat għall-Kummerċ u l-Ambjent; u jinsisti li ż-żewġ kumitati jingħataw mandat definit b'mod ċar u li jkollhom influwenza tanġibbli;

c) jipproponi li każijiet rilevanti li fihom ikun involut ksur tal-konvenzjonijiet internazzjonali tax-xogħol fi kwistjoni kummerċjali jistgħu jiġu rriferuti lill-ILO kif ukoll lill-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem;

d) jipproponi li meta stat membru tad-WTO jqis li deċiżjoni mill-korp tas-soluzzjoni tat-tilwim titfa' dubji fuq id-deċiżjonijiet tal-ILO dwar l-osservanza ta' konvenzjonijiet dwar ix-xogħol, għandu jkun hemm mezz ta' appell lill-ILO;

**Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2010**

6. Jafferma mill-ġdid li l-għanijiet tal-manteniment u l-preservazzjoni ta' sistema kummerċjali multilaterali miftuħa u mhux diskriminatorja, minn naħa, u l-ħarsien tal-ambjent u l-promozzjoni ta' żvilupp sostenibbli min-naħa l-oħra, għandhom jappoġġaw lil xulxin; jenfasizza li, skont l-Artikolu 20 tal-GATT, l-Istati Membri jistgħu jadottaw miżuri kummerċjali biex jipproteġu l-ambjent, sakemm dawn il-miżuri ma jiġux applikati b'tali mod li jikkostitwixxu mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew mhux ġustifikabbli; iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jagħmlu użu sħiħ minn din id-dispożizzjoni;

7. Jilqa' l-eżistenza tal-Kumitat għall-Kummerċ u l-Ambjent tad-WTO, li għandu jkun forum essenzjali biex tintlaħaq l-integrazzjoni u tissaħħaħ ir-rabta bejn l-ambjent u l-kummerċ; jesprimi t-tama li r-rwol u l-ħidma tal-Kumitat jiżviluppaw biex jindirizzaw b'mod pożittiv l-iktar sfidi kummerċjali u ambjentali importanti li qed tħabbat wiċċha magħhom il-komunità internazzjonali;

8. Jenfasizza l-importanza ta' titjib fl-aċċess għall-prodotti u t-teknoloġiji ħodor biex jintlaħqu l-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli, u jinkoraġixxi lill-partijiet kollha fin-negozjati sabiex jirduppjaw l-isforzi tagħhom biex jaslu għal konklużjoni rapida tan-negozjati dwar it-tnaqqis jew it-tneħħija tat-tariffi u ostakli mhux tariffarji għal prodotti u servizzi ambjentali, sabiex jippromwovu forom ġidda ta' politiki tal-impjieg u l-ħolqien ta' impjiegi li jissodisfaw l-istandards tal-ILO dwar ix-xogħol deċenti u opportunitajiet ta' tkabbir għall-industriji Ewropej u għall-intrapriżi ta' daqs żgħir u medju;

9. Jenfasizza l-ħtieġa li jsir progress fin-negozjati dwar il-punti oħra fl-Artikolu 31 tad-Dikjarazzjoni ta' Doha dwar ir-relazzjoni bejn regoli eżistenti tad-WTO u l-obbligi kummerċjali speċifiċi stipulati fi ftehimiet ambjentali multilaterali (MEAs), u li tkun promossa kooperazzjoni eqreb bejn is-segretarjati tal-MEA u l-kumitati tad-WTO, fattur ewlieni fl-iżgurar li l-kummerċ u reġimi ambjentali jiżviluppaw b'mod koerenti;

10. Iqis li ftehim multilaterali dwar il-klima jkun l-aħjar strument biex tkun żgurata l-internalizzazzjoni ta' fatturi esterni ambjentali negattivi marbuta mas-$CO_2$, iżda li hemm riskju li dan mhux se jintlaħaq fil-futur qrib; iqis għalhekk li l-Unjoni Ewropea għandha tkompli tistudja l-possibilitajiet, għas-setturi industrijali li għandhom riskju reali ta' rilokazzjoni ta' karbonju, tal-ħolqien ta' strumenti ambjentali adegwati b'mod konġunt mal-irkant tal-kwoti tas-$CO_2$ tal-iskema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet, b'mod partikolari "mekkaniżmu għall-inklużjoni tal-karbonju" fl-osservanza tar-regoli tad-WTO, peress li mekkaniżmu bħal dan jagħmilha possibbli li wieħed jiġġieled kontra r-riskji ta' trasferimenti ta' emissjonijiet tas-$CO_2$ lejn pajjiżi terzi;

11. Jipproponi, ladarba l-ftehim internazzjonali dwar il-klima ġie nnegozjat u ffirmat, li titwaqqaf organizzazzjoni dinjija ambjentali ġenwina sabiex tinforza ż-żamma tal-impenji li jkunu ttieħdu, u biex tiżgura konformità ma' standards ambjentali; pereżempju, ikun obbligatorju li l-każijiet ta' dumping ambjentali jkunu rriferuti lil din l-organizzazzjoni futura;

### *Id-drittijiet tal-bniedem u l-istandards soċjali u ambjentali fil-ftehimiet kummerċjali bilaterali*

12. Jappoġġja bis-sħiħ il-prattika tal-inklużjoni ta' klawsoli ġuridikament vinkolanti dwar id-drittijiet tal-bniedem fil-ftehimiet internazzjonali tal-UE iżda jinnota li għad hemm sfidi importanti x'jingħelbu fil-monitoraġġ u l-implimentazzjoni ta' dawn il-klawsoli; jikkonferma mill-ġdid li dawn il-klawsoli jridu jkunu inklużi fil-ftehimiet kummerċjali u settorjali kollha, b'mekkaniżmu ta' konsultazzjoni ċar u preċiż fuq il-mudell tal-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' Cotonou; jilqa' f'dan ir-rigward il-fatt li ddaħħlet klawsola bħal din fil-ftehimiet ta' kummerċ ħieles tal-ġenerazzjoni l-ġdida;

13. Jenfasizza l-fatt li l-istess approċċ ta' inklużjoni sistematika għandu jkun applikat ukoll għall-kapitoli dwar l-iżvilupp sostenibbli fil-ftehimiet bilaterali;

14. Jinnota li l-ftehimiet kummerċjali futuri jistgħu jiġu konklużi fid-dawl tal-kriżi finanzjarja attwali; iqis li dan ma jfissirx li għandhom jiġu traskurati l-istandards soċjali u ambjentali, b'mod partikolari dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra u l-ġestjoni tal-iskart perikoluż, biex jintlaħqu għanijiet oħra;

15. Jitlob, b'kunsiderazzjoni tal-objettivi msemmija hawn fuq, lill-Kummissjoni Ewropea biex, fil-ftehimiet kollha ta' kummerċ li tinnegozja ma' stati terzi, iddaħħal b'mod sistematiku sensiela ta' standards soċjali u ambjentali li jinkludu:

a) lista ta' standards minimi li għandhom jiġu osservati mis-sieħba kummerċjali kollha tal-UE. Fil-qasam soċjali, dawn l-istandards għandhom jikkorrispondu għat-tmien konvenzjonijiet fundamentali tal-ILO (l-istandards fundamentali tax-xogħol) hekk kif imsemmija fid-Dikjarazzjoni tal-ILO dwar il-Prinċipji u d-Drittijiet Fundamentali tax-Xogħol (1998); ma' dawn it-tmien konvenzjonijiet jiżdiedu, għall-pajjiżi industrijalizzati, l-erba' konvenzjonijiet prijoritarji tal-ILO (il-Konvenzjonijiet Prijoritarji tal-ILO); Fil-qasam ambjentali u tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, l-istandard minimu għandu jikkorrispondi għal-lista ta' konvenzjonijiet dwar l-ambjent u għall-prinċipji ta' governanza tajba, kif previst mir-regolament Ewropew dwar is-sistema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati;

b) lista ta' konvenzjonijiet addizzjonali li għandhom jiġu implimentati, b'mod gradwali u flessibbli, filwaqt li titqies l-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni ekonomika, soċjali u ambjentali tas-sieħeb ikkonċernat; Fil-qasam soċjali, l-objettiv aħħari għandu jikkorrispondi għall-implimentazzjoni sħiħa tal-Aġenda tax-Xogħol Deċenti tal-ILO;

16. Jissottolinja li l-osservanza ta' dawn l-istandards għandha tfisser li tinkludi kemm ir-ratifika, kif ukoll it-traspożizzjoni tagħhom fil-liġi nazzjonali u l-implimentazzjoni effettiva tagħhom fit-territorju nazzjonali kollu;

17. Jitlob li l-ftehimiet kummerċjali tal-ġejjieni kollha jipprevedu projbizzjoni tal-isfruttament tax-xogħol tat-tfal, b'mod partikulari fl-estrazzjoni u fl-ipproċessar ta' ġebel naturali u li jinkludu sistema ta' ċertifikazzjoni Ewropea uniformi li tiżgura li kemm il-ġebel naturali u kemm il-prodotti tal-ġebel naturali impurtati jkunu ġew prodotti b'mod dimostrabbli tul il-katina tal-valur sħiħa mingħajr l-isfruttament ta' xogħol tat-tfal fis-sens tat-tifsira tal-Konvenzjoni 182 tal-ILO;

18. Jenfasizza li fil-kuntest ta' ftehimiet ta' kummerċ ħieles, jistgħu jkunu previsti l-liberalizzazzjonijiet kundizzjonali, inkluż it-tqassir tal-perjodu taż-żmien għat-tneħħija tar-restrizzjonijiet jew l-aċċess għal suq addizzjonali, skont il-konformità ma' standards ambjentali u soċjali;

19. Jenfasizza l-importanza tal-monitoraġġ kontinwu tal-implimentazzjoni tal-ftehim, b'approċċ miftuħ u inklużiv fil-fażijiet kollha:

a) jinnota l-użu tal-istudji dwar l-impatt fuq l-iżvilupp sostenibbli iżda jqis li dawn għandhom isiru wkoll qabel, matul u wara n-negozjati, sabiex tkun żgurata evalwazzjoni kontinwa; jirrimarka wkoll l-importanza li tittieħed azzjoni b'mod sħiħ fuq ir-riżultati tagħhom; iqis ukoll l-negozjati għandhom jikkunsidraw aħjar il-prijoritajiet u t-tħassib li jirriżultaw minn dawn l-istudji dwar l-impatt;

b) jitlob lill-Kummissjoni biex tagħmel studji dwar l-impatt fuq id-drittijiet tal-bniedem flimkien ma' dawk dwar l-iżvilupp sostenibbli, b'indikaturi kummerċjali komprensibbli bbażati fuq id-drittijiet tal-bniedem u fuq standards ambjentali u soċjali;

c) jistieden liż-żewġ partijiet biex jissottomettu rapporti regolari dwar il-progress ġenerali tal-implimentazzjoni tal-impenji kollha li ttieħdu fil-ftehim;

d) jitlob lill-Kummissjoni tiggarantixxi li l-parlamenti tal-pajjiżi sħab ikunu involuti fin-negozjati kummerċjali, bil-għan li tissaħħaħ il-governanza u l-iskrutinju demokratiku fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw;

e) jenfasizza l-importanza tal-involviment pubbliku fl-istadji kollha tan-negozjati u s-segwitu għall-ftehim, u għal dan il-għan jitlob li jitwaqqfu fora jew gruppi konsultattivi dwar l-iżvilupp sostenibbli li għandhom jitwaqqfu biex jippermettu lis-sieħba soċjali u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili indipendenti li jkunu kkonsultati;

20. jappella biex il-ftehimiet kummerċjali tal-UE joffru effettivament, l-ogħla livelli ta' trasparenza, standards rigorużi għall-akkwist pubbliku u rendikont għal kull pajjiż mill-impriżi, kemm fil-pajjiżi żviluppati kif ukoll dawk li qed jiżviluppaw, bil-għan li tiġi miġġielda l-ħarba illegali ta' kapital;

**Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2010**

21. Iħeġġeġ lill-Unjoni biex issostni d-dritt ta' aċċess għar-riżorsi naturali fin-negozjati tal-ftehimiet għall-kummerċ u ssostni d-drittijiet tal-popli awtoktoni u indiġeni rigward l-aċċess għar-riżorsi naturali essenzjali; jitlob lill-Kummissjoni biex tintegra fin-negozjati u fil-ftehimiet internazzjonali għall-kummerċ il-kwistjoni tax-xiri u tal-proprjetà tal-artijiet fil-pajjiżi terzi, partikolarment fil-pajjiżi l-anqas żviluppati u fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw;

22. Jirrikonoxxi li l-kapitolu dwar l-iżvilupp sostenibbli fil-ftehimiet bilaterali li bħalissa qegħdin jiġu nnegozjati huwa vinkolanti iżda li jista' jkun imsaħħaħ billi jiġu previsti:

a) proċedura għall-ilmenti miftuħa għas-sieħba soċjali,

b) appelli lil korp indipendenti għas-soluzzjoni rapida u effikaċi tat-tilwim marbut mal-problemi soċjali jew ambjentali, bħal panels ta' esperti magħżula miż-żewġ partijiet fuq il-bażi tal-kompetenza tagħhom fid-drittijiet tal-bniedem, fil-liġi tax-xogħol u fil-liġi ambjentali, u li r-rakkomandazzjonijiet tagħhom ikollhom jiffurmaw parti minn proċess definit tajjeb, b'dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni,

c) rikors għal mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim b'kundizzjonijiet indaqs ma' partijiet oħra tal-ftehim, b'dispożizzjoni għal multi biex itejbu l-qagħda fis-setturi kkonċernati, jew sospensjoni mill-inqas temporanja ta' ċerti vantaġġi kummerċjali previsti mill-ftehim, fil-każ ta' ksur aggravat tal-istandards imsemmija hawn fuq;

23. Jenfasizza l-importanza li jiżdiedu miżuri ta' akkumpanjament ma' dawn il-ftehimiet, inklużi miżuri ta' assistenza teknika u programmi ta' kooperazzjoni, bl-għan tatt-titjib tal-kapaċità ta' implimentazzjoni, b'mod partikolari tal-konvenzjonijiet fundamentali fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u tal-istandards soċjali u ambjentali;

***Id-drittijiet tal-bniedem u l-istandards soċjali u ambjentali fir-relazzjonijiet kummerċjali multilaterali GSP u GSP+***

24. Iqis li s-27 konvenzjoni li tagħhom qed jintalbu r-ratifika u l-implimentazzjoni effettiva biex ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-GSP+ jirrappreżentaw taħlita unika ta' konvenzjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem, il-liġi tax-xogħol, l-ambjent u l-istandards ta' governanza tajba; jenfasizza li sal-lum, il-GSP+ kellu impatt pożittiv u viżibbli fir-rigward tar-ratifika ta' dawn il-konvenzjonijiet, iżda inqas pożittiv u viżibbli fir-rigward tal-implimentazzjoni tagħhom, u għalhekk jittama li titqiegħed aktar enfasi fuq miżuri ta' akkumpanjament għat-titjib tal-kapaċità ta' implimentazzjoni; iqis ukoll li, biex tkun żgurata l-kredibilità tal-GSP+, il-Kummissjoni għandha tnedi investigazzjonijiet jekk elementi li jaqblu jindikaw li ċerti pajjiżi mhux qed jimplimentaw is-27 konvenzjoni u, jekk ikun il-każ, tneħħi l-preferenzi;

25. Iqis li tista' tiġi stabbilita rabta aktar stretta bejn il-klawsoli dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-GSP+ fil-ftehimiet tal-Unjoni Ewropea mal-pajjiżi terzi, b'mod partikolari fir-rigward tal-monitoraġġ;

26. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex, matul il-proċess ta' rieżami tas-sistema tal-GSP, tagħmel li tista' biex dan jibbenefika lill-pajjiżi li l-iktar għandhom bżonnu, u biex tissimplifika r-regoli ta' oriġini sabiex il-pajjiżi benefiċċjarji tal-inizjattiva "Kollox Barra l-Armi" u tas-sistema tal-GSP+ ikunu jistgħu jieħdu l-ikbar vantaġġ mill-preferenzi li jingħataw lilhom; jitlob li jiġu stabbiliti punti ta' tqabbil, mekkaniżmi u kriterji trasparenti għall-għoti kif ukoll l-irtirar tal-preferenzi fil-qafas ta' din is-sistema; jitlob wkoll il-parteċipazzjoni sħiħa tal-Parlament Ewropew tul dan il-proċess, b'mod partikolari f'dak li jikkonċerna l-proposta tal-Kunsill dwar il-listi tal-pajjiżi benefiċjarji, it-tnedija tal-investigazzjonijiet jew is-sospensjoni temporanja tal-GSP+;

27. Jistieden lill-Kummissjoni biex malajr kemm jista' jkun tressaq proposta għal regolament li jipprojbixxi l-importazzjoni fl-UE ta' prodotti mmanifatturati permezz ta' forom moderni ta' skjavitù, xogħol furzat, speċjalment xogħol furzat ta' gruppi partikolarment vulnerabbli, bi ksur tal-istandards bażiċi tad-drittijiet tal-bniedem;

28. Jistieden lill-Kummissjoni, skont il-Ftehim ta' Qafas dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni, tipprovdi lill-Parlament f'kull ħin b'informazzjoni komprensiva dwar l-oqsma kollha tas-suġġetti rilevanti waqt in-negozjati dwar il-ftehimiet ta' kummerċ internazzjonali;

29. Jistieden lill-Kummissjoni, b'kunsiderazzjoni tat-tisħiħ tal-poteri tal-Parlament skont it-Trattat ta' Lisbona, tiggarantixxi fluss ta' informazzjoni effikaċi u tirrikonoxxi fiċ-ċirkostanzi kollha lir-rappreżentanti tal-Parlament l-istatus ta' osservaturi u tagħtihom konsegwentement l-aċċess għal-laqgħat kollha u għad-dokumenti kollha rilevanti;

*

* *

30. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

## Rapport ta' Attività tal-Ombudsman Ewropew għall-2009

P7_TA(2010)0435

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Novembru 2010 dwar r-rapport annwali li jikkonċerna l-attivitajiet tal-Ombudsman Ewropew fis-sena 2009 (2010/2059(INI))**

(2012/C 99 E/08)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-rapport annwali li jikkonċerna l-attivitajiet tal-Ombudsman Ewropew fis-sena 2009,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 24, it-tielet paragrafu, u l-Artikolu 228 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 41 u 43 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew 94/262/KEFA, KE, Euratom, tad-9 ta' Marzu 1994, rigward ir-regolamenti u l-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw it-twettiq tal-obbligi tal-Ombudsman ([1]),

— wara li kkunsidra l-ftehim ta' qafas dwar il-kooperazzjoni li ġie konkluż bejn il-Parlament Ewropew u l-Ombudsman fil-15 ta' Marzu 2006, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' April 2006,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Ottubru 2005 bit-titolu "Il-poter tal-adozzjoni u t-trażmissjoni ta' komunikazzjonijiet lill-Ombudsman Ewropew u l- awtorizzazzjoni lill-uffiċjali biex jidhru quddiem l-Ombudsman Ewropew" (SEC(2005)1227),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni 2008/587/KE, Euratom tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Ġunju 2008 li temenda d-Deċiżjoni 94/262/KEFA, KE, Euratom rigward ir-regolamenti u l-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw it-twettiq tal-obbligi tal-Ombudsman ([2]),

— wara li kkunsidra r-reviżjoni mill-Ombudsman tad-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni sabiex dawn jirriflettu l-bidliet li saru fl-Istatut, u li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2009,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-attivitajiet tal-Ombudsman Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 205(2), it-tieni u t-tielet sentenzi, tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

([1]) ĠU L 113, 4.5.1994, p. 15.
([2]) ĠU L 189, 17.7.2008, p. 25.

**Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2010**

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet (A7-0275/2010),

A. billi r-rapport annwali dwar l-attivitajiet tal-Ombudsman Ewropew tal-2009 ntbagħat uffiċjalment lill-President tal-Parlament Ewropew fil-19 ta' April 2010, u billi l-Ombudsman Ewropew, is-Sur Nikiforos Diamandouros, ippreżenta r-rapport tiegħu lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet fi Brussell fl-4 ta' Mejju 2010,

B. billi l-Artikolu 24 TFUE jgħid illi "kull ċittadin tal-Unjoni jista" jressaq rikors quddiem l-Ombudsman stabbilit skond l-Artikolu 228',

C. billi l-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali jiddikjara li "kull persuna għandha d-dritt li dak kollu li jirrigwardaha jiġi ttrattat b'mod imparzjali u ġust u fi żmien raġonevoli mill-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-Unjoni",

D. billi l-Artikolu 43 tal-Karta jistipula li "kull ċittadin tal-Unjoni, u kull persuna fiżika jew ġuridika li tirrisjedi jew li jkollha l-uffiċċju rreġistrat tagħha fi Stat Membru għandu d-dritt li jirrikorri għand l-Ombudsman Ewropew f'każijiet ta' amministrazzjoni ħażina fl-attivitajiet tal-istituzzjonijiet, tal-korpi jew tal-aġenziji tal-Unjoni, bl-eċċezzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea meta tkun qed taġixxi fir-rwol ġudizzjarju tagħha",

E. billi wara d-dħul fis-seħħ tat-TFUE, il-politika barranija ta' sigurtà komuni kif ukoll l-attività tal-Kunsill Ewropew, jaqgħu taħt il-mandat tal-Ombudsman Ewropew,

F. billi, barra minn hekk, skont l-Artikolu 228 TFUE, issa l-Ombudsman huwa "elett wara kull elezzjoni tal-Parlament Ewropew għat-tul tal-leġislatura tiegħu", u m'għadux "jinħatar" mill-Parlament Ewropew,

G. billi x-xogħol tal-Ombudsman jikkontribwixxi għall-kisba ta' Unjoni "li fiha d-deċiżjonijiet jittieħdu kemm jista' jkun qrib iċ-ċittadin", kif imħabbar fl-ewwel Artikolu, it-tieni inċiż, tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

H. billi fl-2009 l-Ombudsman irreġistra 3 098 ilment, meta mqabbla mat-3 406 ilment fl-2008, u billi kien hemm 727 ilmenti (23 %), meta mqabbla mat-802 fl-2008, li nstabu li kienu jaqgħu fl-ambitu tal-mandat tal-Ombudsman,

I. billi fl-2009, l-Ombudsman fetaħ 335 inkjesta abbażi tal-ilmenti, u 318 fosthom intemmew u ngħalqu, u 311 fost dawn kien konsegwenza ta' lmenti filwaqt li 7 infetħu fuq inizjattiva tal-Ombudsman,

J. billi f'179 każ (56 % tat-total) li ngħalqu fis-sena 2009, l-istituzzjoni inkwistjoni aċċettat soluzzjoni bonarja jew solviet il-kwistjoni fi żmien ġimgħatejn, u billi dan juri rieda qawwija min-naħa tal-istituzzjonijiet u l-korpi li jqisu l-ilmenti li jaslu għand l-Ombudsman bħala opportunità biex jiġu solvuti żbalji li jknu saru u biex jikkooperaw mal-Ombudsman għall-benefiċċju taċ-ċittadini,

K. billi fl-2009, l-Ombudsman wasal għall-konklużjoni ta' amministrazzjoni ħażina fi 12 % tal-każijiet (37 inkjesta), u ħareġ kummenti kritiċi f'35 każ,

L. billi 15-il abbozz ta' rakkomandazzjoni nħarġu fl-2009,

M. billi l-iktar allegazzjonijiet kurrenti fil-qasam tal-amministrazzjoni ħażina kienu jikkonċernaw in-nuqqas ta' trasparenza, inkluż ir-rifjut ta' għoti ta' informazzjoni (f' 36 % tal-inkjesti), l-inġustizzja jew l-abbuż tal-poter (14 %), id-dewmien li seta' jiġi evitat (13 %), l-iżbalji fil-proċedura (13 %), in-negliġenza (6 %), in-nuqqas ta' twettiq tal-obbligi tal-Kummissjoni li teżerċita r-rwol tagħha ta' gwardjan tat-Trattati (6 %), l-iżbalji legali (6 %) u d-diskriminazzjoni (5 %),

N. billi d-dewmien medju tat-trattament tal-ilmenti, minn 13-il xahar fl-2008, laħaq id-9 xhur fl-2009, u dan juri l-isforzi magħmula mill-Ombudsman biex jitnaqqas id-dewmien medju tal-inkjesti tiegħu u l-ispirtu ta' kooperazzjoni tal-istituzzjonijiet ikkonċernati,

**Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2010**

O. billi l-ebda każ ta' amministrazzjoni ħażina ma wassal għal rapport speċjali fil-Parlament Ewropew fl-2009,

P. billi l-kummenti kritiċi u r-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman mhumiex vinkolanti, iżda għandhom l-għan li jheġġu l-awtokontroll tal-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni u jippermettu li jiġu evitati żbalji u operat żbaljat fil-ġejjieni;

Q. billi r-rwol tal-Ombudsman evolva sa mill-ħolqien ta' din il-kariga permezz tal-indipendenza tiegħu u tal-kontroll demokratiku tal-attivitajiet tiegħu eżerċitat mill-Parlament u mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet,

R. billi huwa essenzjali li l-istituzzjonijiet u l-korpi Ewropej jagħmlu użu sħiħ mir-riżorsi neċessarji sabiex jissodisfaw l-obbligi tagħhom biex jiżguraw li ċ-ċittadini jirċievu tweġiba konkreta fi żmien qasir għat-talbiet, l-ilmenti u l-petizzjonijiet tagħhom,

S. billi l-Parlament adotta l-Kodiċi ta' Mġiba Amministrattiva Tajba tal-Ombudsman fir-Riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Settembru 2001 ([1]),

T. billi n-netwerk Ewropew tal-Ombudsmen jippermetti li l-ilmentaturi jiġu diretti lejn l-ombudsman jew korpi simili, maħsuba biex jagħtu l-iktar għajnuna adegwata fil-livell tagħhom, kif ukoll għall-iskambju ta' informazzjoni u ta' prattiki tajba,

U. billi l-attivitajiet tal-Ombudsman u tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet huma kumplimentari u jiffavorixxu żieda fl-effikaċja tal-ħidma rispettiva tagħhom,

1. Japprova r-rapport annwali għall-2009, imressaq mill-Ombudsman Ewropew;

2. Jinnota li d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona jsaħħaħ il-leġittimità demokratika tal-Ombudsman permezz tal-elezzjoni tiegħu mill-Parlament, u jwessa' l-mandat tiegħu għall-politika barranija ta' sigurtà komuni kif ukoll għall-attivitajiet tal-Kunsill Ewropew;

3. Jilqa' l-fatt li, bid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, li issa saret vinkolanti, tinkludi d-dritt għal amministrazzjoni tajba fost id-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini tal-Unjoni; jistieden għalhekk lill-Ombudsman biex, fit-trattament ta' kuljum tal-ilmenti, jara li tiġi rrispettata l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali;

4. Iqis li t-trasparenza, l-aċċess għall-informazzjoni u r-rispett tad-dritt għal amministrazzjoni tajba huma prekundizzjonijiet indispensabbli għall-fiduċja li għandhom iċ-ċittadini fir-rigward tal-abilità tal-istituzzjonijiet, biex jinfurzaw id-drittijiet tagħhom;

5. Iqis għalhekk, li t-terminu "amministrazzjoni" ħażina' għandu jibqa' jiġi interpretat b'mod estensiv, sabiex jiftiehem li jirreferi mhux biss għal ksur ta' regoli legali jew ta' prinċipji ġenerali ta' liġi amministrattiva Ewropea, bħall-oġġettività, il-proporzjonalità u l-ugwaljanza, in-non-diskriminazzjoni, u r-rispett lejn id-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet fundamentali, iżda wkoll għal każi fejn istituzzjoni tonqos milli taġixxi b'mod konsistenti u in bona fede, jew milli tqis l-istennijiet leġittimi taċ-ċittadini, anke meta istituzzjoni tkun ikkommettiet ruħha li tirrispetta ċerti normi u standards bla ma tkun obbligata li tagħmel dan mit-Trattati jew minn leġiżlazzjoni sekondarja;

6. Jifraħ lill-Ombudsman għall-preżentazzjoni ċara u komprensiva tal-attivitajiet tiegħu; jissuġġerixxi madankollu li, f'rapporti futuri, is-sommarju tal-attivitajiet u l-analiżi tematika jagħmlu iktar enfasi fuq problemi strutturali u fuq it-tendenzi trażversali;

([1]) ĠU C 72 E, 21.3.2002, p. 331.

**Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2010**

7. Iqis li l-Ombudsman, matul il-perjodu kopert mir-rapport, eżerċita l-poteri tiegħu b'mod attiv u ekwilibrat, kemm f'dak li jirrigwarda l-eżami u t-trattament tal-ilmenti u kemm fl-iżvilupp u l-konklużjoni tal-investigazzjonijiet u fil-manteniment ta' rapporti kostruttivi mal-istituzzjonijiet u mal-korpi tal-Unjoni Ewropea u fit-tħeġġiġ taċ-ċittadini biex jużaw id-drittijiet tagħhom fir-rigward ta' dawk l-istituzzjonijiet u l-korpi;

8. Jilqa' r-relazzjoni eċċellenti bejn l-Ombudsman u l-Kumitat għall-Petizzjonijiet fi ħdan l-oqfsa istituzzjonali f'dak li jirrigwarda r-rispett reċiproku tal-kompetenzi rispettivi; iħeġġeġ il-prattika diġà instawrata mill-Ombudsman li tiġi żgurata l-preżenza ta' rappreżentant tiegħu fil-laqgħat kollha tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet;

9. Japprezza l-kontribuzzjoni essenzjali tan-netwerk Ewrope tal-Ombudsmen, irrappreżentat fi 32 pajjiż permezz ta' 94 uffiċċju, li fih huwa membru l-Kumitat għall-Petizzjonijiet, fir-rispett tal-prinċipju tas-sussidjarjetà; jilqa' b'sodisfazzjon il-kollaborazzjoni bejn l-Ombudsman Ewropew u l-Ombudsmen u organi simili f'livelli nazzjonali, reġjonali u lokali fl-Istati Membri;

10. Jieħu nota tal-fatt li fl-2009, l-Ombudsman irċieva 3 098 ilment u li 318 inkjesta ntemmu u ngħalqu matul dan il-perjodu;

11. Jilqa' n-numru importanti ta' proċeduri konklużi bi ftehim paċifiku jew permezz tal-istituzzjoni kkonċernata (56 %), li juri l-kooperazzjoni kostruttiva bejn l-Ombudsman u l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni; iħeġġeġ lill-Ombudsman, lill-istituzzjonijiet u lill-korpi tal-Unjoni biex ikomplu bl-isforzi tagħhom f'din id-direzzjoni;

12. Jilqa' wkoll l-isforzi magħmula mill-Ombudsman biex inaqqas id-dewmien medju tal-inkjesti tiegħu għal disa' xhur; jitlob li l-istituzzjonijiet u l-korpi kollha tal-Unjoni jingħataw sorsi baġitarji u umani neċessarji biex jiġi żgurat segwitu mgħaġġel għall-ilmenti u l-petizzjonijiet;

13. Jieħu nota tal-fatt li 'l fuq minn terz tal-inkjesti miftuħa mill-Ombudsman fl-2009 jikkonċernaw in-nuqqas ta' trasparenza; jitlob għaldaqstant li r-reviżjoni attwali tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 ma tirrestrinġix id-dritt eżistenti ta' aċċess għal informazzjoni u għad-dokumenti, iżda tadotta approċċ iktar proattiv;

14. Jilqa' l-progress magħmul fl-2009 fir-rigward tal-faċilitazzjoni għall-aċċess tal-Ombudsman għad-dokumenti kunfidenzjali tal-Kunsill;

15. Jinnota l-istrateġija ta' komunikazzjoni u ta' żvilupp tas-sit tal-Internet li wasslet biex, skont l-Ombudsman, jitnaqqas l-ammont ta' lmenti inammissibbli, u jħeġġeġ lill-Ombudsman biex ikompli bl-isforzi tiegħu biex jinforma liċ-ċittadini Ewropej dwar il-funzjonijiet tiegħu u dwar il-limiti tal-kompetenzi tiegħu, kif ukoll dwar id-drittijiet tagħhom;

16. Jaqbel mal-opinjoni tal-Ombudsman li, lil hinn mir-rispett tar-regoli vinkolanti li għall-amministrazzjoni huma obbligatorji, huwa essenzjali li tiġi żviluppata kultura ġenwina ta' servizz liċ-ċittadini biex ikun hemm amministrazzjoni tajba; jistieden għalhekk lill-Ombudsman biex jieħu iktar inizjattivi għall-promozzjoni mal-istituzzjonijiet u ċ-ċittadini Ewropej ta' din il-kultura ta' servizz;

17. Jiddeplora l-għadd ta' lmenti b'rabta mad-dewmien li seta' jiġi evitat fir-reġistrazzjoni tat-talbiet, it-trattament tal-fajls u t-teħid ta' deċiżjonijiet; jipproponi li, fil-kuntest tar-reviżjoni tar-regolament finanzjarju, jiġu previsti kumpensi finanzjarji f'każ ta' dewmien ovvju u mtawwal;

18. Jieħu nota tal-fatt li l-Ombudsman temm inkjesta ta' inizjattiva fir-rigward tar-regoli applikati mill-Kummissjoni għat-talbiet taċ-ċittadini għal aċċess għal dokumenti marbuta mal-proċeduri ta' ksur; iħeġġeġ it-tisħiħ tal-kooperazzjoni mal-Kumitat għall-Petizzjonijiet u jissuġġerixxi lill-Ombudsman biex iżomm lill-kumitat informat b'mod regolari dwar l-inkjesti ta' inizjattiva li jwettaq u dwar ir-riżultati miksuba; jistieden lill-Kummissjoni biex tadotta mġiba iktar miftuħa u proattiva f'dak li jikkonċerna l-informazzjoni dwar il-proċeduri ta' ksur;

19. Iqis li l-kodiċi ta' mġiba amministrattiva tajba propost mill-Ombudsman u approvat mill-Parlament fir-Riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Settembru 2001, iservi ta' gwida u ta' referenza għall-persunal tal-korpi u l-istituzzjonijiet Komunitarji kollha; jilqa' l-fatt li l-kodiċi ta' mġiba tajba ġie approvat mill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali; jilqa' wkoll il-fatt li ġie konkluż protokoll ta' ftehim mal-Bank Ewropew għall-Investiment dwar l-ipproċessar tal-ilmenti; jistieden lill-Ombudsman biex iqis li ssir reviżjoni tal-kodiċi ta' mġiba tajba bbażata fuq l-esperjenza tal-aħħar 10 snin u, fuq din il-bażi, biex jara li jkun hemm promozzjoni u skambju tal-aħjar prattika;

20. Jiddispjaċih li l-ilmenti fir-rigward tal-applikazzjoni ħażina minn Stat Membru tal-Liġi Komunitarja, irċevuti mill-Ombudsmen nazzjonali, mhumiex soġġetti għal stħarriġ mill-Ombudsman Ewropew; jissuġġerixxi lill-Ombudsman Ewropew biex jikkunsidra l-possibilità li dawn l-ilmenti jsiru komuni, sabiex ikun jista' jkun hemm komprensjoni aħjar tal-problema;

21. Jistieden lill-Ombudsman biex iħeġġeġ lill-ombudsmen nazzjonali jipproċedu għal skambji regolari mal-parlamenti nazzjonali tagħhom fuq il-mudell ta' skambju stabbilit bejn l-Ombudsman Ewropew u l-Parlament Ewropew;

22. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea biex tfassal liġi amministrattiva Ewropea komuni għall-korpi, l-istituzzjonijiet u l-aġenziji kollha tal-Unjoni;

23. Jiġbed l-attenzjoni tal-Ombudsman għall-proċedura l-ġdida ta' selezzjoni tal-persunal mill-EPSO u jissuġġerixxi segwitu tal-applikazzjoni tagħha, flimkien ma' analiżi tal-progressi kkonstatati;

24. Jappoġġa l-idea ta' portal tal-intranet komuni għall-membri kollha tan-netwerk Ewropew tal-ombudsmen sabiex jiġi żgurat tixrid regolari tar-riżultati;

25. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni u r-rapport tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Ombudsman Ewropew, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri kif ukoll lill-ombudsmen tagħhom jew lill-korpi kompetenti simili.

---

## Ir-rapport speċjali mill-Ombudsman Ewropew lill-Parlament Ewropew wara l-abbozz ta' rakkomandazzjoni lill-Kummissjoni Ewropea fl-Ilment 676/2008RT (Skont l-Artikolu 205(2), l-ewwel parti)

P7_TA(2010)0436

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Novembru 2010 dwar ir-rapport speċjali tal-Ombudsman Ewropew wara l-abbozz ta' rakkomandazzjoni lill-Kummissjoni Ewropea fl-Ilment 676/2008RT (2010/2086(INI))**

(2012/C 99 E/09)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali indirizzat mill-Ombudsman Ewropew lill-Parlament Ewropew li ġie ppreżentat fl-24 ta' Frar 2010,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 228(1), it-tieni subparagrafu, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (l-ex Artikolu 195 TKE),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 41(1), 42 u 43 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

**Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2010**

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni 94/262/KEFA, KE, Euratom tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Marzu 1994 rigward ir-regolamenti u l-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw it-twettiq tal-obbligi tal-Ombudsman ([1]), kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni 2008/587/KE, Euratom tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Ġunju 2008 ([2]),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Ombudsman Ewropew dwar ir-relazzjonijiet mal-kwerelant rigward ksur tal-liġi Komunitarja ([3]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 205(2), l-ewwel sentenza, tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet (A7-0293/2010),

A. billi l-Artikolu 228 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jagħti s-setgħa lill-Ombudsman Ewropew li jirċievi lmenti minn kwalunkwe ċittadin tal-Unjoni rigward sitwazzjonijiet ta' amministrazzjoni ħażina fl-attivitajiet tal-istituzzjonijiet jew tal-korpi tal-Unjoni,

B. billi l-ilmenti li jitressqu miċ-ċittadini tal-UE jikkostitwixxu sors importanti ta' informazzjoni dwar il-possibilità ta' ksur tal-liġi tal-UE,

C. billi, skont l-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, "Kull persuna għandha d-dritt li dak kollu li jirrigwardaha jiġi ttrattat b'mod imparzjali u ġust u fi żmien raġonevoli mill-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-Unjoni",

D. billi, fl-1 ta' Marzu 2007, organizzazzjoni mhux governattiva li taħdem fil-qasam tal-protezzjoni ambjentali talbet lill-Kummissjoni aċċess għal informazzjoni u dokumenti miżmuma mid-Direttorat Ġenerali għall-Intrapriża u l-Industrija u mill-ex Viċi President tal-Kummissjoni responsabbli għall-Intrapriża u l-Industrija, relatati ma' laqgħat li saru bejn il-Kummissjoni u rappreżentanti tal-manifatturi tal-karozzi fejn ġiet diskussa l-kwistjoni tal-approċċ tal-Kummissjoni fir-rigward tal-emissjonijiet ta' diossidu tal-karbonju mill-karozzi,

E. billi l-Kummissjoni tat aċċess għal 15 mit-18-il ittra mibgħuta lil Günter Verheugen li dak iż-żmien kien Kummissarju, iżda rrifjutat l-aċċess għal tliet ittri mibgħuta mill-manifattur tal-karozzi Ġermaniż Porsche minħabba r-raġuni li l-iżvelar ta' dawn l-ittri jdgħajjef il-protezzjoni tal-interessi kummerċjali tal-kumpanija,

F. billi l-Artikolu 1(a) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni ([4]) jipprovdi li l-għan ta' dan ir-regolament huwa li jiżgura l-usa' aċċess possibbli għad-dokumenti miżmuma mill-Kunsill, mill-Parlament Ewropew u mill-Kummissjoni, u billi, skont il-każistika stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, kwalunkwe eċċezzjoni għal dan il-prinċipju għandha tiġi interpretata b'mod strett,

G. billi l-Kummissjoni rrifjutat li tagħti aċċess lill-kwerelant għall-ittri relevanti mill-Porsche AG abbażi tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, li jipprovdi li "L-istituzzjonijiet għandhom jirrifjutaw aċċess għal dokument meta l-iżvelar tiegħu jista' jdgħajjef il-ħarsien ta' interessi kummerċjali ta' persuna naturali jew legali, inkluża l-proprjetà intellettwali …",

H. billi l-ittri inkwistjoni ntbagħtu mill-Porsche AG fil-kuntest tal-konsultazzjoni tal-Kummissjoni mal-partijiet interessati ewlenin rigward ir-reviżjoni tal-istrateġija tal-Kummissjoni biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' diossidu tal-karbonju mill-karozzi tal-passiġġieri, billi konsegwentement x'aktarx li t-tliet ittri kien fihom informazzjoni dwar ir-relazzjonijiet kummerċjali tal-Porsche AG, u billi l-Kummissjoni għaldaqstant setgħet tikkunsidrahom li jaqgħu fl-ambitu tal-eċċezzjoni stipulata fl-Artikolu 4(2), l-ewwel paragrafu, tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001,

([1]) ĠU L 113, 4.5.1994, p. 15.
([2]) ĠU L 189, 17.7.2008, p. 25.
([3]) ĠU C 244, 10.10.2002, p. 5.
([4]) ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43.

I. billi s-servizzi tal-Ombudsman spezzjonaw kemm it-tliet ittri mibgħuta mill-Porsche AG kif ukoll skambju ta' emails bejn il-Kummissjoni u l-Porsche fejn il-Kummissjoni infurmat lill-Porsche li kellha l-ħsieb li ma tiżvelax it-tliet ittri, u billi l-Ombudsman, abbażi tal-ispezzjoni, ikkonkluda li l-Kummissjoni kienet żbaljata meta rrifjutat aċċess sħiħ għall-ittri mibgħuta mill-Porsche AG skont l-Artikolu 4(2), l-ewwel paragrafu, u aċċess parzjali skont l-Artikolu 4(6) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 ([1]), u billi dan kien każ ta' amministrazzjoni ħażina,

J. billi, fis-27 ta' Ottubru 2008, l-Ombudsman għamel abbozz ta' rakkomandazzjoni lill-Kummissjoni fejn spjega d-dettalji tal-analiżi fattwali u legali tiegħu, u fejn iddikkjara li l-Kummissjoni għandha tagħti aċċess għat-tliet ittri mibgħuta mill-Porsche AG lill-ex Viċi President, Günter Verheugen, fl-intier tagħhom jew tikkunsidra li tiżvelahom parzjalment,

K. billi l-Ombudsman, abbażi tal-Artikolu 195 KE (issa l-Artikolu 228 TFUE), talab lill-Kummissjoni tagħti opinjoni dettaljata fi żmien tliet xhur, jiġifieri, sal-31 ta' Jannar 2009,

L. billi l-Kummissjoni ma tatx l-opinjoni tagħha fi żmien l-iskadenza ta' tliet xhur ipprovduta fl-Artikolu 228 TFUE, iżda minflok talbet sitt estensjonijiet tal-iskadenza biex tippreżenta l-opinjoni dettaljata tagħha dwar l-abbozz ta' rakkomandazzjoni tal-Ombudsman, u billi, f'Lulju u għal darba oħra f'Settembru 2009, l-Ombudsman informa lis-Segretarjat tal-Kummissjoni bl-intenzjoni tiegħu li jippreżenta Rapport Speċjali lill-Parlament jekk ma jirċevix tweġiba għall-abbozz ta' rakkomandazzjoni tiegħu,

M. billi l-Kummissjoni l-ġdida, meta ħadet il-kariga, fil-fatt tat aċċess għall-ittri, iżda billi dan seħħ iktar minn 15-il xahar wara li nħareġ l-abbozz ta' rakkomandazzjoni minflok it-tliet xhur stipulati fl-Istatut tal-Ombudsman u fl-Artikolu 228 TFUE,

N. billi l-Kummissjoni, minħabba li dawmet it-tweġiba tagħha għall-abbozz ta' rakkomandazzjoni bi 15-il xahar, kisret l-obbligu tagħha li tikkoopera mal-Ombudsman b'sinċerità u b'intenzjoni tajba matul l-inkjesta tiegħu fil-każ 676/2008/RT, u billi dan huwa ta' detriment mhux biss għad-djalogu interistituzzjonali, iżda wkoll għall-immaġni pubblika tal-UE,

O. billi l-Ombudsman identifika dewmien min-naħa tal-Kummissjoni f'każ ieħor li jinvolvi l-aċċess għal dokumenti (355/2007(TN)FOR), fejn il-Kummissjoni kellha tippreżenta l-opinjoni dettaljata tagħha għall-abbozz ta' rakkomandazzjoni tal-Ombudsman sal-31 ta' Ottubru 2009, iżda sal-ġurnata tal-lum għadha ma ppreżentathiex,

P. billi l-Kummissjoni rrispettat l-iskadenzi oriġinali biex twieġeb għal ilmenti f'erba' każijiet biss mit-22 li jirrigwardaw l-aċċess għal dokumenti li ġew indirizzati mill-Ombudsman fl-2009; billi f'14 minn dawn it-22 każ hija ppreżentat it-tweġiba tagħha iktar minn 30 ġurnata tard, u f'sitt każijiet ippreżentat it-tweġiba tagħha tal-inqas 80 ġurnata tard,

Q. billi r-responsabilità tal-Parlament bħala l-uniku korp elett tal-UE hija li jissalvagwardja u jipproteġi l-indipendenza tal-Ombudsman Ewropew fit-twettiq tad-dmirijiet tiegħu lejn iċ-ċittadini tal-UE u li jissorvelja l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tiegħu,

1. Japprova l-kummenti kritiċi tal-Ombudsman Ewropew u r-rakkomandazzjoni tiegħu lill-Kummissjoni fir-rigward tal-ilment 676/2008/RT;

2. Jirrikonoxxi li d-dewmien eċċessiv biex tingħata tweġiba lill-Ombudsman f'dan il-każ jikkostitwixxi ksur tal-obbligu min-naħa tal-Kummissjoni ta' kooperazzjoni leali kif previst fit-Trattat;

([1]) L-Artikolu 4(6) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 jgħid hekk: "Jekk partijiet biss tad-dokument mitlub huma koperti minn xi eċċezzjoni, il-biċċiet l-oħra tad-dokument għandhom jiġu żvelati."

**Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2010**

3. Huwa mhasseb ħafna fir-rigward tal-prattika ġenerali ta' dewmien u ostakolazzjoni mill-Kummissjoni fir-rigward tal-inkjesti tal-Ombudsman f'każijiet li jinvolvu aċċess għal dokumenti;

4. Ifakkar li, fil-kuntest tal-konsultazzjonijiet stipulati fl-Artikolu 4(4) tar-Regolament (KE) 1049/2001, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi skadenza għall-awtur parti terza ta' dokument biex iwieġeb, u jenfasizza li l-Kummissjoni għandha teżerċità din is-setgħa b'tali mod li jippermetti li tirrispetta l-iskadenzi tagħha stess (1);

5. Ifakkar fil-każistika relevanti li tikkonċerna l-prinċipju ta' kooperazzjoni leali (Artikolu 4(3) TUE), li skontha l-istituzzjonijiet tal-Unjoni għandhom obbligu li jikkooperaw in bona fide fir-relazzjonijiet ta' bejniethom, u jinnota li dan l-obbligu huwa stipulat b'mod ċar fl-Artikolu 13(2) TUE ġdid;

6. Iqis li l-atteġġament ta' nuqqas ta' kooperazzjoni tal-Kummissjoni f'dan il-każ u f'oħrajn jaf inaqqas il-fiduċja taċ-ċittadini fil-Kummissjoni u jdgħajjef il-kapaċità tal-Ombudsman Ewropew u tal-Parlament Ewropew li jissorveljaw lill-Kummissjoni b'mod adegwat u effikaċi, u li, għaldaqstant, dan imur kontra l-prinċipju proprju tal-istat ta' dritt li fuqu hija msejsa l-Unjoni Ewropea;

7. Jesiġi li l-Kummissjoni tagħti l-impenn tagħha lill-Parlament Ewropew li se tissodisfa l-obbligu tagħha ta' kooperazzjoni leali mal-Ombudsman Ewropew fil-ġejjieni;

8. Iqis li, fil-każ li l-Kummissjoni tonqos milli tagħti tali impenn u/jew tippersisti fil-prattiki mhux kooperattivi tagħha fir-rigward tal-Ombudsman, il-Parlament jista' jissanzjona lill-Kummissjoni, u li tali sanzjonijiet jistgħu jinkludu *inter alia* t-tqegħid fir-riżerva ta' parti mill-baġit tal-Kummissjoni għan-nefqa amministrattiva;

9. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Ombudsman Ewropew.

(1) L-Artikolu 5(5) tar-Regoli Dettaljati għall-Applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, anness mad-deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/937/KE, jipprovdi li: *"L-awtur parti terza konsultat għandu jkollu limitu ta' żmien biex iwieġeb li m'għandux ikun iqsar minn ħamest ijiem tax-xogħol iżda huwa għandu jippermetti lill-Kummissjoni li timxi mal-limiti ta' żmien tagħha għat-tweġiba …".*

# Is-26 Rapport Annwali dwar il-Monitoraġġ tal-Applikazzjoni tad-Dritt tal-Unjoni Ewropea (2008)

P7_TA(2010)0437

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Novembru 2010 dwar is-26 Rapport Annwali dwar il-Monitoraġġ tal-Applikazzjoni tad-Dritt tal-Unjoni Ewropea (2008) (2010/2076(INI))**

(2012/C 99 E/10)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-Rapport mill-Kummissjoni jismu Rapport ta' Valutazzjoni tal-"EU Pilot" COM(2010) 0070),

— wara li kkunsidra l-25 Rapport Annwali mill-Kummissjoni dwar il-Kontroll tal-applikazzjoni tad-Dritt Komunitarju (2007) (COM(2008)0777),

— wara li kkunsidra -dokumenti ta' ħidma tal-istaff tal-Kummissjoni (SEC(2009)1683, SEC(2009)1684, SEC(2009)1685 u SEC(2010)0182),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Settembru 2007 bl-isem "Ewropa Li Tikseb ir-Riżultati – L-applikazzjoni tal-Liġi Komunitarja" (COM(2007)0502),

— wara li kkunsidra -Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Marzu 2002 dwar ir-relazzjonijiet mal-kwerelant fir-rigward ta' ksur tal-liġi Komunitarja (COM(2002)0141),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Frar 2008 dwar it-23 Rapport Annwali tal-Kummissjoni dwar il-monitoraġġ tal-applikazzjoni tal-liġi Komunitarja (2005) ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Lulju 2008 dwar ir-rwol tal-imħallef nazzjonali fis-sistema ġudizzjarja Ewropea ([2]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 119(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali u l-opinjonijiet tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur u tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet (A7-0291/2010),

1. Jiddispjaċih li, bil-kontra ta' dak li ġara fil-passat, il-Kummissjoni ma wieġbet bl-ebda mod għall-kwistjonijiet li qajjem il-Parlament fir-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu, b'mod partikulari r-riżoluzzjoni msemmija hawn fuq tal-21 ta' Frar 2008; jinnota n-nuqqas ta' titjib fir-rigward tat-trasparenza, b'mod partikolari b'rabta mal-proġett "EU Pilot" u l-kwistjoni tar-riżorsi umani;

2. Jinnota li permezz tal-proġett "EU Pilot", il-Kummissjoni għandha l-għan li żżid "l-impenn, il-kooperazzjoni u s-sħubija bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri" ([3]) u, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-amministrazzjonijiet nazzjonali, qed tqis kif għandha tiġi trattata l-applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni Ewropea; iqis li din l-inizjattiva hija reazzjoni għall-ħtieġa l-ġdida ta' kooperazzjoni fost l-Istituzzjonijiet kollha tal-Unjoni Ewropea fl-interess ta' Unjoni li taħdem sew u li tkun iffukata fuq iċ-ċittadin wara l-adozzjoni tat-Trattat ta' Lisbona; jissottolinja l-obbligu li għandha l-Kummissjoni skont l-Artikolu 17 TUE li "tissorvelja l-applikazzjoni tat-Trattati kif ukoll tal-miżuri adottati mill-Istituzzjonijiet skond dawn it-Trattati";

3. Jinnota li minn banda, jingħad li ċ-ċittadini għandhom rwol essenzjali fl-iżgurar ta' konformità mal-liġi tal-UE fil-post ([4]), filwaqt li mill-banda l-oħra, fl-EU Pilot, qed jiġu saħansitra esklużi ulterjorment minn kwalunkwe proċedura sussegwenti; iqis li dan mhuwiex konformi mad-dikjarazzjonijiet solenni tat-Trattati li "d-deċiżjonijiet jittieħdu kemm jista' jkun qrib iċ-ċittadin" (Artikolu 1 TUE), li "l-istituzzjonijiet […] tal-Unjoni […] għandhom iwettqu x-xogħol tagħhom b'mod kemm jista' jkun miftuħ" (Artikolu 15 TFUE) u li "Fl-attivitajiet kollha tagħha, l-Unjoni għandha tirrispetta l-prinċipju tal-ugwaljanza taċ-ċittadini tagħha, li għandhom jingħataw attenzjoni ndaqs mill-istituzzjonijiet [tagħha]" (Artikolu 9 TUE);

4. Jinnota li biex l-UE Pilot jiġi operattiv, il-Kummissjoni ġolqot "dejtabejż on-line kunfidenzjali" ([5]) għall-komunikazzjoni bejn is-servizzi tal-Kummissjoni u l-awtoritajiet tal-Istat Membru; jistieden lill-Kummissjoni tagħti lill-Parlament aċċess reali għal dik il-bażi ta' data biex ikun jista' jwettaq ir-rwol ta' skrutinju tiegħu fuq it-twettiq mill-Kummissjoni tar-rwol tagħha bħala gwardjan tat-Trattati;

5. Jenfasizza li r-rwol attiv taċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea huwa ddikjarat b'mod ċar fit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari b'referenza għall-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej; iqis li l-possibilità għaċ-ċittadini li jistabbilixxu l-aġenda leġiżlattiva hija marbuta wkoll b'mod dirett mar-rwol reali u essenzjali tagħhom fl-iżgurar tal-applikazzjoni korretta tad-dritt tal-Unjoni Ewropea u l-konformità miegħu u t-trasparenza u l-affidabilità tal-proċeduri relatati;

([1]) ĠU C 184 E, 6.8.2009, p. 63.
([2]) ĠU C 294 E, 3.12.2009, p. 27.
([3]) Rapport ta' Valutazzjoni tal-EU Pilot, p. 2.
([4]) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 2002, p. 5: "il-Kummissjoni rrikonoxxiet regolarment ir-rwol vitali tal-kwerelant fl-identifikazzjoni ta' ksur tal-liġi Komunitarja".
([5]) Rapport mill-Kummissjoni "Rapport ta' Valutazzjoni tal-EU Pilot" COM(2010) 0070, p. 2.

**Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2010**

6. Jinnota li fis-sommarju tal-Kummissjoni dwar il-monitoraġġ tal-applikazzjoni tad-Dritt Komunitarju, hemm aktar enfasi fuq it-traspożizzjoni milli fuq l-applikazzjoni vera u proprja. Jitlob lill-Kummissjoni tagħraf kif jixraq ir-rwol tal-petizzjonijiet fil-monitoraġġ tal-applikazzjoni vera u proprja tad-Dritt Komunitarju; il-petizzjonijiet ta' sikwit huma l-ewwel indikaturi li, lilhinn mit-traspożizzjoni, l-Istati Membri jkunu għadhom lura fl-implimentazzjoni tal-provvedimenti ta' natura legali;

7. Huwa tal-fehma li, fil-forma attwali tagħhom, ir-rapporti annwali tal-Kummissjoni "dwar il-monitoraġġ tal-applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni Ewropea" ma jagħtux liċ-ċittadini jew lill-istituzzjonijiet l-oħra biżżejjed informazzjoni dwar is-sitwazzjoni reali tal-applikazzjoni tal-liġi tal-UE, peress li l-Kummissjoni tirreferi biss għal proċedimenti formali li jinfetħu kontra l-Istati Membri li ma jkunux ittrasponew il-liġi tal-UE fl-ordinamenti legali nazzjonali tagħhom; iqis madankollu li jkun ukoll fl-interess taċ-ċittadini u tal-Parlament li dawn jiġu infurmati meta l-Kummissjoni tiftaħ proċeduri ta' ksur għal traspożizzjoni inkorretta jew ħażina tad-Dritt tal-UE, flimkien ma' dettalji dwar dawn il-proċeduri ta' ksur;

8. Jixtieq li jiżgura li l-Kummissjoni tkompli tipproduċi data dettaljata dwar it-tipi kollha ta' ksur, u li din id-data tkun disponibbli liberament kollha kemm hi għall-Parlament biex ikun jista' jwettaq ir-rwol tiegħu ta' skrutinju fuq it-twettiq mill-Kummissjoni tar-rwol tagħha bħala gwardjan tat-Trattati; jindika li l-ġbir u l-kategorizzazzjoni ta' din id-data għandhom ikunu konsistenti mar-rapporti annwali preċedenti biex il-Parlament jiġi megħjun jagħmel valutazzjonijiet sinifikanti tal-progress li jkun qiegħed isir mill-Kummissjoni, irrispettivament minn jekk il-ksur ikunx ġie proċessat permezz tal-EU Pilot jew il-proċedura ta' ksur oriġinali;

9. Jinnota li d-dewmien fl-applikazzjoni, it-traspożizzjoni u l-eżekuzzjoni korretti tad-Dritt Komunitarju jaffettwa direttament il-ħajja ta' kull jum taċ-ċittadini u t-tgawdija ta' jeddijiethom, u dan iwassal għall-inċertezza legali u jipprevjenihom milli jgawdu l-benefiċċji sħaħ tas-suq intern; jenfasizza l-ispejjeż għoljin li ġejjin min-nuqqas ta' ottemperanza u n-non-applikazzjoni tad-Dritt tal-UE u n-nuqqas konsegwenti ta' fiduċja fl-Istituzzjonijiet Ewropej;

10. Jiddeplora l-fatt li xi Stati Membri jissottovalutaw is-siwi tal-applikazzjoni korretta u f'waqtha tad-Dritt tal-UE; iħeġġiġhom jagħtu prijorità kif jixraq lit-traspożizzjonijiet u l-applikazzjoni, ħalli jkun evitat id-dewmien;

11. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi "kodiċi proċedurali" fil-forma ta' regolament taħt il-bażi ġuridika ġdida tal-Artikolu 298 TFUE, fejn tistabbilixxi l-varji aspetti tal-proċediment ta' ksur, inklużi notifiki, skadenzi, id-dritt li wieħed isemma' leħnu, l-obbligu ta' għoti ta' raġunijiet, eċċ., sabiex jiġu infurzati d-drittijiet taċ-ċittadini u t-trasparenza; ifakkar lill-Kummissjoni li l-Komunikazzjoni 2002 tagħha tirrappreżenta punt ta' riferiment importanti għat-tfassil ta' dan il-"kodiċi proċedurali";

12. Ifakkar li l-Kumitat għall-Affarijiet Legali dan l-aħħar nieda Grupp ta' Ħidma dwar id-dritt amministrattiv tal-UE bl-għan li jeżamina jekk il-kodifikazzjoni tad-dritt amministrattiv tal-UE hijiex possibbli u x'jinvolvi proġett bħal dan fil-prattika; iqis li l-konklużjonijiet ta' dan il-Grupp ta' Ħidma għandhom jitqiesu meta jiġi diskuss kodiċi amministrattiv Ewropew;

13. Ifakkar li l-Kumitat għall-Affarijiet Legali reċentement adotta b'mod unanimu ittra ta' appoġġ għall-opinjonijiet ta' petizzjonant li talab li jkun hemm proċedura amministrattiva standard għas-superviżjoni u l-eżekuzzjoni tad-Dritt tal-UE li, filwaqt li tirrispetta d-diskrezzjoni tal-Kummissjoni li tiddeċiedi meta tipproċedi u kontra min, tirrestrinġi din id-diskrezzjoni fi ħdan il-limiti tal-prassi amministrattiva tajba ([1]);

14. Ifakkar li l-Kummissjoni għandha rwol primarju bħala l-gwardjan tat-Trattati fl-iżgurar tal-applikazzjoni korretta u f'waqtha tad-dritt tal-Unjoni Ewropea mill-Istati Membri; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tuża l-kompetenzi kollha mogħtija lilha mit-Trattati, speċjalment id-dispożizzjonijiet il-ġodda tal-Artikolu 260 TFUE dwar in-nuqqas ta' notifika mill-Istati Membri tal-miżuri ta' traspożizzjoni tad-direttivi;

([1]) "Id-diskrezzjoni taf tkun ħażen neċessarju fil-gvern modern; madankollu, diskrezzjoni assoluta flimkien ma' nuqqas assolut ta' trasparenza huma fundamnetalment kuntrarji għall-istat tad-dritt" - Rapport Frassoni (2005/2150(INI))dwar il-21 u t-22 Rapport Annwali dwar il-monitoraġġ tal-applikazzjoni tal-liġi Komunitarja (2003 u 2004), p. 17 tan-Nota Spjegattiva.

15. Ifakkar dwar ir-riżoluzzjoni tal-Parlament tad-9 ta' Frar 2010 dwar Ftehim ta' Qafas Rivedut bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni ([1]) li fiha jistieden lill-Kummissjoni biex "tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Parlament informazzjoni fil-qosor dwar il-proċeduri kollha ta' ksur ibbażati fuq l-ittra ta' tqegħid fil-mora, inkluż, jekk il-Parlament jitlob li jsir hekk, … dwar kwistjonijiet li jirrigwardaw il-proċedura ta' ksur" ([2]);

16. Huwa tal-fehma li ċ-ċittadini tal-UE għandhom jistennew l-istess livell ta' trasparenza mill-Kummissjoni kemm jekk qed jilmentaw formalment kemm jekk qed jeżerċitaw jeddhom li jagħmlu petizzjoni skont it-termini tat-Trattat; jitlob, għaldaqstant, li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet tiegħu jingħatalu tagħrif ċar dwar l-istadji li ntlaħqu fil-proċeduri għal vjolazzjoni li huma koperti wkoll b'petizzjoni miftuħa. Jitlob lill-Kummissjoni, inoltre, li tikkjarifika ċ-ċirkwiti għat-trattament tat-talbiet għal tagħrif u tal-ilmenti għall-benefiċċju tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet u l-pubbliku inġenerali;

17. Jappoġġja b'approvazzjoni l-provvedimenti ppjanati mill-Kummissjoni għall-2009 u oltre ħalli jiżguraw l-ottemperanza da parti tal-Istati Membri mal-leġiżlazzjoni Ewropea u jitlob li jkun assoċjat fil-proċeduri ta' ksur fil-każijiet fejn il-petizzjonijiet għadhom pendenti, bħalma hu l-każ tal-Campania dwar il-leġiżlazzjoni tal-iskart u l-każ ta' Spanja dwar il-leġiżlazzjoni tal-ġestjoni tal-ilma.

18. Jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi lill-Parlament b'data rilevanti ħalli tippermetti analiżi tal-valur miżjud li l-proġett "EU Pilot" jagħti lill-proċess eżistenti tal-ġestjoni ta' fajls ta' ksur, li jiġġustifika l-estensjoni ulterjuri tal-proġett; iqis li din id-data għandha pereżempju tippermetti lill-Parlament li jivverifika jekk l-10 ġimgħat mogħtija lill-Istati Membri biex isibu soluzzjoni għal każ konkret idewmux ulterjorment it-tibdija ta' proċedura ta' ksur, li d-dewmien tagħha diġà huwa twil ħafna u indeterminat;

19. Jinnota b'interess partikolari l-impenn tal-Kummissjoni li tipprovdi sistematikament valutazzjoni tat-tweġiba għal ilment mogħtija minn Stat Membru; jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi valutazzjoni bħal din bl-akbar attenzjoni u wara analiżi mingħajr dewmien tad-dossier; jitlob li jiġi ċċarat ir-rwol tal-kwerelant fil-proċess ta' valutazzjoni;

20. Jitlob lill-Kummissjoni talloka biżżejjed riżorsi ħalli tkun tista' tiġi ssorveljata bis-sħiħ l-implimentazzjoni tad-Dritt tal-UE, jinbdew każijiet proprji u jiġu żviluppati prijoritajiet għal azzjonijiet iktar b'saħħithom u sistematiċi; jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi lill-Parlament, kif diġà intalab bosta drabi, b'data ċara u eżawrjenti dwar ir-riżorsi impenjati għall-ipproċessar ta' każijiet ta' ksur fil-bosta Direttorati-Ġenerali u dwar dawk allokati lill-proġett "EU Pilot"; ifakkar lill-Kummissjoni li l-Parlament impenja ruħu li jappoġġaha permezz ta' żieda fl-approprjazzjonijiet baġitarji għal żieda fir-riżorsi;

21. Jitlob lill-Kummissjoni tikkunsidra mekkaniżmi innovattivi, bħalma hija l-proċedura ta' valutazzjoni reċiproka kkontemplata fid-Direttiva tas-Servizzi, ħalli tkun żgurata applikazzjoni aktar effettiva tad-Dritt tal-UE;

22. Jilqa' l-istruttura li għadha kif inħolqot li tippermetti liċ-ċittadini li jkunu qed ifittxu l-pariri jew l-għajnuna jew kif jagħmlu lment li jinqdew f'post wieħed, mingħajr ħafna ġiri, jiġifieri permezz tal-"Your Europe" ([3]). Biż-żieda mal-lista ta' strumenti disponibbli għall-parteċipazzjoni taċ-ċittadin, tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini (Art. 11(4) TUE) li ngħatat ħafna pubbliċità, seħħet żieda esponezjali tal-ħtieġa għall-ispjegazzjoni u l-għoti ta' gwida. Il-Parlament Ewropew jixtieq ikun imdaħħal fl-iżvilupp ta' din il-websajt ħalli tkun żgurata l-koerenza mal-pjanijiet tiegħu għal għoti aħjar ta' gwida liċ-ċittadini;

23. Ifakkar fil-wegħda tal-Kunsill li jħeġġeġ lill-Istati Membri jfasslu u jippubblikaw tabelli li juru l-korrelazzjoni bejn id-direttivi u l-miżuri nazzjonali tat-traspożizzjoni; jenfasizza li dawn it-tabelli huma essenzjali biex il-Kummissjoni tkun tista' tissorvelja b'mod effettiv il-miżuri ta' implimentazzjoni fl-Istati Membri kollha;

24. Iħeġġeġ it-tisħiħ tar-rwol tal-Parlament fl-oqsma tal-applikazzjoni, l-infurzar u tal-monitoraġġ tar-regoli tas-suq uniku; jappoġġja l-idea ta' Forum annwali tas-Suq Uniku;

([1]) Testi adottati ta' dik id-data, P7_TA(2010)0009.
([2]) *idem*, paragrafu 3(e) punt 5.
([3]) http://ec.europa.eu/youreurope/

**Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2010**

25. Jagħmel enfasi fuq ir-rwol fundamentali tat-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Intern u t-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq tal-Konsumatur fil-kuntest ta' użu aktar effettiv tal-istrumenti ta' kontroll u ta' benchmarking, li jikkostitwixxu mekkaniżmu dixxiplinari indirett importanti; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħtu finanzjament u persunal adegwati ħalli jkun żgurat li t-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq tal-Konsumatur tkun tista' tiġi żviluppata aktar;

26. Jinnota li l-qrati nazzjonali għandhom rwol vitali fl-applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni Ewropea u jappoġġa bis-sħiħ l-isforzi tal-UE biex iżżid u tikkoordina taħriġ għall-imħallfin nazzjonali, għall-professjonisti fil-qasam tal-liġi u għall-uffiċjali li jaħdmu fl-amministrazzjonijiet nazzjonali;

27. Huwa tal-opinjoni li meta l-Kummissjoni tibda proċedura ta' ksur kontra Stat Membru, għandha toħroġ ukoll komunikazzjoni b'dikjarazzjoni li l-att li kiser il-leġiżlazzjoni tal-UE jista' jiġi impunjat miċċittadini affettwati tal-Istat Membru li jkun fil-qrati nazzjonali tagħhom;

28. Ifakkar fir-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Ġunju 2010 dwar it-Taħriġ Ġudizzjarju fi kwestjonijiet ċivili u kummerċjali; iqis li huwa ta' importanza fundamentali li t-taħriġ ġudizzjarju jittejjeb inter alia fil-prospettiva tal-Pjan ta' Azzjoni li jimplimenta l-Programm ta' Stokkolma;

29. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Ġustizzja, lill-Ombudsman Ewropew u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

## Ix-xandir għas-servizz tal-pubbliku fl-era diġitali: il-futur tas-sistema doppja

P7_TA(2010)0438

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Novembru 2010 dwar ix-xandir għas-servizz tal-pubbliku fl-era diġitali: il-futur tas-sistema doppja (2010/2028(INI))**

(2012/C 99 E/11)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikoli 14 u 106(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Protokoll Nru 29, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar is-sistema tax-xandir pubbliku fl-Istati Membri,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 11(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2010 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media awdjoviżiva) [1],

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Settembru 1996 dwar ir-rwol tat-televixin ta' servizz pubbliku f'soċjetà multimedjatika [2],

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Settembru 2008 dwar il-konċentrazzjoni u l-pluraliżmu fix-xandir fl-Unjoni Ewropea [3],

(1) ĠU L 95, 15.4.2010, p. 1.
(2) ĠU C 320, 28.10.1996, p. 180.
(3) ĠU C 8 E, 14.1.2010, p. 85.

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-litteriżmu medjatiku fid-dinja diġitali ([1]),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tat-2 ta' Lulju 2009 dwar l-applikazzjoni ta' regoli għall-għajnuna tal-istat lis-servizzi ta' xandir pubbliku ([2]),

— wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-istaff tal-Kummissjoni dwar il-pluralismu tal-Midja fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (SEC(2007)0032),

— wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni Nru R (96) 10 tal-11 ta' Settembru 1996 tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa lill-Istati Membri dwar il-garanzija tal-indipendenza tax-xandir ta' servizz pubbliku,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri, li ltaqgħu fi ħdan il-Kunsill tal-25 ta' Jannar 1999, li tikkonċerna x-xandir ta' servizz pubbliku ([3]),

— wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni Nru CM/Rec(2007)2 tal-31 ta' Jannar 2007 tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa lill-istati membri dwar il-pluraliżmu fil-midja u d-diversità tal-kontenut fil-midja,

— wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni Nru CM/Rec(2007)3 tal-31 ta' Jannar 2007 tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa lill-istati membri dwar il-mandat tal-midja ta' servizz pubbliku fis-soċjetà tal-informazzjoni,

— wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni Nru 1878 (2009) tal-25 ta' Ġunju 2009 tal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-iffinanzjar tax-xandir ta' servizz pubbliku,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tas-27 ta' Settembru 2006 tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-garanzija tal-indipendenza tax-xandir ta' servizz pubbliku fl-istati membri,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni (A7-0286/2010),

A. billi, f'soċejtà demokratika Ewropea, il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini f'dibattiti pubbliċi u l-aċċess għall-informazzjoni fid-dinja diġitali jiddependu fuq settur tal-istampa u awdjoviżiv vibranti u kompetittiv,

B. billi l-midja tax-xandir hija fost is-sorsi ta' informazzjoni l-iktar importanti disponibbli għaċ-ċittadini fl-Istati Membri tal-UE, u bħala tali hija fattur importanti fit-tiswir tal-valuri u l-opinjonijiet tan-nies,

C. billi kemm ix-xandir ta' servizz pubbliku kif ukoll dak privat għandhom rwol kruċjali fir-rigward tal-produzzjoni awdjoviżiva Ewropea, l-identità u d-diversità kulturali, l-informazzjoni, il-pluraliżmu, il-koeżjoni soċjali, il-promozzjoni tal-libertajiet fundamentali u l-funzjonament tad-demokrazija,

D. billi x-xandara ta' servizz pubbliku għandhom rwol ta' pijunieri fl-istimolu u fl-użu ta' żviluppi teknoloġiċi biex joffru l-kontenut tagħhom lill-pubbliku permezz ta' tekniki medjatiċi u ta' distribuzzjoni innovattivi,

([1]) ĠU C 45 E, 23.2.2010, p. 9.
([2]) ĠU C 257, 27.10.2009, p. 1.
([3]) ĠU C 30, 5.2.1999, p. 1.

**Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2010**

E. billi s-sura tas-settur awdjoviżiv tal-UE hija unika, u hija kkaratterizzata b'dak li ġie deskritt bħala 's-sistema doppja' bbażata fuq bilanċ reali bejn ix-xandara ta' servizz pubbliku u dawk kummerċjali,

F. billi sistema doppja effikaċi b'bilanċ ġenwin bejn ix-xandara ta' servizz pubbliku u dawk tas-settur privat, hija fl-interess ġenerali,

G. billi l-koeżistenza tax-xandara ta' servizz pubbliku u dawk kummerċjali żgurat firxa diversa ta' programmazzjoni aċċessibbli faċilment, li hija ta' benefiċċju għaċ-ċittadini kollha tal-UE u tikkontribwixxi għall-pluraliżmu tal-midja, għad-diversità kulturali u lingwistika, għall-kompetizzjoni editorjali (f'dawk li huma kwalità u diversità tal-kontenut) kif ukoll għal-libertà tal-espressjoni,

H. billi l-UE tagħti importanza speċjali lir-rwol tas-sistema doppja fil-kontribuzzjoni għall-produzzjoni u t-tixrid ta' kontenut tal-UE,

I. billi t-tibdil fis-sura tas-settur awdjoviżiv matul is-snin riċenti, bl-iżvilupp ta' teknoloġiji diġitali, pjattaformi privati bi ħlas u atturi ġodda tal-midja onlajn, ħalla impatt fuq is-sistema tradizzjonali tax-xandir doppju u fuq il-kompetizzjoni editorjali (fir-rigward tal-kwalità u d-diversità tal-kontenut), u ġiegħel lix-xandara ta' servizz pubbliku u dawk privati jiddiversifikaw l-operazzjonijiet tagħhom u jikkunsidraw pjattaformi ta' distribuzzjoni ġodda,

J. billi t-tixrid ta' teknoloġiji ġodda biddel il-mod li bih iċ-ċittadini Ewropej jiksbu aċċess għall-midja u għall-informazzjoni,

K. billi l-fruntieri tradizzjonali tas-settur medjatiku ma jistgħux jinżammu aktar fl-ambjent onlajn minħabba li l-midja tradizzjonali ma tistax tkompli teżisti mingħajr ma tespandi fi pjattaformi ġodda (bħalma huma s-servizzi ta' SMS, il-paġni tal-Internet u l-applikazzjonijiet għal telefowns intelliġenti (smartphones)), b'konformità mal-objettivi tal-Aġenda Diġitali tal-UE,

L. billi l-gazzetti u l-magażins huma, u għandhom jibqgħu, komponenti essenzjali tas-sura pluralistika u diversa tal-midja Ewropea,

M. billi l-fornituri tas-servizzi tat-telekomunikazzjonijiet u tal-Internet, kif ukoll il-magni tat-tfittxija (search engines) jiżvolġu rwol li kulma jmur qed isir aktar importanti fl-ambjent medjatiku ġdid,

N. billi fl-era diġitali – li hija kkaratterizzata b'għażla ikbar għall-konsumatur, iżda wkoll b'riskju ta' frammentazzjoni tal-udjenza, konċentrazzjoni tal-midja li kulma tmur dejjem tikber, żieda fl-għadd ta' kumpaniji tal-midja integrati b'mod vertikali, kif ukoll żvilupp lejn servizzi bi ħlas u kriptaġġ – ix-xandir ta' servizz pubbliku jgħin u għandu jgħin biex tinżamm sfera pubblika, filwaqt li jipprovdi pprogrammazzjoni ta' kwalità għolja u ta' valur soċjali u informazzjoni oġġettiva,

O. billi f'xi Stati Membri, ix-xandir tas-servizz pubbliku għad m'għandux biżżejjed għeruq soċjali u m'għandux riżorsi adegwati għad-dispożizzjoni tiegħu,

P. billi x-xandara pubbliċi f'xi Stati Membri qed iħabbtu wiċċhom ma' problemi kbar li jheddu l-indipendenza politika tagħhom, il-vijabilità tagħhom u saħansitra l-bażi finanzjarja tagħhom, u dan joħloq theddida diretta għall-eżistenza proprja tas-sistema doppja,

Q. billi t-televiżjoni kummerċjali dan l-aħħar għaddiet minn diffikultajiet ekonomiċi minħabba t-tnaqqis fir-reklamar,

R. billi hija kompetenza esklussiva tal-Istati Membri li jiddefinixxu l-mandat ta' servizz pubbliku u jipprovdu għall-finanzjament tax-xandara tas-servizz pubbliku tagħhom, skont il-prinċipji tal-Protokoll ta' Amsterdam,

S. billi l-midja ta' servizz pubbliku teħtieġ finanzjament pubbliku suffiċjenti, parteċipazzjoni f'teknoloġiji u pjattaformi rilevanti ġodda u ambjent regolatorju stabbli u prevedibbli sabiex tkun tista' tissodisfa l-mandat tagħha li toffri standard għoli ta' kontenut kulturali u tal-aħbarijiet, u b'mod espliċitu biex tiżviluppa l-litteriżmu medjatiku għall-benefiċċju tal-pubbliku,

T. billi huwa possibbli li x-xandir ta' servizz pubbliku jitjieb permezz ta' skambji ta' esperjenzi u l-aħjar prattiki bejn l-Istati Membri,

U. billi r-rispett tal-istandards Ewropej relatati mal-libertà tal-espressjoni, il-pluraliżmu tal-midja u l-indipendenza, il-mandat u l-finanzjament tal-midja ta' servizz pubbliku għandu jkun ta' prijorità għall-Istati Membri kollha,

V. billi attwalment l-UE m'għandhiex strumenti xierqa għad-dispożizzjoni tagħha biex timmonitorja u tirreaġixxi għat-theddid li taffaċċja l-midja ta' servizz pubbliku u s-sistema doppja fl-Istati Membri jew f'reġjuni speċifiċi tal-UE,

1. Jafferma mill-ġdid l-impenn tiegħu favur is-sistema doppja ta' xandir, fejn il-midja privata u dik ta' servizz pubbliku għandhom ir-rwoli rispettivi tagħhom, indipendentement minn kull pressjoni politika u ekonomika, u jitlob li jiġi żgurat aċċess għal xandir tal-ogħla kwalità indipendentement mill-kapaċità ta' ħlas tal-konsumaturi u l-utenti;

2. Jenfasizza, b'mod partikolari, ir-rwol fundamentali ta' sistema doppja Ewropea ġenwinament ibbilanċjata fil-promozzjoni tad-demokrazija, l-integrazzjoni u l-koeżjoni soċjali, b'enfasi fuq iż-żamma u l-promozzjoni tal-pluraliżmu tal-midja, il-litteriżmu medjatiku, id-diversità kulturali u lingwistika u l-konformità ma' standards Ewropej relatati mal-libertà tal-istampa;

3. Jinnota li l-koeżistenza tal-midja ta' servizz pubbliku u dik privata tat kontribut qawwi għall-innovazzjoni u d-diversifikazzjoni f'dak li huwa kontenut u kellha impatt pożittiv fuq il-kwalità;

4. Itenni l-ħtieġa li jinżamm xandir ta' servizz pubbliku indipendenti li jkun b'saħħtu u ħaj, filwaqt li jiġi adattat għall-ħtiġijiet tal-era diġitali, u jitlob li jittieħdu miżuri speċifiċi biex jintlaħaq dan l-objettiv;

5. Jenfasizza, f'dan il-kuntest, il-fatt li fl-era diġitali x-xandir ta' servizz pubbliku għandu missjoni speċifika li jikkultiva sfera pubblika billi jagħmel kontenut medjatiku ta' kwalità għolja ta' interess pubbliku aċċessibbli universalment fuq il-pjattaformi rilevanti kollha;

6. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li hemm riżorsi suffiċjenti li jippermettu lix-xandara ta' servizz pubbliku jieħdu vantaġġ mit-teknoloġiji diġitali l-ġodda, u jiġi żgurat li l-pubbliku ġenerali jibbenefika mill-benefiċċji tas-servizzi awdjoviżivi moderni;

7. Jitlob, f'dan ir-rigward, li x-xandara ta' servizz pubbliku jkun strutturati b'tali mod li joffru kontenut onlajn attraenti u ta' kwalità sabiex jilħqu ż-żgħażagħ li jaċċessaw il-midja kważi esklussivament permezz tal-Internet;

8. Jistieden lill-Istati Membri jindirizzw id-distakk diġitali – pereżempju bejn żoni urbani u rurali – u jiżguraw li, bid-diġitizzazzjoni, l-individwi kollha fir-reġjuni kollha jkollhom aċċess ugwali għax-xandir ta' servizz pubbliku;

9. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jqisu l-possibilità li jagħmluha iktar faċli għall-konsumaturi jaqilbu mis-sistema analoġika tat-televiżjoni għal dik diġitali;

10. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jiddefinixxu l-mandati tax-xandara ta' servizz pubbliku sabiex ikunu jistgħu jżommu d-distintività tagħhom permezz ta' impenn favur produzzjoni awdjoviżiva oriġinali u programmazzjoni u ġurnaliżmu ta' kwalità għolja indipendentement mill-kunsiderazzjonijiet kummerċjali jew l-influwenza politika, li hu preċiżament dak li jiddistingwihom minn oħrajn; jinnota li dawn il-mandati għandhom jiġu definiti b'mod kemm jista' jkun preċiż, iżda bir-rispett dovut tal-awtonomija tax-xandara fir-rigward tal-programmazzjoni;

**Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2010**

11. Ifakkar li, skont il-prinċipji tan-newtralità teknoloġika, ix-xandara ta' servizz pubbliku, fi ħdan il-mandat mogħti lilhom, għandu jkollhom l-opportunità li joffru s-servizzi tagħhom, inklużi servizzi ġodda, fuq il-pjattaformi kollha;

12. Jinsisti li n-nuqqas ta' dispożizzjonijiet legali dwar l-attivitajiet tax-xandir ta' servizz pubbliku fuq l-Internet f'xi Stati Membri jista' jaffettwa l-kapaċità ta' dan is-settur li jespandi għal pjattaformi ġodda;

13. Ifakkar li l-pjattaformi terrestri tax-xandir ibbażati fuq standards miftuħa, interoperabbli għandhom rwol ċentrali fis-sistema doppja tax-xandir u huma ideali biex jipprovdu lill-utenti b'servizzi awdjoviżivi tal-midja aċċessibbli bla ħlas u faċilment, li huma aktar adattati għall-frammentazzjoni tas-swieq lokali u b'hekk jindirizzaw aħjar l-aspettattivi kulturali u soċjali lokali;

14. Jieħu nota tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ix-xandir ta' Lulju 2009 li tagħraf id-dritt tax-xandara ta' servizz pubbliku li jkunu preżenti fuq il-pjattaformi ta' distribuzzjoni rilevanti kollha u li ttenni l-kompetenza tal-Istati Membri biex jiddefinixxu l-mandat, il-finanzjament u l-organizzazzjoni tax-xandir ta' servizz pubbliku, filwaqt li tirrikonoxxi r-responsabilità tal-Kummissjoni rigward il-kontroll tal-iżbalji evidenti u jistieden lill-Istati Membri jżommu bilanċ fost is-servizzi tal-midja diġitali disponibbli u jiżguraw kompetizzjoni ġusta bejn ix-xandir ta' servizz pubbliku u l-midja privata sabiex b'hekk tinżamm sura ta' midja vibranti fl-ambjent onlajn;

15. Jilqa' l-għarfien tal-prinċipju ta' newtralità teknoloġika u tal-ħtieġa li tiġi rrispettata l-indipendenza editorjali tax-xandara ta' servizz pubbliku, filwaqt li jitqies kif jixraq il-bżonn tagħhom għal finanzjament stabbli u ggarantit;

16. Jirrimarka madankollu li l-ispejjeż tat-testijiet ex ante (eżistenti) huma enormi u jenfasizza li hu jaqbel mal-evalwazzjonijiet proporzjonati;

17. Ifakkar fl-importanza tar-rakkomandazzjonijiet u d-dikjarazzjonijiet tal-Kunsill tal-Ewropa, li ntlaħaq ftehim dwarhom mill-Istati Membri kollha tal-UE u li jistipulaw standards Ewropej fir-rigward tal-libertà tal-espressjoni, il-libertà tal-istampa u l-pluraliżmu tal-midja u l-indipendenza, l-organizzazzjoni, il-mandat u l-finanzjament tal-midja ta' servizz pubbliku, b'mod partikulari fis-soċjetà tal-informazzjoni, biex b'hekk tiġi salvagwardjata l-kredibilità tax-xandir ta' servizz pubbliku;

18. Ifakkar lill-Istati Membri dwar l-impenji tagħhom favur dawn l-istandards Ewropej u jirrakkomanda li jipprovdu finanzjament xieraq, proporzjonat u stabbli għal midja ta' servizz pubbliku sabiex ikunu jistgħu jwettqu l-mandat tagħhom, jiggarantixxu l-indipendenza politika u ekonomika u jikkontribwixxu għal soċjetà inklussiva tal-informazzjoni u tal-għarfien b'midja ta' kwalità għolja u rappreżentattiva disponibbli għal kulħadd;

19. Jistieden lill-Kummissjoni tinkoraġġixxi lill-Istati Membri jagħmlu skambju tal-aħjar prattiki f'livelli differenti (l-awtoritajiet tal-midja nazzjonali, il-partijiet interessati, il-ġestjoni tax-xandara ta' servizz pubbliku, ir-regolaturi indipendenti u r-rappreżentanti tat-telespettaturi u l-konsumaturi);

20. Jistieden lill-Istati Membri jintensifikaw il-kooperazzjoni fost ir-regolaturi tal-midja nazzjonali fi ħdan il-Pjattaforma Ewropea tal-Awtoritajiet Regolatorji (EPRA) u jżidu l-iskambju tal-esperjenzi u l-aħjar prattiki fir-rigward tas-sistemi ta' xandir nazzjonali rispettivi tagħhom;

21. Ifakkar lill-Istati Membri li l-membri tal-bords tax-xandara ta' servizz pubbliku għandhom jinħatru abbażi tal-kompetenza u l-għarfien tagħhom fir-rigward tal-midja;

22. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħtu mandat lill-Osservatorju Awdjoviżiv Ewropew, inklużi r-riżorsi meħtieġa, biex jiġbor id-data u jagħmel riċerka dwar il-mod li bih l-Istati Membri jkunu applikaw dawn l-istandards, sabiex jiġi vverifikat jekk l-istandards ksibux l-effett mixtieq, u jinsisti li l-Istati Membri jinżammu responsabbli jekk ma jissodisfawx dawn l-impenji;

23. Jistieden lill-Kummissjoni taghti prijorità ogħla lis-sistema doppja bħala parti mill-acquis tal-UE fil-kuntest tan-negozjati għall-adeżjoni u jinsisti li jiġi ssorveljat il-progress miksub mill-pajjiżi kandidati f'dan ir-rigward;

24. Jistieden barra minn hekk lill-Istati Membri jindirizzaw b'mod adegwat il-kwistjoni ta' nuqqas ta' finanzjament tax-xandara ta' servizz pubbliku; dan filwaqt li jżomm f'moħħu b'mod partikolari l-mandat speċifiku tal-midja pubblika li għandha tkun aċċessibbli għall-akbar għadd possibbli ta' spettaturi u semmiegħa fuq il-pjattaformi l-ġodda kollha tal-midja;

25. Jinnota li s-sjieda trasparenza tax-xandara privati għandha tkun garantita fl-Istati Membri kollha, u jistieden lill-Kummissjoni tissorvelja u tappoġġja l-progress f'dan ir-rigward;

26. Jistieden lill-Istati Membri jtemmu l-interferenza politika fir-rigward tal-kontenut tas-servizzi offruti mix-xandara ta' servizz pubbliku;

27. Jilqa' l-konklużjonijiet tal-istudju indipendenti li sar fuq talba tal-Kummissjoni dwar id-definizzjoni ta' indikaturi għall-kejl tal-pluraliżmu tal-midja tal-UE;

28. Iħeġġeġ l-implimentazzjoni tal-Osservatorju tal-Pluraliżmu tal-Midja, li huwa strument effikaċi biex jidentifika t-theddid għall-pluraliżmu tal-midja;

29. Ifakkar fl-istrumenti finanzjarji offruti mill-BEI, u jħeġġeġ lix-xandara ta' servizz pubbliku li qed jaffaċċjaw diffikultajiet finanzjarji japplikaw għal self bi mgħax baxx mill-BEI għat-tiġdid tal-infrastruttura tagħhom, b'mod partikulari fir-rigward tad-diġitalizzazzjoni u l-innovazzjoni;

30. Iħeġġeġ lill-partijiet interessati varji jintensifikaw il-kooperazzjoni tagħhom sabiex tiġi salvagwardjata s-sistema doppja u, b'mod partikolari, iħeġġeġ lix-xandara ta' servizz pubbliku u dawk privati jikkooperaw ma' xulxin u mal-pubblikaturi rigward il-kondiviżjoni tal-kontenut u l-proġetti innovattivi u boex isibu modi kif jaħdmu flimkien;

31. Jistieden lill-Kummissjoni tniedei inizjattiva li ġġib flimkien atturi differenti tal-midja sabiex jiġi ffaċilitat kemm l-identifikar ta' oqsma ta' kooperazzjoni possibbli kif ukoll l-iskambju tal-aħjar prattiki u jiġu indirizzati l-kwistjonijiet rilevanti;

32. Jonnota, f'dan il-kuntest, li x-xandara komunitarji, speċjalment fil-komunitajiet iktar żgħar, iħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet għal finanzjament fit-tul (pereżempju, mir-reklamar), u li hawnhekk jeżisti l-potenzjal biex jintużaw il-possibilitajiet il-ġodda li saru disponibbli permezz tad-diġitalizzazzjoni biex jitwaqqaf xandir komunitarju fuq livell reġjonali li jkopri żona kbira;

33. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tadatta d-drittijiet tal-awtur għall-era diġitali l-ġdida, filwaqt li tippermetti li x-xandara jkomplu joffru firxa wiesgħa ta' kontenut Ewropew ta' kwalità, u tqis metodi speċifiċi li jiffaċilitaw l-użu mill-ġdid ta' kontenut arkivjat u li twaqqaf sistemi ta' liċenzji kollettivi estiżi kif ukoll sistemi ta' one-stop-shop aċċessibbli b'mod faċli għall-ħlas tad-drittijiet;

34. Jistenna b'ħerqa r-rapport ta' implimentazzjoni dwar id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Midja Awdjoviżiva rigward il-ħin tax-xandir allokat għal programmi Ewropej, minħabba l-fatt li ċerti Stati Membri ma ħadu l-ebda pass f'dan ir-rigward;

35. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura li l-aggregaturi tal-kontenut jikkonformaw mal-qafas legali eżistenti, u jistieden ukoll lill-Kummissjoni teżamina l-modi li permezz tagħhom il-magni ta' tfittxija u l-fornituri tas-servizzi tal-Internet jistgħu jikkontribwixxu għall-finanzjament tal-ħolqien tal-kontenut;

36. Jenfasizza l-importanza tal-edukazzjoni tal-midja għall-użu responsabbli tas-servizzi pprovduti mill-aggregaturi tal-kontenut;

37. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri.

---

## L-10 anniversarju tar-Riżoluzzjoni 1325 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar in-nisa, l-paċi u s-sigurtà

P7_TA(2010)0439

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Novembru 2010 dwar l-10 Anniversarju tar-Riżoluzzjoni 1325 (2000) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà**

(2012/C 99 E/12)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjonijiet 1325 (2000) u 1820 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar in-nisa, il-paċi u s-sigurtà u r-Riżoluzzjoni 1888 (2009) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar il-vjolenza sesswali fuq in-nisa u t-tfal f'sitwazzjonijiet ta' kunflitti armati, li tenfasizza r-responsabbiltà tal-istati kollha biex itemmu l-impunità u biex jipprosegwixxu kontra dawk responsabbli għal delitti kontra l-umanità u delitti tal-gwerra, fosthom dawk marbuta ma' vjolenza sesswali u vjolenza oħra fuq in-nisa u l-bniet,

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni 54/134 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU tas-7 ta' Frar 2000, li stabbiliet il-25 ta' Novembru bħala l-Jum Internazzjonali għall-Eliminazzjoni tal-Vjolenza fuq in-Nisa,

— wara li kkunsidra l-Pjan ta' Azzjoni tal-Kunsill tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi fil-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp, li għandu jiżgura l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi fil-ħidma kollha tal-UE ma' pajjiżi sħab fil-livelli kollha,

— wara li kkunsidra l-ħatra f'Marzu 2010 ta' Rappreżentant Speċjali tas-Segretarju Ġenerali tan-NU dwar il-Vjolenza Sesswali f'Kunflitti Armati,

— wara li kkunsidra d-dokument tal-Kunsill bit-titolu "Approċċ Komprensiv għall-Implimentazzjoni tal-UE tal-UNSCR 1325 u 1820" u d-dokument ta' ħidma dwar "l-Implimentazzjoni tal-UNSCR 1325 kif imsaħħa mill-UNSCR 1820 fil-kuntest tal-ESDP", adottati t-tnejn f'Diċembru 2008, u d-dokument tal-Kunsill dwar "L-Integrazzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ESDP" ta' Settembru 2006,

— wara li kkunsidra l-Linji gwida tal-UE dwar il-vjolenza u d-diskriminazzjoni kontra n-nisa u l-bniet u l-Linji gwida tal-UE dwar it-tfal u l-kunflitti armati,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Mejju 2009 dwar l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi fir-relazzjonijiet barranin tal-UE u fil-konsolidazzjoni tal-paċi u tal-istrutturi tal-Istat ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-1 ta' Ġunju 2006 dwar in-nisa f'kunflitti armati u dwar ir-rwol tagħhom fir-rikostruzzjoni wara l-kunflitti ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Novembru 2006 dwar in-nisa fil-politika internazzjonali ([3]),

— wara li kkunsidra l-pjan ta' azzjoni 2007 dwar l-integrazzjoni tas-sessi tas-Sottokumitat tiegħu għas-Sigurtà u d-Difiża,

---

([1]) ĠU C 212 E, 5.8.2010, p. 32.
([2]) ĠU C 298 E, 8.12.2006, p. 287.
([3]) ĠU C 314 E, 21.12.2006, p. 347.

**Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2010**

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Ottubru 2010 dwar in-nuqqasijiet fil-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tal-ġustizzja fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo ([1]),

— wara li kkunsidra l-Entità l-ġdida tan-NU dwar il-ġeneru (UN Women),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 110(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-vjolenza fuq in-nisa f'żoni ta' kunflitti bosta drabi hija estensjoni tad-diskriminazzjoni bbażata fuq il-ġeneru diġà eżistenti fi żmien il-paċi; billi din is-sena l-Jum Internazzjonali għall-Eliminazzjoni tal-Vjolenza fuq in-Nisa jikkoinċidi mal-10 Anniversarju tar-Riżoluzzjoni 1325 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, li kienet l-ewwel riżoluzzjoni li tindirizza l-impatt sproporzjonat u uniku li jkollu kunflitt armat fuq in-nisa u jorbot l-esperjenzi ta' kunflitt tan-nisa maż-żamma tal-paċi u s-sigurtà internazzjonali, li tkopri l-oqsma tematiċi interkonnessi tal-parteċipazzjoni, il-protezzjoni, il-prevenzjoni, l-għajnuna u l-irkupru,

B. wara li kkunsidra l-Jum Internazzjonali kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa li jitfakkar fil-25 ta' Novembru,

C. billi r-Riżoluzzjonijiet 1820, 1888 u 1889 tal-Kunsill tas-Sigurtà saħħew u kkumplementaw ir-Riżoluzzjoni 1325, u billi l-erba' riżoluzzjonijiet jridu jitqiesu bħala s-sett ta' impenji tal-Kunsill tas-Sigurtà dwar in-nisa, il-paċi u s-sigurtà,

D. billi l-implimentazzjoni ta' dawn l-impenji hija preokkupazzjoni u responsabilità komuni ta' kull Stat Membru tan-NU, kemm jekk ikun milqut minn kunflitt, kif ukoll jekk ikun donatur jew xorta oħra; wara li kkunsidra l-adozzjoni f'Diċembru 2008 tal-Linji gwida tal-UE dwar il-vjolenza fuq in-nisa u l-bniet u l-Linji gwida tal-UE dwar it-tfal u l-kunflitti armati u l-ġlieda kontra l-forom kollha ta' diskriminazzjoni kontrihom, li jirrappreżentaw sinjal politiku b'saħħtu li dawn huma prijoritajiet għall-Unjoni,

E. billi l-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjonijiet 1820 u 1325 tal-KSNU għandhom jingħataw prijorità fir-rigward tal-użu tal-istrumenti finanzjarji esterni tal-UE biex jingħata appoġġ xieraq lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jaħdmu f'kunflitti armati u f'pajjiżi u reġjuni milquta minn kunflitti,

F. billi l-Parlament Ewropew għandu josserva l-approċċ wiesa' adottat u l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni prospettiv dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi u u t-Tisħiħ tar-Rwol tan-Nisa fl-Azzjoni Esterna tal-UE, kif ukoll l-implimentazzjoni tal-linji gwida dwar il-vjolenza fuq in-nisa u t-tfal,

G. billi l-preżenza ta' perspettiva dwar il-ġeneru f'missjonijiet ċivili jew militari żżid ħafna l-effikaċja operazzjonali, li fir-rigward tagħha l-UE tista' tikkontribwixxi valur miżjud konsiderevoli billi tinvolvi ruħha attivament fil-qasam tan-nisa u l-kunflitti armati,

H. billi l-UE għandha tagħmilha possibbli għan-nisa li jipparteċipaw fil-prevenzjoni tal-kunflitti, fl-immaniġġjar tal-kriżijiet, fit-taħditiet dwar il-paċi u fil-fażijiet ta' wara l-kunflitti bħall-ippjanar tar-rikostruzzjoni wara t-tiġrif tal-gwerra,

I. billi, il-Konvenzjoni ta' Ġinevra tikkunsidra l-istupru u l-iskjavitù sesswali, meta dawn jiffurmaw parti minn prattika sistematika u ġenerali, bħala delitti kontra l-umanità u bħala delitti tal-gwerra; billi l-istupru issa huwa rikonoxxut ukoll bħala element tad-delitt tal-ġenoċidju meta jitwettaq bil-ħsieb li jeqred, kompletament jew parzjalment, grupp partikulari; billi l-UE għandha tappoġġja sforzi biex tintemm l-impunità għal dawk li wettqu vjolenza sesswali fuq in-nisa u t-tfal,

J. billi l-istabbiliment tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) għandu jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-implimentazzjoni ulterjuri tar-Riżoluzzjonijiet 1325 u 1820 tal-KSNU fir-rigward kemm tal-istruttura interna tiegħu kif ukoll tal-azzjonijiet u l-politiki esterni tiegħu,

K. billi l-UE adottat għadd ta' dokumenti importanti dwar kif għandhom jiġu implimentati r-Riżoluzzjonijiet 1820 u 1325 tal-KSNU,

([1]) Testi adottati, P7_TA(2010)0350.

L. billi l-2010 hija wkoll is-sena tar-rieżami tal-"MDG plus 10",

M. billi hija biss minoranza tal-Istati Membri tal-UE li fasslu pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali biex jimplimentaw ir-Riżoluzzjoni 1325 tal-KSNU; billi l-Awstrija, il-Belġju, id-Danimarka, il-Finlandja, Franza, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Portugall, Spanja, l-Isvezja u r-Renju Unit adottaw pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali,

1. Jenfasizza li l-10 Anniversarju tar-Riżoluzzjoni 1325 tal-KSNU għandu jindika l-bidu ta' aġenda msaħħa għall-implimentazzjoni ta' dik ir-riżoluzzjoni, li ma jista' jsir l-ebda progress dwarha jekk ma jkunx hemm tmexxija politika fl-ogħla livelli u riżorsi addizzjonali; jirrakkomanda bil-qawwa li din il-kwistjoni tiġi indirizzata kif dovut fir-rieżami li qed isir tal-politika għad-drittijiet tal-bniedem tal-UE meta din tasal għall-elaborazzjoni ta' Strateġija għad-Drittijiet tal-Bniedem għall-Pajjiżi u għall-evalwazzjoni tal-Linji gwida tal-UE dwar il-vjolenza fuq in-nisa u l-bniet u l-Linji gwida tal UE dwar it-tfal u l-kunflitti armati u l-ġlieda kontra kull għamla ta' diskriminazzjoni kontrihom;

2. Jappella għall-allokazzjoni ta' riżorsi finanzjarji, umani u organizzattivi speċifiċi u sinifikanti għall-parteċipazjoni tan-nisa u l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi fil-qasam tal-politika barranija u ta' sigurtà; jappella sabiex jintbagħtu aktar nisa fil-missjonijiet tal-pulizija, militari, ġudizzjarji u favur l-istat tad-dritt, u f'operazzjonijiet għaż-żamma tal-paċi; jistieden lill-Istati Membri tal-UE biex jippromwovu attivament il-parteċipazzjoni tan-nisa fir-relazzjonijiet bilaterali u multilaterali tagħhom ma' stati u organizzazzjonijiet barra l-UE;

3. Iħeġġeġ lir-RGħ/VP Ashton, f'rieżami ta' nofs il-perjodu wara ħames snin, biex timmonitorja l-implimentazzjoni tal-impenji u tiffaċilita l-iskambju tal-aħjar prattiki;

4. Iħeġġeġ bil-qawwa lir-RGħ/VP sabiex issaħħaħ ukoll il-Grupp ta' Ħidma tal-UE dwar in-nisa, il-paċi u s-sigurtà u jittama li jagħmel evalwazzjoni bejn il-pari tal-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali dwar ir-Riżoluzzjonijiet 1325 u 1820 tal-KSNU, iwettaq analiżi sistematika rigward ġeneru ta' missjonijiet tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK) u jimmoniterja u jagħti pariri lid-delegazzjonijiet tal-UE f'pajjiżi u reġjuni milquta minn kunflitti;

5. Iqis it-twaqqif ta' Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) bħala opportunità unika għat-tisħiħ tar-rwol tal-UE fir-rigward tal-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjonijiet 1820 u 1325 tal-KSNU;

6. Iħeġġeġ għalhekk lir-RGħ/VP sabiex tirrinforza u ssaħħaħ il-prattika tal-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi u tieħu impenji sostanzjali u viżibbli ħafna rigward persunal, riżorsi finanzjarji u ġerarkija organizzattiva; iħeġġeġ lir-RGħ/VP biex issawwar, fi ħdan is-SEAE, unità organizzattiva dwar in-nisa, il-paċi u s-sigurtà, fid-dipartiment tematiku rilevanti, u biex tassigura li f'kull dipartiment ġeografiku u delegazzjoni tal-UE tal-anqas kariga waħda full-time tiġi ddedikata lin-nisa, il-paċi u s-sigurtà u li dawn il-persuni jkunu jiffurmaw parti mill-Grupp ta' Ħidma tal-UE, jew ikunu marbuta mill-qrib miegħu;

7. Jilqa' bi pjaċir is-serje ta' avvenimenti pubbliċi bħall-jiem miftuħa implimentati tal-anqas mit-tliet missjonijiet tal-PSDK, EUPM, EULEX u EUMM sabiex jiċċelebraw l-10 Anniversarju tar-Riżoluzzjoni 1325 tal-KSNU; jilqa' l-input tal-Kapaċità Ċivili tal-Ippjanar u t-Tmexxija (CPCC) tal-UE f'dan ir-rigward; ifakkar li missjonijiet tal-PSDK huma fost l-aktar għodda importanti tal-EU sabiex juru l-impenn tagħha favur l-objettivi tar-Riżoluzzjonijiet 1820 u 1325 tal-KSNU f'pajjiżi u reġjuni milquta minn kriżijiet;

8. Iħeġġeġ lir-RGħ/VP u lill-Istati Membri tal-UE sabiex jinkludu referenzi għar-Riżoluzzjonijiet 1325 u 1820 tal-KSNU fid-Deċiżjonijiet tal-Kunsill u fil-mandati ta' missjonijiet li jirrigwardaw il-PSDK u sabiex jiżguraw li l-missjonijiet kollha tal-PSDK ikollhom tal-anqas Konsulent wieħed dwar il-Ġeneru u Pjan ta' Azzjoni dwar kif għandhom jintlaħqu l-objettivi tar-Riżoluzzjonijiet 1325 u 1820; iħeġġeġ lir-RGħ/VP, lill-Istati Membri u lill-Kapijiet ta' Missjoni tal-UE sabiex jagħmlu l-kooperazzjoni u l-konsultazzjoni ma' organizzazzjonijiet lokali tan-nisa element standard ta' kull missjoni;

9. Jitlob li jitwaqqfu proċeduri ta' lment pubbliċi xierqa fil-kuntest tal-missjonijiet tal-PSDK, li b'mod partikolari jiffavorixxu r-rappurtar ta' vjolenza bbażata fuq is-sess u l-ġeneru; jistieden lir-RGħ/VP sabiex tinkludi rapport dettaljat dwar in-nisa, il-paċi u s-sigurtà fl-evalazzjoni ta' kull sitt xhur tal-missjonijiet tal-PSDK;

10. Ifakkar fl-istupri tal-massa minn gruppi li seħħew mit-30 ta' Lulju sal-4 ta' Awwissu 2010 fid-distrett tal-minjieri fil-Lvant tal-Kongo, li tal-anqas 8 300 stupru ġew irrappurtati s-sena li għaddiet fil-Lvant tal-Kongo u li tal-anqas 1 244 mara rrappurtaw li ġew stuprati fl-ewwel tliet xhur tal-2010, li hija medja ta' 14-il stupru kuljum; iħeġġeġ liż-żewġ missjonijiet tal-UE fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo – EUPOL RD Kongo u EUSEC RD Kongo – sabiex jagħmlu l-ġlieda kontra l-vjolenza sesswali u l-parteċipazzjoni tan-nisa l-prijoritajiet ewlenin fil-kuntest tal-isforzi favur ir-riforma tas-settur tas-sigurtà Kongoliż;

11. Jenfasizza li huwa importanti li l-UE taħtar iktar uffiċjali tal-pulizija u suldati nisa għall-missjonijiet tal-PSDK, li b'rabta magħhom il-kontinġent tal-uffiċjali tal-pulizija nisa fil-forza għaż-żamma tal-paċi tan-NU fil-Liberja jista' jintuża bħala mudell;

12. Jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li jiġi stabbilit kodiċi tal-kondotta għall-persunal tal-UE li jservi f'missjonijiet militari u ċivili li jagħmilha ċara li l-isfruttament sesswali jikkostitwixxi mġiba mhux ġustifikabbli u kriminali;

13. Jitlob l-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjonijiet 1325 u 1820 tal-KSNU fid-dokumenti ta' strateġija għall-pajjiżi tal-UE u l-mobilizzazzjoni ta' aktar appoġġ finanzjajrju għall-parteċipazzjoni ta' nisa minn pajjiżi milquta mill-kunflitti fi proċessi Ewropej; jistieden lir-RGħ/VP u lill-Kummissarji għall-Iżvilupp, it-Tkabbir u l-Għajnuna Umanitarja sabiex jagħmlu l-aspetti tan-nisa, il-paċi u s-sigurtà parti integrali mill-ippjanar u l-programmazzjoni tal-istrumenti finanzjarji esterni bħall-EIDHR, l-ICI, IPA u speċjalment id-DCI u l-IfS;

14. Jenfasizza li l-Kummissjoni għandha tiffaċilita l-aċċess tal-NGOs żgħar għas-sussidji mill-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR); ifakkar li attwalment bosta organizzazzjonijiet żgħar tan-nisa ma jirnexxilhomx jaqbżu l-ostakoli burokratiċi għat-tressiq tal-applikazzjonijiet;

15. Jistieden lill-Kummissarju għall-Iżvilupp sabiex jagħti prijorità lill-appoġġ tal-ħidma minn organizzazzjonijiet tan-nisa f'żoni milquta minn kunflitti; jistieden lir-RGħ/VP biex tuża l-komponent għal perjodu twil ta' żmien tal-Istrument għall-Istabbiltà (IfS) biex talloka fondi ta' appoġġ għall-parteċipazzjoni tan-nisa fi proċessi rigward paċi, sigurtà u rikonċiljazzjoni u sabiex tiddetermina sistematikament allokazzjonijiet għan-nisa, il-paċi u s-sigurtà fil-miżuri kollha għal perjodu qasir ta' żmien skont l-Artikolu 3 tal-Istrument għall-Istabbiltà;

16. Huwa tal-fehma li d-delegazzjonijiet tal-UE għandhom jinfurmaw lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, bħalma huma l-organizzazzjonijiet lokali tan-nisa, dwar l-impenn tagħhom f'reġjuni fejn hemm kunflitti u sabiex jikkonsultaw lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-proċess tal-ippjanar tal-politiki;

17. Jitlob li tiżdied b'mod sostanzjali l-parteċipazzjoni tan-nisa f'kull qasam tal-operazzjonijiet, inklużi l-ħidma ta' rikonċiljazzjoni, in-negozjati għall-paċi, il-ħolqien tal-paċi, l-infurzar tal-paċi, iż-żamma tal-paċi u l-prevenzjoni tal-kunflitti;

18. Jitlob żieda immedjata fil-parteċipazzjoni tan-nisa fl-inizjattivi kollha li l-għan tagħhom hu li jinstabu soluzzjonijiet għall-kunflitti, anke bħala medjaturi u negozjaturi u fl-implimentazzjoni ta' miżuri ta' soluzzjoni għall-kunflitti;

19. Jistieden lir-RGħ/VP biex tagħti bidu għal ġimgħa annwali li fiha mexxejja nisa jiġu kkonsultati u li tista' tkun kumplimentari għall-Jum Miftuħ Globali tan-NU għan-Nisa u l-Paċi, segwita minn rapporti u attivitajiet ta' segwitu ta' delegazzjonijiet tal-UE;

20. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali, li għandhom jipprovdu informazzjoni dwar il-perjodu ta' żmien tal-istrateġija nazzjonali, jistabbilixxu objettivi realistiċi, jiżviluppaw mekkaniżmi ta' superviżjoni u jikonkoraġġixxu parteċipazzjoni akbar tan-nisa fil-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u l-mekkaniżmi ta' superviżjoni;

21. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Gvernijiet u l-Parlamenti tal-Istati Membri, lir-Rappreżentant Speċjali tan-NU dwar il-vjolenza sesswali f'kunflitti armati u lill-Kap tal-Entità tan-NU dwar il-Ġeneru (UN Women) li għadha kemm inħatret.

**Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2010**

# Is-sitwazzjoni fis-settur tal-apikultura

P7_TA(2010)0440

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Novembru 2010 dwar is-sitwazzjoni fis-settur tal-apikultura**

(2012/C 99 E/13)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Ottubru 2003 dwar id-diffikultajiet li jiffaċċja s-settur tal-apikultura Ewropew ([1]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2004/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar ir-responsabbiltà ambjentali f'dak li għandu x'jaqsam mal-prevenzjoni u r-rimedju għal danni ambjentali ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-22 ta' April 2004 dwar il-proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar l-azzjonijiet fil-qasam tal-apikultura ([3]),

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([4]), li jistipula dispożizzjonijiet speċjali għas-settur tal-apikultura fl-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Novembru 2008 dwar is-sitwazzjoni fis-settur tal-apikultura ([5]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kummissjoni 2010/21/UE tat-12 ta' Marzu 2010 li temenda l-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE, fir-rigward ta' dispożizzjonijiet speċifiċi relatati ma' clothianidin, thiamethoxam, fipronil u imidacloprid ([6]),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni 2010/270/UE tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2010 li temenda l-Partijiet 1 u 2 tal-Anness E tad-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE fir-rigward taċ-ċertifikati mudelli tas-saħħa tal-annimali minn stabbilimenti u għan-naħal u n-naħal baghli ([7]),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tat-28 ta' Mejju 2010 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 105 u dawk ta' warajh tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 dwar miżuri li jtejbu l-kundizzjonijiet ġenerali għall-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq ta' prodotti tal-apikultura (COM (2010)0267),

— wara li kkunsidra r-rapport xjentifiku tal-EFSA tal-11 ta' Awwissu 2008 ([8]), kif ukoll ir-rapport xjentifiku kkummissjonat u adottat mill-EFSA fit-3 ta' Diċembru 2009 ([9]), it-tnejn li huma dwar il-Mortalità tan-Naħal u s-Sorveljanza tan-Naħal fl-Ewropa,

— wara li kkunsidra l-Mistoqsija Orali (O-0119/2010 – B7-0564/2010) tal-1 ta' Settembru 2010 dwar is-sitwazzjoni fis-settur tal-apikultura,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 115(5) u 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

([1]) ĠU C 81 E, 31.3.2004, p. 107.
([2]) ĠU L 143, 30.4.2004, p. 56.
([3]) ĠU C 104 E, 30.4.2004, p. 941.
([4]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([5]) ĠU C 16 E, 22.1.2010, p. 65.
([6]) ĠU L 65, 13.3.2010, p. 27.
([7]) ĠU L 118, 12.5.2010, p. 56.
([8]) http://www.efsa.europa.eu/en/scdocs/doc/154r.pdf
([9]) http://www.efsa.europa.eu/en/scdocs/scdoc/27e.htm

A. billi l-programmi nazzjonali għas-settur tal-apikultura Ewropew, imfassla mill-Istati Membri għal perjodu ta' tliet snin, intużaw minn kull wieħed mis-27 Stat Membru, b'rata medja ta' użu ta' 90 %; billi l-Kummissjoni ddikjarat fir-rapport imsemmi hawn fuq tat-28 ta' Mejju 2010, li l-programmi tal-apikultura nazzjonali kienu ta' benefiċċju matul dawn l-aħħar snin,

B. billi fl-2010, li hija s-Sena Internazzjonali tal-Bijodiversità, is-settur tal-apikultura madwar id-dinja jinsab mhedded, ġaladarba t-telf irreġistrat għaddej b'rata bejn 100 u 1 000 darba aktar mgħaġġla min-normal; billi s-settur tal-apikultura, fid-dawl tal-kontributi pubbliċi u ekoloġiċi li dawk li jrabbu n-naħal jagħmlu lis-soċjetà, għandu rwol strateġiku, u billi li l-attività tal-apikulturi hija eżempju lampanti ta' xogħol ekoloġiku (titjib u żamma tal-bijodiversità, bilanċ ekoloġiku u żamma tal-flora) u mudell għall-produzzjoni sostenibbli fiż-żoni rurali,

C. billi l-programmi attwali jaslu fi tmiemhom fl-2013; billi l-appoġġ attwali tal-UE għas-settur tal-apikultura jiddependi fuq modalitajiet eżistenti tal-PAK; billi l-operaturi għandhom bżonn jippjanaw għaż-żmien ta' wara l-2013; billi l-Kummissjoni bi ħsiebha tippubblika l-Komunikazzjoni tagħha dwar il-PAK futura sa Novembru 2010,

D. billi l-agrikoltura għandha interess ewlieni fiż-żamma tan-naħal bħala dakkara; billi l-FAO wissa lill-komunità internazzjonali dwar it-tnaqqis allarmanti fl-għadd ta' insetti dakkara, inkluż in-naħal tal-għasel; billi 84 % tal-ispeċijiet ta' pjanti u 76 % tal-produzzjoni tal-ikel fl-Ewropa huma dipendenti fuq il-fertilizzazzjoni mill-polline tan-naħal, li l-importanza ekonomika tiegħu hija ferm ikbar mill-valur tal-għasel prodott,

E. billi l-mortalità tan-naħal hija problema li kull ma jmur qed tikber f'ħafna reġjuni minħabba sinerġija ta' fatturi, inklużi mard tan-naħal, immunità mdgħajfa tan-naħal għall-patoġeni u l-parassiti, bidliet fil-klima u bidliet parzjali fl-użu tal-art, b'perjodi fejn ikun hemm nuqqas ta' ikel u għalf għan-naħal, kif ukoll minħabba l-eradikazzjoni progressiva tal-ispeċijiet tal-pjanti li jipproduċu l-għasel u l-użu ta' prodotti ta' protezzjoni tal-pjanti u ta' tekniki ta' biedja mhux sostenibbli,

F. billi l-għadd dejjem jonqos ta' kolonji f'ċerti Stati Membri ma jistax jiġi marbut b'ċertezza mal-użu ta' organiżmi ġenetikament modifikati (GMO), peress li l-kultivazzjoni tagħhom hija irrilevanti għalissa, u billi ż-żieda fl-għadd ta' monokulturi qed iwassal biex il-flora li tipproduċi l-għasel qed tisparixxi,

G. billi għadd kbir globali ta' mard tan-naħal qed jiżdied b'mod kostanti b'tali mod li l-*Apis mellifera* qed tirriskja li ssir speċi mhedda, partikolarment minħabba l-preżenza dejjem iktar distruttiva tad-dudu *Varroa*, li jipperikola s-sistema immunitarja tan-naħal, joħloq kull tip ta' mard relatat u huwa għalhekk problemi maġġuri li taffettwa l-popolazzjoni Ewropea tan-naħal,

H. billi hemm bżonn ta' aktar riċerka għall-interessi biex tinqaleb ix-xejra ta' tnaqqis fl-ispeċi tad-dakkara, biex jiġu evitati sitwazzjonijiet bħal dawn bħal f'partijiet oħra tad-dinja, fejn rati baxxi ta' dakkara naturali jfissru li l-produzzjoni ta' frott, ħxejjex u xi produzzjoni ta' ħrit jeħtieġu tidkir imqabbda mill-bniedem bi spejjeż addizzjonali kbar għall-bdiewa,

I. billi 40 % tas-suq tal-għasel Ewropew jiddependi mill-importazzjonijiet; billi n-nuqqas ta' indipendenza tal-UE b'rabta mal-provvista tal-għasel iwassal għal instabilità sinifikanti fil-prezzijiet, li tirriżulta wkoll mill-adulterazzjoni tas-suq dinji, peress li l-ftuħ fil-passat tas-suq tal-UE għal għasel minn pajjiżi terzi qiegħed lill-apikulturi madwar l-UE fi żvantaġġ kompetittiv,

J. billi kemm l-Istati Membri kif ukoll l-operaturi mis-settur esprimew bżonnijiet konkreti fir-rigward tat-titjib għar-regoli implimentattivi u l-kontinwazzjoni tal-appoġġ fuq tul ta' żmien twil,

K. billi għandu jkun hemm kooperazzjoni aħjar bejn l-Istati Membri kollha u l-organizzazzjonijiet tal-apikultura fit-tfassil tal-programmi, b'tali mod li kull Stat Membru jkun jista' jitlob l-informazzjoni, u jekk ikun il-każ jiskambja t-tagħrif mal-organizzazzjonijiet Ewropej li jkun qed jaħdem magħhom,

**Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2010**

L. billi r-rapport xjentifiku tal-EFSA msemmi hawn fuq tal-11 ta' Awwissu 2008 saħaq fuq in-nuqqas u l-varjabilità tas-sistemi ta' monitoraġġ fost l-Istati Membri u n-nuqqas ta' armonizzazzjoni jew ta' indikaturi tar-rendiment komuni,

M. billi, bi qbil mad-Direttiva 2010/21/UE, l-Istati Membri huma meħtieġa jiżguraw li, mill-1 ta' Novembru 2010 'l quddiem, jidħlu fis-seħħ ċerti rekwiżiti ta' tikkettar għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, jiġu inklużi fl-awtorizzazzjoni tal-prodott miżuri għat-tnaqqis tar-riskji, u jsiru programmi ta' mmonitorjar biex tiġi vverifikata l-espożizzjoni diretta u indiretta tan-naħal tal-għasel għal ċerti sustanzi attivi,

1. Jilqa' b'sodisfazzjon ir-rapport tal-Kummissjoni msemmi hawn fuq tat-28 ta' Mejju 2010; jinnota madankollu li l-programmi attwali se jaslu fi tmiemhom fl-2013 u jinsab imħasseb dwar l-isfidi u l-problemi numerużi li għadu jiffaċċja s-settur tal-apikultura Ewropea, fosthom kwistjonijiet ta' kkummerċjar, il-volatilità tal-prezzijiet, il-ġbid ta' ġenerazzjonijiet ġodda lejn it-trobbija tan-naħal, ix-xjuħija tal-apikulturi fl-Unjoni Ewropea, it-tnaqqis fil-popolazzjoni tan-naħal u d-diffikultajiet ġenerali li joħorġu mill-ġlieda kontra l-mortalità multifattorjali tan-naħal;

2. Jistieden lill-Kummissjoni biex twieġeb b'mod pożittiv għat-talbiet kemm mill-Istati Membri kif ukoll mill-operaturi, pereżempju permezz ta' data statistika fir-rigward tal-previżjonijiet tal-produzzjoni, inkluża l-applikazzjoni tal-istess rekwiżiti ta' kwalità għall-għasel, u t-titjib tal-armonizzazzjoni tal-programmi ta' monitoraġġ u riċerka għall-apikultura;

3. Jistieden lill-Kummissjoni biex, fil-qafas tal-proposta legali dwar il-politika tal-kwalità agrikulturali, tqis it-tibdil fir-regoli dwar it-tikkettjar tal-oriġini tal-għasel sabiex tiġi evitata informazzjoni qarrieqa lill-konsumaturi, partikolarment f'każ ta' taħlit tal-għasel li joriġina minn pajjiżi tal-UE u minn oħrajn lilhinn minnha;

4. Jenfasizza l-ħtieġa li l-kundizzjonijiet sanitarji tal-prodott jittejbu permezz ta' armonizzazzjoni tal-kontrolli fil-fruntieri, speċjalment għal importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, minħabba li prodotti tal-għasel ta' kwalità baxxa u sostituti tal-għasel jgħawġu s-suq u jagħmlu pressjoni kostanti fuq il-prezzijiet u l-kwalità aħħarija tal-prodott fis-suq intern tal-UE; iqis li l-isem ta' kwalunkwe prodott ipproċessat li jkun fih l-għasel bħala ingredjent jew kwalunkwe grafika jew element viżiv ieħor fuq it-tikketta jew fuq il-pakkeġġar ta' dak il-prodott ipproċessat għandu jitħalla jagħmel referenza għall-għasel fit-tismija tal-prodott biss jekk tal-anqas 50 % tal-kontenut taz-zokkor joriġina mill-għasel;

5. Jitlob lill-Kummissjoni biex matul l-elaborazzjoni tal-programmi għat-trobbija tan-naħal u ta' leġiżlazzjoni relatata tqis il-konsultazzjoni ta' dawk li jrabbu n-naħal min-naħa tal-awtoritajiet Ewropej u nazzjonali bħala obbligatorja sabiex tiġi żgurata l-effettività ta' dawn il-programmi u l-implimentazzjoni fil-ħin tagħhom;

6. Jitlob lill-Kummissjoni titlob lill-Istati Membri jimplimentaw sistema affidabbli tar-reġistrazzjoni annwali tal-istokk tan-naħal aktar milli jibbażaw programmi tat-trobbija tan-naħal fuq ċifri ta' stima;

7. Jirrikonoxxi li l-iżvilupp ta' trattamenti innovattivi u effettivi kontra d-dud Varroa, li f'xi reġjuni jikkawża telf annwali konsiderevoli, huwa ta' importanza kbira; huwa tal-fehma li jeħtieġ li t-trattament veterinarju effettiv kontra d-dud *Varroa* u kontra kull tip ta' mard relatat isir disponibbli b'mod iktar mifrux madwar l-Ewropa; jitlob lill-Kummissjoni tintroduċi linji gwida komuni rigward it-trattament veterinarju fis-settur u f'dan huwa essenzjali li tikkoopera mal-organizzazzjonijiet tal-apikulturi;

8. Jitlob lill-Kummissjoni tadatta l-politika veterinarja Ewropea f'dak li jirrigwarda l-ambitu u l-finanzjament tagħha, biex tqis in-natura speċifika tan-naħal u tal-apikultura bil-għan li tiżgura ġlieda aktar effikaċi kontra l-mard tan-naħal u disponibilità ta' mediċini veterinarji effettivi u standardizzati madwar l-Unjoni, f'kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet tal-apikulturi;

9. Jitlob lill-Kummissjoni tikkoordina aħjar id-diversi programmi ta' riċerka mwettqa fl-Istati Membri biex tistabbilixxi pjan ta' azzjoni il-mortalità tan-naħal tiġi indirizzata b'mod organizzat u determinat; jirrimarka li dan għandu jinkludi l-integrazzjoni ta' prattiki ta' biedja sostenibbli u favur il-fertilizzazzjoni bil-polline, billi jiġu evitati l-monokulturi mingħajr rotazzjoni;

10. Jitlob lill-Kummissjoni biex timplimenta r-rakkomandazzjonijiet tar-rapport xjentifiku msemmi hawn fuq, adottat mill-EFSA fit-3 ta' Diċembru 2009, b'mod partikolari l-iffinanzjar ta' "studji speċifiċi li jibnu fuq ix-xogħol eżistenti li għaddej bħalissa biex jitjiebu l-għarfien u l-fehim ta' fatturi li jaffettwaw is-saħħa tan-naħal";

11. Jitlob li ssir riċerka indipendenti u f'waqtha dwar il-mortalità tan-naħal, u li l-Kummissjoni tiżgura li d-data dwar l-effetti tal-prodotti tal-protezzjoni tal-pjanti (bħal żerriegħa mgħottija), tal-kultivazzjonijiet ġenetikament immodifikati u tat-tifrix tat-tossini permezz tal-polline fuq l-ambjent u fuq speċijiet speċifiċi jsiru magħrufa pubblikament, u li kwalunkwe inizjattiva ġdida tkun ibbażata fuq provi xjentifiċi u statistika soda; jistieden lill-Kummissjoni tniedi studju dwar dawn il-kwestjonijiet u tippreżenta r-riżultati ta' dan fi skadenza raġonevoli;

12. Jitlob lill-Kummissjoni biex tiżgura li l-appoġġ eżistenti tas-settur tal-apikultura u l-futur ta' din il-politika jinżammu u jissaħħu fil-PAK wara l-2013 b'tali mod li jiġu ggarantiti l-kontinwazzjoni u t-titjib ta' dan is-settur; jilqa' d-deċiżjoni tal-Kummissjoni ta' Lulju 2010 biex jiżdied il-baġit għall-programmi tal-apikultura; jirrikonoxxi li dan huwa metodu li jappoġġa l-iżvilupp futur tal-apikultura Ewropea, billi jikkontribwixxi biex tiġi ppreservata l-bijodiversità; jirrikonoxxi madankollu li n-naħal għandhom rwol importanti għaż-żamma tal-livell ta' produzzjoni fl-agrikoltura u fl-ortikoltura, u jqisu importanti li l-offerta ta' dan il-beni ambjentali tkun ikkompensata;

13. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li jkun hemm appoġġ finanzjarju għall-edukazzjoni, il-kampanji ta' informazzjoni u t-taħriġ ta' apikulturi ġodda u professjonisti, b'enfasi partikolari fuq it-tħeġġiġ ta' apikulturi ġodda biex dawn jistabbilixxu ruħhom fis-settur, inkluża l-possibilità ta' skambji ta' esperjenza ma' apikulturi f'pajjiżi oħra;

14. Jitlob lill-Kummissjoni biex tistudja, bi ftehim mal-Istati Membri u b'koordinazzjoni bejn is-servizzi veterinarji u l-organizzazzjonijiet tal-apikulturi, kif diġà previst f'ċerti Stati Membri, l-opportunitajiet għall-istabbiliment ta' pjan tal-UE fil-qasam veterinarju dwar is-saħħa tan-naħal li jkollu l-għan li, f'każ ta' bżonn, jiżgura l-aċċess għall-mediċinali veterinarji, u li għandu jkun iffinanzjat fil-qafas tal-politika veterinarja Ewropea;

15. Isaqsi lill-Kummissjoni biex ittejjeb il-koordinazzjoni u l-iskambju ta' għarfien bejn ir-riċerka xjentifika, l-apikultura u l-agrikultura applikati;

16. Huwa tal-fehma li, minħabba l-influwenza possibbli tal-prodotti tal-protezzjoni tal-pjanti fuq l-iżvilupp tal-kolonji flimkien mal-effetti fuq in-naħal adult, għandhom jitqiesu wkoll l-effetti tal-prodotti tal-protezzjoni tal-pjanti fuq il-ġarra tan-naħal kollha kemm hi; ifakkar f'dan ir-rigward li l-Kummissjoni ddikjarat fil-plenarja, fi żmien l-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru. 1107/2009, li meta jkun hemm reviżjoni tar-rekwiżiti tad-data għal sustanzi attivi u prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, kif imsemmi fl-Artikolu 8(1) (b) u (c) tiegħu, il-Kummissjoni għandha tagħti attenzjoni speċjali biex issegwi l-eżamijiet u biex tistudja l-protokolli li jippermettu valutazzjoni tar-riskju li tqis l-espożizzjoni diretta u indiretta tan-naħal għal dawn il-prodotti, b'mod partikolari permezz tan-nettarina, l-għabra tad-dakra u l-ilma, li jista' jkun fih residwi ta' pestiċidi li jistgħu jinġabru min-naħal;

17. Jitlob lill-Kummissjoni biex issegwi approċċ komprensiv u sostenibbli fl-iżvilupp futur tagħha tal-implimentazzjoni tal-iskema tal-għajnuna Komunitarja fil-qasam tat-trobbija tan-naħal, li b'mod partikolari tkopri l-iżvilupp rurali, it-tibdil tal-klima u l-bijodiversità, partikolarment permezz tal-appoġġ ta' miżuri għaż-żamma u t-tkabbir ta' meded fjuriti;

18. Jitlob lill-Kummissjoni biex tappoġġa s-settur tal-apikultura Ewropea b'mod usa' u aktar koerenti billi tuża strumenti addizzjonali fil-PAK futura, inklużi miżuri favur it-tisħiħ tal-bijodiversità, it-taffija tal-effetti tat-tibdil fil-klima, iż-żamma ta' wirt tradizzjonali u kulturali nazzjonali li jagħti impjieg lil bosta familji fl-Ewropa, il-ħarsien u t-titjib tal-kwalità u l-operat tajjeb tas-suq għall-prodotti tal-apikultura;

19. Jitlob lill-Kummissjoni tikkoordina programmi nazzjonali ta' monitoraġġ għar-rekwiżiti tat-tikkettar u għal-miżuri għat-tnaqqis tar-riskji li għandhom jiġu inklużi fl-awtorizzazzjoni tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti, kif ukoll programmi ta' monitoraġġ tal-espożizzjoni għal prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti;

**Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2010**

20. Jitlob lill-Kummissjoni tippromwovi l-bejgħ dirett tal-prodotti tal-apikultura lill-konsumaturi fis-swieq lokali;

21. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

## Lejn Strateġija ġdida dwar l-Enerġija għall-Ewropa 2011-2020

P7_TA(2010)0441

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Novembru 2010 lejn Strateġija ġdida dwar l-Enerġija għall-Ewropa 2011-2020 (2010/2108(INI))**

(2012/C 99 E/14)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra d-dokument ta' riepilogu tal-Kummissjoni bit-titolu "Lejn Strateġija ġdida dwar l-Enerġija għall-Ewropa 2011-2020", ippublikat fis-7 ta' Mejju 2010,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill Ewropew u lill-Parlament Ewropew tal-10 ta' Jannar 2007 bit-titolu "Politika dwar l-enerġija għall-Ewropa" (COM(2007)0001), li ġiet segwita mill-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tat-13 ta' Novembru 2008 bit-titolu "t-Tieni Analiżi Strateġika dwar l-Enerġija - Pjan ta' Azzjoni tal-UE għas-Sigurtà u s-Solidarjetà tal-Enerġija" u mid-dokumenti li jakkumpanjaw (COM(2008)0781),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-3 ta' Frar 2009 dwar it-Tieni Analiżi Strateġika tal-Politika dwar l-Enerġija [1],

— wara li kkunsidra t-Tielet Pakkett tal-Enerġija, li jikkonsisti mir-Regolament (KE) Nru 713/2009 tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija, mir-Regolament (KE) Nru 714/2009 tat-13 ta' Lulju 2009 dwar kondizzjonijiet għall-aċċess ta' grilji għall-bdil bejn il-fruntieri fl-elettriku u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1228/2003, mir-Regolament (KE) Nru 715/2009 tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-kondizzjonijiet għall-aċċess għan-networks ta' trażmissjoni tal-gass naturali u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1775/2005, mid-Direttiva 2009/72/KE tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku u li tħassar id-Direttiva 2003/54/KE (id-"Direttiva dwar l-Elettriku"), kif ukoll mid-Direttiva 2009/73/KE tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 2003/55/KE (id-"Direttiva dwar il-Gass Naturali") [2],

— wara li kkunsidra l-Pakkett tal-UE dwar l-Enerġija u t-Tibdil fil-Klima, li jikkonsisti mir-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 li jistabbilixxi standards ta' rendiment għall-emissjonijiet minn karozzi ġodda tal-passiġġieri bħala parti mill-approċċ integrat tal-Komunità biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' $CO_2$ minn vetturi ħfief, mid-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi 2001/77/KE u 2003/30/KE, mid-Direttiva 2009/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE għat-titjib u l-estensjoni tal-iskema Komunitarja għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra, mid-Direttiva 2009/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 li temenda d-Direttiva 98/70/KE rigward l-ispeċifikazzjoni tal-petrol, tad-diżil u taż-żejt tal-gass u li tintroduċi mekkaniżmu għall-monitoraġġ u għat-tnaqqis tal- emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 1999/32/KE rigward l-ispeċifikazzjoni tal-karburant użat mill-bastimenti tal-passaġġi tal-ilma interni u li tħassar id-Direttiva 93/12/KEE, mid-Direttiva 2009/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-ħżin ġeoloġiku tad-dijossidu tal-karbonju u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE, id-Direttivi 2000/60/KE, 2001/80/KE, 2004/35/KE,

[1] ĠU C 67 E, 18.3.2010, p. 16.
[2] ĠU L 211, 14.8.2009.

2006/12/KE, 2008/1/KE u r-Regolament (KE) Nru 1013/2006, kif ukoll mid-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar l-isforz tal-Istati Membri biex inaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra biex jonoraw l-impenji tal-Komunità għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra sal-2020 ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Settembru 2007 dwar progress lejn politika barranija Ewropea komuni għall-enerġija ([2]),

— wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Karta tal-Enerġija tas-17 ta' Diċembru 1994 li jistabbilixxi l-qafas ġuridiku għall-kooperazzjoni internazzjonali fl-enerġija, flimkien mal-abbozz ta' Protokoll dwar it-Transitu tagħha,

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 663/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi programm li jgħin l-irkupru ekonomiku permezz tal-għoti ta' għajnuna finanzjarja Komunitarja għal proġetti fil-qasam tal-enerġija (Programm Ewropew tal-Enerġija għall-Irkupru) ([3]),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni tal-31 ta' Mejju 2010 bit-titolu l-"Programm li jgħin l-irkupru ekonomiku: Għajnuna finanzjarja Komunitarja għal proġetti fil-qasam tal-enerġija (li temenda r-Regolament (KE) Nru 663/2009)" (COM(2010)0283),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tas-7 ta' Ottubru 2009 bit-titolu "L-Investiment fl-Iżvilupp ta' Teknoloġiji b'livell baxx ta' Karbonju (SET-Plan)" (COM(2009)0519) u wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Marzu 2010 dwar l-investiment fl-iżvilupp ta' teknoloġiji b'livell baxx ta' karbonju (SET-Plan) ([4]),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tal-4 ta' Mejju 2010 dwar l-implimentazzjoni tan-netwerks trans-Ewropej tal-enerġija fil-perjodu 2007-2009 (COM(2010)0203),

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri li jissalvagwardjaw is-sigurtà tal-provvista tal-gass u li jħassar id-Direttiva 2004/67/KE (COM(2009)0363) (*Rapport Vidal-Quadras*),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-Pjan ta' Azzjoni għall-Effiċjenza fl-Enerġija: It-Twettiq tal-Potenzjal (COM(2006)0545),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ġunju 2010 dwar il-progress fir-rigward tal-miżuri għas-salvagwardja tas-sigurtà fil-provvista tal-elettriku u tal-investiment fl-infrastruttura (COM(2010)0330),

— wara li kkunsidra l-abbozz tal-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2010 bit-titolu "Lejn Strateġija ġdida dwar l-Enerġija għall-Ewropa 2011-2020" ([5]),

— wara li kkunsidra id-Direttiva 2006/32/EC tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2006 dwar effiċjenza fl-użu finali tal-enerġija u dwar servizzi ta' enerġija u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/76/KEE (id-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Enerġija) ([6])

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2004/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 dwar il-promozzjoni ta' koġenerazzjoni bbażata fuq id-domanda għal sħana utli fis-suq intern tal-enerġija, li temenda d-Direttiva 92/62/KEE (Direttiva dwar l-istallazzjonijiet ta' sħana u enerġija kombinati - CHP) ([7]),

([1]) ĠU L 140, 5.6.2009.
([2]) ĠU C 219E, 28.8.2008, p. 206.
([3]) ĠU L 200, 31.07.2009, p. 31.
([4]) Testi adottati, P7_TA(2010)0064.
([5]) 9744/10.
([6]) ĠU L 114, 27.4.2006, p. 64.
([7]) ĠU L 52, 21.2.2004, p. 50.

**Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2010**

— wara li kkunsidra l-Artikolu 194 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u l-opinjoni tal- Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A7-0313/2010),

A. billi t-Trattat ta' Lisbona mmarka perjodu ġdid għall-Unjoni li jitlob l-aġġustament tal-objettivi u tal-istrateġiji tagħna kif ukoll tal-baġit tal-UE bil-għan li t-Trattat ikun implimentat bis-sħiħ,

B. billi l-inklużjoni ta' kapitolu speċifiku dwar l-enerġija fit-Trattat ta' Lisbona issa tagħti bażi legali soda biex jiġu żviluppati inizjattivi rigward l-enerġija msejsa fuq is-sostenibbiltà, is-sigurtà tal-provvista, l-interkonnessjoni tan-netwerks u s-solidarjetà,

Ċ. billi l-Unjoni qiegħda tħabbat wiċċha mal-problema relatata mal-implimentazzjoni tard jew mhux kompluta tal-leġiżlazzjoni fil-qasam tal-enerġija u ma' nuqqas ta' strateġiji ġenerali tal-enerġija, sitwazzjoni li teħtieġ tmexxija soda min-naħa tal-Kummissjoni biex tqarreb dan id-distakk, flimkien ma' dimostrazzjoni ċara u konvinċenti ta' sostenn u determinazzjoni min-naħa tal-Istati Membri,

D. billi l-Ewropa qed tkompli ssir aktar dipendenti fuq l-importazzjonijiet ta' sorsi tal-enerġija barranin, partikolarment fir-rigward tal-karburanti fossili, billi b'mod partikolari d-dipendenza fuq iż-żejt se tiżdied fil-ġejjieni, u billi l-politika tal-UE dwar l-enerġija għandha għalhekk ikollha dimensjoni internazzjonali,

E. billi l-istandards tal-għajxien u l-kompetittività ekonomika jiddependu mill-prezz u d-disponibilità tal-enerġija,

F. billi l-politika tal-UE dwar l-enerġija għandha tgħinha biex tonora l-impenn tagħha li tnaqqas il-gassijiet b'effett ta' serra,

G. billi, fl-għaxar snin li ġejjin, se jinħtieġu investimenti kbar fl-enerġija, b'mod notevoli f'impjanti tal-enerġija,*interkonnessjonijiet* u grilji ġodda, *u billi dawn l-investimenti* se jsawru t-taħlita tal-enerġija użata għal perjodu saħansitra itwal, *għandhom jittieħdu passi biex ikun żgurat li permezz tagħhom tista' ssir bidla għal ekonomija sostenibbli; billi dan* se jirrikjedi dversifikazzjoni ulterjuri tal-istrumenti finanzjarji *jew, potenzjalment, arranġamenti ġodda fis-suq, speċjalment f'dawk ir-reġjuni l-aktar iżolati fir-rigward tal-enerġija,*

H. billi jeżistu riżorsi sostanzjali ta' bijomassa fl-UE27 li jistgħu jintużaw biex jiġu manifatturati kwantitajiet sinifikanti ta' bijofjuwils tat-tieni ġenerazzjoni,

I. billi l-faħam se jibqa' jkun sors primarju importanti ta' provvista tal-enerġija għall-pubbliku u għall-ekonomija,

J. billi l-investimenti fis-settur tal-enerġija għandhom intensità għolja ta' kapital, u teżisti ħtieġa biex jinħoloq qafas ta' regolamentazzjoni stabbli fit-tul li jippermetti lill-kumpaniji jieħdu deċiżjonijiet dwar l-investiment li jkunu ambjentalment u ekonomikament sodi, u billi dan bl-ebda mod m'għandu jwassal għal tagħwiġ tal-kompetizzjoni,

K. billi l-għan ambizzjuż tal-UE rigward it-tnaqqis tal-emissjonijiet fuq perjodu twil ta' żmien għandu jitqies fil-kuntest ta' ftehim dinji dwar it-tibdil fil-klima, sabiex jiġi massimizzat il-kontribut pożittiv tal-UE għan-negozjati internazzjonali u biex jitnaqqsu r-riskji tar-rilokazzjoni tal-karbonju u tat-telf tal-kompetittività għall-industriji Ewropej,

L. billi l-infrastruttura tan-netwerks tal-enerġija tesiġi li tkun finanzjata l-ewwel u qabel kollox mit-tariffi tal-enerġija; billi, madankollu, il-finanzjament u s-sostenn min-naħa tal-EU jistgħu jinħtieġu wkoll meta s-swieq ma jistgħux jiffinanzjaw tali investimenti waħedhom, u sabiex ikunu stabbiliti netwerks li jaħdmu kif suppost u jinfetħu swieq tal-enerġija Ewropej, prinċipalment fir-reġjuni l-anqas żviluppati,

M. billi t-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku li rriżulta mill-kriżijiet finanzjarji ttardja l-investiment fis-settur tal-enerġija; billi, madankollu, il-kriżi tista' wkoll isservi ta' opportunità ta' riforma għall-Ewropa,

N. billi ekonomija sostenibbli u dinamika għandha tistinka biex tħoll ir-rabta bejn it-tkabbir ekonomiku u l-konsum tal-enerġija, b'mod notevoli billi żżid l-effiċjenza tal-enerġija għal kull unità prodotta,

O. billi l-Kummissjoni ħabbret ukoll l-intenzjoni tagħha li tivvaluta fl-2009, is-sitwazzjoni globali tal-LNG u tidentifika diskrepanzi bil-għan li tipproponi pjan ta' azzjoni dwar l-LNG,

***Introduzzjoni: Strateġija li tiggarantixxi l-implimentazzjoni bis-sħiħ tat-Trattat ta' Lisbona***

1. Jilqa' d-dokument ta' riepilogu tal-Kummissjoni bit-titolu "Lejn Strateġija ġdida dwar l-Enerġija għall-Ewropa 2011-2020" bħala l-ewwel pass lejn politika komprensiva tal-UE dwar l-enerġija fil-kuntest tal-Istrateġija tal-UE għall-2020;

2. Iqis li kwalunkwe strateġija fil-ġejjieni għandha tipprova tissodisfa l-objettivi tal-qalba tat-Trattat ta' Lisbona relatati mas-suq uniku tal-enerġija, mas-sigurtà tal-provvista, mal-effiċjenza u l-iffrankar tal-enerġija u mal-iżvilupp ta' forom ta' enerġija ġodda rinnovabbli u mal-promozzjoni ta' netwerks tal-enerġija; barra minn hekk, għandha tikkontribwixxi għal prezzijiet tal-enerġija li jistgħu jintlaħqu għall-benefiċċju tal-konsumaturi, għat-tisħiħ ta' enerġija rinnovabbli fil-qasfas tal-produzzjoni sostenibbli tal-enerġija u mal-iżvilupp ta' netwerks tal-enerġija intelliġenti, interkonnessi, integrati u interoperabbli u għandha twassal għal inqas dipendenza fuq l-importazzjonijiet tal-enerġija u għal żieda fil-produzzjoni interna tal-enerġija rinnovabbli, filwaqt li jinżammu l-kompetittività u t-tkabbir industrijali u t-tnaqqis ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra;

3. Jenfasizza li l-istrateġija proposta għandha, qabel kollox, tiżvolġi fl-ispirtu ta' solidarjetà u responsabbiltà, fejn l-ebda Stat Membru ma jista' jintesa jew jinqata' għalih u l-Istati Membri kollha għandhom jieħdu miżuri biex jiggarantixxu s-sigurtà reċiproka tal-Unjoni; jisħaq fuq is-sinifikat tal-inklużjoni fit-Trattat ta' kapitolu speċifiku dwar l-enerġija (Artikolu 194 TFUE), li jipprovdi bażi ġuridika soda għal azzjoni tal-Unjoni bbażata fuq il-metodu Komunitarju;

4. Jenfasizza li l-Unjoni teħtieġ viżjoni fit-tul fir-rigward ta' politika tal-enerġija sostenibbli u effiċjenti sal-2050, iggwidata minn objettivi fit-tul għat-tnaqqis tal-emissjonijiet u kkumplimentata minn pjanijiet ta' azzjoni preċiżi u komprensivi fuq medda ta' żmien qasira u medja biex jgħinuha tikseb dawn l-objettivi;

5. Jitlob biex jitfasslu pjanijiet fir-rigward ta' Komunità tal-Enerġija Ewropea li tinvolvi kooperazzjoni b'saħħitha dwar netwerks tal-enerġija u finanzjament Ewropew ta' teknoloġiji ġodda tal-enerġija; huwa tal-fehma li l-Komunità tal-Enerġija Ewropea għandha, bla ma temenda t-Trattat ta' Lisbona fl-ewwel fażi, tegħleb il-frammentazzjoni tal-politika Ewropea dwar l-enerġija u tagħti lill-Unjoni vuċi internazzjonali b'saħħitha fir-relazzjonijiet tagħha fil-qasam tal-enerġija;

***Garanzija tal-funzjonament tas-suq tal-enerġija***

6. Jisħaq fuq il-fatt li t-tlestija tas-suq intern Ewropew tal-enerġija huwa indispensabbli sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-politika tal-UE; jemmen li dan għandu jissejjes fuq qafas ġuridiku ċar, li fih il-leġiżlazzjoni tkun rigorożament rinfurzata u l-Kummissjoni tkun aktar lesta li tibda' proċedimenti dwar ksur kontra l-Istati Membri, jekk dan ikun meħtieġ;

7. Jenfasizza bil-qawwa l-ħtieġa li tkun implimentata bis-sħiħ il-leġiżlazzjoni attwali tal-UE fil-qasam tal-enerġija u li jintlaħqu l-miri tal-UE relatati mal-enerġija; jenfasizza l-bżonn għal implimentazzjoni rapida u korretta tar-regoli dwar it-Tielet Pakkett dwar l-Enerġija u tal-pakkett dwar l-effiċjenza tal-enerġija fl-Istati Membri kollha;

8. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiżgura li d-direttivi attwali dwar is-suq intern ikunu implimentati bis-sħiħ u kif suppost u trasposti mill-Istati Membri u, jekk l-Istati Membri jonqsu milli jirrispondu, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra bħala miżura finali s-sottomissjoni mill-ġdid tad-dispożizzjonijiet ewlenin tad-direttivi attwali tas-suq intern f'forma ta' regolamenti, biex tiżgura l-applikazzjoni diretta u sħiħa fis-suq uniku kollu;

**Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2010**

9. Jisħaq fuq il-ħtieġa li tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista għall-istokk tal-impjanti tal-Ewropa li jipproduċu l-elettriku, b'mod partikolari, billi tiġi żviluppata politika industrijali li tippromwovi investiment fit-tul fil-mezzi għall-produzzjoni tal-elettriku fl-UE;

10. Jemmen li r-rwol tar-regolaturi tas-suq tal-enerġija u l-kooperazzjoni bejn ir-regolaturi nazzjonali, l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni u l-Kummissjoni għandhom jissaħħu, speċjalment fir-rigward tas-swieq bl-imnut u bl-ingrossa; f'dan ir-rigward, jistieden lill-Kummissjoni biex tieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex tiżgura li l-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER) u n-Netwerk Ewropew għall-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni (ENTSO) ikunu jistgħu jwettqu l-kompiti tagħhom b'mod effiċjenti; jinnota li jekk il-kompetenzi tal-ACER u l-ENTSO huma insuffiċjenti għall-ħolqien ta' suq tal-enerġija Ewropew aktar integrat, jista' ikun neċessarju li l-mandati tagħhom ikunu emendati; jistieden lill-Kummissjoni u lill-ACER biex jiżviluppaw proposti dwar kif jista' jissaħħaħ l-involviment tal-partijiet interessati;

11. Jenfasizza l-ħtieġa li tiżdied it-trasparenza u li jitjieb il-funzjonament tas-swieq bl-ingrossa tal-enerġija għall-benefiċċju tal-konsumaturi, speċjalment fir-rigward tal-prodotti finanzjarji li ġew innegozjati fis-suq tal-enerġija u l-istabbilment ta' swieq effiċjenti ta' matul il-jum (intraday) fl-Ewropa kollha; jilqa', f'dan il-kuntest, it-tħabbira tal-Kummissjoni li bi ħsiebha tippreżenta proposta dwar it-trasparenza u l-integrità ta' swieq tal-enerġija nnegozjati u jitlob għall-iżvilupp ta' qafas regolatorju koerenti f'dan ir-rigward;

12. Iqis li l-konsumaturi jistgħu jibbenefikaw minn żieda fil-kompetizzjoni fis-suq tal-enerġija; jenfasizza l-ħtieġa li titrawwem il-kompetizzjoni billi jkun hemm rottot ta' trasport, sorsi tal-enerġija u operaturi tas-swieq differenti fis-swieq Ewropej u jenfasizza wkoll l-importanza li jitħeġġeġ l-iżvilupp ta' mudelli ta' negozju ġodda;

13. Ifakkar fl-inkjesta tal-Kummissjoni fis-settur li saret fl-2005; jappella għal inkjesta oħra fis-settur tal-enerġija li għandha titnieda fl-2013;

14. Jitlob lill-Kummissjoni torganizza samit annwali mar-rappreżentanti tal-kumitati tal-parlamenti nazzjonali responsabbli għal kwestjonijiet relatati mal-enerġija u mal-Membri tal-Parlament Ewropew u mal-partijiet interessati, dwar politiki u leġiżlazzjoni tal-UE relatati mal-enerġija u kwisjonijiet oħra relatati sabiex jiġi żgurat fehim reċiproku aħjar; ikompli jsostni l-idea ta' laqgħa speċjali tal-Kunsill Ewropew li tiffoka fuq kwestjonijiet rilevanti marbutin mal-politika tal-enerġija, li għandhom jikkunsidraw ir-rapport tal-Parlament dwar l-Istrateġija dwar l-Enerġija 2011-2020 u l-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija;

***Sostenn għall-grilji integrati moderni***

15. Jenfasizza bil-qawwi li kwalunkwe dewmien fl-iżvilupp ta' grilja intelliġenti tal-gass u tal-elettriku fl-UE jipperikola l-ambizzjoni tal-UE li tikseb sal-2020 l-objettivi 20-20-20 tagħha dwar l-enerġija u l-klima u biex tilħaq l-objettivi tal-UE ghas-sena 2050 kif ftiehmu bejniethom il-Kapijiet tal-Istat u tal-Gvern, biex b'hekk, tissaħħaħ is-sigurtà tal-UE fis-provvista tal-enerġija; għalhekk jilqa' b'sodisfazzjon l-attenzjoni ċentrali tal-Istrateġija dwar l-Enerġija dwar infrastruttura intelliġenti u moderna biex jiġu żviluppati grilji integrati mifruxa fl-UE kollha;

16. Jisħaq fuq il-fatt li netwerk tal-enerġija pan-Ewropew biss, li ma jiħux kont tal-fruntieri tal-Istati Membri, se jagħti l-possibbiltà li jitlesta suq intern tal-enerġija; huwa tal-fehma li hemm bżonn urġenti li jiġu żviluppati u implimentati bis-sħiħ mekkaniżmi leġiżlattivi u finanzjarji previsti skont it-Trattat u skont leġiżlazzjoni sekondarja sabiex jiġi rimedjat bla dewmien kull nuqqas ta' azzjoni fir-rigward id-diskrepanzi jew nuqqasijiet fil-provvediment ta' konnessjonijiet fin-Netwerk trans-Ewropew tal-Enerġija; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li, li jiġi żgurat li l-produzzjoni kollha tal-enerġija Ewropea tintuża bl-aħjar mod possibbli, se tnaqqas il-ħtieġa ta' importazzjonijiet;

17. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex iressqu informazzjoni kompleta u f'waqtha lill-Kummissjoni, li hija meħtieġa skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 617/2010, dwar in-notifika ta' proġetti ta' investiment fl-infrastruttura tal-enerġija sabiex il-Kummissjoni jkollha idea tad-diskrepanzi potenzjali fid-domanda u l-provvista kif ukoll tal-ostakoli għall-investimenti, sakemm tingħata s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-legalità tar-regolament, li kellu jiġi adottat skont il-proċeduri ta' kodeċiżjoni, kif meħtieġ mill-Artikolu 194 tat-Trattat;

18. Jemmen li l-Kummmissjoni li jmiss "Pjan komprensiv għall-grilja fil-Baħar tat-Tramuntana", flimkien ma' inizjattivi reġjonali oħra bħaċ-"Ċirku Mediterranju" u "l-Proġett ta' Interkonnessjoni għar-Reġjun Baltiku", għandhom isiru wieħed mill-pedamenti għall-iżivilupp ta' Supergrid Ewropew; jitlob lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex iwarrbu ir-riżorsi meħtieġa għall-iżvilupp tiegħu;

19. Jenfasizza li l-Pjan ta' Għaxar snin għall-Iżvilupp tan-Netwerk (biex bih jiġu integrati n-netwerks tal-UE ta' grilji tal-elettriku u tal-gass) għandu jkun aktar konformi mal-miri għall-2020, u għandu mbagħad jiġi implimentat bħala bażi metodoloġika u teknoloġika għal leġiżlazzjoni ġdida fil-qasam tal-infrastruttura tal-enerġija; jinnota r-rwol tal-ACER li qiegħda timmonitorja l-implimentazzjoni tiegħu; jenfasizza l-ħtieġa urġenti biex jiġu integrati gżejjer ta' enerġija fil-grilja tal-enerġija Ewropea, inkluż permezz tal-istabbiliment ta' interkonessjonijiet aħjar tal-grilji tal-gass u tat-terminali tal-LNG, li għandu jwassal biex dawk l-Istati Membri kkonċernati ma jibqgħux iżolati fis-suq, u għal żieda fis-sigurtà tal-provvista għal dawk il-pajjiżi tal-UE li attwalment jiddependu bil-kbir fuq numru żgħir ta' pajjiżi mhux parti mill-UE;

20. Jenfasizza l-ħtieġa ta' skambju aktar komprensiv ta' informazzjoni min-naħa tal-operaturi rigward il-ġestjoni ta' grilji ta' infrastruttura biex jiġi evitat tagħwiġ tas-suq ikkawżat minn asimmetrija ta' informazzjoni;

21. Ifakkar għal darba oħra li jekk is-suq għandu jkollu l-inċentiv li jinvesti fir-riċerka u l-iżvilupp ta' tekonoloġiji tal-enerġija ġodda huwa jeħtieġ qafas regolatorju; f'dan ir-rigward, jenfasizza l-ħtieġa kontinwa għal privattiv komuni tal-UE;

22. Jiġbed l-attenzjoni ukoll għall-ħtieġa urġenti li jkunu żviluppati u modernizzati n-netwerks ta' distribuzzjoni, biex ikunu integrati l-ammonti li qegħdin jikbru ta' ġenerazzjoni distribwita;

23. Jemmen li l-programm attwali għan-Netwerks tal-Enerġija Trans-Ewropej (TEN-E) kien insuffiċjenti, ma kkontribwixxiex b'mod sinifikanti għal kostruzzjoni ta' interkonnessjoni bejn l-Istati Membri u jrid jiġi aġġustat biex jissodisfa l-miri mfassla fil-pakkett tal-klima u l-enerġija u tat-tielet pakkett tas-suq intern; jemmen ukoll li l-pakkett ta' infrastruttura tal-enerġija propost u s-sostituzzjoni tat-TEN-E għandhom għalhekk:

(a) jevalwaw il-problema tal-permessi għall-infrastruttura tal-enerġija u jistabbilixxu l-approċċi differenti bl-għan li titneħħa l-burokrazija, jitqassru l-proċessi ta' approvazzjoni u jiġu indirizzati l-elementi ta' tħassib tal-pubbliku;

(b) jiddefinixxu u jsostnu proġetti ta' prijorità u jistipulaw kriterji biex bihom jiġu identifikati l-investimenti ta' infrstruttura ewlenin għall-iżvilupp tas-suq intern tal-enerġija, b'kunsiderazzjoni għall-kontribut tal-proġett għas-sigurtà tal-provvista, għal ħtieġa li tissaħħaħ il-kompetizzjoni u li jintlaħqu l-għanijiet sostenibbli u fit-tul dwar l-enerġija u titjieb il-koeżjoni soċjali u territorjali;

(ċ) iressqu kriterji u linji gwida ċari lill-Istati Membri, dwar finanzjament pubbliku u mill-UE favur l-infrastruttura tal-enerġija;

(d) jestendu s-sostenn finanzjarju, li jinkludi dak mill-Bank Ewropew għall-Investiment u intermedjarji finanzjarji oħra, għall-fażi ta' implimentazzjoni ta' proġetti, biex jindirizzaw fallimenti fis-suq;

(e) joħolqu mudell transkonfinali b'kondiviżjoni tal-kostijiet, speċjalment fir-rigward tal-iżvilupp ikkoordinat tal-infrastruttura u tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli, ispirat minn mudelli ta' suċċess eżistenti;

(f) jevalwaw jekk il-ftuħ ta' proġetti ta' infrastruttura ta' importanza għall-UE, għal offerta pubblika, jistax iħaffef il-pass tal-investiment fl-infrastruttura;

### *Il-finanzjament tal-politika tal-enerġija*

24. Jikkunsidra li l-qafas finanzjarju multiannwali l-ġdid għandu jirrefletti l-prijoritajiet politiċi tal-UE kif spjegat fl-Istrateġija 2020, b'kunsiderazzjoni għas-sejbiet u l-prijoritajiet tat-Tieni Reviżjoni Strateġika dwar l-Enerġija, li jimplika li proporzjon kunsiderevolment akbar tal-baġit għandu jiġi allokat għall-politika tal-enerġija, li tinkludi l-infrastruttura moderna u intelliġenti, l-effiċjenza tal-enerġija, proġetti u riċerka dwar sorsi tal-enerġija rinnovabbli, u l-iżvilupp u l-mobilizzazzjoni ta' teknoloġiji ġodda;

**Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2010**

25. Jemmen li grilja moderna tal-elettriku għall-UE kollha għandha rwol ewlieni fil-kisba tal-mira fejn l-użu ta' enerġiji rinnovabbli jilħaq proporzjon ta' 20 %; għalhekk jistieden lill-Kummissjoni biex tiżviluppa sistema xierqa ta' inċentivi għall-investiment f'impjanti tal-enerġija li jinsabu f'reġjuni speċifiċi, sabiex jinkiseb l-aħjar effett ekonomiku u jiġu evitati investimenti ineffiċjenti fin-netwerks; jirrimarka, f'dan ir-rigward, li strateġija globali għandha tindirizza s-sistema tal-enerġija kollha kemm hi, mill-produtturi sal-konsumaturi;

26. Jitlob lill-Kummissjoni biex tipproponi strateġija biex tiżdied l-effiċjenza fis-suq tat-tisħin b'sostenn għal infrastrutturi lokali effiċjenti, bħat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali li jippermettu l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet integrati għat-tisħin, it-tkessiħ u l-elettriku bbażati fuq is-sħana u l-enerġija kkombinati u l-użu effiċjenti ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli;

27. Jemmen li strumenti finanzjarji innovattivi (per eżempju faċilitazzjonijiet għal kondiviżjoni tar-riskju u skemi ta' self minn banek pubbliċi) jistgħu jkunu għodda importanti għas-sostenn tal-investimenti fl-infrastruttura tal-enerġija, tal-effiċjenza tal-enerġija, ta' proġetti ta' enerġija rinnovabbli u għall-iżvilupp ta' teknoloġiji tal-enerġija ġodda bl-għan li tkun sostnuta t-tranżazzjoni lejn ekonomija sostenibbli; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni biex iżżid jew tissostitwixxi b'rata mgħaġġla aktar, għotjiet tradizzjonali permezz ta' dawn l-iskemi u jħeġġeġ lill-Istati Membri biex jużaw tali strumenti finanzjarji innovattivi; jiġbed l-attenzjoni f'din ir-rabta, għall-esperjenza pożittiva akkwistata permezz ta' strumenti simili oħra; japprova bil-qawwi l-proposta biex jintużaw il-fondi proprji tal-baġit tal-UE bħala garanziji tas-self għat-tħeġġiġ ta' investimenti privati u pubbliċi;

28. Jemmen, kif enfasizzat mill-Kummissjoni fl-istrateġija tal-UE għall-2020, li l-UE għandha ċċaqlaq il-piż fiskali tat-tassazzjoni għall-attivitajiet li jagħmlu ħsara lill-ambjent; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tirrivedi d-direttiva dwar it-tassazzjoni fuq l-enerġija b'konformità ma' dan;

29. Iqis li huwa essenzjali li l-finanzjament fil-ġejjieni ta' investimenti fl-enerġija għandhom jiffukaw fuq proġetti li joħolqu l-akbar numru ta' impjiegi possibbli;

30. Jisħaq li xi sostenn mill-Unjoni se jkun meħtieġ għal investiment maġġuri fl-infrastruttura f'xi wħud mill-Istati Membri, inkluż f'grilji tal-elettriku u netwerks ta' provvista, b'mod partikolari għas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija u biex jinkisbu objettivi marbutin mal-klima u l-ambjent, jekk is-suq waħdu ma jistax jagħmel dan;

31. Jenfasizza li l-integrazzjoni tas-suq teħtieġ użu aħjar tal-grilji operattivi eżistenti, ibbażata fuq l-armonizzazzjoni transkonfinali tal-arraġamenti tas-suq u l-iżvilupp ta' skemi Ewropej komuni għall-ġestjoni tal-interkonnessjonijiet;

32. Jinnota r-responsabbiltà tal-ACER biex tiggarantixxi li l-ipprogrammar nazzjonali tal-iżvilupp tal-grilji tal-elettriku jikkorrispondi mal-Pjan ta' għaxar snin għall-Iżvilupp tan-Netwerk;

33. Jenfasizza li ħafna mill-Istati Membri l-ġodda huma vulnerabbli b'mod speċjali għal xkiel estern tal-provvista tal-enerġija u jeħtieġu sostenn partikolari min-naħa tal-Unjoni biex jiggarantixxu sigurtà stabbli tal-enerġija;

34. Jilqa' t-twaqqif ta' task force għal grilji intelliġenti fi ħdan il-Kummissjoni u jirrakkomanda li din tqis kif jixraq l-opinjonijiet tal-partijiet interessati kollha; jitlob lill-Kummissjoni tipprovdi lill-Parlament b'rapporti mressqa regolarment dwar il-progress li sar fil-ħidma tagħha; jisħaq li, fuq il-bażi tal-konklużjonijiet tal-ħidma tagħha, il-Kummissjoni għandha tiggarantixxi qafas regolatorju favorevoli fil-livell tal-UE għal grilji intelliġenti li jipprovdi inċentivi xierqa għal operaturi tan-netwerk biex jinvestu f'effiċjenza operattiva u li jistabbilixxi standards komuni għall-UE kollha fir-rigward tal-iżvilupp ta' grilji intelliġenti, biex b'hekk jgħin għal tranżizzjoni f'ekonomija sostenibbli; barra minn hekk, isostni proġetti pilota għal teknoloġiji innovattivi ta' komunikazzjoni, awtomazzjoni u ta' kontroll tal-grilji; ifakkar fid-dispożizzjonijiet dwar arloġġi tad-dawl intelliġenti fid-Direttivi 2009/72/KE u 2009/73/KE;

35. Isostni proġetti pilota għall-ħruġ ta' arloġġi tad-dawl intelliġenti - bħal pereżempju taħt l-inizjattiva tas-SET-Plan "bliet intelliġenti" - sakemm il-konsumaturi u l-utenti li għandhom dħul baxx ikunu protetti u l-privatezza tagħhom tiġi garantita;

36. Jitlob lill-Kummissjoni biex tressaq, sa tmiem l-2011, analiżi dwar il-ġejjieni tas-suq tal-gass dinji u tal-UE, li tinkludi l-impatt ta' proġetti ta' infrastruttura tal-gass li diġà huma ppjanati (bħall-proġetti żviluppati fil-kuntest tal-Kuritur tan-Nofsinhar), terminali ġodda tal-LNG, l-impatt ta' gass shale fuq is-suq tal-gass tal-Istati Uniti (partikolarment fuq l-esiġenzi ta' importazzjoni ta' LNG) u l-impatt tal-iżviluppi eventwali tal-gass shale fl-UE, dwar is-sigurtà tal-provvista tal-gass u dwar il-prezzijiet tal-gass fil-futur; jemmen li l-analiżi għandha tirrefletti, u tqis bħala punt ta' tluq, l-istat attwali tal-iżvilupp tal-infrastruttura u l-miri tal-UE rigward l-emissjonijiet $CO_2$ għall-2020; jishaq li l-partijiet interessati rilevanti kollha għandhom ikunu kkonsultati;

### *Sfruttament aħjar tal-potenzjal tal-effiċjenza tal-enerġija u tal-enerġija rinnovabbli tal-UE*

37. Iqis li l-effiċjenza fl-enerġija u l-iffrankar tal-enerġija għandhom ikunu prijoritajiet ewlenija ta' kwalunkwe strateġija tal-ġejjieni, peress li jirrappreżentaw mod effettiv fil-konfront tal-ispejjeż magħmula għat-tnaqqis tad-dipendenza tal-UE fuq l-enerġija u jikkumbattu t-tibdil fil-klima, jikkontribwixxu għall-ħolqien tal-impjiegi u l- kompetittività ekonomika u jikkumpensaw għaż-żieda tat-tariffi u l-kontijiet tal-enerġija u b'hekk inaqqsu l-faqar fl-enerġija; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jagħtu prijorità lill-effiċjenza tal-enerġija fl-aġenda tal-UE, u jitlob biex ikun hemm żieda fir-rata tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti u għall-adozzjoni f'waqtha mill-Kummissjoni ta' Pjan ta' Azzjoni ambizzjuż dwar l-Effiċenza tal-Enerġija; jemmem għalhekk li għandu jiġi implimentat b'tali mod li jikkunsidra l-isforzi li diġà saru f'xi Stati Membri;

38. Jilqa' r-reviżjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija; jistieden lill-Kummissjoni biex tqis l-opinjoni tal-Parlament;

39. Jenfasizza li l-ICT tista' u għandu jkollha sehem ewlieni fil-promozzjoni ta' konsum responsabbli tal-enerġija fid-djar, fit-trasport, fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u fil-manifattura; iqis li l-arloġġi tad-dawl intelliġenti, it-tidwil effiċjenti, il-cloud computing u s-softwer iddistribwit għandhom il-potenzjal li jittrasformaw ix-xejriet tal-użu ta' sorsi tal-enerġija;

40. Jemmen li l-effiċjenza fl-enerġija u l-iffrankar tal-enerġija għandhom jiffukaw ukoll fuq il-katina kollha tal-provvista u d-domanda tal-enerġija, inklużi t-trasformazzjoni, it-trażmissjoni, id-distribuzzjoni u l-provvista, flimkien mal-konsum industrijali, tat-trasport u tad-djar;

41. Isostni l-iżvilupp ta' suq li jaħdem kif suppost, għas-servizzi tal-enerġija u għall-introduzzjoni ta' aktar mekkaniżmi tas-suq biex titjieb l-effiċjenza fl-enerġija u biex jistimulaw il-kompetittività tal-ekonomija tal-UE;

42. Jemmen, barra minn hekk, li għandha tingħata aktar attenzjoni lill-prestazzjoni ta' prodotti li jikkunsmaw l-enerġija; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex timplimenta bis-sħiħ id-direttiva tal-ekodisinn, eż. billi tinkludi aktar prodotti u tapplika mudell dinamiku għall-iffissar ta' standards biex jiżgura t-tfassil ta' objettivi ambizzjużi aġġornati regolarment;

43. Jistieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti; iqis li, jekk il-valutazzjoni tirriżulta f'implimentazzjoni mhux sodisfaċenti tal-istrateġija ġenerali dwar l-effiċjenza tal-enerġija u għalhekk ma jkunx previst li l-UE se tilħaq il-mira dwar l-effiċjenza tagħha għall-2020, il-EEAP għandu jinkludi impenn mill-Kummissjoni li tipproponi aktar miżuri tal-UE għall-Istati Membri, bħal miri individwali dwar l-effiċjenza tal-enerġija li jikkorrispondu ma' ffrankar ta' minn tal-anqas 20 % fil-livell tal-UE b'konformità mal-miri ewlenin EU2020 u li jikkunsidraw pożizzjonijiet ta' tluq u ċirkostanzi nazzjonali relattivi, u l-approvazzjoni minn qabel tal-pjan ta' azzjoni dwar l-effiċjenza fl-enerġija ta' kull Stat Membru; iqis li tali miżuri addizzjonali għandhom jitqiesu bħala neċessarji, ġusti u li jistgħu jitkejlu u li se jkollhom impatt effettiv u dirett fuq l-implimentazzjoni ta' pjanijiet nazzjonali dwar l-effiċjenza fl-enerġija; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiftehmu dwar metodoloġija komuni għall-kejl ta' miri nazzjonali fl-effiċjenza tal-enerġija u għall-monitoraġġ tal-progress fl-ilħuq ta' dawk il-miri;

44. Jagħti s-sostenn tiegħu għal governanza b'ħafna livelli u approċċ deċentralizzat għall-politika tal-enerġija u tal-effiċjenza tal-enerġija, inkluż il-Patt tas-Sindki u l-iżvilupp ulterjuri tal-inizjattiva "Bliet Intelliġenti"; jenfasizza l-ħtieġa għall-finanzjament kredibbli, li jinkludi għal inizjattivi minn isfel għal fuq u għall-involviment ta' bliet u reġjuni;

**Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2010**

45. Jemmen li l-Ewropa qed tiġi superata mill-imsieħba internazzjonali tagħha fl-iżvilupp tal-potenzjal sħiħ tat-teknoloġija tal-bijoenerġija. iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħmlu abbozz ta' politika trans-settorjali tal-bijomassa li tistabbilixxi suq sostenibbli għall-bijomassa mill-agrikoltura, mill-iskart agrikolu u mill-forestrija filwaqt li tostakola żieda fl-emissjonijiet u telf fil-bijodiversità; jirrikonoxxi li issa teknoloġija sostenibbli tat-tieni ġenerazzjoni hija disponibbli; jistieden lill-Kummissjoni biex tipproponi qafas ta' politika li jwassal għal u jsostni l-promozzjoni tal-mobilizzazzjoni ta' bijokarburanti tat-tieni ġenerazzjoni fl-Ewropa;

46. Jistieden lill-Kummissjoni tanalizza l-pjanjiet ta' azzjoni nazzjonali rispettivi dwar l-enerġija rinnovabbli ppreżentati mill-Istati Membri; jitlob lill-Kummissjoni tieħu azzjoni jekk neċessarja biex tgħin ċerti Stati Membri jtejbu l-pjanijiet tagħhom u biex tuża s-setgħat kollha li għandha biex l-Istati Membri jonoraw l-obbligi ġuridiċi tagħhom fl-ilħuq tal-objettiv nazzjonali tagħhom; jenfasizza l-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni fid-direttiva biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jilħqu l-objettivi tagħhom; jistieden għal darba oħra, lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi pjattaforma ta' kooperazzjoni bejn organizzazzjonijiet nazzjonali kompetenti sabiex ikun faċilitat l-iskambju ta' informazzjoni u biex jiġu identifikati l-aħjar prattiki għal sorsi ta' enerġija rinnovabbli;

47. Jirrikonoxxi r-rwol importanti tal-impjanti ta' ħżin bil-pompi bħala sors ta' enerġija effiċjenti, affidabbli u li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent għal servizzi anċillari u ta' kumpens;

48. Jemmen li biex tiġi żgurata l-mobilizzazzjoni effettiva tal-enerġija rinnovabbli, il-mekkaniżmu ta' flessibbiltà prevista fid-Direttiva RES għandu jintuża u l-kondizzjonijiet marbutin mal-konnessjoni tal-grilja għandhom ikunu armonizzati bil-għan li jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi ta' benefiċċju fir-rigward tal-enerġija rinnovabbli (eż. il-ħlas ta' kostijet marbutin mal-konnessjoni mal-grilja permezz tat-tariffa tan-netwerk); jemmen li fuq medda ta' żmien medja jistgħu jinħolqu gruppi ta' swieq reġjonali għall-produzzjoni ta' enerġiji rinnovabbli;

49. Jitlob għall-mobilizzazzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli fi ħdan l-UE biex isiru aktar effiċjenti billi jsir sforz fuq medda ta' żmien itwal lejn sistema ta' inċentivi dwar sorsi rinnovabbli għall-UE kollha, li permezz tagħhom tipi ta' sorsi rinnovabbli speċifiċi jkunu jistgħu jiġu mobilizzati f'dawk il-partijiet tal-UE fejn huma l-aktar effiċjenti, u b'hekk titnaqqas l-ispiża għall-promozzjoni tagħhom u l-allokazzjoni effiċjenti tal-fondi tkun garantita; jemmen li fuq medda ta' żmien fit-tul l-enerġija rinnovabbli għandha tagħmel parti minn suq tal-enerġija tal-UE intern u integrat li jiffunzjona kif suppost;

50. Jemmen li viżjoni fuq medda ta' żmien medja għandha tiġi żviluppata bl-għan li jiġu ttrattati kwestjonijiet ewlenin relatati mal-integrazzjoni bis-sħiħ tas-suq tal-enerġiji rinnovabbli; jenfasizza f'dan ir-rigward, li kwanlunkwe armonizzazzjoni għandha tkun ippreparata tajjeb biex ikun evitat tfixkil fis-swieq nazzjonali eżistenti; jemmen li prekundizzjoni għal skema ta' sostenn armonizzata hija suq intern tal-enerġija li jiffunzjona kif suppost u mingħajr tfixkil u kundizzjonijiet ugwali għal kulħadd; jemmen li kwankunkwe politika jew strateġija tal-ġejjieni għandha tibni fuq dawk il-mekkaniżmi ta' sostenn li taw prova tal-effettività tagħhom biex jilħqu l-miri u fl-istess ħin taw garanzija ta' diversità ġeografika u teknoloġika wiesgħa u ssalvagwardjaw il-fiduċja tal-investituri;

51. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jinkorporaw strumenti fiskali u finanzjarji għall-effiċjenza fl-enerġija (partikolarment fir-rigward it-titjib tal-bini) fil-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali tagħhom dwar l-effiċjenza fl-enerġija u biex tqis l-effiċjenza fl-enerġija u l-infrastruttura tal-enerġija bħala prijorità għall-qafas finanzjarju multiannwali; jemmen li użu intelliġenti tal-fondi - bħal banek għall-infrastruttura favur l-ambjent bħala lieva għall-kapital privat u aċċess faċli u ffukat għal fondi tal-UE - huwa kruċjali biex tiżdied l-influwenza tal-fondi tal-UE għat-tisħiħ tal-effiċjenza fl-enerġija;

### *Garanzija ta' sigurtà tal-provvista tal-enerġija*

52. Jemmen li, b'koordinament mal-SEAE, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-Unjoni titkellem dwar il-politika tal-enerġija esterna b'vuċi unika; jemmen, barra minn hekk, li l-UE għandha tuża s-setgħat il-ġodda tagħha biex tidentifika l-iskop għal kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u ssaħħaħha, fil-qasam tal-mitigazzjoni tal-klima u tal-protezzjoni tal-ambjent;

53. Iqis li l-UE għandha tiżgura li l-politika tal-enerġija tagħha jkollha dimensjoni internazzjonali b'saħħitha u koerenti u għandha tintegra l-kunsiderazzjonijiet dwar l-enerġija fil-politiki u fl-azzjonijiet esterni tagħha; jemmen li r-Rappreżentant Għoli Ewropew tal-Unjoni għall-Affarijiet Esterni u Sigurtà Komuni, għandu jagħti sostenn diplomatiku qawwi lill-politika dwar l-enerġija tal-UE, bl-għan li tissaħħaħ is-sigurtà tal-enerġija;

54. Jemmen li, fuq medda ta' żmien qasira sa medja, għandha tingħata prijorità lill-iżvilupp tal-infrastruttura strateġika tal-enerġija u għandha titwessa' r-relazzjoni mal-fornituri ċentrali u mal-pajjiżi ta' tranżitu; madankollu, huwa tal-fehma li s-soluzzjoni l-aktar sostenibbli u effettiva fit-tul tista' tinkiseb permezz tal-implimentazzjoni ta' miżuri dwar l-effiċjenza fl-enerġija u l-iffrankar tal-enerġija u l-użu ta' sorsi ta' enerġija sostenibbli interni;

55. Iqis li l-pipelines esterni kollha u netwerks tal-enerġija oħra li jgħaddu mit-territorju tal-Unjoni Ewropea għandhom ikunu regolati minn ftehimiet intergovernattivi trasparenti u soġġetti għal regoli tas-suq intern, fosthom regoli bħal dawk dwar l-aċċess minn parti terzi, klawsoli ta' destinazzjoni, superviżjoni tal-allokazzjoni u ġestjoni ta' konġestjoni, tul tal-kuntratti u klawsoli tal-ħlas ta' kwantità minima (take or pay); jistieden lill-Kummissjoni biex tiżgura li l-pipelines attwali u futuri u l-ftehimiet kummerċjali jirrispettaw l-acquis Ewropew fil-qasam tal-enerġija u biex tieħu azzjoni fejn neċessarja;

56. Jemmen li l-UE għandha tħares il-liġi bir-reqqa u tinforza l-konformità magħha fl-ispirtu ta' solidarjetà rigward l-enerġija u ta' rispett għar-regoli tal-kompetizzjoni u tas-suq komuni, u m'għandhiex iċċedi għall-interessi qawwija ta' pajjiżi individwali Ewropej, speċjalment tal-esportaturi tal-gass lejn is-suq Ewropew;

57. Jappella biex l-adeżjoni mat-Trattat dwar il-Komunità tal-Enerġija (ECT) tkun estiża għal aktar pajjiżi ġirien tal-UE, prinċipalment mal-pajjiżi fis-Sħubija tal-Lvant; jenfasizza li l-Kummissjoni għandha tiżgura u tinforza l-implimentazzjoni f'waqtha u rigoruża tar-regoli tal-UE fil-qasam tal-enerġija għall-Istati Membri tal-ECT, partikolarment billi tagħmel id-disponibbiltà ta' fondi mill-UE soġġetti għall-konformità mal-obbligi tat-Trattat;

58. Iqis li għandu jissaħħaħ il-kapitolu dwar l-enerġija li jkopri l-kooperazzjoni politika u teknoloġika f'kull ftehim ma' stati ġirien, partikolarment billi jissaħħew il-programmi dwar l-effiċjenza fl-enerġija u r-regoli tas-suq intern; jemmen li l-Kunsill għandu jagħti mandat lill-Kummissjoni biex tibda n-negozjati biex il-Memorandum ta' Ftehim attwali dwar kwistjonijiet fil-qasam tal-enerġija jinbidel f'testi ġuridikament vinkolanti; jenfasizza li r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u għal dimensjoni soċjali għandhom jagħmlu parti mid-djalogi dwar l-enerġija;

59. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex permezz ta' ftehimiet kummerċjali tintensifika l-proċess tal-adozzjoni ta' regoli ta' sikurezza u ta' effiċjenza fl-użu tal-enerġija kompatibbli mar-regoli tal-UE għall-produzzjoni, it-trażmissjoni, it-tranżitu, il-ħżin u l-ipproċessar/irfinar tal-enerġija importata jew esportata, u biex tipproponi standards globali fil-livell tad-WTO għall-promozzjoni ta' kummerċ miftuħ u ġust f'sorsi tal-enerġija rinnovabbli u f'teknoloġiji innovattivi u ġodda tal-enerġija;

60. Jilqa' l-parteċipazzjoni tar-Russja fil-laqgħat tal-Konferenza dwar il-Karta tal-Enerġija; jistieden lill-Kummissjoni biex taħdem biex testendi t-trattat għal aktar pajjiżi u, fil-forum tal-Konferenza dwar il-Karta tal-Enerġija, taħdem favur soluzzjoni negozjata li twassal għall-aċċettazzjoni sħiħa min-naħa tar-Russja tal-prinċipji tal-Karta tal-Enerġija u tal-protokolli tagħha; madankollu jenfasizza li kwalunkwe ftehim għandu jikkonforma bis-sħiħ mar-regoli tas-suq intern tal-enerġija tal-UE; jisħaq fuq il-fatt li l-enerġija għandu jkollha post ċentrali fil-ftehim ta' wara l-Ftehim dwar is-Sħubija u l-Kooperazzjoni (PCA) mar-Russja u li dan il-ftehim il-ġdid għandu jservi bħala gwida u pedament għall-konsistenza u l-koerenza għar-relazzjonijiet individwali tal-Istati Membri mar-Russja;

61. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jaħdmu mill-qrib man-NATO biex tkun żgurata konsistenza ġenerali bejn l-istrateġiji tal-UE u n-NATO dwar is-sigurtà tal-enerġija;

62. Jitlob lill-Kummissjoni tiggarantixxi li r-regolament dwar is-Sigurtà tal-Provvista tal-Gass jiġi applikat bis-sħiħ wara li jkun daħal fis-seħħ;

63. Jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri involuti jkomplu jipproċedu bl-implimentazzjoni tal-Kuritur tal-Gass tal-UE tan-Nofsinhar, speċjalment il-proġett tal-pipeline Nabucco, li jista' jsaħħaħ konsiderevolment is-sigurtà tal-provvista tal-gass fl-Unjoni Ewropea; jitlob lill-Kummissjoni biex tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill Ewropew dwar il-passi li ttieħdu f'dan il-proċess;

64. Jappella għal djalogu speċjali dwar l-enerġija mal-pajjiżi tar-reġjun tal-Kaspju, jilqa' b'sodisfazzjon il-ħidma fuq il-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp tal-Kaspju; jappoġġja f'dan il-kuntest id-djalogu dwar l-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun tal-Baħar l-Iswed u jenfasizza l-importanza tal-kwistjonijiet tal-enerġija kollha fid-djalogu bejn l-UE u l-pajjiżi ta' dan ir-reġjun;

**Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2010**

65. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jippromwovu DESERTEC u TRANSGREEN fil-kunstest tal-inizjattivi tal-Pjan Solari għall-Mediterran, sabiex tissaħħaħ is-sigurtà tal-provvista u jkun promoss l-iżvilupp tal-pajjiżi kkonċernati billi jsostnu impjanti li jipproduċu l-elettriku mir-raġġi tax-xemx u teknoloġiji sostenibbli tal-enerġiji rinnovabbli oħra fir-reġjun fir-Tramuntana tal-Afrika u r-rabta tiegħu mal-grilja Ewropea, jekk dan huwa vijabbli ekonomikament u ma jipperikolax is-sistema EU ETS; jemmen li l-istrumenti ta' kooperazzjoni previsti fid-direttiva dwar importazzjonijiet tal-enerġija rinnovabbli minn pajiiżi terzi għandhom ikunu sfruttati bis-sħiħ;

66. Ifakkar li l-Istati Membri huma responsabbli biex jiddeċiedu dwar it-taħlita speċifika tal-enerġija tagħhom, bl-għan li jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-karbonju u d-dipendenza fuq fjuwils vulnerabbli għal tibdil fil-prezzijiet; jenfasizza li l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw li l-ogħla standards ta' sigurtà jiġu applikati għall-impjanti nukleari eżistenti, kemm fl-Unjoni kif ukoll barra minnha.

67. Jikkunsidra li r-riċerka fil- fużjoni nukleari bħala sors ta' enerġija għall-futur għandha tkompli, soġġetta għal konformità mal-prinċipji baġitarji;

68. Jemmen, fir-rigward ta' dawk l-Istati Membri li għażlu l-enerġija nukleari bħala parti mit-taħlita tal-enerġija tagħhom, li l-ħolqien ta' standards tal-UE minimi għal-liċenzjar u ċ-ċertifikazzjoni dwar id-disinn ta' impjanti nukleari jkun utli bil-ħsieb li jiġi żgurat l-ogħla livell ta' sigurtà f'din it-teknoloġija partikolari; jemmen li l-aħjar teknoloġija disponibbli għandha tintuża dejjem f'proġetti għall-kostruzzjoni ta' impjanti li jiġġeneraw l-elettriku; jitlob għal aktar miżuri mill-UE biex iħeġġu l-introduzzjoni ta' standards għall-ġestjoni sostenibbli ta' skart radjuattiv;

69. Iħeġġeġ u jsostni l-kostruzzjoni ta' terminali u interkonnessjonijiet LNG, partikolarment fil-pajjiżi l-aktar vulnerabbli għal tfixkil fil-provvista tal-gass, soġġetta għal analiżi li tqabbel l-ispejjeż mal-benefiċċji u bil-kundizzjoni li ma jkun hemm l-ebda tagħwiġ fil-kompetizzjoni jew diskriminazzjoni; jenfasizza l-importanza li l-flotta Ewropea LNG għandha tkompli tespandi, biex b'hekk tissaħħaħ is-sigurtà tal-enerġija tal-UE; jilqa', f'dan il-kuntest, il-proposta tal-Kummissjoni li għandha tissaħħaħ il-kooperazzjoni dwar il-kwestjonijiet tal-enerġija mal-Pajjiżi tal-Golf u tal-Lvant Nofsani;

70. Jemmen li xi partijiet rurali tal-Ewropa għandhom ħtiġijiet partikolari fejn tiħdol il-provvista tal-enerġija, u, f'dan ir-rigward, jistieden lill-Istati Membri biex jikkunsidraw dawn il-bżonnijiet, pereżempju billi jneħħu l-ostakoli, inklużi dawk fiskali, għall-produzzjoni lokali tal-enerġija, bħal permezz ta' mikro-koġenerazzjoni;

71. Iqis li l-istrateġija li tirrestrinġi l-konsum tal-faħam iebes fl-Istati Membri tal-UE m'għandhiex titħalla ssaħħaħ il-monopolju tal-importazzjoni tal-gass; ir-restrizzjoni tal-konsum tal-faħam iebes fis-settur tal-enerġija għandha tkun soġġetta għad-diversifikazzjoni effettiva tal-provvisti tal-gass fl-Istati Membri sabiex ikun evitat it-tisħiħ tal-monopolju tal-materja prima;

***Promozzjoni tar-riċerka u żvilupp kif ukoll tal-innovazzjoni fil-qasam tal-enerġija***

72. Jappella għall-monitoraġġ mill-qrib tal-implimentazzjoni tas-SET-Plan (Pjan Strateġiku Ewropew għat-Teknoloġija tal-Enerġija) u tal-identifikazzjoni tal-ostakli għall-mobilizzazzjoni tal-investimenti pubbliċi u privati; jilqa' l-progress li sar dan l-aħħar bit-tnedija tal-ewwel erba' Inizjattivi Industrijali Ewropej (IIE) u l-Inizjattivi ta' Riċerka Konġunta; jitlob biex jitniedu inizjattivi oħra kemm jista' jkun malajr u jistieden lill-Kunsill biex jirrilaxxa l-fondi meħtieġa; jiltob lill-Kummissjoni biex tipprovdi lill-partijiet interessati b'informazzjoni trasparenti dwar il-possibilitajiet ta' finanzjament għall-inizjattivi tas-SET-Plan.

73. Jilqa' l-progress li sar bl-istabbilimet tal-Inizjattivi Konġunti dwar it-Teknoloġija; jitlob lill-Kummissjoni biex tipproponi EIIs kumplimentari ġodda bħala parti mis-SET Plan sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal kbir ta' possibilitajiet oħra fit-teknoliġija tal-enerġija rinnovabbli, partikolarment enerġija ġeotermika u termali solari, l-enerġija mill-ilma u mill-oċeani, u biex tinkludi l-pjattaforma eżistenti dwar enerġiji rinnovabbli għat-tisħin u għat-tkessiħ. jenfasizza l-ħtieġa li r-riżorsi tal-baġit tal-UE għandhom isiru disponibbli għall-finanzjament ta' dawn l-inizjattivi;

74. Isostni l-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda fil-konfront tal-ispejjeż magħmula għat-tbassir ta' tibdil fil-produzzjoni tal-enerġija, il-ġestjoni tal-aspett tad-domanda, it-trażmissjoni tal-elettriku u l-ħżin tiegħu (inkluż l-użu ta' ċelloli tal-idroġenu u ċelloli tal-fjuwil oħra), li permezz tagħhom tista' tiżdied id-domanda bażi totali u titjieb l-flessibbiltà ta' sistema bl-livell għoli ta' enerġiji rinnovabbli u vetturi li jaħdmu bl-elettriku;

75. Jenfasizza l-importanza ta' ħaddiema tas-sengħa u kkwalifikati fil-qasam tal-gass u l-elettriku; għalhekk jistieden lill-Kummissjoni biex teżamina, f'konsultazzjoni mal-imsieħba soċjali kkonċernati, kif għandha tindirizza u tistimula l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali;

76. Jenfasizza li l-Ewropa għandha tkun fuq quddiem nett fl-iżvilupp ta' teknoloġiji bl-Internet u marbuta mal-enerġija u applikazzjonijiet tal-ICT b'livell ta' karbonju baxx; iqis li l-appoġġ imsaħħaħ għall-innovazzjoni għandu jkun akkumpanjat dejjem minn tnaqqis fil-burokrazija li jiffaċċjaw l-applikanti; jistieden lill-Kummissjoni biex telimina l-burokrazija billi terġa' tfassal il-proċeduri marbuta mal-Programm ta' Qafas;

77. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi u tappoġġa proġetti pilota li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent fl-UE għall-isfruttament ta' sorsi enerġetiċi interni mhux konvenzjonali; jitlob lill-Kummissjoni biex tassisti lill-Istati Membri biex iwettqu stħarriġ ġeoloġiku biex isir magħruf in-numru ta' riżervi tal-gass shale disponibbli fl-Unjoni u biex tiġi analizzata u valutata l-vijabbiltà ekonomika u ambjentali tal-gass shale domestiku; jitlob biex din l-informazzjoni titniżżel f'kwakunkwe strateġija tal-futur fit-tul, tal-Unjoni;

78. Jemmen li xi pajjiżi bħaċ-Ċina taw rwol strateġiku lill-iżvilupp ta' industrija domestika ta' enerġija rinnovabbli ddedikata għall-esportazzjoni u għalhekk qed jappoġġaw lill-kumpaniji lokali billi jagħtuhom aċċess faċli għal kapital u infrastrutturi rħas; jistieden lill-Kummissjoni biex tadotta qafas ta' politika li jtejjeb il-kompetittività u l-attraenza tal-ambjent ta' investiment Ewropew għall-industrija tal-enerġija rinnovabbli;

79. Jemmen li fil-kuntest tal-fażi ta' tranżazzjoni li twassal għall-istabbiliment ta' ekonomija sostenibbli sal-2050, il-gassijiet naturali konvenzjonali u mhux konvenzjonali huma sors naturali ta' enerġija li joffru mod rapidu u effiċjenti fil-konfront tal-ispejjeż magħmula biex jitnaqqsu l-emissjonijiet; fondi għar-riċerka u l-iżvilupp għandhom ikunu fil-mira biex dawn il-gassijiet isiru aktar nodfa;

80. Jibqa' jsostni l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni biex jiġi żgurat li l-inċentivi meħtieġa jiġu pprovduti għall-iżvilupp ta' suq sostenibbli tal-bijomassa, filwaqt li jitqiesu l-kwistjonijiet rilevanti dwar il-bijodiversità u l-produzzjoni alimentari;

81. Jemmen li r-riċerka u l-iżvilupp f'dan il-qasam ta' innovazzjoni fit-teknoloġija tal-enerġija, b'enfasi partikolari fuq tekonoloġiji tal-enerġija nodfa, sostenibbli u effiċjenti, għandhom ikunu prijorità ċentrali tat-tmien Programm ta' Qafas għar-Riċerka u l-Iżvilupp; iħeġġeġ bil-qawwi lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jagħtu prijorità lil dan il-qasam tal-politika fil-baġit u l-qafas finanzjarju multiannwali li jmiss; jenfasizza li l-metodi ta' allokazzjoni għandhom jirreflettu l-kapaċitajiet differenti tal-Istati Membri fl-isfera tar-Riċerka u l-Iżvilupp;

82. Jitlob lill-Kummissjoni biex tintegra t-trasport sostenibbli fl-istrateġija tal-enerġija b'mod li jisfrutta l-potenzjal sħiħ tad-diversi teknoloġiji, inkluż permezz ta' qafas regolatorju adegwat u pjan ta' azzjoni dwar vetturi favur l-ambjent, tas-sostenn għar-riċerka u l-iżvilupp fit-tekonoloġija, tat-tneħħija tal-ostakoli kontra l-mobilizzazzjoni ta' tekonloġiji (fjuwil) ġodda, tal-ħolqien ta' standards komuni (pereżempju fir-rigward tat-trasport ferrovjarju u tal-karozzi li jaħdmu bl-elettriku), ta' standards ambizzjużi fir-rigward ta' magni li jaħdmu b'fjuwils fossili, tal-ħolqien ta' "kurituri tat-trasport favur l-ambjent" fl-Ewropa kollha, u tal-integrazzjoni ta' mezzi tat-trasport. attenzjoni partikolari għandha tingħata lill-karozzi li jaħdmu bl-elettriku, biex jiġi żgurat li jkunu jistgħu jiġu misjuqa u kkargati mill-ġdid faċilment fl-Ewropa kollha u li ż-żieda fl-użu tagħhom tkun ikkombinata mal-iżvilupp ta' grilji tal-elettriku u sistemi ta' ħżin intelliġenti, ma' livelli għoljin fil-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli u mal-użu ta' sħana u elettriku kkombinati flimkien;

83. Ifakkar li r-riċerka fil-qasam tal-enerġija għandha tikkontribwixxi mhux biss għat-tnaqqis tal-gassijiet b'effett ta' serra u għal garanzija tas-sigurtà fil-provvista, iżda wkoll għat-titjib tal-kompetittività tal-industrija Ewropea; f'dan ir-rigward, jemmen li l-istandardizzazzjoni mal-imsieħba strateġiċi tal-UE (bħaċ-Ċina, il-Ġappun, l-Indja, ir-Russja u l-Istati Uniti) fir-rigward ta' teknoloġiji tal-enerġija ġodda, bħall-vetturi li jaħdmu bl-elettriku, huma vitali biex ikun żgurat li l-innovazzjonijiet Ewropej ikunu jistgħu jiġu negozati bis-sħiħ fis-suq internazzjonali; bil-ħsieb li jiġi żgurat it-trasferiment effiċjenti u ġust tat-teknoloġija, iħeġġeġ lill-UE u l-imsieħba kummerċjali internazzjonali tagħha biex jaħdmu għall-ftuħ tal-kummerċ fit-teknoloġiji sostenibbli, li l-mira fit-tul tkun in-nuqqas ta' kwalunkwe rata tariffarja fuq teknoloġija favur l-ambjent;

**Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2010**

84. Iqis li mod effettiv biex jitnaqqas il-konsum tal-enerġija huwa li ssir riċerka dwar sostituti għall-materja prima u materjali tal-kostruzzjoni konvenzjonali, li l-produzzjoni tagħhom tikkonsma anqas enerġija;

***Il-benefiċċji tal-konsumaturi u taċ-ċittadini fil-qalba tal-politika tal-enerġija tal-UE***

85. Jenfasizza l-importanza tal-arloġġi tad-dawl intelliġenti bħala mezz li jgħin il-konsumaturi jimmonitorjaw b'mod aktar effettiv l-ogħla rata ta' konsum tagħhom u jtejbu l-effiċjenza tal-enerġija fid-djar tagħhom; jemmen li proġetti dwar arloġġi tad-dawl u enerġiji intelliġenti, b'mod ġenerali, jirrikjedu kampanji li jqajmu kuxjenza u programmi edukattivi dwar l-effiċjenza tal-enerġija sabiex il-pubbliku jkollu spjegazzjoni dwar il-benefiċċji tagħha; jenfasizza li huwa kruċjali għas-suċċess tal-effiċjenza fl-enerġija li s-soċjetà tkun infurmata dwar il-benefiċċji tal-arloġġi tad-dawl intelliġenti; jenfasizza li l-Parlament talab, bħala għan tal-politika, li 50 % tad-djar fl-Ewropa jkollhom arloġġi tad-dawl intelliġenti sal-2015 u l-obbligu min-naħa tal-Istati Membri li jigarantixxu li sal-2020 minn tal-anqas 80 % tal-konsumaturi jkollhom għad-dispożizzjoni sistemi ta' arloġġi tad-dawl intelliġenti ([1])

86. Jikkunsidra li konsumaturi u membri tal-pubbliku infurmati jistgħu jinfluwenzaw is-suq billi jieħdu deċiżjonijiet konxji; jilqa', għalhekk, inizjattivi bħal Forum Ewropew dwar l-Enerġija Nukleari (ENEF), li fih, firxa wiesgħa ta' partijiet interessati jistgħu jiddiskutu kwestjonijiet ta' interess komuni;

87. Iqis li l-aġġornament termiku tal-bini u r-riċiklaġġ tal-materjal u l-enerġija mill-iskart urban u industrijali jistgħu joffru benefiċċji konsiderevoli għall-konsumaturi;

88. Isostni inizjattivi li jiffaċilitaw l-adattament tal-ħtiġijiet tar-riżorsi umani relatati mal-progress lejn taħlita ta' enerġija b'livell baxx ta' $CO_2$;

89. Jitlob lill-Kummissjoni twettaq monitoraġġ u tirrappurta lill-Parlament Ewropew dwar l-implimentazzjoni tat-tielet pakkett dwar is-suq intern fir-rigward ta' miżuri nazzjonali bil-għan li jipprevjenu l-faqar fl-enerġija u jfakkar lill-Istati Membri fl-obbligi tagħhom skont id-dispożizzjonijiet ġuridiċi eżistenti;

90. Jitlob għall-adozzjoni tal-ogħla standards ta' sikurezza possibbli fir-rigward tas-sorsi kollha tal-enerġija, inter alia permezz ta' programmi ta' kooperazzjoni bejn l-Istati Membri, sabiex ikunu indirizzati r-riservi tal-pubbliku u tkun promossa żieda fl-approvazzjoni min-naħa tal-pubbliku; Jitlob biex ikun hemm sforz biex tiżdied il-kuxjenza pubblika dwar l-importanza ta' provvisti tal-elettriku adegwati u l-ħtieġa għall-infrastruttura ġdida tal-ġenerazzjoni ta' enerġija u ta' trażmissjoni; isostni kampanji li jgħollu l-kuxjenza tal-konsumaturi dwar l-iffrankar tal-enerġija disponibbli għalihom kuljum kif ukoll għal mekkaniżmi eżistenti bħas-servizzi ta' konsulenza fil-qasam tal-enerġija sabiex iwasslu għal kambjament fl-imġiba;

91. Jinnota li r-rati annwali ta' kemm il-konsumaturi jibdlu r-rata jvarjaw fost l-Istati Membri bejn 0 u 20 %; jenfasizza li d-diffikultajiet li jinqalgħu fit-tqabbil tal-offerti fis-suq u n-nuqqas ta' informazzjoni jikkostitwixxu ostakoli għall-qlib u għall-kompetizzjoni effettiva tas-suq bl-imnut; ifakkar li skont it-tielet pakkett tal-enerġija huwa d-dmir tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali li jiżguraw li miżuri għall-protezzjoni tal-konsumatur fid-direttivi jkunu effettivi u rinfurzati;

92. Ifakkar lill-industrija tal-enerġija fl-obbligi tagħha skont it-tielet pakkett tal-enerġija biex iddaħħal fatturi tal-enerġija ċari u li jinftiehmu; jemmen li l-mudelli tal-fatturati tal-Forum tal-Kummissjoni dwar l-Enerġija għaċ-Ċittadini fihom il-minimu tal-informazzjoni standard meħtieġa għal kull fatturat tal-enerġija u għandhom jintużaw bħala bażi għal fatturati tal-enerġija trasparenti fl-Unjoni kollha;

93. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, bil-għan li l-ilħiq tal-miri fit-tul jagħmlu aktar faċli u aktar kosteffikaċi, biex jikkunsidraw serjament li jimxu lejn il-mira ta' tnaqqis ta' 30 % tas-$CO_2$ għall-2020 b'tali mod li jiżguraw li s-suq tal-ETS jiffunzjona bħala katalista għall-investimenti fi proċessi ta' produzzjoni aktar nodfa u sorsi ta' enerġija aktar nodfa;

---

([1]) rapport dwar l-inizjattiva proprja tal-25 ta' Marzu 2010 dwar l-Aġenda Diġitali għall-Ewropa; 2015.eu (2009/2225(INI)) u rapport dwar l-inizjattiva proprja tal-14 ta' April 2010 dwar il-mobilizzazzjoni tat-Teknoloġiji tal-Informatika u l-Komunikazzjoni biex tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni għal ekonomija b'użu effiċjenti tal-enerġija u b'livell baxx ta' karbonju (2009/2228(INI)).

94. Ifakkar li l-politika l-ġdida dwar l-enerġija għanda ssostni l-objettiv fit-tul li l-emissjonijiet tal-UE ta' gassijiet b'effett ta' serra jitnaqqsu bi 80-95 % sal-2050;

95. F'dan ir-rigward iħeġġeġ lill-Kummissjoni tikkompila analiżijiet ta' attivitajiet fit-tul, inkluż dwar il-provvista u d-domanda, kif ukoll tar-riskji reali u l-ispejjeż tan-nuqqas tal-provvista meta mqabbla mal-kapaċità ta' ħżin, id-diversità tal-provvista u l-ispejjeż tagħha; l-analiżi għandha tkopri wkoll żviluppi strateġiċi u dwar politika tal-enerġija fit-tul, fl-UE u, mhux tal-anqas, valutazzjonijiet ta' kif l-UE tista' tevita nuqqas ta' provvista;

96. Jemmen, b'ħarsa 'l quddiem lejn is-Samit ta' Cancun, li l-UE għandha tkun minn ta' quddiem fl-isforzi għall-ksib ta' ftehim vinkolanti, komprensiv u ambizzjuż, li juri li l-UE hija kapaċi titkellem b'vuċi unika u tikkonferma r-rwol ta' mexxej li għandha; f'dan il-kuntest, iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jerġgħu jaħsbu mill-ġdid il-proposta li għamlu aktar kmieni bħala parti minn ftehim internazzjonali dwar miri għat-tnaqqis tal-emissjonijiet $CO_2$, sabiex il-kisba ta' għanijiet fit-tul issir aktar effiċjenti fil-konfront tal-ispejjeż magħmula;

*

* *

97. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet tal-Istati Membri.

---

## Tħejjijiet għall-konferenza dwar il-klima f'Cancun (29 ta' Novembru - 10 ta' Diċembru 2010)

P7_TA(2010)0442

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Novembru 2010 dwar il-konferenza dwar it-tibdil fil-klima li saret f'Cancun (COP16)**

(2012/C 99 E/15)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) u l-Protokoll ta' Kjoto għall-UNFCCC,

— wara li kkunsidra l-15-il Konferenza tal-Partijiet (COP15) għall-UNFCCC u l-ħames Konferenza tal-Partijiet li serviet bħala Laqgħa tal-Partijiet tal-Protokoll ta' Kjoto (COP/MOP5) li saret f'Kopenħagen, id-Danimarka, mis-7 sat-18 ta' Diċembru 2009, u l-Ftehim ta' Kopenħagen,

— wara li kkunsidra s-16-il Konferenza tal-Partijiet (COP16) għall-UNFCCC u s-sitt Konferenza tal-Partijiet li serviet bħala Laqgħa tal-Partijiet tal-Protokoll ta' Kjoto (COP/MOP6) li saret f'Cancun, il-Messiku, mid-29 ta' Novembru sal-10 ta' Diċembru 2010,

— wara li kkunsidra l-pakketti tal-UE dwar il-klima u l-enerġija ta' Diċembru 2008,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni COM(2010)0265 tal-Kummissjoni li ppreżentat analiżi tal-alternattivi biex isir progress lil hinn mit-tnaqqis ta' 20 % tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra u l-valutazzjoni tar-riskju ta' rilaxx tal-karbonju u l-Komunikazzjoni COM(2010)0086 tal-Kummissjoni dwar il-politika internazzjonali dwar il-klima adottata wara Kopenħagen: Naġixxu issa sabiex insaħħu l-azzjoni globali dwar it-tibdil fil-klima,

**Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2010**

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2008/101/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE sabiex tinkludi l-attivitajiet tal-avjazzjoni fl-iskema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra ġewwa l-Komunità ([1]),

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni konġunta tal-20 ta' Diċembru 2005 mill-Kunsill u r-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri li ltaqgħu fi ħdan il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni dwar il-Politika tal-Iżvilupp tal-Unjoni Ewropea: "Il-Kunsens Ewropew", u b'mod partikolari, il-punti 22, 38, 75, 76 u 105 tiegħu ([2]),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-UE tas-17 ta' Novembru 2009 u r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Mejju 2010 dwar il-Koerenza tal-Politika għall-Iżvilupp u l-kunċett ta' "Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp u iktar" ([3]),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tal-Millennju tan-Nazzjonijiet Uniti tat-8 ta' Settembru 2000, li fasslet l-Għanijiet tal-Iżvilupp għall-Millennju (MDGs) bħala għanijiet stabbiliti b'mod konġunt mill-komunità internazzjonali biex jinqered il-faqar,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar it-tibdil fil-klima u partikolarment dawk tal-4 ta' Frar 2009 dwar "l-2050: Il-Ġejjieni jibda llum - Rakkomandazzjonijiet għal politika tal-UE integrata fil-ġejjieni dwar il-bidla fil-Klima ([4])" u tal-10 ta' Frar 2010 dwar l-eżitu tal-Konferenza ta' Kopenħagen dwar it-Tibdil fil-Klima (COP15) ([5]),

— wara li kkunsidra l-Mistoqsija Orali … mill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel imressqa skont l-Artikolu 115 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet mill-Kunsill u mill-Kummissjoni,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-evidenza xjentifika dwar it-tibdil fil-klima u l-impatti tiegħu ma tħallix dubji, u dan il-fatt ifisser li huwa imperattiv li tittieħed azzjoni b'ħeffa, ikkoordinata u ambizzjuża fuq livell internazzjonali sabiex tiġi ttrattata din l-isfida globali,

B. billi l-pajjiżi li qed jiżviluppaw huma dawk li l-inqas li kkontribwixxew għat-tibdil fil-klima iżda huma dawk li qed jiffaċċaw l-aktar konsegwenzi serji; u billi t-tibdil fil-klima qed ipoġġi fil-periklu l-investiment internazzjonali għat-tnaqqis tal-faqar, u għaldaqstant qed jhedded il-ksib tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju,

C. billi issa jenħtieġ li terġa' tiġġedded il-fiduċja fin-negozjati internazzjonali dwar it-tibdil fil-klima wara l-eżitu deludenti tal-konferenza dwar il-klima li saret f'Kopenħagen,

D. billi l-pajjiżi żviluppati, emerġenti u dawk li għadhom qed jiżviluppaw, li jirrappreżentaw aktar minn 80 % tal-emissjonijiet globali tal-gassijiet b'effett ta' serra, diġà għamlu wegħdiet li jnaqqsu l-emissjonijiet skont il-Ftehim ta' Kopenħagen,

E. billi dawn l-impenji u l-wegħdiet mhumiex se jkunu biżżejjed biex jissodisfaw l-għan ġenerali li ż-żieda globali fit-temperatura medja annwali tal-wiċċ tal-art tiġi limitata għal 2 °C ("l-objettiv ta' 2 °C"),

F. billi dawn il-wegħdiet ma sarux skont sistema li fiha hemm integrati miżuri legali għall-infurzar tal-konformità jew "kejl, rappurtaġġ jew verifika" suffiċjenti,

([1]) ĠU L 8, 13.1.2009, p. 3.
([2]) ĠU C 46, 24.2.2006, p. 1.
([3]) Testi adottati, P7_TA(2010)0174.
([4]) Testi adottati, P6_TA(2009)0042.
([5]) Testi adottati, P7_TA(2010)0019.

G. billi jekk ma jintlaħaqx l-objettiv taż-2 °C il-prezz ambjentali u ekonomiku se jkun kbir; billi, fost l-oħrajn, sa 40 % tal-ispeċijiet se jħabbtu wiċċhom mal-estinzjoni, miljuni ta' nies se jkollhom iħallu djarhom minħabba livelli ogħla tal-baħar u se jkun hemm kundizzjonijiet meteoroloġiċi estremi aktar spissi, l-għelejjel jonqsu, il-prezzijiet tal-ikel jiżdiedu u l-produzzjoni ekonomika globali tonqos b'tal-anqas 3 %,

H. billi rapport uffiċjali [1] eskluda lill-Grupp ta' Esperti Intergovernattiv dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC) minn żbalji li setgħu jdgħajfu l-konklużjoni ewlenija fir-rapport tal-2007 dwar l-impatti possibbli reġjonali futuri tat-tibdil fil-klima,

I. billi skont l-IPCC huwa stmat li 20 % tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra jirriżultaw mid-deforestazzjoni u forom oħra ta' tibdil tal-użu tal-art,

J. billi wieħed mill-objettivi ewlenin tal-UE għandu jkun li tikkjarifika li tinħtieġ trasformazzjoni globali fit-teknoloġija u fil-kooperazzjoni teknoloġika biex ikun jista' jitħaffef il-pass tal-innovazzjoni u tiżdied l-iskala ta' dimostrazzjoni u ta' tħaddim b'mod li l-pajjiżi kollha jkollhom aċċess għal teknoloġiji sostenibbli bi prezzijiet aċċessibbli, li jiggarantixxu wkoll livell ta' għajxien ogħla għal parti akbar tal-popolazzjoni tad-dinja,

K. filwaqt li jqis l-enfażi li s-sħab internazzjonali tal-UE fir-rigward tal-klima jagħmlu fuq l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, fuq id-diffikultajiet li jiġu stabbiliti objettivi internazzjonali ta' emissjonijiet, u l-vantaġġi ekonomiċi tal-objettivi tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija,

### *Għan ġenerali tal-COP16 u l-pożizzjoni tal-UE*

1. Jistieden lill-Kapijiet tal-Istat u tal-Gvernijiet madwar id-dinja biex juru tmexxija politika u rieda reali waqt in-negozjati u jagħtu lil din il-kwistjoni l-ogħla prijorità; jiddeplora l-fatt li sal-lum ma kienx hemm aktar progress fit-tħejjijiet għal Cancun;

2. Jenfasizza li f'Cancun għandu jintlaħaq qbil dwar it-teħid ta' passi konsiderevoli li jibdew iwittu t-triq għall-konklużjoni ta' ftehim internazzjonali u globali ta' wara l-2012, li għandu jiġi ffirmat fl-Afrika t'Isfel fl-2011, li għandu jkun konformi mal-aħħar żviluppi fix-xjenza u konsistenti mal-objettiv ta' 2 °C;

3. Jistieden lill-Unjoni Ewropea biex terġa' tieħu r-riedni fin-negozjati dwar il-klima u biex tikkontribwixxi b'mod attiv sabiex il-konferenza ta' Cancun dwar il-klima tkun aktar kostruttiva u trasparenti; għalhekk, iħeġġeġ bil-qawwa lill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex isolvu d-diverġenzi dwar l-użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija (LULUCF) u l-unitajiet ta' ammont assenjat (AAUs), biex jitkellmu b'leħen wieħed u livell għoli ta' ambizzjoni fin-negozjati tal-COP 16 u biex itejbu l-proċedura interna tat-teħid tad-deċiżjonijiet tagħhom ħalli jkunu jistgħu jirreaġixxu iżjed malajr dwar żviluppi matul in-negozjati, jaġixxu b'mod aktar strateġiku u jittrattaw iżjed fil-pront il-ħtiġijiet tal-pajjiżi terzi;

4. Jenfasizza l-importanza ta' proċess trasparenti ta' teħid ta' deċiżjoni u tal-għoti ta' informazzjoni dwar l-istat attwali tan-negozjati, speċjalment matul l-aħħar fażi tal-laqgħat ta' livell għoli tal-COP 16 u jħeġġeġ lill-Unjoni Ewropea biex tagħti lin-negozjatur ewlieni tagħha ċerta flessibilità biex ikun jista' jirreaġixxi għall-iżviluppi;

5. Iħeġġeġ lill-Unjoni Ewropea biex tikkonferma, pubblikament u b'mod inekwivokabbli, l-impenn qawwi tagħha favur il-Protokoll ta' Kjoto u biex tilqa' b'sodisfazzjon, filwaqt li tippromwovi attivament u b'mod kostruttiv, it-tkomplija tal-ħidma fi ħdan il-binarji tan-negozjati AWG-PK u AWG-LCA li jintegraw il-linji gwida politiċi tal-Ftehim ta' Kopenħagen; jistieden, għalhekk, lill-Unjoni Ewropea biex tiddikjara fil-miftuħ, qabel il-Konferenza ta' Cancun, li lesta tkompli bit-tieni perjodu ta' impenn tal-Protokoll ta' Kjoto (2013-2020) abbażi tal-objettiv korrispondenti tagħha, filwaqt li tirrikonoxxi li jenħtieġ li jsir progress komparabbli fiż-żewġ binarji sabiex titwitta t-triq għal ftehim internazzjonali ta' wara l-2012 li jkun tassew jilħaq l-objettiv ta' 2 °C;

[1] Rapport tal-Aġenzija dwar il-Valutazzjoni Ambjentali tal-Pajjiżi l-Baxxi.

**Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2010**

6. Jitlob lill-UE u l-Istati Membri tagħha biex jiddefinixxu u jimplimentaw il-prinċipju tal-"ġustizzja tal-klima"; huwa għalhekk favur klawżola ta' ekwità fin-negozjati internazzjonali tal-ġejjieni dwar il-klima; jinsisti li l-akbar inġustizzja sseħħ jekk id-dinja ma tkunx kapaċit tillimita t-tibdil fil-klima minħabba li fuq kollox se jkunu n-nies foqra fil-pajjiżi fqar li se jsofru;

7. Minħabba li l-bidla fil-klima għandha impatt differenti fuq pajjiżi li qed jiżviluppaw, jissuġġerixxi li l-azzjoni u l-iffinanzjar tal-klima għandha tkun kwistjoni ta' prijorità fuq il-pajjiżi li huma l-aktar vulnerabbli għat-tibdil fil-klima u li ma għandhomx il-kapaċità li jaffaċjawh;

8. Filwaqt li jenfasizza l-urġenza gravi fin-negozjati dwar il-klima, jisħaq fuq l-importanza li f'Cancun jittieħdu deċiżjonijiet konsiderevoli fir-rigward tal-finanzjament (l-iskala, is-sorsi u l-governanza) u speċjalment il-grad ta' addizzjonalità fil-finanzjament tal-adattament, il-forestrija, l-effiċjenza tar-riżorsi, it-trasferiment tat-teknoloġija (filwaqt li jitħarsu l-prinċipji eżistenti dwar id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali), il-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika u l-importanza li tiġi garantita trasparenza totali u impenn politiku qawwi fl-implimentazzjoni tal-finanzjament ta' attivazzjoni rapida (fast-start);

9. F'dak li għandu x'jaqsam mal-protokoll ta' Kjoto, jenfasizza l-importanza li jintlaħaq ftehim dwar ir-regoli dwar LULUCF, il-mekkaniżmu flessibbli u l-kopertura ta' setturi u gassijiet ġodda;

10. Jirrikonoxxi li d-drittijiet ta' emissjonijiet żejda (AAUs) u l-użu tal-art, tal-bidla fl-użu tal-art u tal-forestrija (LULUCF) jistgħu jaffettwaw l-integrità ambjentali tal-Protokoll ta' Kjoto jekk ma jiġux indirizzati kif xieraq, u għaldaqstant jistieden lill-Partijiet l-oħra sabiex jistudjaw possibilitajiet oħra;

11. Jitlob li f'Cancun jintlaħaq ftehim dwar regoli rigorużi dwar l-LULUCF li jsaħħu l-livell ta' ambizzjoni tal-Partijiet għall-Anness I, li jkunu mfassla biex iwasslu għal tnaqqis fl-emissjonijiet mill-forestrija u mill-użu tal-art, li jeħtieġu li l-Partijiet għall-Anness I jiġġustifikaw kwalunkwe żidiet fl-emissjonijiet mill-LULUCF, u li jkunu konsistenti mal-impenji eżistenti tal-Partijiet li jipproteġu u jtejbu l-bjar u d-depożiti naturali tal-gassijiet b'effett ta' serra;

12. Iqis li l-attivitajiet ġejjiena tal-UE fir-rigward tad-"diplomazija klimatika" għandhom jiffokaw fuq impenn politiku b'saħħtu ma' pajjiżi terzi, fuq politiki li jibnu mekkaniżmi effikaċi għall-kooperazzjoni internazzjonali dwar it-tibdil fil-klima kemm fi ħdan l-UNFCCC u kemm lil hinn minnha, u fuq il-kooperazzjoni fil-klima ma' pajjiżi terzi li tagħti appoġġ prattiku lill-iżvilupp b'karbonju baxx li jadatta wkoll għat-tibdil fil-klima fid-dinja kollha;

13. Jenfasizza li l-konservazzjoni tal-bijodiversità u l-applikazzjoni tal-approċċ ekosistemiku jikkostitwixxu l-istrateġiji l-aktar effikaċi u kost-effettivi għat-trażżin tat-tibdil klimatiku u għall-adattament għalih; jafferma mill-ġdid il-pożizzjoni tiegħu li r-risponsi ta' mitigazzjoni u ta' adattament ma jistgħux ikunu purament teknoloġiċi;

***Impenji ta' tnaqqis***

14. Itenni li, skont l-evidenza xjentifika ppreżentata mill-IPCC, l-objettiv ta' 2 °C jeħtieġ li l-emissjonijiet globali ta' gassijiet b'effett ta' serra jilħqu l-quċċata sa mhux aktar tard mill-2015 u jitnaqqsu b'mill-anqas 50 % apparagun mal-livelli tal-1990 sal-2050 u li wara dawn ikomplu jonqsu;

15. Iheġġeġ lill-imsieħba internazzjonali kollha, inklużi l-Istati Uniti u ċ-Ċina, biex ifasslu impenji aktar ambizzjużi favur it-tnaqqis ta' emissjonijiet li jkunu msejsa fuq il-prinċipju "responsabbiltà komuni iżda differenzjata", sabiex tiġi żgurata l-konsistenza mal-objettiv ta' 2 °C;

16. Itenni l-ħtieġa li jiġi adottat objettiv intern għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra għall-Unjoni Ewropea ta' 30 % għall-2020 apparagun mal-livelli tal-1990, fl-interess tat-tkabbir ekonomiku ġejjieni tal-Unjoni Ewropea;

17. Jilqa' l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni u l-analiżi tagħha li juru liema miżuri huma meħtieġa biex jinkiseb l-objettiv ta' tnaqqis ta' 30 %; jappoġġa l-idea espressa fil-komunikazzjoni li, indipendentement mill-eżitu tan-negozjati internazzjonali, huwa fl-interess tal-UE li ssegwi objettiv ta' tnaqqis tal-emissjonijiet ta' aktar minn 20 % minħabba li, fl-istess ħin, dan ikun jippromwovi l-impjiegi ħodor, it-tkabbir u s-sigurtà;

18. Ifakkar li, minħabba t-tnaqqis fl-emissjonijiet b'riżultat tar-reċessjoni, l-ispiża annwali biex jinkiseb tnaqqis ta' 20 % sal-2020 niżel b'terz minn EUR 70 biljun għal EUR 48 biljun, u li l-ispiża ta' tnaqqis ta' 30 % issa hija stmata li tkun EUR 11-il biljun iktar mit-tnaqqis oriġinali ta' 20 %, jiġifieri spiża addizzjonali ta' anqas minn 0.1 % tal-valur tal-ekonomija tal-UE;

19. Jirrikonoxxi li l-ilħuq tal-objettiv ta' 2 °C se jkun biss possibbli kemm-il darba anke l-pajjiżi li qed jiżviluppaw, b'mod partikolari dawk l-aktar avvanzati fosthom, jirnexxilhom jiksbu b'mod kollettiv devjazzjoni sostanzjali u kwantifikabbli mir-rata taż-żieda mbassra bħalissa fl-emissjonijiet, billi sal-2020 inaqqsuhom bi 15-30 % apparagun mal-livelli mbassra kieku ma jkunx hemm miżuri, u li dan ikun jeħtieġ appoġġ għall-iżvilupp ta' kapaċitajiet finanzjarji, tekniċi u teknoloġiċi mill-pajjiżi żviluppati; jirrikonoxxi li sabiex jintlaħqu objettivi għal żieda aktar baxxa fit-temperatura, jeħtieġ li jkun hemm livelli ogħla ta' appoġġ;

20. Jenfasizza li n-nazzjonijiet li qed jiżviluppaw se jkunu dawk li l-aktar se jintlaqtu mill-konsegwenzi tat-tibdil fil-klima u għalhekk huwa fl-interess vitali tagħhom li jikkontribwixxu lejn il-konklużjoni b'suċċess ta' ftehim internazzjonali; jilqa' b'sodisfazzjon l-impenji ambizzjużi ħafna li għamlu xi pajjiżi li qed jiżviluppaw bħall-Kosta Rika u l-Maldivi, u xi pajjiżi emerġenti, bħall-Messiku u l-Brażil, u jiddeplora l-fatt li xi pajjiżi emerġenti oħra għadhom ma segwewx dan l-eżempju;

21. Jinnota li, peress li ż-żoni urbani jipproduċu 75 % tal-emissjonijiet tal-karbonju, il-bliet huma quddiem nett fil-ġlieda tagħna kontra t-tibdil fil-klima; għaldaqstant ifaħħar l-impenn mogħti mill-bliet Ewropej li ffirmaw il-Patt tas-Sindki; jilqa' b'sodisfazzjon l-impenn tal-bliet li jiġġieldu t-tibdil fil-klima; jirrikonoxxi l-isforzi li qed isiru f'ħafna bliet Ewropej fir-rigward tat-trasport u l-mobilità; jenfasizza l-bżonn li nkomplu fuq l-istess triq fit-tiftix għal alternattivi li jirrispettaw aktar l-ambjent li se jtejbu l-kwalità tal-ħajja tal-persuni komuni; filwaqt li titwettaq il-koordinazzjoni meħtieġa tal-isforzi magħmula fil-livelli lokali, reġjonali, nazzjonali, Ewropew u globali ta' governanza;

***Finanzjament***

22. Ifakkar li fil-Ftehim ta' Kopenħagen il-pajjiżi żviluppati impenjaw ruħhom li jipprovdu riżorsi ġodda u supplementari li tal-anqas jammontaw għal USD 30 biljun fil-perjodu 2010-2012 u għal USD 100 biljun kull sena sal-2020, b'enfasi speċjali fuq il-pajjiżi vulnerabbli u dawk l-anqas żviluppati; iħeġġeġ lill-Unjoni Ewropea biex tiffaċilita t-twaqqif ta' Fond Aħdar għall-Klima billi tforni USD 100 biljun kull sena mill-2020;

23. Ifakkar li l-kontribuzzjoni kollettiva tal-UE għall-isforzi ta' mitigazzjoni u l-bżonnijiet ta' adattament tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw għandha tkun addizzjonali u ma għandhiex tkun anqas minn EUR 30 000 miljun fis-sena sal-2020, ċifra li tista' tiżdied jekk ikompli jinkiseb għarfien ġdid dwar il-gravità tat-tibdil fil-klima u l-iskala tal-ispejjeż tagħha;

24. Iqis li l-implimentazzjoni f'waqtha tal-finanzjament b'attivazzjoni rapida hija fattur ewlieni fil-bini ta' atmosfera ta' fiduċja qabel u waqt il-konferenza ta' Cancun; jenfasizza l-ħtieġa li s-EUR 7.2 biljun imwiegħda mill-UE u mill-Istati Membri tagħha jkunu ġodda u supplementari għall-baġits tal-għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp (ODA) b'allokazzjoni bbilanċjata bejn l-adattament u l-mitigazzjoni, u jħeġġeġ lill-Unjoni Ewropea, ikkoordinata mid-DĠ għall-Azzjoni dwar il-Klima tal-Kummissjoni, biex tiżgura li jkun hemm trasparenza sħiħa fit-tressiq tar-rapporti koordinati dwar l-implimentazzjoni kemm matul il-konferenza ta' Cancun u kemm warajha fuq bażi annwali;

25. Jenfasizza li l-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika tal-finanzi għandhom jinkludu linja bażi ġusta u komuni li apparagun magħha l-kontribuzzjonijiet jiġu magħduda bħala ġodda u addizzjonali; jirrakkomanda li l-linja bażi għandha tkun impenn fit-tul li tipprovdi 0.7 % tad-Dħul Nazzjonali Gross (GNI) bħala ODA jew objettivi nazzjonali korrispondenti oħra meta dawn ikunu ogħla;

26. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jonoraw l-impenji li għamlu u jiggarantixxu li r-riżorsi għall-adattament u l-mitigazzjoni jkunu apparti l-objettiv tal-ODA ta' 0.7 % u jispeċifikaw kemm minn dawn l-impenji se jiġu minn fondi pubbliċi; jenfasizza wkoll il-ħtieġa li jiġu mobilitati riżorsi kemm nazzjonali kif ukoll internazzjonali mill-għejun kollha possibbli biex jagħtu kontribut għall-ilħuq ta' dan il-għan;

**Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2010**

27. Jinsisti li fil-qasam tal-finanzjament tal-mitigazzjoni u tal-adattament permezz ta' mekkaniżmi ġodda, il-prinċipji stabbiliti tal-politika ta' żvilupp, bħall-governanza tajba u l-parteċipazzjoni demokratika fit-teħid tad-deċiżjonijiet, għandhom jiġu rispettati u implimentati. jinsisti, barra minn hekk, li l-pajjiżi benefiċjarji għandhom jagħtu prova li l-flus jintefqu fuq il-proġetti li jkunu ġew iddikjarati u approvati;

28. Ifakkar li, biex jitjieb it-twassil tar-riżorsi finanzjarji u l-investiment, in-negozjaturi tal-COP16 għandhom iqisu l-approprjazzjoni mill-popolazzjoni lokali, l-użu effikaċi tar-riżorsi u l-massimizzazzjoni tal-impatt, filwaqt li jiżguraw ukoll li l-fondi jmorru għall-aktar pajjiżi u komunitajiet vulnerabbli;

***Monitoraġġ, rappurtar u verifika***

29. Jilqa' b'sodisfazzjon id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' Kopenħagen dwar is-superviżjoni, ir-rappurtar u l-verifika u rigward il-konsultazzjonijiet u l-analiżi internazzjonali, u jħeġġeġ lill-Unjoni Ewropea biex taħdem mal-Partijiet kollha fuq linji gwida li jimplimentaw dawn id-dispożizzjonijiet, li għandhom jiġu adottati f'Cancun;

30. Jirrikonoxxi li l-kejl tas-suċċess apparenti li kisbet l-UE sa issa fit-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ jonqos milli jqis kif jixraq it-trasferiment tal-produzzjoni industrijali lejn postijiet li jinsabu 'l barra mill-fruntieri tagħha, jinnota li t-tnaqqis reali fl-emissjonijiet tas-$CO_2$ li jirriżultaw mill-konsum fl-UE jista' jkun konsiderevolment iżgħar miċ-ċifra suġġerita issa, u jemmen li din id-disparità għandha titqies kemm fl-iżvilupp ta' politika ġejjiena tal-UE u kemm fin-negozjati internazzjonali;

***Kooperazzjoni mal-pajjiżi li qed jiżviluppaw u adattament***

31. Jenfasizza r-responsabilità storika li jġorru l-pajjiżi żviluppati fir-rigward tat-tibdil irriversibbli fil-klima, u jfakkar fl-obbligu li tingħata għajnuna lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw u lill-pajjiżi l-inqas żviluppati biex ikunu jistgħu jadattaw għal dan it-tibdil, anke billi jipprovdu appoġġ finanzjarju għall-Programmi Nazzjonali ta' Azzjoni għall-Adattament (NAPAs) bħala strumenti importanti fl-adattament għat-tibdil fil-klima, li jippromwovu r-responsabilizzazzjoni;

32. Jirrikonoxxi l-importanza ta' adattament proattiv għall-konsegwenzi inevitabbli tat-tibdil fil-klima, b'mod partikolari fir-reġjuni tad-dinja l-aktar milquta minn klima li qed tinbidel u b'mod speċjali biex jiġu protetti l-aktar gruppi vulnerabbli fis-soċjetajiet, għalhekk jitlob li jintlaħaq ftehim f'Cancun li jkun jinkludi impenji politiċi u finanzjarji qawwija li jgħinu lil dawk il-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex jibnu l-kapaċitajiet;

33. Jilqa' b'sodisfazzjon id-deċiżjoni meħuda f'Kopenħagen dwar it-twaqqif ta' "Mekkaniżmu Teknoloġiku"; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex isaħħu s-sħubiji tal-klima li għandhom bħalissa mal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, u biex jidħlu fi sħubiji ġodda fejn dawn għadhom ma jeżistux, u jipprovdu appoġġ finanzjarju ikbar għall-iżvilupp u t-trasferiment teknoloġiku, għal ftehimiet dwar id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u għall-bini tal-kapaċità istituzzjonali;

34. Jenfasizza li l-prospettiva tal-iżvilupp hija ta' importanza vitali għal ħafna pajjiżi li qed jiżviluppaw u għal dawk emerġenti; jirrikonoxxi li dan l-objettiv għandu jkollu rwol aktar prominenti fin-negozjati u jtenni l-impenn tal-UE li tappoġġa lill-pajjiżi inqas żviluppati fi triqithom lejn livell ogħla ta' għajxien; jenfasizza li huwa possibbli li jiġi żgurat livell ogħla ta' għajxien bl-għażla ta' soluzzjonijiet aktar sostenibbli;

35. Jenfasizza li l-partijiet li mhumiex fl-Anness I ma jistgħux ikunu ttrattati bħala grupp wieħed minħabba li l-kapaċità tagħhom li jinvestu fil-mitigazzjoni u fl-adattament għat-tibdil fil-klima, kif ukoll il-kapaċitajiet tagħhom ta' aġġustament għat-tibdil fil-klima mhumiex l-istess; barra minn hekk jenfasizza li wħud minn dawn il-pajjiżi diġà huma fost l-iżjed pajjiżi li għandhom emissjonijiet sostanzjali tas-$CO_2$ u li għandhom rata għolja ta' żieda fl-emissjonijiet tas-$CO_2$;

36. Jenfasizza li l-garanzija ta' koerenza fil-politika u l-integrazzjoni tal-ambjent fil-proġetti ta' żvilupp għandhom ikunu l-qofol ta' strateġija effikaċi tal-UE fir-rigward tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, u l-adattament għaliha; b'mod partikolari, jinsisti dwar il-ħtieġa li jiġu stimolati strateġiji ta' żvilupp li jiffavorixxu ekonomiji aktar diversifikati u deċentralizzati; kontemporanjament jiddeplora bis-saħħa l-fatt li l-UE ftit li xejn għamlet progress fl-integrazzjoni tal-ambjent fl-attivitajiet tagħha ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp u f'politiki settorjali oħra tal-UE;

37. Ifakkar li kemm it-tibdil fl-użu tal-art kif ukoll l-agrikoltura huma responsabbli għal perċentwal sinifikanti tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw; jistieden lill-UE biex tippromwovi l-agrikoltura sostenibbli, speċjalment fil-pajjiżi l-anqas żviluppati (LDCs), peress li tikkontribwixxi għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u biex jittaffa l-faqar, billi tiddiversifika l-introjtu tal-komunitajiet lokali;

38. Jistieden lill-UE biex tappoġġa l-idea li l-Forum Internazzjonali tal-Popli Indiġeni jsir Parti fin-negozjati tal-COP16 minħabba li dawn il-popli huma partikolarment milquta mit-tibdil fil-klima u mill-mekkaniżmi ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, u l-adattament għaliha;

39. Jenfasizza li azzjoni kollettiva dwar it-tibdil fil-klima trid tħaddan strutturi ta' governanza b'saħħithom u proċeduri li se jagħtu leħen aktar b'saħħtu lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw, u għaldaqstant jistieden lill-UE tagħti kontribut għal arkitettura istituzzjonali inklussiva, trasparenti, ġusta u li tikkontempla rappreżentazzjoni bilanċjata bejn pajjiżi żviluppati u pajjiżi li qed jiżviluppaw fl-entitajiet ta' tmexxija rilevanti;

***REDD u deżertifikazzjoni***

40. Jenfasizza li l-bjar naturali tal-gass b'effett ta' serra, bħalma huma l-foresti, huma mezz effiċjenti biex jiġi miġġieled it-tibdil fil-klima, minħabba l-kapaċità tagħhom li jassorbu s-$CO_2$, u jħeġġeġ lill-Partijiet biex jirrikonoxxu l-ħtieġa li jiġu ppreservati l-foresti u biex jiżviluppaw politika rigward il-forestazzjoni li għandha tiġi integrata fi ftehim internazzjonali dwar it-tibdil fil-klima;

41. Iqis li għandhom jingħataw appoġġ finanzjarju sinifikanti u assistenza teknika u amministrattiva sabiex sa mhux iżjed tard mill-2020 titwaqqaf id-deforestazzjoni tropikali gross, u jtenni li l-finanzjament pubbliku huwa l-aktar għodda realistika fid-dawl ta' dak il-kalendarju; iħeġġeġ l-Unjoni Ewropea biex f'Cancun taħdem ħalli jittieħdu deċiżjonijiet konkreti dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet mid-deforestazzjoni u d-degradazzjoni (REDD), inklużi objettivi konkreti;

42. Jistieden lill-UE biex b'mod attiv tappoġġa l-mekkaniżmu REDD+ sabiex jiġu identifikati aħjar il-muturi tad-deforestazzjoni u jkun żgurat l-involviment effikaċi tal-popli indiġeni u tal-komunitajiet lokali fil-monitoraġġ u fir-rappurtar; jistieden ukoll lill-UE biex tiżgura li r-REDD ikun jinkludi mekkaniżmi ta' salvagwardja jew kodiċi ta' kondotta li jiggarantixxi li d-drittijiet tal-popli li jgħixu fil-foresti ma jkunux miksura u li jitwaqqaf b'mod effiċjenti t-telf tal-foresti;

43. Jappoġġa t-twaqqif ta' mekkaniżmu għat-tnaqqis tal-emissjonijiet mid-deforestazzjoni u mid-degradazzjoni forestali u t-titjib fit-tneħħija b'mod naturali tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra li jippromwovi l-konservazzjoni tal-bijodiversità; jappoġġa wkoll ir-rwol tal-konservazzjoni, tal-ġestjoni sostenibbli tal-foresti u tat-tisħiħ ta' ħażniet ta' karbonju tal-foresti f'pajjiżi li qed jiżviluppaw (REDD+);

44. Jiddeplora l-fatt li l-finanzjament tar-REDD huwa bbażat fuq definizzjoni daqstant wiesgħa ta' foresti li saħansitra tista' tinkludi pjantaġġuni ta' monokulturi ta' speċijiet mhux endemiċi; iqis li din id-definizzjoni tista' tipprovdi inċentiv pervers biex tiddevja l-finanzjament mill-protezzjoni tant meħtieġa tal-foresti antiki għall-pjantaġġuni kummerċjali ġodda;

45. Jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jaħdmu fil-Korp Sussidjarju għall-Pariri Xjentifiċi u Teknoloġiċi kif ukoll f'fora internazzjonali oħra biex jistabbilixxu definizzjoni tan-NU ġdida tal-foresti li tkun ibbażata fuq il-bijoma, u li tkun tirrifletti d-differenzi wiesgħa li hemm fil-bijodiversità kif ukoll il-valuri tal-karbonju tal-bijomi differenti, filwaqt li tiddistingwi b'mod ċar bejn foresti nattivi u foresti ddominati mill-monokulturi tas-siġar u minn speċijiet mhux endemiċi;

46. Huwa tal-fehma li s-sinerġiji bejn it-tliet Konvenzjonijiet ta' Rio dwar il-Diversità Bijoloġika (CBD), it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) u d-Deżertifikazzjoni (UNCCD) għandhom jiġu intensifikati; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħtu sostenn attiv lill-idea li ssir laqgħa ta' livell għoli tat-tliet Konvenzjonijiet ta' Rio bħala parti mis-samit Rio+ 20 fl-2010;

47. Jenfasizza li r-riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti tat-28 ta' Lulju 2010 tirrikonoxxi l-aċċess għall-ilma tax-xorb bħala dritt tal-bniedem, u jitlob għal protezzjoni speċjali għall-ilma bħala element partikolarment vulnerabbli għall-effetti tat-tibdil fil-klima, li jista' jwassal għal tnaqqis fil-kwantità u fil-kwalità tal-ilma disponibbli, partikolarment tal-ilma tax-xorb;

**Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2010**

***Trasformazzjoni lejn ekonomija u industrija sostenibbli***

48. Jenfasizza li ħafna pajjiżi qed jimxu b'pass mgħaġġel lejn ekonomija sostenibbli ġdida, minħabba diversi raġunijiet li jinkludu l-ħarsien tal-klima, l-iskarsezza u l-effiċjenza tar-riżorsi, is-sigurtà enerġetika, l-innovazzjoni jew il-kompetittività; josserva l-kobor tal-pjanijiet tal-istimolu ekonomiku ddedikati lit-tranżizzjoni enerġetika f'pajjiżi bħall-Istati Uniti u ċ-Ċina;

49. Jitlob li jintlaħaq ftehim li jiżgura kundizzjonijiet internazzjonali ta' parità għall-industriji li jużaw il-karbonju b'mod intensiv; jenfasizza l-importanza li jintlaħaq ftehim internazzjonali vinkolanti rigward il-kompetittività tal-industrija tal-Istati Membri tal-UE; minħabba din ir-raġuni, jenfasizza l-importanza tal-pjan ta' azzjoni ta' Bali;

***Ekonomija sostenibbli u kooperazzjoni teknoloġika***

50. Jemmen li indipendentement mill-progress li sar fin-negozjati internazzjonali, l-Unjoni Ewropea għandha b'mod urġenti tadotta l-politiki u l-istrumenti meħtieġa biex tippromwovi l-iżvilupp ta' ekonomija aktar sostenibbli li taħdem b'livelli baxxi ta' karbonju u tkun iżjed effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, sabiex ittaffi t-tibdil fil-klima, ittejjeb il-kwalità tal-arja u tal-ambjent, tgħolli l-istandards tas-saħħa, tippromwovi s-sigurtà fl-enerġija, toħloq impjiegi ġodda u tiżgura li l-Unjoni Ewropea ssir l-aktar ekonomija kompetittiva u sostenibbli f'dinja fejn l-investimenti qegħdin jimxu dejjem iżjed lejn teknoloġiji aktar nodfa;

51. Jinnota li t-tibdil fil-klima huwa sfida globali li għaliha ma hemmx soluzzjoni politika u teknoloġika unika, iżda li l-ġabra flimkien tal-opportunitajiet eżistenti u ż-żieda sostanzjali fl-effiċjenza fl-oqsma kollha tal-ekonomija u tas-soċjetà fil-pajjiżi żviluppati u f'dawk li qed jiżviluppaw tikkontribwixxi għas-sejba ta' soluzzjoni għall-problema tar-riżorsi u t-tqassim, u tħejji t-triq għat-tielet rivoluzzjoni industrijali;

52. Jenfasizza li l-ilħiq ta' ftehim jista' jipprovdi l-istimulu meħtieġ għal "Patt Ġdid Sostenibbli" li jagħti spinta lit-tkabbir ekonomiku, jippromwovi t-teknoloġiji iżid l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija fil-bini u t-trasport, sostenibbli f'sens ambjentali, inaqqas id-dipendenza mill-enerġija u jiżgura l-impjiegi u l-koeżjoni soċjali u ekonomika kemm fil-pajjiżi żviluppati u kemm fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw; ifakkar, f'dan ir-rigward, l-impenn li diġà sar mill-UE;

53. Ifakkar fil-ftehim tal-G20 rigward il-politka dwar il-klima li jitneħħew bil-mod is-sussidji tal-fjuwils fossili, u jistieden lill-Kummissjoni biex tagħmel proposti għal strateġija Ewropea għall-implimentazzjoni tiegħu bi skedi u b'mekkaniżmi ta' kumpens soċjali fejn ikun xieraq;

***Riċerka u teknoloġija***

54. Huwa konvint li hemm bżonn issir trasformazzjoni globali fit-teknoloġija u fil-kooperazzjoni teknoloġika ħalli jkun garantit li l-pajjiżi kollha jkollhom aċċess għal teknoloġiji sostenibbli li jifilħu jħallsu għalihom; jinnota li kwalunkwe ftehim li jsir fil-ġejjieni għandu jipprovdi mekkaniżmi effikaċi li jirregolaw l-aċċess għal teknoloġiji nodfa;

55. Iqis li huwa essenzjali li jkun hemm approċċ ġdid fir-rigward tal-koperazzjoni teknoloġika sabiex jitħaffu l-innovazzjonijiet u l-applikazzjoni tagħhom, biex b'hekk kull pajjiż ikollu aċċess għal teknoloġiji ambjentali rħas;

56. Jinnota li, hekk kif il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima titlob tnaqqis kemm tal-emissjonijiet kif ukoll tal-impronta ekoloġika ġenerali, l-innovazzjoni qiegħda tmexxi dan il-proċess ta' bidla meħtieġ; l-innovazzjoni għalhekk għandha tkun sostenibbli, ekoloġika, soċjali, ġusta u bi prezz raġonevoli;

57. Jirrimarka li n-netwerk taċ-Ċentri tal-Innovazzjoni fil-Klima, bħala parti minn dan il-mekkaniżmu, għandhom iservu ta' mezz utili biex jitħaffu l-iżvilupp teknoloġiku, il-kollaborazzjoni, it-tixrid u l-innovazzjoni;

58. Jenfasizza li l-iżvilupp u l-użu ta' teknoloġiji innovattivi huma fatturi kruċjali fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u fl-istess ħin fl-isforzi biex nikkonvinċu lis-sħab tagħna madwar id-dinja li huwa fattibbli li jsir tnaqqis fl-emissjonijiet mingħajr telf fil-kompetittività u fl-impjiegi; jitlob lill-Kummissjoni tivvaluta modi differenti ta' kif jingħataw inċentivi ta' ġid għall-ambjent, pereżempju billi jiġu ppremjati l-impriżi l-aktar avvanzati; jitlob li jkun hemm impenn internazzjonali biex jiżdiedu l-investimenti fir-R&Ż f'teknoloġiji innovattivi fis-setturi rilevanti;

59. Jinnota li l-istudji xjentifiċi li saru dan l-aħħar jappoġġaw il-fehma fundamentali li t-tisħin globali kkaġunat mill-bniedem għandu jkun ittrattat permezz tat-tnaqqis tal-gassijiet tas-$CO_2$ u ta' gassijiet b'effett ta' serra oħrajn; jinnota li jinħtieġ isiru iżjed sforzi ta' riċerka fuq oqsma bħall-firxa u l-kalendarju taż-żidiet fit-temperatura, l-identifikazzjoni tal-effetti tat-tibdil fil-klima fil-livell reġjonali u lokali, u wkoll fuq l-impatt tal-użu tal-art, tal-karbonju iswed u tal-partiċelli fini, kif ukoll fuq miżuri ta' adattament korrispondenti;

60. Jemmen li t-tibdil fil-klima huwa kwistjoni kumplessa ħafna li tinvolvi ħafna dixxiplini xjentifiċi, u li d-deċiżjonijiet politiċi li jittieħdu f'dan il-qasam għandhom ikunu bbażati fuq argumenti xjentifiċi; għalhekk jistieden lill-Kummissjoni biex iżżomm lill-Parlament Ewropew informat b'mod kontinwu dwar kull innovazzjoni jew żvilupp xjentifiku ġdid u sinifikanti;

61. Jenfasizza li l-baġit tal-UE għandu jenfasizza r-riċerka, l-innovazzjoni u l-użu tat-teknoloġija sabiex jirrifletti aħjar l-ambizzjonijiet li għandha l-UE fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u fit-tranżizzjoni lejn ekonomija sostenibbli;

### *Enerġija, effiċjenza enerġetika u effiċjenza tar-riżorsi*

62. Jirrimarka li huwa stmat li mad-dinja kollha għad hemm 2 biljun ruħ li għadhom bla aċċess għal enerġija sostenibbli li jifilħu jħallsu għaliha; jenfasizza l-ħtieġa li tiġi ttrattata l-kwistjoni tal-faqar fl-enerġija b'mod koerenti mal-objettivi tal-politika dwar il-klima; jinnota li t-teknoloġiji enerġetiċi huma disponibbli, u li dawn jittrattaw kemm il-protezzjoni ambjentali globali u kemm l-eżiġenzi tal-iżvilupp lokali;

63. Jiddeplora l-fatt li l-potenzjal għall-iffrankar tal-enerġija mhuwiex ittrattat kif jixraq fuq livell internazzjonali u fl-UE b'mod partikolari; jinnota li l-iffrankar tal-enerġija u t-titjib fl-effiċjenza enerġetika jiffrankaw ir-riżorsi, inaqqsu l-emissjonijiet, iżidu s-sigurtà enerġetika, joħolqu impjiegi ġodda u jġibu l-ekonomiji aktar kompetittivi; jistieden lill-UE tagħmel aktar enfasi fuq l-iffrankar tal-enerġija fin-negozjati internazzjonali;

64. Jistieden lill-UE tagħmel aktar enfasi fuq l-iffrankar tal-enerġija fin-negozjati internazzjonali; f'dan il-kuntest, jinnota u jiddispjaċih ħafna dwar il-fatt li l-UE mhix miexja tajjeb biex tilħaq il-mira ta' 20 % ffrankar tal-enerġija sa l-2020 li kienet ġiet stabbilita mill-Kapijiet tal-Istati u l-Gvernijiet, minħabba l-istrateġija mhux vinkolanti; jistieden għalhekk lill-UE biex tagħti eżempju tajjeb u lill-Kummissjoni biex tressaq proposti għal miżuri ġodda li jiżguraw li tintlaħaq din il-mira u li l-Ewropa ma tibqax lura fil-qasam tal-innovazzjonijiet fl-effiċjenza globali;

65. Jenfasizza l-importanza li l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima tingħaqad mal-impenn li titnaqqas l-impronta ekoloġika kumplessiva tagħna, billi nistinkaw biex nippreservaw ir-riżorsi naturali, ġaladarba t-teknoloġiji ekoinnovattivi u l-għażliet alternattivi għall-enerġija b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju jiddependu minn riżorsi li huma skarsi;

### *Kummerċ internazzjonali*

66. Jenfasizza, b'referenza għall-Preambolu tal-Ftehim tad-WTO u l-Artikolu XX (b), (d) u (g) tal-GATT, li l-kummerċ internazzjonali ma għandux jirriżulta fl-isfruttament eċċessiv tar-riżorsi naturali; jinsisti, b'konnessjoni man-negozjati tad-WTO u mal-ftehimiet kummerċjali bilaterali, li l-liberalizzazzjoni tal-kummerċ, partikolarment fil-materja prima naturali, ma għandhiex tipperikola l-ġestjoni tar-riżorsi sostenibbli;

67. Jiġbed l-attenzjoni għall-għan tal-UE biex tagħti eżempju tajjeb billi tnaqqas l-ostakli, bħalma huma t-tariffi u l-imposti, fuq il-kummerċ fit-teknoloġiji "ħodor" u fuq prodotti li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent u lill-klima, u billi tippromwovi l-prodotti u s-servizzi ambjentali (EGS), f'dan ir-rigward, tiġbed l-attenzjoni lejn il-Pjan ta' Azzjoni ta' Bali u l-Fond Aħdar għall-Klima ta' Kopenħagen;

### *Suq globali tal-karbonju*

68. Jistieden lill-UE u lill-imsieħba tagħha jsibu, fil-futur immedjat, l-aktar mod effikaċi biex jippromwovu rabtiet bejn l-EU ETS u skemi oħra ta' skambji li jkollhom l-għan ta' suq globali tal-karbonju, li jiżguraw diversità ikbar fil-possibilitajiet ta' tnaqqis, titjib fil-likwidità u fid-daqs tas-suq, trasparenza u finalment l-allokazzjoni iktar effiċjenti tar-riżorsi;

**Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2010**

69. Jenfasizza, madankollu, li kwalunkwe sforz bħal dan għandu jkun informat permezz tal-lezzjonijiet tal-kriżi finanzjarja riċenti u tan-nuqqasijiet tal-EU ETS, sabiex tinkiseb it-trasparenza, tiġi evitata l-ispekulazzjoni u jiġi żgurat li jkun tabilħaqq qed isir tnaqqis fl-emissjonijiet;

70. Jistieden lill-UE u lis-sħab tagħha sabiex fil-ġejjieni immedjat jipproponu restrizzjonijiet fuq l-użu ħażin tal-krediti internazzjonali minn proġetti ta' gass industrijali, inkluż il-qerda tal-HFC-23, fis-sistemi ta' skambju ta' kwoti ta' emissjonijiet għal wara l-2012, u speċifikament fil-proġetti tal-Mekkaniżmu għall-Iżvilupp Nadif, kif ukoll fil-mekkaniżmi settorjali tas-suq tal-ġejjieni; jistieden, għaldaqstant, lill-UE u lis-sħab tagħha biex jinkuraġġixxu lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw li huma aktar avvanzati biex jikkontribwixxu għall-isforzi ta' tnaqqis globali permezz ta' azzjoni xierqa proprja, billi jibdew bl-irħas għażliet ta' tnaqqis;

71. Jenfasizza li fil-kuntest globali ta' swieq kompetittivi, ir-riskju ta' rilokazzjoni tal-karbonju huwa ta' tħassib serju f'ċerti setturi li huma elementi importanti tal-katina ġenerali tal-prodott industrijali – inklużi l-oġġetti li jintużaw fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima; jitlob lill-Kummissjoni biex tanalizza aktar dan ir-riskju u biex tipproponi miżuri xierqa u effikaċi sabiex tippreserva l-kompetittività internazzjonali tal-ekonomija tal-UE, u fl-istess ħin, tieħu ħsieb li ma jkun hemm l-ebda żieda tal-impronta tal-karbonju tal-UE;

72. Jappella għal riforma fil-mekkaniżmi bbażati fuq il-proġetti, bħal CDM u JI, permezz tal-introduzzjoni ta' standards ta' kwalità stretti għall-proġetti li jiggarantixxu r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u tnaqqis supplementari fl-emissjonijiet li jkun affidabbli, verifikabbli u reali, u li jkunu jappoġġaw ukoll l-iżvilupp sostenibbli fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw; japprova, barra minn hekk, il-fehma tal-Kummissjoni li għandu jsir ftehim, għall-perjodu ta' wara l-2012, dwar mekkaniżmi settorjali għall-pajjiżi li huma l-aktar ekonomikament avvanzati fost il-pajjżi li qed jiżviluppaw, filwaqt li s-CDM għandu jibqa' disponibbli għall-LDCs;

73. Jinsisti li l-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom jissodisfaw l-impenji ta' mitigazzjoni tagħhom primarjament fl-UE, u jfakkar lill-partijiet kollha li l-użu ta' mekkaniżmi flessibbli għandu jkun limitat;

### *Avjazzjoni internazzjonali u trasport marittimu*

74. Ifakkar li t-trasport huwa l-aktar settur li jipproduċi emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra fid-dinja, liema emissjonijiet ilaħħqu t-30 % fil-każ tal-pajjiżi żviluppati u jirrappreżentaw 23 % tal-emissjonijiet globali; jiddepplora n-nuqqas ta' progress fl-ittrattar tal-kwistjoni tal-avjazzjoni globali u tat-trasport marittimu, u jinsisti fuq il-ħtieġa li l-avjazzjoni internazzjonali u t-trasport marittimu jiġu inkorporati fi ftehim fl-ambitu tal-UNFCCC;

75. Sabiex tiġi prevenuta kull żieda fl-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra kkaġunati mit-trasport sal-2050, jitlob lill-Unjoni Ewropea tiżgura li fil-ftehim internazzjonali tqis l-impatt sħiħ tat-trasport bl-ajru u bil-baħar fuq il-klima, u li l-miri ta' tnaqqis għas-setturi tal-avjazzjoni u għas-setturi marittimi jkunu bħal dawk tas-setturi industrijali l-oħra;

76. Jilqa' b'sodisfazzjon l-impenn mill-kumpaniji tal-ajru mad-dinja kollha biex isostnu titjib fl-effiċjenza tal-fjuwil ta' 1.5 % kull sena sal-2020, sabiex jinkiseb tkabbir newtrali mill-emissjonijiet tal-karbonju mill-2020 'il quddiem, u biex jinkiseb tnaqqis ta' 50 % fl-emissjonijiet tas-$CO_2$ fuq il-livelli tal-2005 sa l-2050;

77. Jinnota li nofs l-emissjonijiet tat-trasport bit-triq huma ġġenerati minn vetturi privati u li parti sostanzjali mill-emissjonijiet attribwiti lill-industrija jiġu mill-irfinar tal-fjuwil; quddiem iż-żieda persistenti fl-emissjonijiet mit-trasport bit-triq, jikkunsidra li għandhom jibqgħu jittieħdu l-miżuri li jitolbu lill-manifatturi jtejbu l-prestazzjoni ambjentali u enerġetika tal-vetturi;

### *Delegazzjoni tal-Parlament Ewropew*

78. Jemmen li d-delegazzjoni tal-UE tiżvolġi rwol importanti fin-negozjati dwar it-tibdil fil-klima, u għaldaqstant ma jistax jaċċetta li l-membri tal-kontinġent tal-Parlament Ewropew f'dik id-delegazzjoni ma setgħux jattendu l-laqgħat ta' koordinament tal-UE waqt il-Konferenza tal-Partijiet preċedenti; kif stipulat fil-Ftehim Qafas konkluż bejn il-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew f'Mejju 2005, li kien innegozjat mill-ġdid fl-2009, fejn il-Kummissjoni tirrappreżenta lill-Komunità Ewropea, hija għandha, wara talba mill-Parlament, tiffaċilita l-inklużjoni tal-Membri tal-Parlament bħala osservaturi fid-delegazzjonijiet tal-Komunità li jkunu

qed jinnegozjaw ftehimiet multilaterali; ifakkar fil-fatt li abbażi tat-Trattat ta' Lisbona (Artikolu 218 TFUE), il-Parlament Ewropew għandu jagħti l-approvazzjoni tiegħu għal ftehimiet li jsiru bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali; jistenna li almenu l-Presidenti tad-delegazzjoni tal-Parlament Ewropew jitħallew jattendu l-laqgħat ta' koordinament tal-UE f'Cancun;

*

* *

79. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u lis-Segretarjat tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima, bit-talba li tiġi ċċirkolata lill-partijiet kontraenti kollha li mhumiex membri tal-UE.

---

## Is-sitwazzjoni fis-Saħara tal-Punent

P7_TA(2010)0443

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Novembru 2010 dwar is-sitwazzjoni fis-Saħara tal-Punent**

(2012/C 99 E/16)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill ta' Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti dwar is-Saħara tal-Punent,

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU 1920 (2010) li estendiet il-mandat eżistenti tal-Missjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Referendum fis-Saħara tal-Punent (MINURSO),

— wara li kkunsidra l-aħħar rapporti tas-Segretarju Ġenerali tan-NU magħmula lill-Kunsill ta' Sigurtà dwar is-Saħara al-Punent tal-14 ta' April tal-2008, tat-13 ta' April 2009 u tas-6 ta' April tal-2010,

— wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, ratifikat mill-Marokk fit-3 ta' Mejju 1979,

— wara li kkunsidra l-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra, b'mod speċjali l-Artikolu 2 ta' dak il-ftehim,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-UE tas-7 ta' Diċembru 2009 dwar it-8 Sessjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Marokk u d-dikjarazzjoni konġunta maħruġa fl-ewwel Samit UE-Marokk tas-7 ta' Marzu 2010,

— wara li kkunsidra b'mod partikolari l-konklużjonijiet misluta mid-delegazzjoni ad hoc tal-Parlament għas-Saħara tal-Punent f'Settembru 2006 u f'Jannar 2009, li talbu li l-mandat tal-Missjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Referendum fis-Saħara tal-Punent (MINURSO) jiġi estiż, soġġett għal qbil min-naħa tal-partijiet kollha kkonċernati, sabiex tingħatalha l-kompetenza li tissorvelja r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem fis-Saħara tal-Punent, u li talbu lill-Kummissjoni, anke u jekk xieraq permezz tad-Delegazzjoni tagħha f'Rabat, biex tissorvelja d-drittijiet tal-bniedem fis-Saħara tal-Punent u tibgħat missjonijiet hemmhekk b'mod regolari,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar is-Saħara tal-Punent, b'mod partikolari dik tas-27 ta' Ottubru 2005 [1],

---

(1) ĠU C 272 E, 9.11.2006, p. 582.

**Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2010**

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni mir-Rappreżentant Għoli tal-UE Catherine Ashton dwar is-Saħara tal-Punent, tal-10 ta' Novembru 2010,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet mill-Kunsill u l-Kummissjoni tal-24 ta' Novembru 2010 dwar is-sitwazzjoni fis-Saħara tal-Punent,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 110(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi bosta eluf ta' Saħarawin abbandunaw ibliethom u armaw it-tined 'il barra minn El Aaiun, u waqqfu l-akkampament Gdaim Izyk bħala protesta paċifika għall-qagħda soċjali, politika u ekonomika u l-kundizzjonijiet ta' għajxien tagħhom,

B. billi wara bosta ġimgħat dawn kienu jammontaw għal madwar 15 000 persuna, skont l-osservaturi tan-Nazzjonijiet Uniti, u billi ġie stabbilit djalogu mal-awtoritajiet,

C. billi nhar il-Ħadd 24 ta' Ottubru 2010, Nayem El-Garhi, adoloxxenti Saħarawi ta' erbatax-il sena, inqatel u ħamsa oħra sfaw midruba mill-forzi militari Marokkini waqt li kienu qed jippruvaw jaslu sal-akkampament ftit 'il barra minn El Aaiun,

D. billi nhar it-8 ta' Novembru 2010, għadd mhux magħruf ta' persuni, inklużi uffiċjali tal-pulizija u tas-sigurtà, inqatlu matul l-azzjoni tal-forzi tas-sigurtà Marokkini bl-għan li jiġi żmantellat l-akkampament ta' protesta ta' Gdaim Izyk; billi kien hemm ukoll rapporti dwar għadd sinifikanti ta' ċivili midruba meta l-forzi tas-sigurtà użaw gass tad-dmugħ u lembubi biex jiżgumbraw l-akkampament,

E. billi dawn l-inċidenti seħħew fl-istess jum meta infetaħ it-tielet ċiklu ta' taħdidiet informali dwar l-istatus tas-Saħara tal-Punent fi New York, bil-parteċipazzjoni tal-Marokk, tal-Front Polisario u tal-pajjiżi osservaturi, l-Alġerija u l-Mawritanja,

F. billi l-ġurnalisti, il-membri parlamentari nazzjonali u reġjonali tal-UE u Ewrodeputati ma tħallewx jidħlu f'El Aaiun u fl-akkampament Gdaim Izyk, u xi wħud minnhom saħansitra sfaw espulsi minn El Aaiun,

G. billi titqies il-mewta vjolenti taċ-ċittadin Spanjol Babi Hamday Buyema f'ċirkostanzi li għadhom ma ġewx stabbiliti,

H. billi wara aktar minn 30 sena, il-proċess tad-dekolonizzazzjoni tas-Saħara tal-Punent għadu mhux mitmum,

I. billi l-UE għadha mħassba dwar il-kunflitt fis-Saħara tal-Punent u dwar il-konsegwenzi u l-implikazzjonijiet reġjonali tiegħu, inkluża s-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fis-Saħara tal-Punent, u jappoġġa bis-sħiħ l-isforzi tas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti u tal-r-Rappreżentant Personali tiegħu biex tinstab soluzzjoni politika ġusta, dejjiema u reċiprokament aċċettabbli li tippermetti l-awtodeterminazzjoni tal-poplu tas-Saħara tal-Punent, kif previst fir-riżoluzzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti,

J. billi bosta rapporti wrew li r-riżorsi naturali tas-Saħara tal-Punent qed jiġu sfrutatti mingħajr ma jħallu l-ebda benefiċċju għall-popolazzjoni lokali,

1. Jesprimi t-tħassib kbir tiegħu dwar id-deterjorament sinifikanti tas-sitwazzjoni fis-Saħara tal-Punent u jikkundanna bis-saħħa l-inċidenti vjolenti li seħħew fl-akkampament ta' Gdaim Izyk meta kien qed jiġi żmantellat, u fil-belt ta' Laâyoune;

2. Jistieden lill-partijiet kollha kkonċernati biex jibqgħu kalmi u joqogħdu lura minn aktar vjolenza;

3. Jiddeplora t-telf ta' ħajjiet umani u jesprimi s-solidarjetà tiegħu mal-familji tal-vittmi, tal-midruba u tal-persuni li għebu;

4. Jinnota t-twaqqif mill-Parlament Marokkin ta' kumitat ta' inkjesta biex jistħarreġ l-avvenimenti li wasslu għall-intervent mill-awtoritajiet Marokkini, iżda jqis li n-Nazzjonijiet Uniti jkunu l-aktar korp adegwat biex iwettaq inkjesta internazzjonali indipendenti biex jiġu ċċarati l-avvenimenti, l-imwiet u l-għajbien;

5. Jiddispjaċih mill-attakki fuq il-libertà tal-istampa u tal-informazzjoni li għaddew minnhom ħafna ġurnalisti Ewropej u jitlob lir-Renju tal-Marokk jippermetti l-aċċess liberu u l-moviment liberu fis-Saħara tal-Punent għall-istampa, l-osservaturi indipendenti u l-organizzazzjonijiet umanitarji; jiddeplora l-projbizzjoni imposta mill-awtoritajiet Marokkini fuq id-dħul fis-Saħara tal-Punent għall-membri parlamentari, il-ġurnalisti, il-mezzi tax-xandir u l-osservaturi indipendenti;

6. Jinsisti dwar il-bżonn li l-korpi tan-NU jiġu mistiedna jipproponu t-twaqqif ta' mekkaniżmu ta' monitoraġġ tad-drittijiet tal-bniedem fis-Saħara tal-Punent;

7. Jilqa' t-tkomplija tal-laqgħat informali bejn il-Marokk u l-Front Polisario taħt l-awspiċi tal-r-Rappreżentant Personali tas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, ukoll f'dawn iċ-ċirkostanzi ta' tensjoni, u jitlob lill-protagonisti reġjonali jiżvolġu rwol aktar kostruttiv;

8. Jisħaq dwar l-appoġġ tiegħu għall-issoktar tat-taħdidiet informali bejn il-partijiet fil-kunflitt, bl-għan li tinstab soluzzjoni politika ġusta, dejjiema u reċiprokament aċċettabbli bi qbil mar-riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill ta' Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti;

9. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li tingħata l-għajnuna umanitarja neċessarja, b'żieda fil-finanzjament allokat, lil numru ta' persuni stmat bejn id-90 000 u l-165 000, li jgħixu fir-reġjun ta' Tindouf, biex dawn jiġu megħjuna jissodisfaw il-bżonnijiet bażiċi tagħhom għall-ikel, l-ilma, id-djar u l-kura medika u biex jittejbu l-kundizzjonijiet ta' għajxien tagħhom;

10. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar l-arrest u l-allegazzjonijiet b'rabta ma' turment tad-difensur tad-drittijiet tal-bniedem Saħarawi fit-territorju tas-Saħara tal-Punent; jitlob li d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem miżmuma f'ħabsijiet fit-territorju jew fil-Marokk jiġu trattati bi qbil mal-istandards internazzjonali u biex jinġiebu quddiem il-ġustizzja malajr u b'mod ġust;

11. Jistieden lill-UE titlob li r-Renju tal-Marokk jirrispetta d-Dritt internazzjonali fir-rigward tal-isfruttament tar-riżorsi naturali tas-Saħara tal-Punent;

12. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lis-Segretarju Ġenerali tan-NU, lis-Segretarju Ġenerali tal-Unjoni Afrikana, lid-Delegazzjoni tal-PE għar-Relazzjonijiet mal-Pajjiżi tal-Maghreb, lill-Bureau tal-Assemblea Parlamentari tal-Unjoni għall-Mediterran, lill-Parlament u lill-Gvern tal-Marokk, lill-Front Polisario u lill-parlamenti u l-gvernijiet tal-Alġerija u tal-Mawritanja.

---

## Ukraina

P7_TA(2010)0444

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Novembru 2010 dwar l-Ukraina**

(2012/C 99 E/17)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-Ukraina,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Konġunta adottata fis-Samit UE-Ukraina li sar fi Brussell fit-22 ta' Novembru 2010,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni u r-Rakkomandazzjonijiet Finali maħruġa wara l-15-il laqgħa tal-Kumitat għall-Kooperazzjoni Parlamentari UE-Ukraina, li saret fl-4 u l-5 ta' Novembru 2010 fi Kyiv u f'Odessa,

— wara li kkunsidra d-deleagzzjoni tal-Kumitat għall-Kooperazzjoni Parlamentari UE-Ukraina li ossservat l-elezzjonijiet lokali u reġjonali li saru fl-Ukraina fil-31 ta' Ottubru 2010,

— wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni (FSK) bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukraina, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 1998 u n-negozjati li għadhom għaddejjin dwar il-ftehim ta' assoċjazzjoni maħsub biex jissostitiwixxi l-FSK,

— wara li kkunsidra l-14-il laqgħa tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni UE-Ukarina li sar fil-Lussemburgu fil-15 ta' Ġunju 2010,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Konġunta tas-Sħubija tal-Lvant varata fi Praga fis-7 ta' Mejju 2009,

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tas-Sħubija tal-Lvant adottata mill-Kunsill tal-Affarijiet Barranin fil-25 ta' Ottubru 2010,

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni 1755 tal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa, adottata fil-5 ta' Ottubru 2010, dwar il-funzjonament tal-istituzzjonijiet demokratiċi fl-Ukraina,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew dwar l-Ukraina tas-16 ta' Settembru 2010,

— wara li kkunsidra l-Aġenda ta' Assoċjazzjoni UE-Ukraina, li tissostitwixxi l-Pjan ta' Azzjoni u li ġiet approvata mill-Kunsill ta' Kooperazzjoni UE-Ukraina f'Ġunju 2009,

— wara li kkunsidra l-ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukraina dwar il-faċilitazzjoni tal-viża, iffirmat fit-18 ta' Ġunju 2007, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2008, u d-djalogu dwar il-viża bejn l-UE u l-Ukraina varat f'Ottubru 2008,

— wara li kkunsidra r-Rapport Konġunt tal-Grupp ta' Ħidma tal-Kumitat għall-Kooperazzjoni Parlamentari UE-Ukraina dwar il-Politika tal-Viża bejn l-Ue u l-Ukraina tal-4 ta' Novembru 2010,

— wara li kkunsidra l-bidliet tal-aħħar minuta fil-liġi elettorali tal-Ukraina li għadda l-Parlament Ukrain (Verkhovna Rada) f'Ġunju 2010, ftit qabel ma saru l-elezzjonijiet lokali,

— wara li kkunsidra l-Programm Nazzjonali Indikattiv 2011-2013 għall-Ukraina,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 110(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-Ukraina hija pajjiż Ewropew ta' importanza strateġika għall-UE; billi d-daqs, ir-riżorsi, il-popolazzjoni u l-lok ġeografiku tagħha lill-Ukraina jagħtuha pożizzjoni partikolari fl-Ewropa u jagħmluha protagonist reġjonali ewlieni,

B. billi kemm il-President elett il-ġdid Viktor Yanukovych kif ukoll il-Verkhovna Rada kkonfermaw id-determinazzjoni tal-Ukraina li tingħaqad mal-Unjoni Ewropea,

C. billi saru allegazzjonijiet li l-libertajiet demokratiċi, bħalma huma l-libertà tal-għaqda, il-libertà tal-espressjoni u l-libertà tal-media, sfaw mhedda f'dawn l-aħħar xhur,

D. billi s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-Ukraina tal-1 ta' Ottubru 2010 terġa' tistabbilixxi sistema presidenzjali ta' governanza; billi għandu jibqa' prijoritarju l-istabbiliment ta' sistema demokratika, effikaċi u dejjiema ta' kontrolli u kontrobilanċi u l-proċess biex dan jintlaħaq għandu jkun miftuħ, inklużiv u aċċesibbli għall-partiti politiċi u l-protagonisti kollha fl-Ukraina,

E. billi l-elezzjonijiet lokali u reġjonali li saru fl-Ukraina fil-31 ta' Ottubru 2010 saru f'atmosfera kalma u mingħajr inċidenti; billi ġiet espressa kritika dwar xi aspetti tal-organizzazzjoni ta' dawn l-elezzjonijiet, b'mod partikolari fir-rigward tal-liġi elettorali, il-proċeduri għall-adozzjoni tagħha u xi aspetti speċifiċi dwar is-sustanza tagħha,

F. billi wara l-elezzjonijiet presidenzjali li saru f'Jannar 2010 qed ikun hemm dejjem iktar sinjali ta' tħassib fir-rigward tat-tnaqqis fir-rispett għad-demokrazija u l-pluraliżmu, kif juru, b'mod partikolari, it-trattament ta' xi NGOs u lmenti individwali minn ġurnalisti dwar pressjoni mill-edituri tagħhom jew mis-sidien tal-istabbilimenti tal-media tagħhom biex ikopru jew ma jkoprux ċerti avvenimenti, kif ukoll attività aktar qawwija u motivata politikament tas-Servizz ta' Sigurtà tal-Ukraina (SBU) u l-użu ħażin tar-riżorsi amministrattivi u ġudizzjarji għal skopijiet politiċi,

G. billi r-Rappreżentant tal-OSCE għal-Libertà tal-Media fit-13 ta' Ottubru 2010 afferma li l-Ukraina laħqet livell għoli ta' libertà tal-mezzi tal-komunikazzjoni, iżda li għandha tadotta provvedimenti urġenti biex tissalvagwardjahom, u stieden lill-Gvern Ukrain biex joqgħod lura minn kull tentattiv li jinfluwenza jew li jiċċensura l-kontenut tal-mezzi tal-komunikazzjoni u biex jikkonforma mal-istandards internazzjonali dwar il-libertà tal-mezzi tal-komunikazzjoni u jonora l-impenji tal-OSCE,

H. billi s-Sħubija tal-Lvant tista' toffri lill-Ukraina mezz addizjonali biex tintegra mal-Unjoni Ewropea, imma tista' biss tkun ta' suċċess jekk tkun ibbażata fuq proġetti prattiċi u kredibbli u jekk tkun iffinanzjata biżżejjed,

1. Jenfsizza li, skont l-Artikolu 49 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-Ukraina tista' tapplika biex tissieħeb fl-UE bħal kull Stat Ewropew ieħor li jaderixxi mal-prinċipji tal-libertà, id-demokrazija, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, kif ukoll il-libertajiet fundamentali u l-istat tad-dritt;

2. Jenfasizza li l-Ukraina għandha perspettiva Ewropea u rabtiet storiċi, kulturali u ekonomiċi qawwija mal-Unjoni Ewropea, u li hija waħda mis-sħab ewlenin tal-Unjoni fil-viċinat tal-Lvant tagħha, ladarba għandha influwenza sinifikanti fuq is-sigurtà, l-istabbiltà u l-prosperità tal-kontinent kollu;

3. Jilqa' d-dikjarazzjonijiet ta' kunsens mill-Gvern Ukrain u mill-oppożizzjoni politika dwar l-aspirazzjonijiet tal-Ukraina rigward it-triq lejn l-integrazzjoni Ewropea u l-ambizzjoni tagħha fit-tul li ssir Stat Membru tal-Unjoni Ewropea; jinnota li l-protagonisti kollha fix-xena politika tagħha jissuktaw jappoġġaw din il-mira bil-kunsens tagħhom; jitlob lill-awtoritajiet Ukraini jistabbilixxu forum komuni biex jikkoordina l-pożizzjoni politika tal-Ukraina fir-rigward tal-Unjoni Ewropea, fejn dak il-forum għandu jikkonsisti minn politiċi sew mill-koalizzjoni fil-gevrn kif ukoll mill-oppożizzjoni;

4. Jirrimarka li l-elezzjonijiet lokali u reġjoanli tal-31 ta' Ottubru 2010, minkejja li teknikament saru b'mod ordnat, ma stabbilixxewx standard ġdid pożittiv; jiddispjaċih li l-Ukraina bidlet il-liġijiet elettorali tagħha ftit xhur qabel ma saru l-elezzjonijiet lokali u reġjonali, b'tali mod li tħalla ftit wisq żmien għat-titjib tal-liġi u għat-tħejjija biex l-elezzjonijiet isiru b'mod tajjeb u demokratiku;

5. Jiddispjaċih li, minħabba li t-talbiet għar-reġistrazzjoni mill-partiti tal-oppożizzjoni ma ntlaqgħux mill-kummissjonijiet elettorali qabel is-sottomissjoni tal-lista tal-Partit tar-Reġjuni, il-partit fil-gvern effettivament rebaħ l-ewwel post fil-listi f'madwar 85 % tal-kostitwenzi; jinnota li minħabba l-anomaliji fil-liġi elettorali, li naqset milli tipprovdi salvagwardji suffiċjenti biex tipproteġi d-dritt tal-partiti stabbiliti li jikkompetu, xi partiti, bħal Batkivshchyna, f'bosta distretti ma setgħux jirreġistraw il-kandidati u jieħdu sehem fl-elezzjonijiet;

**Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2010**

6. Jiddispjaċih li r-regoli tal-elezzjoni għadhom qed jiġu diskussi; japprova l-ħtieġa li l-qafas elettorali jittejjeb u jagħmel il-qalb bix-xogħol li sar f'kooperazzjoni mal-esperti tal-UE u tal-OSCE għall-iżvilupp ta' abbozz ġdid tal-Kodiċi Elettorali; jinnota li abbozz ta' Kodiċi Elettorali Unifikat issa tressaq għall-adozzjoni mill-Verkhovna Rada; jenfasizza li t-trasparenza tal-prċess elettorali huwa kontinġenti fuq iċ-ċarezza tal-qafas legali; jistieden lill-awtoritajiet tal-Ukraina biex jiżguraw li l-leġiżlazzjoni tkun iffinalizzata f'waqtha, ħafna qabel l-elezzjonijiet parlamentari tal-2012;

7. Huwa mħasseb bl-iżviluppi reċenti li jistgħu jheddu l-libertà tal-media u l-pluraliżmu; jistieden lill-awtoritajiet biex jieħdu l-miżuri neċessarji kollha ħalli jipproteġu dawn l-aspetti essenzjali ta' soċjetà demokratika u joqogħdu lura minn kwalunkwe tentattiv biex jikkontrollaw, direttament jew indirettament, il-kontentut tar-rapporti fil-media nazzjonali; jenfasizza l-ħtieġa urġenti ta' riforma tal-liġijiet li jirregolaw is-settur tal-media u għalhekk jilqa' proposta reċenti li tikkonċerna l-introduzzjoni ta' Xandir ta' Servizz Pubbliku fl-Ukraina; jilqa' wkoll l-assigurazzjonijiet pubbliċi mogħtija mill-awtoritajiet tal-Ukraina li l-qafas legali meħtieġ biex jiġi stabbilit xandar ta' servizz pubbliku se jiġi konkluż sal-aħħar tas-sena; jiddeplora l-fatt li żewġ stazzjonijiet indipendenti, TVi u TV5, ġew imċaħħda minn xi frekwenzi tax-xandir tagħhom; jistieden lill-awtoritajiet jiżguraw li l-proċedimenti legali ma jwasslux għar-revoka selettiva ta' frekwenzi tax-xandir u jirrevedu kwalunkwe deċiżjoni jew ħatra li tista' twassal għal konflitt ta' interess;

8. Jistieden lill-Gvern tal-Ukraina biex il-leġiżlazzjoni dwar il-libertà tal-media jġibha konformi mal-standards tal-OSCE; azzjoni deċiżiva f'dan ir-rigward issaħħaħ il-kredibilità tal-Ukraina bħala Presidenza fil-Kariga tal-OSCE għall-2013;

9. Jistieden lill-awtoritajiet Ukraini jinvestigaw bir-reqqa l-għejbien ta' Vasyl Klymentyev, il-kap editur ta' gazzetta li tiffoka fuq il-korruzzjoni fir-reġjun ta' Kharkiv;

10. Jenfasizza l-ħtieġa li tissaħħaħ il-kredibbiltà, l-istabbiltà, l-indipendenza u l-effikaċja tal-istituzzjonijiet, biex b'hekk jiġu ggarantiti d-demokrazija u l-istat tad-dritt u jinġieb 'il quddiem proċess ta' riforma kostituzzjonali konsenswali bbażat fuq is-separazzjoni ċara tas-setgħat u kontolli u kontrobilanċi effikaċi bejn l-istituzzjonijiet tal-istat; jenfasizza li l-kooperazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea għad-Demokrazija permezz tad-Dritt (il-Kummissjoni ta' Venezja) hija kruċjali sabiex jiġi żgurat li l-pakketti ta' riformi leġiżlattivi li qegħdin jiġu żviluppati attwalment ikunu konsistenti għalkollox mal-istandards u l-valuri Ewropej; jistieden lill-partijiet interessati politiċi relevanti, inklużi l-gvern u l-oppożizzjoni, biex jipparteċipaw f'dan il-proċess, u jistieden lill-awtoritajiet tal-Ukraina biex jitolbu l-opinjoni tal-Kummissjoni ta' Venezja dwar il-verżjonijiet finali tal-abbozzi ta' liġijiet;

11. Jistieden lill-partiti kollha fil-Verkhovna Rada biex jappoġġaw u jippromwovu sistema ta' kontrolli u kontrobilanċi effikaċi f'konnessjoni mal-operat leġittimu tal-gvern;

12. Jistieden lill-awtoritajiet biex jinvestigaw b'mod sħiħ kull rapport dwar ksur tad-drittijiet u l-libertajiet, jirmedjaw kwalukwe ksur identifikat u jinvestigaw ir-rwol tal-SBU rigward l-indħil fil-proċess demokratiku;

13. Jenfasizza r-rwol ċentrali tal-Ukraina fis-sigurtà tal-enerġija tal-Unjoni Ewropea; jisħaq fuq l-importanza li tintensifika l-koperazzjoni bejn l-Ukraina u l-UE fil-qasam tal-enerġija; jistieden lill-Ukraina biex timplimenta l-impenji tagħha skont id-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Konferenza UE-Ukraina dwar l-Investiment Internazzjonali dwar il-Modernizzazzjoni tas-Sistema ta' Tranżitu tal-Gass tal-Ukraina; jitlob li jiġu konklużi aktar ftehimiet bejn l-UE u l-Ukraina bil-għan li jiżgura l-provvisti tal-enerġija għaż-żewġ naħat, inkluża sistema ta' tranżitu affidabbli u diversifikata għall-gass u ż-żejt; jenfasizza li sabiex l-Ukraina jkollha sistema moderna ta' tranżitu tal-gass, tirrikjedi servizzi ta' tranżitu trasparenti, effiċjenti u ta' kwalità permezz ta' netwerk modernizzat għat-trasport tal-gass; jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi l-assistenza teknika meħtieġa biex tittejjeb radikalment l-effiċjenza enerġetika tan-netwerk tal-elettriku tal-Ukraina u biex tintensifika l-kooperazzjoni rigward ir-riforma tas-settur tal-gass, sabiex isir konformi mal-istandards tal-UE;

14. Jappoġġja t-talba li saret mill-Kapijiet ta' Stat tal-UE u tal-Ukraina, fl-okkażjoni tat-tifkira tal-25 anniversarju tad-diżastru ta' Chernobyl f'Kiev, biex jiġi mobilizzat l-appoġġ kollu meħtieġ biex tiġi kkompletata l-istruttura ta' protezzjoni tal-Unità 4 ta' Chernobyl u biex titkompla d-diżattivazzjoni tat-tliet unitajiet l-oħra; jenfasizza li t-trasparenza hija kruċjali għall-proġett ta' kostruzzjoni tal-istruttura ta' protezzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-passi li jmiss u tal-istadju attwali li ntlaħaq fix-xogħol;

**Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2010**

15. Jagħmel il-qalb jara l-progress fin-negozjati dwar il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni UE-Ukraina, b'mod partikolari l-aspetti tiegħu relatati ma' Żona fonda u komprensiva tal-Kummerċ Ħieles (DCFTA); jinnota li l-konklużjoni tan-negozjati dwar il-ftehim jiddependu mill-kapaċità u r-rieda tan-naħa Ukraina li tqarreb il-liġijiet u r-regolamenti tagħha lejn dawk tal-Unjoni Ewropea; jistieden lill-Kummissjoni tinnegozja d-DCFTA mal-Ukraina b'tali mod li d-dispożizzjonijiet tagħha mhux biss jifthu s-swieq tal-UE u tal-Ukraina għall-kummerċ reċiprokament benefiku, imma jappoġġa l-modernizzazzjoni tal-ekonomija tal-Ukraina; jenfasizza li d-DCFTA għandha tgħin l-integrazzjoni gradwali tal-Ukraina fis-suq intern tal-UE, inkluża l-estensjoni tal-erba' libertajiet għall-pajjiż; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Ukraina biex iħaffu l-progress f'dan il-qasam abbażi tal-kisbiet tal-Ukraina bħala membru tad-WTO; iħeġġeġ liż-żewġ partijiet biex jagħmlu kulma huwa meħtieġ ħalli fl-ewwel nofs tas-sena d-dieħla jintlaħaq qbil finali;

16. Jistieen lill-awtoritajiet tal-Ukraina biex jintensifikaw l-isforzi kontra l-korruzzjoni; jistenna, f'dan ir-rigward, li dikjarazzjonijiet politiċi pożittivi jimxu id f'id ma' azzjoni deċiżiva fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni fil-livelli kollha, abbażi tal-imparzjalità politika; isejjaħ għall-istabbiliment ta' kundizzjonijiet indaqs għan-negozji u biex l-istess regoli jiġu applikati għall-investituri domestiċi u dawk barranin; f'dak ir-rigward, jiddeplora l-involviment żejjed tan-negozji l-kbar fil-ħajja politika;

17. Huwa skoraġġut minħabba l-fatt li l-Verkhovna Rada adottat emendi għal-Liġi ġdida dwar l-Akkwist Pubbliku, skont liema oġġetti, xogħlijiet u servizzi akkwistati bil-għan li l-Kampjonat tal-Futbol Ewropew 2012 jinżamm fl-Ukraina jiġu esklużi mill-ambitu ta' dik il-liġi;

18. Iħeġġeġ lill-Parlament Ukrain biex jgħaddi l-abbozz ta' liġi "dwar l-aċċess għall-informazzjoni pubblika" fi qbil mal-istandards Ewropej u internazzjonali;

19. Jilqa' l-Pjan ta' Azzjoni lejn il-liberalizzazzjoni tal-viża għall-Ukraina kif maqbul fl-14-il Samit UE-Ukraina fit-22 ta' Novembru 2010; iqis li l-Pjan ta' Azzjoni huwa għodda prattika biex jinġiebu 'l quddiem riformi essenzjali fl-oqsma rilevanti, b'mod partikolari l-konsolidazzjoni tal-istat tad-dritt u r-rispett għal-libertajiet fundamentali; jitlob lill-Kummissjoni biex tassisti lill-awtoritajiet tal-Ukraina fl-isforzi tagħhom biex javvanzaw lejn liberalizzazzjoni tal-viża;

20. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jabolixxu l-imposti għall-ipproċessar ta' applikazzjonijiet nazzjonali u ta' Schengen għal ċittadini tal-Ukraina bħala objettiv intermedju;

21. Jitlob lill-Kummissjoni taħdem mal-Istati Membri u mal-Ukraina biex tħejji miżuri speċjali li għandhom jittieħdu fir-rigward tal-Kampjonat tal-Futbol Ewropew tal-2012, bl-għan li l-ivvjaġġar ta' dawk li għandhom il-biljetti jkun iffaċilitat, u li din din l-okkażjoni speċjali tintuża bħala perjodu ta' ttestjar għal sistema finali bla obbligu ta' viża;

22. Jilqa' l-appoġġ attiv tal-Ukraina għas-Sħubija tal-Lvant u l-Assemblea Parlamentari Euronest; iħeġġeġ lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jintensifikaw aktar il-kooperazzjoni mal-Ukraina firl-kuntest tal-iżviluppi fil-viċinat, b'mod partikolari l-iżvilupp tal-politiki għar-reġjun tal-Baħar l-Iswed;

23. Jisħaq fuq l-importanza li titqawwa l-kooperazzjoni rigward l-iskambji taż-żgħażagħ u l-istudenti u fuq l-iżvilupp ta' programmi ta' boroż ta' studju li jippermettu lill-Ukraini jsiru jafu l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha; jemmen li l-programm Erasmus għall-iskambji fl-edukazzjoni għolja għandu jiġi estiż għal studenti mis-sitt pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant;

24. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet tal-Istati Membri, lill-Gvern u lill-Parlament tal-Ukraina u lill-Assemblej Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa u tal-OSCE.

**Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2010**

# Politika dwar il-Kummerċ Internazzjonali fil-kuntest tal-imperattivi marbuta mat-tibdil fil-klima

P7_TA(2010)0445

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Novembru 2010 dwar il-Politika dwar il-Kummerċ Internazzjonali fil-kuntest tal-imperattivi marbuta mat-tibdil fil-klima (2010/2103(INI))**

(2012/C 99 E/18)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-rapporti tat-tliet gruppi ta' ħidma tal-Grupp Intergovernattiv tal-Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC) ippubblikati fl-2007 ([1]),

— wara li kkunsidra l-Pakkett tal-UE dwar it-Tibdil fil-Klima adottat mill-Kunsill Ewropew fis-17 ta' Diċembru 2008,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tad-29 u t-30 ta' Ottubru 2009 rigward in-negozjati dwar il-klima,

— wara li kkunsidra s-samit dwar il-klima tan-NU li sar f'Kopenħagen (id-Danimarka) mis-7 sat-18 ta' Diċembru 2009, u l-Ftehim ta' Kopenħagen li ħareġ minnu,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tal-Parlament Ewropew rigward it-tibdil fil-klima, b'mod partikolari r-riżoluzzjoni tal-10 ta' Frar 2010 dwar l-eżitu tas-samit ta' Kopenħagen ([2]) u dik tad-29 ta' Novembru 2007 dwar il-kummerċ u l-bidla fil-klima ([3]),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Mejju 2010 dwar l-analiżi tal-alternattivi biex isir progress lil hinn mit-tnaqqis ta' 20 % tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett serra u l-valutazzjoni tar-riskju ta' rilaxx tal-karbonju (COM(2010)0265),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni tad-19 ta' Ġunju 2010 dwar is-sostenibbiltà tal-bijofjuwils u bijolikwidi ([4]),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tal-4 ta' Novembru 2008 dwar l-inizjattiva tas-swieq tal-materja prima - Nilħqu l-ħtiġijiet kritiċi tagħna għat-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi fl-Ewropa (COM(2008)0699),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) u l-Programm tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent dwar il-kummerċ u t-tibdil fil-klima varat fis-26 ta' Ġunju 2008,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni finali tal-kapijiet tal-istati u tal-gvernijiet fis-Samit tal-G 20 f'Pittsburgh tal-24 u l-25 ta' Settembru 2009,

— wara li kkunsidra l-"Evalwazzjoni Internazzjonali tax-Xjenzi u t-Teknoloġiji Agrikoli għall-Iżvilupp", ippubblikata fl-2008 ([5]),

---

([1]) *Climate Change 2007: Synthesis Report*; editjat minn Rajendra K. Pachauri u Andy Reisinger, Ġinevra 2007, http://www.ipcc.ch/pdf/assessment-report/ar4/syr/ar4_syr.pdf; u r-rapporti tal-gruppi ta' ħidma: *The Physical Science Basis*, Kontribut tal-Grupp ta' Ħidma I, editjat minn S. Solomon, D. Qin, M. Manning, Z. Chen, M. Marquis, K. Averyt, M. Tignor u H.L. Miller, Jr.; *Impacts, Adaptation and Vulnerability*, Kontribut tal-Grupp ta' Ħidma II, editjat minn M. Parry, O. Canziani, J. Palutikof, P. van der Linden u C. Hanson; *Mitigation of Climate Change*, Kontribut tal-Grupp ta' Ħidma III, editjat minn B. Metz, O. Davidson, P. Bosch, R. Dave u L. Meyer.

([2]) Testi adottati, P7_TA(2010)0019.

([3]) ĠU C 297 E, 20.11.2008, p. 193.

([4]) ĠU C 160, 19.6.2010, p. 1 u 8.

([5]) http://www.agassessment.org/

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel u tal-Kumitat għall-Iżvilupp (A7-0310/2010),

A. billi t-temperatura tad-dinja diġà żdiedet tul l-aħħar seklu u se tibqa' tiżdied u billi r-riperkussjonijiet ekonomiċi, soċjali u ekoloġiċi tat-tisħin tal-klima qed jieħdu xejriet inkwetanti u li huwa indispensabbli li dan it-tisħin ma jitħalliex jaqbeż żieda ta' 2 °C,

B. billi l-ftehim li ntlaħaq fis-samit tan-NU dwar il-klima f'Kopenħagen f'Diċembru 2009 hu inadegwat; billi l-Unjoni Ewropea ma rnexxilhiex tieħu rwol minn ta' quddiem,

C. billi l-ftehim li ntlaħaq fis-samit tan-NU dwar il-klima f'Kopenħagen f'Diċembru 2009 mhuwiex biżżejjed u qed joħloq diżappunt,

D. billi s-samit ta' Cancun jipprovdi opportunità unika għal djalogu sustantiv, għandu jadotta strumenti legalment vinkolanti u proċeduri ta' verifika ferm aktar b'saħħithom u għandu jkun pass fundamentali lejn ftehim operattiv komprensiv u legalment vinkolanti li jgħin biex it-tisħin globali jibqa' ferm naqas minn 2 °C,

E. billi l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima hija fattur fil-kompetittività, ġaladarba l-prijoritajiet Ewropej fil-qasam huma l-iffrankar tal-enerġija u s-sorsi rinnovabbli tal-enerġija li jgħinu biex tittejjeb is-sigurtà enerġetika tal-Unjoni u joffru potenzjal qawwi f'dak li jirrigwarda l-iżvilupp industrijali, l-innovazzjoni, l-iżvilupp reġjonali u l-ħolqien tal-impjiegi,

F. billi l-enerġija ssussidjata u l-emissjonijiet ta' $CO_2$ mingħajr restrizzjoni f'ċerti pajjiżi joħolqu vantaġġ kumparattiv,

G. billi għaldaqstant ir-regoli kummerċjali huma deċiżivi fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, u billi l-Unjoni, bħala l-akbar forza kummerċjali fid-dinja, jista' jkollha influwenza kbira fuqhom,

1. Jesprimi s-sodisfazzjon tiegħu dwar l-ambizzjoni tal-Kunsill li sal-2050 jnaqqas l-emissonijiet Ewropej ta' gassijiet b'effett ta' serra bi 80 sa 90 % meta mqabbla mal-1990, ambizzjoni meħtieġa biex l-Unjoni tkun tista' terġa' tieħu rwol dinji ta' tmexxija rigward il-klima filwaqt li pajjiżi oħra huma impenjati bis-sħiħ fl-ekonomija l-ħadra, partikolarment permezz tal-pjanijiet tagħhom għal irkupru ekonomiku; jappoġġa bil-qawwa l-objettiv tat-tnaqqis tal-emissonijiet Ewropej bi 30 % sal-2020, tnaqqis li jqanqal lill-pajjiżi oħra jieħdu impenji aktar ambizzjużi;

2. Jitlob għall-konklużjoni ta' ftehim internazzjonali vinkolanti dwar il-protezzjoni tal-klima u jappoġġja bis-sħiħ l-għan ta' tnaqqis ta' 30 % fl-emissjonijiet tad-$CO_2$ fl-Unjoni Ewropea sal-2020 u l-għan fit-tul tal-UE għal tnaqqis ta' mill-inqas 85 % tal-emissjonijiet tad-$CO_2$ u ta' gassijiet oħra b'effett ta' serra sal-2050;

3. Jenfasizza li l-pajjiżi żviluppati għandhom ikunu minn ta' quddiem fit-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' $CO_2$; jemmen li t-twaqqif ta' standards, it-tikkettar u ċ-ċertifikazzjoni huma strumenti b'potenzjal qawwi għat-tnaqqis fl-użu tal-enerġija, u b'hekk biex jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima; iqis li l-Mekkaniżmu għal Żvilupp Nadif (CDM) naqas milli jindirizza l-ħtiġijiet tal-pajjiżi l-aktar vulnerabbli;

4. Huwa favur l-intensifikazzjoni tal-promozzjoni tal-enerġija minn sorsi li jiġġeddu u li l-gvernijiet tal-Istati Membri jsegwu politika konsistenti u jistabbilixxu qafas legali vinkolanti li jippermetti li, fuq żmien twil, jiġi adottat programm b'fażijiet ta' għajnuniet li jikkontribwixxu għall-ftuħ tas-suq u l-ħolqien ta' infrastrutturi minimi, element li huwa essenzjali fi żmien ta' kriżi u inċertezza kummerċjali;

**Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2010**

5. Ifakkar li politika kummerċjali komuni hija strument għas-servizz tal-objettivi ġenerali tal-Unjoni Ewropea li, skont l-Artikolu 207 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-politika kummerċjali komuni tal-UE "għandha titwettaq fil-kuntest tal-prinċipji u l-objettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni", u li skont l-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, għandha tikkontribwixxi b'mod partikolari "għall-iżvilupp sostenibbli tal-pjaneta, is-solidarjetà u r-rispett reċiproku bejn il-popli, il-kummerċ liberu u ġust, il-qerda tal-faqar u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem b'mod partikolari dawk tat-tfal, kif ukoll għar-rispett shih u għall-iżvilupp tad-dritt internazzjonali, partikolarment ir-rispett għall-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti";

6. Jenfasizza li l-politiki kummerċjali tal-Unjoni Ewropea – fil-livelli bilaterali u multilaterali – huma għodda biex jintlaħaq għan u mhux finijiet fihom infushom, u li jeħtiġilhom ikunu koerenti mal-objettivi tagħha rigward it-tibdil fil-klima u jantiċipaw il-konklużjoni ta' ftehim ambizzjuż dwar il-klima;

7. Iqis li r-regoli tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa għandhom jiġu interpretati u żviluppati b'tali mod li jappoġġjaw l-impenji li saru matul il-ftehim ambjentali multilaterali; jistieden lill-Kummissjoni biex taħdem fuq il-bini ta' kunsens fi ħdan l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa sabiex is-segretarjati tal-ftehim ambjentali multilaterali jingħataw status ta' osservaturi fil-laqgħat kollha tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa rigward il-qasam ta' kompetenza tagħhom u kif ukoll rwol konsultattiv fil-proċeduri ta' riżoluzzjoni ta' kunflitti relatati mal-ambjent; jenfasizza li r-regoli internazzjonali ġodda għandhom jiġu mwaqqfa sabiex jiġi eliminat il-vantaġġ komparattiv mogħti permezz ta' emissjoni rħisa tas-$CO_2$;

8. Jiddeplora l-fatt li l-ebda wieħed mill-ftehimiet tad-WTO ma jagħmel referenza diretta għat-tibdil fil-klima, is-sigurtà tal-ikel u l-Għanijiet tal-Millennju għall-Iżvilupp; jiddeplora l-iżvilupp tal-bijopiraterija ta' żrieragħ reżistenti għall-klima; iqis li jeħtieġ tibdil fir-regoli tad-WTO biex jiġu żgurati l-koerenza u l-konsistenza mal-impenji skont il-Protokoll ta' Kjoto u l-ftehimiet ambjentali multilaterali; iħeġġeġ b'urġenza li ssir riforma tad-WTO biex il-prodotti jkunu jistgħu jingħarfu skont il-metodi ta' produzzjoni u pproċessar (PPMs);

9. Jenfasizza, b'referenza għall-Preambolu tal-Ftehim tad-WTO u l-Artikolu XX b), d) u g) tal-GATT, li l-kummerċ internazzjonali ma għandux jirriżulta fl-isfruttament żejjed tar-riżorsi naturali u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-prinċipju ta' preferenza kollettiva fil-qafas tad-WTO, speċjalment rigward prodotti sostenibbli, li jirrispettaw il-klima u etiċi;

10. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-membri tad-WTO jiksbu opinjoni minn din tal-aħħar li tirrikonoxxi l-importanza tat-tibdil fil-klima u l-konsegwenzi tiegħu u tħeġġeġ lid-WTO taħdem biex tiżgura li r-regoli tad-WTO jippromwovu u mhux jimminaw l-isforzi dinjija biex it-tibdil fil-klima jiġi miġġieled, jitnaqqas u li jsir adattament għalih;

11. Jesprimi s-sogħba tiegħu li l-membri tad-WTO għad iridu jsibu mod kif jintegraw dan it-trattat fis-sistema tal-istituzzjonijiet u r-regoli tan-NU dwar il-protezzjoni ambjentali, inkluż it-tibdil fil-klima, kif ukoll il-ġustizzja soċjali u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem kollha; jinsisti li l-obbligi u l-objettivi skont il-Ftehimiet Ambjentali Multilaterali, bħall-Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima, u istituzzjonijiet oħra tan-NU (il-FAO, l-ILO u l-IMO) iridu jieħdu preċedenza fuq l-interpretazzjoni dejqa tar-regoli kummerċjali;

12. Peress li għaddew aktar minn 15-il sena mid-Deċiżjoni Ministerjali tad-WTO dwar il-Kummerċ u l-Ambjent, li ttieħdet f'Marrakexx fil-15 ta' April 1994, jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, sa mhux aktar tard minn nofs l-2011, rapport li jivvaluta l-punt sa kemm il-Kumitat tad-WTO għall-Kummerċ u l-Ambjent issodisfa d-dmirijiet tiegħu kif stabbiliti f'dik id-Deċiżjoni u l-konklużjonijiet tagħha dwar x'fadal isir, b'mod partikulari fil-kuntest tad-djalogu globali dwar il-mitigazzjoni u l-adattament għat-Tibdil fil-Klima u d-WTO;

13. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinsistu, fil-qafas tan-negozjati tad-WTO u ta' ftehimiet bilaterali dwar il-kummerċ, li l-liberalizzazzjoni tal-kummerċ, partikolarment rigward il-materja prima naturali, ma xxekkilx il-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi u li l-għanijiet tal-ħarsien tal-klima u l-konservazzjoni tal-ispeċijiet isiru parti integrali fil-ftehimiet; għal dan il-għan jistieden lill-Kummissjoni tħeġġeġ l-organizzazzjoni ta' laqgħa konġunta tal-ministri tal-kummerċ u tal-ambjent tad-WTO anke qabel il-Konferenza tal-Partijiet tal-UNFCCC li se ssir f'Johannesburg fl-2011; ifakkar li l-UNFCCC hija l-forum fejn għandu jintlaħaq ftehim internazzjonali biex jiġi affrontat it-tibdil fil-klima;

14. Iqis li huwa iktar urġenti minn qatt qabel li jitnieda dibattitu pubbliku dwar it-twaqqif ta' Organizzazzjoni Ambjentali Dinjija;

***It-tisħiħ tal-interazzjoni pożittiva bejn il-kummerċ u l-ħarsien tal-klima***

15. Jirrikonoxxi r-rwol pożittiv li l-kummerċ jista' jkollu fit-tifrix ta' prodotti u servizzi li għandhom sehem fil-ħarsien tal-klima; iqis li l-ħarsien tal-klima u l-liberalizzazzjoni tal-kummerċ jistgħu jsaħħu lil xulxin reċiprokament billi jiffaċilitaw l-iskambju tal-prodotti u tas-servizzi ambjentali, imma li għal dan jeħtieġ li minn qabel tkun stabbilita lista ta' dawn l-oġġetti u servizzi skont kriterji ambjentali u f'kollaborazzjoni mal-pajjiżi membri tad-WTO;

16. Jirrikonoxxi li l-kummerċ huwa għodda importanti għat-trasferiment tat-teknoloġija lejn il-pajjiżi li qed jiżviluppaw; jenfasizza l-bżonn li jitnaqqsu l-ostakoli għal "kummerċ aħdar" billi, pereżempju, jonqsu t-tariffi fuq il-"prodotti ħodor" fil-livell tad-WTO;

17. Jittama li l-UE tagħti eżempju tajjeb billi tnaqqas l-ostakoli, bħalma huma t-tariffi u l-imposti, għall-kummerċ fit-teknoloġiji "ħodor" u fi prodotti li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent u lill-klima, u biex tippromwovi l-hekk imsejħa prodotti u servizzi ambjentali (EGS), anke fuq il-bażi tal-Pjan ta' Azzjoni ta' Bali u l-Fond Aħdar għall-Klima ta' Kopenhagen;

18. Jisħaq fuq l-importanza tal-innovazzjoni fit-teknoloġiji ħodor u jirrikonoxxi r-rwol li jista' jkollu l-kummerċ fit-trasferiment ta' dawn it-teknoloġiji bejn il-pajjiżi;

19. Jistieden lill-UE tkun minn ta' quddiem fl-identifikazzjoni ta' ostakoli rilevanti għat-tixrid ta' teknoloġiji fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima;

20. Jirrikonoxxi li l-inċentiv għall-innovazzjoni jista' jsir permezz ta' diversi sistemi ta' premju u li dawn is-sistemi ma jiffarovixxux bl-istess mod it-trasferimenti tat-teknoloġiji; jinnota wkoll li, biex is-sistemi tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali jittrasferixxu t-teknoloġija, irid jiġi indirizzat it-tħassib dwar il-protezzjoni tagħhom minħabba istituzzjonijiet politiċi dgħajfin u n-nuqqas tal-istat tad-dritt; għalhekk jistieden lill-Kummissjoni tistudja s-sistemi kollha ta' premju għall-innovazzjoni, filwaqt li tqis ir-riskju li xi pajjiżi jkunu esklużi, u biex ir-riżultati ta' dan ix-xogħol tintegrahom fid-diplomazija tagħha rigward il-klima;

21. Jinsab imħasseb fuq l-effett ta' distorsjoni tas-sussidji għall-enerġiji fossili fuq il-kummerċ internazzjonali, minħabba l-impatt tagħhom fuq il-klima u l-ispiża li jirrappreżentaw għall-finanzi pubbliċi; jilqa' favorevolment l-impenn tal-G 20 favur it-tneħħija gradwali ta' dawn is-sussidji;

22. Jixtieq li l-Unjoni Ewropea tieħu rwol ta' tmexxija dinjija fuq din il-materja, u jitlob lill-Kummissjoni tipproponi bil-ħeffa kalendarju għat-tneħħija gradwali ta' dawn is-sussidji fl-Unjoni, ladarba dan il-proċess se jkollu jinvolvi l-introduzzjoni ta' miżuri ta' akkompanjament soċjali u industrijali; ifakkar, barra minn hekk, it-talba tal-Parlament Ewoprew lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jinfurmaw lill-Parlament Ewropew dwar self mogħti minn aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu u l-Bank Ewropew tal-Investiment għal proġetti li jkollhom impatt ħażin fuq il-klima;

23. Jopponi s-sussidji tal-fjuwils fossili u jappella għat-tisħiħ tal-promozzjoni tal-enerġija minn sorsi li jiġġeddu u ekoloġiċi kif ukoll l-istudju u l-iżvilupp ta' sorsi ta' enerġija deċentralizzati, b'mod partikolari fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw; f'dan il-kuntest, ifakkar fil-ftehim tal-G 20 biex jiġu eliminati gradwalment is-sussidji fuq il-fjuwils fossili u jistieden lill-Kummissjoni tagħmel proposti għal strateġija Ewropea għall-implimentazzjoni tiegħu b'kalendarji ċari u mekkaniżmi ta' kumpens fejn ikunu f'lokhom;

***Prezzijiet aktar ġusti fil-kummerċ internazzjonali u l-evitar ta' emissjonijiet tal-karbonju***

24. Jinnota li l-liberalizzazzjoni tal-kummerċ tista' taħdem kontra l-ħarsien tal-klima jekk ċerti pajjiżi jiksbu vantaġġ kompetittiv min-nuqqas ta' azzjoni rigward il-klima; jissuġġerixxi għalhekk li ssir riforma tar-regoli tad-WTO dwar l-*antidumping* biex jinkludu l-kwistjoni ta' prezz ambjentali ġust skont normi dinjija tal-ħarsien tal-klima;

25. Jiddispjaċih li s-sussidji tal-prezzijiet tal-enerġija u n-nuqqas ta' applikazzjoni ta' restrizzjonijiet jew kwoti fuq l-emissjonijiet ta' $CO_2$ f'ċerti pajjiżi jagħtihom vantaġġ kumparattiv; minħabba n-nuqqas ta' restrizzjonijiet b'rabta mal-emissjonijiet ta' $CO_2$, li għalhekk jiġu jiswew relattivament ftit, dawn il-pajjiżi m'għandhom l-ebda inċentiv biex jidħlu fil-ftehimiet multilaterali dwar it-tibdil fil-klima;

26. Jinnota madankollu li n-negozjati dwar il-klima jserrħu fuq il-prinċipju ta' "responsabbiltà komuni imma ddifferenzjata" u li d-dgħufija tal-politiki klimatiċi fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw ġeneralment hija dovuta għall-fatt li għandhom anqas kapaċità finanzjarja jew teknoloġika, u mhux minħabba xi mira ta' dumping ambjentali;

27. Jixtieq, f'dan il-kuntest, li d-dibattitu Ewropew fuq l-emissjonijiet tal-karbonju industrijali fir-rigward tas-sistema Komunitarja tal-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet (EU-ETS) u dwar il-mezzi ta' rimedju jinbeda b'mod kawt;

28. Ifakkar li, fil-fatt, skont l-aħħar komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Mejju 2010 (COM(2010)0265) dwar dan is-suġġett, ftit huma s-setturi industrijali li huma vulnerabbli b'mod sinifikanti għall-emissjonijiet tal-karbonju u jqis li l-identifikazzjoni tagħhom tirrikjedi analiżi settorjali fina; jistieden lill-Kummissjoni tuża approċċ bħal dan fil-futur qrib, aktar milli tuża xi kriterji kwantitattivi identifikati għas-setturi industrijali kollha;

29. Jenfasizza li m'hemmx soluzzjoni waħda għas-setturi industrijali vulnerabbli għall-emissjonijiet tal-karbonju, u li n-natura tal-prodott jew inkella l-istruttura tas-suq huma kriterji essenzjali għall-għażla bejn l-għodod disponibbli (allokazzjoni ta' kwoti bla ħlas, għajnuniet mill-Istat jew aġġustament fil-fruntieri);

30. Iqis li ftehim multilaterali dwar il-klima jkun l-aħjar strument biex jiġu internalizzati fatturi ambjentali negattivi esterni b'rabta mas-$CO_2$, iżda li hemm riskju li dan ma jintlaħaqx fil-ġejjieni qarib; iqis għalhekk li l-Unjoni Ewropea għandha tanalizza l-possibilitajiet li timplimenta, għas-setturi industrijali li tabilħaqq huma esposti għar-rilokazzjoni tal-karbonju, strumenti ambjentali adegwati kumplementari għall-irkantar tal-kwoti tas-$CO_2$ tas-sistema tal-Unjoni ta' skambju tal-kwoti tal-emissjonijiet, partikolament ta' "mekkaniżmu ta' inklużjoni tal-karbonju", waqt li jiġu rispettati r-regoli tad-WTO. Mekkaniżmu ta' dan it-tip jippermetti li jiġu miġġielda r-riskji tat-trasferimenti tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ lejn il-pajjiżi terzi;

31. Jiddikjara bla ekwivoċi li l-aġġustamenti tat-taxxi konfinali ma għandhomx iservu bħala strument għall-protezzjoniżmu imma pjuttost bħala mod biex jitnaqqsu l-emissjonijiet;

***Favur id-differenzjazzjoni tal-prodotti skont l-impatt tagħhom fuq il-klima***

32. Iqis li l-Unjoni Ewropea, bħala l-akbar blokk ta' kummerċ internazzjonali, tista' tistabbilixxi standards fuq livell globali u tappoġġja l-iżvilupp u t-tixrid ta' skemi ta' ċertifikazzjoni u ta' ttikkettjar li jqisu kriterji soċjali u ekoloġiċi; ifakkar il-ħidma ta' suċċess ta' NGOs internazzjonali għall-iżvilupp u l-promozzjoni ta' tikketti u ċertifikazzjoni ta' dan it-tip, u b'mod partikolari jappoġġja l-użu usa' tagħhom;

33. Ifakkar li l-qafas tad-WTO jippermetti li jittieħdu miżuri ta' kwalifikazzjoni tal-kummerċ jekk ikunu meħtieġa, proporzjonali u ma jiddiskriminawx kontra pajjiżi b'kundizzjonijiet ta' produzzjoni identiċi; jinnota, madankollu, li hemm bżonn urġenti ta' kjarifiki biex dawn il-miżuri jkunu jistgħu japplikaw abbażi ta' kriterji klimatiċi relattivi għall-PMP ta' dawn il-prodotti;

34. Jitlob lill-Kummissjoni biex taħdem favur li jinbdew mill-ġdid id-diskussjonijiet fi ħdan id-WTO fuq il-PMP u l-possibbiltà li prodotti simili jkunu ddifferenzjati skont l-impronta tal-karbonju tagħhom, l-impronta enerġetika jew standards teknoloġiċi; iqis li inizjattiva f'dan is-sens tista' tintlaqa' mill-membri tad-WTO jekk tkun akkumpanjata minn miżuri li jiffaċilitaw it-trasferiment tat-teknoloġiji;

35. Jixtieq madankollu li -nuqqas ta' ċarezza attwali dwar il-PMP fi ħdan id-WTO ma jwaqqax l-Unjoni fl-immobiliżmu, ġaladarba l-Unjoni għandha, bil-maqlub, tisfrutta dawn il-marġni ta' manuvra;

36. Jenfasizza li għandhom isiru sforzi biex jiġi żgurat li l-effetti negattivi fuq l-ambjent dovuti għall-kummerċ jiġu riflessi fil-prezzijiet u biex il-prinċipju "min iniġġes iħallas" jiġi infurzat; iħeġġeġ li s-sistemi ta' ttikkettar u ta' informazzjoni rigward l-istandards ambjentali jkunu sinkronizzati;

37. Jesprimi s-sodisfazzjon tiegħu, għal din ir-raġuni, rigward l-istabbiliment mill-Unjoni Ewropea ta' kriterji ta' sostenibbiltà għall-agrofjuwils prodotti fl-Unjoni u importati; jitlob lill-Kummissjoni Ewropea biex tistudja t-twessigħ ta' dan l-approċċ ħalli jkopri l-bijomassa u l-prodotti agrikoli; jitlob li t-tibdiliet indiretti fl-użu tal-artijiet relatati mal-agrofjuwils jiġu meqjusa u jistenna li l-Kummissjoni tressaq proposta qabel tmiem l-2010, f'konformità mal-impenn li hija ħadet mal-Parlament Ewropew;

38. Jirrakkomanda l-iżvilupp ta' standards u kriterji ta' sostenibbiltà stretti u vinkolanti għall-produzzjoni tal-bijofjuwils u l-bijomassa li jqisu l-emissjonijiet ta' gassijiet u partikuli żgħar li jagħmlu ħsara lill-klima minħabba t-tibdil indirett tal-użu tal-art (ILUC) u ċ-ċiklu ta' produzzjoni kollu; jenfasizza li s-salvagwardja tal-provvista tal-ikel għall-popolazzjoni għandu jkollha prijorità fuq il-produzzjoni tal-bijofjuwils, u li hemm bżonn urġenti li s-sostenibilità tal-politika u l-prattika tal-użu tal-art tiġi affrontata b'approċċ aktar olistiku;

39. Iqis bħala kruċjali li jkun hemm standards ibsin b'rabta mas-sostenibilità fil-qasam tal-kummerċ internazzjonali tal-bijofjuwils, filwaqt li jitqies l-impatt ambjentali u soċjali kontradittorju tagħhom;

40. Jilqa' l-ftehim Ewropew milħuq dwar il-kummerċ illegali tal-injam u jistenna b'ħerqa li jsir progress fil-Ftehimiet ta' Sħubija Volontarja;

### *Il-liberalizzazzjoni tal-kummerċ m'għandhiex timmina politiki ambizzjużi dwar il-klima*

41. Huwa mħasseb dwar ir-rieda tal-Kummissjoni li fil-ftehimiet kummerċjali tagħfas fuq il-liberalizzazzjoni tal-kummerċ tal-injam, u b'mod partikolari l-abolizzjoni ta' restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni tiegħu, minkejja r-riskju akbar tad-deforestazzjoni u r-riperkussjonijiet ħżiena fuq il-klima, il-bijodiversità, l-iżvilupp u l-popolazzjonijiet lokali;

42. Jenfasizza b'mod partikolari l-ħtieġa ta' konsistenza bejn l-objettivi tal-klima u tal-bijodiversità u l-kundizzjonijiet kummerċjali sabiex jiġi żgurat li, pereżempju, l-isforzi biex tiġi affrontata d-deforestazzjoni jkunu effikaċi;

43. Huwa tal-fehma li l-ftehimiet internazzjonali ġodda għall-ħarsien tal-ambjent iridu jinkludu garanziji sodi dwar it-tnaqqis tal-impatt nagattiv fuq l-ambjent tal-kummerċ internazzjonali fl-injam u dwar l-eliminazzjoni tad-deforestazzjoni, li huma estensivi b'mod inkwetanti;

### *l-integrazzjoni sħiħa tat-trasport fil-problematika kummerċ/klima*

44. Jiddispjaċih li s-sistema kummerċjali attwali toħloq firda globali bejn ix-xogħol u l-produzzjoni ibbażata fuq input għoli ħafna tat-trasport - li ma tagħmilx tajjeb għall-ispiża ambjentali tagħha; jixtieq li l-kost klimatiku tat-trasport internazzjonali jiġi internalizzat fil-prezz tiegħu, sew jekk dan isir permezz tal-implimentazzjoni ta' taxxi jew permezz ta' sistemi ta' skambju tal-kwoti bi ħlas; jesprimi s-sodisfazzjon tiegħu għall-inklużjoni tal-avjazzjoni fl-EU-ETS u jistenna mill-Kummissjoni inizjattiva simili għat-trasport marittimu sal-2011 li tidħol fis-seħħ fl-2013, jekk jirriżulta li ma jkunx possibbli li jiġi implimentat mekkaniżmu dinji sa dak iż-żmien; jiddispjaċih li l-fjuwil użat għat-trasport ta' prodotti barra l-pajjiż mhuwiex soġġett għal taxxi; hu favur l-impożizzjoni ta' taxxi fuq dak il-fjuwil u fuq dawk il-prodotti, b'mod partikolari fuq prodotti li jinġarru bl-ajru; jistenna li l-Kummissjoni, barra minn hekk, tieħu l-inizjattiva li teżamina l-għajnuniet mill-Istat mogħtija lill-modi l-aktar niġġiesa ta' trasport, bħall-eżenzjoni mit-taxxa għall-enerġija tal-pitrolju;

45. Jinnota li l-emissjonijiet tad-$CO_2$ fil-kummerċ internazzjonali jistgħu jitnaqqsu b'mod sinifikanti; jitlob li n-nefqa ambjentali u tat-trasport jiġu integrati fil-prezzijiet tal-prodott (internalizzazzjoni tal-kosts esterni), partikolarment billi t-trasport marittimu, li jkopri 90 % tat-trasport fil-kummerċ internazzjonali, jiġi inkluż fl-Iskema Ewropea għall-Iskambju tal-Emissjonijiet (ETS);

46. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħmlu kull ma jistgħu ħalli jiksbu ftehim legalment vinkolanti dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet mit-traffiku marittimu fil-kuntest tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali;

47. Iqis bħala importanti li l-impenji internazzjonali b’rabta mat-tnaqqis fl-emissjonijiet ta’ gassijiet b’effett ta’ serra jiġu applikati wkoll għat-trasport internazzjonali bl-ajru u bil-baħar;

48. Jenfasizza li ż-żieda fl-emissjonijiet ta’ $CO_2$ marbuta mat-trasport u l-kummerċ internazzjonali timmina l-effikaċja tal-istrateġija tal-UE dwar it-tibdil fil-klima; huwa tal-fehma li din hija raġuni valida biżżejjed biex l-istrateġija għall-iżvilupp ibbażata fuq l-esportazzjoni tinbidel għal waħda ta’ żvilupp endoġenu bbażat fuq produzzjoni u konsum lokali u diversifikati fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw; ifakkar li tali strateġija jkollha effetti pożittivi fuq l-impjieg kemm fl-UE kif ukoll fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw;

49. Iqis li, sakemm il-kost klimatiku ma jidhirx fil-prezz tat-trasport, għandha tiġi inkoraġġita l-promozzjoni tal-produzzjoni lokali u sostenibbli, b’mod patikolari permezz ta’ informazzjoni aħjar lill-konsumaturi;

***It-tisħiħ tal-għodod biex il-kummerċ u l-klima jinġiebu f’koerenza ma’ xulxin***

50. Jitlob, bil-għan li tkun żgurata l-koerenza bejn il-politiki kummerċjali u dawk klimatiċi tal-Unjoni Ewropea, li jissawwar bilanċ tal-karbonju ta’ kwalunkwe politika kummerċjali, li din il-politika possibbilment tiġi modifikata biex dan il-bilanċ jittejjeb, u li jittieħdu obbligatorjament miżuri ta’ kumpens – kooperazzjoni politika, teknoloġika jew finanzjarja – fil-każ ta’ bilanċ negattiv għall-klima;

51. Iħeġġeġ lill-UE tuża d-dispożizzjonijiet ambjentali komprensivi fi ftehimiet kummerċjali bilaterali u reġjonali bħala għodod tal-iżvilupp, billi tenfasizza l-ħtieġa għal implimentazzjoni tajba ta’ klawsoli ambjentali u ta’ mekkaniżmi ta’ kooperazzjoni biex jippromwovu t-trasferiment tat-teknoloġija, l-għajnuna teknika u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet;

52. Jistieden lill-Kummissjoni tinkludi sistematikament klawsoli ambjentali fil-ftehimiet kummerċjali konklużi ma’ pajjiżi li mhumiex membri tal-UE, b’enfasi partikolari fuq it-tnaqqis fl-emissjonijiet ta’ $CO_2$ u fuq it-trasferiment ta’ teknoloġiji b’emissjonijiet baxxi;

53. Jilqa’ l-introduzzjoni tad-dimensjoni tat-tibdil fil-klima fil-Valutazzjonijiet tal-Impatt fuq is-Sostenibilità (SIA) fil-ftehimiet kummerċjali; jinnota l-fatt li, madankollu, f’ċerti każi, bħall-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar il-Kummerċ Liberu, l-SIA tixhed li l-ftehim se jkollu impatti klimatiċi ħżiena li ma ġewx indirizzati qabel ma ġie konkluż; jikkunsidra li l-ftehimiet kummerċjali ma għandhom bl-ebda mod idgħajfu l-ftehimiet ambjentali multilaterali (MEAs);

54. Huwa tal-fehma li għandhom jiġu introdotti kriterji ambjentali fir-riforma tal-GSP;

55. Huwa tal-fehma li l-Kummissjoni għandha ssegwi qafas armonizzat fl-istrateġiji ta’ negozjar tagħha fir-rigward tal-politika kummerċjali u ambjentali, biex is-sħab ma jingħatawx raġuni għal tħassib rigward ostakoli kummerċjali, filwaqt li tiżgura l-konformità mal-objettivi vinkolanti tagħha għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima;

56. Iqis li għandu jkun hemm iktar sforzi biex tintlaħaq “diplomazija b’rabta mal-klima” u iktar konsistenza fir-rabtiet kummerċjali tal-UE ma’ Stati li mhumiex marbuta bi ftehimiet multilaterali ta’ ħarsien tal-ambjent;

***Il-koerenza bejn il-kummerċ u l-klima tal-Unjoni mill-perspettiva tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw***

57. Jirrikonoxxi li l-koerenza bejn il-politika kummerċjali u dik klimatika tal-Ewropa tista’ tintuża jew tiġi perċepita mill-pajjiżi sħab bħala mezz indirett biex innaqqsu l-importazzjoni u nqawwu l-esportazzjoni tagħna;

58. Jinsisti għaldaqstant fuq l-importanza li ninnegozjaw ma' dawn il-pajjiżi kwalunkwe miżura li l-Unjoni tista' tieħu, b'mod partikolari l-aġġustament fil-fruntieri, u dwar il-ħtieġa għall-Unjoni li tirrispetta l-impenji tagħha mal-pajjiżi li qed jiżviluppaw rigward l-għajnuna dwar il-klima;

59. F'dan ir-rigward, huwa mħasseb li l-finanzjamenti "prekoċi" mwiegħda mill-pajjiżi Ewropej waqt is-samit ta' Kopenħagen dwar il-klima parzjalment jidderivaw minn impenji meħuda fil-kuntest tal-għajnuna pubblika għall-iżvilupp u jiġu pprovduti fil-forma ta' self, kontra t-talbiet tal-Parlament Ewropew; jitlob li l-Kummissjoni tagħmel rapport dwar dawn il-finanzjamenti li jippermetti li dak li jkun jiġġudika dwar il-korrispondenza bejn ir-realtà, l-impenji meħuda u t-talbiet tal-Parlament; jappella wkoll għal koordinament aħjar tal-finanzjamenti rigward l-utilizzazzjoni tematika u ġeografika tagħhom;

60. Ifakkar l-impenn tal-pajjiżi industrijalizzati, fosthom l-Istati Membri tal-Unjoni, li jirriflettu dwar finanzjamenti innovattivi biex jiġġieldu kontra t-tibdil fil-klima;

61. Huwa konvint li l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipju tas-solidarjetà bejn il-pajjiżi industrijalizzati u dawk li qed jiżviluppaw u possibilment b'koperazzjoni aktar mill-qrib bejn in-NU, id-WTO u l-Istituzzjonijiet l-oħra ta' Bretton Woods; jitlob għalhekk li titfassal, flimkien mal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, dawk emerġenti u dawk industrijalizzati, strateġija komprensiva għat-tassazzjoni tal-enerġija u tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra sabiex, minn naħa, ma jitħalliex ikun hemm r-rilokazzjoni tal-kummerċ (carbon leakage), u, min-naħa l-oħra, sabiex jiġi ġġenerat finanzjament għal miżuri tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u għat-tnaqqis tal-konsegwenzi tiegħu u għall-adattament għalihom;

62. Jenfasizza li ż-żieda fit-trasferiment tat-teknoloġija bħala mezz biex jiġi indirizzat ir-rilaxx tal-karbonju se tkun element kritiku tal-iskema klimatika wara l-2012; jiddeplora l-fatt li t-trasferiment tat-teknoloġija huwa biss parti żgħira mill-għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp; iħeġġeġ lill-Istati Membri jagħtu għajnuna teknika u finanzjarja addizzjonali lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex jiffaċċjaw il-konsegwenzi tat-tibdil fil-klima, jissodisfaw standards relatati mal-klima u jinkludu valutazzjonijiet tal-impatt minn qabel tal-istandards, tikkettar u ċertifikazzjoni b'rabta mal-iżvilupp;

*

* *

63. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-President tal-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, lill-parlamenti nazzjonali kif ukoll lis-segretarju eżekuttiv tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) u lis-16-il Konferenza tal-Partijiet (COP 16).

---

## Ir-responsabilità soċjali tal-kumpanniji fil-ftehimiet kummerċjali internazzjonali

P7_TA(2010)0446

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Novembru 2010 dwar ir-responsabilità soċjali tal-kumpaniji fil-ftehimiet kummerċjali internazzjonali (2009/2201(INI))**

(2012/C 99 E/19)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikoli 12, 21, 28, 29, 30 u 31 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 2, 3 u 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 9, 10, 48, 138, 139, 153, 156, 191, 207 u 218 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

**Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2010**

— wara li kkunsidra l-Linji gwida tal-OECD fir-rigward tal-Intrapriżi Multinazzjonali, id-dikjarazzjoni tal-prinċipji tripartitiċi dwar l-intrapriżi multinazzjonali u l-politika soċjali tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO), kif ukoll il-kodiċi ta' mġiba miftiehma taħt il-patroċinju tal-organizzazzjonijiet internazzjonali bħall-FAO, id-WHO u l-Bank Dinji, u l-isforzi magħmula taħt l-awspiċji tal-UNCTAD f'dak li jikkonċerna l-attivtajiet tal-intrapriżi fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw,

— wara li kkunsidra l-inizjattiva Global Compact, imnedija min-Nazzjonijiet Uniti f'Settembru 2000, u r-Rapport tas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti 'Lejn sħubiji dinjija - Tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn in-Nazzjonijiet Uniti u s-sħab kollha kkonċernati, b'mod partikolari s-settur privat, tal-10 ta' Awwissu 2005 (05-45706 (E) 020905), u t-tħabbir tal-Global Compact u tal-inizjattiva Global Reporting tan-Nazzjonijiet Uniti tad-9 ta' Ottubru 2006, kif ukoll il-prinċipji għall-investiment responsabbli mnedija f'Jannar 2006 min-Nazzjonijiet Uniti u kkoordinati mill-UNEP Finance Initiative u mill-UN Global Compact,

— wara li kkunsidra n-"Normi dwar ir-responsabilitajiet tal-korporazzjonijiet transnazzjonali u intrapriżi ta' negozju oħra fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem" tan-Nazzjonijiet Uniti adottati f'Diċembru 2003 ([1]),

— wara li kkunsidra l-Global Reporting Initiative (GRI) imnedija fl-1997 ([2]), il-linji gwida aġġornati dwar it-tfassil ta' rapporti dwar l-iżvilupp sostenibbli tal-G3, ippubblikati fil-5 ta' Ottubru 2006, u l-Linji gwida G4 li qed jitħejjew bħalissa mill-GRI,

— wara li kkunsidra r-riżultat tas-Summit tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Iżvilupp Sostenibbli li sar f'Johannesburg fl-2002, b'mod partikolari l-istedina għal inizjattivi dwar il-kwistjoni tar-responsabilità soċjali tal-intrapriżi u l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-3 ta' Diċembru 2002 dwar is-segwitu tas-Summit ([3]),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissarjat Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għad-drittijiet tal-bniedem dwar ir-responsabilità fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem tal-korporazzjonijiet transnazzjonali u intrapriżi oħra, tal-15 ta' Frar 2005 (E/CN.4/2005/91, 2005),

— wara li kkunsidra r-rapport tar-Rappreżentant Speċjali tas-Segretarju Ġenerali inkarigat mill-kwistjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tal-korporazzjonijiet transnazzjonali u intrapriżi oħra "Promozzjoni u protezzjoni tad-drittijiet kollha tal-bniedem, ċivili, politiċi, ekonomiċi, soċjali u kulturali, inkluż id-dritt għall-iżvilupp", tas-7 ta' April 2008 (A/HRC/8/5 2008), u l-ħidma li għaddejja fuq ir-rapport li jmiss ippjanat għall-2011,

— wara li kkunsidra r-rapport tar-Rappreżentant Speċjali tas-Segretarju Ġenerali inkarigat mill-kwistjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tal-korporazzjonijiet transnazzjonali u intrapriżi oħra: Drittijiet tal-Bniedem u Kummerċjali: Aktar passi lejn l-operazzjonalizzazzjoni tal-qafas "protezzjoni, rispett u rimedju", minn John Ruggie tad-9 ta' April 2010 (A/HRC/14/27),

— wara li kkunsidra l-istandards u l-mekkaniżmi ta' ċertifikazzjoni u ta' tikkettjar marbuta mal-imġiba tal-intrapriżi fil-qasam tal-iżvilupp sostenibbli, tat-tibdil fil-klima u tat-tnaqqis tal-faqar, bħall-istandard SA 8000 li jikkonċerna l-projbizzjoni tat-tħaddim tat-tfal u n-normi tal-AFNOR u tal-ISO fil-qasam tal-iżvilupp sostenibbli,

— wara li kkunsidra l-proċess Kimberley fir-rigward tal-kontroll tal-kummerċ tad-djamanti mhux ipproċessati,

— wara li kkunsidra l-inizjattivi meħuda fi Stati Membri differenti biex tiġi promossa r-responsabilità soċjali tal-kumpaniji u b'mod partikolari l-ħolqien fid-Danimarka ta' Ċentru governattiv għas-CSR, li jikkoordina l-inizjattivi leġiżlattivi tal-gvern favur is-CSR u jelabora għodda prattika għall-intrapriżi ([4]),

([1]) Dok. NU E/CN.4/Sub.2/2003/12/Rev.2(2003).
([2]) www.globalreporting.org.
([3]) http://daccess-dds-ny.un.org/doc/UNDOC/GEN/N02/636/94/PDF/N0263694.pdf?OpenElement
([4]) http://www.csrgov.dk

— wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali tal-1966, il-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa tal-1979, id-Dikjarazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni, li ġiet adottata bir-Riżoluzzjoni 61/295 tal-Assemblea Ġenerali tat-13 ta' Settembru 2007, u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal tal-1989,

— wara li kkunsidra l-konvenzjonijiet internazzjonali dwar l-ambjent bħall-Protokoll ta' Montreal dwar Sustanzi li Jnaqqsu s-Saff tal-Ożonu (1987), il-Konvenzjoni ta' Basel dwar il-Kontroll tal-Moviment Transkonfinali ta' Skart Perikoluż (1999), il-Protokoll ta' Cartegena dwar il-Bijosikurezza (2000) u l-Protokoll ta' Kjoto (1997),

— wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tal-14 ta' Marzu 2003 dwar il-Green Paper bl-isem ta' "Nippromwovu qafas Ewropew għar-responsabilità soċjali tal-intrapriżi",

— wara li kkunsidra r-rapport finali u r-rakkomandazzjonijiet tal-Forum Plurilaterali Ewropew dwar is-CSR tad-29 ta' Ġunju 2004, inkluża s-Seba' Rakkomandazzjoni li tappoġġa l-azzjonijiet bl-għan li jiġi ffissat il-Qafas Ġuridiku adegwat,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni ta' Brussell tal-1968, hekk kif ikkonsolidata mir-Regolament (KE) tal-Kunsill Nru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali ([1]), u l-Green Paper tal-21 ta' April 2009 tal-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 44/2001,

— wara li kkunsidra l-Green Paper tal-Kummissjoni bl-isem "Nippromwovu Qafas Ewropew għar-Responsabilità Soċjali tal-Intrapriżi" (COM(2001)0366), li mbagħad saret il-White Paper bl-isem "Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-CSR: kontribuzzjoni tal-intrapriżi għall-iżvilupp sostenibbli" (COM(2002)0347),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2001/453/KE tat-30 ta' Mejju 2001, dwar ir-rikonoxximent, il-kejl u l-iżvelar ta' kwistjonijiet ambjentali fil-kontijiet annwali u r-rapporti annwali tal-kumpaniji ([2]) (notifikata fid-dokument Nru C(2001)1495),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tat-18 ta' Mejju 2004 bit-titlu "Dimensjoni Soċjali tal-Globalizzazzjoni - il-kontribut ta' politika tal-UE biex igawdi kulħadd" (COM(2004)0383),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tat-22 ta' Marzu 2006 lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew bl-isem "L-Implimentazzjoni tas-Shubija għat-Tkabbir u l-Impjiegi: nagħmlu l-Ewropa pilastru ta' eċċellenza dwar ir-responsabbiltà soċjali tal-impriżi" (COM(2006)0136),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tal-24 ta' Mejju 2006 bit-titlu "Promozzjoni tax-xogħol deċenti għal kulħadd: il-kontribuzzjoni tal-Unjoni fl-implimentazzjoni tal-aġenda tax-xogħol deċenti għal kulħadd" (COM(2006)0249),

— wara li kkunsidra s-sistema ġeneralizzata ta' preferenzi (SPG), fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2006, li tikkonċedi aċċess liberu ta' drittijiet jew ta' tnaqqis tad-drittijiet għal għadd akbar ta' prodotti u tinkludi wkoll miżura ġdida ta' inċentiv għall-benefiċċju tal-pajjiżi vulnerabbli li għandhom bżonnijiet kummerċjali, finanzjarji jew ta' żvilupp partikolari,

— wara li kkunsidra l-Kapitolu 13 tal-ftehim ta' kummerċ ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u l-Korea t'Isfel, iffirmat f'Ottubru 2009, skont liema Ftehim il-"partijiet jagħmlu sforz biex jiffaċilitaw u jippromwovu l-kummerċ tal-merkanzija li jikkontribwixxi għall-iżvilupp sostenibbli, fosthom dawk fil-kuntest tal-iskemi bħall-kummerċ ġust u etiku u dawk li jimplikaw ir-responsabilità soċjali tal-intrapriżi u l-obbligu tagħhom li jipprovdu l-kontabilità",

(1) ĠU L 12, 16.1.2001, p. 1.
(2) ĠU L 156, 13.6.2001, p. 33.

**Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2010**

— wara li kkunsidra l-Artikolu 270(3) tal-ftehim ta' kummerċ ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kolombja u l-Perù, iffirmat f'Marzu 2010, skont liema ftehim "il-partijiet ftiehmu li jippromwovu l-prattiki kummerċjali tajba marbuta mar-responsabilità soċjali tal-intrapriżi", u wara li kkunsidra l-Artikolu 270(4) tal-ftehim, li jiddikjara li "l-partijiet jirrikonoxxu li mekkaniżmi flessibbli, volontarji u bbażati fuq inċentivi jistgħu jikkontribwixxu għal koerenza bejn il-prattiki kummerċjali u l-objettivi tal-iżvilupp sostenibbli",

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tat-3 ta' Diċembru 2001 dwar is-segwitu tal-Green Paper rigward il-promozzjoni ta' qafas Ewropew għar-responsabilità soċjali tal-intrapriżi ([1]),

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-6 ta' Frar 2003 dwar ir-responsabilità soċjali tal-kumpaniji ([2]),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/600/KE tat-12 ta' Lulju 2005 gwar Linji gwida għall-politika dwar l-impjiegi tal-Istati Membri, li tħeġġeġ lill-Istati Membri jinkuraġġixxu lill-intrapriżi jiżviluppaw is-CSR ([3]),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2010 dwar it-tħaddim tat-tfal ([4]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 761/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2001 li jippermetti l-parteċipazzjoni volontarja ta' organizzazzjonijiet fl-iskema Komunitarja għall-immaniġġjar tal-ambjent u verifika (EMAS) ([5]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2003/51/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2003 dwar il-bilanċ ta' kontijiet annwali u konsolidati ta' ċerti kumpaniji, banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħra u impriżi tal-assigurazzjoni ([6]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar il-koordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi ([7]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Jannar 1999 dwar l-istandards tal-UE għall-Intrapriżi Ewropej li joperaw fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw: lejn Kodiċi ta' Mġiba Ewropew ([8]), li jirrakkomanda l-ħolqien ta' Mudell Ewropew ta' Kodiċi ta' Mġiba appoġġjat minn Pjattaforma Ewropea ta' Monitoraġġ,

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Ottubru 2001 dwar il-ftuħ u d-demokrazija fil-kummerċ internazzjonali ([9]), fejn talab li jiġu rispettati n-normi soċjali fundamentali tal-ILO mid-WTO, kif ukoll li d-WTO taċċetta d-deċiżjonijiet tal-ILO, inklużi talbiet eventwali għal sanzjonijiet, b'rabta ma' ksur gravi tan-normi soċjali ewlenin,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-4 ta' Lulju 2002 dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali intitolata "Il-Promozzjoni tal-Istandards Bażiċi tax-Xogħol u t-Titjib fil-Governanza Soċjali fil-kuntest tal-Globalizzazzjoni" ([10]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Mejju 2003 dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni rigward ir-responsabilità soċjali tal-kumpaniji: kontribuzzjoni tal-intrapriżi għall-iżvilupp sostenibbli ([11]),

---

([1]) ĠU C 86, 10.4.2002, p. 3.
([2]) ĠU C 39, 18.2.2003, p. 3.
([3]) ĠU L 205, 6.8.2005, p. 21.
([4]) 10937/1/10.
([5]) ĠU L 114, 24.4.2001, p. 1.
([6]) ĠU L 178, 17.7.2003, p. 16.
([7]) ĠU L 134, 30.4.2004, p. 114.
([8]) ĠU C 104, 14.4.1999, p. 180.
([9]) ĠU C 112 E, 9.5.2002, p. 326.
([10]) ĠU C 271 E, 12.11.2003, p. 598.
([11]) ĠU C 67 E, 17.3.2004, p. 73.

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Lulju 2005 dwar l-isfruttament tat-tfal fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw, b'enfasi speċjali fuq it-tħaddim tat-tfal ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Novembru 2005 dwar id-dimensjoni soċjali tal-globalizzazzjoni ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Lulju 2006 dwar il-Kummerċ Ġust u l-Iżvilupp ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Marzu 2007 dwar ir-responsabiltà soċjali tal-intrapriżi: sħubija ġdida ([4]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Mejju 2007 dwar il-promozzjoni tax-xogħol deċenti għal kulħadd ([5]), fejn talab li n-normi soċjali jiddaħħlu fil-Ftehimiet Kummerċjali tal-UE - partikolarment il-ftehimiet bilaterali - f'isem il-promozzjoni ta' impjieg deċenti,

— wara li kkunsidra s-seduta ta' smigħ "Ir-responsabilità soċjali tal-intrapriżi fil-kummerċ internazzjonali", organizzata fit-23 ta' Frar 2010 mill-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A7–0317/2010),

A. billi l-kumpaniji u l-filjali tagħhom huma waħda mill-protagonisti ewlenin tal-globalizzazzjoni ekonomika u tal-iskambji kummerċjali internazzjonali,

B. billi jitqiesu l-linji gwida tal-OECD għall-intrapriżi multinazzjonali adottati fl-2000 u aġġornati fl-2010, ir-rakkomandazzjonijiet li l-gvernijiet jagħtu lill-intrapriżi u li jħabbru normi volontarji ta' mġiba responsabbli, fir-rispett tal-liġijiet applikabbli, b'mod partikolari fil-qasam tal-impjieg, tar-relazzjonijiet mas-sħab soċjali, tad-drittijiet tal-bniedem, tal-ambjent, tal-interessi tal-konsumatur, tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni u tal-evażjoni fiskali,

C. billi d-dikjarazzjoni tripartitika dwar l-intrapriżi multinazzjonali tal-ILO hija intiża biex tiggwida lill-gvernijiet, lill-intrapriżi multinazzjonali, lill-ħaddiema fl-oqsma tal-impjieg, tat-taħriġ, tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, tar-relazzjonijiet professjonali, dikjarazzjoni li tinkludi l-impenn tal-Istati li jirrispettaw u jippromwovu l-erba' normi ewlenin tal-impjieg: il-libertà ta' assoċjazzjoni u d-dritt għal negozju kollettiv; l-eliminazzjoni ta' kull forma ta' xogħol furzat; l-abolizzjoni tat-tħaddim tat-tfal; u l-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni fil-qasam tal-impjiegi,

D. billi l-Patt Dinji tan-Nazzjonijiet Uniti, jew Global Compact, magħmul minn għaxar prinċipji, jitlob lill-intrapriżi jħaddnu, jappoġġjaw, u jimplimentaw, fl-isfera ta' influwenza tagħhom, ġabra ta' valuri ewlenin fl-oqsma tad-drittijiet tal-bniedem, tal-istandards ewlenin tax-xogħol, tal-ambjent u tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni, li l-kumpaniji għandhom jimpenjaw rwieħhom li jsegwu u li għandhom jintegraw fl-operazzjonijiet kummerċjali tagħhom fuq bażi volontarja,

E. billi jiġu kkunsidrati x-xogħlijiet attwali tal-aġġornament tal-linji gwida tal-OECD fir-rigward tal-intrapriżi multinazzjonali u b'mod partikolari dawk li jirrigwardaw it-titjib tal-punti ta' kuntatt nazzjonali u s-sistema ta' responsabilità għall-katini tal-provvista,

F. billi l-istandards internazzjonali, bħal pereżempju l-"Global Reporting Initiative", jew il-mekkaniżmi ta' ċertifikazzjoni u ta' tikkettjar, bħan-norma ISO 14 001 jew b'mod iktar partikolari n-norma riċenti ISO 26 000, liema standard jiġbor fih linji gwida u japplika għal kull tip ta' organizzazzjoni, jgħinu lill-kumpaniji biex jevalwaw l-impatt ekonomiku, soċjali u ambjentali tal-attivitajiet tagħhom, billi jiġi integrat il-kunċett tal-iżvilupp sostenibbli, iżda dawn huma effikaċi biss jekk jiġu applikati b'mod effettiv u jekk jiġu sottomessi għal verifiki,

(1) ĠU C 157 E, 6.7.2006, p. 84.
(2) ĠU C 280 E, 18.11.2006, p. 65.
(3) ĠU C 303 E, 13.12.2006, p. 865.
(4) ĠU C 301 E, 13.12.2007, p. 45.
(5) ĠU C 102 E, 24.4.2008, p. 321.

**Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2010**

G. billi tiġi kkunsidrata r-responsabilità soċjali tal-kumpaniji (CSR), espressa fl-istandard ISO 26 000, bħala r-"responsabilità ta' organizzazzjoni vis-à-vis l-impatti tad-deċiżjonijiet tagħha u tal-attivitajiet tagħha fuq is-soċjetà u l-ambjent, li jwasslu għal imġiba trasparenti u etika li: tikkontribwixxi għall-iżvilupp sostenibbli, kif ukoll għas-saħħa u l-benesseri tas-soċjetà; tikkunsidra l-isforzi tal-partijiet ikkonċernati; tirrispetta l-liġijiet fis-seħħ u hija kompatibbli mar-regoli internazzjonali; u hija integrata fit-totalità tal-organizzazzjoni u implimentata fir-relazzjonijiet tagħha", li dwarha ntlaħaq ftehim minn parti kbira tas-soċjetà ċivili u mill-moviment trejdjunjonistiku internazzjonali,

H. billi jitqies l-objettiv espress mill-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha tal-2006, li l-Unjoni Ewropea ssir "pilastru ta' eċċellenza fil-qasam tar-responsabilità soċjali tal-kumpaniji', filwaqt li s-CSR tiġi ppreżentata bħala 'aspett tal-mudell soċjali Ewropew", u tikkostitwixxi "mezz għad-difiża tas-solidarjetà, tal-koeżjoni u tal-opportunitajiet indaqs fil-kuntest ta' kompetizzjoni dinjija miżjuda",

I. billi jiġi kkunsidrat ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-KESE u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-eżerċizzju ta' sorveljanza tas-suq tal-bejgħ bl-imnut bl-isem 'Lejn suq intern tal-bejgħ bl-imnut iktar effiċjenti u iktar ġust għall-2020 (COM(2010)0355)., u l-Anness tiegħu li jgħid li l-"konsumatur normalment ma jkollux biżżejjed informazzjoni dwar il-prestazzjoni tal-bejjiegħa f'termini ta' responsabilità soċjali. Għalhekk huwa ma jkunx jista' jagħmel għażla informata fir-rigward tal-metodi tax-xiri tiegħu",

J. billi, bi qbil mat-trattati, il-politika kummerċjali għandha titmexxa b'koerenza mat-totalità tal-objettivi tal-Unjoni Ewropea, inkluż l-objettivi soċjali, ambjentali u ta' għajnuna għall-iżvilupp tagħha,

K. billi l-Unjoni Ewropea diġà tqiegħed bħala kundizzjoni għall-għoti ta' ċerti preferenzi kummerċjali r-ratifika mis-sħab tagħha tal-konvenzjonijiet prinċipali tal-ILO u li ħadet l-impenn, mill-2006, li tippromwovi r-rispett tal-impjieg deċenti, permezz tal-politiki esterni kollha tagħha, inkluża l-politika kummerċjali,

L. billi l-ftehimiet bilaterali ta' skambju ħieles tagħha issa jinkludu kapitolu ddedikat għall-iżvilupp sostenibbli li jinkludi objettivi ambjentali u soċjali, u r-rispett tar-regoli f'dan il-qasam,

M. billi n-non-rispett tal-prinċipji tas-CSR jikkostitwixxi forma ta' dumping soċjali u ambjentali li jagħmel ħsara b'mod partikolari lill-intrapriżi u lill-ħaddiema fl-Ewropa li, min-naħa tagħhom, huma soġġetti għar-rispett tal-ogħla normi soċjali, ambjentali u fiskali,

N. billi jkun normali li l-kumpaniji Ewropej li jċaqilqu l-unitajiet ta' produzzjoni tagħhom lejn il-pajjiżi b'salarji baxxi u b'inqas obbligi ambjentali jkunu meqjusa bħala iktar responsabbli, quddiem il-qrati Ewropej, minn dannu ambjentali u soċjali eventwali jew esternalitajiet negattivi oħra li jinħassu fil-komunitajiet lokali, ikkawżati mill-filjali tagħhom f'dawn il-pajjiżi,

O. billi tiġi kkunsidrata d-diversità enormi ta' rabtiet li jistgħu jeżistu bejn il-kumpanija prinċipali u l-filjali tagħha min-naħa l-waħda, u bejn il-kumpanija u l-fornituri tagħha min-naħa l-oħra; u l-ħtieġa li jiġu ppreċiżati l-kunċetti tal-isfera ta' influwenza u ta' 'diliġenza dovuta' fil-livell internazzjonali,

P. billi jiġi kkunsidrat li l-kumpaniji mhumiex sottomessi direttament għal-liġi internazzjonali u li l-konvenzjonijiet internazzjonali, b'mod partikolari dawk li jirrigwardaw id-drittijiet tal-bniedem, id-dritt għall-impjieg u l-ħarsien tal-ambjent, huma vinkolanti għall-Istati firmatarji iżda mhux direttament għall-kumpaniji li għandhom is-sedi tagħhom f'dawn l-Istati; billi, madankollu, huwa f'idejn dawn l-Istati li jiżguraw li dawk il-kumpaniji li għandhom is-sedi tagħhom fit-territorju tagħhom jirrispettaw l-obbligi ġuridiċi tagħhom u josservaw id-dmir tad-diliġenza, u li jipprevedu sanzjonijiet xierqa u adegwati jekk dan ma jkunx il-każ,

Q. billi jiġu kkunsidrati d-drittijiet fundamentali għal rikors effettiv u għal aċċess għal tribunal imparzjali u indipendenti, liema drittijiet huma kkonfermati mill-ġdid fl-Artikolu 47 tal-Karta Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali u fl-Artikolu 8 tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem,

R. billi jiġi kkunsidrat il-prinċipju ta' koperazzjoni ġudizzjarja, ikkonfermat mill-ġdid mill-Konvenzjoni ta' Brussell u mir-Regolament (KE) Nru 44/2001, u li jistieden lill-Kummissjoni biex tagħti segwitu għall-proposti tal-Green Paper, li tipproponi linji gwida fir-rigward tal-ekstraterritorjalità, b'mod partikolari dwar l-estensjoni tal-qasam ta' applikazzjoni tar-regolament għal-litigazzjonijiet li jimplikaw id-difensuri tal-pajjiżi terzi,

S. billi l-Kapitolu 13 tal-ftehim ta' kummerċ ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u l-Korea t'Isfel u l-Artikolu 270(3) tal-ftehim kummerċjali multipartitiku bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kolombja u l-Perù fihom referenza għas-CSR, dan għadu ma jqisx, u ma jqisx għalkollox l-importanza tas-CSR għall-għan Ewropew li jitħarsu l-ambjent u d-drittijiet soċjali u tal-bniedem, filwaqt li anke ksur kontinwu mill-kumpaniji tad-drittijiet tal-bniedem, tal-istandards tax-xogħol u tad-dispożizzjonijiet ambjentali, minkejja l-kliem oppost li ntuża fl-għanijiet, fil-prattika ma jaffettwa bl-ebda mod it-tkomplija ta' dawk il-ftehimiet,

T. billi partikolarment fis-settur tal-minjieri l-ftehimiet dwar is-CSR li kien hawn s'issa wrew ruħhom insuffiċjenti,

U. billi tiġi kkunsidrata l-leġiżlazzjoni Komunitarja diġà fis-seħħ dwar il-kumpaniji mikro, żgħar u ta' daqs medju u b'mod partikolari r-rakkomandazzjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 u l-"Att tan-Negozji ż-Żgħar" għall-Ewropa adottat f'Ġunju 2008,

V. billi r-responsabilità soċjali tal-kumpaniji (CSR) hija kunċett li bih il-kumpaniji jinkorporaw volontarjament it-tħassib soċjali u ambjentali fl-istrateġija tagħhom tan-negozju għall-benesseri ġenerali tal-partijiet interessati billi jkunu involuti b'mod attiv fil-politiki pubbliċi bħala aspett importanti tat-tibdil soċjali kkawżat mill-valuri,

W. billi s-CSR tirrappreżenta komponent essenzjali tal-Mudell Soċjali Ewropew, imsaħħaħ bid-dħul fis-seħħ tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u b'mod speċjali bil-klawżola soċjali orizzontali tagħha, u billi l-bżonn li tiġi promossa s-CSR ġie rikonoxxut fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-Istrateġija UE2020 bħala element importanti biex tiġi żgurata l-fiduċja tal-impjegati u tal-konsumaturi għal żmien fit-tul,

X. billi s-CSR għandha influwenza konsiderevoli fuq id-drittijiet tal-bniedem f'pajjiżi li qed jiżviluppaw,

Y. billi s-CSR m'għandhiex tissostitwixxi jew teżenta lill-Istati mir-responsabilità tagħhom għall-forniment ta' servizzi pubbliċi bażiċi,

Z. billi s-CSR jista' jkollha rwol ewlieni fit-titjib tal-istandards tal-għajxien fil-komunitajiet żvantaġġati,

AA. billi t-trejdjunjins għandhom rwol importanti fil-promozzjoni tas-CSR, minħabba li l-ħaddiema jkunu f'pożizzjoni tajba li jkunu jafu r-realtà tal-kumpaniji li jimpjegawhom,

AB. billi s-CSR għandha titqies flimkien, u f'interazzjoni ma', ir-riformi tal-governanza korporattiva,

AC. billi jiġi kkunsidrat r-rwol tal-SMEs fis-suq uniku Ewropew u r-riżultati tal-proġetti ffinanzjati mill-Kummissjoni biex tiġi inkoraġġita l-adozzjoni tal-prattiki tas-CSR, fost l-oħrajn mill-SMEs,

AD. billi s-CSR, minn naħa waħda, u l-klawżoli soċjali u ambjentali inkorporati fil-ftehimiet kummerċjali, min-naħa l-oħra, għandhom l-istess objettivi: dawk ta' ekonomija li tirrispetta l-ħtiġijiet tal-bniedem u tal-ambjent, u ta' globalizzazzjoni aktar ġusta, aktar ibbilanċjata soċjalment u aktar umana li twassal tassew għall-iżvilupp sostenibbli,

AE. billi s'issa, ftit kien hemm rabta bejn ir-regoli kummerċjali u r-responsabilità soċjali tal-kumpaniji, iżda li jkun hemm bosta benefiċċji jekk tinħoloq rabta bejn ir-regoli kummerċjali u l-objettivi tas-CSR,

**Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2010**

1. Jinnota li l-isfidi globali żdiedu bil-friżi finanzjarja u l-konsegwenzi soċjali tagħha, u wasslu għal diskussjoni fid-dinja kollha dwar il-ħtieġa għal approċċ regolatorju ġdid u dwar kwistjonijiet ta' governanza fl-ekonomija dinjija, inkluż il-kummerċ internazzjonali; huwa tal-fehma li r-regoli l-ġodda, aktar effiċjenti u infurzati aħjar għandhom jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' politiki aktar sostenibbli li jqisu tassew it-tħassib soċjali u ambjentali;

2. Jinnota wkoll li l-globalizzazzjoni żiedet il-pressjoni tal-kompetizzjoni bejn il-pajjiżi biex jattiraw l-investituri barranin kif ukoll il-kompetizzjoni bejn il-kumpaniji, li kultant wasslet għal ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem, tad-drittijiet soċjali u riskju għall-ambjent, bil-għan li jiġbdu lejhom il-kummerċ u l-investimenti;

3. Ifakkar li l-prinċipji li jiddefinixxu s-CSR, li huma totalment rikonoxxuti fil-livell internazzjonali, kemm fi ħdan l-OECD kif ukoll l-ILO u n-Nazzjonijiet Uniti, jikkonċernaw l-imġiba responsabbli mistennija mill-intrapriżi, u l-ewwel u qabel kollox jimplika r-rispett tal-leġiżlazzonijiet fis-seħħ, partikolarment fil-qasam tal-impjieg, tar-relazzjonijiet soċjali, tad-drittijiet tal-bniedem, tal-ambjent, tal-interessi tal-konsumatur u tat-trasparenza fir-rigward tagħhom, tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni u tal-fiskalità;

4. Ifakkar li l-promozzjoni tar-responsabilità soċjali tal-kumpaniji hija objettiv appoġġat mill-Unjoni Ewropea, u li l-Kummissjoni Ewropea tqis li l-Unjoni għandha tiżgura li l-politiki esterni li timplimenta jikkontribwixxu b'mod effikaċi għall-iżvilupp sostenibbli u għall-iżvilupp soċjali fil-pajjiżi kkonċernati u li l-azzjonijiet tal-korporazzjonijiet Ewropej, kull fejn jinvestu u joperaw, ikunu konformi mal-valuri Ewropej u n-normi miftiehma f'livell internazzjonali;

5. Ifakkar li l-objettivi tal-politika kummerċjali komuni għandhom ikunu kkoordinati bis-sħiħ mal-objettivi globali tal-Unjoni Ewropea; u li, skont l-Artikolu 207 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-politika kummerċjali komuni tal-UE trid titmexxa "fil-kuntest tal-prinċipji u l-objettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjon", u li, skont l-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, trid tikkontribwixxi, fost l-oħrajn, "għall-iżvilupp sostenibbli tal-pjaneta, għas-solidarjetà u għar-rispett reċiproku bejn il-popli, għall-kummerċ ħieles u ġust, għall-eliminazzjoni tal-faqar u għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari dawk tat-tfal, kif ukoll għar-rispett sħiħ u għall-iżvilupp tal-liġi internazzjonali, b'mod partikolari għar-rispett tal-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti";

6. Iqis li l-Kummissjoni Ewropea għandha tistudja l-possibilità li tistabbilixxi definizzjoni armonizzata tar-relazzjonijiet bejn kumpanija, magħrufa bħala l-"kumpanija prinċipali" u kwalunkwe kumpanija li b'xi mod tiddependi minnha, irrelevanti jekk din tkunx tirrappreżenta l-kumpanija filjali, il-fornituri jew is-subappaltaturi, biex b'hekk tkun iffaċilitata r-responsabilità ġuridika ta' kull wieħed minn dawn l-eżempji;

7. Iqis li, meta jitqies ir-rwol ewlieni tal-intrapriżi l-kbar, il-filjali tagħhom u l-katini ta' approviġġjonament tagħhom fil-kummerċ internazzjonali, ir-responsabilità soċjali u ambjentali tal-kumpaniji għandha ssir dimensjoni tal-ftehimiet kummerċjali tal-Unjoni Ewropea;

8. Iqis li l-klawżoli soċjali tal-ftehimiet kummerċjali għandhom ikunu kkomplementati mis-CSR, li tikkonċerna l-imġiba tal-korporazzjonijiet, filwaqt li s-CSR se tiġi appoġġjata permezz tas-saħħa tal-ftehimiet kummerċjali, u partikolarment tal-qafas ta' sorveljanza li jwaqqfu għall-implimentazzjoni tal-prinċipji li jirregolawhom;

9. Jitlob li l-prinċipji u l-obbligi fir-rigward tas-CSR jiġu kkunsidrati u integrati fil-komunikazzjoni li jmiss tal-Kummissjoni dwar "Il-politika kummerċjali l-ġdida għall-Ewropa fil-qafas tal-istrateġija Ewropa 2020", fil-komunikazzjoni li hija qed tħejji dwar is-CSR għall-2011 u fid-dħul fis-seħħ tal-politika kummerċjali tagħha;

10. Iqis li s-CSR hi għodda effikaċi għat-titjib tal-kompetittività, l-opportunitajiet għall-ħiliet u t-taħriġ, is-sikurezza tal-impjieg u l-ambjent tax-xogħol, il-ħarsien tad-drittijiet tal-ħaddiema u d-drittijiet tal-komunitajiet lokali u indiġeni, il-promozzjoni ta' politika ambjentali sostenibbli u l-inkoraġġiment ta' skambji ta' prattika tajba fil-livell lokali, nazzjonali, Ewropew u dinji, għalkemm żgur li ma tistax tieħu post ir-regolamenti tax-xogħol jew il-ftehimiet kollettivi ġenerali jew settorjali;

11. Jitlob li l-kumpaniji jiġu mħeġġa japplikaw is-CSR bl-għan li jiġu salvagwardjati l-integrità fiżika u s-sigurtà, il-benesseri fiżiku u mentali, id-drittijiet tax-xogħol u d-drittijiet tal-bniedem, kemm tal-ħaddiema tagħhom kif ukoll tal-ħaddiema inġenerali permezz tal-influwenza li għandhom fuq iċ-ċirku mkabbar tal-kollaboraturi tagħhom; jenfasizza l-importanza li jiġi appoġġjat u jitħeġġeġ it-tixrid ta' dawn il-prattiki fl-SMEs filwaqt li jiġu limitati l-ispejjeż u l-piżijiet burokratiċi;

12. Juri li s-CSR għandha tindirizza oqsma ġodda bħall-organizzazzjoni tax-xogħol, l-opportunitajiet indaqs u l-inklużjoni soċjali, il-miżuri kontra d-diskriminazzjoni, l-iżvilupp tal-edukazzjoni għal matul il-ħajja u t-taħriġ; jenfasizza li s-CSR għandha tkopri, pereżempju, il-kwalità tax-xogħol, l-ugwaljanza tal-pagi u l-prospetti għall-karriera u l-promozzjoni ta' proġetti innovattivi biex tgħin fil-bidla lejn ekonomija sostenibbli;

13. Jirrakkomanda bil-qawwa li l-Istati Membri u l-Unjoni jippromwovu prattiki tajbin tas-CSR mill-kumpaniji kollha, irrispettivament minn fejn joperaw, u li jinkoraġġixxu t-tixrid tal-prattika tajba bbażata fuq l-inizjattivi tas-CSR, b'mod partikolari billi jagħmlu r-riżultati ta' inizjattivi bħal dawn iktar magħrufa;

14. Jinnota li l-aġenda tas-CSR għandha tiġi adattata għall-ħtiġijiet speċifiċi tar-reġjun u ta' kull pajjiż speċifiku sabiex tikkontribwixxi għat-titjib tal-ekonomija sostenibbli u l-iżvilupp soċjali;

15. Hu tal-fehma li l-kredibilità tal-inizjattivi volontarji tas-CSR tiddependi mill-fatt li jkunu jinkorporaw standards u prinċipji aċċettati fil-qasam internazzjonali, bħall-Inizjattiva dwar ir-Rappurtar Globali III, u fuq li jkunu suġġetti għal monitoraġġ u għal verifika trasparenti li tkun indipendenti mill-partijiet interessati tal-kumpaniji;

16. Hu tal-fehma li għandha ssir enfasi fuq l-involviment attiv tal-partijiet interessati kollha fil-kumpanija, fuq it-taħriġ għall-maniġers u fuq l-iżvilupp tas-soċjetà ċivili, b'mod speċjali fir-rigward tal-għarfien tal-konsumaturi;

17. Iqis li huwa importanti li titrawwem u tinxtered il-kultura tas-CSR permezz tat-taħriġ u l-ħolqien ta' kuxjenza, kemm fil-livell tal-kumpaniji kif ukoll f'dawk il-fergħat tas-settur tal-edukazzjoni għolja jew universitarja li jiffokaw b'mod ewlieni fuq l-istudju tal-amministrazzjoni;

18. Jemmen li d-djalogu soċjali u l-Kunsilli tax-Xogħlijiet Ewropej kellhom rwol kostruttiv fl-iżvilupp tal-aqwa prattika fit-termini tas-CSR;

19. Jemmen bis-sħiħ li għandha tingħata aktar attenzjoni lis-CSR fil-Linji gwida għall-Impjiegi tal-UE;

***Integrazzjoni tas-CSR fis-sistema ta' preferenzi ġeneralizzati (SGP u SGP+)***

20. Jitlob li l-prinċipji tas-CSR jiġu integrati fir-Regolament SGP u SGP+ matul ir-rieżami li jmiss; jitlob lill-Kummissjoni biex tara li l-intrapriżi transnazzjonali, kemm jekk ikollhom is-sede fl-Unjoni Ewropea kif ukoll jekk le, li l-filjali tagħhom jew il-katini ta' provvista jinsabu f'pajjiżi li jipparteċipaw fl-iskema SGP, u b'mod partikolari fl-SGP+, jirrispettaw l-obbligi legali, nazzjonali u internazzjonali tagħhom fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, tan-normi soċjali u tar-regolamentazzjoni ambjentali; jixtieq li l-Unjoni Ewropea u l-Istati firmatarji u benefiċjarji tal-SGP jaraw li l-intrapriżi jirrispettaw dawn l-obbligi; jitlob li din tkun dimensjoni vinkolanti tal-SGP;

21. Iqis li sistema ta' SGP+ rinnovata għandha wkoll tipprojbixxi l-ftehimiet tal-pajjiżi ospitanti, li huma ftehimiet konklużi mingħajr trasparenza ta' xejn bejn ċerti intrapriżi multinazzjonali u pajjiżi ospitanti, benefiċjarji tal-SGP+, biex jevitaw lil-bżonnijiet regolamentari f'dawn il-pajjiżi, u li b'mod ovvju jmorru kontra s-CSR;

***Valutazzjonijiet tal-impatt ġodda***

22. Jistieden lill-Kummissjoni ttejjeb il-mudell tagħha ta' valutazzjoni tal-impatt fir-rigward tas-sostenibilità, sabiex dan jirrifletti sew l-implikazzjoniiet ekonomiċi, soċjali, ambjentali u tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi l-għanijiet ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, tan-negozjati kummerċjali; jistieden lill-Kummissjoni tagħti segwitu għall-ftehimiet kummerċjali mal-pajjiżi sħab tal-UE, billi twettaq, qabel u wara l-iffirmar ta' ftehim kummerċjali, studji ta' valutazzjoni tal-impatt tas-sostenibilità, filwaqt li jitqiesu b'mod partikolari s-setturi vulnerabbli;

23. Jenfasizza li, wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, il-Parlament għandu jinżamm infurmat bis-sħiħ dwar kif ir-riżultati tal-valutazzjonijiet tal-impatt fir-rigward tas-sostenibilità (SIA) tal-ftehimiet qed jiġu inkorporati fin-negozjati ta' qabel il-konklużjoni tagħhom u dwar liema kapitoli ta' dawn il-ftehimiet ikunu nbidlu bil-għan li jiġu evitati impatti negattivi identifikati mill-SIA;

**Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2010**

24. Jistieden lill-Kummissjoni tħejji studji tal-impatt biex jiġu evalwati l-effetti tal-ftehimiet kummerċjali fuq l-SMEs Ewropej (test SME), b'mod partikolari fir-rigward tas-CSR, f'konformità mal-Att tan-Negozji ż-Żgħar;

***Klawżoli tas-CSR fil-ftehimiet kummerċjali kollha tal-Unjoni Ewropea***

25. Jipproponi, b'mod iktar globali, li l-ftehimiet kummerċjali li jiġu nnegozjati fil-ġejjieni mill-Unjoni għandu jkun fihom kapitolu dwar l-iżvilupp sostenibbli li jinkludi klawżola dwar is-CSR, abbażi, parzjalment, tal-aġġornament tal-2010 tal-Linji gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali;

26. Jipproponi li din il-"klawżola CSR" għandha tinkludi:

a. impenn reċiproku taż-żewġ partijiet biex jippromwovu strumenti miftiehma internazzjonalment dwar is-CSR fil-kuntest tal-ftehim u fl-iskambji kummerċjali tagħhom;

b. inċentivi għat-tħeġġiġ tal-intrapriżi biex dawn jieħdu impenji fil-qasam tas-CSR, negozjati mal-partijiet kollha kkonċernati tal-intrapriża, inklużi t-trejdunjins, l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi, l-assoċjazzjonijiet lokali u l-organizzazzjonjiet tas-soċjetà ċivili kkonċernati;

c. il-ftuħ ta' "punti ta' kuntatt" bħal dawk stabbiliti fil-kuntest tal-OECD għall-promozzjoni tal-informazzjoni dwar is-CSR, it-trasparenza u biex jirċievu lmenti eventwali dwar il-każijiet ta' nuqqas ta' rispett tas-CSR, b'kooperazzjoni mas-soċjetà ċivili, u li jittrasferuhom lill-awtoritajiet kompetenti;

d. rekwiżit – li jqis is-sitwazzjoni speċifika u l-kapaċitajiet tal-SMEs fl-ambitu tar-rakkomandazzjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 u skont il-prinċipju "naħsbu l-ewwel fiż-żgħir" – biex il-kumpaniji jippubblikaw il-bilanċi tas-CSR tagħhom tal-anqas kull sentejn jew tliet snin; huwa tal-fehma li din it-talba ssaħħaħ it-trasparenza u r-rappurtar u tinkuraġġixxi l-viżibilità u l-kredibilità tal-prattiki tas-CSR billi informazzjoni dwar is-CSR issir disponibbli għall-partijiet interessati kollha, fosthom il-konsumaturi, l-investituri u l-pubbliku inġenerali b'mod immirat;

e. rekwiżiti biex impriżi u gruppi ta' impriżi juru d-diliġenza xierqa, i.e. obbligu li jieħdu miżuri minn qabel sabiex jidentifikaw u jipprevjenu kull ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tad-drittijiet ambjentali, korruzzjoni jew evażjoni fiskali, anke fil-filjali tagħhom u fil-katini ta' provvista, i.e. fl-isfera ta' influwenza kollha tagħhom;

f. ir-rekwiżit li qabel ma jibda proġett b'impatt fuq komunità lokali, l-intrapriżi jintrabtu li jwettqu konsultazzjoni libera, miftuħa u infurmata ma' partijiet interessati lokali u indipendenti;

g. enfasi partikolari fuq l-impatt tal-impjegar ta' tfal u tal-prattiki tat-tħaddim tat-tfal;

27. Iqis li l-"klawżola CSR" għandha tkun akkumpanjata minn dispożizzjonijiet oħra; huwa tal-fehma li:

a. fil-każ ta' ksur ipprovat tal-impenji meħuda fir-rigward tas-CSR, għandu jkun possibbli li l-awtoritajiet kompetenti jwettqu investigazzjonijiet u, u fil-każ ta' ksur gravi tal-impenji, il-partijiet jistgħu jiddenunzjaw mal-pubbliku lil dawk responsabbli;

b. iż-żewġ partijiet għandhom jinkoraġġixxu l-koperazzjoni ġudizzjarja transnazzjonali, biex jiffaċilitaw l-aċċess għall-qrati tal-vittmi tal-azzjonijiet tal-kumpaniji fl-isfera ta' influwenza tagħhom u, biex dan isir, jappoġġjaw l-iżvilupp ta' proċeduri ġudizzjarji adegwati u jippenalizzaw il-ksur tal-liġi mill-kumpaniji, kif ukoll ta' mekkaniżmi mhux ġudizzjarji ta' rimedju;

28. Jissuġġerixxi li, fil-qafas tal-ftehimiet bilaterali tal-UE, isir provediment, permezz tal-programmi ta' "tisħiħ tal-ġustizzja", għat-taħriġ tal-imħallfin u tat-tribunali li jittrattaw il-liġi kummerċjali dwar kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem u l-konformità mal-konvenzjonijiet internazzjonali dwar id-drittijiet soċjali u l-ambjent;

29. Jipproponi t-twaqqif ta' kumitat parlamentari konġunt għal kull ftehim ta' kummerċ ħieles (FTA), li jservi ta' forum għall-iskambju ta' informazzjoni u għad-djalogu bejn il-Membri tal-PE u d-deputati tal-Istati sħab; iżid jgħid li dawn il-kumitati ta' monitoraġġ jistgħu wkoll jiskrutinizzaw l-implimentazzjoni tal-Kapitolu rigward l-iżvilupp sostenibbli u l-klawżola CSR u jfasslu rakkomandazzjonijiet għall-kumitat konġunt tal-FTA, partikolarment fir-rigward tal-valutazzjonijiet tal-impatt, u f'każijiet ta' ksur ipprovat tad-drittijiet tal-bniedem, tad-drittijiet soċjali jew tal-konvenzjonijiet ambjentali;

30. Jipproponi t-twaqqif ta' forum regolari ta' tqabbil fejn il-firmatarji tal-Patt Globali tan-NU jkunu jistgħu jissottomettu l-programmi tagħhom ta' CSR għal skrutinju pubbliku u jipprovdu mezzi ta' paragun lill-konsumaturi, u l-ħolqien ta' kultura ta' standards għolja u eżami reċiproku. Tali trasparenza tinkoraġġixxi lill-intrapriżi biex minn jeddhom jilħqu standards ogħla ta' CSR jew iġorru l-ispejjeż tal-iskrutinju fil-midja u mill-pubbliku;

***Promozzjoni tas-CSR fil-politiki kummerċjali fil-livell multilaterali***

31. Jistieden lill-Kummissjoni biex tippromwovi l-kunsiderazzjoni tas-CSR fil-politiki kummerċjali fil-livell multilaterali, fi ħdan il-fora internazzjonali li appoġġaw is-CSR, partikolarment l-OECD u l-ILO, kif ukoll fi ħdan id-WTO fil-perspettiva post-Doha;

32. Jistieden l-esplorazzjoni, fi ħdan dawn l-istess fora, għall-ħolqien ta' konvenzjoni internazzjonali li tistabbilixxi r-responsabilitajiet tal-"pajjiżi ospitanti" ([1]) u tal-"pajjiżi ta' oriġini" ([2]), u biex tipparteċipa fil-ġlieda kontra l-ksur tad-drittijeit tal-bniedem mill-kumpaniji multinazzjonali, u d-dħul fis-seħħ tal-prinċipju tal-ekstraterritorjalità;

33. Jistieden lill-Kummissjoni biex tappoġġa l-iżvilupp ta' rabtiet ġodda bejn l-aġenziji multilaterali inkarigati min-normi soċjali u ambjentali u d-WTO, sabiex tiġi żgurata iktar koerenza fil-livell internazzjonali bejn il-politiki kummerċjali u l-objettivi ta' żvilupp sostenibbli;

34. Jappoġġa, mill-ġdid, il-ħolqien fi ħdan id-WTO, ta' Kumitat għall-Kummerċ u x-Xogħol Deċenti, skont il-mudell tal-Kumitat għall-Kummerċ u għall-Iżvilupp, fejn b'mod partikolari jkun jista' jsir dibattitu dwar il-kwistjonijiet relatati ma' normi soċjali, speċjalment dawk relatati mal-impjegar ta' tfal, u CSR b'rabta mal-kummerċ internazzjonali; jipproponi, mill-ġdid, l-adattament tal-proċedura ta' soluzzjoni tal-konflitti sabiex, f'każijiet li jipperikolaw kwistjonijiet li jaqgħu taħt konvenzjonijiet internazzjonali fil-qasam ambjentali jew soċjali, ikun possibbli li l-gruppi speċjali (panels) jew l-organu ta' appell jadottaw l-opinjoni tal-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti, u biex din l-opinjoni tkun ippubblikata;

*

*    *

35. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-President tal-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-parlamenti tal-Istati Membri, lill-Konferenza Parlamentari dwar id-WTO u lill-Konferenza Internazzjonali tax-Xogħol.

---

([1]) Stati li fihom tinsab is-sede tal-kumpaniji kollha li jiddependu fuq il-kumpaniji prinċipali
([2]) Stati li fihom jinsabu l-kumpaniji prinċipali

**Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2010**

# Regoli ta' koperazzjoni orizzontali dwar il-kompetizzjoni

P7_TA(2010)0447

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Novembru 2010 dwar ir-rieżami tar-regoli tal-kompetizzjoni fir-rigward tal-koperazzjoni orizzontali**

(2012/C 99 E/20)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikoli 101(1) u (3), 103(1) u 105(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem it-"TFUE"),

— wara li kkunsidra r-Regolament (KEE) Nru 2821/71 tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 1971 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 85(3) tat-Trattat għal kategoriji ta' ftehim, deċiżjonijiet u prattiċi miftiehma [1],

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2658/2000 tad-29 ta' Novembru 2000 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 81(3) tat-Trattat għal kategoriji ta' ftehim ta' speċjalizzazzjoni [2] (ir-regolament ta' eżenzjoni ta' kategorija għal ftehimiet ta' speċjalizzazzjoni, minn hawn 'il quddiem ir-"REK speċjalizzazzjoni"),

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2659/2000 tad-29 ta' Novembru 2000 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 81(3) tat-Trattat għal kategoriji ta' ftehim dwar ir-riċerka u l-iżvilupp [3] (ir-regolament ta' eżenzjoni ta' kategorija għal ftehimiet ta' riċerka u żvilupp, minn hawn 'il quddiem ir-"REK R&D"),

— wara li kkunsidra l-Abbozz ta' Regolament tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 101(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal kategoriji ta' ftehim ta' speċjalizzazzjoni (ir-regolament il-ġdid ta' eżenzjoni ta' kategorija għal ftehimiet ta' speċjalizzazzjoni, minn hawn 'il quddiem l-"abbozz tar-REK speċjalizzazzjoni l-ġdid"), ippubblikat fl-4 ta' Mejju 2010 għal konsultazzjoni fis-sit tal-Internet tal-Kummissjoni,

— wara li kkunsidra l-Abbozz ta' Regolament tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 101(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal kategoriji ta' ftehim ta' riċerka u żvilupp (ir-regolament il-ġdid ta' eżenzjoni ta' kategorija għal ftehimiet ta' riċerka u żvilupp, minn hawn 'il quddiem l-"abbozz tar-REK R&D il-ġdid"), ippubblikat fl-4 ta' Mejju 2010 għal konsultazzjoni fis-sit tal-Internet tal-Kummissjoni,

— wara li kkunsidra l-Avviż tal-Kummissjoni dwar linji gwida dwar kemm għandu japplika l-Artikolu 81 tat-Trattat tal-KE għal ftehimiet ta' koperazzjoni orizzontali (minn hawn 'il quddiem il-"linji gwida orizzontali") [4],

— wara li kkunsidra l-Abbozz ta' Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar linji gwida dwar l-applikabbiltà tal-Artikolu 101 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-akkordji dwar kooperazzjoni orizzontali (minn hawn 'il quddiem l-"abbozz ta' linji gwida orizzontali ġodda"), ippubblikat fl-4 ta' Mejju 2010 għal konsultazzjoni fis-sit tal-Internet tal-Kummissjoni,

— wara li kkunsidra l-kontributi mill-partijiet interessati differenti mibgħuta lill-Kummissjoni matul il-perjodi ta' konsultazzjoni pubblika u ppubblikati fis-sit tal-Internet tal-Kummissjoni,

— wara li kkunsidra d-dibattitu bejn il-Kummissarju Almunia u membri tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji tas-6 ta' Lulju 2010,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Marzu 2010 dwar ir-Rapport dwar il-Politika dwar il-Kompetizzjoni 2008 [5],

[1] ĠU L 285, 29.12.1971, p. 46.
[2] ĠU L 304, 5.12.2000, p. 3.
[3] ĠU L 304, 5.12.2000, p. 7.
[4] ĠU C 3, 6.1.2001, p. 2.
[5] Testi adottati, P7_TA(2010)0050.

— wara li kkunsidra l-mistoqsija tat-28 ta' Settembru 2010 lill-Kummissjoni dwar ir-rieżami tar-regoli tal-kompetizzjoni fir-rigward tal-koperazzjoni orizzontali (O-0131/2010 – B7-0565/2010),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 115(5) u 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi kemm ir-REK speċjalizzazzjoni kif ukoll ir-REK R&D ma jibqgħux validi wara l-31 ta' Diċembru 2010; billi l-Kummissjoni nediet il-proċess ta' rieżami taż-żewġ regolamenti u tal-linji gwida li jakkumpanjawhom,

B. billi saru bidliet leġiżlattivi sinifikanti mill-adozzjoni taż-żewġ regolamenti u tal-linji gwida orizzonatli, b'mod partikolari l-adozzjoni tal-pakkett ta' modernizzazzjoni fl-2003 li daħħal il-ħtieġa għall-awtovalutazzjoni mill-impriżi tal-ftehimiet li ffirmaw,

Ċ. billi fis-snin reċenti l-Kummissjoni kisbet esperjenza fl-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli u bħalissa jeħtieġ li jiġi kkodifikat sett ġdid ta' regoli li joriġinaw mill-każistika tal-Kummissjoni u tal-Kunsill,

D. billi hija prattika tajba li jittieħdu wkoll tagħlimiet mill-esperjenza tal-awtoritajiet tal-kompetizzjoni nazzjonali u tal-UE u tal-awtoritajiet tal-kompetizzjoni fid-dinja kollha, billi ta' min, b'mod partikolari fil-kuntest tal-kriżi ekonomika attwali, jintlaħaq ftehim dwar regoli tal-kompetizzjoni konverġenti fid-dinja kollha, meta jitqies li bosta ftehimiet u prattiki huma koperti b'diversi sistemi ta' kompetizzjoni legali,

1. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Kummissjoni bdiet żewġ konsultazzjonijiet pubbliċi differenti b'rabta mar-rieżami tar-regoli tal-kompetizzjoni applikabbli għal ftehimiet ta' koperazzjoni orizzontali; jisħaq fuq l-importanza li wieħed jisma' u jqis kemm jista' jkun fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet il-fehmiet tal-partijiet interessati biex jinkiseb qafas regolatorju realistiku u bilanċjat;

2. Jistieden lill-Kummissjoni tispeċifika b'mod ċar fi tmiem il-proċedura ta' rieżami kif qieset il-kontributi mill-partijiet interessati;

3. Japprezza l-fatt li l-Kummissjoni bagħtet l-abbozz ta' regoli lill-Parlament fi stadju bikri; jinkuraġġixxi lill-Kummissjoni tkompli taħdem proattivament fi spirtu ta' trasparenza mal-Parlament; jilqa' b'sodisfazzjon id-disponibbiltà murija mill-Kummissarju Almunia li jiddibatti l-abbozz ta' regoli mal-Membri tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji;

4. Ifakkar fl-importanza taċ-ċertezza legali; japprezza l-fatt li l-Kummissjoni abbozzat lista ta' Mistoqsijiet li Jsiru Spiss għat-tieni konsultazzjoni pubblika biex tenfasizza l-bidliet ewlenin proposti fl-abbozz ta' regoli; jistieden lill-Kummissjoni, ladarba jkun ġie adottat il-qafas regolatorju ġdid finali, tfassal sommarju u lista ġdida ta' Mistoqsijiet li Jsiru Spiss biex tispjega l-qafas finali fid-dettall lill-parteċipanti tas-suq;

5. Jenfasizza l-importanza taż-żewġ regolamenti ta' eżenzjoni ta' kategorija fil-qasam tal-koperazzjoni orizzonatli għall-analiżi tal-ftehimiet li jaqgħu fl-ambitu tagħhom;

6. Jinnota li, anke jekk approċċ ibbażat fuq id-definizzjoni ta' port sikur abbażi tal-ishma tas-suq mhuwiex perfett, jirrifletti fatt ekonomiku u huwa relattivament sempliċi biex wieħed jifhmu u japplikah; jaqbel li l-ftehimiet orizzonatli normalment joħolqu aktar preokkupazzjonijiet dwar il-kompetizzjoni mill-ftehimiet vertikali u għalhekk jifhem li l-Kummissjoni żżomm approċċ aktar limitat rigward l-istabbiliment tal-limitu minimu tas-sehem fis-swieq fir-rigward tal-ftehimiet orizzonatli;

**Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2010**

7. Jinnota, madankollu, li l-biċċa l-kbira tal-ftehimiet ta' koperazzjoni orizzonatli ma jaqgħux fl-ambitu ta' dawn iż-żewġ regolamenti ta' eżenzjoni ta' kategorija; jitlob lill-Kummissjoni tanalizza jekk il-partijiet interessati u l-objettiv li tinżamm kompetizzjoni effikaċi jibbenefikawx mit-twaqqif ta' regolamenti speċifiċi ġodda ta' eżenzjoni ta' kategorija biex ikopru tipi partikolari ta' ftehimiet orizzonatali għajr l-R&D u l-ispeċjalizzazzjoni; jekk il-konklużjoni tkun pożittiva, jistieden lill-Kummissjoni titlob l-awtorizzazzjoni xierqa mill-Kunsill biex tadotta dawn it-tipi ġodda ta' regolamenti ta' eżenzjoni ta' kategorija, wara li tkun ikkonsultat lill-Parlament;

8. Huwa tal-fehma li l-linji gwida orizzontali jirrappreżentaw għodda utli ta' analiżi u ta' awtovalutazzjoni għal-kumpaniji, b'approċċ ekonomiku sofistikat, dwar jekk ftehim ta' koperazzjoni orizzontali jiksirx l-Artikolu 101(1) TFUE;

9. Japprezza l-fatt, għalhekk, li l-linji gwida orizzontali ġodda jirriflettu l-ħtieġa ta' awtovalutazzjoni mdaħħla mir-Regolament (KE) 1/2003 u jipprovdu gwida ċara għal arranġamenti kumplessi bħal impriżi konġunti u ftehimiet li jkopru aktar minn tip wieħed ta' koperazzjoni; huwa tal-fehma li tali approċċ m'għandux, madankollu, iwassal għal qafas regolatorju aktar ikkumplikat;

10. Ifakkar, f'dan il-kuntest, fil-prinċipju ta' regolamentazzjoni aħjar biex tittejjeb il-kwalità tal-abbozzar regolatorju u leġiżlattiv, partikolarment bl-użu ta' lingwaġġ ċar u preċiż; għalhekk, huwa favur linji gwida ċari ħafna u faċli għal min jaqrahom, inklużi eżempji aktar konkreti meta jkun xieraq, kif mitlub minn diversi partijiet interessati;

11. Jilqa' b'sodisfazzjon il-kapitolu l-ġdid dwar l-iskambju ta' informazzjoni fl-abbozz il-ġdid ta' linji gwida orizzonatli; jinnota li din hija kwistjoni sensittiva fir-relazzjoni bejn il-kompetituri u li huwa essenzjali li l-impriżi jkunu jistgħu jidentifikaw liema informazzjoni tista' tiġi skambjata, bla ma jinħolqu effetti restrittivi fuq il-kompetizzjoni, partikolarment fil-kuntest tal-awtovalutazzjoni tal-ftehimiet;

12. Jilqa' b'sodisfazzjon ir-reviżjoni tal-kapitolu dwar l-istandardizzazzjoni fl-abbozz il-ġdid tal-linji gwida orizzonatli kif ukoll il-prijorità li ngħataw l-aspetti ambjentali fih; ifakkar fil-benefiċċji ċari ta' proċess trasparenti ta' stabbiliment tal-istandards; japprezza l-fatt, għalhekk, li d-dispożizzjonijiet bil-għan li jittrattaw l-inċertezza inerenti rigward l-eżistenza ta' drittijiet tal-proprjetà intellettwali f'dan il-kuntest u l-kundizzjonijiet kummerċjali li jiġu adottati għall-għoti ta' liċenzji ta' tali drittijiet; iqis li huwa importanti ferm li jiġi evitat tilwim wara l-adozzjoni ta' standards;

13. Jenfasizza l-importanza tar-rispett tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, li jikkontirbwixxu deċiżivament għall-innovazzjoni; ifakkar li l-kapaċità tal-innovazzjoni hija element ewlieni fil-ħolqien ta' ekonomija kompetittiva u fl-ilħuq tal-miri tal-UE 2020; jappoġġja l-prevenzjoni ta' kull abbuż tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali permezz ta' leġiżlazzjoni dwar il-kompetizzjoni, fost affarijiet oħra;

14. Jemmen, madankollu, li din il-kwistjoni għandha titqies f'qafas regolatorju sostantiv usa' u mhux biss f'kuntest ta' politika dwar il-kompetizzjoni; jisħaq fuq il-fatt li dan il-kapitolu tal-abbozz ġdid ta' linji gwida orizzontali għandu jitqies bħala parti minn qafas regolatorju integrat dwar il-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali;

15. Jaqbel mal-Kummissjoni li l-partijiet kollha ta' ftehim dwar ir-riċerka u l-iżvilupp għandhom jiżvelaw minn qabel id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali eżistenti u pendenti kollha tagħhom sakemm ikunu rilevanti għall-użu tar-riżultati tal-ftehim mill-partijiet l-oħra;

16. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Gvernijiet u lill-Parlamenti tal-Istati Membri.

## Iraq - b'mod partikolari l-piena tal-mewt (inkluż il-każ ta' Tariq Azziz) u l-attakki kontra l-komunitajiet Kristjani

P7_TA(2010)0448

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Novembru 2010 dwar l-Iraq: il-piena kapitali (speċifikament il-każ ta' Tariq Aziz) u l-attakki kontra l-komunitajiet Insara**

(2012/C 99 E/21)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar is-sitwazzjoni fl-Iraq,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-abolizzjoni tal-piena kapitali, b'mod partikolari r-riżolużżjoni tiegħu tas-26 ta' April 2007 dwar l-inizjattiva għal moratorju universali fuq il-piena kapitali ([1]),

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni 62/149 tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti tat-18 ta' Diċembru 2007, fejn intalab moratorju dwar l-użu tal-piena kapitali, u r-Riżoluzzjoni 63/168 tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti tat-18 ta' Diċembru 2008, fejn intalbet l-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni 62/149 tal-Assemblea Ġenerali,

— wara li kkunsidra d-diskors tal-Viċi President tal-Kummisjoni/ ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, Catherine Ashton, dwar il-politika tad-drittijiet tal-bniedem, waqt il-plenarja tas-16 ta' Ġunju 2010 fejn irrimarkat li l-abolizzjoni tal-piena kapitali fid-dinja kollha hi prijorità għall-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni finali adottata mir-4 Kungress Dinji Kontra l-Piena Kapitali, li sar f'Ġinevra bejn l-24 u s-26 ta' Frar 2010, li titlob l-abolizzjoni universali tal-piena kapitali,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 2 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill adotatti fis-16 ta' Novembru 2009 dwar il-libertà tar-reliġjon jew tat-twemmin, li jenfasizzaw l-importanza strateġika ta' din il-libertà u tal-ġlieda kontra l-intolleranza reliġjuża,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tan-NU tal-1981 dwar l-Eliminazzjoni tal-Forom Kollha tal-Intolleranza u d-Diskriminazzjoni abbażi tar-Reliġjon jew it-Twemmin,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tal-Viċi President tal-Kummisjoni/ ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, Catherine Ashton, dwar l-Iraq, b'mod partikulari dik tal-1 ta' Novembru 2010 wara l-attakk kontra dawk li kienu fil-Knisja tal-Madonna tas-Salvazzjoni f'Bagdad, fl-Iraq,

— wara li kkunsidra r-rapporti annwali tiegħu dwar il-qagħda tad-drittijiet tal-bniedem fid-dinja u r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-minoranzi reliġjużi fid-dinja,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 122(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

### *Il-piena kapitali (inkluż il-każ ta' Tariq Aziz)*

A. billi fis-26 ta' Ottubru 2010, it-Tribunal Għoli Iraqi kkundanna għall-mewt lill-*ex* Deputat Prim Ministru Iraqi, Tariq Aziz ta' 74 sena, flimkien ma' Sadoun Shakir, li kien Ministru tal-Intern, u Abed Hamoud, li kien Segretarju Privat ta' Saddam Hussein billi jekk jinċaħad l-appell kontra l-kundanna, hu probabbli li tiġi eżegwita fi żmien 30 ġurnata,

([1]) ĠU C 74 E, 20.3.2008, p. 775.

**Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2010**

B. billi waqt proċess preċedenti, Tariq Aziz ġie kkundannat għal 22 sena ħabs fi priġunerija solitarja u fil-fatt dik is-sentenza kienet waħda għal ħajtu minħabba s-saħħa fraġli ta' Tariq Aziz, li, fil-ħabs, bata minn diversi attakki ta' puplesija u problemi fil-pulmuni u ġie operat wara li sabulu d-demm magħqud f'moħħu,

C. billi l-President tal-Iraq, Jalal Talabani, iddikjara li mhux se jiffirma d-digriet għall-eżekuzzjoni għal Tariq Aziz; billi, skont il-Kostituzzjoni tal-Iraq, il-President għandu jirratifika l-kundanni għall-mewt, imma hemm mekkaniżmi biex l-eżekuzzjonijiet jitwettqu b'awtorità parlamentari,

D. billi l-fatt li Tariq Aziz ġie kkundannat għall-mewt ftit se jagħmel biex itejjeb l-atmosfera ta' vjolenza fl-Iraq, u billi l-Iraq jeħtieġ b'urġenza rikonċiljazzjoni nazzjonali,

E. billi l-UE hija impenjata b'mod qawwi li taħdem għall-abolizzjoni tal-piena kapitali kullimkien u qed tagħmel ħilitha biex dan il-prinċipju jiġi aċċettat universalment,

F. billi l-piena kapitali hija l-agħar kastig kiefer, inuman u degradanti, li jivvjola d-dritt għall-ħajja kif imħaddan fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem u hija att ta' tortura inaċċettabbli għall-Istati li jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem,

***L-attakki kontra l-komunitajiet Insara***

G. billi, fit-22 ta' Novembru 2010, żewġ Insara Iraqin inqatlu f'Mosul; billi, fl-10 ta' Novembru 2010, sensiela ta' attakki u bombardamenti kontra nħawi Nsara qatlu tal-anqas ħames persuni fil-belt kapitali Iraqina, Bagdad; u billi dawk l-attakki ġew wara li attivisti Islamisti ħatfu katidral Kattoliku Sirjak f'Bagdad fil-31 ta' Ottubru 2010, u ħallew mejta aktar minn 50 persuna li kienu hemm,

H. billi l-grupp militanti l-Istat Islamiku tal-Iraq, ikkunsidrat parti mill-moviment internazzjonali Al Qajda, iddikjara li hu responsabbli għall-qtil u ħalef li se jniedi attakki oħra kontra l-Insara,

I. billi l-Artikolu 10 tal-Kostituzzjoni tal-Iraq jistabbilixxi l-impenn tal-Gvern li jassigura u jżomm il-qdusija tal-postijiet qaddisin u s-siti reliġjużi; billi l-Artikolu 43 jiddikjara li dawk li jsegwu kwalunkwe grupp reliġjuż għandhom ikunu ħielsa jippratikaw ir-riti reliġjużi tagħhom u jimmaniġġjaw l-istituzzjonijiet reliġjużi tagħhom,

J. billi mijiet ta' eluf ta' Nsara ħarbu mill-pajjiż meta ffaċċjati b'attakki ripetuti kontra l-komunitajiet u l-knejjes tagħhom; billi ħafna mill-Assirjani Iraqin (il-Kaldej, is-Sirjaki u minoranzi Nsara oħra) li għad fadal issa huma persuni spustjati internament, peress li kellhom jaħarbu mill-vjolenza tal-estremisti mmirata lejhom,

K. billi l-Assrijani (il-Kaldej, is-Sirjaki u minoranzi Nsara oħra) jikkostitwixxu poplu antik u indiġenu li hu vulnerabbli ħafna għall-persekuzzjoni u l-emigrazzjoni sfurzata, u billi hemm periklu li l-kultura tagħhom tiġi estinta fl-Iraq,

L. billi l-vjolazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iraq, speċifikament kontra l-minoranzi etniċi u reliġjużi, għadhom jiġru f'livell għoli b'mod preokkupanti; billi s-sikurezza u d-drittijiet tal-minoranzi kollha, inklużi l-gruppi reliġjużi, iridu jiġu rispettati u protetti fis-soċjetajiet kollha,

M. billi l-UE kemm-il darba esprimiet l-impenn tagħha favur il-libertà tal-ħsieb, il-libertà tal-kuxjenza u l-libertà tar-reliġjon u saħqet fuq il-fatt li kull gvern għandu dmir li jiggarantixxi dawn il-libertajiet,

***Il-piena kapitali (inkluż il-każ ta' Tariq Aziz)***

1. Itenni l-oppożizzjoni tiegħu, li ilha stabbilita, għall-piena kapitali fil-każijiet u fiċ-ċirkostanzi kollha, anke għad-delitti tal-gwerra, id-delitti kontra l-umanità u l-ġenoċidju, u jenfasizza għal darb'oħra li l-abolizzjoni tal-piena kapitali tikkontribwixxi għat-tisħiħ tad-dinjità tal-bniedem u l-iżvilupp progressiv tad-drittijiet tal-bniedem;

2. Jiddispjaċih profondament, għalhekk, dwar id-deċiżjoni tal-Qorti Suprema Iraqina li tikkundanna għall-mewt lil Tariq Aziz, Sadoun Shakir u Abed Hamoud; jenfasizza, madankollu, l-importanza li dawk li jivvjolaw id-drittijiet tal-bniedem, inklużi (*ex*) politiċi, jinżammu responsabbli fil-qafas tal-istat tad-dritt u l-proċess xieraq;

3. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet Iraqin jerġgħu jikkunsidraw id-deċiżjoni tagħhom u ma jwettqux il-kundanna għall-mewt mogħtija mill-Qorti Suprema; jilqa' l-fatt li l-President Talabani ħabba li mhux se jiffirma d-digriet għall-eżekuzzjoni;

4. Iħeġġeġ lill-Gvern Iraqin jiffirma u jirratifika t-Tieni Protokoll Fakultattiv għall-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi fir-rigward tal-abolizzjoni tal-piena kapitali f'kull ċirkustanza, u jitlob moratorju immedjat fuq l-eżekuzzjonijiet;

5. Jindika li l-abolizzjoni sħiħa tal-piena kapitali għadha wieħed mill-objettivi ewlenin tal-politika tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem;

***L-attakki kontra l-komunitajiet Insara***

6. Jesprimi t-tħassib serju tiegħu fir-rigward ta' – u jikkundanna b'mod qawwi – l-attakki riċenti fuq il-komunitajiet Insara u komunitajiet reliġjużi oħra fl-Iraq, u l-abbuż tar-reliġjon minn dawk li jwettqu dawk l-atti;

7. Jistieden lill-awtoritajiet Iraqin biex iżidu radikalment l-isforzi tagħhom biex jipproteġu il-minoranzi Nsara u minoranzi vulnerabbli oħra, biex jintensifikaw l-azzjoni kontra l-vjolenza interetnika u biex jagħmlu ħilithom biex issir ġustizzja minn dawk li jwettqu dawn id-delitti f'konformità mal-prinċipji tal-istat tad-dritt u l-istandards internazzjonali;

8. Itenni l-appoġġ sħiħ tiegħu għall-popolazzjoni tal-Iraq u jistieden lill-entitajiet politiċi Iraqin kollha jaħdmu flimkien kontra t-theddida tal-vjolenza u t-terroriżmu; jenfasizza li jrid jiġi protett d-dritt tal-gruppi reliġjużi kollha li jinġabru flimkien u jitolbu b'mod ħieles; jiddeplora l-fatt li qed jiġu attakkati apposta postijiet fejn jinġabru persuni ċivili, inklużi l-postijiet ta' kult; jikkundanna bis-saħħa l-atti kollha ta' vjolenza kontra l-knejjes u l-postijiet ta' kult u jħeġġeġ lill-UE u lill-komunità internazzjonali jintensifikaw il-ġlieda kontra t-terroriżmu;

9. Jesprimi s-solidarjetà tiegħu mal-familji tal-vittmi u jesprimi kunfidenza li l-poplu Iraqi se jibqa' sod fiċ-ċaħda kontinwa tiegħu tal-isforzi mill-estremisti li jqanqlu tensjoni settarja;

10. Jilqa' d-dikjarazzjoni tal-Ministru Iraqi għall-Affarijiet Barranin tat-2 ta' Novembru 2010 li tistieden lill-awtoritajiet speċjalizzati u lill-forzi tas-sigurtà kollha biex iżommu sod kontra kull tentattiv għas-separazzjoni taċ-ċittadini Iraqin fuq bażi settarja jew razjali, u biex jipprovdu protezzjoni għaċ-ċittadini Iraqin u jissalvagwardjaw il-prattika reliġjuża;

11. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, b'mod partikulari lill-Viċi President tal-Kummisjoni/ ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, Catherine Ashton, jindirizzaw, fil-prospettiva tat-tħejjija tal-ewwel Ftehim ta' Sħubija u Koperazzjoni bejn l-UE u l-Iraq, il-problema tas-sikurezza fi ħdan il-fruntieri Iraqin bħal kwistjoni prijoritarja;

*

* *

12. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Viċi President tal-Kummisjoni/ ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lis-Segretarju Ġenerali tan-NU, lill-President tal-Assemblea Ġenerali tan-NU, lill-gvernijiet tal-istati membri tan-NU u lill-Gvern u l-Parlament tal-Iraq.

**Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2010**

# Tibet - pjanijiet biex iċ-Ċiniż isir il-lingwa ewlenija tat-tagħlim

P7_TA(2010)0449

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Novembru 2010 dwar it-Tibet – pjanijiet biex iċ-Ċiniż isir il-lingwa uffiċjali tat-tagħlim**

(2012/C 99 E/22)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar iċ-Ċina u t-Tibet, b'mod partikolari r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' April 2008 dwar it-Tibet ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 122(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertà tal-identità, il-kultura u r-reliġjon huwa prinċipju li l-Unjoni Ewropea hija msejsa fuqu kif ukoll prijorità tal-politika barranija tagħha,

B. billi r-Repubblika Popolari taċ-Ċina esprimiet x-xewqa tagħha ta' relazzjonijiet etniċi armonjużi bejn is-56 minoranza etnika,

C. billi fid-19 ta' Ottubru 2010 madwar 1 000 student ta' etniċità Tibetana mmarċjaw fit-toroq ta' Tongren, magħrufa wkoll bħala Rebkong, biex jopponu b'mod paċifiku pjan biex iċ-Ċiniż Mandarin jiġi stabbilit bħala l-lingwa uffiċjali tat-tagħlim fl-iskejjel fir-reġjun; billi fit-23 ta' Ottubru 2010 l-protesta nfirxet għall-provinċja ta' Qingai u għal Pekin, fejn 400 student Tibetan li jistudjaw fl-Università ta' Minsu organizzaw dimostrazzjoni,

D. billi l-lingwa Tibetana, bħala whada mill-erba' lingwi l-aktar antiki u l-aktar oriġinali tal-Asja, hija katalist fundamentali għall-identità, il-kultura u r-reliġjon Tibetani, iżda tikkostitwixxi wkoll, flimkien mal-kultura Tibetana kollha kemm hi, parti insostitwibbli tal-patrimonju dinji; billi l-lingwa Tibetana, ix-xhieda ta' ċivilizzazzjoni storikament għanja, hija element fundamentali u insostitwibbli tal-identità, il-kultura u r-reliġjon Tibetani,

E. billi l-lingwi jesprimu l-attitudnijiet soċjali u kulturali ta' komunità, billi l-lingwa komuni ta' komunità hija fattur determinanti tal-kultura, u billi l-lingwi juru imġiba u modi ta' ħsieb soċjali u kolturali speċifiċi ħafna,

F. billi ġie stabbilit li l-edukazzjoni bilingwi bil-lingwa materna hija l-mezz l-aktar effikaċi għal bilingwiżmu awtentiku għat-Tibetani, u billi din il-"politika għal edukazzjoni bilingwi tal-mudell 1" wasslet konsistentement għall-ogħla rati ta' ammissjonijiet universitarji għall-istudenti tal-iskejjel sekondarji Tibetani fir-reġjun Tibetan,

G. billi fl-iskejjel elementari, primarji u sekondarji fiż-żoni kollha amministrati mill-Gvern Reġjonali Awtonomu tat-Tibet, il-lingwa Tibetana qed tinbidel gradwalment biċ-Ċiniż, u li ġeneralment id-dokumenti uffiċjali ma jkunux disponibbli bit-Tibetan,

H. billi bidliet fil-politika dwar l-edukazzjoni jillimitaw l-użu tal-lingwa Tibetana fl-iskejjel, peress li l-kotba u s-suġġetti kollha, ħlief it-Tibetan u l-Ingliż, ikunu biċ-Ċiniż Mandarin,

I. billi fit-13 ta' Settembru 2007 r-Repubblika Popolari taċ-Ċina (RPĊ), flimkien ma' 142 pajjiż ieħor, ivvutat biex tadotta d-Dikjarazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni, li l-Artikolu 14 tagħha jiddikjara li "l-popli indiġeni għandhom id-dritt jistabbilixxu u jikkontrollaw is-sistemi u l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni tagħhom filwaqt li jipprovdu l-edukazzjoni bil-lingwi tagħhom stess, b'mod xieraq għall-metodi kulturali tagħhom ta' tagħlim",

([1]) ĠU C 247 E, 15.10.2009, p. 5.

J. billi, minħabba d-dominanza tal-lingwa Ċiniża, qed jiżdiedu l-preokkupazzjonijiet rigward il-prospettivi ta' impjieg fost l-istudenti gradwati f'żoni Tibetani billi, skont il-pożizzjoni ffirmata mill-għalliema u l-istudenti, il-biċċa l-kbira tal-istudenti Tibetani qatt ma kienu f'ambjent li jitkellem b'mod predominanti ċ-Ċiniż u għalhekk mhumiex kapaċi jikkomunikaw biċ-Ċiniż,

1. Jikkundanna t-trażżin dejjem akbar tal-eżerċitar tal-libertajiet kulturali, lingwistiċi u reliġjużi u ta' libertajiet fundamentali oħra tat-Tibetani, u jisħaq fuq il-ħtieġa li titħares u tiġi protetta l-identità distinta kulturali, reliġjuża u nazzjonali tas-sitt miljun Tibetan kif ukoll li jiġu indirizzati l-preokkupazzjonijiet rigward ir-repressjoni u l-marġinalizzazzjoni tal-lingwa Tibetana, li hija l-bażi tal-identità Tibetana;

2. Jieħu nota tal-preokkupazzjonijiet rigward it-tentattivi li jitnaqqas il-valur tal-lingwa Tibetana, u jisħaq fuq il-fatt li biex l-edukazzjoni bilingwi tirnexxi, it-Tibetan irid ikun il-lingwa nazzjonali;

3. Jistieden lill-awtoritajiet Ċiniżi jimplimentaw l-Artikolu 4 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina u l-Artikolu 10 tal-Liġi dwar l-Awtonomija Nazzjonali Reġjonali (LANR) li jiggarantixxu "l-libertà tan-nazzjonalitajiet kollha li jużaw u jiżviluppaw il-lingwi mitkellma u miktuba tagħhom stess";

4. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet Ċiniżi jappoġġjaw politika ġenwina ta' bilingwiżmu, li permezz tagħha s-suġġetti kollha, inklużi l-matematika u x-xjenza, ikunu jistgħu jiġu mgħallma bil-lingwa Tibetana, il-lingwa Ċiniża tissaħħaħ, u l-awtoritajiet u l-komunitajiet lokali jingħataw is-setgħa li jieħdu deċiżjonijiet dwar il-lingwa tat-tagħlim;

5. Iqis li kull minoranza etnika għandha d-dritt tħares il-lingwa u l-kitbiet tagħha stess; huwa tal-fehma li sistema ġusta ta' edukazzjoni bilingwi tikkontribwixxi għal koperazzjoni u ftehim aħjar meta l-poplu Tibetan jitgħallem iċ-Ċiniż, filwaqt li fl-istess ħin il-poplu Han li jgħix f'żoni Tibetani jitħeġġeġ jitgħallem il-lingwa Tibetana;

6. Jenfasizza li, bl-introduzzjoni taċ-Ċiniż bħala l-lingwa ewlenija tat-tagħlim, il-kwalità tal-edukazzjoni għall-biċċa l-kbira tal-istudenti sekondarji tat-Tibet tmur lura b'mod sinifikanti, u li għalhekk is-suġġetti skolastiċi kollha, kif ikun l-aktar xieraq, għandhom jiġu mgħallma biss bil-lingwa materna Tibetana;

7. Jistieden lill-awtoritajiet Ċiniżi jagħmlu kull sforz biex inaqqsu l-iżvantaġġi lingwistiċi u kulturali li jaffaċċjaw it-Tibetani fl-impjieg urban, għalkemm bl-applikazzjoni ta' metodi li ma jkunux ta' ħsara għal-lingwa u l-kultura Tibetani;

8. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea, lir-RGħ/VP u lill-Istati Membri jħeġġu lill-Gvern Ċiniż jiżgura, l-ewwel nett, li d-dritt tal-espressjoni paċifika mill-istudenti jitħares u li l-awtoritajiet rilevanti jindirizzaw l-ilmenti tagħhom b'mod sostanzjali u xieraq, u, it-tieni, li r-"Regolamenti tal-2002 dwar l-Istudju, l-Użu u l-Iżvilupp tal-Lingwa Tibetana" jiġu implimentati sew, skont il-Liġi dwar l-Awtonomija Etnika Reġjonali;

9. Jitlob lill-Kummissjoni tirrapporta dwar l-użu tal-fond mitlub għall-appoġġ tas-soċjetà ċivili Tibetana fiċ-Ċina u fl-eżilju fil-qafas tal-baġit 2009 (EUR miljun), u jisħaq fuq il-ħtieġa li titħares il-kultura Tibetana, partikolarment fl-eżilju;

10. Jistieden għal darb'oħra liċ-Ċina tirratifika l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, u jiddeplora t-trattament li spiss ikun diskriminatorju tal-minoranzi etniċi u reliġjużi fiċ-Ċina;

11. Jitlob lill-awtoritajiet Ċiniżi jagħtu aċċess lill-midja barranija għat-Tibet, inklużi ż-żoni Tibetani barra r-Reġjun Awtonomu Tibetan, u jabolixxu s-sistema ta' permessi speċjali obbligatorji;

12. Jistieden lir-rappreżentanti diplomatiċi tal-UE f'Pekin iżuru r-reġjun u jirrappurtaw lill-Kunsill u lir-RGħ/VP dwar is-sitwazzjoni attwali fir-rigward tal-kwistjoni tal-edukazzjoni u l-lingwa;

13. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Gvernijiet u l-Parlamenti tal-Istati Membri, lill-Gvern u l-Parlament tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina, u lis-Santità Tiegħu, id-Dalai Lama.

**Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2010**

## Burma - it-tmexxija tal-elezzjonijiet u l-ħelsien tal-kap tal-oppożizzjoni Aung San Suu Kyi

P7_TA(2010)0450

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Novembru 2010 dwar il-Burma – il-mod kif saru l-elezzjonijiet u l-ħelsien tal-kap tal-oppożizzjoni Aung San Suu Kyi**

(2012/C 99 E/23)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-Burma, l-aktar reċenti dik tal-20 ta' Mejju 2010 ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 18 sa 21 tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem (UDHR) tal-1948,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 25 tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (ICCPR) tal-1966,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tal-Presidenza tal-UE tat-23 ta' Frar 2010 li sejħet għal djalogu globali inklussiv bejn l-awtoritajiet u l-forzi demokratiċi fil-Burma/Mjanmar,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-President tal-Parlament Ewropew Jerzy Buzek tal-11 ta' Marzu 2010 dwar il-liġijiet il-ġodda tal-Burma dwar l-elezzjonijiet,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tal-President tas-16-il Samit tal-ASEAN li sar f'Hanoi fid-9 ta' April 2010,

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Burma/Mjanmar adottat fit-3009 laqgħa tal-Kunsill tal-Affarijiet Barranin li saret fil-Lussemburgu fis-26 ta' April 2010,

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew, Dikjarazzjoni dwar il-Burma, tad-19 ta' Ġunju 2010,

— wara li kkunsidra r-rapport tas-Segretarju Ġenerali tan-NU tat-28 ta' Awwissu 2009 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Burma,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni mis-Segretarju Ġenerali tan-NU Ban Ki-moon f'Bangkok fis-26 ta' Ottubru 2010,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-President tat-8 laqgħa Ażja-Ewropa f'Ottubru 2010,

— wara li kkunsidra r-rapport tas-Segretarju Ġenerali tan-NU tal-15 ta' Settembru 2010 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Burma,

— wara li kkunsidra l-Istqarrija mir-Rappreżentant Għoli tas-7 ta' Novembru 2010 dwar l-elezzjonijiet fil-Burma,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tas-Segretarju Ġenerali tan-NU u tal-President tal-Parlament Ewropew Jerzy Buzek tat-8 ta' Novembru 2010 dwar l-elezzjonijiet fil-Burma,

([1]) Testi adottati, P7_TA(2010)0196.

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tas-Segretarju Ġenerali tan-NU tat-13 ta' Novembru 2010 dwar il-ħelsien ta' Daw Aung San Suu Kyi,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni mill-President tal-Kunsill Ewropew u r-Rappreżentant Għoli tat-13 ta' Novembru 2010 dwar il-ħelsien ta' Aung San Suu Kyi,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-22 ta' Novembru 2010 dwar il-Burma,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 122 (5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi fit-13 ta' Novembru 2010 filgħaxija, inqas minn ġimgħa wara li saru l-elezzjonijiet nazzjonali kkontestati, Aung San Suu Kyi nħelset wara li kienet qattgħet 15 mill-aħħar 21 sena taħt arrest domiċiljarju,

B. billi fis-7 ta' Novembru 2010 il-Burma kellha l-ewwel elezzjonijiet nazzjonali tagħha f'iktar minn 20 sena; billi l-elezzjonijiet preċedenti fl-1990 kienu ntrebħu min-National League for Democracy (NLD) ta' Aung San Suu Kyi,

Ċ. billi l-aħħar elezzjonijiet kienu bbażati fuq il-Kostituzzjoni kontroversjali introdotta fl-2008, li tiggarantixxi li l-militari Burmiża jkollhom kwart tas-siġġijiet parlamentari kollha, u ma kienx sorprendenti li l-elezzjonijiet intrebħu mill-Union Solidarity and Development Party (USDP) li huwa appoġġat mill-militari,

D. billi l-awtoritajiet Burmiżi introduċew bosta liġijiet ġodda qabel l-elezzjonijiet tas-7 ta' Novembru, li llimitaw il-libertà tal-espressjoni u l-kritika ħielsa tal-gvern, biex b'hekk kien hemm restrizzjonijiet kbar fuq l-attivitajiet politiċi u tal-kampanji tal-partiti politiċi, u ripressjoni tas-sejħiet interni għal-ħelsien tal-priġunieri politiċi, u billi l-elezzjonijiet ma ssodisfawx l-istandards internazzjonali,

E. billi l-Partit favur il-ġunta Union Solidarity and Development Party (USDP) seta' joħroġ kandidati fi kważi l-kostitwenzi kollha, filwaqt li l-partiti prodemokratiċi bħan-National Democratic Force (NLD) kienu limitati li joħorġu biss kandidati fi ftit kostitwenzi, l-iktar minħabba li kellhom ftit żmien biex jiġbru l-fondi għall-elezzjoni jew biex jorganizzaw irwieħhom sewwa,

F. billi n-National League for Democracy (NLD) iddeċieda li jagħmel bojkott kontra l-elezzjonijiet fid-dawl tal-kundizzjonijiet imposti fuq il-parteċipazzjoni; billi l-NLD safa xolt bil-liġi fis-6 ta' Mejju 2010, wara li ma rreġistrax għall-elezzjonijiet,

G. billi l-elezzjonijiet saru fi klima ta' biża', intimidazzjoni u rassenjazzjoni u billi mijiet ta' eluf ta' ċittadini Burmiżi, inklużi patrijiet Buddisti u priġunieri politiċi, ma tħallewx jivvutaw jew joħorġu għall-elezzjonijiet,

H. billi kien hemm ħafna lmenti kemm dwar il-bażi tal-elezzjonijiet kif ukoll dwar il-mod kif saru, b'nuqqas li jiġi protett is-sigriet tal-votazzjoni, l-isfurzar tal-impjegati tal-gvern, u sforzi militari biex il-Karens etniċi, pereżempju, jiġu mġiegħla jivvutaw għal partiti appoġġati mill-ġunta,

I. billi l-Kostituzzjoni kkontestata tal-2008 tipprojbixxi lil Aung San Suu Kyi milli jkollha kariga pubblika,

J. billi, sakemm ma jkunx revokat, il-ħelsien ta' Aung San Suu Kyi jista' jiġi interpretati bħala l-ewwel pass fid-direzzjoni t-tajba; billi, madankollu, bosta esprimew tħassib dwar is-sikurezza ta' Aung San Suu Kyi u nnotaw li kienet qed tinżamm taħt sorveljanza mis-servizzi statali tas-sigurtà,

K. billi, filwaqt li Aung San Suu Kyi inħelset, aktar minn 2 200 attivist prodemokratiku ieħor għadhom qed jinżammu bħala priġunieri, flimkien ma' ħafna mill-patrijiet Buddisti li mexxew il-protesti kontra l-gvern fl-2007 u l-ġurnalisti li rrappurtaw il-protesti,

**Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2010**

L. billi mill-2003 l-Gvern tal-Burma rrifjuta kull suġġeriment li sarlu min-Nazzjonijiet Uniti u mill-komunità internazzjonali dwar kif jista' jirriforma l-pjan tiegħu ta' "r-rotta lejn id-demokrazija" f'seba' stadji,

M. billi l-armata Burmiża tibqa' twettaq ksur atroċi tad-drittijiet tal-bniedem kontra pajżani fl-artijiet tal-poplu etniku Karen fuq il-fruntiera mat-Tajlandja, azzjonijiet li jinkludu qtil mhux ġudizzjarju, xogħol furzat u vjolenza sesswali; u billi eluf ta' rifuġjati Burmiżi daħlu t-Tajlandja l-għada tal-elezzjonijiet minħabba taqbid bejn l-armata Burmiża u l-gruppi ribelli etniċi,

N. billi l-Burma tkompli tirrekluta suldati tfal bil-forza u b'mod sistematiku u mifrux,

O. billi n-Nazzjonijiet Uniti, l-UE u l-Istati Membri tagħha, l-Istati Uniti u bosta gvernijiet oħra madwar id-dinja qalu li sabiex tinsab soluzzjoni dejjiema għall-problemi tal-Burma, huwa essenzjali li jsiru diskussjonijiet tripartitiċi bejn Aung San Suu Kyi u n-National League for Democracy, ir-rappreżentanti tal-minoranzi etniċi tal-Burma, u l-ġunta Burmiża; u billi l-gvern tal-Burma għadu jirrifjuta li jidħol f'diskussjonijiet ta' dan it-tip,

P. billi l-UE imponiet miżuri restrittivi fuq ir-reġim Burmiż mill-1996, inkluż l-iffriżar tal-assi ta' xi 450 individwu u 62 entità, projbizzjoni tal-ivvjaġġar, projbizzjoni tal-esportazzjoni tat-tagħmir militari, u aktar reċentement, projbizzjoni tat-tagħmir għall-qtugħ tas-siġar u għal-minjieri u tal-impotazzjoni ta' ċerti tipi ta' njam, ħaġar prezzjuż u minerali, sa meta jkun hemm evidenza ta' bidla ġenwina fid-direzzjoni tad-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem, il-libertà tal-espressjoni u l-istat tad-dritt,

1. Jilqa' l-ħelsien reċenti ta' Aung San Suu Kyi, iżda jiddeplora l-fatt li nħelset biss wara l-elezzjonijiet, biex b'hekk kien impossibbli li tkun tista' tipparteċipa attivament fil-kampanja tal-oppożizzjoni matul l-elezzjonijiet; jinsisti li l-libertà li għadha kif kisbet mill-ġdid tkun waħda bla kundizzjonijiet u limitazzjonijiet;

2. Jiddispjaċih bil-kbir li l-ġunta militari Burmiża fil-gvern irrifjutat li torganizza elezzjonijiet ħielsa u ġusti fil-Burma fis-7 ta' Novembru;

3. Jiddeplora r-restrizzjonijiet imposti mill-ġunta militari fil-gvern fuq il-partiti ewlenin tal-oppożizzjoni, kif ukoll ir-restrizzjonijiet fuq il-libertà tal-midja biex tirrapporta u timmonitorja l-elezzjonijiet;

4. Jiddeplora n-nuqqas ta' trasparenza fl-organizzazzjoni tal-votazzjoni u l-għadd tal-voti, ir-rifjut mill-militari li jaċċettaw osservaturi internazzjonali u d-dewmien tat-tħabbir tar-riżultati;

5. Jiddeplora l-fatt li l-kostituzzjoni l-ġdida tiggarantixxi li l-militari Burmiża jkollhom minimu ta' kwart tas-siġġijiet kollha fil-parlament, li huma biżżejjed biex ikollhom veto għal kwalunkwe bidla kostituzzjonali, kif ukoll jippermettu li l-militari jissospendu l-libertajiet ċivili u l-parlament kull meta jidhrilhom li jkun meħtieġ;

6. Jinnota l-parteċipazzjoni ristretta fil-votazzjoni min-naħa tal-partiti tal-oppożizzjoni li kellhom jieħdu deċiżjoni diffiċli dwar jekk kellhomx jagħmlu bojkott tal-elezzjonijiet jew le, u jqis li l-parteċipazzjoni tal-oppożizzjoni u r-rappreżentanti etniċi kemm fl-assemblea nazzjonali kif ukoll reġjonali, avolja f'livell limitat ħafna, tista' tikkostitwixxi l-bidu ta' normalizzazzjoni u forsi toffri opportunità għal bidla;

7. Jikkundanna bil-qawwa l-ksur li jinsab għaddej tal-libertajiet fundamentali u d-drittijiet demokratiċi bażiċi tal-poplu Burmiż f'idejn il-ġunta militari Burmiża;

8. Iħeġġeġ lill-Gvern tal-Burma biex jeħles lill-2 200 priġunier politiku li fadal mingħajr dewmien, bl-ebda prekundizzjoni, kif ukoll biex jagħtihom lura d-drittijiet politiċi kollha tagħhom; jinsisti wkoll li l-awtoritajiet Burmiżi ma jwettqux aktar arresti b'motivazzjoni politika;

9. Jistieden bil-qawwa lir-reġim Burmiż biex ineħħi r-restrizzjonijiet fuq il-libertà tal-assemblea, il-moviment ħieles u l-libertà tal-espressjoni, u jitlob li tintemm iċ-ċensura għal raġunijiet politiċi tal-midja, kif ukoll il-kontroll tal-internet u n-netwerk tat-telefowns ċellulari għal raġunijiet politiċi;

10. Jikkundanna bil-qawwa l-vjolenza li faqqgħet wara bosta ilmenti ta' intimidazzjoni fil-Punent tal-Burma, fil-belt ta' Myawaddy; l-isparar vjolenti bejn il-militari Burmiża u r-ribelli etniċi ġiegħel lil eluf ta' persuni biex jaqsmu l-fruntiera mat-Tajlandja;

11. Jiddispjaċih bil-qawwa li l-awtoritajiet Burmiżi rrifjutaw kull offerta ta' għajnuna teknika u ta' servizzi ta' monitoraġġ min-NU, u jikkundanna r-restrizzjonijiet imposti fuq il-midja barranija li ppruvat tirrapporta minn ġewaa l-Burma;

12. Jikkundanna l-fatt li l-pubblikazzjonijiet ta' tal-inqas disa' gazzetti u rivisti ġiet posposta mill-Kunsill Superviżorju tal-Midja, li skontu dawn il-pubblikazzjonijiet ma rrispettawx ir-regoli meta ppubblikaw ritratt tal-ħelsien ta' Aung San Suu Kyi;

13. Iħeġġeġ lir-reġim Burmiża bil-qawwa biex jidħol f'diskussjonijiet ma' Aung San Suu Kyi u n-National League for Democracy, kif ukoll mar-rappreżentanti tal-minoranzi etniċi; jilqa' f'dan il-kuntest l-isforzi ta' medjazzjoni tas-Segretarju Ġenerali tan-NU u tar-Rapporteur Speċjali tiegħu fil-Burma;

14. Jistieden mhux biss lill-komunità internazzjonali, inklużi ċ-Ċina, l-Indja u r-Russja bħala s-sħab kummerċjali ewlenin tal-Burma, iżda wkoll lill-ASEAN, biex ma jibqħux jappoġġaw lir-reġim mhux demokratiku li jistagħna minn fuq dahar il-poplu tiegħu u biex jagħmlu iktar pressjoni għal bidliet pożittivi fil-pajjiż; jemmen barra minn hekk li l-Karta tal-ASEAN lill-Istati Membri tal-ASEAN tagħtihom responsabbiltà speċjali u obligu morali li jaġixxu fil-każ ta' ksur sistematiku tad-drittijiet tal-bniedem f'pajjiż membru;

15. Jerġa' jtenni l-appoġġ tiegħu għad-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-26 ta' April 2010 li testendi b'sena oħra l-miżuri restrittivi pprovduti fid-deċiżjoni kurrenti tal-UE; iħeġġeġ lill-awtoritajiet Burmiżi biex jieħdu l-passi meħtieġa ħalli dawn il-miżuri jkunu jistgħu jiġu rikunsidrati;

16. Jesprimi tħassib dar il-kundizzjonijet fil-ħabsijiet u f'faċilitajiet ta' detenzjoni oħra, u dwar rapporti konsistenti tal-maltrattament tal-priġunieri tal-kuxjenza, inkluża t-tortura, u dwar it-twarrib tal-priġunieri tal-kuxjenza f'ħabsijiet iżolati 'l bogħod mill-familji tagħhom, fejn ma jistgħx jirċievu ikel u mediċina; jistieden ukoll lill-awtoritajiet Burmiżi biex minnufih jippermettu t-trattament mediku tal-priġunieri kollha u jħallu lill-Kumitat Internazzjonali tas-Salib l-Aħmar jissokta biż-żjajjar tiegħu lill-priġunieri kollha;

17. Jesprimi t-tħassib profond tiegħu dwar it-tfaqqigħ mill-ġdid tal-kunflitt bl-armi f'xi nħawi, u jistieden lill-Gvern tal-Burma biex jipproteġi l-popolazzjoni ċivili fil-partijiet kollha tal-pajjiż u biex dawk kollha kkonċernati jirrispettaw il-ftehimiet eżistenti tal-waqfien mill-ġlied;

18. Jistieden lill-UE u lill-istati Membri tagħha biex jutilizzaw l-influwenza ekonomika u politika kollha tagħhom biex ireġġgħu lura l-ħelsien u d-demokrazija fil-Burma; iħeġġeġ lill-istati membri u lill-UE biex ikomplu jipprovdu finanzjament għar-rifuġjati fil-fruntiera bejn it-Tajlandja u l-Burma;

19. Itenni u japprova l-istedina tal-President tiegħu lil Aung San Suu Kyi biex tattendi ċ-ċerimonja tal-għoti tal-Premju Sakharov fi Strasburgu f'Diċembru; jenfasizza li, jekk tkun tista' tattendi, tingħata uffiċjalment il-Premju Sakharov li rebħet fl-1990 għal dak kollu li għamlet biex iġġib 'il quddiem id-demokrazija u l-ħelsien fil-Burma;

20. Jinsisti li l-libertà tal-espressjoni u l-libertà fiżika ta' Aung San Suu Kyi, inluż id-dritt mhux ristrett tagħha li tivvjaġġa liberament u fis-sikurezza madwar Burma u barra mill-pajjiż, u li terġa' lura fil-Burma, għandu jkun garantit mir-reġim Burmiż u s-servizzi li jikkontrolla;

21. Jilqa' d-deċiżjoni li ħa l-Presidenet tal-Parlament Ewropew li jibgħat delegazzjoni Parlamentari fil-Burma biex tippreżenta lil Aung San Suu Kyi l-Premju Sakharov li rebħet, jekk ma tkunx tista' tattendi ċerimonja tal-għoti tal-premju fi Strasburgu;

22. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lil Aung San Suu Kyi, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lill-Mibgħut Speċjali tal-UE għall-Burma, lill-Kunsill tal-Istat tal-Burma għall-Paċi u għall-Iżvilupp, lill-gvernijiet tal-istati membri tal-ASEAN u tal-ASEM, lis-segretarjat tal-ASEM, lill-Caucus Interparlamentari tal-ASEAN dwar il-Myanmar, lis-Segretarju Ġenerali tan-NU, lill-Kummissarju Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU u lir-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-Burma.

**Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2010**

# Il-ġlieda kontra l-kanser kolorettali fl-Unjoni Ewropea

P7_TA(2010)0451

**Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Novembru 2010 dwar il-ġlieda kontra l-kanser kolorettali fl-Unjoni Ewropea**

(2012/C 99 E/24)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi fl-UE hemm aktar minn 400 000 każ ġdid ta' kanser kolorettali (CRC) u 200 000 ruħ fis-sena imutu minħabba fih, u billi s-CRC huwa t-tieni l-akbar kawża tal-imwiet bil-kanser,

B. billi s-CRC huwa assoċjat ma' fatturi ta' stil ta' ħajja (obeżità, nuqqas ta' eżerċizzju, konsum tal-alkol u tipjip) u meta dawn il-fatturi jkunu indirizzati jitnaqqas l-iżvilupp tas-CRC,

C. billi l-iskrining f'ċerti pajjiżi tal-UE diġà naqqas il-mortalità marbuta mas-CRC, filwaqt li f'pajjiżi oħrajn għadu ma ngħatax bidu għal dawn l-attivitajiet ta' skrining,

D. billi s-sejbien bikri tas-CRC mhux biss iwassal għal tnaqqis fir-rata ta' mortalità ta' 40 %, iżda jnaqqas ukoll b'mod sinifikanti l-ispiża tat-trattament,

E. billi, skont il-Kummissjoni, il-ġlieda kontra s-CRC għandha tkun prijorità fis-saħħa pubblika, minħabba li l-imwiet bis-CRC jistgħu jiġu evitati bil-mezzi mediċi disponibbli fl-UE,

1. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri:

— biex jappoġġjaw il-kampanji ta' kuxjenza fl-UE dwar fatturi ta' stil ta' ħajja li jikkawżaw is-CRC, immirati l-aktar lejn l-adoloxxenti u l-adulti żgħażagħ,

— biex jinkuraġġixxu l-implimentazzjoni tal-aħjar prattiki tal-iskrining tas-CRC fil-pajjiżi kollha tal-UE u biex jippubblikaw rapporti ta' progress kull sentejn,

— biex jagħmlu t-tixrid tar-riċerka u l-għarfien marbuta mal-iskrining tas-CRC prijorità fil-programmi ta' ħidma futuri tal-Programm ta' Qafas għar-Riċerka 7 u tal-Programm ta' Saħħa tal-UE,

— biex jintroduċu programmi nazzjonali ta' skrining tas-CRC, skont il-linji gwida tal-UE;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji ([1]), lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

---

([1]) Il-lista tal-firmatarji hija ppublikata fl-Anness 1 tal-Minuti tal-25 ta' Novembru 2010 (P7_PV(2010)11-25(ANN1)).

## Camp Ashraf

P7_TA(2010)0452

**Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Novembru 2010 dwar Camp Ashraf**

(2012/C 99 E/25)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar id-drittijiet tal-bniedem fl-Iran,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' April 2009 dwar Camp Ashraf ([1]) fejn jgħixu 3 400 dissident Iranjan, inklużi 1 000 mara, li lkoll huma "Persuni Protetti" skont ir-4 Konvenzjoni ta' Ġinevra,

— wara li kkunsidra t-tneħħija tal-PMOI tal-oppożizzjoni mil-lista s-sewda tal-UE fl-2009,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi ħafna qraba tar-residenti ta' Ashraf ġew ikkundannati għall-mewt mir-reġim Iranjan wara li żaru lill-familji tagħhom f'Ashraf,

B. billi l-Gvern Iraqi naqas milli jirrispetta r-riżoluzzjoni tal-PE u qed ikompli b'assedju bla ħniena tal-kamp;

C. billi r-residenti għadhom qed iġarbu pressjonijiet esterni bil-pretest li l-PMOI għadha fuq il-lista s-sewda tal-Istati Uniti;

D. billi f'Lulju 2010 l-Qorti tal-Appell tal-Istati Uniti f'Washington ħarġet sentenza favur il-PMOI u ħeġġet lid-Dipartiment tal-Istat biex jirrevedi d-deċiżjoni tiegħu li dawn jinżammu fuq il-lista s-sewda tat-terroristi tal-Istati Uniti;

E. billi l-forzi tal-Istati Uniti u tan-Nazzjonijiet Uniti rtiraw minn Ashraf u r-residenti issa jinsabu vulnerabbli għall-attakki,

1. Jitlob lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika għas-Sigurtà biex theġġeġ lill-Istati Uniti biex jimxu fuq l-eżempju tal-UE u jneħħu l-PMOI mil-lista s-sewda u biex theġġeġ lin-NU biex jipprovdu protezzjoni urġenti f'Ashraf;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji ([2]), lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

([1]) ĠU C 184 E, 8.7.2010, p. 62.
([2]) Il-lista tal-firmatarji hija ppublikata fl-Anness 2 tal-Minuti tal-25 ta' Novembru 2010 (P7_PV(2010)11-25(ANN2)).

**It-Tlieta 23 ta' Novembru 2010**

III

*(Atti preparatorji)*

## IL-PARLAMENT EWROPEW

# Mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE - Irlanda - għargħar f'Novembru 2009

P7_TA(2010)0403

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Novembru 2010 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE, skont il-punt 26 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba (COM(2010)0534 – C7-0283/2010 – 2010/2216(BUD))**

(2012/C 99 E/26)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2010)0534 – C7-0283/2010),

— Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba ([1]), u b'mod partikulari l-punt 26 tiegħu,

— Wara li kkunsidraw ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea ([2]),

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, adottata waqt il-laqgħa ta' konċiljazzjoni fis-17 ta' Lulju 2008 dwar il-Fond ta' Solidarjetà,

— wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A7-0328/2010),

1. Japprova d-deċiżjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma din id-deċiżjoni flimkien mal-President tal-Kunsill u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni, flimkien mal-anness tagħha, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

([1]) ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.
([2]) ĠU L 311, 14.11.2002, p. 3.

**It-Tlieta 23 ta' Novembru 2010**

ANNESS

## DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**tal-xxx ta' Novembru 2010**

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea skont il-punt 26 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba ([1]), u b'mod partikulari l-punt 26 tiegħu,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea ([2]),

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) L-Unjoni Ewropea ħolqot Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (il "Fond") biex turi solidarjetà mal-popolazzjoni ta' reġjuni milqutin minn diżastri.

(2) Il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta Mejju 2006 jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-Fond fil-livell massimu annwali ta' EUR 1 biljun.

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 2012/2002 fih id-dispożizzjonijiet li bihom il-fond jista' jkun immobilizzat.

(4) L-Irlanda ressqet applikazzjoni għall-mobilizzazzjoni tal-Fond, fir-rigward ta' diżastru kkawżat minn għargħar qawwi,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea għandu jiġi mmobilizzat sabiex jipprovdi s-somma ta' EUR 13 022 500 f'approprjazzjonijiet għall-impenji u għall-ħlasijiet.

*Artikolu 2*

Id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata *fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi,

*Għall-Parlament Ewropew*
*Il-President*

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

---

([1]) ĠU C 139, 14.06.2006, p. 1.
([2]) ĠU L 311, 14.11.2002, p. 3.

**It-Tlieta 23 ta' Novembru 2010**

## Mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni: Noord Brabant u Zuid Holland, Diviżjoni 18/L-Olanda

P7_TA(2010)0404

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Novembru 2010 dwar proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda (applikazzjoni EGF/2009/027 NL/Noord Brabant u Zuid Holland, Diviżjoni 18 mill-Olanda) (COM(2010)0529 – C7-0309/2010 – 2010/2225(BUD))**

(2012/C 99 E/27)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2010)0529 – C7-0309/2010),

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja soda ([1]) (Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006), u b'mod partikulari l-punt 28 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni ([2]) (ir-Regolament FEAG),

— wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A7-0318/2010),

A. billi l-Unjoni Ewropea stabbiliet l-istrumenti leġiżlattivi u baġitarji xierqa biex jipprovdu appoġġ addizzjonali lill-ħaddiema li qed ibatu mill-konsegwenzi ta' bidliet strutturali kbar fix-xejriet kummerċjali globali u biex jgħinuhom jerġgħu jintegraw fis-suq tax-xogħol,

B. billi l-għan tal-FEAG ġie mwessa' għall-applikazzjonijiet imressqa wara l-1 ta' Mejju 2009 biex jinkludi sostenn lill-ħaddiema li jitilfu l-impjieg b'riżultat dirett tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali,

C. billi l-assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-ħaddiema li sfaw sensjati għandha tkun dinamika u disponibbli malajr u b'mod effiċjenti kemm jista' jkun, skont id-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni adottata waqt il-laqgħa ta' konċiljazzjoni tas-17 ta' Lulju 2008, u b'kunsiderazzjoni xierqa għall-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 dwar l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet biex jiġi mmobilizzat l-FEAG,

D. billi l-Olanda talbet għajnuna fir-rigward ta' każijiet li jikkonċernaw 821 sensja f'70 intrapriża li joperaw fid-Diviżjoni 18 tar-Reviżjoni 2 tan-NACE (stampar u r-riproduzzjoni ta' midja rrekordjata) fiż-żewġ reġjuni kontigwi NUTS II ta' Noord Brabant u Zuid Holland,

E. billi l-applikazzjoni tissodisfa l-kriterji ta' eliġibilità stabbiliti mir-Regolament FEAG,

([1]) ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.
([2]) ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.

**It-Tlieta 23 ta' Novembru 2010**

1. Jitlob lill-istituzzjonijiet involuti biex jagħmlu l-isforzi meħtieġa biex iħaffu l-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni;

2. Ifakkar l-impenn tal-istituzzjonijiet li jassiguraw proċedura rapida u bla xkiel għall-adozzjoni tad-deċiżjonijiet dwar il-mobilizzazzjoni tal-FEAG, jipprovdu appoġġ individwali ta' darba u limitat fiż-żmien maħsub biex jgħin lill-ħaddiema li sofrew sensji b'riżultat tal-globalizzazzjoni u tal-kriżi finanzjarja u ekonomika; jenfasizza r-rwol li l-FEAG jista' jkollu fir-riintegrazzjoni tal-ħaddiema ssensjati fis-suq tax-xogħol;

3. Jenfasizza li, skont l-Artikolu 6 tar-Regolament FEAG, għandu jkun żgurat li l-FEAG jappoġġa l-integrazzjoni mill-ġdid fl-impjieg tal-ħaddiema ssensjati individwali; itenni li l-għajnuna mill-FEAG m'għandhiex tieħu post l-azzjonijiet li huma r-responsabilità tal-kumpaniji skont il-liġi nazzjonali jew skont ftehimiet kollettivi, u lanqas miżuri ta' ristrutturazzjoni ta' kumpaniji jew ta' setturi;

4. Jinnota li l-informazzjoni pprovduta fuq il-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati li għandu jiġi ffinanzjat mill-FEAG tinkludi tagħrif dettaljat dwar il-komplementarjetà ma' azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali; itenni l-istedina tiegħu li tiġi ppreżentata evalwazzjoni komparattiva ta' din id-data anki fir-rapporti annwali tiegħu, inkluż evalwazzjoni tal-effetti li dawn is-servizzi temporanji u personalizzati għandhom fuq l-integrazzjoni mill-ġdid fuq medda twila ta' żmien fis-suq tax-xogħol ta' ħaddiema sensjati;

5. Jilqa' l-fatt li, fil-kuntest tal-mobilizzazzjoni tal-FEAG, ġie propost mill-Kummissjoni sors alternattiv ta' approprjazzjonijiet għall-ħlas għall-fondi mhux użati mill-Fond Soċjali Ewropew, wara t-tfakkiriet frekwenti mill-Parlament Ewropew li l-FEAG inħoloq bħala strument speċifiku separat bl-objettivi u l-iskadenzi tiegħu stess u li linji baġitarji xierqa għat-trasferimenti għandhom għalhekk jiġu identifikati;

6. Jinnota li, sabiex jiġi mmobilizzat il-FEAG għal dan il-każ, l-approprjazzjonijiet għall-ħlas se jiġu ttrasferiti minn linja baġitarja maħsuba għall-appoġġ tal-SMEs u l-innovazzjoni; jiddispjaċih dwar in-nuqqasijiet kbar tal-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tal-programmi dwar il-kompetittività u l-innovazzjoni, partikolarment matul kriżi ekonomika li għandha żżid b'mod sinifikanti l-ħtieġa ta' appoġġ bħal dan;

7. Ifakkar li t-tħaddim u l-valur miżjud tal-FEAG għandhom ikunu evalwati fil-kuntest tal-valutazzjoni ġenerali tal-programmi u ta' strumenti varji oħra maħluqa mill-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 fi ħdan il-proċess ta' reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-Qafas Finanzjarju Multiannwali 2007-2013;

8. Jilqa' l-format il-ġdid tal-proposta tal-Kummissjoni, li tippreżenta fil-memorandum ta' spjegazzjoni tagħha tagħrif ċar u dettaljat dwar l-applikazzjoni, tanalizza l-kriterji ta' eliġibilità u tispjega r-raġunijiet li wasslu għall-approvazzjoni tagħha, li hu konformi mat-talbiet tal-Parlament;

9. Japprova d-deċiżjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;

10. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma d-deċiżjoni flimkien mal-President tal-Kunsill u biex jagħmel l-arranġamenti meħtieġa biex tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

11. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni, flimkien mal-anness tagħha, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

**It-Tlieta 23 ta' Novembru 2010**

ANNESS

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**tal-**

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda (applikazzjoni EGF/2009/027 NL/Noord Brabant u Zuid Holland Diviżjoni 18 mill-Olanda)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina finanzjarja u l-amministrazzjoni finanzjarja soda ([1]), u b'mod partikulari l-punt 28 tiegħu,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni ([2]), u b'mod partikulari l-Artikolu 12(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni twaqqaf biex jipprovdi appoġġ addizzjonali għall-ħaddiema ssensjati minħabba bidliet strutturali kbar fix-xejriet kummerċjali dinjin dovuti għall-globalizzazzjoni u sabiex jiġu megħjuna fir-riintegrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol.

(2) L-ambitu tal-FEAG twessa' għall-applikazzjonijiet imressqa mill-1 ta' Mejju 2009 biex jinkludi sostenn lill-ħaddiema li jitilfu l-impjieg bħala riżultat dirett tal-kriżi globali finanzjarja u ekonomika.

(3) Il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-FEAG taħt il-limitu massimu annwali ta' EUR 500 miljun.

(4) Ir-Renju tal-Olanda ressaq applikazzjoni fit-30 ta' Diċembru 2009 għall-mobilizzazzjoni tal-FEAG, fir-rigward ta' sensji f'70 intrapriża li joperaw fid-Diviżjoni 18 tar-Reviżjoni 2 tan-NACE (stampar u r-riproduzzjoni ta' midja rrekordjata) fiż-żewġ reġjuni kontigwi NUTS II ta' Noord Brabant (NL41) u Zuid Holland (NL33) u ssupplimenta b'tagħrif addizzjonali sal-11 ta' Mejju 2010. Din l-applikazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti sabiex jiġu ddeterminati l-kontributi finanzjarji kif stabbilit fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006. Il-Kummissjoni għalhekk ressqet proposta biex tuża l-ammont ta' EUR 2 890 027.

(5) L-FEAG għandu, għalhekk, jiġi mmobilizzat sabiex jipprovdi kontribut finanzjarju għall-applikazzjoni mressqa mill-Olanda.

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Fil-qafas tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għandu jiġi mmobilizzat biex jipprovdi s-somma ta' EUR 2 890 027 f'approprjazzjonijiet għall-impenji u għall-ħlasijiet.

([1]) ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.
([2]) ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi,

*Għall-Parlament Ewropew*
*Il-President*

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

---

## Mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni: Drenthe, Diviżjoni 18/l-Olanda

P7_TA(2010)0405

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Novembru 2010 dwar proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, f'konformità mal-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni EGF/2009/030 NL/Drenthe Diviżjoni 18 mill-Olanda) (COM(2010)0531 – C7-0310/2010 – 2010/2226(BUD))**

(2012/C 99 E/28)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2010)0531 – C7-0310/2010),

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja fis-sod ([1]), (Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006), u b'mod partikolari l-Punt 28 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni ([2]) (ir-Regolament FEAG),

— wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A7-0321/2010),

A. billi l-Unjoni Ewropea stabbilixxiet l-istrumenti leġislattivi u baġitarji xierqa biex tipprovdi appoġġ addizzjonali għall-ħaddiema li qed ibatu mill-konsegwenzi ta' bidliet strutturali kbar fix-xejriet kummerċjali globali u biex tgħinhom jerġgħu jiġu integrati fis-suq tax-xogħol,

B. billi l-ambitu tal-FEAG twessa' għall-applikazzjonijiet mressqa mill-1 ta' Mejju 2009 biex jinkludi appoġġ għall-ħaddiema li jitilfu l-impjieg bħala riżultat dirett tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali,

C. billi l-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni lill-ħaddiema li ġew issensjati għandha tkun dinamika u disponibbli malajr u b'mod effiċjenti kemm jista' jkun, skont id-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni adottata waqt il-laqgħa ta' konċiljazzjoni fis-17 ta' Lulju 2008, u b'kunsiderazzjoni xierqa għall-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 rigward l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet biex jiġi mmobilizzat il-FEAG,

---

([1]) ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.
([2]) ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.

**It-Tlieta 23 ta' Novembru 2010**

D. billi r-Renju tal-Olanda talab għajnuna fir-rigward ta' każijiet li jikkonċernaw 140 sensja f'żewġ intrapriżi li qegħdin joperaw fid-Diviżjoni 18 tar-Reviżjoni 2 tan-NACE (stampar u r-riproduzzjoni ta' media rrekordjata) fir-reġjun NUTS II ta' Drenthe;

E. billi l-applikazzjoni tissodisfa l-kriterji ta' eliġibilità stabbiliti mir-Regolament tal-FEAG,

1. Jitlob lill-istituzzjonijiet involuti biex jagħmlu l-isforzi meħtieġa biex iħaffu l-mobilizzazzjoni tal-FEAG;

2. Ifakkar fl-impenn li għandhom l-istituzzjonijiet li jassiguraw proċedura rapida u bla xkiel għall-adozzjoni tad-deċiżjonijiet dwar il-mobilizzazzjoni tal-FEAG, li jipprovdu appoġġ individwali ta' darba u limitat fiż-żmien immirat biex jgħin lill-ħaddiema li jkunu sofrew sensji bħala riżultat tal-globalizzazzjoni u l-kriżi finanzjarja u ekonomika; jenfasizza r-rwol li l-FEAG jista' jwettaq fir-reintegrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' ħaddiema li ngħataw is-sensja;

3. Jenfasizza li, skont l-Artikolu 6 tar-Regolament tal-FEAG, għandu jkun żgurat li l-FEAG jappoġġa r-reintegrazzjoni f'impjieg ta 'ħaddiema individwali li ngħataw is-sensja; itenni li għajnuna mill-FEAG m'għandhiex tieħu post azzjonijiet li huma r-responsabbiltà tal-kumpaniji skont il-liġi nazzjonali jew ftehim kollettiv, u lanqas miżuri ta' ristrutturar ta' kumpaniji jew setturi;

4. Jinnota li l-informazzjoni pprovduta dwar il-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati li għandu jiġi ffinanzjat mill-FEAG tinkludi informazzjoni dettaljata dwar il-komplementarjetà ma' azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali; itenni l-istedina tiegħu li tiġi ppreżentata valutazzjoni komparattiva ta' din id-data anki fir-rapporti annwali tiegħu, inkluż evalwazzjoni tal-effetti li dawn is-servizzi temporanji u personalizzati għandhom fuq l-integrazzjoni mill-ġdid fuq medda twila ta' żmien fis-suq tax-xogħol ta' ħaddiema sensjati;

5. Jilqa' l-fatt li, fil-kuntest tal-mobilizzazzjoni tal-FEAG, ġie propost mill-Kummissjoni sors alternattiv ta' approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet għall-Fond Soċjali Ewropew li ma jkunx intuża, wara t-tfakkiriet frekwenti mill-Parlament Ewropew li l-FEAG inħoloq bħala strument speċifiku separat bl-objettivi u l-iskadenzi tiegħu stess u li linji baġitarji xierqa għat-trasferimenti għandhom għalhekk jiġu identifikati;

6. Jinnota li, sabiex jiġi mmobilizzat il-FEAG għal dan il-każ, l-approprjazzjonijiet għall-ħlas se jiġu ttrasferiti minn linja baġitarja maħsuba għall-appoġġ tal-SMEs u l-innovazzjoni; jiddispjaċih dwar in-nuqqasijiet kbar tal-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tal-programmi dwar il-kompetittività u l-innovazzjoni, partikolarment matul kriżi ekonomika li għandha żżid b'mod sinifikanti l-ħtieġa ta' appoġġ bħal dan;

7. Ifakkar li t-tħaddim u l-valur miżjud tal-FEAG għandhom ikunu evalwati fil-kuntest tal-valutazzjoni ġenerali tal-programmi u ta' strumenti varji oħra maħluqa mill-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 fi ħdan il-proċess ta' eżami ta' nofs it-terminu tal-Qafas Finanzjarju Multiannwali 2007-2013;

8. Jilqa' b'sodisfazzjon il-format il-ġdid tal-proposta tal-Kummissjoni, li tippreżenta fil-memorandum ta' spjegazzjoni tagħha informazzjoni ċara u dettaljata dwar l-applikazzjoni, tanalizza l-kriterji ta' eliġibilità u tispjega r-raġunijiet li wasslu għall-approvazzjoni tagħha, li hu konformi mat-talbiet tal-Parlament;

9. Japprova d-deċiżjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;

10. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma d-deċiżjoni flimkien mal-President tal-Kunsill u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

11. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni, flimkien mal-anness tagħha, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

ANNESS

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**ta' l-xxx**

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, f'konformità mal-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja fis-sod (applikazzjoni EGF/2009/030 NL/ Drenthe Diviżjoni 18 mill-Olanda)**

Il-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja fis-sod ([1]), u b'mod partikolari l-punt 28 tiegħu,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 12(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEAG) ġie stabbilit biex jipprovdi appoġġ addizzjonali għall-ħaddiema li spiċċaw issensjati b'konsegwenza ta' bidliet strutturali maġġuri fix-xejriet kummerċjali dinjija minħabba l-globalizzazzjoni u biex jgħinhom jiġu integrati mill-ġdid fis-suq tax-xogħol.

(2) L-ambitu tal-FEAG twessa' għall-applikazzjonijiet mressqa mill-1 ta' Mejju 2009 biex jinkludi sostenn lill-ħaddiema sensjati b'riżultat dirett tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali.

(3) Il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta Mejju 2006 jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-FEAG sal-limitu massimu annwali ta' EUR 500 miljun.

(4) Fit-30 ta' Diċembru 2009, ir-Renju tal-Olanda ressaq applikazzjoni għall-mobilizzazzjoni tal-FEAG, fir-rigward ta' sensji f'żewġ intrapriżi li qegħdin joperaw fid-Diviżjoni 18 tar-Reviżjoni 2 tan-NACE (stampar u r-riproduzzjoni ta' media rrekordjata) fir-reġjun NUTS II ta' Drenthe (NL13) u ssupplimentaha b'informazzjoni addizzjonali sas-6 ta' Mejju 2010. Din l-applikazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti sabiex jiġu ddeterminati l-kontribuzzjonijiet finanzjarji kif stabbilit fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006. Il-Kummissjoni, għalhekk, ressqet proposta biex timmobilizza l-ammont ta' EUR 453 632.

(5) Il-FEAG għandu, għalhekk, jiġi mmobilizzat sabiex jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja għall-applikazzjoni mressqa mill-Olanda.

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Fil-qafas tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea stabbilit għas-sena finanzjarja 2010, għandha tiġi mobilizzata somma ta' EUR 453 632 f' approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' ħlas taht l-intestatura tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea.

([1]) ĠU C 139 of 14.6.2006, p. 1.
([2]) ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |

## Mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni: Limburg, Diviżjoni 18/l-Olanda

P7_TA(2010)0406

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Novembru 2010 dwar proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda (applikazzjoni EGF/2009/028 NL/Limburg Diviżjoni 18 mill-Olanda) (COM(2010)0518 – C7-0311/2010 – 2010/2227(BUD))**

(2012/C 99 E/29)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2010)0518 – C7-0311/2010),

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina finanzjarja u l-amministrazzjoni finanzjarja soda ([1]) (Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006) u b'mod partikulari l-punt 28 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni ([2]) (ir-Regolament FEAG),

— wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A7-0323/2010),

A. billi l-Unjoni Ewropea stabbiliet l-istrumenti leġislattivi u baġitarji xierqa biex jipprovdu appoġġ addizzjonali għall-ħaddiema li qed ibatu mill-konsegwenzi ta' bidliet strutturali kbar fix-xejriet kummerċjali globali u biex jgħinuhom jerġgħu jintegraw fis-suq tax-xogħol,

B. billi l-għan tal-FEAG twessa' għall-applikazzjonijiet imressqa mill-1 ta' Mejju 2009 biex jinkludi sostenn lill-ħaddiema li jitilfu l-impjieg bħala riżultat dirett tal-kriżi globali finanzjarja u ekonomika,

C. billi l-assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-ħaddiema li ġew issensjati għandha tkun dinamika u disponibbli malajr u b'mod effiċjenti kemm jista' jkun, skont id-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni adottata waqt il-laqgħa ta' konċiljazzjoni fis-17 ta' Lulju 2008, u b'kunsiderazzjoni xierqa għall-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 dwar l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet biex jiġi mmobilizzat il-FEAG,

([1]) ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.
([2]) ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.

D. billi r-Renju tal-Olanda talab l-għajnuna fir-rigward ta' każijiet li jikkonċernaw 129 sensja f'9 intrapriżi li joperaw fit-Taqsima 18 tar-Reviżjoni 2 tan-NACE (stampar u riproduzzjoni tal-media rrekordjata) fir-reġjun NUTS II ta' Limburg;

E. billi l-applikazzjoni tissodisfa l-kriterji ta' eliġibilità stabbiliti mir-Regolament FEAG,

1. Jitlob lill-istituzzjonijiet involuti jagħmlu l-isforzi meħtieġa biex iħaffu l-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni;

2. Ifakkar fl-impenn tal-istituzzjonijiet li jassiguraw proċedura rapida u bla xkiel għall-adozzjoni tad-deċiżjonijiet dwar il-mobilizzazzjoni tal-FEAG, jipprovdu appoġġ individwali ta' darba u limitat fiż-żmien speċifiku biex jgħin lill-ħaddiema li batew minn sensji bħala riżultat tal-globalizzazzjoni u l-kriżi finanzjarja u ekonomika; jenfasizza s-sehem li l-FEAG jista' jkollu fir-reintegrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' ħaddiema li ngħataw is-sensja;

3. Jenfasizza li, skont l-Artikolu 6 tar-Regolament tal-FEAG, għandu jkun żgurat li l-FEAG jappoġġa r-reintegrazzjoni f'impjieg ta' ħaddiema individwali li ngħataw is-sensja; itenni li l-għajnuna mill-FEAG m'għandhiex tieħu post azzjonijiet li huma r-responsabbiltà tal-kumpaniji skont il-liġi nazzjonali jew ftehim kollettiv, u lanqas miżuri ta' ristrutturar ta' kumpaniji jew setturi;

4. Jinnota li l-informazzjoni pprovduta fuq il-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati li għandu jiġi ffinanzjat mill-FEAG tinkludi tagħrif dettaljat dwar il-komplementarjetà ma' azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali; itenni l-istedina tiegħu li tiġi ppreżentata evalwazzjoni komparattiva ta' din id-data anki fir-rapporti annwali tiegħu, inkluż evalwazzjoni tal-effetti li dawn is-servizzi temporanji u personalizzati għandhom fuq l-integrazzjoni mill-ġdid fuq medda twila ta' żmien fis-suq tax-xogħol ta' ħaddiema ssensjati;

5. Jilqa' l-fatt li, fil-kuntest tal-mobilizzazzjoni tal-FEAG, ġie propost mill-Kummissjoni sors alternattiv ta' approprjazzjonijiet għall-ħlas tal-Fond Soċjali Ewropew li ma ntużawx, wara t-tfakkiriet frekwenti mill-Parlament Ewropew li l-FEAG inħoloq bħala strument speċifiku separat bl-objettivi u l-iskadenzi tiegħu stess u li linji baġitarji xierqa għat-trasferimenti għandhom għalhekk jiġu identifikati;

6. Jinnota li, sabiex jiġi mmobilizzat il-FEAG għal dan il-każ, l-approprjazzjonijiet għall-ħlas se jiġu trasferiti minn linja baġitarja maħsuba għall-appoġġ tal-SMEs u l-innovazzjoni; jiddispjaċih dwar in-nuqqasijiet kbar tal-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tal-programmi dwar il-kompetittività u l-innovazzjoni, partikolarment matul kriżi ekonomika li għandha żżid b'mod sinifikanti l-bżonn ta' appoġġ bħal dan;

7. Ifakkar li t-tħaddim u l-valur miżjud tal-FEAG għandhom ikunu evalwati fil-kuntest tal-valutazzjoni ġenerali tal-programmi u ta' strumenti varji oħra maħluqa mill-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 fi ħdan il-proċess ta' eżami ta' nofs it-terminu tal-Qafas Finanzjarju Multiannwali 2007-2013;

8. Jilqa' l-format il-ġdid tal-proposta tal-Kummissjoni, li tippreżenta fil-memorandum ta' spjegazzjoni tagħha informazzjoni ċara u dettaljata dwar l-applikazzjoni, flimkien ma' analiżi tal-kriterji ta' eliġibilità u tispjega r-raġunijiet li wasslu għall-approvazzjoni tagħha, li hi konformi mat-talbiet tal-Parlament;

9. Japprova d-deċiżjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;

10. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma d-deċiżjoni flimkien mal-President tal-Kunsill u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

11. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni, flimkien mal-anness tagħha, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

**It-Tlieta 23 ta' Novembru 2010**

ANNESS

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**tal-xxx**

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda (applikazzjoni EGF/2009/028 NL/Limburg Diviżjoni 18 mill-Olanda)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina finanzjarja u l-amministrazzjoni finanzjarja soda ([1]), u b'mod partikulari l-punt 28 tiegħu,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni ([2]), u b'mod partikulari l-Artikolu 12(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni twaqqaf biex jipprovdi appoġġ addizzjonali għall-ħaddiema ssensjati minħabba bidliet strutturali kbar fix-xejriet kummerċjali dinjija u sabiex jagħtihom għajnuna biex ikunu integrati mill-ġdid fis-suq tax-xogħol.

(2) L-ambitu tal-FEAG twessa' għall-applikazzjonijiet imressqa mill-1 ta' Mejju 2009 biex jinkludi sostenn lill-ħaddiema li jitilfu l-impjieg bħala riżultat dirett tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali.

(3) Il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta Mejju 2006 jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-FEAG taħt il-limitu massimu annwali ta' EUR 500 miljun.

(4) Fit-30 ta' Diċembru 2009, ir-Renju tal-Olanda ressaq applikazzjoni għall-mobilizzazzjoni tal-FEAG, fir-rigward ta' sensji f'disa' intrapriżi li joperaw fit-Taqsima 18 tar-Reviżjoni 2 tan-NACE (l-istampar u r-riproduzzjoni ta' media rrekordjata) fir-reġjun NUTS II ta' Limburg (NL42) u ssupplimentaha b'tagħrif addizzjonali sas-6 ta' Mejju 2010. Din l-applikazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti sabiex jiġu ddeterminati l-kontribuzzjonijiet finanzjarji kif stabbilit fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006. Il-Kummissjoni għalhekk ressqet proposta biex tuża l-ammont ta' EUR 549 946.

(5) Il-FEAG għandu, għalhekk, jiġi mmobilizzat sabiex jipprovdi kontribut finanzjarju għall-applikazzjoni mressqa mill-Pajjiż l-Baxxi.

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Fil-qafas tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea stabbilit għas-sena finanzjarja 2010, għandha tiġi mobilizzata somma ta' EUR 549 946 f' approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' ħlas taħt l-intestatura tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea.

([1]) ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.
([2]) ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.

*Artikolu 2*

Id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Magħmul fi,

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |

## Mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni: Gelderland u Overijssel, Diviżjoni 18/L-Olanda

P7_TA(2010)0407

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Novembru 2010 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, f'konformità mal-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja fis-sod (applikazzjoni EGF/2009/029 NL/Gelderland u Overijssel, Divizjoni 18 mill-Olanda) (COM(2010)0528 – C7-0312/2010 – 2010/2228(BUD))**

(2012/C 99 E/30)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2010)0528 – C7-0312/2010),

— wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja fis-sod [1], (Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006), u b'mod partikolari l-punt 28 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (ir-Regolament FEAG) [2],

— wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A7-0322/2010),

A. billi l-Unjoni Ewropea stabbilixxiet l-istrumenti leġiżlattivi u baġitarji xierqa biex tipprovdi appoġġ addizzjonali għall-ħaddiema li qed ibatu mill-konsegwenzi ta' bidliet strutturali kbar fix-xejriet kummerċjali globali u biex tgħinhom jerġgħu jiġu integrati fis-suq tax-xogħol,

B. billi l-ambitu tal-FEAG twessa' għall-applikazzjonijiet mressqa mill-1 ta' Mejju 2009 biex jinkludi appoġġ għall-ħaddiema li jitilfu l-impjieg bħala riżultat dirett tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali,

C. billi l-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni lill-ħaddiema li ġew issensjati għandha tkun dinamika u disponibbli kemm jista' jkun malajr u b'mod effiċjenti kemm jista' jkun, skont id-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni adottata waqt il-laqgħa ta' konċiljazzjoni fis-17 ta' Lulju 2008, u b'kunsiderazzjoni xierqa għall-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 rigward l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet biex jiġi mmobilizzat il-FEAG,

[1] ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.
[2] ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.

**It-Tlieta 23 ta' Novembru 2010**

D. billi l-Olanda talbet għajnuna fir-rigward tal-każijiet li jikkonċernaw 650 sensja f'45 intrapriża li qegħdin joperaw fid-Diviżjoni 18 tar-Reviżjoni 2 tan-NACE (stampar u r-riproduzzjoni ta' midja rrekordjata) fiż-żewġ reġjuni kontigwi NUTS II Gelderland u Overijssel;

E. billi l-applikazzjoni tissodisfa l-kriterji ta' eliġibilità stabbiliti mir-Regolament tal-FEAG,

1. Jitlob lill-istituzzjonijiet involuti biex jagħmlu l-isforzi meħtieġa biex iħaffu l-mobilizzazzjoni tal-FEAG;

2. Ifakkar fl-impenn li għandhom l-istituzzjonijiet li jassiguraw proċedura rapida u bla xkiel għall-adozzjoni tad-deċiżjonijiet dwar il-mobilizzazzjoni tal-FEAG, li jipprovdu appoġġ individwali ta' darba u limitat fiż-żmien immirat biex jgħin lill-ħaddiema li jkunu sofrew sensji bħala riżultat tal-globalizzazzjoni u l-kriżi finanzjarja u ekonomika; jenfasizza r-rwol li l-EGF jista' jwettaq fir-reintegrazzjoni tal-ħaddiema ssensjati fis-suq tax-xogħol;

3. Jenfasizza li, skont l-Artikolu 6 tar-Regolament EGF, għandu jkun żgurat li l-EGF jappoġġa r-reintegrazzjoni individwali tal-ħaddiema ssensjati fix-xogħol; itenni li għajnuna mill-FEAG m'għandhiex tieħu post azzjonijiet li huma r-responsabbiltà tal-kumpaniji skont il-liġi nazzjonali jew ftehimiet kollettivi, u lanqas miżuri ta' ristrutturar ta' kumpaniji jew setturi;

4. Jinnota li l-informazzjoni pprovduta dwar il-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati li għandu jiġi ffinanzjat mill-EGF tinkludi informazzjoni dettaljata dwar il-komplementarjetà ma' azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali; itenni l-istedina tiegħu li tiġi ppreżentata valutazzjoni komparattiva ta' din id-data anki fir-rapporti annwali tiegħu, inkluża evalwazzjoni tal-effetti li dawn is-servizzi temporanji u personalizzati għandhom fuq l-integrazzjoni mill-ġdid fuq medda twila ta' żmien fis-suq tax-xogħol ta' ħaddiema sensjati;

5. Jilqa' l-fatt li, fil-kuntest tal-mobilizzazzjoni tal-FEAG, ġie propost mill-Kummissjoni sors alternattiv ta' approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet għall-Fond Soċjali Ewropew li ma jkunx intuża, wara t-tfakkiriet frekwenti mill-Parlament Ewropew li l-FEAG inħoloq bħala strument speċifiku separat bl-objettivi u l-iskadenzi tiegħu stess u li linji baġitarji xierqa għat-trasferimenti għandhom għalhekk jiġu identifikati;

6. Jinnota li, sabiex jiġi mmobilizzat il-FEAG għal dan il-każ, l-approprjazzjonijiet għall-ħlas se jiġu ttrasferiti minn linja baġitarja maħsuba għall-appoġġ tal-SMEs u l-innovazzjoni; jiddispjaċih dwar in-nuqqasijiet kbar tal-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tal-programmi dwar il-kompetittività u l-innovazzjoni, partikolarment matul kriżi ekonomika li għandha żżid b'mod sinifikanti l-ħtieġa ta' appoġġ bħal dan;

7. Ifakkar li t-tħaddim u l-valur miżjud tal-FEAG għandhom ikunu evalwati fil-kuntest tal-valutazzjoni ġenerali tal-programmi u ta' strumenti varji oħra maħluqa mill-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 fi ħdan il-proċess ta' eżami ta' nofs it-terminu tal-Qafas Finanzjarju Multiannwali 2007-2013;

8. Jilqa' b'sodisfazzjon il-format il-ġdid tal-proposta tal-Kummissjoni, li tippreżenta fil-memorandum ta' spjegazzjoni tagħha informazzjoni ċara u dettaljata dwar l-applikazzjoni, tanalizza l-kriterji ta' eliġibilità u tispjega r-raġunijiet li wasslu għall-approvazzjoni tagħha, li hu konformi mat-talbiet tal-Parlament;

9. Japprova d-deċiżjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;

10. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma din id-deċiżjoni flimkien mal-President tal-Kunsill u biex jagħmel l-arranġamenti meħtieġa biex tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

11. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni, flimkien mal-anness tagħha, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

**It-Tlieta 23 ta' Novembru 2010**

ANNESS

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**ta' l-xxx**

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, f'konformità mal-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja fis-sod (applikazzjoni EGF/2009/029 NL/ Gelderland u Overijssel Diviżjoni 18 mill-Olanda)**

Il-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja fis-sod ([1]), u b'mod partikolari l-punt 28 tiegħu,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 12(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEAG) ġie stabbilit biex jipprovdi appoġġ addizzjonali għall-ħaddiema li spiċċaw issensjati b'konsegwenza ta' bidliet strutturali maġġuri fix-xejriet kummerċjali dinjija minħabba l-globalizzazzjoni u biex jgħinhom jiġu integrati mill-ġdid fis-suq tax-xogħol.

(2) L-ambitu tal-FEAG twessa' għall-applikazzjonijiet mressqa mill-1 ta' Mejju 2009 biex jinkludi sostenn lill-ħaddiema sensjati b'riżultat dirett tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali.

(3) Il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta Mejju 2006 jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-FEAG sal-limitu massimu annwali ta' EUR 500 miljun.

(4) Ir-Renju tal-Olanda ressaq applikazzjoni fit-30 ta' Diċembru 2009 għall-mobilizzazzjoni tal-FEAG, fir-rigward ta' sensji f'45 intrapriża li qegħdin joperaw fid-Diviżjoni 18 tar-Reviżjoni 2 tan-NACE (l-istampar u r-riproduzzjoni ta' midja rrekordjata) fiż-żewġ reġjuni kontigwi NUTS II ta' Gelderland (NL22) u Overijssel (NL21) u ssupplimentaha b'informazzjoni addizzjonali sas-6 ta' Mejju 2010. Din l-applikazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti sabiex jiġu ddeterminati l-kontribuzzjonijiet finanzjarji kif stabbilit fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006. Il-Kummissjoni, għalhekk, ressqet proposta biex timmobilizza l-ammont ta' EUR 2 013 619.

(5) Il-FEAG għandu, għalhekk, jiġi mmobilizzat sabiex jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja għall-applikazzjoni mressqa mill-Olanda.

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għandu jiġi mmobilizzat biex jipprovdi s-somma ta' EUR 2 013 619 f'approprjazzjonijiet għall-impenji u f'approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet.

([1]) ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.
([2]) ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f '*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi,

*Għall-Parlament Ewropew*
*Il-President*

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

## Mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni: Noord Holland u Utrecht, Diviżjoni 18/L-Olanda

P7_TA(2010)0408

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Novembru 2010 dwar proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda (applikazzjoni EGF/2009/026 NL/Noord Holland u Utrecht, Diviżjoni 18 mill-Olanda (COM(2010)0530 – C7-0313/2010 – 2010/2229(BUD))**

(2012/C 99 E/31)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2010)0530 – C7-0313/2010),

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja soda ([1]) (Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006), u b'mod partikulari l-punt 28 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni ([2]) (ir-Regolament FEAG),

— wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A7-0319/2010),

A. billi l-Unjoni Ewropea stabbiliet l-istrumenti leġiżlattivi u baġitarji xierqa biex jipprovdu appoġġ addizzjonali lill-ħaddiema li qed ibatu mill-konsegwenzi ta' bidliet strutturali kbar fix-xejriet kummerċjali globali u biex jgħinuhom jerġgħu jintegraw fis-suq tax-xogħol,

B. billi l-għan tal-FEAG ġie mwessa' għall-applikazzjonijiet imressqa mill-1 ta' Mejju 2009 biex jinkludi sostenn lill-ħaddiema li jitilfu l-impjieg b'riżultat dirett tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali,

C. billi l-assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-ħaddiema li sfaw sensjati għandha tkun dinamika u disponibbli malajr u b'mod effiċjenti kemm jista' jkun, skont id-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni adottata waqt il-laqgħa ta' konċiljazzjoni fis-17 ta' Lulju 2008, u b'kunsiderazzjoni xierqa għall-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 dwar l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet biex jiġi mmobilizzat l-FEAG,

([1]) ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.
([2]) ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.

**It-Tlieta 23 ta' Novembru 2010**

D. billi l-Olanda talbet għajnuna fir-rigward ta' każijiet li jikkonċernaw 720 sensja f'79 intrapriża li joperaw fid-diviżjoni 18 tar-Reviżjoni 2 tan-NACE (stampar u r-riproduzzjoni ta' midja rrekordjata) fiż-żewġ reġjuni kontigwi NUTS II ta' Noord Holland u Utrecht,

E. billi l-applikazzjoni tissodisfa l-kriterji ta' eliġibilità stabbiliti mir-Regolament FEAG,

1. Jitlob lill-istituzzjonijiet involuti biex jagħmlu l-isforzi meħtieġa biex iħaffu l-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni;

2. Ifakkar l-impenn tal-istituzzjonijiet li jassiguraw proċedura rapida u bla xkiel għall-adozzjoni tad-deċiżjonijiet dwar il-mobilizzazzjoni tal-FEAG, jipprovdu appoġġ individwali ta' darba u limitat fiż-żmien maħsub biex jgħin lill-ħaddiema li sofrew sensji b'riżultat tal-globalizzazzjoni u tal-kriżi finanzjarja u ekonomika; jenfasizza r-rwol li l-FEAG jista' jkollu fir-riintegrazzjoni tal-ħaddiema ssensjati fis-suq tax-xogħol;

3. Jenfasizza li, skont l-Artikolu 6 tar-Regolament FEAG, għandu jkun żgurat li l-FEAG jappoġġa l-integrazzjoni mill-ġdid fl-impjieg tal-ħaddiema ssensjati individwali; itenni li l-għajnuna mill-FEAG m'għandhiex tieħu post l-azzjonijiet li huma r-responsabilità tal-kumpaniji skont il-liġi nazzjonali jew skont ftehimiet kollettivi, u lanqas miżuri ta' ristrutturazzjoni ta' kumpaniji jew ta' setturi;

4. Jinnota li l-informazzjoni pprovduta fuq il-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati li għandu jiġi ffinanzjat mill-FEAG tinkludi tagħrif dettaljat dwar il-komplementarjetà ma' azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali; itenni l-istedina tiegħu li tiġi ppreżentata evalwazzjoni komparattiva ta' din id-data anki fir-rapporti annwali tiegħu, inkluż evalwazzjoni tal-effetti li dawn is-servizzi temporanji u personalizzati għandhom fuq l-integrazzjoni mill-ġdid fuq medda twila ta' żmien fis-suq tax-xogħol ta' ħaddiema sensjati;

5. Jilqa' l-fatt li, fil-kuntest tal-mobilizzazzjoni tal-FEAG, ġie propost mill-Kummissjoni sors alternattiv ta' approprjazzjonijiet għall-ħlas għall-fondi mhux użati mill-Fond Soċjali Ewropew, wara t-tfakkiriet frekwenti mill-Parlament Ewropew li l-FEAG inħoloq bħala strument speċifiku separat bl-objettivi u l-iskadenzi tiegħu stess u li linji baġitarji xierqa għat-trasferimenti għandhom għalhekk jiġu identifikati;

6. Jinnota li, sabiex jiġi mmobilizzat il-FEAG għal dan il-każ, l-approprjazzjonijiet għall-ħlas se jiġu ttrasferiti minn linja baġitarja maħsuba għall-appoġġ tal-SMEs u l-innovazzjoni; jiddispjaċih dwar in-nuqqasijiet kbar tal-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tal-programmi dwar il-kompetittività u l-innovazzjoni, partikolarment matul kriżi ekonomika li għandha żżid b'mod sinifikanti l-ħtieġa ta' appoġġ bħal dan;

7. Ifakkar li t-tħaddim u l-valur miżjud tal-FEAG għandhom ikunu evalwati fil-kuntest tal-valutazzjoni ġenerali tal-programmi u ta' strumenti varji oħra maħluqa mill-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 fi ħdan il-proċess ta' eżami ta' nofs it-terminu tal-Qafas Finanzjarju Multiannwali 2007-2013;

8. Jilqa' l-format il-ġdid tal-proposta tal-Kummissjoni, li tippreżenta fil-memorandum ta' spjegazzjoni tagħha tagħrif ċar u dettaljat dwar l-applikazzjoni, tanalizza l-kriterji ta' eliġibilità u tispjega r-raġunijiet li wasslu għall-approvazzjoni tagħha, li hi konformi mat-talbiet tal-Parlament;

9. Japprova d-deċiżjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;

10. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma d-deċiżjoni flimkien mal-President tal-Kunsill u biex jagħmel l-arranġamenti meħtieġa biex tiġi ppublikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

11. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni, flimkien mal-anness tagħha, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

**It-Tlieta 23 ta' Novembru 2010**

ANNESS

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**tal-xxx**

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda (applikazzjoni EGF/2009/026 NL/Noord Holland u Utrecht Diviżjoni 18 mill-Olanda)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina finanzjarja u l-amministrazzjoni finanzjarja soda ([1]), u b'mod partikulari l-punt 28 tiegħu,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni ([2]), u b'mod partikulari l-Artikolu 12(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni twaqqaf biex jipprovdi appoġġ addizzjonali għall-ħaddiema ssensjati minħabba bidliet strutturali kbar fix-xejriet kummerċjali dinjija dovuti għall-globalizzazzjoni u sabiex jiġu megħjuna fir-riintegrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol.

(2) L-ambitu tal-FEAG twessa' għall-applikazzjonijiet imressqa mill-1 ta' Mejju 2009 biex jinkludi sostenn lill-ħaddiema li jitilfu l-impjieg b'riżultat dirett tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali.

(3) Il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta Mejju 2006 jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-FEAG taħt il-limitu massimu annwali ta' EUR 500 miljun.

(4) Ir-Renju tal-Olanda ressaq applikazzjoni fit-30 ta' Diċembru 2009 għall-mobilizzazzjoni tal-FEAG, fir-rigward ta' sensji f'79 intrapriża li joperaw fid-Diviżjoni 18 tar-Reviżjoni 2 tan-NACE (stampar u r-riproduzzjoni ta' midja rrekordjata) fiż-żewġ reġjuni kontigwi NUTS II ta' Noord Holland (NL32) u Utrecht (NL31) u ssupplimenta b'tagħrif addizzjonali sas-6 ta' Mejju 2010. Din l-applikazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti sabiex jiġu ddeterminati l-kontribuzzjonijiet finanzjarji kif stabbilit fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006. Il-Kummissjoni għalhekk ressqet proposta biex tuża l-ammont ta' EUR 2 266 625.

(5) L-FEAG għandu, għalhekk, jiġi mmobilizzat sabiex jipprovdi kontribut finanzjarju għall-applikazzjoni mressqa mill-Olanda.

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Fil-qafas tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għandu jiġi mmobilizzat biex jipprovdi s-somma ta' EUR 2 266 625 f'approprjazzjonijiet għall-impenn u għall-ħlas.

([1]) ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.
([2]) ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*il-Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi,

*Għall-Parlament Ewropew*
*Il-President*

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

## Mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni: Noord Holland u Zuid Holland, Diviżjoni 58/L-Olanda

P7_TA(2010)0409

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Novembru 2010 dwar proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni b'konformità mal-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda (applikazzjoni EGF/2009/024 NL/Noord Holland u Zuid Holland, Divizjoni 58 mill-Olanda(COM(2010)0532 – C7-0314/2010 – 2010/2230(BUD))**

(2012/C 99 E/32)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2010)0532 – C7-0314/2010),

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina finanzjarja u l-amministrazzjoni finanzjarja soda ([1]) (Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006) u b'mod partikulari l-punt 28 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni ([2]) (ir-Regolament FEAG),

— wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A7-0320/2010),

A. billi l-Unjoni Ewropea stabbiliet l-istrumenti leġiżlattivi u baġitarji xierqa biex jipprovdu appoġġ addizzjonali għall-ħaddiema li qed ibatu mill-konsegwenzi ta' bidliet strutturali kbar fix-xejriet kummerċjali globali u biex jgħinuhom jerġgħu jintegraw fis-suq tax-xogħol,

B. billi l-għan tal-FEAG ġie mwessa' għall-applikazzjonijiet imressqa mill-1 ta' Mejju 2009 biex jinkludi sostenn lill-ħaddiema li jitilfu l-impjieg bħala riżultat dirett tal-kriżi globali finanzjarja u ekonomika.

C. billi l-assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-ħaddiema li ġew issensjati għandha tkun dinamika u disponibbli malajr u b'mod effiċjenti kemm jista' jkun, skont id-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni adottata waqt il-laqgħa ta' konċiljazzjoni fis-17 ta' Lulju 2008, u b'kunsiderazzjoni xierqa għall-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 dwar l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet biex jiġi mmobilizzat l-FEAG;

([1]) ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.
([2]) ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.

**It-Tlieta 23 ta' Novembru 2010**

D. billi r-Renju tal-Olanda talab għajnuna fir-rigward ta' każijiet li jikkonċernaw 598 sensja fu tmien intrapriżi li joperaw fid-Diviżjoni 58 tar-Reviżjoni 2 tan-NACE (attivitajiet ta' pubblikazzjoni) fiż-żewġ reġjuni kontigwi NUTS II ta' Noord Holland u Zuid Holland;

E. billi l-applikazzjoni tissodisfa l-kriterji ta' eliġibilità stabbiliti mir-Regolament FEAG,

1. Jitlob lill-istituzzjonijiet involuti biex jagħmlu l-isforzi meħtieġa biex iħaffu l-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni;

2. Ifakkar l-impenn tal-istituzzjonijiet li jassiguraw proċedura rapida u bla xkiel għall-adozzjoni tad-deċiżjonijiet dwar il-mobilizzazzjoni tal-FEAG, jipprovdu appoġġ individwali ta' darba u limitat fiż-żmien immirat biex jgħin lill-ħaddiema li sofrew sensji bħala riżultat tal-globalizzazzjoni u l-kriżi finanzjarja u ekonomika; jenfasizza r-rwol li l-FEAG jista' jkollu fir-riintegrazzjoni tal-ħaddiema ssensjati fis-suq tax-xogħol;

3. Jenfasizza li, skont l-Artikolu 6 tar-Regolament FEAG, għandu jkun żgurat li l-FEAG jappoġġa l-integrazzjoni mill-ġdid tal-ħaddiema ssensjati individwalment f'impjieg; itenni li l-għajnuna mill-FEAG m'għandhiex tieħu post azzjonijiet li huma r-responsabbiltà tal-kumpaniji skont il-liġi nazzjonali jew ftehimiet kollettivi, u lanqas miżuri ta' ristrutturar ta' kumpaniji jew setturi;

4. Jinnota li l-informazzjoni pprovduta fuq il-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati li għandu jiġi ffinanzjat mill-FEAG tinkludi tagħrif dettaljat dwar il-komplementarjetà ma' azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali; itenni l-istedina tiegħu li tiġi ppreżentata evalwazzjoni komparattiva ta' din id-data anki fir-rapporti annwali tiegħu, inkluż evalwazzjoni tal-effetti li dawn is-servizzi temporanji u personalizzati għandhom fuq l-integrazzjoni mill-ġdid fuq medda twila ta' żmien fis-suq tax-xogħol ta' ħaddiema sensjati;

5. Jilqa' l-fatt li, fil-kuntest tal-mobilizzazzjoni tal-FEAG, ġie propost mill-Kummissjoni sors alternattiv ta' approprjazzjonijiet għall-ħlas tal-Fond Soċjali Ewropew li ma ntużawx, wara t-tfakkiriet frekwenti mill-Parlament Ewropew li l-FEAG inħoloq bħala strument speċifiku separat bl-objettivi u l-iskadenzi tiegħu stess u li linji baġitarji xierqa għat-trasferimenti għandhom għalhekk jiġu identifikati;

6. Jinnota li, sabiex jiġi mmobilizzat il-FEAG għal dan il-każ, l-approprjazzjonijiet għall-ħlas se jiġu ttrasferiti minn linja baġitarja maħsuba għall-appoġġ tal-SMEs u l-innovazzjoni; jiddispjaċih dwar in-nuqqasijiet kbar tal-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tal-programmi dwar il-kompetittività u l-innovazzjoni, partikolarment matul kriżi ekonomika li għandha żżid b'mod sinifikanti l-bżonn ta' appoġġ bħal dan;

7. Ifakkar li t-tħaddim u l-valur miżjud tal-FEAG għandhom ikunu evalwati fil-kuntest tal-valutazzjoni ġenerali tal-programmi u ta' strumenti varji oħra maħluqa mill-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 fi ħdan il-proċess ta' eżami ta' nofs it-terminu tal-Qafas Finanzjarju Multiannwali 2007-2013;

8. Jilqa' l-format il-ġdid tal-proposta tal-Kummissjoni, li tippreżenta fil-memorandum ta' spjegazzjoni tagħha informazzjoni ċara u dettaljata dwar l-applikazzjoni, flimkien ma' analiżi tal-kriterji ta' eliġibilità u tispjega r-raġunijiet li wasslu għall-approvazzjoni tagħha, li hi konformi mat-talbiet tal-Parlament;

9. Japprova d-deċiżjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;

10. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma d-deċiżjoni mal-President tal-Kunsill u biex jagħmel l-arranġamenti meħtieġa biex tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

11. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni, flimkien mal-anness tagħha, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

ANNESS

## DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**tal- xxx**

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, b'konformità mal-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda (applikazzjoni EGF/2009/024 NL/Noord Holland u Zuid Holland, Diviżjoni 58 mill-Olanda)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina finanzjarja u l-amministrazzjoni finanzjarja soda ([1]), u b'mod partikulari l-punt 28 tiegħu,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni ([2]), u b'mod partikulari l-Artikolu 12(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni twaqqaf biex jipprovdi appoġġ addizzjonali għall-ħaddiema ssensjati minħabba bidliet strutturali kbar fix-xejriet kummerċjali dinjija u sabiex jagħtihom għajnuna biex ikunu integrati mill-ġdid fis-suq tax-xogħol.

(2) L-ambitu tal-FEAG ġie mwessa' għall-applikazzjonijiet imressqa mill-1 ta' Mejju 2009 biex jinkludi sostenn lill-ħaddiema li jitilfu l-impjieg bħala riżultat dirett tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali.

(3) Il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta Mejju 2006 jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-FEAG taħt il-limitu massimu annwali ta' EUR 500 miljun.

(4) Ir-Renju tal-Olanda ressaq applikazzjoni fit-30 ta' Diċembru 2009 għall-mobilizzazzjoni tal-FEAG, firrigward ta' sensji fi tmien intrapriżi li joperaw fid-Diviżjoni 58 tar-Reviżjoni 2 tan-NACE (attivitajiet ta' pubblikazzjoni) fiż-żewġ reġjuni kontigwi NUTS II ta' Noord Holland (NL32) u Zuid Holland (NL33) u ssupplimentaha b'tagħrif addizzjonali sal-31 ta' Mejju 2010. Din l-applikazzjoni tikkonforma marrekwiżiti sabiex jiġu ddeterminati l-kontribuzzjonijiet finanzjarji kif stabbilit fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006. Il-Kummissjoni għalhekk ressqet proposta biex tuża l-ammont ta' EUR 2 326 459.

(5) L-FEAG għandu, għalhekk, jiġi mmobilizzat sabiex jipprovdi kontribut finanzjarju għall-applikazzjoni mressqa mill-Olanda.

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għandu jiġi mmobilizzat biex jipprovdi s-somma ta' EUR 2 326 459 f'approprjazzjonijiet għall-impenn u għall-ħlas.

([1]) ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.
([2]) ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.

**It-Tlieta 23 ta' Novembru 2010**

*Artikolu 2*

Id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi,

*Għall-Parlament Ewropew* *Għall-Kunsill*
*Il-President* *Il-President*

---

## L-għajnuna mogħtija fil-qafas tal-monopolju tal-alkoħol tal-Ġermanja ***I

P7_TA(2010)0410

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Novembru 2010 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 (Regolament Waħdieni dwar l-OKS) rigward l-għajnuna mogħtija fil-qafas tal-Monopolju tal-Alkoħol tal-Ġermanja (COM(2010)0336 – C7-0157/2010 – 2010/0183(COD))**

(2012/C 99 E/33)

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2010)0336),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikoli 42 u 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0157/2010),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-15 ta' Settembru 2010 ([1]),

— wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tat-8 ta' Novembru 2010, li japprova l-pożizzjoni adottata mill-Parlament Ewropew fit-tieni qari, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (A7–0305/2010),

1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

([1]) Għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

**It-Tlieta 23 ta' Novembru 2010**

**P7_TC1-COD(2010)0183**

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-23 ta' Novembru 2010 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 (Regolament Waħdieni dwar l-OKS) rigward l-għajnuna mogħtija fil-qafas tal-Monopolju tal-Alkohol Ġermaniż**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel ma' l-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) Nru 1234/2010.)*

---

## Eżenzjoni mid-dazju għal ingredjenti attivi farmaċewtiċi speċifikati li għandhom "isem komuni internazzjonali" (INN) mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa u prodotti speċifikati użati għall-manifattura ta' sustanzi farmaċewtiċi lesti ***I

P7_TA(2010)0411

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Novembru 2010 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jipprovdi trattament ta' eżenzjoni mid-dazju għal ingredjenti attivi farmaċewtiċi speċifikati li għandhom "isem komuni internazzjonali" (INN) mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa u prodotti speċifikati użati għall-manifattura ta' sustanzi farmaċewtiċi lesti u li jemenda l-Anness I għar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 (COM(2010)0397 – C7-0193/2010 – 2010/0214(COD))**

(2012/C 99 E/34)

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2010)0397,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikoli 207 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0193/2010),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 55 u 46(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A7-0316/2010),

1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari hawn aktar 'il quddiem stabbilita;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

---

**It-Tlieta 23 ta' Novembru 2010**

## P7_TC1-COD(2010)0214

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-23 ta' Novembru 2010 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 f'dak li huwa l-forniment ta' trattament mingħajr dazju għal ingredjenti attivi farmaċewtiċi speċifikati li għandhom "isem komuni internazzjonali" (INN) mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa u prodotti speċifikati użati għall-manifattura ta' sustanzi farmaċewtiċi lesti**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel ma' l-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) Nru 1238/2010.)*

---

## Ftehim KE-Ukraina dwar il-koperazzjoni fil-qasam tax-xjenza u tat-teknoloġija ***

P7_TA(2010)0412

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Novembru 2010 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill li tikkonċerna t-tiġdid tal-Ftehim dwar il-Kooperazzjoni Xjentifika u Teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukraina (11364/2010 – C7-0187/2010 – 2009/0062(NLE))**

(2012/C 99 E/35)

(Approvazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (11364/2010),

— wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni preżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 186 u l-Artikoli 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a), punt (v) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C7-0187/2010),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu tas-26 ta' Novembru 2009 ([1]) dwar il-proposta tal-Kummissjoni (COM(2009)0182),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 81, 90(8) u 46(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A7-0306/2010),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għat-tiġdid tal-ftehim;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tal-Ukraina.

---

([1]) ĠU C 285 E, 21.10.2010, p. 170.

## Ftehim UE-Gvern tal-Faeroes dwar il-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika ***

P7_TA(2010)0413

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Novembru 2010 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Gżejjer Faeroe dwar il-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika, li jassoċja l-Gżejjer Faeroe mas-Seba' Programm Kwadru tal-Unjoni għall-Attivitajiet ta' Riċerka, ta' Żvilupp Teknoloġiku u ta' Dimostrazzjoni (2007-2013) (11365/2010 – C7-0184/2010 – 2009/0160(NLE))**

(2012/C 99 E/36)

(Approvazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (11365/2010),

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Gżejjer Faeroe dwar il-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika, li jassoċja l-Gżejjer Faeroe mas-Seba' Programm Kwadru tal-Unjoni għall-Attivitajiet ta' Riċerka, ta' Żvilupp Teknoloġiku u ta' Dimostrazzjoni (2007-2013) (05475/2010),

— wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni preżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 186 u l-Artikoli 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a), punt (v), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C7-0184/2010),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 81, 90(8) u 46(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A7-0303/2010),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tal-Gżejjer Faeroe.

---

## Ftehim KE-Ġappun dwar il-koperazzjoni fil-qasam tax-xjenza u tat-teknoloġija ***

P7_TA(2010)0414

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Novembru 2010 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Ġappun dwar kooperazzjoni fix-xjenza u t-teknoloġija (11363/2010 – C7-0183/2010 – 2009/0081(NLE))**

(2012/C 99 E/37)

(Approvazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (11363/2010),

**It-Tlieta 23 ta' Novembru 2010**

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Ġappun dwar kooperazzjoni fix-xjenza u t-teknoloġija (13753/2009),

— wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni preżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 186 u l-Artikoli 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a), punt (v) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C7-0183/2010),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 81, 90(8) u 46(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A7-0302/2010),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tal-Ġappun.

---

## Ftehim KE-Ġordan dwar koperazzjoni xjentifika u teknoloġika ***

P7_TA(2010)0415

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Novembru 2010 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunita' Ewropea u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan dwar Kooperazzjoni Xjentifika u Teknoloġika (11362/2010 – C7-0182/2010 – 2009/0065(NLE))**

(2012/C 99 E/38)

(Approvazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (11362/2010),

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' ftehim bejn il-Komunità Ewropea u Renju Ħaxemita tal-Ġordan dwar Kooperazzjoni Xjentifika u Teknoloġika (11790/2009),

— wara li kkundisra t-talba għal approvazzjoni preżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 186 u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a), punt (v) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C7-0182/2010),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 81, 90(8) u 46(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A7-0304/2010),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tar-Renju Ħaxemita tal-Ġordan.

---

# UE - Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gżejjer Solomon ***

P7_TA(2010)0416

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Novembru 2010 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gżejjer Solomon (09335/2010 – C7-0338/2010 – 2010/0094(NLE))**

(2012/C 99 E/39)

(Approvazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-abbozz għal deċiżjoni tal-Kunsill (09335/2010),

— wara li kkunsidra l-abbozz tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gżejjer Solomon,

— wara li kkunsidra t-talba għall-approvazzjoni mill-Kunsill skont l-Artikolu 43(2) u 218(6), it-tieni paragrafu, punt (a), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C7-0338/2010),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 81 u 90(8) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għas-Sajd u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Iżvilupp u tal-Kumitat għall-Baġits (A7-0292/2010),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim;

2. Jitlob lill-Kummissjoni tittrażmetti lill-Parlament il-konklużjonijiet tal-laqgħat u tax-xogħlijiet tal-Kumitat Konġunt kif jiddisponi l-Artikolu 9 tal-Ftehim, kif ukoll il-programm settorjali multiannwali li hemm riferiment għalih fl-Artikolu 7(2) tal-Protokoll u r-riżultati tal-valutazzjonijiet annwali rispettivi; jistieden biex rappreżentanti tal-Kumitat għas-Sajd u tal-Kumitat għall-Iżvilupp tiegħu jieħdu sehem bħala osservaturi fil-laqgħat u fil-ħidma tal-Kumitat Konġunt kif jiddisponi l-Artikolu 9 tal-Ftehim; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta lill-Parlament u lill-Kunsill, matul l-aħħar sena ta' applikazzjoni tal-Protokoll u qabel il-ftuħ tan-negozjati dwar it-tiġdid tal-Ftehim, rapport dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri u lill-Gżejjer Solomon.

**It-Tlieta 23 ta' Novembru 2010**

## Sistema komuni tat-taxxa fuq il-valur miżjud u l-perjodu ta' obbligu li tiġi rispettata r-rata standard minima *

P7_TA(2010)0417

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Novembru 2010 dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni tat-taxxa fuq il-valur miżjud, f'dak li għandu x'jaqsam mal-perjodu ta' obbligu li tiġi rispettata r-rata standard minima (COM(2010)0331 – C7-0173/2010 – 2010/0179(CNS))**

(2012/C 99 E/40)

(Proċedura leġislattiva speċjali – konsultazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2010)0331),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 113 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C7-0173/2010),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A7-0325/2010),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jistieden lill-Kummissjoni biex timmodifika l-proposta tagħha konsegwentement, skont l-Artikolu 293(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

3. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

4. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 1**
**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 4**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (4) Sakemm isiru l-konsultazzjonijiet dwar l-istrateġija tal-VAT li hija mistennija li tindirizza l-arranġamenti fil-futur u livelli korrispondenti ta' armonizzazzjoni, ikun prematur li jiġi stabbilit livell permanenti ta' rata standard jew li jiġi kkunsidrat li jinbidel il-livell ta' rata minima. | (4) Sakemm isiru l-konsultazzjonijiet dwar l-istrateġija tal-VAT li hija mistennija li tindirizza l-arranġamenti fil-futur u livelli korrispondenti ta' armonizzazzjoni, ikun prematur li jiġi stabbilit livell permanenti ta' rata standard jew li jiġi kkunsidrat li jinbidel il-livell ta' rata minima. ***L-enfasi tal-istrateġija l-ġdida tal-VAT għandha tkun ir-riforma tar-regoli tal-VAT b'mod li jippromwovi attivament l-objettivi tas-suq intern. L-istrateġija l-ġdida tal-VAT għandu jkollha l-għan li tnaqqas il-piż amministrattiv, telimina l-ostakli relatati mat-taxxa u ttejjeb l-ambjent kummerċjali, b'mod partikolari għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u dawk b'ammont kbir ta' xogħol, filwaqt li tiżgura s-saħħa tas-sistema kontra l-frodi.*** |

**It-Tlieta 23 ta' Novembru 2010**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |

**Emenda 2**
**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 5**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| (5) Huwa għalhekk xieraq li tinzamm ir-rata standard minima kurrenti ta' 15 % għal perjodu ieħor li jkun twil biżżejjed biex tiġi żgurata ċertezza legali, filwaqt li tiġi permessa aktar reviżjoni. | (5) Huwa għalhekk xieraq li tinzamm ir-rata standard minima kurrenti ta' 15 % għal perjodu ieħor li jkun twil biżżejjed biex tiġi żgurata ċertezza legali, filwaqt li tiġi permessa aktar reviżjoni***, billi tintuża l-Istrateġija tas-Suq Uniku bħala linja gwida f'dan ir-rispett***. |

**Emenda 3**
**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 6**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| (6) Dan ma jeskludix aktar reviżjoni tal-leġiżlazzjoni tal-VAT qabel il-31 ta' Diċembru 2015 biex tindirizza r-riżultat tal-istrateġija tal-VAT il-ġdida. | (6) Dan ma jeskludix aktar reviżjoni tal-leġiżlazzjoni tal-VAT qabel il-31 ta' Diċembru 2015 biex tindirizza r-riżultat tal-istrateġija tal-VAT il-ġdida. ***Għalhekk, jekk possibbli, għandu jkun hemm ċaqliq lejn sistema definittiva qabel il-31 ta' Diċembru 2015.*** |

**Emenda 4**
**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 a (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| | ***Artikolu 1a***<br><br>***Riiżeami***<br><br>***1. Sal-31 ta' Diċembru 2013, il-Kummissjoni għandha tressaq proposti leġislattivi biex il-livell tar-rata minima tranżitorja attwali tal-VAT jiġi sostitwit b'sistema definittiva.***<br><br>***2. Sabiex jiġi implimentat il- paragrafu 1, il-Kummissjoni għandu jkollha konsultazzjonijiet estensivi mal-partijiet kollha interessati, pubbliċi u privati, dwar l-istrateġija l-ġdida tal-VAT. Dawn il-konsultazzjonijiet għandhom mill-inqas jindirizzaw ir-rati tal-VAT, inkluż ir-rati mnaqqsa tal-VAT, kif ukoll jekk hux xieraq li tiġi stabbilita rata massima tal-VAT, l-ambitu tal-VAT, id-derogi mis-sistema, l-għażliet alternattivi għall-istruttura u t-tħaddim tal-VAT, inkluż il-post fejn għandhom jiġu ntaxxati il-provvisti intra-Unjoni. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-riżultat ta' dawn il-konsultazzjonijiet.*** |

**It-Tlieta 23 ta' Novembru 2010**

## Pjan fit-tul għall-istokk ta' Inċova fil-Bajja ta' Biscay u s-sajd li jisfrutta dak l-istokk ***I

P7_TA(2010)0420

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Novembru 2010 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex jiġi stabbilit pjan fit-tul għall-istokk ta' Inċova fil-Bajja ta' Biscay u s-sajd li jisfrutta dak l-istokk (COM(2009)0399 – C7-0157/2009 – 2009/0112(COD))**

(2012/C 99 E/41)

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2009)0399),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 37 tat-Trattat KE, skont liema artikolu l-Kunsill ikkonsulta lill-Parlament (C7-0157/2009),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill bl-isem "Konsegwenzi tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona dwar il-proċeduri interistituzzjonali ta' teħid ta' deċiżjonijiet li għaddejjin bħalissa" (COM(2009)0665),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) u l-Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-17 ta' Marzu 2010 ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd (A7-0299/2010),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

([1]) Għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

**It-Tlieta 23 ta' Novembru 2010**

**P7_TC1-COD(2009)0112**

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-23 ta' Novembru 2010 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi pjan fit-tul għall-istokk ta' Inċova fil-Bajja ta' Biscay u s-sajd li jisfrutta dak l-istokk**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Filwaqt li jaġixxi skont il-proċedura leġislattiva ordinarja ([2]),

Billi:

(1) Fid-dawl tal-Pjan ta' Implimentazzjoni adottat fil-Laqgħa Għolja Dinjija tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Iżvilupp Sostenibbli li nżammet f'Johannesburg fl-2002, l-Unjoni Ewropea hija impenjata, *inter alia*, sabiex iżżomm jew treġġa' lura l-istokkijiet għal livelli li jistgħu jipproduċu l-ogħla rendiment sostenibbli, bl-għan li dawn l-għanijiet jinkisbu b'urġenza għall-istokkijiet eżawriti, u fejn hu possibbli mhux aktar tard mill-2015.

(2) Is-sajd għall-inċova fil-Bajja ta' Biscay ilu magħluq mill-2005 'l hawn minħabba l-qagħda mwiegħra tal-istokk.

(3) Sabiex jittejjeb l-istokk tal-inċova fil-Bajja ta' Biscay, f'livell li jippermetti l-isfruttar sostenibbli skont l-ogħla rendiment sostenibbli, huwa meħtieġ li jkun hemm dispożizzjonijiet għal miżuri għall-ġestjoni fit-tul tal-istokk li jiżguraw l-isfruttament ta' dak l-istokk b'rati għolja ta' rendiment b'konsistenza mal-ogħla rendiment sostenibbli u li jiggarantixxu, kemm jista' jkun, l-istabbiltà tas-sajd filwaqt li jinżamm livell baxx ta' riskju li l-istokk jikkollassa.

(4) L-istaġun tas-sajd għall-inċova fil-Bajja ta' Biscay jibda mill-1 ta' Lulju ta' kull sena u jispiċċa fil-30 ta' Ġunju tas-sena ta' wara. Għall-finijiet ta' simplifikazzjoni, huwa xieraq li jkun hemm dispożizzjonijiet għal miżuri speċifiċi li jistabbilixxu t-TAC għal kull staġun tas-sajd u li jallokaw l-opportunitajiet tas-sajd bejn l-Istati Membri b'tali mod li jkunu jikkonformaw ma' dan il-perjodu ta' ġestjoni u fuq il-bażi tal-parir mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) ([3]). ***Skont l-Artikolu 43(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) il-Kunsill għandu l-obbligu li jadotta l-miżuri dwar l-iffissar u l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd. Minħabba l-ispeċifikitajiet tas-sajd tal-inċova fil-Bajja ta' Biscay, ikun xieraq li l-Kunsill jistabbilixxi dawk il-miżuri b'mod li jippermetti TACs u kwoti li jiġu applikati għal kull staġun individwali.***

(5) Dan joħroġ mill-parir tal-iSTECF li l-ħsad ta' proporzjon kostanti tal-bijomassa tal-istokk riproduttiv jipprovdi għall-ġestjoni sostenibbli tal-istokkijiet. L-iSTECF huwa wkoll tal-parir li l-livell minimu tal-bijomassa riproduttiva li fiha l-istokk ikun jista' jibda jinħasad għandu jkun stabbilit għal 24 000 tunnellata u li l-livell prekawzjonarju ta' bijomassa għandu jkun ta' 33 000 tunnellata. Barra minn hekk, ir-rata xierqa tal-ħsad għandha tkun 30 % tal-bijomassa tal-istokk riproduttiv kull sena, soġġetta għar-restrizzjonijiet xierqa. Dik ir-rata timminimizza r-riskju li l-istokk jonqos għal livelli taħt il-bijomassa riproduttiva minima, kif ukoll il-probabbiltà li s-sajd jingħalaq, filwaqt li jinżammu livelli għolja ta' rendiment.

([1]) ĠU C 354, 28.12.2010, p. 69.
([2]) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Novembru 2010.
([3]) ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59.

**It-Tlieta 23 ta' Novembru 2010**

(6) F'każ li l-iSTECF ma jkunx jista' jagħti parir fuq TAC minħabba nuqqas ta' informazzjoni mhux preċiża u rappreżentattiva biżżejjed, għandhom ikunu stabbiliti dispożizzjonijiet biex ikun żgurat li TAC ikun iffissat b'mod konsistenti.

(7) Fejn din il-valutazzjoni turi li l-livell minimu tal-bijomassa riproduttiva jew il-livell tat-TAC stabbiliti mill-pjan fuq żmien twil ma jkunux għadhom xierqa, għandu jiġi żgurat l-adattatament tal-pjan. ***Il-Kummissjoni għandha għalhekk tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 290 TFUE f'dawk li huma modikifi fil-livell tal-bijomassa prekawzjonarju jew il-livelli ta' TAC indikati fl-Anness I kif jikkorrispondu mal-livelli ta' bijomassa rispettivi. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni tagħmel konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti.***

***(8) Ir-regola tal-esplojtazzjoni għall-iffissar tat-TAC li jipproponi l-pjan hija msejsa fuq l-istimi tar-riproduzzjoni tal-bijomassa għall-inċova magħmula f'Mejju u Ġunju ta' kull sena, minnufih qabel il-perjodu tal-ġestjoni għall-istaġun tas-sajd mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Ġunju. Jekk isir titjib fil-monitoraġġ xjentifiku tal-istokk li jippermetti li tkun imbassra b'mod affidabbli biżżejjed il-qabda fil-bidu ta' kull sena, jista' jkun hemm il-possibilità li tittejjeb l-istrateġija tal-esplojtazzjoni tas-sajd li tiġġustifika l-adattament ta' dan il-pjan fit-tul għall-istokk tal-inċova.***

(9) Jeħtieġ li jiġu introdotti miżuri ta' kontroll ***addizzjonali għal dawk li jipprovdu r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd [1],*** sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament. Fid-dawl tal-għadd kbir ta' bastimenti ta' inqas minn 15-il metru tul li huma involuti fis-sajd għall-inċova, huwa xieraq li l-obbligi stipulati ***fl-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 u*** fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2244/2003 tat-18 Diċembru 2003 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet dettaljati dwar is-sistemi ta' sorveljanza tal-vapuri bażata fuq satellita [2], lill-bastimenti kollha li jistadu għall-inċova.

(10) Huwa xieraq li tiġi żgurata l-evalwazzjoni perjodika tal-pjan u, fejn evalwazzjoni bħal din turi li r-regoli għall-kontroll tal-ħsad ma jkunux għadhom jiżguraw l-approċċ prekawzjonarju għall-ġestjoni tal-istok-kijiet, għandu jiġi żgurat l-adattament tal-pjan.

(11) Għall-iskopijiet tal-punti (i) u (iv) tal-Artikolu 21(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006 tas-27 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Ewropew għas-Sajd [3] il-pjan għandu jkun pjan ta' rkupru skont it-tifsira tal-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 ta' l-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skond il-Politika Komuni dwar is-Sajd [4] meta l-istokk ikun jinsab taħt il-livell ta' prekawzjoni tal-bijomassa riproduttiva, u pjan ta' ġestjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 6 tal-aħħar Regolament fis-sitwazzjonijiet l-oħra kollha,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

## KAPITOLU I

## SUĠĠETT, AMBITU U DEFINIZZJONIJIET

### Artikolu 1

### Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi pjan fit-tul għall-konservazzjoni u l-ġestjoni tal-istokk tal-inċova fil-Bajja ta' Biscay (minn issa 'l quddiem "il-pjan").

### Artikolu 2

### Ambitu

Dan ir-Regolament għandu japplika għall-istokk ta' inċova li jgħix fis-Subżona VIII tal-ICES.

[1] ***ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.***
[2] ĠU L 333, 20.12.2003, p. 17.
[3] ĠU L 223, 15.8.2006, p. 1.
[4] ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59.

Artikolu 3

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom jgħoddu d-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "staġun tas-sajd" tfisser il-perjodu mill-1 ta' Lulju sal-30 ta' Ġunju tas-sena ta' wara;

(b) "qabdiet totali permissibbli" (TAC) tfisser il-kwantità ta' inċova li tista' tittieħed mis-subżona msemmija fl-Artikolu 2 u tinħatt jew tintuża bħala lixka ħajja matul kull staġun tas-sajd;

(ċ) "kwota" tfisser proporzjon mit-TAC allokat lill-Istati Membri;

(d) "livell ta' prekawzjoni tal-bijomassa" tfisser livell tal-bijomassa ta' riproduzzjoni ta' 33 000 tunnellata;

(e) "bijomassa kurrenti" tfisser id-daqs medjan tal-bijomassa tal-istokk tal-***inċova meta mqabbla ma' dik tal-perjodu ta' Mejju-Ġunju li jiġi minnufih qabel il-bidu tal-istaġun*** tas-sajd ***li għalih għandu jiġi stabbilit it-TAC;***

***(f) "sistema ta' monitoraġġ għall-istokk ta' inċova" tfisser il-proċeduri għall-evalwazzjoni diretta tal-istokk tal-inċova li jippermettu lill-iSTECF li jistabbilixxi l-livell tal-bijomassa attwali; dawk il-proċeduri attwalment jikkonsistu fi stħarriġ akustiku f'Mejju u Ġunju u l-metodu ta' produzzjoni ta' bajd kuljum.***

KAPITOLU II

GĦAN GĦALL-ĠESTJONI FIT-TUL

Artikolu 4

Għan tal-pjan

L-għan tal-pjan għandu jkun:

(a) li jiġi żgurat l-isfruttament tal-istokk tal-inċova b'livelli għolja ta' rendiment b'konsistenza mal-ogħla rendiment sostenibbli, u

(b) li tiġi ggarantita, kemm jista' jkun, l-istabbiltà tas-sajd ***fuq tul ta' żmien twil, li hija prerekwiżit biex jiġu żgurati s-sostenibilità ekonomika u ekoloġika tas-settur tas-sajd,*** filwaqt li jinżamm riskju baxx tal-kollass tal-istokk.

KAPITOLU III

REGOLI DWAR IL-ĦSAD

Artikolu 5

TAC u l-allokazzjoni bejn l-Istati Membri

1. It-TAC u l-allokazzjoni bejn l-Istati Membri għal kull staġun tas-sajd għandhom ikunu l-livell ta' tunnellati indikati fl-Anness I bħala dak li jikkorrispondi mal-bijomassa kurrenti kif stmata mill-iSTECF.

2. Fejn, ▌ l-iSTECF ma jkunx jista' jagħti ***evalwazzjoni tal-bijomassa*** kurrenti, ***kemm jekk minħabba nuqqas fis-sistema ta' moniteraġġ, kemm jekk minħabba stimi li mhumiex preċiżi u koerenti biżżejjed dwar il-livell tal-bijomassa*** pariri dwar il-bijomassa kurrenti, it-TAC u l-kwoti għandhom jiġu deċiżi kif ġej:

(a) fejn l-iSTECF jagħti parir li l-qabdiet tal-inċova għandhom jitnaqqsu għall-aktar livell baxx possibbli, it-TAC u l-kwoti għandhom jikkorrispondu għal tnaqqis ta' 25 % meta mqabbla mat-TAC u l-kwoti applikabbli għall-istaġun tas-sajd ta' qabel;

**It-Tlieta 23 ta' Novembru 2010**

(b) fil-każijiet l-oħra kollha, it-TAC u l-kwoti għandhom jikkorrispondu għal-livell ta' tunnellati applikabli għall-istaġun tas-sajd ta' qabel.

3. Kull sena, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri kkonċernati dwar il-parir tal-iSTECF u għandha tikkonferma t-TAC u l-kwoti li jikkorrispondu magħhom skont l-Anness I u li huma applikabbli għall-istaġun tas-sajd li jibda mill-1 ta' Lulju ta' dik is-sena u tippubblika dak it-tagħrif fl-edizzjoni C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fuq il-websajt tal-Kummissjoni. ***Fejn huwa meħtieġ, il-Kummissjoni għandha tħabbar TAC indikattiv sal-1 ta' Lulju ta' kull sena, sakemm isir l-iffissar ta' TAC definittiv fi żmien 15-il ġurnata wara l-bidu tal-istaġun.***

Artikolu 6

***Delega ta' setgħat***

Fil-każ li l-iSTECF tagħti l-parir li l-livell prekawzjonarju tal-bijomassa kif definit fl-Artikolu 3 jew il-livelli tat-TAC indikati fl-Anness I bħala korrispondenti mal-livelli rispettivi tal-bijomassa ma jkunux għadhom xierqa biex jippermettu l-isfruttament sostenibbli tal-istokk tal-inċova, ***il-Kummissjoni tista' tadotta, permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 7 u suġġett għall-kundizzjonijiet tal-Artikoli 8 u 9, valuri ġodda għal dawk il-livelli.***

***Artikolu 7***

***Eżerċizzju tad-delega***

***1. Is-setgħat biex tadotta atti delegati msemmija fl-Artikolu 6 għandhom jingħataw lill-Kummissjoni għal perjodu ta' 3 snin minn … (1). Il-Kummissjoni għandha tagħmel rapport fir-rigward tas-setgħat delegati sa mhux aktar tard minn 6 xhur qabel tmiem il-perjodu ta' 3 snin. Id-delega tas-setgħat għandha tiġġedded awtomatikament għal perijodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jirrevokaha skont l-Artikolu 8.***

***2. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha fl-istess ħin tinnotifika b'dan lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.***

***3. Is-setgħa għall-adozzjoni ta' atti delegati mogħtija lill-Kummissjoni hija suġġetta għall-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 8 u 9.***

***Artikolu 8***

***Revoka tad-delega***

***1. Id-delega tas-setgħat imsemmija fl-Artikolu 6 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe waqt mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill.***

***2. L-istituzzjoni li tkun bdiet proċedura interna sabiex jiġi deċiż jekk tiġix revokata d-delega ta' setgħat għandha tagħmel ħilitha sabiex tgħarraf lill-istituzzjoni l-oħra u lill-Kummissjoni fi żmien raġonevoli qabel ma tittieħed id-deċiżjoni aħħarija, filwaqt li tindika s-setgħat delegati li jistgħu jkunu suġġetti għar-revoka u r-raġunijiet possibbli għal revoka.***

***3. Id-deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ minnufih jew f'data sussegwenti speċifikata fiha. Din m'għandhiex taffettwa l-validità tal-atti delegati li jkunu diġà fis-seħħ. Hija għandha tiġi pubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.***

***Artikolu 9***

***Oġġezzjonijiet għall-atti delegati***

***1. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għal att delegat fi żmien xahrejn mid-data tan-notifika.***

(1) ***Data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.***

***Fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill dan il-perjodu ta' żmien għandu jiġi estiż b'xahrejn.***

***2. Jekk, malli jiskadi l-perjodu msemmi fil-paragrafu 1, la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu oġġezzjonaw għall-att delegat, dan għandu jiġi ppubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u għandu jidħol fis-seħħ fid-data stipulata fih.***

***L-att delegat jista' jiġi ppubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u jista' jidħol fis-seħħ qabel l-iskadenza ta' dan il-perjodu jekk il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn li huma għarrfu lill-Kummissjoni bil-ħsieb tagħhom li ma jressqux oġġezzjonijiet.***

***3. Jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal att delegat fil-perjodu msemmi fil-paragrafu 1, dan m'għandux jidħol fis-seħħ. L-istituzzjoni li tesprimi oġġezzjonijiet għall-att delegat għandha tagħti r-raġunijiet għall-oġġezzjoni.***

▌

KAPITOLU IV

MONITORAĠĠ, SPEZZJONI U SORVELJANZA

Artikolu 10

Relazzjoni mar-Regolament ***(KE) Nru 1224/2009***

Barra mill-miżuri ta' kontroll stipulati fir-***Regolament (KE) Nru 1224/2009 u r-regoli ta' implimentazzjoni tiegħu, għandhom japplikaw i***l-miżuri ta' kontroll imsemmija f'dan il-Kapitolu.

Artikolu 11

Permess speċjali tas-sajd

1. Sabiex ikunu jistgħu jistadu għall-inċova fil-Bajja ta' Biscay, il-bastimenti għandhom ikollhom permess speċjali tas-sajd maħruġ skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1627/94 tas-27 ta' Ġunju 1994 li jniżżel ċerti dispożizzjonijiet rigward permessi speċjali tas-sajd ([1]).

2. Għandu jkun ipprojbit li kwalunkwe bastiment tas-sajd li ma jkollux permess speċjali tas-sajd jistad għal xi kwantità ta' inċova jew li jżommha abbord filwaqt li l-bastiment ikun qiegħed fuq vjaġġ tas-sajd li kien jinkludi l-preżenza ta' dak il-bastiment fis-Subżona tal-ICES imsemmija fl-Artikolu 2.

3. Qabel ma jibdew l-attivitajiet tas-sajd fi kwalunkwe staġun tas-sajd, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu lista ta' bastimenti li jkollhom il-permess speċjali tas-sajd u jagħmluh disponibbli, fuq is-sit web uffiċjali tagħhom, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra, billi jipprovdu l-link elettroniku għall-paġna web rilevanti. L-Istat Membru għandu jżomm il-lista aġġornata f'kull ħin u għandu jinforma lill-Kumissjoni u lill-Istati Membri l-oħra mingħar dewmien dwar kwalunkwe tibdil li jsir għal-link oriġinali għall-paġna elettronika.

Artikolu 12

Sistemi ta' Monitoraġġ tal-Bastimenti

Minbarra ***l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009***, l-obbligi stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2244/2003 għandhom japplikaw għal dawk il-bastimenti li ma jaqbżux il-15-il metru tul. ***Il-Paragrafu 5 tal-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 m'għandux japplika.***

([1]) ĠU L 171, 6.7.1994, p. 7.

**It-Tlieta 23 ta' Novembru 2010**

Artikolu 13

Kontroverifiki

***Meta jagħmlu l-verifiki tad-data skont l-Artikolu 109(2) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009*** fir-rigward tal-inċova, l-***awtoritajiet tal-Istati Membri responsabbli għall-moniteraġġ tas-sajd għandhom jagħtu*** importanza partikolari lill-possibbiltà li speċijiet oħra minbarra l-inċova jkunu rrappurtati bħala inċova, u viċi versa.

▌

Artikolu 14

Notifika minn qabel

1. ***B' deroga mill-Artikolu 17(1) u l-Artikolu 18(1) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, il-limitu ta' ħin għal avviż minn qabel lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera jew tax-xtajta għandu jkun stipulat li jkun siegħa qabel il-ħin stmat tal-wasla fil-port.***

2. L-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru li fih tkun se tinħatt aktar minn tunnellata waħda ta' inċova jistgħu jeħtieġu li l-ħatt tat-tagħbija ħut miżmuma abbord ma jibdiex qabel jiġi awtorizzat minn dawn l-awtoritajiet. ***Madankollu, l-iżbarki m'għandhom bl-ebda mod jiġu posposti jew imdewma iżjed mill-ħin li fih jibdew jonqsu l-kwalità tal- ħut jew il-valur tal-bejgħ tiegħu.***

▌

Artikolu 15

Portijiet deżinjati

▌

***L-awtoritajiet statali u reġjunali ta'*** kull Stat Membru għandu jiddeżinja portijiet li fihom għandu jsir kwalunkwe ħatt ta' inċova ta' aktar minn tunnellata.

▌

Artikolu 16

Marġni ta' tolleranza fl-estimi ta' kwantitajiet irrappurtati fil-ġurnal ta' abbord tal-bastiment

***Skont l-Artikolu 14(3) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009***, il-marġni ta' tolleranza permess, fl-istima ta' kwantitajiet f'kg miżmuma abbord, għandu jkun ***10 %*** taċ-ċifra fil-ġurnal ta' abbord.

Artikolu 17

Stivar separat tal-inċova

Għandu jkun ipprojbit li tinżamm abbord bastiment tas-sajd tal-Unjoni fi kwalunkwe kontenitur kwalunwke kwantità ta' inċova mħallta ma' kwalunkwe speċi oħra ta' organiżmi tal-baħar. Il-konteníturi li jkun fihom l-inċova għandhom jitqiegħdu fl-istiva b'tali mod li jinżammu separati minn konteníturi oħra.

▌

**It-Tlieta 23 ta' Novembru 2010**

Artikolu 18

Programmi nazzjonali ta' azzjoni għall-kontroll

▌

1. Mill-inqas darba fis-sena, il-Kummissjoni għandha ssejjaħ laqgħa tal-Kumitat Konsultattiv tas-Sajd u l-Akkwakultura biex tevalwa l-applikazzjoni u r-riżultati tal-programmi nazzjonali ta' azzjoni ta' kontroll.

***2. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi tagħrif lill-Kunsill Konsultattiv Reġjonali tal-Ilmijiet tal-Lbiċ dwar l-implimentazzjoni ta' programmi nazzjonali ta' azzjoni ta' kontroll u r-riżultati miksuba.***

▌

***Artikolu 19***

***Programmi speċifiċi ta' kontroll u spezzjonar***

***Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi favur programm specifiku ta' kontroll u spezzjonar skont l-Artikolu 95 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.***

KAPITOLU V

AZZJONI TA' SEGWITU

Artikolu 20

Evalwazzjoni tal-pjan

Il-Kummissjoni għandha, fuq il-bażi ta' pariri mill-STECF u wara konsultazzjoni mal-Kunsill Konsultattiv Reġjonali rilevanti, tevalwa l-impatt tal-pjan fuq l-istokk tal-inċova u fuq is-sajd li qed jisfrutta dak l-istokk, mhux aktar tard mit-tielet sena tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u mbgħad wara f'kull tielet sena suċċessiva tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u, fejn xieraq, tipproponi miżuri rilevanti biex temenda l-pjan.

KAPITOLU VII

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 21

Assistenza permezz tal-Fond Ewropew tas-Sajd

1. Għal dawk l-istaġuni tas-sajd li fihom l-istokk ikun taħt il-livell ta' prekawzjoni ta' bijomassa, il-pjan għandu jitqies bħala pjan ta' rkupru fit-tifsira tal-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002, u għall-finijiet tal-Artikolu 21(a)(i) tar-Regolament (KE) Nru 1198/2006.

2. Għal dawk l-istaġuni tas-sajd li fihom l-istokk ikun fil-livell jew ogħla mil-livell ta' prekawzjoni ta' bijomassa, il-pjan għandu jitqies bħala pjan ta' ġestjoni fit-tifsira tal-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002, u għall-finijiet tal-Artikolu 21(a)(iv) tar-Regolament (KE) Nru 1198/2006.

Artikolu 22

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin ġurnata mill-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

**It-Tlieta 23 ta' Novembru 2010**

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

ANNESS I

Il-livelli tat-TAC indikati fit-tabella hawn taħt ġew ikkalkulati skont ir-regola li ġejja:

$$TAC_{\gamma} = \begin{cases} 0 & \text{if } S\hat{S}B_{\gamma} \leq 24\,000 \\ \text{TAC min} & \text{if } 24\,000 < S\hat{S}B_{\gamma} < B_{pa} \\ \boldsymbol{MIN}\left\{y\ S\hat{S}B_{y},\ TAC\ \text{max}\right\} & \text{if } S\hat{S}B_{\gamma} \geq B_{pa} \end{cases}$$

Fejn:

$TAC_y$ hija l-Qabda Totali Permissibbli għal sena ta' ġestjoni *y* mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Ġunju tas-sena ta' wara.

TAC min huwa t-TAC minimu

TAC max huwa t-TAC massimu

$B_{pa}$ huwa l-livell prekawzjonarju tal-bijomassa riproduttiva għall-istokk

Gamma **γ** hija r-rata tal-ħsad

$SSB_y$ hija l-Bijomassa Riproduttiva reali, stmata f'Mejju ta' kull sena.

Fuq il-bażi tal-parir xjentifiku, il-parametri xierqa għall-użu mal-formola ta' hawn fuq bil-għan li jiġi ġestit l-istokk tal-inċova fil-Bajja ta' Biscay, għandhom ikunu dawn li ġejjin:

TAC min = 7 000 tunnellata;

TAC max = 33 000 tunnellata;

$B_{pa}$ = 33 000 tunnellata;

$\gamma$ = 0.3.

Livelli ta' bijomassa kurrenti u l-livelli korrispondenti tat-TAC u l-kwoti

| Bijomassa kurrenti stmata (tunnellati) | TAC Korrispondenti (tunnellati) | Kwoti (tunnellati) | |
|---|---|---|---|
| | | Franza | Spanja |
| 24 000 jew inqas | 0 | 0 | 0 |
| 24 001 – 33 000 | 7 000 | 700 | 6 300 |
| 33 001 – 34 000 | 10 200 | 1 020 | 9 180 |
| 34 001 – 35 000 | 10 500 | 1 050 | 9 450 |

**It-Tlieta 23 ta' Novembru 2010**

| Bijomassa kurrenti stmata (tunnellati) | TAC Korrispondenti (tunnellati) | Kwoti (tunnellati) | |
|---|---|---|---|
| | | Franza | Spanja |
| 35 001 – 36 000 | 10 800 | 1 080 | 9 720 |
| 36 001 – 37 000 | 11 100 | 1 110 | 9 990 |
| 37 001 – 38 000 | 11 400 | 1 140 | 10 260 |
| 38 001 – 39 000 | 11 700 | 1 170 | 10 530 |
| 39 001 – 40 000 | 12 000 | 1 200 | 10 800 |
| 40 001 – 41 000 | 12 300 | 1 230 | 11 070 |
| 41 001 – 42 000 | 12 600 | 1 260 | 11 340 |
| 42 001 – 43 000 | 12 900 | 1 290 | 11 610 |
| 43 001 – 44 000 | 13 200 | 1 320 | 11 880 |
| 44 001 – 45 000 | 13 500 | 1 350 | 12 150 |
| 45 001 – 46 000 | 13 800 | 1 380 | 12 420 |
| 46 001 – 47 000 | 14 100 | 1 410 | 12 690 |
| 47 001 – 48 000 | 14 400 | 1 440 | 12 960 |
| 48 001 – 49 000 | 14 700 | 1 470 | 13 230 |
| 49 001 – 50 000 | 15 000 | 1 500 | 13 500 |
| 50 001 – 51 000 | 15 300 | 1 530 | 13 770 |
| 51 001 – 52 000 | 15 600 | 1 560 | 14 040 |
| 52 001 – 53 000 | 15 900 | 1 590 | 14 310 |
| 53 001 – 54 000 | 16 200 | 1 620 | 14 580 |
| 54 001 – 55 000 | 16 500 | 1 650 | 14 850 |
| 55 001 – 56 000 | 16 800 | 1 680 | 15 120 |
| 56 001 – 57 000 | 17 100 | 1 710 | 15 390 |
| 57 001 – 58 000 | 17 400 | 1 740 | 15 660 |
| 58 001 – 59 000 | 17 700 | 1 770 | 15 930 |
| 59 001 – 60 000 | 18 000 | 1 800 | 16 200 |
| 60 001 – 61 000 | 18 300 | 1 830 | 16 470 |
| 61 001 – 62 000 | 18 600 | 1 860 | 16 740 |
| 62 001 - 63 000 | 18 900 | 1 890 | 17 010 |
| 63 001 – 64 000 | 19 200 | 1 920 | 17 280 |
| 64 001 – 65 000 | 19 500 | 1 950 | 17 550 |
| 65 001 – 66 000 | 19 800 | 1 980 | 17 820 |
| 66 001 – 67 000 | 20 100 | 2 010 | 18 090 |
| 67 001 – 68 000 | 20 400 | 2 040 | 18 360 |
| 68 001 – 69 000 | 20 700 | 2 070 | 18 630 |
| 69 001 – 70 000 | 21 000 | 2 100 | 18 900 |
| 70 001 – 71 000 | 21 300 | 2 130 | 19 170 |
| 71 001 – 72 000 | 21 600 | 2 160 | 19 440 |

**It-Tlieta 23 ta' Novembru 2010**

| Bijomassa kurrenti stmata (tunnellati) | TAC Korrispondenti (tunnellati) | Kwoti (tunnellati) | |
|---|---|---|---|
| | | Franza | Spanja |
| 72 001 – 73 000 | 21 900 | 2 190 | 19 710 |
| 73 001 – 74 000 | 22 200 | 2 220 | 19 980 |
| 74 001 – 75 000 | 22 500 | 2 250 | 20 250 |
| 75 001 – 76 000 | 22 800 | 2 280 | 20 520 |
| 76 001 – 77 000 | 23 100 | 2 310 | 20 790 |
| 77 001 – 78 000 | 23 400 | 2 340 | 21 060 |
| 78 001 – 79 000 | 23 700 | 2 370 | 21 330 |
| 79 001 – 80 000 | 24 000 | 2 400 | 21 600 |
| 80 001 – 81 000 | 24 300 | 2 430 | 21 870 |
| 81 001 – 82 000 | 24 600 | 2 460 | 22 140 |
| 82 001 – 83 000 | 24 900 | 2 490 | 22 410 |
| 83 001 – 84 000 | 25 200 | 2 520 | 22 680 |
| 84 001 – 85 000 | 25 500 | 2 550 | 22 950 |
| 85 001 – 86 000 | 25 800 | 2 580 | 23 220 |
| 86 001 – 87 000 | 26 100 | 2 610 | 23 490 |
| 87 001 – 88 000 | 26 400 | 2 640 | 23 760 |
| 88 001 – 89 000 | 26 700 | 2 670 | 24 030 |
| 89 001 – 90 000 | 27 000 | 2 700 | 24 300 |
| 90 001 – 91 000 | 27 300 | 2 730 | 24 570 |
| 91 001 – 92 000 | 27 600 | 2 760 | 24 840 |
| 92 001 – 93 000 | 27 900 | 2 790 | 25 110 |
| 93 001 – 94 000 | 28 200 | 2 820 | 25 380 |
| 94 001 – 95 000 | 28 500 | 2 850 | 25 650 |
| 95 001 – 96 000 | 28 800 | 2 880 | 25 920 |
| 96 001 – 97 000 | 29 100 | 2 910 | 26 190 |
| 97 001 – 98 000 | 29 400 | 2 940 | 26 460 |
| 98 001 – 99 000 | 29 700 | 2 970 | 26 730 |
| 99 001 – 100 000 | 30 000 | 3 000 | 27 000 |
| Akbar minn 100 000 | 33 000 | 3 300 | 29 700 |

**It-Tlieta 23 ta' Novembru 2010**

ANNESS II

KONTENUT TAL-PROGRAMMI NAZZJONALI TA' AZZJONI TA' KONTROLL

Il-programmi ta' azzjoni ta' kontroll nazzjonali għandhom ikollhom bħala mira, fost oħrajn, li jispeċifikaw dan li ġej:

1. MEZZI TA' KONTROLL

Riżorsi umani

1.1. L-għadd ta' spetturi fuq l-art u fuq il-baħar u l-perjodi u ż-żoni meta u fejn ser jiġu mobilizzati.

Riżorsi tekniċi

1.2. L-għadd ta' bastimenti u inġenji tal-ajru għas-sorveljanza u l-perjodi meta u ż-żoni fejn ser jiġu mobilizzati.

Riżorsi finanzjarji

1.3. L-allokazzjoni tal-baġit għall-mobilizzazzjoni tar-riżorsi umani, il-bastimenti u l-inġenji tal-ajru għas-sorveljanza.

2. REĠISTRAZZJONI U RAPPORTAR ELETTRONIKU TA' INFORMAZZJONI MARBUTA MAL-ATTIVITAJIET TAS-SAJD

Deskrizzjoni tas-sistemi implimentati biex jiżguraw konformità mal-Artikoli 13, 15 u 17.

3. DEŻINJAZZJONI TA' PORTIJIET

Fejn rilevanti, lista tal-portijiet ddeżinjati għall-ħatt tal-inċova skont l-Artikolu 16.

4. NOTIFIKAZZJONI QABEL IL-ĦATT

Deskrizzjoni tas-sistemi implimentati biex jiżguraw konformità mal-Artikolu 14.

5. KONTROLL TA' ĦATT L-ART

Deskrizzjoni ta' kwalunkwe faċilità u sistemi implimentati biex tiġi żgurata konformità mal-Artikoli 14, 15 u 16.

6. PROĊEDURI TA' SPEZZJONI

Il-programmi nazzjonali ta' azzjoni għall-kontroll għandhom jispeċifikaw il-proċeduri li għandhom jiġu segwiti:

(a) waqt li jsiru spezzjonijiet fuq il-baħar u fl-art;

(b) għall-komunikazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti nnominati minn Stati Membri oħrajn bħala responsabbli għall-programmi ta' azzjoni ta' kontroll nazzjonali għall-inċova;

(c) għal sorveljanza konġunta u skambju ta' spetturi, inkluż speċifikazzjoni ta' poteri u awtorità ta' spetturi li joperaw f'ilmijiet ta' Stati Membri oħra.

**It-Tlieta 23 ta' Novembru 2010**

ANNESS III

PUNTI TA' REFERENZA SPEĊIFIĊI GĦALL-ISPEZZJONI

GĦAN

1. Kull Stat Membru għandu jistipula punti ta' referenza speċifiċi għall-ispezzjoni skont dan l-Anness.

STRATEĠIJA

2. L-ispezzjoni u s-sorveljanza tal-attivitajiet tas-sajd għandhom jikkonċentraw fuq bastimenti li x'aktarx jistadu għall-inċova. Spezzjonijiet aleatorji tat-trasport u l-kummerċjalizzazzjoni tal-inċova għandhom jintużaw bħala mekkaniżmu komplimentari ta' kontroverifika biex jiċċekkja l-effettività tal-ispezzjoni u s-sorveljanza.

PRIJORITAJIET

3. Tipi differenti ta' rkaptu għandhom ikunu soġġetti għal livelli differenti ta' prijoritizzazzjoni skont il-punt sa fejn il-flotot ikunu affettwati mil-limiti fuq l-opportunitajiet tas-sajd. Minħabba f'hekk, kull Stat Membru għandu jistabbilixxi prijoritajiet speċifiċi.

PUNTI TA' REFERENZA FIL-MIRA

4. Mhux aktar tard minn xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jimplimentaw l-iskedi ta' spezzjoni tagħhom filwaqt li jqisu l-miri stabbiliti hawn taħt.

   L-Istati Membri għandhom jispeċifikaw u jiddeskrivu liema strateġija ta' teħid ta' kampjuni għandha tiġi applikata.

   Fuq talba, il-Kummissjoni jista' jkollha aċċess għall-pjan ta' teħid ta' kampjuni li jintuża mill-Istat Membru.

   (a) Livell ta' spezzjoni fil-portijiet

   Bħala regola ġenerali, il-preċiżjoni li għandha tinkiseb għandha tkun mill-anqas ekwivalenti għal dik li kieku tinkiseb b'metodu sempliċi u aleatorju ta' teħid ta' kampjuni, fejn l-ispezzjonijiet ikopru 20 % tal-ħatt kollu bl-użin ta' inċova fi Stat Membru.

   (b) Livell ta' spezzjoni tal-kummerċjalizzazzjoni

   Spezzjoni ta' 5 % tal-kwantitajiet ta' inċova offruti għall-bejgħ b'irkant.

   (c) Livell ta' spezzjoni fuq il-baħar

   Punt ta' referenza flessibbli: għandu jiġi stabbilit wara analiżi dettaljata tal-attività tas-sajd f'kull żona. Il-punti ta' referenza fuq il-baħar għandhom jirreferu n-numru ta' ġranet ta' għassa fuq il-baħar fiż-żoni ta' ġestjoni tal-inċova, possibbilment b'punt ta' referenza separat għall-ġranet ta' għassa ta' żoni speċifiċi.

   (d) Livell ta' sorveljanza mill-ajru

   Punt ta' referenza flessibbli: għandu jiġi stabbilit wara analiżi dettaljata tal-attività tas-sajd imwettqa f'kull żona u b'qies tar-riżorsi disponibbli għad-dispożizzjoni tal-Istat Membru.

**It-Tlieta 23 ta' Novembru 2010**

## Pjan multiannwali għall-istokk tal-Punent ta' Sawrell tal-Atlantiku u s-sajd li jisfrutta dak l-istokk ***I

P7_TA(2010)0421

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Novembru 2010 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi pjan multiannwali għall-istokk tal-Punent ta' Sawrell tal-Atlantiku u s-sajd li jisfrutta dak l-istokk (COM(2009)0189 – C7-0010/2009 – 2009/0057(COD))**

(2012/C 99 E/42)

((Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari))

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2009)0189),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 37 tat-Trattat KE, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C7-0010/2009),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill intitolata “Konsegwenzi tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Liżbona dwar il-proċeduri interistituzzjonali ta' teħid ta' deċiżjonijiet li għaddejjin bħalissa” (COM(2009)0665),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) u l-Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-17 ta' Marzu 2010 ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd (A7-0296/2010),

1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari kif stabbilita hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tikkonsultah jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta tagħha b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Parlamenti nazzjonali.

---

([1]) Għadha mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

**It-Tlieta 23 ta' Novembru 2010**

## P7_TC1-COD(2009)0057

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fi 23 ta' Novembru 2010 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi pjan multiannwali għall-istokk tal-Punent ta' Sawrell tal-Atlantiku u s-sajd li jisfrutta dak l-istokk**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja ([2]),

Billi:

(1) Fid-dawl tal-Pjan ta' Implimentazzjoni adottat fil-Laqgħa Għolja Dinjija tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Iżvilupp Sostenibbli adottat f'Johannesburg fl-2002, l-Unjoni Ewropea hija impenjata *inter alia* sabiex iżżomm jew treġġa' lura l-istokkijiet tal-ħut għal livelli li jistgħu jipproduċu l-ogħla rendiment sostenibbli, bl-għan li dawn l-għanijiet jinkisbu b'urġenza għall-istokkijiet eżawriti, u fejn hu possibbli mhux aktar tard mill-2015. Il-Politika Komuni tas-Sajd, skont l-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 tal-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skont il-Politika Komuni dwar is-Sajd ([3]), hija mmirata li tiżgura sfruttar tar-riżorsi akkwatiċi ħajjin li jipprovdi kundizzjonijiet ekonomiċi, ambjentali u soċjali sostenibbli.

(2) ▌L-informazzjoni bijoloġika dwar ▌l-istokk ***tal-Punent*** mhix biżżejjed għal valutazzjoni sħiħa tal-istokk li tippermetti l-istabbiliment ta' mira għall-mortalità mis-sajd relatata mal-ogħla rendiment sostenibbli u biex il-qabdiet totali permissibbli jkunu relatati mal-previżjonijiet xjentifiċi tal-qabdiet. Madankollu, l-indiċi tal-abbundanza tal-bajd li ilu jiġi kkalkulat mill-1977 fi stħarriġ internazzjonali triennali jista' jintuża bħala indikatur bijoloġiku għall-iżvilupp tad-daqs tal-istokk.

(3) Il-parir mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (l-STECF) jindika li regola għall-kontroll tal-ħsad abbażi tax-xejriet fl-abbundanza tal-bajd mill-aħħar tliet stħarriġiet tal-bajd tkun tipprovdi għal ġestjoni sostenibbli tal-istokk.

(4) Għal għadd ta' snin mill-2003, il-parir xjentifiku prekawzjonarju indika li l-qabdiet għall-kavalli tal-Punent għandhom ikunu taħt il-150 000 tunnellata fis-sena, abbażi tal-premessa li dan iżomm l-isfruttar għal-livell sostenibbli, saħansitra fin-nuqqas kontinwu ta' avveniment ta' reklutaġġ straordinarjament b'saħħtu. Regola għall-kontroll tal-ħsad għandha tkun ibbażata, fuq bażi ugwali, kemm fuq dan il-parir prekawzjonarju kif ukoll fuq TAC li jkompli jiġi aġġustat b'fattur li jirrifletti x-xejriet fil-produzzjoni tal-bajd.

(5) Ir-regoli għall-kontroll tal-ħsad jeħtieġ li jqisu l-ħut mormi lura, inkluż ħut meħlus, għaliex kull tneħħija mill-istokk hija rilevanti.

▌

([1]) ĠU C 354, 28.12.2010, p. 68.
([2]) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Novembru 2010.
([3]) ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59.

**It-Tlieta 23 ta' Novembru 2010**

(6) L-istokk huwa primarjament imqassam f'ilmijiet tal-Unjoni u f'ilmijiet Norveġiżi. In-Norveġja għandha interess fl-isfruttar tas-sawrell tal-Punent. L-istokk sa issa mhux soġġett għal ġestjoni konġunta.

***(7) L-istokk tal-Punent huwa ekonomikament l-aktar stokk importanti ta' sawrell li jgħix fl-ilmijiet tal-Unjoni. Jinqabad minn flotot differenti - industrijali, għall-ipproċessar u l-kummerċ estern, u artiġjanali, biex il-pubbliku ġenerali jingħata ħut frisk ta' kwalità għolja.***

(8) Bil-ħsieb li tiġi żgurata l-konformità mal-miżuri kif stabbiliti f'dan ir-Regolament, għandhom jiġu adottati miżuri speċifiċi ta' kontroll flimkien ma dawk misjuba ***fir-Regolament tal-Kunstill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd*** ([1]), kif ukoll ma' dawk ipprovduti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1542/2007 tal-20 ta' Diċembru 2007 dwar il-proċeduri ta' ħatt l-art u użin ta' aringi, kavalli u sawrell ([2]). Dawn il-miżuri b'mod partikolari għandhom ipattu għal nuqqasijiet fir-rappurtar marbuta maż-żoni u mal-ispeċijiet.

(9) Huwa xieraq li tiġi żgurata l-evalwazzjoni perjodika tal-pjan u, fejn evalwazzjoni bħal din turi li r-regoli għall-kontroll tal-ħsad ma jkunux għadhom jiżguraw l-approċċ prekawzjonarju għall-ġestjoni tal-istokkijiet, għandu jiġi żgurat l-adattament tal-pjan.

(10) Għall-iskopijiet tal-punti (i) u (iv) tal-Artikolu 21(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006 tas-27 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Ewropew għas-Sajd ([3]) il-pjan għandu jkun pjan ta' rkupru skont it-tifsira tal-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002 meta d-daqs tal-istokk riproduttiv ikun stmat li huwa inqas minn 130 % tad-daqs tiegħu fl-1982, meta kien iġġenera reklutaġġ straordinarjament kbir, u għandu jkun pjan ta' ġestjoni fil-każijiet l-oħra kollha. Stokk riproduttiv ta' 130 % meta mqabbel mad-daqs fl-1982 jindika l-livell prekawzjonarju tal-bijomassa.

(11) L-istabbiliment u l-allokazzjoni ta' opportunitajiet ta' sajd ▌fil-Politika Komuni tas-Sajd u għandhom impatt dirett fuq is-sitwazzjoni soċjoekonomika tal-flotot tas-sajd tal-Istati Membri, ***u għalhekk jeħtieġ, b'mod partikolari, li jitqies il-bejgħ ta' ħut frisk għall-konsum mill-bniedem mill-flotot ta' max-xtajta fuq skala żgħira marbuta direttament ma' żoni ta' sajd max-xtajta li huma dipendenti ħafna fuq l-industrija tas-sajd***.

***(12) Ir-referenzi u l-parametri bijoloġiċi li jagħmlu parti mir-regola tal-qbid għandhom isegwu l-pariri xjentifiċi l-aktar riċenti. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) fir-rigward ta' modifiki ta' ċerti referenzi u parametri bijoloġiċi inkorporati fir-regola tal-qbid kif stabbilit fl-Anness, sabiex wieħed ikun jista' jirreaġixxi malajr għal bidliet fil-pariri xjentifiċi li jirriżultaw minn għarfien jew metodi mtejba. Huwa importanti ferm li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa waqt il-ħidma ta' tħejjija tagħha, anke fil-livell tal-esperti,***

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

## KAPITOLU I

## SUĠĠETT, AMBITU U DEFINIZZJONIJIET

### Artikolu 1

### Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi pjan fit-tul għall-konservazzjoni u l-ġestjoni tal-istokk tal-Punent tas-sawrell (minn issa 'l quddiem 'il-pjan').

([1]) ***ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.***
([2]) ĠU L 337, 21.12.2007, p. 56.
([3]) ĠU L 223, 15.8.2006, p. 1.

**It-Tlieta 23 ta’ Novembru 2010**

Artikolu 2

Ambitu

Il-pjan għandu japplika għall-istokk ta’ sawrell li jgħix fl-ilmijiet tal-UE u dawk internazzjonali tad-Diviżjonijiet tal-ICES IIa, IVa, Vb, VIa, VIb, VIIa, b, c, e, f, g, h, j, k, VIIIa, b, c, d u e.

***Fir-rigward tal-flotta ta’ max-xtajta, l-organizzazzjoni taż-żoni ta’ ġestjoni li toħroġ minn dan il-pjan għandha tiġi implimentata b’attenzjoni xierqa għad-drittijiet storiċi ta’ dak il-qasam ta’ flotot.***

Artikolu 3

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta’ dan ir-Regolament, għandhom jgħoddu d-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) “ICES” tfisser il-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar, u “Diviżjoni tal-ICES” hija reġjun statistiku tas-sajd, kif definit minn dik l-organizzazzjoni;

(b) “sawrell tal-Punent” tfisser sawrell tal-istokk imsemmi fl-Artikolu 2;

(c) “qabdiet totali permissibbli” (TAC) tfisser il-kwantità ta’ sawrell tal-Punent li tista’ tinqabad u tinħatt l-art kull sena;

(d) “tneħħija totali” tfisser il-kwantità ta’ sawrell tal-Punent imneħħija mill-baħar, li tinkorpora t-TAC applikabbli u estimu tal-ħut mormi kif ikkalkulat għas-sena rilevanti skont id-dispożizzjonijiet ta’ dan ir-Regolament;

(e) “indiċi tal-istħarriġ dwar il-bajd” tfisser l-għadd stmat ta’ bajd tas-sawrell li jirriżulta mill-istħarriġ triennali internazzjonali dwar il-bajd għall-kavalli u s-sawrell fl-Atlantiku, diviż b’$10^{15}$;

(f) “ħut meħlus” tfisser ħut maqbud u sussegwentement meħlus fil-baħar mingħajr ma jkun ittella’ abbord.

KAPITOLU II

GĦAN GĦALL-ĠESTJONI FIT-TUL

Artikolu 4

Għan tal-pjan

L-għan tal-pjan huwa li l-bijomassa tas-sawrell tal-Punent tinżamm f’livell li jiżgura l-isfruttar sostenibbli tiegħu u sabiex jiġi pprovdut l-ogħla rendiment sostenibbli. Għal dan l-għan, ir-regola għall-kontroll tal-ħsad għandha tkun ibbażata, fuq bażi ugwali, kemm fuq dan il-parir prekawzjonarju mogħti għall-kundizzjonijiet medji tar-reklutaġġ kif ukoll fuq il-livelli tal-qabdiet totali permissibbli reċenti, aġġustati b’fattur li jirrifletti x-xejriet reċenti fl-abbundanza tal-istokk kif imkejjel permezz tal-produzzjoni tal-bajd.

**It-Tlieta 23 ta' Novembru 2010**

KAPITOLU III

REGOLI DWAR IL-ĦSAD

Artikolu 5

Proċedura għall-iffissar tat-TAC

1. Sabiex jintlaħaq l-għan stabbilit fl-Artikolu 4, kull sena l-Kunsill, li jaġixxi skont il-proċedura stipulata ***fl-Artikolu 43(3) TFUE*** U wara konsultazzjoni mal-STECF, għandu jiddeċiedi dwar it-TAC għas-sawrell tal-Punent għas-sena ta' wara.

***2. Id-distribuzzjoni taż-żoni tat-TACs għas-sawrell tal-Punent kif definit f'dan ir-Regolament għandha tqis l-ispeċifiċità u l-finijiet tal-flotot involuti, industrijali jew artiġjanali – għall-ipproċessar u għall-kummerċ estern u għall-forniment ta' ħut frisk ta' kwalità għolja lill-pubbliku ġenerali.***

3. It-TACs għandhom jiġu stabbiliti skont dan il-Kapitolu.

Artikolu 6

Kalkolu tat-TAC

1. It-TAC għandu jiġi kkalkulat billi titnaqqas mit-tneħħija totali kkalkulata skont l-Artikoli 7 u 8, kwantità ta' ħut ekwivalenti għall-ħut mormi, inkluż ħut meħlus, li seħħet is-sena ta' qabel is-sena li fih tkun saret l-aħħar valutazzjoni xjentifika, kif stmata mill-STECF.

2. Meta l-STECF ma jkunx kapaċi jistma l-livell ta' rimi, inkluż ħut meħlus għas-sena ta' qabel is-sena li fih tkun saret l-aħħar valutazzjoni xjentifika, it-tnaqqis għandu jkun daqs ***il-medja tal-ammont*** relattiv ta' ħut mormi, li jinkludi ħut meħlus, stmat xjentifikament bħala okkorrenza matul l-aħħar 15-il sena ▌.

3. Meta t-TAC jiġi kkalkulat abbażi tat-tneħħija totali kkalkulata proviżorjament skont l-Artikolu 7(3), għandu jiġi adattat matul is-sena tal-applikazzjoni tiegħu għall-kalkolu finali tat-tneħħija.

Artikolu 7

Kalkolu tat-tneħħija totali għal sena wara l-istħarriġ dwar il-bajd

1. Meta t-TAC għandu jiġi stabbilit għal sena li ssegwi sena li fih l-istħarriġ dwar il-bajd ikun seħħ, it-tneħħija totali għandha tiġi kkalkulata abbażi tal-elementi li ġejjin:

(a) fattur kostanti ugwali għal 1,07, li jirrifletti żieda finali tat-tneħħija totali kif simulat f'mudelli matematiċi sottostanti, li jimmira li jżid ir-rendiment annwali mingħajr ma jikkomprometti l-għan li r-riskju għat-tnaqqis fid-daqs tal-istokk jinżamm f'livell baxx ħafna;

(b) it-TAC stabbilit għas-sena li fiha jkun sar l-istħarriġ dwar il-bajd, minn issa 'l quddiem "TAC ta' referenza";

(c) fattur ta' differenzjazzjoni stabbilit skont l-Anness, li jirrifletti x-xejriet fl-abbundanza tal-istokk abbażi tal-indiċijiet tal-istħarriġ dwar il-bajd;

(d) ammont minimu ta' tneħħija totali, inklużi l-estimi tar-rimi lura, ta' ***bejn 70 000 u 80 000*** tunnellata.***Il-Kunsill għandu jiddeċiedi l-ammont minimu ta' tneħħija totali meta jistabbilixxi t-TAC skont dan il-Kapitolu.***

**It-Tlieta 23 ta' Novembru 2010**

2. It-tneħħija totali msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi kkalkulata skont il-formula li ġejja:

1,07 * (***l-ammont minimu ta' tneħħija totali*** + (TAC ta' referenza* fattur ta' differenzjazzjoni) / 2)

3. Meta jkun disponibbli biss kalkolu provviżorju tal-aħħar indiċi tal-istħarriġ dwar il-bajd, it-tneħħija totali għandha tiġi kkalkulata skont il-paragrafi 1 u 2 abbażi tal-indiċi provviżorju u adattati matul is-sena tal-applikazzjoni tat-TAC rilevanti għar-riżultat aħħari tal-istħarriġ dwar il-bajd.

Artikolu 8

Kalkolu tat-tneħħija totali għas-snin sussegwenti

1. Meta t-TAC għandu jiġi stabbilit għal sena li ma ssegwix sena li fih l-istħarriġ dwar il-bajd ikun seħħ, it-tneħħija totali għandha tkun ugwali għat-tneħħija totali kkalkulata għas-sena ta' qabel.

2. Madankollu, jekk ikunu skadew aktar minn tliet snin mill-aħħar stħarriġ dwar il-bajd, ikkalkulati mis-sena li fih għandu jiġi stabbilit it-TAC, it-tneħħija totali għandha titnaqqas bi 15 %, sakemm l-STECF ikun tal-parir li tnaqqis bħal dan ma jkunx xieraq, f'liema każ it-tneħħija totali għandha tkun ugwali għal dik ta' qabel jew ikkalkulata bi tnaqqis aktar baxx, abbażi tal-parir tal-STECF.

Artikolu 9

Regola tranżizzjonali għall-istabbiliment tat-TAC

1. Meta l-ewwel TAC li jkun se jiġi stabbilit skont l-Artikoli 6 u 7 jirrigwarda sena li ma ssegwix sena li fih ikun sar stħarriġ dwar il-bajd, it-TAC għandu jiġi kkalkulat skont dawk l-Artikoli daqslikieku l-aħħar stħarriġ dwar il-bajd ikun seħħ fis-sena ta' qabel.

▌

Artikolu 10

Adattament ta' miżuri

Fil-każ li l-STECF jagħti parir, ***minħabba għarfien aħjar dwar l-istokkijiet jew metodu ta' valutazzjoni mtejjeb tal-istokkijiet, li l-fattur ta' differenzjazzjoni jew l-inklinazzjoni li jirriflettu l-abbundanza tal-bajd kif stipulat fl-Anness għandhom ikunu stabbiliti jew ikkalkulati b'mod differenti, il-Kummissjoni tista' tadotta, permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 11 u skont il-kundizzjonijiet tal-Artikoli 12 u 13, modifiki fl-Anness sabiex dawk il-parametri jiġu adattati għall-pariri xjentifiċi ġodda.***

***Artikolu 11***

***Eżerċitar tad-delega***

***1. Is-setgħa biex tadotta atti delegati msemmija fl-Artikolu 10 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' tliet snin mid- … (*). Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport dwar is-setgħa delegata sa mhux aktar tard minn sitt xhur qabel tmiem il-perjodu ta' tliet snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' tul identiku, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jirrevokawhiex skont l-Artikolu 12.***

***2. Malli tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.***

***3. Is-setgħa biex tadotta atti delegati tingħata lill-Kummissjoni skont il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 12 u 13.***

(*) ***Data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.***

**It-Tlieta 23 ta' Novembru 2010**

*Artikolu 12*

*Revoka tad-delega*

*1. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 10 tista' tiġi revokata f'kull żmien mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.*

*2. L-istituzzjoni li tkun bdiet proċedura interna biex jiġi deċiż għandhiex tiġi revokata d-delega tas-setgħa għandha tagħmel ħilitha biex tgħarraf lill-istituzzjoni l-oħra u lill-Kummissjoni f'perjodu raġonevoli ta' żmien qabel ma tittieħed id-deċiżjoni aħħarija, filwaqt li tindika s-setgħa ddelegata li tista' tkun suġġetta għar-revoka u r-raġunijiet possibbli għal revoka.*

*3. Id-deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha tapplika minnufih jew f'data aktar 'il quddiem speċifikata minnha. M'għandhiex taffettwa l-validità tal-atti delegati diġà fis-seħħ. Għandha tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

*Artikolu 13*

*Oġġezzjonijiet għal atti delegati*

*1. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jista' joġġezzjona għal att delegat fi żmien perjodu ta' xahrejn mid-data tan-notifika.*

*Fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn.*

*2. Jekk, meta jintemm il-perjodu msemmi fil-Paragrafu 1, la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu oġġezzjonaw għall-att delegat, għandu jiġi ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u għandu jidħol fis-seħħ fid-data stabbilita fih.*

*L-att delegat jista' jiġi ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u jista' jidħol fis-seħħ qabel ma jintemm dak il-perjodu jekk il-Parlament Ewropew u l-Kunsill it-tnejn ikunu għarrfu lill-Kummiss-joni bil-ħsieb tagħhom li ma jqajmux oġġezzjonijiet.*

*3. Jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjona għall-att delegat, dan m'għandux jidħol fis-seħħ. L-istituzzjoni li toġġezzjona għandha tiddikjara r-raġunijiet għaliex oġġezzjonat għall-att delegat.*

KAPITOLU IV

MONITORAĠĠ U SORVELJANZA

Artikolu 14

***Awtorizzazzjoni għas-sajd***

1. Sabiex ikunu jistgħu jistadu għas-sawrell tal-Punent, il-bastimenti ***awtorizzazzjoni għas-sajd maħruġa*** skont ***l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.***

2. Għandu jkun ipprojbit li kwalunkwe bastiment tas-sajd li ma jkollux awtorizzazzjoni għas-sajd, li jistad għal xi kwantità ta' sawrell jew li jżommha abbord filwaqt li l-bastiment ikun qiegħed fuq vjaġġ tas-sajd li kien jinkludi l-preżenza ta' dak il-bastiment fid-Diviżjonijiet tal-ICES imsemmija fl-Artikolu 2.

***3. B'deroga mill-paragrafu 2, il-kaptan ta' bastiment tas-sajd li ma jkollux awtorizzazzjoni għas-sajd jista' jżomm sawrell abbord u jidħol fiż-żona msemmija fl-Artikolu 2, kemm-il darba t-tagħmir ikun marbut u merfugħ skont ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 47 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 u skont il-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu.***

**It-Tlieta 23 ta' Novembru 2010**

***4. Minbarra r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, qabel ma jidħol fiż-żona msemmija fl-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament, il-kaptan tal-bastiment li ma jkollux awtorizazzjoni għas-sajd għandu jirreġistra fil-ġurnal, id-data u l-ħin meta spiċċat l-aħħar operazzjoni ta' sajd, filwaqt li jispeċifika l-port li biħsiebu jħott fih. Meta l-bastiment ikun suġġett għar-rekwiżiti tal-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, it-tagħrif għandu jiġi trażmess skont dak l-Artikolu. Il-kwantitajiet ta' sawrell abbord il-bastiment li ma jkunux irreġistrati fil-ġurnal għandhom jitqiesu li nqabdu fiż-żona.***

5. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi u jżomm lista ta' bastimenti li jkollhom ***awtorizzazzjoni għas-sajd*** u li tkun tista' tinkiseb mis-sit elettroniku uffiċjali tiegħu mill-Kummissjoni u minn Stati Membri oħra. ***L-Istat Membru għandu jinkorpora dik il-lista fil-parti sikura tas-sit web uffiċjali stabbilit skont l-Artikolu 114 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.***

***6. Bla ħsara għall-Kapitolu III tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008 tad- 29 ta' Settembru 2008 dwar l-awtorizzazzjonijiet għall-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tas-sajd tal-Komunità barra mill-ilmijiet tal-Komunità u l-aċċess ta' bastimenti ta' pajjiżi terzi għall-ilmijiet tal-Komunità, [1], il-Paragrafi 1 sa 4 ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw ukoll għal bastimenti tas-sajd ta' pajjiżi terzi li biħsiebhom jistadu għas-sawrell tal-Punent fl-ilmijiet tal-Unjoni.***

### Artikolu 15

### Kontroverifiki

1. ***Meta titwettaq il-validazzjoni tad-data dwar is-sawrell tal-Punent skont l-Artikolu 109 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009,*** għandha tiġi enfasizzata ***b'mod partikolari*** l-possibbiltà li speċijiet pelaġiċi żgħar, li mhumiex sawrell, jiġu rrappurtati bħala sawrell, u viċi versa.

2. ▌ Għandha ***wkoll issir*** enfażi partikolari fuq il-koerenza tad-dejta dwar iż-żoni fir-rigward tal-attivitajiet osservati f'żoni fejn jiltaqgħu l-konfini tal-istokkijiet tas-sawrell, jiġifieri d-Diviżjonijiet tal-ICES VIIIc u IXa, IVa u IVb, VIIe u VIId.

▌

## KAPITOLU V

## AZZJONI TA' SEGWITU

### Artikolu 16

### Evalwazzjoni tal-pjan

Il-Kummissjoni għandha, fuq il-bażi ta' pariri mill-STEFC u wara konsultazzjoni mal-Kunsill Konsultattiv Reġjonali rilevanti, tevalwa l-impatt tal-pjan fuq l-istokk tas-sawrell tal-Punent u fuq is-sajd li jisfrutta dak l-istokk, mhux aktar tard mis-sitt sena tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u wara f'kull sitt sena suċċessiva tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u, fejn xieraq, tipproponi miżuri rilevanti biex temenda l-pjan.

## KAPITOLU VI

## DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

### Artikolu 17

### Assistenza permezz tal-Fond Ewropew tas-Sajd

1. Għal dawk is-snin li fihom l-istokk riproduttiv jiġi stmat xjentifikament li jkun laħaq għall-inqas 130 % tad-daqs li kellu fl-1982, il-pjan għandu jitqies bħala pjan ta' ġestjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002, u għall-finijiet ta-Artikolu 21(a)(iv) tar-Regolament (KE) Nru 1198/2006.

[1] ***ĠU L 286, 29.10.2008, p. 33***.

2. Għal dawk is-snin li fihom l-istokk riproduttiv jiġi stmat xjentifikament li huwa iżgħar minn 130 % tad-daqs li kellu fl-1982, il-pjan għandu jitqies bħala pjan ta' rkupru skont it-tifsira tal-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002, u għall-finijiet ta-Artikolu 21(a)(i) tar-Regolament (KE) Nru 1198/2006.

Artikolu 18

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin ġurnata mill-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

***L-Artikolu 14 għandu japplika mid-data ta' applikazzjoni tal-Artikoli 7 u 14 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.***

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi,

| Għall-Parlament Ewropew | Għall-Kunsill |
|---|---|
| Il-President | Il-President |

ANNESS

Kalkolu tal-fattur ta' differenzjazzjoni kif jissemma fl-Artikolu 7(1)(c)

1. Il-fattur ta' differenzjazzjoni msemmi fl-Artikolu 7(1)(c) għandu jiġi stabbilit kif ġej, abbażi tal-inklinazzjoni kkalkulata skont il-punt 2 ta' dan l-Anness:

   (a) Jekk l-inklinazzjoni tal-indiċijiet tal-aħħar tliet stħarriġiet dwar il-bajd tkun ta' – 1,5 jew inqas, il-fattur ta' differenzjazzjoni jkun ta' 0,

   (b) Jekk l-inklinazzjoni tal-indiċijiet tal-aħħar tliet stħarriġiet dwar il-bajd tkun akbar minn – 1,5 u iżgħar minn 0, il-fattur ta' differenzjazzjoni huwa ugwali għal 1 – (– 2/3 * l-inklinazzjoni),

   (c) Jekk l-inklinazzjoni tal-indiċijiet tal-aħħar tliet stħarriġiet dwar il-bajd tkun ta' 0 jew akbar, u mhux akbar minn 0,5 il-fattur ta' differenzjazzjoni jkun ta' 1 + (0,8 * l-inklinazzjoni),

   (d) Jekk l-inklinazzjoni tal-indiċijiet tal-aħħar tliet stħarriġiet dwar il-bajd akbar minn 0,5, il-fattur ta' differenzjazzjoni jkun ta' 1,4.

2. L-inklinazzjoni tal-indiċijiet tal-aħħar tliet stħarriġiet dwar il-bajd għandha tiġi kkalkulata skont il-formula li ġejja:

   (indiċi 3 tal-istħarriġ dwar il-bajd – indiċi 1 tal-istħarriġ dwar il-bajd) / (3 - 1),

   fejn l-indiċijiet tal-aħħar tliet stħarriġiet dwar il-bajd jitqiegħdu f'ringiela biex jimmarkaw il-punt 1, il-punt 2 u l-punt 3 fuq l-assi x ta' koordinat, biex b'hekk l-indiċi 3 tal-istħarriġ dwar il-bajd ikun l-aħħar indiċi tal-istħarriġ dwar il-bajd, u l-indiċi 1 tal-istħarriġ dwar il-bajd ikun l-indiċi stmat sitt snin qabel.

**It-Tlieta 23 ta' Novembru 2010**

# Projbizzjoni tas-selezzjoni kwalitattiva (highgrading) u r-restrizzjonijiet fuq is-sajd għall-barbun u l-barbun imperjali fil-Baħar Baltiku, fil-Belts u fis-Sound ***I

P7_TA(2010)0422

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Novembru 2010 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2187/2005 fir-rigward tal-projbizzjoni tas-selezzjoni kwalitattiva (highgrading) u r-restrizzjonijiet fuq is-sajd għall-barbun u l-barbun imperjali fil-Baħar Baltiku, fil-Belts u fis-Sound (COM(2010)0325 – C7-0156/2010 – 2010/0175(COD))**

(2012/C 99 E/43)

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2010)0325),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0156/2010),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-15 ta' Settembru 2010 ([1]),

— wara li kkunsidra l-impenn mogħti mir-rappreżentant tal-Kunsill b'ittra tat-12 ta' Novembru 2010 li l-pożizzjoni tal-Parlament tiġi aċċettata, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd (A7-0295/2010),

1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari kif stabbilita hawn taħt;

2. Jistieden lill-Kummissjoni tħejji pjan ta' ġestjoni komprensiv għall-ħut ċatt fil-Baħar Baltiku;

3. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

---

([1]) Għadha mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

**It-Tlieta 23 ta' Novembru 2010**

## P7_TC1-COD(2010)0175

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-23 ta' Novembru 2010 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2187/2005 fir-rigward tal-projbizzjoni tas-selezzjoni kwalitattiva (highgrading) u r-restrizzjonijiet fuq is-sajd għall-barbun u l-barbun imperjali fil-Baħar Baltiku, fil-Belts u fis-Sound**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel ma' l-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) Nru 1237/2010.)*

---

# L-użu ta' speċijiet aljeni u li ma jinstabux lokalment fl-akkwakultura ***I

P7_TA(2010)0423

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Novembru 2010 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 708/2007 dwar l-użu ta' speċijiet aljeni u li ma jinstabux lokalment fl-akkwakultura (COM(2009)0541 – C7-0272/2009 – 2009/0153(COD))**

(2012/C 99 E/44)

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2009)0541) u l-proposta emendata lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2010)0393),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 37 u 299(2) tat-Trattat KE, skont liema artikoli ġie kkonsultat mill-Kunsill dwar il-proposta tal-bidu (C7-0272/2009),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) u l-Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema Artikoli il-Kummissjoni ippreżentat il-proposta emendata lill-Parlament,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali dwar il-bażi legali proposta,

— wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill b'ittra tat-12 ta' Novembru 2010 li l-pożizzjoni tal-Parlament tiġi approvata, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjonijiet tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-17 ta' Marzu 2010 u tal-21 ta' Ottubru 2010 ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 u 37 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd (A7-0184/2010),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari kif stabbilita hawn taħt;

2. Jenfasizza l-fatt li l-proposta emendata tal-Kummissjoni tinkorpora l-parti l-kbira tal-emendi adottati mill-Kumitat għas-Sajd fit-2 ta' Ġunju 2010;

---

([1]) Għadhom mhumiex ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali.

**It-Tlieta 23 ta' Novembru 2010**

3. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

**P7_TC1-COD(2009)0153**

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-23 ta' Novembru 2010 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 708/2007 dwar l-użu ta' speċi aljeni u li ma jinstabux lokalment fl-akkwakultura**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel ma' l-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) Nru 304/2011.)*

---

## Għajnuna mill-Istat biex tiffaċilita l-għeluq ta' minjieri tal-faħam li mhumiex kompetittivi *

P7_TA(2010)0424

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Novembru 2010 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill dwar għajnuna mill-Istat biex tiffaċilita l-għeluq ta' minjieri tal-faħam li mhumiex kompettitivi (COM(2010)0372 – C7-0296/2010 – 2010/0220(NLE))**

(2012/C 99 E/45)

(Konsultazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2010)0372),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 107(3(e)) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C7-0296/2010),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali dwar il-bażi legali proposta,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 55 u 37 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u l-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A7-0324/2010),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex skont l-Artikolu 293(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea tadatta l-proposta tagħha skont dan;

3. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

4. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sostanzjali;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| **Emenda 1**<br>**Proposta għal regolament**<br>**Kunsiderazzjoni 1** | |
| — Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 107(3)(e) tiegħu, | — Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 107(3)(e) ***u l-Artikolu 109*** tiegħu, |
| **Emenda 2**<br>**Proposta għal regolament**<br>**Premessa 1** | |
| (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1407/2002 tat-23 ta' Lulju 2002 dwar l-għajnuna mill-Istat lill-industrija tal-faħam jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2010. | (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1407/2002 tat-23 ta' Lulju 2002 dwar l-għajnuna mill-Istat lill-industrija tal-faħam jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2010 ***u fin-nuqqas ta' qafas leġiżlattiv ġdid li jippermetti ċerti tipi speċifiċi ta' għajnuniet mill-istat għall-industrija tal-faħam, l-Istati Membri jistgħu jagħtu għajnuniet biss fil-limiti li dwarhom jiddisponu r-regoli ġenerali dwar l-għajnuniet mill-istat li japplikaw għas-setturi kollha***. |
| **Emenda 3**<br>**Proposta għal regolament**<br>**Premessa 1 a (ġdida)** | |
| | ***(1a) Il-faħam jintuża mhux biss bħala karburant iżda wkoll bħala materja prima għall-industrija kimika, rwol li se jikseb aktar importanza fil-futur.*** |
| **Emenda 4**<br>**Proposta għal regolament**<br>**Premessa 1 b (ġdida)** | |
| | ***(1b) Il-kapaċità ta' produzzjoni fl-industrija tal-minjieri tal-faħam tal-UE li tintilef minħabba għaleuq tal-minjieri se tkun ikkumpensata mill-importazzjoni ta' faħam fl-Unjoni, bil-konsegwenza li jkunu pajjiżi terzi li jfornu l-faħam lill-Unjoni.*** |
| **Emenda 5**<br>**Proposta għal regolament**<br>**Premessa 2** | |
| (2) Il-kontribuzzjoni żgħira tal-faħam issussidjat lejn it-taħlita enerġetika ġenerali ***ma għadhiex tiġġustifika ż-żamma ta' tali sussidji bil-għan li tkun żgurata l-provvista*** tal-enerġija ***fuq il-livell tal-Unjoni***. | (2) Il-kontribuzzjoni żgħira tal-faħam issussidjat lejn it-taħlita enerġetika ġenerali ***tal-UE tfisser li s-sussidji għall-estrazzjoni tal-faħam jistgħu jibbilanċjaw l-interruzzjonijiet li jista' jkun hemm fil-provvista*** tal-enerġija ***biss sa punt limitat. Madankollu, il-livell tal-għajnuna mill-istat fis-settur tal-faħam illum hija hekk baxxa li ma jistax ikollha effett distorsiv fuq il-kompetizzjoni. Minimu ta' produzzjoni ta' faħam fil-livell tal-Unjoni jżomm aċċess għal depożiti indiġeni fl-interessi tal-ħolqien ta' riserva strateġika.*** |

**It-Tlieta 23 ta' Novembru 2010**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 6**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 2 a (ġdida)**

| | |
|---|---|
| | ***(2a) L-iskadenza tar-Regolament (KE) Nru 1407/2002 se ġġiegħel lil xi wħud mill-Istati Membri jagħlqu l-minjieri tal-faħam tagħhom mil-lum għall-għada u jġarrbu l-konsegwenzi soċjali u reġjonali kbar ta' dan l-għeluq.*** |

**Emenda 7**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 2 b (ġdida)**

| | |
|---|---|
| | ***(2b) Fid-dawl tal-impatt soċjoekonomiku estremament serju tal-għeluq tal-minjieri, b'mod partikolari fir-reġjuni bi ftit popolazzjoni, għandu jiġi kkunsidrat appoġġ immirat mill-fondi strutturali tal-UE fil-baġits tal-ġejjieni, anki jekk ir-reġjuni milquta jkunu jinsabu fi Stati Membri bi problemi ekonomiċi anqas severi.*** |

**Emenda 8**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 2 c (ġdida)**

| | |
|---|---|
| | ***(2c) Skont l-Artikolu 194(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri għandhom id-dritt li jiddeterminaw huma stess il-kundizzjonijiet għall-isfruttament tar-riżorsi tal-enerġija tagħhom, li jagħżlu bejn riżorsi differenti tal-enerġija u li jiddeterminaw l-istruttura ġenerali tal-provvista tal-enerġija tagħhom.*** |

**Emenda 9**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 3**

| | |
|---|---|
| (3) ***Il-politiki*** tal-Unjoni li ***jinkoraġġixxu*** enerġija rinnovabbli u l-użu ta' karburant fossili b'inqas karbonju għall-ġenerazzjoni tal-enerġija ***ma jiġġustifikawx is-sostenn indefinit tal-minjieri tal-faħam li mhumiex kompetittivi. Il-kategoriji ta' għajnuna permessi mir-Regolament (KE) Nru 1407/2002 għalhekk ma għandhomx jitkomplew indefinittivament***. | (3) ***F'dak li jirrigwarda l-politiki*** tal-Unjoni li ***jgħinu l-użu ta'*** enerġija rinnovabbli u l-użu ta' karburant fossili b'inqas karbonju għall-ġenerazzjoni tal-enerġija***, l-Istati Membri għandhom jipprovdu pjan ta' miżuri bil-għan li jtaffu l-impatt ambjentali tal-użu tal-faħam, pereżempju fil-qasam tal-effiċjenza tal-enerġija, tal-enerġija rinnovabbli jew fil-qbid u l-ħżin tal-karbonju. Dan japplika għal kull tip ta' faħam u kull tip ta' riżorsi. Għandu jkun rikonoxxut li s-sostituzzjoni tal-faħam sussidjat b'dak mhux sussidjat m'għandu l-ebda impatt benefiku fuq l-ambjent.*** |

**Emenda 10**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 3 a (ġdida)**

| | |
|---|---|
| | ***(3a) Minħabba li s-sorsi tal-enerġija fl-Unjoni huma skarsi, l-appoġġ għall-industrija tal-minjieri tal-faħam huwa ġustifikat skont il-politika tal-Unjoni li tinkorġġixxi l-karburanti rinovabbli u dawk fossili b'anqas karbonju għall-ġenerazzjoni tal-enerġija. Il-kategoriji ta' għajnuna permessi bir-Regolament (KE) Nru 1407/2002 ma għandhomx jinżammu indefinittivament. Madanakollu, fi kwalunkwe każ, għandha tinżamm l-għajnuna mill-istat maħsuba biex tnaqqas l-effett ta' tniġġis tal-faħam. Minjieri li jistgħu jkunu kompetittivi imma jibqgħu jirrikjedu għajnuna mill-istat għal investimenti tat-teknoloġija ambjentali wara l-iskadenza ta' perjodu ta' 10 snin għandhom ikunu eżentati minnn tali qtugħ tas-sussidji.*** |

It-Tlieta 23 ta' Novembru 2010

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 11**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 5**

| | |
|---|---|
| (5) Mingħajr ħsara għar-regoli ġenerali dwar l-għajnuna mill-Istat, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jieħdu miżuri biex itaffu l-konsegwenzi soċjali u reġjonali tal-għeluq ta' dawk il-minjieri, jiġifieri l-istralċ ordnat tal-attivitajiet fil-kuntest ta' pjan ta' għeluq irrivokabbli u/jew il-finanzjament tal-kosti eċċezzjonali, partikolarment ir-responsabbiltajiet li jintirtu. | (5) Mingħajr ħsara għar-regoli ġenerali dwar l-għajnuna mill-Istat, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jieħdu miżuri biex itaffu l-konsegwenzi soċjali u reġjonali tal-għeluq ***possibbli*** ta' dawk il-minjieri, jiġifieri l-istralċ ordnat tal-attivitajiet fil-kuntest ta' pjan ta' għeluq irrivokabbli u/jew il-finanzjament tal-kosti eċċezzjonali, partikolarment ir-responsabbiltajiet li jintirtu. |

**Emenda 12**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 5 a (ġdida)**

| | |
|---|---|
| | ***(5a) Għandu jinħaseb immedjatament għat-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema milquta mill-pjanijiet ta' għeluq u għal dak il-għan għandhom jiġu esplorati l-possibilitajiet kollha ta' finanzjament reġjonali, nazzjonali u tal-Unjoni.*** |

**Emenda 13**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 5 b (ġdida)**

| | |
|---|---|
| | ***(5b) Se jeħtieġ li jissokta lil hinn mill-2014 l-finanzjament ta' miżuri ta' protezzjoni ambjentali u ta' kosts relatati mal-għeluq tal-minjieri fit-tul. Tmiem prematur tas-sussidji tal-Istati Membri lill-industrija tal-faħam iwassal għal tħarbit ekoloġiku u finanzjarju serju fir-reġjuni kkonċernati u fl-aħħar mill-aħħar jiġi jiswa ħafna aktar flus mit-tneħħija gradwali ta' dawn is-sussidji.*** |

**Emenda 14**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 6**

| | |
|---|---|
| ***(6) Dan ir-Regolament jimmarka t-tranżizzjoni tas-settur tal-faħam minn regoli speċifiċi għas-settur għar-regoli ġenerali ta' għajnuna mill-Istat li huma applikabbli għas-setturi kollha.*** | *imħassar* |

**Emenda 15**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 7**

| | |
|---|---|
| (7) Sabiex jimminimizza d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni fis-suq intern li jirriżultaw minn għajnuna, tali għajnuna għandha tkun ***digressiva u strettament*** limitata għall-unitajiet ta' produzzjoni li huma ppjanati għal għeluq irrevokabbli. | (7) Sabiex ikunu mminimizzati d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni fis-suq intern li jirriżultaw minn għajnuna, tali għajnuna ***għandu jkollha xejra 'l isfel*** u għandha tkun limitata għall-unitajiet ta' produzzjoni li huma ppjanati għal għeluq irrevokabbli***, għajr fejn dawk l-unitajiet ikunu sarau kompetittivi sad-data skedata għall-għeluq***. |

**Emenda 16**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 7 a (ġdida)**

| | |
|---|---|
| | ***(7a) Ir-riabilitazzjoni ta' siti fejn qabel kien hemm minjieri tal-faħam tirrikjedi għadd ta' miżuri bħalma huma t-tneħħija ta' tagħmir minerarju mill-minjiera u li din tinġieb fi stat ta' sikurezza, it-tindif tas-sit u t-tneħħija tal-ilma tal-iskart. il-finanzjament ta' din ir-riabilitazzjoni jirrikjedi ppjanar fit-tul.*** |

**It-Tlieta 23 ta' Novembru 2010**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 17**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 8**

| | |
|---|---|
| *(8) Sabiex jittaffa l-impatt ambjentali negattiv ta' għajnuna għall-faħam, l-Istati Membri għandhom jipprovdu pjan ta' miżuri xierqa, pereżempju fil-qasam tal-effiċjenza tal-enerġija, enerġija rinnovabbli u l-ġbir u ħżin tad-diossidu tal-karbonju.* | *imħassar* |

**Emenda 18**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 8 a (ġdida)**

| | |
|---|---|
| | *(8a) Livell minimu ta' produzzjoni tal-faħam flimkien ma' miżuri oħra, b'mod partikolari għall-promozzjoni tas-sorsi tal-enerġija li jiġġeddu, se jgħinu biex tinżamm proporzjon ta' sorsi primarji indiġeni tal-enerġija, li tista' tagħti spinta sinifikanti lis-sigurtà tal-enerġija tal-Unjoni. Barra minn hekk, proporzjon tas-sorsi primarji indiġeni se sservi wkoll biex tippromwovi miri ambjentali fil-kuntest tal-iżvilupp sostenibbli. Fil-kuntest tal-ispinta tas-sorsi primarji indiġeni tal-enerġija fl-Unjoni biex tiġi kontrobilanċjata id-dipendenza sinfikanti tagħha fuq l-importazzjoni, għandha tkun ikkunsidrata l-kompletazzjoni tas-sorsi indiġeni mhux fossili b'sorsi fossili, u l-faħam huwa l-uniku sors tal-enerġija fossili f'xi Stati Membri.* |

**Emenda 19**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 8 b (ġdida)**

| | |
|---|---|
| | *(8b) Fin-netwerks ta' impjanti għall-produzzjoni tal-elettriku mill-faħam, il-faħam indiġenu x'aktarx li jiġi ssostitwit b'faħam impurtat, u b'hekk kosts sostanzjali ta' trasport u impatt negattiv tal-karbonju bla ma jinbidel fir-realtà l-ammont ta' emissjonijiet ta' $CO_2$ mill-produzzjoni tal-elettriku.* |

**Emenda 20**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 8 c (ġdida)**

| | |
|---|---|
| | *(8c) F'termini tal-ġeoloġija, il-kundizzjonijiet għall-estrazzjoni tal-faħam ivarjaw skont is-sit, u f'termini tal-istandards soċjali, ta' sikurezza u ambjentali (relatati maċ-ċediment tal-artijiet u danni ambjentali oħra) li jiddependu miċ-ċirkustanzi politiċi. L-effett ta' dawn il-varjazzjonijiet iwassal għal żvantaġġi kompetittivi, b'mod partikolari bejn l-Unjoni u l-faħam importat, li wasslu gal miżuri sostanzjali ta' ristrutturar fl-industrija tal-faħam tal-Unjoni li ġab miegħu tnaqqis maġġuri tal-attività f'dawn l-aħħar għexieren ta' snin.* |

**Emenda 21**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 8 d (ġdida)**

| | |
|---|---|
| | *(8d) Livell minimu ta' produzzjoni ta' faħam issussidjat se jgħin ukoll biex tinżamm il-posizzjoni prominenti tas-settur minerarju tal-Unjoni u tat-teknoloġija għal faħam nadif, b'tali mod li dik it-teknoloġija, b'mod partikolari, tista' tiġi ttrasferita lejn l-inħawi prinċipali li jipproduċu l-faħam f'pajjiżi terzi u b'hekk tagħti kontribut għal tnaqqis dinji sinifikanti fl-emissjonijiet niġġiesa u tal-gassijiet serra..* |

**It-Tlieta 23 ta' Novembru 2010**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 22**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 8 e (ġdida)**

| | |
|---|---|
| | ***(8e) Fil-preżent l-użu prinċipali tal-faħam fl-Unjoni huwa għall-produzzjoni tal-enerġija u, f'livell anqas, għall-produzzjoni ta' faħam kokk għall-azzar. Għal raġunijiet ambjentali, il-produzzjoni tal-enerġija mill-faħam għandha tieqaf mill-aktar fis possibbli biex inflokha tidħol iol-produzzjoni sostenibbli tal-enerġija. Fl-industrija tal-azzar, madankollu, il-faħam x'aktarx li jibqa; indispensabbli fil-ġejjieni prevedibbli. Fid-dawl tat-tnaqqis fir-riżorsi taż-żejt ("peak oil") il-faħam x'aktarx se jikseb importanza dejjem ikbar bħala materja prima ta' sostitut għall-industrija kimika. Fit-tul, għaldaqstant, m'għandux jiġi eskluż l-issuktar tal-aċċess għad-depożiti tal-faħam tal-Unjoni bil-għan li jinżamm, għal raġunijiet tekniċi, livell minimu ta' produzzjoni tal-faħam li ma jikkawżax distorsjoni tal-kompetizzjoni, anki jekk tali ssuktar tal-aċċess ikun jeħtieġ perjodu twil ta' għajnuna mill-istat.*** |

**Emenda 32**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 9 a (ġdida)**

| | |
|---|---|
| | ***(9a) L-impriżi, f'konformità mal-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas" u l-ħtieġa tal-internalizzazzjoni tal-ispejjeż esterni, għandhom ikunu obbligati li jkopru l-ispejjeż tar-rimedjar ta' kwalunkwe ħsara ambjentali ta' żmien qasir u/jew fit-tul ikkawżata mill-attivitajiet tagħhom.*** |

**Emenda 23**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 10**

| | |
|---|---|
| (10) Fit-twettiq tal-kompitu tagħha, il-Kummissjoni ***Ewropea*** għandha tiżgura li l-kondizzjonijiet normali tal-kompetizzjoni jiġu stabbiliti, miżmuma u mħarsa. Fir-rigward ta' iktar għajnuna lill-industrija tal-faħam, speċjalment għas-suq tal-elettriċità, din ma għandhiex tkun tali li taffetwa lilll-produtturi tal-enerġija fl-għażla tas-sorsi primarji ta' provvista ta' enerġija. Konsegwentament, il-prezzijiet u l-kwantitajiet tal-faħam għandhom ikunu maqbula liberament bejn il-partijiet kontraenti fid-dawl tal-kondizzjonijiet prevalenti fis-suq dinji. | (10) Fit-twettiq tal-kompitu tagħha, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-kondizzjonijiet normali tal-kompetizzjoni jiġu stabbiliti, miżmuma u mħarsa. Fir-rigward ta' iktar għajnuna lill-industrija tal-faħam, speċjalment għas-suq tal-elettriċità, din ma għandhiex tkun tali li taffetwa lilll-produtturi tal-enerġija fl-għażla tas-sorsi primarji ta' provvista ta' enerġija. Konsegwentament, il-prezzijiet u l-kwantitajiet tal-faħam għandhom ikunu maqbula liberament bejn il-partijiet kontraenti fid-dawl tal-kondizzjonijiet prevalenti fis-suq dinji. ***Fid-dawl taż-żieda prevedibbli fil-prezzijiet tal-enerġija, il-Kummissjoni għandha tagħmel rieżamni regolari tal-kontribut potenzjali tal-faħam tal-Unjoni għas-sigurtà tal-enerġija.*** |

**Emenda 24**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2**

| | |
|---|---|
| 2. L-għajnuna għandha tkopri ***biss*** kosti dwar faħam għall-produzzjoni tal-elettriċità, il-produzzjoni tas-sħana u l-elettriċità flimkien, il-produzzjoni tal-kokk u l-karburazzjoni tal-kalkari tal-blast fl-industrija tal-azzar, fejn tali użu jseħħ fl-Unjoni, | 2. L-għajnuna għandha tkopri kosti dwar faħam għall-produzzjoni tal-elettriċità, il-produzzjoni tas-sħana u l-elettriċità flimkien, il-produzzjoni tal-kokk, il-karburazzjoni tal-kalkari tal-blast fl-industrija tal-azzar ***u r-riċerka u l-investiment f'teknoloġiji mfassla biex inaqqsu l-emissjonijiet niġġiesa mill-faħam,*** fejn tali użu jseħħ fl-Unjoni. |

**It-Tlieta 23 ta' Novembru 2010**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 25**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt a**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (a) l-operazzjoni tal-unitajiet ta' produzzjoni kkonċernati trid tkun tagħmel parti minn pjan ta' għeluq li l-iskadenza tiegħu ma taqbiżx ***l-1 ta' Ottubru 2014***; | (a) l-operazzjoni tal-unitajiet ta' produzzjoni kkonċernati trid tkun tagħmel parti minn pjan ta' għeluq li l-iskadenza tiegħu ma taqbiżx ***il-31 ta' Diċembru 2018***; |

**Emenda 26**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (b) l-unitajiet ta' produzzjoni kkonċernati jridu jingħalqu definittivament skont il-pjan ta' għeluq; | (b) l-unitajiet ta' produzzjoni kkonċernati jridu jingħalqu definittivament skont il-pjan ta' għeluq, ***sakemm ma jkunux saru kompetittivi sad-data stipulata f'dak il-pjan u sakemm il-ħtiġijiet tal-enerġija tal-Unjoni ma jirrikejdux l-isuktar tal-eżistenza tagħhom***; |

**Emenda 37**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt f**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (f) l-ammont globali tal-għajnuna għall-għeluq mogħtija minn Stat Membru ***għal kwalunkwe impriża partikolari*** jrid isegwi xejra 'l isfel***, fejn it-tnaqqis bejn il-perjodi suċċessivi ta' ħmistax-il xahar ma jridx ikun inqas minn 33 fil-mija tal-għajnuna pprovduta fil-perjodu inizjali ta' ħmistax-il xahar tal-pjan ta' għeluq***; | (f) l-ammont globali tal-għajnuna għall-għeluq mogħtija minn Stat Membru jrid isegwi xejra 'l isfel; |

**Emenda 28**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt h**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| ***(h) l-Istat Membru għandu jipprovdi pjan biex jieħu miżuri bil-għan li jittaffa l-impatt ambjentali tal-użu tal-faħam, pereżempju fil-qasam tal-effiċjenza tal-enerġija, enerġija rinnovabbli u l-ġbir u ħżin tad-diossidu tal-karbonju. L-inklużjoni ta' miżuri li jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat fit-tifsira tal-Artikolu 107(1) f'tali pjan hija mingħajr ħsara għall-obbligi ta' notifika u ta' waqfien imposti fuq l-Istat Membru permezz tal-Artikolu 108(3) TFUE fir-rigward ta' dawn il-miżuri, u għal kompatibbiltà ta' dawn il-miżuri mas-suq intern.“*** | ***imħassar*** |

**Emenda 29**
**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 2. Jekk l-unitajiet ta' produzzjoni li għalihom tingħata l-għajnuna skont il-paragrafu 1 ma jingħalqux fid-data stabbilita fil-pjanijiet ta' għeluq awtorizzati mill-Kummissjoni, l-Istat Membru kkonċernat għandu jirkupra l-għajnuna kollha mogħtija għall-perjodu kollu kopert mill-pjan ta' għeluq. | 2. Jekk l-unitajiet ta' produzzjoni li għalihom tingħata l-għajnuna skont il-paragrafu 1 ma jingħalqux fid-data stabbilita fil-pjanijiet ta' għeluq awtorizzati mill-Kummissjoni ***jew ma jkunux saru kompetittivi sa dik id-data***, l-Istat Membru kkonċernat għandu jirkupra l-għajnuna kollha mogħtija għall-perjodu kollu kopert mill-pjan ta' għeluq. |

L-Erbgħa 24 ta' Novembru 2010

## Abbozz ta' baġit ta' emenda Nru 8/2010: Taqsima III – Il-Kummissjoni - Fond ta Solidarjetà tal-UE: Għargħar fl-Irlanda - Konklużjoni tal-FSE Objettiv nru 1 (2000-2006)

P7_TA(2010)0427

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-abbozz ta' baġit ta' emenda Nru 8/2010 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, Taqsima III – Il-Kummissjoni (16722/2010 – C7-0388/2010 – 2010/2217(BUD))**

(2012/C 99 E/46)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari l-Artikolu 314 tiegħu u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 37 u 38 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, adottat b'mod aħħari fis-17 ta' Diċembru 2009 ([2]),

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba ([3]),

— wara li kkunsidra l-abbozz tal-baġit ta' emenda Nru 8/2010 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, ippreżentat mill-Kummissjoni fl-24 ta' Settembru 2010 (COM(2010)0533),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz tal-baġit ta' emenda Nru 8/2010, stabbilit mill-Kunsill fit-22 ta' Novembru 2010 ((16722/2010 – C7-0388/2010),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 75b u 75e tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A7-0327/2010),

A. billi l-Abbozz tal-baġit ta' emenda Nru 8/2010 għall-baġit ġenerali 2010 jkopri l-punti li ġejjin:

  — mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE għall-ammont ta' EUR 13 022 500 f'approprjazzjonijiet għall-impenji u għall-ħlasijiet fir-rigward tal-effetti tal-għargħar fl-Irlanda,

  — tnaqqis korrispondenti fl-approprjazzjonijet għall-ħlasijiet ta' EUR 13 022 500 mill-linja 04 02 01 - Tlestija tal-Fond Soċjali Ewropew (FSE) Objettiv 1 (2000-2006),

([1]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.
([2]) ĠU L 64, 12.3.2010.
([3]) ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

**L-Erbgħa 24 ta' Novembru 2010**

B. billi l-għan tal-Abbozz tal-baġit ta' emenda Nru 8/2010 huwa li dan l-aġġustament baġitarju jiddaħħal b'mod formali fil-baġit tal-2010,

1. Jieħu nota tal-Abbozz tal-baġit ta' emenda Nru 8/2010;

2. Japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-Abbozz tal-baġit ta' emenda Nru 8/2010 mingħajr emendi u jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiddikjara li l-Baġit ta' emenda Nru 7/2010 ġie adottat b'mod definittiv u biex jiżgura li jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

## Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni KE/Moldova ***

P7_TA(2010)0428

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-abbozz għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jistabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Moldova fil-programmi tal-Unjoni (10496/2010 – C7-0330/2010 – 2010/0102(NLE))**

(2012/C 99 E/47)

(Proċedura leġislattiva speċjali – konsultazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (10496/2010),

— wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jistabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra ([1]), konkluż fit-28 ta' Novembru 1994,

— wara li kkunsidra t-talba għall-approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill skont l-Artikoli 114, 168, 169, 172, 173(3), 188, 192 u 352, u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a) tal-Artikolu 218(7) u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 218(8) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C7-0330/2010),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 81 u 90(8) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A7-0300/2010),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-Protokoll;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jippreżenta l-pożizzjoni tiegħu lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri u tar-Repubblika tal-Moldova.

---

([1]) ĠU L 181, 24.6.1998, p. 3.

**L-Erbgħa 24 ta' Novembru 2010**

## Informazzjoni dwar prodotti mediċinali (kodiċi Komunitarju relatat mal-prodotti mediċinali) ***I

P7_TA(2010)0429

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Novembru 2010 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda, fir-rigward tal-informazzjoni għall-pubbliku inġenerali dwar prodotti mediċinali soġġetti għal preskrizzjoni medika, id-Direttiva 2001/83/KE dwar il-kodiċi tal-Komunità dwar il-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (COM(2008)0663 – C6-0516/2008 – 2008/0256(COD))**

(2012/C 99 E/48)

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2008)0663),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2), u l-Artikolu 95 tat-Trattat KE, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0516/2008),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bl-isem: "Konsegwenzi tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona fuq il-proċeduri interistituzzjonali ta' teħid ta' deċiżjonijiet li għaddejjin bħalissa" (COM(2009)0665),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3), u l-Artikoli 114 u 168(4)(c) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-10 ta' Ġunju 2009 tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew [1],

— wara li kkunsidra l-opinjoni tas-7 ta' Ottubru 2009 tal-Kumitat tar-Reġjuni [2],

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (A7-0290/2010),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari kif tinsab hawnhekk;

2. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha ħsieb li temenda l-proposta b'mod sostanzjali jew li tibdilha b' test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

[1] ĠU C 306, 16.12.2009, p. 18.
[2] ĠU C 79, 27.3.2010, p. 50.

**L-Erbgħa 24 ta' Novembru 2010**

## P7_TC1-COD(2008)0256

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-24 ta' Novembru 2010 bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Direttiva 2011/…/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda, fir-rigward tal-informazzjoni *għall-pazjenti u* għall-pubbliku inġenerali dwar prodotti mediċinali soġġetti għal preskrizzjoni medika, id-Direttiva 2001/83/KE dwar il-kodiċi tal-Komunità dwar il-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 114 u l-Artikolu 168(4)(c) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([2]),

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja ([3]),

Billi:

(1) Id-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) tistabbilixxi regoli armonizzati dwar ir-riklamar ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem. B'mod partikolari tipprojbixxi r-reklamar lill-pubbliku inġenerali ta' prodotti mediċinali soġġetti għal preskrizzjoni medika.

(2) Fil-qasam tal-informazzjoni, id-Direttiva 2001/83/KE tistabbilixxi regoli fid-dettall dwar id-dokumenti li jridu jiġu mehmuża mal-awtorizzazzjoni ta' tqegħid fis-suq u maħsuba għal finijiet ta' informazzjoni: is-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott (imqassma lill-professjonisti tal-kura tas-saħħa) u ***l-fuljett tal-pakkett għall-pazjent*** (imdaħħal fil-pakkett tal-prodott meta jingħata lill-pazjent). Min-naħa l-oħra, fir-rigward tat- tixrid ta' informazzjoni mid-detentur tal-awtorizzazzjoni tat-tqegħid fis-suq ***għall-pazjenti u*** għall-pubbliku inġenerali, id-Direttiva tistipula biss li ċerti attivitajiet ta' informazzjoni mhumiex koperti mir-regoli dwar ir-reklamar, mingħajr ma tistipula qafas armonizzat dwar il-kontenuti u l-kwalità ta' informazzjoni mhux promozzjonali dwar prodotti mediċinali jew dwar il-mezzi li permezz tagħhom din l-informazzjoni tista' ***tkun disponibbli***.

(3) Fuq il-bażi tal-Artikolu 88a tad-Direttiva 2001/83/KE, fl-20 ta' Diċembru 2007 il-Kummissjoni bagħtet Komunikazzjoni intitolata "Rapport dwar il-prattiċi preżenti fir-rigward tal-għoti ta' informazzjoni lill-pazjenti dwar prodotti mediċinali". Ir-rapport jikkonkludi li l-Istati Membri adottaw regoli u prattiċi diverġenti fir-rigward tal-għoti ta' informazzjoni, u dan ġab sitwazzjoni fejn pazjenti u l-pubbliku inġenerali għandhom aċċess mhux indaqs għal informazzjoni ***fil-fuljett tal-pakkett għall-pazjent u fis-sommarju dwar il-karatteristiċi tal-prodott. Inugwaljanzi bħal dawn, li ma jistgħux jiġu ġġustifikati, fl-aċċess għall-informazzjoni li hija disponibbli għall-pubbliku fi Stati Membri oħra għandhom jiġu rranġati.***

(4) L-esperjenza miksuba mill-applikazzjoni tal-qafas legali attwali wriet ukoll li ▌ d-distinzjoni bejn l-idea ta' reklamar u informazzjoni mhix interpretata b'mod konsistenti ***mal-Unjoni*** kollha, ***u li dan wassal għal sitwazzjonijiet fejn il-pubbliku huwa espost għal reklamar li ma jkunx jidher bħala tali. B'konsegwenza ta' dan, iċ-ċittadini f'ċerti Stati Membri jista' jinċaħdilhom id-dritt li jkollhom aċċess, bil-lingwa tagħhom, għal informazzjoni ta' kwalità għolja u mhux promozzjonali dwar il-mediċini. Il-kunċetti ta' reklamar u informazzjoni għandhom ikunu definiti u interpretati b' mod uniformi fl-Istati Membri kollha biex tiġi żgurata s-sikurezza tal-pazjent.***

([1]) ĠU C 306, 16.12.2009, p. 18.
([2]) ĠU C 79, 27.3.2010, p. 50.
([3]) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Novembru 2010.
([4]) ĠU L 311, 28.11.2001, p. 67.

(5) Dawn id-diverġenzi fl-interpretazzjoni tar-regoli tal-Unjoni dwar ***l-għoti ta' informazzjoni lill-pazjenti u lill-pubbliku inġenerali***, u bejn id-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar l-informazzjoni għandhom impatt negattiv fuq l-applikazzjoni uniformi tar-regoli tal-Unjoni dwar ***l-għoti ta' informazzjoni lill-pazjenti u lill-pubbliku inġenerali***, u fuq l-effikaċja tad-dispożizzjonijiet dwar l-informazzjoni fuq il-prodott li tinsab fis-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott u ***l-fuljett tal-pakkett għall-pazjent***. Minkejja li dawn ir-regoli huma armonizzati bis-sħiħ biex jiżguraw l-istess livell ta' ħarsien tas-saħħa pubblika mal-Unjoni kollha, dan il-għan huwa mhedded jekk jitħallew fis-seħħ regoli nazzjonali diverġenti ħafna dwar ***id-disponibbiltà*** ta' informazzjoni ewlenija bħal din.

(6) Il-miżuri nazzjonali differenti wkoll x'aktarx li jkollhom impatt fuq it-tħaddim xieraq tas-suq intern għall-prodotti mediċinali, billi l-possibilità li d-detenturi tal-awtorizzazzjoni tat-tqegħid fis-suq ixerdu informazzjoni dwar prodotti mediċinali mhijiex l-istess mal-Istati Membri kollha, filwaqt li l-informazzjoni ***li tkun disponnibbli*** fi Stat Membru wieħed x'aktarx li jkollha effetti fi Stati Membri oħra. Dan l-impatt se jkun akbar fil-każ ta' prodotti mediċinali li l-informazzjoni tagħhom dwar il-prodott (taqsira tal-karatteristiċi tal-prodott u l-fuljett tal-pakkett ***għall-pazjent***) tkun armonizzata fil-livell tal-Unjoni. Dan jinkludi prodotti mediċinali awtorizzati mill-Istati Membri taħt il-qafas ta' għarfien reċiproku tal-Kapitolu 4 tat-Titolu III tad-Direttiva 2001/83/KE.

(7) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq u meqjus il-progress teknoloġiku għal dik li hija għodda ta' komunikazzjoni moderna u l-fatt li l-pazjenti mal-Unjoni kollha saru dejjem aktar attivi għal dik li hija kura tas-saħħa, jeħtieġ li tiġi emendata l-leġiżlazzjoni preżenti biex jonqsu d-differenzi fl-aċċess għall-informazzjoni u biex titħalla d-disponibilità ta' informazzjoni ta' kwalità tajba, oġġettiva, affidabbli u mhux promozzjonali dwar il-prodotti mediċinali ***billi jsir enfasi fuq id-drittijiet u l-interessi tal-pazjenti. Għandu jkollhom id-dritt ta' aċċess faċli għal ċerta informazzjoni bħal taqsira tal-karatteristiċi tal-prodott u l-fuljett tal-pakkett għall-pazjent f' forma elettronika u stampata. Għalhekk jinħtieġu websajts ċertifikati u reġistrati għal informazzjoni indipendenti, oġġettiva u mhux promozzjonali.***

(8) L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u l-professjonisti fil-kura tas-saħħa għandhom jibqgħu ***l-għajn ewlenija*** tal-informazzjoni dwar il-prodotti mediċinali għall-pubbliku inġenerali. ***Filwaqt li diġà hemm ħafna informazzjoni indipendenti dwar il-prodotti farmaċewtiċi, pereżempju tagħrif ipprovdut mill-awtoritajiet nazzjonali jew professjonisti tal-kura tas-saħħa, is-sitwazzjoni tvarja ħafna bejn l-Istati Membri u fost il-prodotti differenti disponibbli.*** L-Istati Membri ***u l-Kummissjoni*** għandhom ***jirsistu ħafna iktar biex*** jiffaċilitaw l-aċċess taċ-ċittadini għal informazzjoni ta' kwalità għolja permezz ta' mezzi xierqa. ▌

***(9) Bla ħsara għall-importanza ta' sehem l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali u l-professjonisti tal-kura tas-saħħa fl-infurmar aħjar tal-pazjenti u tal-pubbliku inġenerali, id-detenturi tal-awtorizzazzjoni tat-tqegħid fis-suq jistgħu jkunu għajn addizzjonali ta' valur ta' informazzjoni mhux promozzjonali dwar il-prodotti mediċinali tagħhom. Din id-Direttiva għandha għalhekk tistabbilixxi qafas legali għat-tixrid ta' informazzjoni speċifika dwar il-prodotti mediċinali mid-detenturi tal-awtorizzazzjoni tat-tqegħid fis-suq lill-pazjenti u lill-pubbliku inġenerali. Il-projbizzjoni fuq ir-reklamar lill-pubbliku inġenerali għal prodotti mediċinali esklużivament bi preskrizzjoni għandha tinżamm.***

(10) F' konformita' mal-prinċipju ta' proporzonalità, huwa xieraq li l-ambitu ta' din id-Direttiva jkun limitat ***għad-disponibbiltà ta' informazzjoni dwar*** prodotti mediċinali esklużivament bi preskrizzjoni, bħar-regoli attwali tal-Unjoni li jippermettu r-reklamar ***lill-pazjenti u*** lill-pubbliku inġenerali ta' prodotti mediċinali mhux suġġetti għal preskrizzjoni, taħt ċerti kondizzjonijiet. ***Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva huma mingħajr ħsara għad-dritt ta' kwalunkwe persuna jew organizzazzjoni oħra, partikolarment l-istampa jew il-pazjenti u l-organizzazzjonijiet tal-pazjenti, li jesprimu l-opinjonijiet tagħhom dwar prodotti mediċinali li jistgħu jinkisbu biss b'riċetta tat-tabib, kemm-il darba dawn ikunu qed jaġixxu indipendentement u mhux direttament jew indirettament f'isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq, b'istruzzjonijiet minnu jew fl-interess tiegħu. Din id-Direttiva titlob mill-Istati Membri li jagħtu permess, permezz ta' ċerti mezzi u soġġett għall-monitoraġġ xieraq, li d-detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq jew il-parti terza li taġixxi f'ismu jpoġġu għad-disposizzjoni tal-pazjenti u tal-pubbliku inġenerali ċerta informazzjoni dwar prodotti mediċinali awtorizzati soġġetti għall-preskrizzjoni. Huma permessi komunikazzjonijiet li ma jkunux koperti bit-Titolu VIIIa tad-Direttiva 2001/83/KE, sakemm ma jkunux jikkostitwixxu reklamar.***

**L-Erbgħa 24 ta' Novembru 2010**

(11) Għandhom jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet biex jiġi żgurat li ***kun aċċessibbli*** biss informazzjoni mhux promozzjonali u ta' kwalità għolja biss dwar il-benefiċċji u r-riskji ta' prodotti mediċinali ***awtorizzati*** soġġetti għal preskrizzjoni medika ▌. L-informazzjoni għandha tqis il-ħtiġijiet u l-istennijiet tal-pazjenti għall-benefiċċju tal-pazjenti, għal għażla infurmata u titjib tal-użu razzjonali tal-prodotti mediċinali. Għalhekk, kull informazzjoni ***lill-pazjenti u*** lill-pubbliku inġenerali dwar prodotti mediċinali esklużivament bi preskrizzjoni għandha ***tiġi approvata bil-quddiem mill-awtoritajiet kompetenti u għandha tkun disponibbli biss f'forma approvata***.

(12) Biex jiġi żgurat aktar li d-detenturi tal-awtorizzazzjoni tat-tqegħid fis-suq ***jagħmlu disponibbli*** biss informazzjoni ta' kwalità għolja u biex ikun hemm distinzjoni bejn informazzjoni mhux promozzjonali u r-reklamar, it-tipi ta' informazzjoni ***jistgħu jsiru disponibbli*** għandhom jiġu ddefiniti. ***Id-detenturi tal-awtorizzazzjoni tat-tqegħid fis-suq għandhom jagħmlu disponibbli il-kontenut approvat u l-aktar riċenti tat-taqsiriet tal-karatteristiċi tal-prodott, tat-tikkettar u tal-fuljett tal-pakkett għall-pazjent ta' mal-prodott u l-verżjoni aċċessibbli għall-pubbliku tar-rapport ta' valutazzjoni.*** Huwa xieraq li d-detenturi tal-awtorizzazzjoni tat-tqegħid fis-suq ***jagħmlu disponibbli*** informazzjoni oħra marbuta mal-prodott mediċinali li tkun iddefinita sewwa.

***(13) L-approvazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti, waqt l-awtorizzazzjoni tat-tqegħid fis-suq, għas-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott, it-tikkettar u l-fuljett tal-pakett għall-pazjent, u l-verżjoni aċċessibbli għall-pubbliku tar-rapport ta' valutazzjoni jew kwalunkwe verżjoni aġġornata ta' dawn id-dokumenti. Għalhekk, din l-informazzjoni ma għandhiex tkun soġġetta għal iktar approvazzjoni qabel ma ssir disponibbli skont din id-Direttiva.***

(14) L-informazzjoni ***lill-pazjent u*** lill-pubbliku inġenerali dwar prodotti mediċinali esklużivament bi preskrizzjoni għandha tingħata permezz ta' mezzi ta' komunikazzjoni speċifiċi, inklużi l-Internet ▌, biex jiġi evitat li l-effikaċja tal-projbizzjoni fuq ir-reklamar tiġi mhedda minn għoti ta' informazzjoni mhux mitluba lill-***pazjenti jew*** lill-pubbliku inġenerali. Fejn l-informazzjoni ***ssir disponibbli*** permezz tat-televiżjoni ▌ ir-radju, ***il-gazzetti, ir-rivisti u pubblikazzjonijiet simili,*** il-pazjenti mhumiex imħarsa kontra din l-informazzjoni mhux mitluba u għalhekk ***it-tpoġġija għad-disposizzjoni ta' tali informazzjoni*** ma għandux jiġi permess.

(15) L-Internet huwa ta' importanza ewlenija għal dak li huwa għoti ta' informazzjoni lill-pazjenti u l-importanza tiegħu qed tikber. L-Internet jippermetti aċċess kważi mingħajr limitu għall-informazzjoni mingħajr ma jqis fruntieri nazzjonali. Regoli speċifiċi dwar il-monitoraġġ ta' websajts għandhom jiġu stabbiliti biex titqies in-natura transkonfinali tal-informazzjoni pprovduta minn fuq l-Internet u biex titħalla l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri.

(16) Il-monitoraġġ tal-informazzjoni dwar prodotti mediċinali ***awtorizzati*** esklużivament bi preskrizzjoni ***skont din id-Direttiva*** għandu jiżgura li d-detenturi tal-awtorizzazzjoni tat-tqegħid fis-suq ***jagħmlu disponibbli*** biss ▌ informazzjoni li tkun konformi mad-Direttiva 2001/83/KE. L-Istati Membri għandhom jadottaw regoli li jistabbilixxu mekkaniżmi effettivi ta' monitoraġġ u li jippermettu infurzar effettiv f'każi ta' nuqqas ta' konformità. ***Dawn ir-regoli għandhom jiġu armonizzati fil-livell tal-Unjoni biex tiġi żgurata l-konsistenza. F'każijiet ta' nonkonformità, għandhom jiġu stabbiliti proċeduri ħalli d-detenturi tal-awtorizzazzjoni tat-tqegħid fis-suq jistgħu jiġu rappreżentati u mismugħa hi u għaddejja l-kunsiderazzjoni tal-każ tagħhom.*** Il-monitoraġġ għandu jkun ibbażat fuq il-kontroll tal-informazzjoni qabel ***ma ssir disponibbli***. Hija biss l-informazzjoni li tkun giet approvata minn qabel mill-awtoritajiet kompetenti li ***għandha tiġi provduta, u dan għandu jsir biss f'forma approvata***.

(17) Billi din id-Direttiva ddaħħal għall-ewwel darba regoli armonizzati dwar ***it-tpoġġija għad-disposizzjoni ta'*** informazzjoni dwar prodotti mediċinali soġġetti għal preskrizzjoni medika ***lill-pazjenti u*** lill-pubbliku inġenerali, il-Kummissjoni għandha tevalwa t-tħaddim tagħha u l-ħtieġa għal reviżjoni ħames snin wara d-dħul fis-seħħ tagħha. Għandu jiġi wkoll ipprovdut għat-tfassil ta' linji gwida mill-Kummissjoni bbażati fuq l-esperjenza tal-Istati Membri***, f'kooperazzjoni mal-partijiet kollha interessati, bħal organizzazzjonijiet tal-pazjenti u professjonisti fil-qasam tal-kura tas-saħħa,*** fis-sorveljanza tal-informazzjoni.

***(18) Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-partijiet kollha interessati, bħal organizzazzjonijiet indipendenti tal-pazjenti, tas-saħħa u tal-konsumaturi u professjonisti fil-qasam tal-kura tas-saħħa dwar kwistjonijiet b'rabta mal-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva u l-applikazzjoni tagħha mill-Istati Membri.***

*(19) Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea rigward il-kriterji ta' kwalità tal-informazzjoni li titpoġġa għad-disposizzjoni tal -pubbliku inġenerali, u l-aċċessibilità għal-linji gwida fuq l-internet. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq il-konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol preparatorju tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti.*

(20) Billi l-għan ta' din id-Direttiva, b' mod partikolari, l- armonizzazzjoni tar-regoli dwar l-informazzjoni dwar prodotti mediċinali soġġetti għal preskrizzjoni madwar l-Unjoni ma jistax jintlaħaq biżżejjed mill-Istati Membri u għalhekk jista' jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dan l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex ikun jista' jintlaħaq dan il-għan.

(21) Id-Direttiva 2001/83/KE għandha tiġi hekk emendata,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Emendi għad-Direttiva 2001/83/KE

Id-Direttiva 2001/83/KE hija emendata kif ġej:

*(1) Fl-Artikolu 1, il-punt 26 għandu jinbidel b'dan li ġej:*

*"26. Fuljett tal-pakkett għall-pazjent: Fuljett li fih informazzjoni għall-pazjent li jakkumpanja l-prodott mediċinali u li jikkorrispondi għall-ħtiġijiet reali tal-pazjenti.".*

*(2) Fl-Artikolu 59, għandu jiżdied il-paragrafu li ġej:*

*"4. Il-fuljett tal-pakkett għall-pazjent għandu jikkorrispondi mal-ħtiġijiet reali tal-pazjenti. Għal dan il-għan, l-organizzazzjonijiet tal-pazjenti għandhom ikunu involuti fl-iżvilupp u r-reviżjoni tal-informazzjoni dwar il-prodotti mediċinali mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini. Il-fuljett tal-pakkett għall-pazjent għandu jinkludi paragrafu qasir li jiddeskrivi l-benefiċċju u l-ħsara potenzjali ta' prodott mediċinali kif ukoll deskrizzjoni qasira ta' informazzjoni oħra bil-għan ta' użu sikur u effikaċi ta' prodott mediċinali.".*

(3) Fl-Artikolu 86, il-paragrafu 2 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"2. Dawn li ġejjin mhumiex koperti minn dan it-Titolu:

— l-ittikkettjar***, li tal-inqas għandu dejjem jispeċifika l-Isem Komuni Internazzjonali,*** u l-fuljetti tal-pakkett ***għall-pazjent***, li jakkumpanjawhom, li huma suġġetti għad-dispożizzjonijiet tat-Titolu V;

— ***korrispondenza, possibilment akkumpanjata minn materjal ta' natura mhux promozzjonali, meħtieġa biex tiġi mwieġba mistoqsija speċifika dwar prodott mediċinali partikolari;***

— stqarrijiet fattwali u informattivi ***(inklużi aħbarijiet jew stqarrijiet bħal dawk li jsiru għal organizzazzjonijiet tal-media jew b'reazzjoni għal mistoqsija diretta jew bit-tpoġġija għad-disposizzjoni permezz ta' konferenzi u stqarrijiet jew rapporti lid-detenturi tat-titoli u/jew ir-regolaturi)*** u materjal ta' referenza ***dwar prodotti mediċinali***, relatat pereżempju, ***mad-disponibbiltà*** tiegħu, tibdil fl-imballaġġ, twissijiet ta' kontro-indikazzjoni bħala parti minn prekawzjonijiet ġenerali dwar drogi, katalogi ta' kummerċ u listi ta' prezzijiet***, rimborż u informazzjoni dwar ir-riskju ambjentali tal-prodott mediċinali u l-informazzjoni relatata mar-rimi ta' prodott mediċinali użat jew skart li ġej minn prodotti mediċinali kif ukoll referenza għal kwalunkwe sistema ta' ġbir stabbilita,*** sakemm ***dawn l-istqarrijiet u l-materjal ta' referenza*** ma jkun fihom l-ebda riklamar dwar il-prodott ***u ma jwasslux għar-riklamar u t-theġġiġ tal-konsum tal-prodott mediċinali***;

**L-Erbgħa 24 ta' Novembru 2010**

— informazzjoni li għandha x'taqsam mas-saħħa tal-bniedem jew mard, kemm-il darba ma jkun hemm ebda referenza, ukoll indiretta, għal prodotti mediċinali ***individwali***;

— informazzjoni ▌ dwar prodotti mediċinali soġġetti għal preskrizzjoni medika ***li tissodisfa l-kriterji ta' kwalità, li ġiet approvata mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri, li tpoġġiet għad-dispożizzjoni tal-pazjenti jew tal-pubbliku inġenerali f'forma approvata mid-detentur tal-awtorizzazzjoni tat-tqegħid fis-suq u li*** tkun soġġetta għad-dispożizzjonijiet tat-Titolu VIIIa***;***

***— avviżi fattwali u informattivi għall-investituri u impjegati dwar żviluppi ta' negozju sinifikanti, sakemm ma jintużawx għall-promozzjoni tal-prodott mediċinali lill-pazjenti jew lill-pubbliku inġenerali.***

***3. Meta jingħataw l-eżenzjonijiet għar-reklamar imsemmija fil-paragrafu 2, id-detentur tal-awtorizzazzjoni tat-tqegħid fis-suq u kwalunkwe parti terza li taġixxi f'isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni tat-tqegħid fis-suq għandhom ikunu identifikati bħala tali.***".

(4) Fl-Artikolu 88, jiżdied il-paragrafu li ġej mal-paragrafu 4 ▌:

"***Tali Kampanji għandhom biss jiġu approvati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jekk tiġi żgurata l-provvista ta' informazzjoni oġġettiva u ġusta fil-kuntest tal-kampanja mill-industrija dwar il-kawżi tal-marda, l-effikaċja tat-tilqima, l-effetti kollaterali u l-kontraindikazzjonijiet tat-tilqima.***".

(5) It-titolu "TITOLU VIIIa "Informazzjoni u reklamar" jitħassar;

(6) L-Artikolu 88a jitħassar;

***(7) Fl-Artikolu 94, il-paragrafu 1 għandu jinbidel b'dan li ġej:***

***"1. Fejn il-prodotti mediċinali qed ikunu promossi direttament jew indirettament minn detentur tal-awtorizzazzjoni tat-tqegħid fis-suq jew parti terza li taġixxi f'ismu jew fuq istruzzjonijiet tiegħu lill-persuni kwalifikati biex joħorġu preskrizzjoni għalihom jew ifornuhom, l-ebda għotja, vantaġġ ta' flus jew benefiċċju f'oġġetti ma jistgħu jiġu fornuti, offruti jew imwiegħda lil tali persuni.".***

(8) It-Titolu li ġej jiddaħħal wara l-Artikolu 100:

"It-Titolu VIIIa - Informazzjoni ***lill-pazjenti u*** lill-pubbliku inġenerali dwar prodotti mediċinali soġġetti għal preskrizzjoni medika

Artikolu 100a

1. ***Bla ħsara għall-importanza ta' sehem l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali u l-professjonisti tal-kura tas-saħħa fl-infurmar aħjar tal-pazjenti u tal-pubbliku inġenerali dwar prodotti mediċinali awtorizzati soġġetti għal preskrizzjoni medika,*** l-Istati Membri għandhom ***jobbligaw lid-detentur*** tal-awtorizzazzjoni tat-tqegħid fis-suq ***li jqiegħed għad-dispożizzjoni***, direttament jew indirettament permezz ta' parti terza ***li taġixxi f'isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni tat-tqegħid fis-suq***, informazzjoni ***li tkun approvata mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali jew dawk tal-Unjoni, lill-pazjenti jew*** lill-pubbliku inġenerali jew lill-membri tal-pubbliku dwar prodotti mediċinali awtorizzati soġġetti għal preskrizzjoni medika sakemm ***l-informazzjoni u l-mod li bih issir disponibbli ikunu*** skont id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu. Din l-informazzjoni ma għandhiex titqis bħala reklamar għall-finijiet tal-applikazzjoni tat-Titolu VIII. ***Meta tali informazzjoni titpoġġa għad-dispożizzjoni, għandhom jiġu identifikati d-detentur tal-awtorizzazzjoni tat-tqegħid fis-suq u kwalunkwe parti terza, u kwalunkwe parti terza li taġixxi f'isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni tat-tqegħid fis-suq għandha tiġi identifikata bħala tali.***

***2. Il-professjonisti tal-kura tas-saħħa li jagħmlu disponibbli informazzjoni dwar prodotti mediċinali jew dwar apparat mediku waqt avveniment pubbliku, bil-miktub jew fil-mezzi tax-xandir għandhom jiddikjaraw b'mod pubbliku l-interessi tagħhom, pereżempju kwalunkwe rabta finanzjarja mad-detenturi tal-awtorizzazzjoni tat-tqegħid fis-suq jew ma' partijiet terzi li jkunu qed jaġixxu f'isimhom. Dan jinkludi wkoll it-tpoġġija għad-disposizzjoni ta' informazzjoni dwar prodotti mediċinali jew apparat mediku.***

**L-Erbgħa 24 ta' Novembru 2010**

***3. Għandhom ikunu organizzati kampanji ta' informazzjoni bil-għan li jżidu l-għarfien tal-pazjenti u tal-pubbliku inġenerali u tal-membri tiegħu dwar ir-riskji tal-prodotti mediċinali ffalsifikati. Tali kampanji ta' informazzjoni jistgħu jitmexxew mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali b'kollaborazzjoni mal-industrija, il-professjonisti tal-kura tas-saħħa u l-organizzazzjonijiet tal-pazjenti.***

4. Dan it-Titolu ma jkoprix dan li ġej:

(a) ***stqarrijiet fattwali u informattivi (inklużi aħbarijiet jew stqarrijiet li jingħataw lil organizzazzjonijiet tal-media b'reazzjoni għal mistoqsija diretta jew permezz tat-tpoġġija għad-disposizzjoni f' konferenzi jew permezz ta' stqarrijiet bil-miktub u aħbarijiet jew rapporti lill-partijiet interessati u/jew lir-regolaturi) u materjal ta' referenza dwar prodott mediċinali marbut, pereżempju, ma' tibdil fil-pakkett, twissijiet ta' kontro-indikazzjoni bħala parti minn prekawzjonijiet ġenerali dwar mediċini, katalogi ta' kummerċ, listi ta' prezzijiet u rimborż, sakemm ma jkollhomx l-għan li jippromwovu prodott mediċinali individwali***;

(b) materjal mogħti lill-professjonisti tal-kura tas-saħħa ***għall-użu personali***.

***5. Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għandhom ikunu mingħajr ħsara għad-dritt ta' kwalunkwe persuna jew organizzazzjoni oħra, partikolarment l-istampa jew il-pazjenti u l-organizzazzjonijiet tal-pazjenti, li jesprimu l-opinjonijiet tagħhom dwar prodotti mediċinali li jistgħu jinkisbu biss b'riċetta tat-tabib, sakemm dawn ikunu qed jaġixxu independentement u mhux direttament jew indirettament f'isem, b'istruzzjonijiet minn jew fl-interess tad-detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq.***

Artikolu 100b

***1. Id-detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq għandu, fir-rigward ta'*** prodotti mediċinali awtorizzati soġġetti għall-preskrizzjoni medika***, jagħmlu disponibbli għall-pazjenti jew għall-pubbliku*** inġenerali jew lill-membri tal-pubbliku ***l-informazzjoni li ġejja***:

(a) ***l-iktar taqsira reċenti*** tal-karatteristiċi tal-prodott, ***kif approvata mill-awtoritajiet kompetenti matul l-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq u t-tiġdid tal-awtorizzazzjoni***;

(b) ***it-tikketta u l-fuljett*** tal-pakkett ***tal-pazjent l-aktar reċenti***, kif approvati mill-Awtoritajiet kompetenti ***matul l-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq u l-varjazzjoni tal-awtorizzazzjoni***; u

***(c) l-iktar verżjoni reċenti*** aċċessibbli għall-pubbliku tar-rapport ta' stima ***kif imħejji*** mill-awtoritajiet kompetenti ***matul l-awtorizzazzjoni tat-tqegħid fis-suq u l-aġġornamenti tal-awtorizzazzjoni***.

***L-informazzjoni msemmija fil-punti (a), (b) u (c) għandha tiġi ppreżentata f'format li jirrappreżenta b'mod sinċier l-informazzjoni approvata uffiċjalment imfassla mill-awtoritajiet kompetenti. L-informazzjoni għandha tkun disponibbli kemm f'format elettroniku kif ukoll stampat, u f'formats adegwati għall-għomja u l-persuni bi problemi ta' qari.***

***2. Id-detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq jista', fir-rigward ta' prodotti mediċinali awtorizzati soġġetti għall-preskrizzjoni medika, jagħmlu disponibbli għall-pazjentu u għall-pubbliku inġenerali jew lill-membri tal-pubbliku l-informazzjoni li ġejja:***

***(a)*** informazzjoni dwar l-impatt ambjentali tal-prodott mediċinali ***minbarra l-informazzjoni pprovduta fis-sistema ta' rimi u ġbir skont l-Artikolu 54(j) u pubblikati skont l-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu;***

***(b) informazzjoni dwar*** prezzijiet***;***

***(c) informazzjoni dwar*** ma' tibdil tal-imballaġ***;***

***(d)*** twissijiet ta' kontroindikazzjoni ***minbarra l-informazzjoni provduta skont l-Artikolu 59(1)(e) u pubblikata skont l-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu***;

**L-Erbgħa 24 ta' Novembru 2010**

***(e) istruzzjonijiet għall-użu tal-prodotti mediċinali, minbarra l-informazzjoni provduta skont l-Artikolu 59(1)(e) u pubblikata skont l-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu. Din l-informazzjoni tista' tiġi ssuplimentata, meta jkun meħtieġ, b'immaġini wieqfa jew li jiċċaqilqu ta' natura teknika li juru b'mod adegwat kif għandu jintuża l-prodott;***

***(f) it-testijiet farmaċewtiċi u prekliniċi u l-provi kliniċi tal-prodott mediċinali kkonċernat ippreżentati b'mod fattwali u mhux promozzjonali bħala taqsira;***

***(g) taqsira tat-talbiet għal informazzjoni irċevuti ta' spiss skont l-Artikolu 100c(b), u t-tweġibiet sussegwenti;***

***(h) tipi oħra ta' informazzjoni miftehma mill-awtorità kompetenti li jkunu rilevanti bħala appoġġ għall-użu adegwat tal-prodott mediċinali.***

***L-informazzjoni msemmija fil-punti (a) sa (g) għandha tkun disponibbli kemm f'format elettroniku kif ukoll stampat, u f'formats adegwati għall-għomja u l-persuni bi problemi ta' qari.***

***L-informazzjoni msemmija fil-punti (a) sa (g) għandha tiġi approvata mill-awtoritajiet kompetenti jew, fil-każ ta' awtorizzazzjoni mill-Unjoni għat-tqegħid fis-suq, qabel ma ssir disponibbli għall-iskop ta' dan l-Artikolu.***

Artikolu 100c

Informazzjoni fuq prodotti mediċinali awtorizzati soġġetti għal preskrizzjoni medika ***li titpoġġa għad-dispożizzjoni*** mid-detentur tal-awtorizzazzjoni tat-tqegħid fis-suq ***lill-pazjenti jew*** lill-pubbliku inġenerali jew membri tal-pubbliku ma għandhiex tkun disponibbli fuq it-televiżjoni jew ir-radju ***jew il-gazzetti, ir-rivisti u pubblikazzjonijiet simili***. Għandha tkun disponibbli biss permezz tal-kanali li ġejjin:

▌

(a) siti fuq l-internet ***rreġistrati u ġestiti skont l-Artikolu 100h***, dwar prodotti mediċinali, bl-esklużjoni ta' materjal mhux mitlub imqassam b'mod attiv ***lill-pazjenti jew*** lill-pubbliku inġenerali jew lill-membri tal-pubbliku;

(b) tweġibiet ***speċifiċi*** għal talbiet għal informazzjoni ***dwar prodott mediċinali*** minn ***pazjent jew minn*** membru tal-pubbliku inġenerali***;***

***(c) materjali stampati dwar prodott mediċinali mħassla mid-detentur tal-awtorizzazzjoni tat-tqegħid fis-suq skont l-Artikolu 100b fuq talba speċifika minn pazjent jew minn membru tal-pubbliku ġenerali.***

Artikolu 100d

1. Il-kontenut u l-preżentazzjoni tal-informazzjoni dwar prodotti mediċinali awtorizzati soġġetti għall-preskrizzjoni medika mxerrda mid-detentur tal-awtorizzazzjoni tat-tqegħid fis-suq lill-pubbliku inġenerali jew lill-membri tal-pubbliku għandhom jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) iridu jkunu oġġettivi u bla preġudizzju; f'dan ir-rigward, jekk l-informazzjoni tirreferi għall-benefiċċji ta' prodott mediċinali, ir-riskji tiegħu għandhom jiġu mistqarra wkoll;

(b) iridu ***jkunu orjentati lejn il-pazjenti sabiex jissodisfaw il-ħtiġijiet tagħhom aħjar***;

(c) iridu jkunu bbażati fuq evidenza, ikunu verifikabbli u jinkludu stqarrija dwar il-livell ta' evidenza;

(d) iridu jkunu aġġornati u jinkludu d-data ta' pubblikazzjoni jew tal-aħħar reviżjoni tal-informazzjoni;

**L-Erbgħa 24 ta' Novembru 2010**

(e) iridu jkunu affidabbli, korretti fil-fatti u li ma jqarqux;

(f) iridu jkunu jinftehmu sewwa ***mill-pazjent u*** mill-pubbliku inġenerali ***u*** mill-membri tal-pubbliku ***u jinqraw b'mod ċar, filwaqt li tingħata attenzjoni partikolari lill-anzjani***;

(g) iridu juru biċ-ċar is-sors tal-informazzjoni filwaqt li jindikaw l-awtur tagħha u jagħtu referenzi għal xi dokumentazzjoni li fuqha tkun ibbażata l-informazzjoni;

(h) ma jridux jikkontradixxu s-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott, l-ittikkettjar u l-fuljett tal-pakkett ***għall-pazjent*** tal-prodott mediċinali, kif approvati mill-awtoritajiet kompetenti.

***2. Sa … (*), il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport ta' valutazzjoni dwar in-nuqqasijiet attwali fis-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott u l-fuljett tal-pakett tal-pazjent lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill u dwar kif jistgħu jittejbu sabiex iservu aħjar il-ħtiġijiet tal-pazjenti u l-professjonisti tal-kura tas-saħħa. Il-Kummissjoni, jekk ikun xieraq u fuq il-bażi tar-rapport, u wara konsultazzjoni mal-partijiet interessati xierqa, għandha tippreżenta proposti sabiex jitjiebu l-leġibilità, it-tqassim u l-kontenut ta' dawn id-dokumenti.***

3. Kull informazzjoni għandha tinkludi:

(a) stqarrija li l-prodott mediċinali kkonċernat huwa disponibbli bi preskrizzjoni biss u li l-istruzzjonijiet ta' użu jidhru fuq il-***fuljett tal-pakkett tal-pazjent*** jew fuq il-kaxxa ta' barra, skont kif ikun il-każ;

(b) stqarrija li tindika li l-informazzjoni hija maħsuba bħala għajnuna, u mhux biex tissostitwixxi, ir-relazzjoni bejn il-pazjent u l-professjonisti tal-kura tas-saħħa u li professjonist tal-kura tas-saħħa għandu jiġi kkuntatjat jekk il-pazjent jeħtieġ spjegazzjoni tal-informazzjoni pprovduta ***jew iktar informazzjoni dwarha***;

(c) stqarrija li turi li l-informazzjoni qed ***issir disponibbli*** minn***, jew f'isem,*** detentur awtorizzat għat-tqegħid fis-suq ***li ismu jkun speċifikat***;

(d) indirizz postali jew elettroniku li permezz tiegħu ***l-pazjenti u*** l-membri tal-pubbliku inġenerali jkunu jistgħu jibagħtu kummenti lid-detentur tal-awtorizzazzjoni tat-tqegħid fis-suq ***jew inkella jitolbuh ifornihom b'aktar informazzjoni. Il-kummennti mibgħuta minn individwi u t-tweġibiet tad-detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq għandhom jiġu rreġistrati u evalwati kif xieraq;***

***(e) indirizz postali jew elettroniku li permezz tiegħu l-pazjenti u l-membri tal-pubbliku inġenerali jkunu jistgħu jibagħtu kummenti lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti;***

***(f) it-test tal-fuljett attwali ta l-pakkett tal-pazjent jew indikazzjoni ta' fejn jista' jinsab it-test. Fil-każ ta' websajts li jkunu taħt il-kontroll ta' detenturi tal-awtorizzazzjoni tat-tqegħid fis-suq u mmirati speċifikament lejn iċ-ċittadini ta' wieħed jew aktar mill-Istati Membri, għandu jkun fihom sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott u l-fuljett tal-pakkett għall-pazjent tal-prodotti mediċinali kkonċernati bil-lingwi uffiċjali tal-Istati Membri fejn huma awtorizzati jekk l-informazzjoni dwar il-prodotti mediċinali hija disponibbli f'dawk il-lingwi;***

***(g) stqarrija li turi li l-pazjenti u l-membri tal-pubbliku inġenerali huma mħeġġa jirrappurtaw il-kontro-indikazzjonijiet suspettati kollha tal-prodotti mediċinali lit-tabib tagħhom, lill-ispiżjar, jew lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali, u jindikaw l-isem u l-indirizz tal-web, l-indirizz postali u/jew in-numru tat-telefown tal-awtorità nazzjonali kompetenti msemmija***.

**L-Erbgħa 24 ta' Novembru 2010**

4. L-informazzjoni ma għandhiex tinkludi:

(a) paraguni bejn prodotti mediċinali ***fir-rigward tal-kwalità, is-sikurezza u l-effiċjenza, jekk l-informazzjoni titpogga għad-disposizzjoni mid-detenturi tal-awtorizzazzjoni tat-tqegħid fis-suq ħlief fejn dawk il-paraguni huma:***

— ***inklużi f'dokumenti approvati uffiċjalment, bħat-taqsira tal-karatteristiċi tal-prodott***;

— ***ibbażati fuq studji xjentifiċi komparattivi ppubblikati mill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti jew mill-Aġenzija;***

— ***fis-sommarju tar-Rapporti ta' Valutazzjoni Pubblika Ewropea msemmi fl-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 726/2004, li ser jelenka l-għażliet terapewtiċi disponibbli l-oħra u jekk il-prodott mediċinali l-ġdid għandux valur terapewtiku;***

***(b) kwalunkwe persważjoni għal, jew il-promozzjoni tal-konsum ta' prodott mediċinali;***

(c) kwalunkwe materjal imsemmi fl-Artikolu 90***;***

***(d) informazzjoni dwar prodotti mediċinali oħra li l-kumpanija farmaċewtika ma tkunx id-detentur tal-awtorizzazzjoni tat-tqegħid fis-suq tagħhom***.

5. ***Sabiex tiġi żgurata l-kwalità tal-informazzjoni li tkun disponibbli għall-pazjenti jew għall-pubbliku inġenerali u l-membri tal-pubbliku,*** il-Kummissjoni għandha tadotta***, permezz tal-atti delegati skont l-Artikolu 100 m u soġġett għall-kundizzjonijiet tal-Artikoli 100n u 100o, il-miżuri*** meħtieġa ***għall-applikazzjoni*** tal-paragrafi 1, 2, 3 u 4.

▌

Artikolu 100e

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-websajts tal-Internet tad-detenturi tal-awtorizzazzjoni tat-tqegħid fis-suq ***jirriproduċu l-aħħar verżjoni aġġornata kif approvata mill-awtoritajiet kompetenti tas-sommarju*** tal-karatteristiċi tal-prodott u ***tal-fuljett*** tal-pakkett ***għall-pazjent*** tal-prodotti mediċinali ***soġġetti għal preskrizzjoni medika li huma jikkummerċjalizzaw*** kkonċernati fl-ilsna uffiċjali tal-Istati Membri fejn jiġu awtorizzati.

***2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull paġna tal-web mill-websajt tad-detenturi tal-awtorizzazzjoni tat-tqegħid fis-suq li tirreferi għal prodott mediċinali soġġett għal preskrizzjoni medika tinkludi link għall-paġna tal-web korrispondenti tad-database tal-Unjoni (minn hawn 'l quddiem 'EudraPharm database') msemmija fl-Artikoli 57(1)(l) u 57(2) tar-Regolament (KE) Nru 726/2004, u l-portali tal-web nazzjonali dwar il-mediċini msemmija fl-Artikolu 106 ta' din id-Direttiva, jew il-portal tal-web Ewropew dwar il-mediċini msemmi fl-Artikolu 26 tar-Regolament (KE) Nru 726/2004.***

***3. Is-sommarju tar-Rapporti ta' Valutazzjoni Pubblika Ewropea msemmi fl-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 726/2004 għandu jkollu hyperlink li jieħu lill-utent fit-taqsima tal-istudji korrispondenti fid-database Ewropea dwar il-provi kliniċi ('id-database EudraCT') kif previst fl-Artikolu 11 tad-Direttiva 2001/20/KE.***

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li talbiet għal informazzjoni lid-detentur tal-awtorizzazzjoni tat-tqegħid fis-suq dwar prodott mediċinali soġġett għal preskrizzjoni medika ***minn pazjent jew*** minn membru tal-pubbliku inġenerali jistgħu jsiru fi kwalunkwe waħda mill-ilsna uffiċjali tal-Unjoni li huma ilsna uffiċjali fl-Istati Membri fejn il-prodott mediċinali huwa awtorizzat. It-tweġiba għandha ssir fl-ilsien tat-talba. ***Dawn it-tweġibiet għandhom jinżammu disponibbli għall-ispezzjonijiet mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.***

Artikolu 100f

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw, mingħajr ma joħolqu piż sproporzjonat għad-detentur tal-awtorizzazzjoni tat-tqegħid fis-suq, li d-detenturi tal-awtorizzazzjoni tat-tqegħid fis-suq jagħmlu aċċessibbli għal persuni b'diżabilità l-informazzjoni pprovduta skont dan it-Titolu.

2. Biex jiżguraw aċċessibilità ta' informazzjoni dwar prodott mediċinali pprovduta mid-detenturi tal-awtorizzazzjoni tat-tqegħid fis-suq permezz tal-Internet, il-websajts ikkonċernati għandhom jkunu konformi mal-verżjoni 1.0, Livell A tal-Linji gwida dwar l-Aċċessibilità ta' Kontenut tal-Web tal-Konsortium tal-World Wide Web (W3C). Il-Kummissjoni se tagħmel dawn il-linji gwida aċċessibbli għall-pubbliku.

***Sabiex jitqies il-progress tekniku,*** il-Kummissjoni ***tista' tadotta, permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 100m u soġġett għall-kundizzjonijiet tal-Artikoli 100n u 100o, miżuri meħtieġa għall-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu***.

Artikolu 100g

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ***l-użu*** ħażin ***jiġi evitat billi jiġi żgurat li jkun biss id-detentur*** tal-awtorizzazzjoni tat-tqegħid fis-suq ***li jipprovdi l-informazzjoni, u jipprovdi unikament l-informazzjoni li tkun ġiet approvata mill-awtoritajiet kompetenti dwar prodotti mediċinali approvati soġġetti għall-preskrizzjoni medika, u fil-forma li tkun ġiet approvata għat-tqegħid għad-disponibilità lill-pazjenti u*** lill-pubbliku inġenerali jew membri tal-pubbliku. ***B'deroga għal dan, l-Istati Membri jistgħu jibqgħu jwettqu dawk it-tipi ta' mekkaniżmi ta' kontroll li jkunu implimentaw qabel il-31 ta' Diċembru 2008, mingħajr l-esklużjoi ta' titjib lil dawn il-mekkaniżmi ta' kontroll. Il-Kummissjoni għandha tivverifika u tapprova dawn il-mekkaniżmi u t-titjib tagħhom, billi titlob il-parir tal-awtoritajiet kompetenti.***

Dawn il-***mekkaniżmi*** għandhom ikunu bbażati fuq il-kontroll tal-informazzjoni wara li din tkun ***tpoġġiet għad-disposizzjoni***, sakemm:

— il-kontenut tal-informazzjoni ma jkunx ġie diġà approvat mill-awtoritajiet kompetenti; jew

— livell ekwivalenti ta' monitoraġġ xieraq u effettiv ma jiġix żgurat permezz ta' mekkaniżmu differenti.

▌

2. Wara konsultazzjoni mal-Istati Membri ***u mal-partijiet kollha interessati, bħall-organizzazzjonijiet tal-pazjenti u l-professjonisti fil-qasam tal-kura tas-saħħa***, il-Kummissjoni għandha tfassal linjigwida dwar l-informazzjoni permessa taħt dan it-Titolu u li jkun fihom kodiċi ta' kondotta għad-detenturi tal-awtorizzazzjoni tat-tqegħid fis-suq li jipprovdu informazzjoni ***lill-pazjenti u*** lill-pubbliku inġenerali jew lill-membri tal-pubbliku dwar prodotti mediċinali awtorizzati soġġetti għal preskrizzjoni medika. ***Il-linji gwida għandu jkun fihom dispożizzjonijiet li jiżguraw li l-pubbliku jkun jista' jressaq ilmenti quddiem l-awtoritajiet kompetenti fir-rigward ta' prattiki qarrieqa fil-pubblikazzjoni tal-informazzjoni.*** Il-Kummissjoni għandha tfassal dawn il-linjigwida sad- … (**) u taġġornahom b'mod regolari abbażi tal-esperjenza miksuba.

Artikolu 100h

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-detenturi tal-awtorizzazzjoni tat-tqegħid fis-suq jirreġistraw il-websajts tal-Internet ***taħt il-kontroll tagħhom li jkunu speċifikament diretti lejn ċittadini ta' Stat Membru wieħed jew aktar u*** li ***jkun*** fihom informazzjoni dwar ***mediċini li jinxtraw biss b'riċetta koperti b'dan it-Titolu***, qabel ma tkun aċċessibbli għall-pubbliku inġenerali. Fejn il-websajt ma tagħmilx użu minn Top Level Domain ta' kodiċi ta' pajjiż, id-detentur tal-awtorizzazzjoni tat-tqegħid fis-suq għandu jagħżel l-Istat Membru ta' reġistrazzjoni. ***Din l-informazzjoni għandha tikkorrispondi mar-rekwiżiti stabbiliti f'din id-Direttiva u tkun konformi mar-reġistru fejn jiġu rreġistrati l-prodotti mediċinali.***

**L-Erbgħa 24 ta' Novembru 2010**

Wara r-reġistrazzjoni tal-websajt tal-Internet, l-informazzjoni dwar prodott mediċinali li tinsab fih tista' tiġi pprovduta mid-detentur tal-awtorizzazzjoni tat-tqegħid fis-suq fuq websajts oħra tal-Internet ***reġistrati mid-detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq skont id-dispożizzjonijiet tal-ewwel subparagrafu*** mal-Unjoni kollha jekk il-kontenuti huma identiċi. ***Dawn is-siti tal-internet għandhom jidentifika b'mod ċar id-detentur tal-awtorizzazzjoni tat-tqegħid fis-suq.***

***Wara r-reġistrazzjoni tal-websajt tal-internet, kwalunkwe emenda għall-kontenut relatat mal-prodotti mediċinali soġġetti għal preskrizzjoni medika għandha tkun soġġetta għall-monitoraġġ f'konformità mal-paragrafu 4. Tali bidliet m'għandhomx jirrikjedu r-reġistrazzjoni mill-ġdid tal-websajt.***

***2. Kull Stat Membru għandu jfassal u jaġġorna lista ta' websajts tal-Internet irreġistrati. Dawk il-listi għandhom ikunu disponibbli għall-konsumaturi.***

3. Il-websajts tal-internet irreġistrati skont il-paragrafu 1 ma għandux ikollhom ħoloq ma' websajts oħra ta' detenturi ta' awtorizzazzjoni ta' tqegħid fis-suq sakemm ma jkunux ġew irreġistrati wkoll skont dan il-paragrafu. Dawn il-websajts għandhom jidentifikaw l-awtorità kompetenti li kkonċediet l-awtorizzazzjoni ta' tqegħid fis-suq u l-indirizz tal-websajt.

Websajts tal-internet irreġistrati skont il-paragrafu 1 ma għandhomx jippermettu l-identifikazzjoni ta' ***pazjenti jew ta'*** membri tal-pubbliku inġenerali li għandhom aċċess għal dawn il-websajts ***mingħajr il-permess espliċitu tagħhom minn qabel*** jew li fihom jidher xi ***kontenut*** mhux mixtieq li jixxerred ***lill-pazjenti jew*** lill-pubbliku inġenerali jew lil membri tal-pubbliku. ***Il-websajts tal-internet jistgħu jipprovdu kontenut bil-vidjo jekk dan ikun utli għall-appoġġ tal-użu sikur u effettiv tal-mediċina.***

***Il-websajts irreġistrati għandhom juru notifika fin-naħa ta' fuq ta' kull paġna tal-websajt li tinforma lill-pazjenti u lill-pubbliku inġenerali li l-informazzjoni li tkun fiha hija żviluppata minn detentur speċifiku tal-awtorizzazzjoni tat-tqegħid fis-suq. F'dik in-notifika għandha tiġi inkluża wkoll link għad-database EudraPharm dwar il-prodotti mediċinali.***

4. L-Istat Membru li fih tkun reġistrata il-websajt tal-Internet għandu jkun responsabbli għall-monitoraġġ tal-kontenuti ***relatati mal-prodotti mediċinali soġġetti għal preskrizzjoni medika disponibbli*** fuq din il-websajt.

5. Stat Membru ma għandux jadotta xi miżura fir-rigward tal-kontenut ta' websajt tal-Internet li tirriproduċi websajt tal-Internet reġistrata mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ta' Stat Membru ieħor, għajr għar-raġunijiet li ġejjin:

(a) Jekk Stat Membru għandu għalfejn jiddubita dwar jekk it-traduzzjoni tal-informazzjoni riprodotta hijiex korretta jew le, jista' jitlob detentur tal-awtorizzazzjoni tat-tqegħid fis-suq jipprovdi traduzzjoni ċċertifikata tal-informazzjoni ***approvata minn awtorità mpoġġija għad-disposizzjoni*** fuq il-websajt tal-Internet reġistrata mal-awtorità nazzjonali kompetenti ta' Stat Membru ieħor;

(b) Jekk Stat Membru għandu għalfejn jiddubita dwar jekk l-informazzjoni ***approvata minn awtorità li titqiegħed għad-dispożizzjoni*** fuq websajt tal-Internet irreġistrata mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ta' Stat Membru ieħor hijiex f'konformità mar-rekwiżiti ta' dan it-Titolu, għandu jinforma lil dan l-Istat Membru dwar ir-raġunijiet tad-dubji tiegħu. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jagħmlu ħilithom kollha biex jilħqu ftehim dwar l-azzjoni li trid tittieħed. Jekk ma jilħqux ftehim fi żmien xahrejn, il-każ għandu jgħaddi għand il-Kumitat Farmaċewtiku msemmi fl-Artikolu 84. Kwalunkwe miżura meħtieġa tista' tiġi adottata biss wara li tkun ingħatat opinjoni minn dan il-Kumitat. L-Istati Membri għandhom jikkunsidraw l-opinjonijiet mogħtija mill-Kumitat Farmaċewtiku u għandhom jgħarrfu lill-Kumitat dwar kif l-opinjoni tiegħu tkun ġiet ikkunsidrata.

**L-Erbgħa 24 ta' Novembru 2010**

6. L-Istati Membri għandhom ***jitolbu*** lid-detenturi tal-awtorizzazzjoni tat-tqegħid fis-suq li jkunu irreġistraw il-websajts tal-Internet skont il-paragrafi 1 sa 5 biex ▌jinkludu ***messaġġ fin-naħa ta' fuq ta' kull paġna tal-websajt*** li ***jinforma lill-pazjenti u lill-pubbliku inġenerali*** li ***l-informazzjoni li hemm fil-websajt hija mħejjija mid-detentur tal-awtorizzazzjoni tat-tqegħid fis-suq*** u ***hija għalhekk suġġetta*** għall-monitoraġġ ***sabiex tiġi evitata l-pubbliċita' ta' prodotti mediċinali li jeħtieġu preskrizzjoni***. Il-messaġġ għandu jidentifika ***b'mod ċar*** l-awtorità nazzjonali kompetenti li tissorvelja l-websajt ikkonċernata***, kif ukoll id-detentur tal-awtorizzazzjoni tat-tqegħid fis-suq responsabbli għas-sit***. Hija għandha wkoll tispeċifika li l-fatt li l-websajt hija taħt sorveljanza ma jfissirx bil-fors li l-informazzjoni kollha fuq il-websajt ġiet soġġetta għal approvazzjoni minn qabel ***u għandha tinkludi link għad-database EudraPharm li tispeċifika li l-informazzjoni validata hija disponibbli hemm***.

***7. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi, permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 100m u soġġeti għall-kondizzjonijiet tal-Artikoli 100n u 100o, ir-regoli u l-kondizzjonijiet dettaljati għar-reġistrazzjoni u l-monitoraġġ tas-siti tal-Internet imsemmija f'dan it-Titolu u tal-informazzjoni pprovduta fihom, bl-għan li tiġi garantita l-affidabilità tad-data ppreżentata u l-konformità tagħha mal-awtorizzazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-prodotti mediċinali kkonċernati, biex tingħata garanzija lill-konsumaturi li s-sit jew l-informazzjoni kkonċernati jkunu preċiżi u bbażati fuq il-fatti. Dawn ir-regoli u kondizzjonijiet għandhom jinkludu kriterji ta' ċertifikazzjoni jew ta' kwalifika li għandhom jiġu applikati fir-rigward tal-websajts reġistrati.***

Artikolu 100i

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa biex jiżguraw li d-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu jiġu applikati u li miżuri effettivi u xierqa jiġu adottati għas-sanzjoni ta' non-konformità ma' dawn id-dispożizzjonijiet. Dawn il-miżuri għandhom jinkludu dan li ġej:

(a) id-determinazzjoni tal-penali li għandhom jiġu imposti f'każ ta' ksur tad-dispożizzjonijiet adotatti għall-implimentazzjoni ta' dan it-Titolu. ***Dawk il-penali għandhom ikunu effikaċi, proporzjonati u dissważivi;***

(b) l-obbligu ta' sanzjoni ta' każijiet ta' non-konformità;

(c) l-għoti ta' setgħat lill-qrati jew l-awtoritajiet amministrattivi sabiex ikunu jistgħu jordnaw it-tmiem ***tat-tpoġġija għad-disposizzjoni*** ta' informazzjoni li ma tkunx f'konformità ma' dan it-Titolu jew, jekk din l-informazzjoni ma tkunx ***ġiet mpoġġija għad-disposizzjoni*** iżda din tkun imminenti, sabiex jordnaw il-projbizzjoni ta' ***din it-tpoġġija għad-disposizzjoni***.

***L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-possibilità li jiġi ppubblikat isem id-detentur ta' awtorizzazzjoni tat-tqegħid fis-suq responsabbli għat-tpoġġija għad-disposizzjoni ta' informazzjoni mhux konformi dwar il-prodott mediċinali.***

2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu għall-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 li jridu jittieħdu bi proċedura mgħaġġla, jew b'effett interim jew b'effett definittiv.

***3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-detenturi tal-awtorizzazzjoni tat-tqegħid fis-suq huma rrappreżentati u mismugħa fi kwalunkwe konsiderazzjoni ta' każ fejn huma akkużati b'nuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan it-Titolu. Id-detenturi tal-awtorizzazzjoni tat-tqegħid fis-suq għandu jkollhom id-dritt li jappellaw kontra kwalunkwe deċiżjoni ma' entità ġudizzjarja jew oħra. Waqt il-proċedura ta' appell it-tpoġġija għad-disposizzjoni ta' informazzjoni għandu jiġi sospiż sakemm tittieħed deċiżjoni kuntrarja mill-korp responsabbli.***

Artikolu 100j

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-detenturi tal-awtorizzazzjoni tat-tqegħid fis-suq, permezz tas-servizz xjentifiku msemmi fl-Artikolu 98(1):

(a) iżommu għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet ***kompetenti*** jew entitajiet responsabbli għall-monitoraġġ tal-informazzjoni dwar il-prodotti mediċinali ***li approvaw l-informazzjoni bil-quddiem***, kampjun tal-informazzjoni kollha ***li tpoġġiet għad-dispożizzjoni*** skont dan it-Titolu u informazzjoni dwar il-volum ta' ***provvista***, flimkien ma' stqarrija li turi l-persuni li lilhom hija indirizzata, il-metodu ta' ***kif titqiegħed għad-dispożizzjoni u d-data li fiha saret disponibbli għall-ewwel darba***;

**L-Erbgħa 24 ta' Novembru 2010**

(b) jiżguraw li l-informazzjoni dwar prodotti mediċinali taħt ir-responsabbiltà tagħhom tkun f'konformità mar-rekwiżiti ta' dan it-Titolu;

(c) jipprovdu lill-awtoritajiet jew lill-entitajiet responsabbli mill-monitoraġġ tal-informazzjoni dwar il-prodotti mediċinali bl-informazzjoni, ***ir-riżorsi finanzjarji*** u l-għajnuna li jeħtieġu biex iwettqu r-responsabbiltajiet tagħhom;

(d) jiżguraw li d-deċiżjonijiet meħuda mill-awtoritajiet jew entitajiet responsabbli għall-monitoraġġ tal-informazzjoni dwar il-prodotti mediċinali jkun hemm konformità magħhom minnufih u bis-sħiħ.

Artikolu 100k

Informazzjoni dwar prodotti mediċinali omeopatiċi msemmija fl-Artikolu 14(1) li ġew ikklassifikati bħala esklużivament bi preskrizzjoni għandhom ikunu soġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu. ***L-istess japplika għal informazzjoni dwar prodotti mediċinali fuq bażi ta' pjanti mediċinali jew kwalunkwe kompożizzjoni jew trattament li huma kklassifikati bħala prodotti mediċinali li jeħtieġu preskrizzjoni.***

***L-Artikolu 100l***

***1. Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu dwar informazzjoni mid-detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li informazzjoni oġġettiva u imparzjali tkun disponibbli għall-pubbliku ġenerali u l-membri tiegħu dwar:***

***(a) prodotti mediċinali li jitqiegħdu fis-suq fit-territorju tiegħu. Tali informazzjoni għandha tinkludi, iżda m' għandhiex tkun limitata għas-sommarju l-iktar riċenti tal-karatteristiċi tal-prodott u l-ittikkettjar u l-fuljett tal-pakett għall-pazjent tal-prodott mediċinali kif approvat mill-awtoritajiet kompetenti tul l-awtorizzazzjoni tat-tqegħid fis-suq u t-tiġdid tagħha, u l-verżjoni l-iktar riċent tar-rapport ta' valutazzjoni li tkun aċċessibbli għall-pubbliku kif imfassal mill-awtoritajiet kompetenti, u aġġornamenti tagħha;***

***(b) il-mard u l-kundizzjonijiet tas-saħħa li għandhom jiġu ttrattati bil-prodott mediċinali li jitqiegħdu fis-suq fit-territorju tiegħu; u***

***(c) il-prevenzjoni ta' tali mard u kondizzjonijiet.***

***2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun disponibbli kemm f'forma elettronika kif ukoll stampata, u f'format li jkun aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità. Din l-informazzjoni għandha tkun disponibbli permezz tal-kanali li ġejjin:***

***(a) websajts tal-internet dedikati stabbilit minn Stat Membru jew entità maħtura mill-Istat Membru, u monitorjati minn awtorità nazzjonali kompetenti jew entità maħtura mill-awtorità nazzjonali kompetenti;***

***(b) materjali stampati li jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku ġenerali public;***

***(c) tweġibiet bil-miktub għal talba għal informazzjoni minn membru tal-pubbliku inġenerali.***

***3. Il-Kummissjoni għandha tiffaċilita l-qsim tal-aħjar prattiki bejn l-Istati Membri u għandha tadotta l-linji gwida.***

***4. Sa … (***) il-Kummissjoni għandha tressaq rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-progress li sar mill-Istati Membri fl-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu.***

L-Erbgħa 24 ta' Novembru 2010

*Artikolu 100m*

*1. Is-setgħa biex jiġu adottati atti ddelegati msemmija fl-Artikoli 100d(5), 100f(2) u 100h(7) għandha tiġi kkonferita lill-Kummissjoni għal perjodu ta' 5 snin … (****). Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tas-setgħat iddelegati mhux aktar tard minn 6 xhur qabel it-tmiem tal-perijodu ta' ħames snin. Id-delegazzjoni tas-setgħa għandha tiġġedded awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirrevokawha skont l-Artikolu 100n.*

*2. Wara li tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tgħarraf minnufih u fl-istess ħin lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill b'dan.*

*3. Is-setgħa biex jiġu adottati l-atti delegati hija kkonferita lill-Kummissjoni soġġetta għall-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 100n u 100o.*

*Artikolu 100n*

*1. Id-delegazzjoni tas-setgħa msemmija fl-Artikoli 100d(5), 100f(2) u 100h(7) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.*

*2. L-istituzzjoni li bdiet proċedura interna biex tiddeċiedi jekk tirrevokax id-delegazzjoni tas-setgħa għandha tinforma lill-istituzzjoni l-oħra u lill-Kummissjoni fi żmien raġonevoli qabel ma tittieħed id-deċiżjoni finali, fejn tindika s-setgħat delegati li jistgħu jkunu soġġetti għar-revoka u r-raġunijiet possibbli għar-revoka.*

*3. Id-deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħat speċifikati f'dik id-deċiżjoni. Għandu jkollha effett immedjat jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma għandhiex taffettwa l-validità tal-atti delegati diġà fis-seħħ. Għandha tkun ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

*Artikolu 100o*

*1. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għal att iddelegat fi żmien tliet xhur mid-data tan-notifika.*

*Fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill, dan il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahar.*

*2. Jekk, meta jiskadi l-perjodu msemmi fil-paragrafu 1, la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu oġġezzjonaw għal att delegat, dan għandu jiġi ppubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u għandu jidħol fis-seħħ fid-data msemmija fih.*

*L-att ta' delega jista' jiġi ppubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u jidħol fis-seħħ qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu jekk il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn li huma għarrfu lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tagħhom li ma jqajmux oġġezzjonijiet.*

*3. Jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għall-att delegat waqt il-perjodu msemmi fil-paragrafu 1, dan ma jidħolx fis-seħħ. L-istituzzjoni li toġġezzjona għandha tistipula r-raġunijiet għall-oġġezzjoni għall-att delegat.*

**L-Erbgħa 24 ta' Novembru 2010**

Artikolu 100p

Sa … (*****) il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport dwar l-esperjenza miksuba fl-implimentazzjoni ta' dan it-Titolu ***wara li jiġu kkonsultati l-partijiet kollha interessati, bħal organizzazzjonijiet indipendenti tal-pazjenti, tas-saħħa u tal-konsumaturi u l-membri tal-professjonijiet tal-kura tas-saħħa*** u għandha wkoll tevalwa l-ħtieġa għal reviżjoni tiegħu. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dan ir-rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

(*) ***24 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.***
(**) Data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.
(***) ***Tliet snin wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva***
(****) ***Id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva***
(*****) ***Ħames snin wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva***"

***(9) Il-kliem "il-fuljett tal-pakkett" u "il-fuljetti tal-pakkett" għandhom jinbidlu bil-klilem "il-fuljett tal-pakkett għall-pazjent" u "il-fuljetti tal-pakkett għall-pazjent" matul it-test kollu.***

***Artikolu 2***

***Konsultazzjoni tal-partijiet interessati***

***Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-partijiet kollha interessati, bħal organizzazzjonijiet indipendenti tal-pazjenti, tas-saħħa u tal-konsumaturi, dwar kwestjonijiet b'rabta mal-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva u l-applikazzjoni tagħha mill-Istati Membri.***

Artikolu 3

Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom iġiebu fis-seħħ il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn … ([1]). Huma għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni, it-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet u t-tabella ta' korrelazzjoni bejn dawn id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'referenza bħal din fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif għandha ssir din ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 4

Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 5

Destinatarji

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi

| Għall-Parlament Ewropew | Għall-Kunsill |
|---|---|
| Il-President | Il-President |

([1]) Sena mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

**L-Erbgħa 24 ta' Novembru 2010**

## Informazzjoni dwar prodotti mediċinali (Proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali) ***I

P7_TA(2010)0430

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Novembru 2010 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda, fir-rigward tal-informazzjoni għall-pubbliku ġenerali dwar prodotti mediċinali għall-użu tal-bniedem suġġetti għar-riċetta medika, ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (COM(2008)0662 – C6-0517/2008 – 2008/0255(COD))**

(2012/C 99 E/49)

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2008)0662),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 95 tat-Trattat KE, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0517/2008),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bl-isem: "Konsegwenzi tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona fuq il-proċeduri interistituzzjonali ta' teħid ta' deċiżjonijiet li għaddejjin bħalissa" (COM(2009)0665),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3), l-Artikolu 114 u l-Artikolu 168(4)(c) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-10 ta' Ġunju 2009 tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew [1],

— wara li kkunsidra l-opinjoni tas-7 ta' Ottubru 2009 tal-Kumitat tar-Reġjuni [2],

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija kif ukoll tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (A7-0289/2010),

1. Japprova l-proposta fl-ewwel qari kif stabbilita hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

---

(1) ĠU C 306, 16.12.2009, p. 33.
(2) ĠU C 79, 27.3.2010, p. 50.

**L-Erbgħa 24 ta' Novembru 2010**

## P7_TC1-COD(2008)0255

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-24 ta' Novembru 2010 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsillli jemenda, fir-rigward tal-informazzjoni għall-pubbliku ġenerali dwar prodotti mediċinali għall-użu tal-bniedem suġġett għar-riċetta medika, ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 114 u l-Artikolu 168(4)(c) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([2]),

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja ([3]),

Billi:

(1) Fl-20 ta' Diċembru 2007 il-Kummissjoni ppreżentat Komunikazzjoni ntitolata "Rapport dwar il-prattiki kurrenti fir-rigward tal-provvista ta' informazzjoni lill-pazjenti dwar il-prodotti mediċinali". Ir-rapport jikkonkludi li Stati Membri adottaw regoli u prattiki diverġenti fir-rigward tal-għoti tal-informazzjoni, u b'hekk wasslu f'sitwazzjoni fejn il-pazjenti u l-pubbliku inġenerali għandhom aċċess ugwali għall-informazzjoni dwar il-prodotti mediċinali. L-esperjenza li nkisbet mill-applikazzjoni tal-qafas legali attwali wriet ukoll id-differenzi fl-interpretazzjoni tar-regoli ***tal-Unjoni*** dwar ir-riklamar, u bejn id-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar l-informazzjoni***, u enfasizzat il-ħtieġa urġenti li tiġi ppreċiżata d-distinzjoni bejn ir-riklamar u l-informazzjoni***.

(2) L-introduzzjoni ta' Titolu VIIIa ġdid fid-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem ([4]) tindirizza dak it-tħassib ġej minn dispożizzjonijiet varji maħsuba biex jiżguraw id-diponibbiltà ta' informazzjoni ta' kwalità tajba, oġġettiva, affidabbli u mhux promozzjonali dwar prodotti mediċinali għall-użu tal-bniedem suġġetti għal riċetta ***u biex titqiegħed enfasi fuq id-drittijiet u l-interessi tal-pazjenti***.

(3) Id-disparitajiet fl-għoti ta' informazzjoni dwar il-prodotti mediċinali għall-użu tal-bniedem mhumiex ġustifikati fil-każ tal-prodotti mediċinali awtorizzati skont it-Titolu II tar-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]) li għalihom jiġi approvat sommarju wieħed tal-karatteristiċi tal-prodotti u tal-fuljett tal-pakkett għall-Unjoni kollha. Għalhekk it-Titolu VIIIa tad-Direttiva 2001/83/KE għandu japplika wkoll għal dawk il-prodotti.

([1]) ĠU C 306, 16.12.2009, p. 33.
([2]) ĠU C 79, 27.3.2010, p. 50.
([3]) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Novembru 2010.
([4]) ĠU L 311, 28.11.2001, p. 67.
([5]) ĠU L 136, 30.4.2004, p. 1.

**L-Erbgħa 24 ta' Novembru 2010**

(4) Id-Direttiva 2001/83/KE tistipola li ċerti tipi ta' informazzjoni huma suġġetti għall-kontroll mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri qabel ma ***jsiru disponibbli***. Fil-każ ta' prodotti mediċinali għall-użu tal-bniedem awtorizzati skont it-Titolu II tar-Regolament (KE) Nru 726/2004, għandha ssir dispożizzjoni wkoll għal ċerti tipi ta' informazzjoni suġġetti għal stħarriġ minn qabel tal-informazzjon nin-naħa tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Aġenzija")***, u biex l-Aġenzija tissorvelja l-miżuri li għandu jieħu l-manifattur kif ukoll biex tissorvelja l-aġġornament tal-materjal stampat. wara rapport ta' reazzjonijiet negattivi.***

(5) Biex jiġi żgurat l-iffinanzjar adegwat ta' dawn l-attivitajiet marbut mal-informazzjoni, għandha ssir dispożizzjoni għall-ġbir tal-ħlasijiet imposti fuq id-detenturi tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq min-naħa tal-Aġenzija.

***(6) Jekk jirriżulta li l-ispejjeż addizzjonali mġarrba mill-Aġenzija għall-kontroll minn qabel ta' tipi speċifiċi ta' informazzjoni skont dan ir-Regolament ma jkunux koperti bil-ħlasijiet applikabbli li għandhom jagħmlu d-detenturi tal-approvazzjonijiet, il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-baġit tal-Aġenzija għandha tiġi riveduta. F'din is-sena, għandhom jinbdew sforzi fil-livell tal-Istati Membri bil-għan ta' emenda eventwali tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni lill-Aġenzija.***

(7) Minħabba li l-għan ta' dan ir-Regolament, huwa li jiġu previsti regoli speċifiċi dwar l-informazzjoni fuq prodotti mediċinali għall-użu tal-bniedem suġġetti għar-riċetta awtorizzata skont ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jistgħu għalhekk jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' taddotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F' konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jintlaħaq dak l-għan.

(8) Ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 għandu jiġi emendat skont dan,

ADDOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi għar-Regolament (KE) Nru 726/2004

Ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 huwa emendat kif ġej:

***(1) Fl-Artikolu 9(4) jiżdied il-punt li ġej:***

***"(f) is-sommarju tar-Rapport ta' Stima Pubbliku Ewropew imsemmi fl-Artikolu 13(3).".***

(2) Jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:

"Artikolu 20a

1. It-Titolu VIIa tad-Direttiva 2001/83/KE għandu japplika għal prodotti mediċinali li huma awtorizzati skont dan it-Titolu u huma suġġetti għal riċetta medika.

Artikolu 20b

1. B'deroga tal-Artikolu 100 g(1) tad-Direttiva 2001/83/KE l-informazzjoni dwar il-prodott mediċinali msemmi fl-Artikolu 100b(d) ta' dik id-Direttiva għandha tkun suġġetta għal verifika mill-Aġenzija qabel ***ma titpoġġa għad-disposizzjoni disponibbli, sakemm din l-informazzjoni tingħata f'sit elettroniku u sakemm Stat Membru jidħol responsabbli għall-monitoraġġ tal-kontenut imqassam, skont l-Artikolu 100h tad-Direttiva 2001/83/KE***.

2. Għall-għanijiet tal-paragrafu 1, id-detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq għandu jippreżenta lill-Aġenzija abbozz tal-arranġament tat-test tal-informazzjoni li ***għandha titpoġġa għad-disposizzjoni***.

**L-Erbgħa 24 ta' Novembru 2010**

3. L-Aġenzija għandha mnejn toġġezzjona għall-informazzjoni mressqa jew partijiet minnha fuq raġunijiet li għandhom x'jaqsmu man-nuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet tat-Titolu VIIIa tad-Direttiva 2001/83/KE fi żmien ***90 jum*** wara li tasal in-notifika. Jekk l-Aġenzija ma toġġezzjonax fi żmien ***90 jum***, l-informazzjoni sejra titqies bħala aċċettata u tista' tiġi ppubblikata. ***Id-detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq għandu jibqa' responsabbli għalkollox għall-informazzjoni pprovduta f'kull każ.***

***4. Jekk l-Aġenzija titlob li jsiru bidliet fl-informazzjoni mressqa mid-detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq, u jekk dan tal-aħħar jerġa' jressaq abbozz tal-arranġament tat-test tal-informazzjoni mtejjeb fi żmien 30 jum ta' xogħol, l-Aġenzija għandha tikkomunika t-tweġiba tagħha għall-proposta l-ġdida fi żmien 60 jum ta' xogħol.***

***L-Aġenzija għandha titlob lid-detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq ħlas addizjonali għal din l-istima.***

5. Is-sottomissjoni tal-informazzjoni lill-Aġenzija skont il-paragrafi 1, 2, 3 u 4 għandha tkun suġġetta għal ħlas li jrid jitħallas f' konformita' mar-Regolament Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 297/95 tal-10 ta' Frar 1995 dwar id-drittijiet li għandhom jitħallsu lill-Aġenzija Ewropea għall-Evalwazzjoni tal-Prodotti Mediċinali (*).

(*) ĠU L 35, 15.2.1995, p. 1."

*(3) L-Artikolu 57 huwa emendat kif ġej:*

*(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif gej:*

*(i) il-punt (l) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:*

*"(l) toħloq 'database' dwar prodotti mediċinali, li għandu jkun aċċessibbli għall-pubbliku ġenerali, bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE, u tiżgura li jkun aġġornat, u amministrat indipendentement mill-interessi kummerċjali tal-kumpaniji farmaċewtiċi; id-'database' għandu jiffacilita t-tfittxija għall-informazzjoni diġà awtorizzata għall-fuljetti għall-pakketti; għandu jinkludi taqsima dwar prodotti mediċinali awtorizzati għall-kura tat-tfal; l-informazzjoni pprovduta għall-pubbliku għandha tkun fi kliem xieraq u li jista' jinftiehem, intiż għall-pubbliku li mhux espert;".*

(ii) jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"(u) jingħataw l-opinjonijiet dwar l-informazzjoni lill-pubbliku ġenerali dwar prodotti mediċinali għall-użu tal-bniedem suġġetti għal riċetta medika.

*(v) tippromwovi sorsi eżistenti ta' informazzjoni affidabbli u indipendenti dwar is-saħħa.*".

*(b) il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:*

*(i) l-ewwel subparagrafu jinbidel b'dan li ġej:*

***"2. Id-database previst fil-punt (l) tal-paragrafu 1 għandu jinkludi s-sommarji tal-karatteristiċi tal-prodott, il-fuljett imqiegħed fil-pakkett għall-pazjent jew għal min juża l-prodott u l-informazzjoni murija fuq it-tikketta. Id-'database' għandu jkun żviluppat fi stadji, waqt li tingħata prijorità lill-prodotti mediċinali awtorizzati taħt dan ir-Regolament u dawk awtorizzati taħt il-Kapitolu 4 tat-Titolu III tad-Direttiva 2001/83/KE u taħt il-Kapitolu 4 tat-Titolu III tad-Direttiva 2001/82/KE. Id-database għandha sussegwentement tkun estiża biex tinkludi kull prodott mediċinali mqiegħed fis-suq fl-Unjoni. Dik id-database għandha tkun promossa attivament liċ-ċittadini tal-UE."***

*(ii) jiżdied ir-raba' subparagrafu:*

***"L-informazzjoni mressqa mid-detenturi tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq u approvata mill-awtoritajiet nazzjonali għandha tintbagħat lill-Aġenzija minn dawk l-awtoritajiet u tiddaħħal f' dik id-database, msemmija fl-ewwel subparagrafu, li għandha tkun għad-dispożizzjoni tal-pubbliku.".***

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak in-nhar tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi,

| Għall-Parlament Ewropew,<br>Il-President | Għall-Kunsill,<br>Il-President |
|---|---|

## Limitazzjoni tal-użu ta'ċerti sustanzi perikolużi fit-tagħmir elettriku u elettroniku ***I

P7_TA(2010)0431

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Novembru 2010 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi perikolużi fit-tagħmir elettriku u elettroniku (tfassil mill-ġdid) (COM(2008)0809 – C6-0471/2008 – 2008/0240(COD))**

(2012/C 99 E/50)

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari - tfassil mill-ġdid)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2008)0809),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2), u l-Artikolu 95 tat-Trattat KE, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0471/2008),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bit-titolu: "Konsegwenzi tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona dwar il-proċeduri interistituzzjonali ta' teħid ta' deċiżjonijiet li għaddejjin bħalissa" (COM(2009)0665),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3)u l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-10 ta' Ġunju 2009 ([1]),

([1]) ĠU C 306, 16.12.2009, p. 36.

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tal-4 ta' Diċembru 2009 (1),

— wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tat-12 ta' Novembru 2010, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Ftehima Interistituzzjonali tat-28 ta' Novembru 2001 dwar użu aktar strutturat tat-teknika ta' tfassil mill-ġdid għal atti legali (2),

— wara li kkunsidra l-ittra tal-11 ta' Novembru 2009 mill-kumitat għall-Affarijiet Legali lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel skont l-Artikolu 87(3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 87 u 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li ikkunsidra r-rapport ta' Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A7-0196/2010),

A. Billi, skont il-grupp ta' ħidma Konsultattiv tas-servizzi legali tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni, il-proposta in kwistjoni ma tinkludix emendi sostanzjali għajr dawk identifikati bħala tali fil-proposta u billi, f'dik li hija l-kodifikazzjoni tad-dispożizzjonijiet li ma nbidlux tal-atti ta' qabel flimkien ma dawk l-emendi, il-proposta fiha kodifikazzjoni sempliċi tat-testi eżistenti, mingħajr ebda tibdil fis-sustanza tagħhom,

1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari kif imniżżel hawn taħt, filwaqt li jqis ir-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-servizzi legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni;

2. Japprova d-dikjarazzjoni tiegħu li tinsab annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;

3. Jieħu nota tad-dijarazzjonijiet tal-Kummissjoni mehmuża ma' dan l-abbozz ta' riżoluzzjoni;

4. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta tagħha b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

(1) ĠU C 141, 29.5.2010, p. 55.
(2) ĠU C 77, 28.3.2002, p. 1.

## P7_TC1-COD(2008)0240

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-24 ta' Novembru 2010 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Direttiva 2011/…/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi perikolużi fit-tagħmir elettriku u elettroniku (tfassil mill-ġdid)**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel ma' l-att leġislattiv finali, d-Direttiva 2011/65/UE.)*

**L-Erbgħa 24 ta' Novembru 2010**

ANNESS

**Dikjarazzjonijiet**

**Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew**

Il-Parlament Ewropew jiddispjaċih li l-Kunsill ma kienx ippreparat li jaċċetta l-pubblikazzjoni mandatorja tat-tabelli ta' korrelazzjoni fil-kuntest tat-tfassil mill-ġdid tad-Direttiva 2002/95/KE. Bil-għan li titressaq soluzzjoni orizzontali u inter-istituzzjonai dwar din il-kwistjoni, il-Parlament Ewropew jistieden lill-Kummissjoni Ewropea sabiex tagħmel rapport fi żmien sitt xhur wara l-adozzjoni ta' dan il-ftehim fil-plenarja dwar il-prattika tal-Istati Membri sabiex tfassal tabelli ta' koorelazzjoni fil-qasam tal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE u sabiex ikunu disponibbli għall-pubbliku, inkluża l-valutazz-joni' ta' kif il-prattiki attwali jaffettwaw ir-rwol tal-Kummissjoni bħala "gwardjan tat-Trattat" fil-kontroll ta' traspożizzjoni korretta tad-direttivi tal-UE fil-leġiżlazzjoni nazzjonali fil-qasam tal-protezzjoni tal-ambjent.

**Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-ambitu (Artikolu 2(2))**

Il-Kummissjoni tinterpreta l-Artikolu 2 (2) bħala li t-tagħmir elettriku u elettroniku li kien barra l-ambitu tad-Direttiva 2002/95/KE, iżda li jkun kopert mid-Direttiva l-ġdida, m'għandux bżonn jikkonforma mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva waqt perjodu tranżitorju ta' tmien snin.

It-tagħmir elettriku u elettroniku (EEE) li kien barra mill-ambitu tad-Direttiva 2002/95/KE, iżda li jkunu kopert mid-Direttiva l-ġdida, jinkludu fost l-oħrajn, EEE kopert minn:

— il-kategorija 11 il-ġdida fl-Anness I;

— id-definizzjoni l-ġdida ta' "dipendenti" fl-Artikolu 3 (2);

— kejbils imsemmija fl-artikolu 4 u fid-definizzjoni relatata fl-artikolu 3 (5);

— vetturi b'żewġ roti li mhumiex approvati għat-tip (artikolu 2 (4)(f)).

Waqt il-perijodu tranżitorju ta' tmien snin, fl-interpretazzjoni tal-Kummissjoni, isegwi mill-Artikolu 2 (2) li l-Istati Membri obbligati jippermettu li t-tagħmir elettriku u elettroniku li kien barra l-ambitu tad-Direttiva 2002/95/KE iżda li jkun kopert mid-Direttiva l-ġdida, jkompli jkun disponibbli fis-suq tagħhom.

**Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-rieżami (Artikolu 24)**

B'segwitu mill-Artikolu 24, il-Kummissjoni biħsiebha twettaq, mhux aktar tard minn tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, valutazzjoni tal-impatt (reviżjoni) tal-Artikolu 2 li tiffoka fuq il-bidliet fl-ambitu ta' din id-Direttiva mqabbla mad-Direttiva 2002/95/KE li l-impatt tagħhom għadu ma ġiex ivvalutat.

Din ir-reviżjoni, segwita minn rapport lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew, tista' tiġi akkumpanjata minn proposta leġiżlattiva jekk il-Kummissjoni tqis dan xieraq. Il-medda tar-reviżjoni u tal-proposta leġiżlattiva għandha tiġi ddeterminata mill-Kummissjoni skont d-dritt tagħha għall-inizjattiva leġiżlattiva skont it-Trattati.

**Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar in-nanomaterjali (premessa 16 u Artikolu 6)**

Il-Kummissjoni tinnota li għadha għaddejja l-ħidma lejn definizzjoni komuni dwar in-nanomaterjali u biħsiebha tadotta Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar definizzjoni komuni għas-setturi leġiżlattivi kollha fil-futur qrib. Il-Kummissjoni tqis li d-dispożizzjonijiet RoHS ikopru forom differenti (inklużi n-nanoforom) tas-sustanzi li bħalissa huma pprojbiti u ta' dawk li fil-futur se jkunu suġġett ta' reviżjoni prijoritarja skont l-RoHS.

**L-Erbgħa 24 ta' Novembru 2010**

**Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-tabelli ta' korrelazzjoni**

Il-Kummissjoni tfakkar fl-impenn tagħha li tiżgura li l-Istati Membri jistabbilixxu tabelli ta' korrelazzjoni li jorbtu mad-direttiva tal-UE l-miżuri ta' traspożizzjoni li jadottaw u jikkomunikawhom lill-Kummissjoni fil-qafas tat-traspożizzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE, fl-interess taë-ëittadini, tal-leġiżlar aħjar u ż-żieda fit-trasparenza ġuridika, u sabiex jiġi assistit l-eżami tal-konformità tar-regoli nazzjonali mad-dispożizzjonijiet tal-UE.

Il-Kummissjoni tinnota b'dispjaëir in-nuqqas ta' appoġġ għad-dispożizzjoni inkluża fil-proposta tal-Kummissjoni tal-2008 dwar id-Direttiva dwar ir-restrizzjoni fuq l-użu ta' ëerti sustanzi perikolużi fit-tagħmir elettriku u elettroniku (riformulazzjoni), li kellhom l-għan li jagħmlu obbligatorju t-tfassil tat-tabelli ta' korrelazzjoni.

Il-Kummissjoni, fi spirtu ta' kompromess u sabiex tiżgura l-adozzjoni immedjata ta' dik il-proposta, tista' taëëetta s-sostituzzjoni tad-dispożizzjoni obbligatorja dwar it-tabelli ta' korrelazzjoni inkluża fit-test bi premessa rilevanti li tħeġġeġ lill-Istati Membri jsegwu din il-prassi.

Madankollu, il-pożizzjoni tal-Kummissjoni f'dan il-fajl m'għandhiex titqies bħala preëedent. Il-Kummissjoni se tkompli bl-isforzi tagħha bil-għan li ssib, flimkien mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill, soluzzjoni xierqa għal din il-kwistjoni istituzzjonali orizzontali.

2012/C 99 E/18 Politika dwar il-Kummerċ Internazzjonali fil-kuntest tal-imperattivi marbuta mat-tibdil fil-klima

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Novembru 2010 dwar il-Politika dwar il-Kummerċ Internazzjonali fil-kuntest tal-imperattivi marbuta mat-tibdil fil-klima (2010/2103(INI)) ..... 94

2012/C 99 E/19 Ir-responsabilità soċjali tal-kumpanniji fil-ftehimiet kummerċjali internazzjonali

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Novembru 2010 dwar ir-responsabilità soċjali tal-kumpaniji fil-ftehimiet kummerċjali internazzjonali (2009/2201(INI)) ..... 101

2012/C 99 E/20 Regoli ta' koperazzjoni orizzontali dwar il-kompetizzjoni

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Novembru 2010 dwar ir-rieżami tar-regoli tal-kompetizzjoni fir-rigward tal-koperazzjoni orizzontali ..... 112

2012/C 99 E/21 Iraq - b'mod partikolari l-piena tal-mewt (inkluż il-każ ta' Tariq Azziz) u l-attakki kontra l-komunitajiet Kristjani

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Novembru 2010 dwar l-Iraq: il-piena kapitali (speċifikament il-każ ta' Tariq Aziz) u l-attakki kontra l-komunitajiet Insara ..... 115

2012/C 99 E/22 Tibet - pjanijiet biex iċ-Ċiniż isir il-lingwa ewlenija tat-tagħlim

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Novembru 2010 dwar it-Tibet – pjanijiet biex iċ-Ċiniż isir il-lingwa uffiċjali tat-tagħlim ..... 118

2012/C 99 E/23 Burma - it-tmexxija tal-elezzjonijiet u l-ħelsien tal-kap tal-oppożizzjoni Aung San Suu Kyi

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Novembru 2010 dwar il-Burma – il-mod kif saru l-elezzjonijiet u l-ħelsien tal-kap tal-oppożizzjoni Aung San Suu Kyi ..... 120

2012/C 99 E/24 Il-ġlieda kontra l-kanser kolorettali fl-Unjoni Ewropea

Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Novembru 2010 dwar il-ġlieda kontra l-kanser kolorettali fl-Unjoni Ewropea ..... 124

2012/C 99 E/25 Camp Ashraf

Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Novembru 2010 dwar Camp Ashraf ..... 125

---

III *Atti preparatorji*

IL-PARLAMENT EWROPEW

**It-Tlieta 23 ta' Novembru 2010**

2012/C 99 E/26 Mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE - Irlanda - għargħar f'Novembru 2009

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Novembru 2010 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE, skont il-punt 26 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba (COM(2010)0534 – C7-0283/2010 – 2010/2216(BUD)) ..... 126

ANNESS ..... 127

MT

*(Ikompli fil-paġna li jmiss)*

2012/C 99 E/27 Mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni: Noord Brabant u Zuid Holland, Diviżjoni 18/L-Olanda

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Novembru 2010 dwar proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda (applikazzjoni EGF/2009/027 NL/Noord Brabant u Zuid Holland, Diviżjoni 18 mill-Olanda) (COM(2010)0529 – C7-0309/2010 – 2010/2225(BUD)) ................ 128

ANNESS ........ 130

2012/C 99 E/28 Mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni: Drenthe, Diviżjoni 18/l-Olanda

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Novembru 2010 dwar proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, f'konformità mal-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni EGF/2009/030 NL/Drenthe Diviżjoni 18 mill-Olanda) (COM(2010)0531 – C7-0310/2010 – 2010/2226(BUD)) ........ 131

ANNESS ........ 133

2012/C 99 E/29 Mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni: Limburg, Diviżjoni 18/l-Olanda

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Novembru 2010 dwar proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda (applikazzjoni EGF/2009/028 NL/Limburg Diviżjoni 18 mill-Olanda) (COM(2010)0518 – C7-0311/2010 – 2010/2227(BUD)) ........ 134

ANNESS ........ 136

2012/C 99 E/30 Mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni: Gelderland u Overijssel, Diviżjoni 18/L-Olanda

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Novembru 2010 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, f'konformità mal-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja fis-sod (applikazzjoni EGF/2009/029 NL/Gelderland u Overijssel, Divizjoni 18 mill-Olanda) (COM(2010)0528 – C7-0312/2010 – 2010/2228(BUD)) 137

ANNESS ........ 139

2012/C 99 E/31 Mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni: Noord Holland u Utrecht, Diviżjoni 18/L-Olanda

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Novembru 2010 dwar proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda (applikazzjoni EGF/2009/026 NL/Noord Holland u Utrecht, Diviżjoni 18 mill-Olanda (COM(2010)0530 – C7-0313/2010 – 2010/2229(BUD)) ........ 140

ANNESS ........ 142


MT

2012/C 99 E/32 Mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni: Noord Holland u Zuid Holland, Diviżjoni 58/L-Olanda

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Novembru 2010 dwar proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni b'konformità mal-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda (applikazzjoni EGF/2009/024 NL/Noord Holland u Zuid Holland, Divizjoni 58 mill-Olanda(COM(2010)0532 – C7-0314/2010 – 2010/2230(BUD)) .... 143

ANNESS .... 145

2012/C 99 E/33 L-għajnuna mogħtija fil-qafas tal-monopolju tal-alkoħol tal-Ġermanja ***I

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Novembru 2010 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 (Regolament Waħdieni dwar l-OKS) rigward l-għajnuna mogħtija fil-qafas tal-Monopolju tal-Alkoħol tal-Ġermanja (COM(2010)0336 – C7-0157/2010 – 2010/0183(COD)) .... 146

P7_TC1-COD(2010)0183

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-23 ta' Novembru 2010 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru .../2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 (Regolament Waħdieni dwar l-OKS) rigward l-għajnuna mogħtija fil-qafas tal-Monopolju tal-Alkoħol Ġermaniż .... 147

2012/C 99 E/34 Eżenzjoni mid-dazju għal ingredjenti attivi farmaċewtiċi speċifikati li għandhom "isem komuni internazzjonali" (INN) mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa u prodotti speċifikati użati għall-manifattura ta' sustanzi farmaċewtiċi lesti ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Novembru 2010 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jipprovdi trattament ta' eżenzjoni mid-dazju għal ingredjenti attivi farmaċewtiċi speċifikati li għandhom "isem komuni internazzjonali" (INN) mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa u prodotti speċifikati użati għall-manifattura ta' sustanzi farmaċewtiċi lesti u li jemenda l-Anness I għar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 (COM(2010)0397 – C7-0193/2010 – 2010/0214(COD)) .... 147

P7_TC1-COD(2010)0214

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-23 ta' Novembru 2010 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru .../2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 f'dak li huwa l-forniment ta' trattament mingħajr dazju għal ingredjenti attivi farmaċewtiċi speċifikati li għandhom "isem komuni internazzjonali" (INN) mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa u prodotti speċifikati użati għall-manifattura ta' sustanzi farmaċewtiċi lesti .... 148

2012/C 99 E/35 Ftehim KE-Ukraina dwar il-koperazzjoni fil-qasam tax-xjenza u tat-teknoloġija ***

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Novembru 2010 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill li tikkonċerna t-tiġdid tal-Ftehim dwar il-Kooperazzjoni Xjentifika u Teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukraina (11364/2010 – C7-0187/2010 – 2009/0062(NLE)) .... 148

2012/C 99 E/36 Ftehim UE-Gvern tal-Faeroes dwar il-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika ***

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Novembru 2010 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Gżejjer Faeroe dwar il-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika, li jassoċja l-Gżejjer Faeroe mas-Seba' Programm Kwadru tal-Unjoni għall-Attivitajiet ta' Riċerka, ta' Żvilupp Teknoloġiku u ta' Dimostrazzjoni (2007-2013) (11365/2010 – C7-0184/2010 – 2009/0160(NLE)) .... 149

MT

*(Ikompli fil-paġna li jmiss)*

2012/C 99 E/37 Ftehim KE-Ġappun dwar il-koperazzjoni fil-qasam tax-xjenza u tat-teknoloġija ***

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Novembru 2010 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Ġappun dwar kooperazzjoni fix-xjenza u t-teknoloġija (11363/2010 – C7-0183/2010 – 2009/0081(NLE)) ... 149

2012/C 99 E/38 Ftehim KE-Ġordan dwar koperazzjoni xjentifika u teknoloġika ***

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Novembru 2010 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunita' Ewropea u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan dwar Kooperazzjoni Xjentifika u Teknoloġika (11362/2010 – C7-0182/2010 – 2009/0065(NLE)) ... 150

2012/C 99 E/39 UE - Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gżejjer Solomon ***

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Novembru 2010 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gżejjer Solomon (09335/2010 – C7-0338/2010 – 2010/0094(NLE)) ... 151

2012/C 99 E/40 Sistema komuni tat-taxxa fuq il-valur miżjud u l-perjodu ta' obbligu li tiġi rispettata r-rata standard minima *

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Novembru 2010 dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni tat-taxxa fuq il-valur miżjud, f'dak li għandu x'jaqsam mal-perjodu ta' obbligu li tiġi rispettata r-rata standard minima (COM(2010)0331 – C7-0173/2010 – 2010/0179(CNS)) ... 152

2012/C 99 E/41 Pjan fit-tul għall-istokk ta' Inċova fil-Bajja ta' Biscay u s-sajd li jisfrutta dak l-istokk ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Novembru 2010 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex jiġi stabbilit pjan fit-tul għall-istokk ta' Inċova fil-Bajja ta' Biscay u s-sajd li jisfrutta dak l-istokk (COM(2009)0399 – C7-0157/2009 – 2009/0112(COD)) ... 154

P7_TC1-COD(2009)0112

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-23 ta' Novembru 2010 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi pjan fit-tul għall-istokk ta' Inċova fil-Bajja ta' Biscay u s-sajd li jisfrutta dak l-istokk ... 155

ANNESS I ... 162

ANNESS II ... 165

ANNESS III ... 166

2012/C 99 E/42 Pjan multiannwali għall-istokk tal-Punent ta' Sawrell tal-Atlantiku u s-sajd li jisfrutta dak l-istokk ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Novembru 2010 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi pjan multiannwali għall-istokk tal-Punent ta' Sawrell tal-Atlantiku u s-sajd li jisfrutta dak l-istokk (COM(2009)0189 – C7-0010/2009 – 2009/0057(COD)) ... 167

P7_TC1-COD(2009)0057

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fi 23 ta' Novembru 2010 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi pjan multiannwali għall-istokk tal-Punent ta' Sawrell tal-Atlantiku u s-sajd li jisfrutta dak l-istokk ... 168

ANNESS ... 175

MT

2012/C 99 E/43 Projbizzjoni tas-selezzjoni kwalitattiva (highgrading) u r-restrizzjonijiet fuq is-sajd għall-barbun u l-barbun imperjali fil-Baħar Baltiku, fil-Belts u fis-Sound ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Novembru 2010 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2187/2005 fir-rigward tal-projbizzjoni tas-selezzjoni kwalitattiva (highgrading) u r-restrizzjonijiet fuq is-sajd għall-barbun u l-barbun imperjali fil-Baħar Baltiku, fil-Belts u fis-Sound (COM(2010)0325 – C7-0156/2010 – 2010/0175(COD)) .................. 176

P7_TC1-COD(2010)0175

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-23 ta' Novembru 2010 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2187/2005 fir-rigward tal-projbizzjoni tas-selezzjoni kwalitattiva (highgrading) u r-restrizzjonijiet fuq is-sajd għall-barbun u l-barbun imperjali fil-Baħar Baltiku, fil-Belts u fis-Sound .......................................... 177

2012/C 99 E/44 L-użu ta' speċijiet aljeni u li ma jinstabux lokalment fl-akkwakultura ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Novembru 2010 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 708/2007 dwar l-użu ta' speċijiet aljeni u li ma jinstabux lokalment fl-akkwakultura (COM(2009)0541 – C7-0272/2009 – 2009/0153(COD)) .... 177

P7_TC1-COD(2009)0153

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-23 ta' Novembru 2010 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 708/2007 dwar l-użu ta' speċi aljeni u li ma jinstabux lokalment fl-akkwakultura ........................... 178

2012/C 99 E/45 Għajnuna mill-Istat biex tiffaċilita l-għeluq ta' minjieri tal-faħam li mhumiex kompetittivi *

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Novembru 2010 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill dwar għajnuna mill-Istat biex tiffaċilita l-għeluq ta' minjieri tal-faħam li mhumiex kompettittivi (COM(2010)0372 – C7-0296/2010 – 2010/0220(NLE)) ................................................ 178

**L-Erbgħa 24 ta' Novembru 2010**

2012/C 99 E/46 Abbozz ta' baġit ta' emenda Nru 8/2010: Taqsima III – Il-Kummissjoni - Fond ta Solidarjetà tal-UE: Għargħar fl-Irlanda - Konklużjoni tal-FSE Objettiv nru 1 (2000-2006)

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-abbozz ta' baġit ta' emenda Nru 8/2010 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, Taqsima III – Il-Kummissjoni (16722/2010 – C7-0388/2010 – 2010/2217(BUD)) ........................................................................................ 185

2012/C 99 E/47 Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni KE/Moldova ***

P7_TA(2010)0428

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-abbozz għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jistabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Moldova fil-programmi tal-Unjoni (10496/2010 – C7-0330/2010 – 2010/0102(NLE)) ............... 186

2012/C 99 E/48 Informazzjoni dwar prodotti mediċinali (kodiċi Komunitarju relatat mal-prodotti mediċinali) ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Novembru 2010 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda, fir-rigward tal-informazzjoni għall-pubbliku inġenerali dwar prodotti mediċinali soġġetti għal preskrizzjoni medika, id-Direttiva 2001/83/KE dwar il-kodiċi tal-Komunità dwar il-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (COM(2008)0663 – C6-0516/2008 – 2008/0256(COD)) .................. 187

MT

*(Ikompli fil-paġna li jmiss)*

P7_TC1-COD(2008)0256

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-24 ta' Novembru 2010 bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Direttiva 2011/…/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda, fir-rigward tal-informazzjoni *għall-pazjenti u* għall-pubbliku inġenerali dwar prodotti mediċinali soġġetti għal preskrizzjoni medika, id-Direttiva 2001/83/KE dwar il-kodiċi tal-Komunità dwar il-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (1) . . . . . 188

2012/C 99 E/49 — Informazzjoni dwar prodotti mediċinali (Proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali) ***I

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Novembru 2010 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda, fir-rigward tal-informazzjoni għall-pubbliku ġenerali dwar prodotti mediċinali għall-użu tal-bniedem suġġetti għar-riċetta medika, ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (COM(2008)0662 – C6-0517/2008 – 2008/0255(COD)) 203

P7_TC1-COD(2008)0255

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-24 ta' Novembru 2010 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsillli jemenda, fir-rigward tal-informazzjoni għall-pubbliku ġenerali dwar prodotti mediċinali għall-użu tal-bniedem suġġett għar-riċetta medika, ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (1) . . . . . 204

2012/C 99 E/50 — Limitazzjoni tal-użu ta'ċerti sustanzi perikolużi fit-tagħmir elettriku u elettroniku ***I

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Novembru 2010 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi perikolużi fit-tagħmir elettriku u elettroniku (tfassil mill-ġdid) (COM(2008)0809 – C6-0471/2008 – 2008/0240(COD)) . . . . . 207

P7_TC1-COD(2008)0240

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-24 ta' Novembru 2010 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Direttiva 2011/…/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi perikolużi fit-tagħmir elettriku u elettroniku (tfassil mill-ġdid) . . . . . 208

ANNESS . . . . . 209

MT

(1) Test b'relevanza għaż-ŻEE

*Tifsira tas-simboli użati*

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni |
| **I | Proċedura ta' konsultazzjoni: l-ewwel qari |
| **II | Proċedura ta' konsultazzjoni: it-tieni qari |
| *** | Proċedura ta' parir konformi |
| ***I | Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari |
| ***II | Proċedura ta' kodeċiżjoni: it-tieni qari |
| ***III | Proċedura ta' kodeċiżjoni: it-tielet qari |

(It-tip ta' proċedura tiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni)

Emendi politiċi: it-test ġdid jew modifikat huwa indikat permezz tat-tipa korsiva u qawwija; it-tħassir huwa indikat permezz tas-simbolu ▌.

Korrezzjonijiet u adattamenti tekniċi tas-servizzi: it-test ġdid jew modifikat huwa indikat permezz tat-tipa korsiva rqiqa; it-tħassir huwa indikat permezz tas-simbolu ‖.

MT

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2012 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 1 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 1 310 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 840 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 100 fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa | multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C — Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | EUR 50 fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli fi 22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S — Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT